

FTEHIM TA' ASSOĊJAZZJONI**bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra**

PREAMBOLU

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TAL-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Istati Membri',

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Unjoni' jew 'l-UE'

u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA GĦALL-ENERĠJA ATOMIKA, minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-EURATOM'

Minn naħa waħda, u,

L-UKRAINA

min-naħa l-oħra,

Minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien bħala 'il-Partijiet',

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW ir-relazzjoni storika mill-qrib u r-rabtiet progressivament eqreb bejn il-Partijiet kif ukoll ix-xewqa tagħhom li jsaħħu u jkabbru r-relazzjonijiet b'mod ambizzjuż u innovattiv;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM għal relazzjoni mill qrib u dejjema bbażata fuq valuri komuni, prinċipalment rispettt għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, governanza tajba, drittijiet tal-bniedem, u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-dritt tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, in-nondiskriminazzjoni ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi u rispettt għad-diversità, id-dinjita tal-bniedem u l-impenn għall-prinċipji ta' ekonomija bbażata fuq is-suq ħieles, li tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-politiki Ewropej;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-Ukraina, bħala pajjiż Ewropew, għandha storja komuni u valuri komuni mal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) u hija impenjata li tippromwovi dawk il-valuri;

FILWAQT LI JINNOTAW l-importanza li l-Ukraina tagħti lill-identità Ewropea tagħha;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-appoġġ pubbliku qawwi fl-Ukraina tal-għażla Ewropea tal-pajjiż;

FILWAQT LI JIKKONFERMAW li l-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-Ukraina u tilqa' l-għażla Ewropea tagħha, inkluż l-impenn tagħha li tibni demokrazija u ekonomija tas-suq profondi u sostenibbli.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-valuri komuni li fuqhom mibnija l-Unjoni Ewropea – jiġifieri d-demokrazija, ir-rispettt tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u l-istat tad-dritt – huma wkoll elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika tal-Ukraina mal-Unjoni Ewropea se tiddependi fuq il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u kif ukoll ir-rekord tal-Ukraina biex tiżgura r-rispettt għall-valuri komuni, u l-progress fil-kisba ta' konverġenza mal-UE fl-oqsma ta' politika, dawk ekonomiċi u legali.

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM li jimplementaw il-prinċipji u d-dispożizzjonijiet kollha tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), partikolarment l-Att Finali ta' Helsinkital-1975, id-dokumenti konklużivi tal-Konferenzi ta' Madrid u ta' Vienna tal-1991 u tal-1992 rispettivament, il-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida tal-1990, u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 u l-Libertajiet Fundamentali tal-1950.

FILWAQT LI JIXTIEQU jsaħħu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u kif ukoll jimpenjaw ruħhom fil-multilateraliżmu effettiv u s-soluzzjoni paċifika ta' dispuċi, partikolarment billi jikkoperaw mill-qrib għal dan il-għan fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM li jippromwovu l-indipendenza, s-sovranità, l-integrità teritorjali u l-invjolabbiltà tal-fruntieri;

FILWAQT LI JIXTIEQU jiksbu konverġenza dejjem aktar mill-qrib dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u internazzjonali ta' interess reċiproku, fil-kunsiderazzjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-Unjoni Ewropea, inkluż il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK);

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM biex jaffer maw mill-ġdid l-obbligi internazzjonali tal-Partijiet, għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' forniture tagħhom u għall-koperazzjoni għad-diżarm u l-kontroll tal-armi.

FILWAQT LI JIXTIEQU jmxexxu 'l quddiem ir-riforma u l-approssimazzjoni tal-proċess fl-Ukraina, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-integrazzjoni gradwali ekonomika u l-appfondiment tal-assoċjazzjoni politika;

FILWAQT LI HUMA KONVINTI mill-bżonn li l-Ukraina timplimenta r-riformi politiċi, soċjo-ekonomiċi, legali u istituzzjonali neċessarji biex timplimenta b'mod effettiv il-Ftehim u impenjati biex jappoġġaw b'mod deċiżiv dawk ir-riformi fl-Ukraina.

FILWAQT LI JIXTIEQU jiksbu integrazzjoni ekonomika, fost l-oħrajn, permezz ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva bħala parti integrali ta' dan il-Ftehim, f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mis-sħubija tal-Partijiet mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), u permezz ta' approssimazzjoni regolatorja estensiva;

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu li tali Żona Approfondita u Komprensiva ta' Kummerċ Ħieles, marbuta mal-proċess usa' tal-approssimazzjoni leġiżlattiva, se tikkontribwixxi għal integrazzjoni ekonomika akbar mas-Suq Intern tal-Unjoni Ewropea kif maħsub f'dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM għall-iżvilupp li jwassal għal klima ġdida għar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet, u fuq kollox l-iżvilupp tal-kummerċ u l-investment u l-istimular tal-kompetizzjoni, fatturi li huma kruċjali għar-ristrutturar ekonomiku u l-modernizzazzjoni;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM biex itejbu l-koperazzjoni fil-qasam tal-enerġija, billi jibnu fuq l-impenn tal-Partijiet li jimplimentaw it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM li jtejbju s-sigurtà fil-qasam tal-enerġija, li tiffaċilita l-iżvilupp ta' infrastruttura xierqa u li tkabbar l-integrazzjoni tas-suq u l-approssimazzjoni regolatorja lejn elementi ewlenin tal-acquis tal-UE, billi jippromwovu l-effiċjenza fil-qasam tal-enerġija u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli kif ukoll billi jiksbu livell għoli ta' sikurezza u sigurtà nukleari;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM li jżidu d-djalogu – ibbażat fuq prinċipji fundamentali ta' solidarjetà, fiduċja reċiproka, responsabbiltà konġunta u sħubija – u koperazzjoni dwar il-migrazzjoni, l-ażil u l-ġestjoni tal-fruntieri, b'approċċ komprensiv li jqis il-migrazzjoni legali u l-koperazzjoni fit-trattament tal-immigrazzjoni illegali, u t-traffikar tal-bnedmin, u l-iżgurar tal-implimentazzjoni effiċjenti tal-ftehim ta' riammissjoni.

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu l-importanza tal-introduzzjoni ta' reġim ta' vvjaġġar ħieles mill-viża għaċ-ċittadini tal-Ukraina fiż-żmien dovut, sakemm il-kondizzjonijiet għall-mobbiltà ġestita tajjeb u sigura jkunu fis-seħħ;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM biex jiġġieldu l-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus, biex inaqqsu l-forniment u t-talba għal drogi illeċiti u biex iżidu l-koperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM li jtejbju l-koperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali u għall-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u ekonomija ekoloġika.

FILWAQT LI JIXTIEQU jtejbju l-kuntatti bejn il-popli;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM li jippromwovu koperazzjoni transkonfinali u interreġjonali;

FILWAQT LI JIMPENJAW RUĦHOM biex gradwalment iqarrbu l-leġiżlazzjoni tal-Ukraina lejn dik tal-Unjoni fuq il-linji stabbiliti f'dan il-Ftehim u biex jimplimentawha b'mod effettiv;

FILWAQT LI JQISU li dan il-Ftehim mhuwiex se jippreġudika, u jħalli lok għal, żviluppi futuri fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina;

FILWAQT LI JIKKONFERMAW id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Parti III, Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u lill-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Unjoni Ewropea, sakemm l-Unjoni Ewropea flimkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jinnotifikawx b'mod konġunt lill-Ukraina li r-Renju Unit jew l-Irlanda jintrabtu bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk ir-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jibqgħux marbutin bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4a tal-Protokoll Nru 21 jew skont l-Artikolu 10 tal-Protokoll Nru 36 dwar dispożizzjonijiet tranżizzjonali anness mat-Trattati, l-Unjoni Ewropea flimkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda jinfurmaw minnufih lill-Ukraina bi kwalunkwe bidla fil-pożizzjoni tagħhom, li f'dan il-każ huma jibqgħu marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim fisimhom stess. L-istess japplika għad-Danimarka, f'konformità mal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattati.

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Objettivi

1. B'dan hija stabbilita assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra.
2. L-għanijiet ta' din l-assoċjazzjoni huma:
 - (a) li tippromwovi tqarrib gradwali bejn il-Partijiet abbażi ta' valuri komuni, u rabtiet mill-qrib u privileġġati, u iżżid l-assoċjazzjoni tal-Ukraina mal-politiki tal-UE, u l-partiċipazzjoni fil-programmi u l-aġenziji;
 - (b) li tipprovdi qafas xieraq għal djalogu politiku mtejjeb dwar l-oqsma kollha ta' interess reċiproku;
 - (c) li tippromwovi, tippriserva u ssaħħaħ il-paċi u l-istabbiltà fid-dimesjonijiet reġjonali u internazzjonali skont il-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u tal-Att Finali ta' Helsinki tal-1975 tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u l-objettivi tal-Karta ta' Pariġi tal-1990 għal Ewropa Għda;
 - (d) li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali aħjar li jwasslu għall-integrazzjoni gradwali tal-Ukraina fis-Suq Intern tal-UE, inkluż billi jwaqqfu Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva kif stipulatata fit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim u li tappoġġa l-isforzi tal-Ukraina biex tlesti t-tranżizzjoni lejn ekonomija tas-suq funzjonanti permezz, inter alia, ta' approssimazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Unjoni;
 - (e) li ttejjeb il-koperazzjoni fil-qasam tal-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà bil-għan li ssaħħaħ l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.
 - (f) li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-koperazzjoni dejjem aktar mill-qrib f'oqsma oħra ta' interess reċiproku.

TITOLU I

PRINĊIPI ĠENERALI

Artikolu 2

Ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif definiti b'mod partikolari fl-Att Finali ta' Helsinki tal-1975 tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u l-Karta ta' Pariġi tal-1990 għal Ewropa Għda, u strumenti oħra relevanti għad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-Dikjarazzjoni Universali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u r-rispett tal-prinċipju tal-istat tad-dritt jiffurmaw il-bażi tal-politiki domestiċi u esterni tal-Partijiet u jikkostitwixxu elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim. Il-promozzjoni tar-rispett għall-prinċipji ta' sovranià u integrità teritorjali, invjolabbiltà tal-fruntieri u l-indipendenza, kif ukoll il-għieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, materjali relatati u l-mezzi ta' kunsinna tagħhom ukoll jikkostitwixxu elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prinċipji ta' ekonomija bbażata fuq suq ħieles isejsu r-relazzjoni ta' tagħhom. L-istat tad-dritt, governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-forom differenti ta' kriminalità organizzata transnazzjonali u t-terroriżmu, il-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli u multilateraliżmu effettiv huma ċentrali biex tittejjeb ir-relazzjoni bejn il-Partijiet.

TITOLU II

DJALOGU POLITIKU U RIFORMA, ASSOĊJAZZJONI POLITIKA, KOPERAZZJONI U KONVERĠENZA FIL-QASAM TAL-POLITIKA ESTERA U TA' SIGURTÀ*Artikolu 4***Għanijiet tad-djalogu politiku**

1. Id-djalogu politiku fl-oqsma kollha ta' interess reċiproku jkun żvilupp u msaħħaħ aktar bejn iż-żewġ Partijiet. Dan se jippromwovi l-konverġenza gradwali dwar kwistjonijiet esteri u ta' sigurtà bil-għan tal-involviment dejjem aktar profond tal-Ukraina fiż-żona ta' sigurtà Ewropea.
2. L-għanijiet tad-djalogu politiku jkunu:
 - (a) l-approfondiment tal-assoċjazzjoni politika u ż-żieda tal-konverġenza u l-effikaċja politika u tal-politika tas-sigurtà;
 - (b) il-promozzjoni tal-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali abbażi ta' multilateraliżmu effettiv;
 - (c) it-tisħiħ tal-koperazzjoni u d-djalogu bejn il-Partijiet dwar is-sigurtà internazzjonali u l-ġestjoni tal-kriżi, partikolarment sabiex ikunu indirizzati l-isfidi globali u reġjonali u t-theddid ewlieni;
 - (d) it-trawwim ta' koperazzjoni orjentata lejn ir-riżultati u l-prattika bejn il-Partijiet biex jinkisbu l-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà fuq il-kontinent Ewropew;
 - (e) it-tisħiħ tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi nazzjonali, in-nondiskriminazzjoni tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi u r-rispett tad-diversità, u l-kontribuzzjoni għall-konsolidazzjoni tar-riformi politiċi domestiċi;
 - (f) l-iżvilupp ta' djalogu u l-approfondiment tal-koperazzjoni bejn il-Partijiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;
 - (g) il-promozzjoni tal-prinċipji ta' indipendenza, sovranità, integrità teritorjali u l-invjolabbiltà tal-fruntieri.

*Artikolu 5***Fora għat-twettiq ta' djalogu politiku**

1. Il-Partijiet ikollhom laqgħat regolari ta' djalogu politiku fuq livell ta' Samit.
2. Fuq livell ministerjali, id-djalogu politiku jsir, permezz ta' qbil reċiproku, fil-Kunsill tal-Assoċjazzjoni msemmi fl-Artikolu 460 ta' dan il-Ftehim u fil-qafas ta' laqgħat regolari bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet fil-livell ta' Ministri tal-Affarijiet Barranin.
3. Djalogu politiku jseħħ ukoll fil-formati segwenti:
 - (a) laqgħat regolari fil-livell tad-Diretturi Politiċi, il-Kumitat tal-Politika u s-Sigurtà u fil-livell tal-espert, inkluż dwar reġjuni u kwistjonijiet speċifiċi, bejn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u rappreżentanti tal-Ukraina, min-naħa l-oħra;

(b) jittieħed vantaġġ sħiħ u f'waqtu mill-kanali diplomatiċi u militari kollha bejn il-Partijiet, inklużi l-kuntatti xierqa f'pajjiżi terzi u fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti, l-OSKE u fora internazzjonali oħra;

(c) laqgħat regolari kemm fil-livell ta' uffiċjali għolja u ta' esperti tal-istituzzjonijiet militari tal-Partijiet;

(d) kwalunkwe mezz ieħor, inkluż laqgħat fil-livell tal-esperti, li jikkontribwixxi għat-titjib u l-konsolidazzjoni ta' dan id-djalogu.

4. Proċeduri u mekkaniżmi oħra għad-djalogu politiku, inklużi konsultazzjonijiet straordinarji, jitwaqqfu mill-Partijiet permezz ta' qbil reċiproku.

5. Id-djalogu politiku fuq livell parlamentari jseħħ fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari msemmi fl-Artikolu 467 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

Djalogu u koperazzjoni dwar ir-riforma domestika

Il-Partijiet jikkoperaw sabiex jiżguraw li l-politiki interni tagħhom huma bbażati fuq prinċipji komuni għall-Partijiet, partikolarment l-istabbiltà u l-effikaċja tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt, u dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari kif imsemmi fl-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 7

Politika estera u ta' sigurtà

1. Il-Partijiet jintensifikaw id-djalogu u l-koperazzjoni tagħhom u jipromwovu konverġenza gradwali fil-qasam tal-politika estera u tas-sigurtà, inkluż il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), u jindirizzaw partikolarment kwistjonijiet ta' prevenzjoni ta' kunflitt u ġestjoni tal-kriżi, stabbiltà reġjonali, id-diżarm, in-nonproliferazzjoni, il-kontroll tal-armi u l-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi kif ukoll djalogu benefiċjali reċiproku mtejjeb fil-qasam tal-ispazju. Il-koperazzjoni se tkun ibbażata fuq valuri komuni u interessi reċiproċi, u timmira lejn iż-żieda ta' konverġenza u effikaċja politika, u l-promozzjoni ta' pjanar politiku konġunt. Għal dan il-għan, il-Partijiet jagħmlu użu mill-fora bilaterali, internazzjonali u reġjonali.

2. L-Ukraina, l-UE u l-Istati Membri jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-prinċipji ta' rispett għall-indipendenza, is-sovranità, l-integrità teritorjali u l-invjolabbiltà tal-fruntieri, kif stabbilit fil-Karta tan-NU u l-Att Finali ta' Helsinki tal-1975 tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u għall-promozzjoni ta' dawn il-prinċipji f'relazzjonijiet bilaterali u multilaterali.

3. Il-Partijiet jindirizzaw l-isfidi għal dawn il-prinċipji b'mod f'waqtu u koerenti fil-livelli xierqa kollha tad-djalogu politiku previst f'dan il-Ftehim, anke fil-livell ministerjali.

Artikolu 8

Qorti Kriminali Internazzjonali

Il-Partijiet jikkoperaw fil-promozzjoni tal-paċi u l-ġustizzja internazzjonali billi jirratifikaw u jimplimentaw l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) tal-1998 u l-istrumenti relatati tiegħu.

Artikolu 9

Stabbiltà reġjonali

1. Il-Partijiet jintensifikaw l-isforzi konġunti tagħhom biex jipromwovu stabbiltà, sigurtà u żvilupp demokratiku fil-viċinat komuni tagħhom, u partikolarment li jaħdmu flimkien għas-soluzzjoni paċifika ta' kunflitti reġjonali.

2. Dawn l-isforzi jsegwu prinċipji komuni kondiviżi għaż-żamma tal-paċi internazzjonali u s-sigurtà kif stabbiliti mill-Karta tan-NU, l-Att Finali ta' Helsinki tal-1975 tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u dokumenti multilaterali oħra rilevanti.

*Artikolu 10***Prevenzjoni tal-kunflitt, il-ġestjoni tal-kriżi u l-koperazzjoni teknoloġika militari**

1. Il-Partijiet itejbu l-koperazzjoni Prattika fil-prevenzjoni tal-kunflitt u l-ġestjoni tal-kriżi, partikolarment bl-għan ta' żieda fil-partiċipazzjoni tal-Ukraina f'operazzjonijiet u eżerċizzji u attivitajiet ta' taħriġ relevanti ta' ġestjoni ta' kriżi ċivili u militari mmexxija mill-UE inkluż daww imwettqa fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).
2. Il-koperazzjoni f'dan il-qasam għandha tkun ibbażata fuq modalitajiet u arranġamenti bejn l-UE u l-Ukraina dwar konsultazzjoni u koperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kriżi.
3. Il-Partijiet jesploraw il-potenzjal ta' koperazzjoni teknoloġika militari. L-Ukraina u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) għandhom jistabbilixxu kuntatti mill-qrib biex jiddiskutu t-titjib tal-kapaċità militari, inkluż kwistjonijiet teknoloġiċi.

*Artikolu 11***Nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva**

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva, il-materjali relatati u l-mezzi tal-kunsinna tagħhom, kemm għand atturi statali u mhux statali, tirrappreżenta waħda mill-akbar theddidiet serji għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali. Il-Partijiet għalhekk jaqblu li jikkoperaw u jikkontribwixxu sabiex jopponu l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-materjali relatati u l-mezzi biex dawn jiġu kkonsenjati permezz ta' konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti u l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom taħt it-trattati u l-ftehimiet dwar id-diżarm internazzjonali u n-nuqqas ta' proliferazzjoni u taħt obbligi internazzjonali oħra li huma rilevanti. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkonstitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.
2. Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw u jikkontrobwixxu fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-materjali relatati u l-mezzi li bihom jiġu kkonsenjati:
 - (a) jieħdu passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu ma', skont il-każ, u jimplimentaw b'mod sħiħ, l-istrumenti internazzjonali l-oħra kollha li huma rilevanti;
 - (b) titjib ulterjuri tas-sistema ta' kontrolli nazzjonali tal-esportazzjoni, sabiex tkun ikkontrollata b'mod effettiv l-esportazzjoni kif ukoll it-tranżitu tal-merkanzija relatata mal-armi ta' qerda massiva, inkluż kontroll tal-utenti aħħarin u tal-użu doppju ta' teknoloġiji u merkanzija kif ukoll sanzjonijiet effettivi għall-vjolazzjonijiet tal-kontrolli tal-esportazzjoni.
3. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari li għandu jakkumpanja u jikkonsolida dawn l-elementi.

*Artikolu 12***Diżarm, kontroll tal-armi, il-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-armi**

Il-Partijiet jiżviluppaw ulterjorment il-koperazzjoni dwar id-diżarm, inkluż fit-tnaqqis tal-ħażna tagħhom ta' armi żgħar mhux użati, u armi ħfief kif ukoll l-iffaċċjar tal-impatt fuq il-popolazzjoni u fuq l-ambjent ta' ordinanza abbandunata u mhux sploduta kif imsemmi fil-Kapitolu 6 (Ambjent) tat-Titolu V ta' dan il-Ftehim. Il-koperazzjoni dwar id-diżarm tinkludi wkoll il-kontroll tal-armi, il-kontrolli fuq l-esportazzjoni tal-armi u l-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-armi, inkluż armi żgħar u armi ħfief. Il-Partijiet jippromwovu l-adeżjoni u l-konformità universali mal-istrumenti internazzjonali rilevanti u jimmiraw sabiex jiżguraw l-effikaċja, anki permezz tal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

*Artikolu 13***Ġlieda kontra t-terroriżmu**

Il-Partijiet jaqblu li jaħdmu flimkien fuq livelli bilaterali, reġjonali u internazzjonali biex jipprevjenu u jikkombattu t-terroriżmu skont il-liġi internazzjonali, l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi tar-refuġjati u dik umanitarja.

TITOLU III

ĠUSTIZZJA, LIBERTÀ U SIGURTÀ

Artikolu 14

L-Istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali

Fil-koperazzjoni tagħhom dwar il-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà, il-Partijiet jagħtu importanza partikolari għall-konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet fil-livelli kollha fl-oqsma tal-amministrazzjoni b'mod ġenerali u l-infurzar tal-liġi u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja b'mod partikolari. Il-koperazzjoni, b'mod partikolari, se jkollha l-għan li ssaħħaħ il-ġudikatura, ittejjeb l-effiċjenza tagħha, tissalvagwardja l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha, u tiġġieled il-korruzzjoni. Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali se jigwidaw il-koperazzjoni kollha dwar il-ġustizzja, l-libertà u s-sigurtà.

Artikolu 15

Protezzjoni ta' dejta personali

Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw sabiex jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-dejta personali skont l-ogħla standards Ewropej u Internazzjonali, inkluż l-istrumenti rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-koperazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali tista' tinkludi, fost l-oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni u tal-esperti.

Artikolu 16

Koperazzjoni dwar il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri

1. Il-Partijiet jafferaw mill-ġdid l-importanza tal-ġestjoni konġunta tal-flussi migratorji bejn it-territorji tagħhom u jiżviluppaw ulterjorment djalogu komprensiv fuq kwistjonijiet relatati, inkluż il-migrazzjoni illegali, il-migrazzjoni legali, il-ġarr illeċitu fit-territorju u traffikar tal-bnedmin, kif ukoll l-inklużjoni tat-tħassib dwar il-migrazzjoni fl-istartegġiji nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-oqsma li minnhom joriġinaw il-migranti. Dan id-djalogu huwa bbażat fuq il-prinċipji fundamentali ta' solidarjetà, fiduċja reċiproka, responsabbiltà konġunta u sħubija.

2. Skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u dik nazzjonali fis-seħħ, il-koperazzjoni se tiffoka, b'mod partikolari fuq:

(a) it-trattament tal-kawżi fl-għerq tal-migrazzjoni, insewiment attiv tal-possibiltajiet ta' koperazzjoni f'dan il-qasam ma' pajjiżi terzi u f'fora internazzjonali.

(b) l-istabbiliment fimmkien ta' politika effettiva u preventiva kontra l-migrazzjoni illegali, il-ġarr illeċitu tal-migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż metodi sabiex jikkumbattu networks ta' kontrabandisti u ta' traffikanti u sabiex jipproteġu lill-vittmi ta' tali traffikar;

(c) l-istabbiliment ta' djalogu komprensiv dwar kwistjonijiet ta' ażil u partikolarment dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni prattika tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 relatata mal-Istatus tar-Refuġjati u l-Protokoll tal-1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn, kif ukoll l-iżgurar tar-rispett tal-prinċipju ta' "non-refoulement";

(d) ir-regoli ta' ammissjoni, id-drittijiet u l-istatus ta' persuni ammessi, it-trattament ġust u l-integrazzjoni ta' nonnazzjonali li jirrisjedu legalment;

(e) l-iżviluppar ta' miżuri operazzjonali fil-qasama tal-ġestjoni tal-konfini;

(i) Il-koperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-konfini tista' tinkludi, fost l-oħrajn, taħriġ, skambju tal-aħjar prattiki inkluż aspetti teknoloġiċi, skambju ta' informazzjoni skont ir-regoli applikabbli u, fejn xieraq, skambju ta' uffiċjali ta' kollegament.

(ii) L-isforzi tal-Partijiet f'dan il-qasam se jkollhom l-għan li jimplementaw b'mod effettiv il-prinċipju tal-ġestjoni integrata tal-konfini.

(f) it-titjib tas-sigurtà tad-dokumenti;

- (g) l-iżvilupp ta' politika effettiva ta' ritorn, inkluż id-dimensjoni reġjonali; u
- (h) l-iskambju tal-perspettivi dwar l-impjeg informali ta' migranti.

Artikolu 17

Trattament tal-ħaddiema

1. Suġġett għal-liġijiet, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri u fl-UE, it-trattament mogħti lil ħaddiema li huma ta' nazzjonalità Ukraina u li huma legalment impjegati fit-territorju ta' Stat Membru għandu jkun nieqes minn kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, remunerazzjoni jew keċċija, meta mqabbla man-nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.
2. L-Ukraina, suġġett għal-liġijiet, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri fl-Ukraina, tagħti l-istess trattament imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lil ħaddiema li huma ta' nazzjonalità ta' Stat Membru u li huma legalment impjegati fit-territorju tagħha.

Artikolu 18

Moviment tal-ħaddiema

1. ailwaqt li titqies is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri, suġġett għal-leġiżlazzjoni u f'konformità mar-regoli fis-seħħ fl-Istati Membri u fl-UE fiż-żona ta' mobbiltà tal-ħaddiema:
 - (a) il-faċilitajiet eżistenti ta' aċċess għall-impjegi għall-ħaddiema Ukraini mogħtija mill-Istati Membri taħt ftehimiet bilaterali jinżammu u, jekk ikun possibbli, jiġu mtejba;
 - (b) l-Istati Membri l-oħra jeżaminaw il-possibbiltà li jikkonkludu ftehimiet simili.
2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jeżamina l-għotja ta' dispożizzjonijiet oħra aktar favorevoli f'oqsma addizzjonali, inklużi l-faċilitajiet għal aċċess għal taħriġ professjonali, skont il-liġijiet, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri li huma fis-seħħ fl-Istati Membri u fl-UE, u b'kont meħud tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri u fl-UE.

Artikolu 19

Moviment tal-persuni

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa ta':
 - (a) il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina fuq l-Ammissjoni mill-ġdid ta' Persuni tat-18 ta' Ġunju 2007, (permezz tal-kumitat konġunt għall-ammissjoni mill-ġdid imwaqqaf bl-Artikolu 15 tiegħu);
 - (b) il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina fuq il-Faċilitazzjoni għall-Ħruġ tal-Viża tat-18 ta' Ġunju 2007, (permezz tal-kumitat konġunt għall-ġestjoni tal-Ftehim imwaqqaf bl-Artikolu 12 tiegħu);
2. Il-Partijiet għandhom ukoll jaħdmu sabiex itejbu l-mobbiltà taċ-ċittadini u li jagħmlu progress ulterjuri fid-dialogu dwar il-viża.
3. Il-Partijiet jieħdu passi gradwali lejn reġim ħieles mill-viża fiż-żmien dovut sakemm il-kondizzjonijiet għall-mobbiltà ġestita tajjeb u sigura, spjegati fil-Pjan ta' Azzjoni fuq żewġ fażijiet dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viża ppreżentat fis-Sammit bejn l-UE u l-Ukraina fit-22 ta' Novembru 2010, ikunu fis-seħħ.

Artikolu 20

Ħasil ta' flus u finanzjament tat-terroriżmu

Il-Partijiet jaħdmu flimkien sabiex jiprvjenu u jikkumbattu l-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Għal dan il-għan il-Partijiet itejbu l-koperazzjoni bilaterali u internazzjonali f'dan il-qasam inkluż fil-livell operazzjonali. Il-Partijiet jiżguraw l-implimentazzjoni tal-istandards rilevanti internazzjonali, partikolarment dawk tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u l-istandards ekwivalenti għal dawk adottati mill-Unjoni.

*Artikolu 21***Koperazzjoni fil-ġlieda kontra d-drogi illeċiti, u kontra l-prekursuri u s-sustanzi psikotropiċi**

1. Il-Partijiet jikkoperaw fuq kwistjonijiet relatati mad-drogi illeċiti, abbażi tal-prinċipji maqbula komunament mal-linji tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, u fil-kunsiderazzjoni tad-Dikjarazzjoni Politika u d-Dikjarazzjoni Speċjali dwar il-prinċipji gwida tat-tnaqqis tad-domanda għad-droga, approvati mill-Għoxrin Sessjoni Speċjali dwar id-Drogi tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġunju tal-1998.

2. Din il-koperazzjoni għandha jkollha l-għan li tikkumbatti d-drogi illeċiti, tnaqqas il-forniment, it-traffikar u d-domanda ta' drogi illeċiti, u l-immaniġġar tal-konsegwenzi fuq is-saħħa u dawk soċjali tal-abbuż mid-drogi. Hija għandha jkollha l-għan ukoll ta' prevenzjoni aktar effettiva tad-devjazzjoni tal-prekursuri kimiċi użati għall-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi.

3. Il-Partijiet jużaw il-metodi neċessarji ta' koperazzjoni biex jilħqu dawn l-oġġettivi, biex jiżguraw approċċ ibbilanċjat u integrat lejn il-kwistjonijiet involuti.

*Artikolu 22***Ġlieda kontra l-kriminalità u l-korruzzjoni**

1. Il-Partijiet jikkoperaw biex jikkumbattu u jiprevjenu attivitajiet kriminali u illegali, organizzati jew mhumiex.

2. Din il-koperazzjoni tindirizza, fost l-oħrajn:

(a) ġarr illeċitu fit-territorju u traffikar tal-bnedmin kif ukoll kontrabandu u traffikar ta' armi tan-nar u drogi illeċiti;

(b) traffikar ta' oġġetti;

(c) kriminalità ekonomika inkluż fil-qasam tat-tassazzjoni;

(d) korruzzjoni, kemm fis-settur privat u dak pubbliku;

(e) falsifikazzjoni tad-dokumenti;

(f) ċiberkriminalità

3. Il-Partijiet se jsaħħu l-koperazzjoni bilaterali, reġjonali u internazzjonali f'dan il-qasam, inkluż il-koperazzjoni li tinvolvi l-Europol. Il-Partijiet jiżviluppaw ulterjorment il-koperazzjoni tagħhom fir rigward ta', fost l-oħrajn,

(a) l-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż dwar tekniki ta' investigazzjoni u riċerka dwar kriminalità;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni f'konformità mar-regoli applikabbli;

(c) il-bini ta' kapacià inkluż taħriġ u fejn xieraq skambju ta' persunal;

(d) il-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tax-xhieda u tal-vitmi.

4. Il-Partijiet huma impenjati li jimplementaw b'mod effettiv il-Konvenzjoni tan-NU tal-2000 kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u t-tliet Protokoll tagħha, il-Konvenzjoni tan-NU tal-2003 kontra l-Korruzzjoni u strumenti internazzjonali oħrajn li jkunu rilevanti.

Artikolu 23

Koperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw fil-prevenzjoni u s-soppressjoni ta' atti ta' terroriżmu skont il-liġi internazzjonali, il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja, u l-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Partijiet. B'mod partikolari l-Partijiet jaqblu li jikkoperaw abbażi tal-implimentazzjoni sħiħa tar-Reżoluzzjoni Nru 1373 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tal-2001, l-Istrateġija tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006 għall-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u strumenti oħra rilevanti tan-NU, u konvenzjonijiet u strumenti oħra internazzjonali applikabbli.

2. Huma jagħmlu hekk b'mod partikolari bl-iskambju:

(a) ta' informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom;

(b) ta' esperjenzi u informazzjoni dwar bixriet terroristiċi u dwar il-mezzi u l-metodi użati biex jikkumbattu t-terroriżmu saħansitra foqasma tekniċi u taħriġ, u

(c) ta' esperjenzi fir-rigward tal-prevenzjoni tat-terroriżmu.

L-iskambji kollha ta' informazzjoni għandhom iseħħu skont il-liġi internazzjonali u nazzjonali.

Artikolu 24

Koperazzjoni legali

1. Il-Partijiet jaqblu li jiżviluppaw ulterjorment il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali, waqt li jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti rilevanti internazzjonali u bilaterali u abbażi tal-prinċipji ta' ċertezza legali u tad-dritt għall-smiġħ ġust.

2. Il-Partijiet jaqblu li jiffaċilitaw aktar il-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-UE u l-Ukraina fi kwistjonijiet ċivili abbażi tal-istrumenti legali multilaterali applikabbli, speċjalment il-Konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata fil-qasam tal-koperazzjoni legali internazzjonali u l-litigazzjoni kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal.

3. Rigward il-koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, il-Partijiet għandhom ifittxu li jtejbu l-arranġamenti dwar l-ġhajjnuna legali reċiproka u l-estradizzjoni. Dan jinkludi, fejn xieraq, l-adeżjoni ma', u l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll l-Istatut ta' Ruma tal-1998 tal-Qorti Kriminali Internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim, u koperazzjoni aktar mill-qrib ma' Eurojust.

TITOLU IV

KUMMERĊ U KWISTJONIJET RELATATI MAL-KUMMERĊ

KAPITOLU 1

It-trattament nazzjonali u l-aċċess tas-suq għall-prodotti

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 25

Objettiv

Il-Partijiet għandhom jistabilixxu progressivament żona ta' kummerċ ħieles matul perjodu tranżizzjonali ta' massimu ta' 10 snin li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ⁽¹⁾, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "GATT tal-1994").

⁽¹⁾ Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Annessi I u II ma' dan il-Ftehim.

*Artikolu 26***Kamp ta' Applikazzjoni u firxa**

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw għal kummerċ f'merkantija ⁽¹⁾ li toriġina fit-territorji tal-Partijiet.
2. Għall-iskop ta' dan il-Kapitolu, "li joriġinaw" tfisser li jikkwalifikaw skont ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokoll I għal dan il-Ftehim (Dwar id-definizzjoni tal-Kunċett ta' "Prodotti li Joriġinaw" u Metodi ta' Koperazzjoni Amministrattiva).

*Taqsimat 2***Eliminazzjoni tad-dazji, miżati u imposti oħra doganali***Artikolu 27***Definizzjoni ta' dazji doganali**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "dazju doganali" jinkludi kull dazju jew pagament ta' kull għamla li imposti fuq, jew b'konnessjoni ma', l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti, inkluża kull forma ta' soprataxxa jew imposta addizzjonali fuq, jew b'konnessjoni ma', tali importazzjoni jew esportazzjoni. "Dazju doganali" ma jinkludix:

- (a) imposta ekwivalenti għal taxxa interna imposta b'konformità mal-Artikolu 32 ta' dan il-Ftehim;
- (b) dazji imposti f'konformità mal-Kapitolu 2 (Rimedji Kummerċjali) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim;
- (c) miżati jew imposti oħra imposti skont l-Artikolu 33 ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 28***Klassifikazzjoni tal-Prodotti**

Il-klassifikazzjoni tal-merkantija fil-kummerċ bejn il-Partijiet għandha tkun dik stabbilita f'kull nomenklatura tat-tariffi rispettiva tal-Partijiet f'konformità mas-Sistema Armonizzata tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Deskrizzjoni u Sistema ta' Kodiċi Armonizzati tal-Oġġetti tal-1983 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "SA") u l-emendi sussegwentement magħmulin lilha.

*Artikolu 29***Eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet**

1. Kull Parti tnaqqas jew telimina d-dazji doganali fuq oġġetti li joriġinaw mill-Parti l-oħra skont l-Iskedi stabbiliti fl-Anness I-A ma' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem msejjaħ "Skedi").

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, għal ħwejjeġ użati u oġġetti oħra użati li jaqgħu taħt il-kodiċi doganali tal-Ukraina 6309 00 00, l-Ukraina se telimina d-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness I-B ma' dan il-Ftehim.

2. Għal kull prodott, ir-rata bażi tad-dazji doganali, li għaliha għandu jiġi applikat it-tnaqqis suċċessiv skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, tkun dik speċifikata fl-Anness I ma' dan il-Ftehim.
3. Jekk, fi kwalunkwe mument wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, Parti tnaqqas ir-rata tad-dazju doganali applikata tan-nazzjon l-aktar favorit (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "NAF"), tali rata tad-dazju tapplika bħala rata bażi jekk u sakemm tkun aktar baxxa mir-rata ta' dazju doganali kkalkolata skont l-Iskeda tal-Parti.

⁽¹⁾ Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, prodotti jfissru prodotti kif mifhuma fl-GATT 1994 sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan il-Ftehim.

4. Ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet, il-Partijiet jikkonsultaw lil xulxin sabiex jikkunsidraw l-aċċellerazzjoni u t-tweessigh tal-kamp ta' applikazzjoni tat-tneħħija tad-dazji doganali fuq il-kummerċ bejniethom. Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni li jiltaqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ kif stabbilita fl-Artikolu 465 ta' dan il-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ wkoll "il-Kumitat għall-Kummerċ") dwar l-aċċelerazzjoni jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali fuq prodott tħassar kwalunkwe rata ta' dazju jew kategorija tal-fażi determinata skont l-Iskedi tagħhom għal dak il-prodott.

Artikolu 30

Waqfa

L-ebda Parti ma tista' żżid kwalunkwe dazju doganali eżistenti, jew tadotta kwalunkwe dazju doganali ġdid, fuq prodott li joriġina fit-territorju tal-Parti l-oħra. Dan ma jipprekludix li kull Parti tista':

- (a) tgħolli dazju doganali sal-livell stabbilit fl-Iskeda tagħha wara tnaqqis unilaterali; jew
- (b) iżżomm jew iżżid dazju doganali kif awtorizzata mill-Korp għas-Soluzzjonijiet ta' Disputi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "KST") tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "WTO").

Artikolu 31

Dazji doganali fuq l-esportazzjoni

1. Il-Partijiet ma għandhomx joħolqu jew iżommu dazji doganali, taxxi jew kwalunkwe miżura oħra li jkollha l-effett ekwivalenti imposti fuq, jew b'rabta mal-esportazzjoni ta' oġġetti lejn it-territorji ta' xulxin.

2. Dazji doganali jew miżuri eżistenti li għandhom effett ekwivalenti applikati mill-Ukraina, kif elenkati fl-Anness I-C ma' dan il-Ftehim, ser jitneħħew gradwalment matul perjodu tranżitorju skont l-Iskeda inkluża fl-Anness I-C ma' dan il-Ftehim. F'każ ta' aġġornament fil-kodiċi doganali tal-Ukraina, impenji li saru skont l-Iskeda fl-Anness I-C ma' dan il-Ftehim jibqgħu bbażati fuq il-korrispondenza tad-deskrizzjoni tal-oġġetti. L-Ukraina tista' tintroduċi miżuri ta' salvagwardja għal dazji tal-esportazzjoni kif spjegat fl-Anness I-D ma' dan il-Ftehim. Tali miżuri ta' salvagwardja jiskadu fl-aħħar tal-perjodu speċifikat għal dak l-oġġett fl-Anness I-D ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 32

Sussidju fuq l-esportazzjoni u miżuri b'effett ekwivalenti

1. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-ebda Parti ma iżżomm, tintroduċi jew tintroduċi mill-ġdid sussidji fuq l-esportazzjoni jew miżuri oħra b'effett ekwivalenti fuq prodotti agrikoli destinati għat-territorju tal-Parti l-oħra.

2. Għall-iskop ta' dan l-Artikolu, "sussidju fuq l-esportazzjoni" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lil dik il-frażi fl-Artikolu 1(e) tal-Ftehim dwar l-Agrikultura, li jinsab fl-Anness 1A mal-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar l-Agrikultura"), inkluża kwalunkwe emenda ta' dak l-Artikolu ta' dak il-Ftehim dwar l-Agrikultura.

Artikolu 33

Miżati u imposti oħra

Kull Parti se tiżgura, skont l-Artikolu VIII tal-GATT tal-1994 u n-noti interpretattivi tiegħu, li l-miżati u l-imposti kollha ta' kwalunkwe tip għajr dazji doganali jew miżuri oħra msemmija fl-Artikolu 27 ta' dan il-Ftehim, imposti fuq, jew b'konnessjoni ma', l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti jew konnessi magħhom huma limitati għall-kost approssimativ tas-servizzi mogħtija u ma jirrapreżentawx protezzjoni indiretta tal-prodotti domestiċi jew tassazzjoni tal-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet għal raġunijiet fiskali.

Taqsi ma 3

Miżuri mhux tariffarji

Artikolu 34

Trattament Nazzjonali

Kull Parti tagħti trattament nazzjonali lill-prodotti tal-Parti l-oħra skont l-Artikolu III tal-GATT tal-1994, inklużi n-noti interpretattivi tiegħu. Għal dan il-għan, l-Artikolu III tal-GATT tal-1994 u n-noti interpretattivi tiegħu huma inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti integrali minnu.

*Artikolu 35***Restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni**

L-ebda Parti ma tadotta jew iżżomm xi projbizzjoni jew restrizzjoni jew kwlaunkwe miżura b'effett ekwivalent fuq l-importazzjoni ta' kwalunkwe prodott tal-Parti l-oħra jew fuq l-esportazzjoni ta' kwlaunkwe prodott destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, għajr kif previst f'dan il-Ftehim jew skont l-Artikolu XI tal-GATT tal-1994 u n-noti interpretattivi tiegħu. Għal dan il-għan, l-Artikolu XI tal-GATT tal-1994 u n-noti interpretattivi tiegħu huma inkorporati f'dan il-Ftehim u huma parti integrali minnu.

T a q s i m a 4

Dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-prodotti*Artikolu 36***Eċċezzjonijiet ġenerali**

Xejn f'dan il-Ftehim ma jkun miftiehem b'mod li hu intenzjonat biex jipprevjeni l-adozzjoni jew l-infurzar ta' miżuri minn kwalunkwe Parti skont l-Artikoli XX u XXI tal-GATT tal-1994 u n-noti interpretattivi tiegħu, li huma b'dan inkorporati u jsiru parti integrali minn dan il-Ftehim.

T a q s i m a 5

Koperazzjoni amministrattiva u kordinazzjoni ma' pajjiżi oħra*Artikolu 37***Dispożizzjonijiet speċjali dwar il-koperazzjoni amministrattiva**

1. Il-Partijiet jaqblu li l-koperazzjoni amministrattiva hija essenzjali għall-implimentazzjoni u l-kontroll tat-trattament preferenzjali mogħti skont dan il-Kapitolu u jissottolinjaw l-impenn tagħhom li jikkumbattu irregolaritajiet u frodi fi kwistjonijiet doganali relatati mal-importazzjoni, l-esportazzjoni, u t-tranżitu tal-merkanzija u t-tqegħid tagħhom taħt kwalunkwe reġim jew proċedura doganali oħra, inkluż miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll.

2. Fejn Parti, fuq il-bażi ta' informazzjoni dokumentata oġġettiva, tesperjenza nuqqas mill-Parti l-oħra li tipprovdi koperazzjoni amministrattiva u/jew tivverifika l-eżistenza ta' irregolaritajiet jew frodi skont dan il-Kapitolu, il-Parti kkonċernata tista' temporanjament tissospendi t-trattament preferenzjali rilevanti tal-prodott(i) kkonċernat(i) skont dan l-Artikolu.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu nuqqas ta' koperazzjoni amministrattiva fl-investigazzjoni ta' irregolaritajiet doganali jew frodi għandha tfisser, fost l-oħrajn:

- (a) nuqqas ripetut ta' rispett tal-obbligi ta' verifika tal-istatus ta' oriġini tal-prodott(i) kkonċernat(i);
- (b) rifjut ripetut jew dewmien bla bżonn fit-tweqqif u/jew fil-komunikazzjoni tar-riżultati ta' verifika sussegwenti tal-prova ta' oriġini;
- (c) rifjut ripetut jew dewmien bla bżonn fil-ksib ta' awtorizzazzjoni biex jitwettqu missjonijiet ta' koperazzjoni amministrattiva biex tkun ivverifikata l-awtentiċità tad-dokumenti jew l-akkuratezza tal-informazzjoni rilevanti biex jingħata t-trattament preferenzjali inkwistjoni.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, jistgħu jinstabu irregolaritajiet jew frodi, fost l-oħrajn, fejn hemm żieda rapida, mingħajr spjegazzjoni sodisfaċenti, fl-importazzjonijiet ta' prodotti li jeċċedu l-livell tas-soltu ta' produzzjoni u kapaċità ta' esportazzjoni tal-Parti l-oħra, li hija marbuta ma' informazzjoni oġġettiva li tikkonċerna irregolaritajiet jew frodi.

4. L-applikazzjoni ta' sospensjoni temporanja tkun suġġetta għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Abbażi ta' informazzjoni oġġettiva, il-Parti li tkun sabet li ma kinitx provduta koperazzjoni amministrattiva u/jew tkun sabet irregolaritajiet jew frodi mill-Parti l-oħra tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-Kumitat għall-Kummerċ bis-sejba tagħha flimkien mal-informazzjoni oġġettiva u tidħol f'konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ, abbażi tal-informazzjoni u tas-sejbiet oġġettivi kollha li huma rilevanti, sabiex tinstab soluzzjoni li tkun aċċettabbli għaż-żewġ Partijiet. Matul il-perjodu ta' konsultazzjoni msemmi hawn fuq il-prodott(i) (i)kkonċernat(i) igawdi/u minn trattament preferenzjali.

- (b) Fejn il-Partijiet ikunu daħlu f'konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ kif imsemmi fil-punt (a) u ma rnexxilhomx jiftiehem fuq soluzzjoni aċċettabbli fi żmien tliet xhur mill-ewwel laqgħa tal-Kumittat tal-Kummerċ, il-Parti kkonċernata tista' tissospendi b'mod temporanju t-trattament preferenzjali rilevanti għall-prodott(i) (i)kkonċernat(i). Tali sospensjoni temporanja għandha tiġi nnotifikata lill-Kumitat għall-Kummerċ mingħajr dewmien żejjed.
- (c) Sospensjonijiet temporanji skont dan l-Artikolu għandhom ikunu limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Parti kkonċernata. Kull sospensjoni temporanja ma taqbiżx sitt xhur. Madankollu, sospensjoni temporanja tista' tiġġedded. Is-sospensjonijiet temporanji jiġu nnotifikati minnufih wara l-adozzjoni ta' għal għal mill-Kumitat għall-Kummerċ. Huma jkunu suġġetti għal konsultazzjonijiet perjodiċi fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ partikolarment bil-għan li jiġu mitmuma hekk kif il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' għal għal ma jibqgħux jeżistu.

5. Fl-istess ħin tan-notifika lill-Kumitat għall-Kummerċ skont il-paragrafu 4(a) ta' dan l-Artikolu, il-Parti kkonċernata tippubblika avviż lill-importaturi fis-sorsi ta' għal għal ta' informazzjoni uffiċjali. L-avviż għall-importaturi għandu jindika li abbażi ta' informazzjoni oġġettiva, ikun instab nuqqas ta' koperazzjoni amministrattiva u/jew irregolaritajiet jew frodi fir-rigward tal-prodott ikkonċernat.

Artikolu 38

Ġestjoni ta' żbalji amministrattivi

Fil-każ ta' żbalji amministrattivi materjali min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti fil-ġestjoni xierqa tas-sistema preferenzjali fl-esportazzjoni, u b'mod partikolari fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll ta' dan il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-prodotti li joriġinaw u l-metodi ta' koperazzjoni amministrattiva, meta dan l-iżball iwassal għal konsegwenzi f'termini ta' dazji tal-importazzjoni, il-Parti li qed tiffaċċja tali konsegwenzi tista' titlob li l-Kunsill għall-Kummerċ jeżamina l-possibbiltà li tiġi adottata kwalunkwe miżura xierqa sabiex jinsab rimedju għas-sitwazzjoni.

Artikolu 39

Ftehimiet ma' pajjiżi oħrajn

1. Dan il-Ftehim ma għandux jipprekludi l-manteniment jew l-istabbiliment ta' unjonijiet doganali, żoni ta' kummerċ ħieles jew arranġamenti għal kummerċ bejn il-fruntieri ħliel jekk dawn jikkunfligġu mal-arranġamenti tal-kummerċ previsti f'dan il-Ftehim.

2. Il-konsultazzjoni bejn il-Partijiet ssir fil-Kunsill għall-Kummerċ dwar ftehimiet li jwaqqfu għaqdiet doganali, żoni ta' kummerċ ħieles jew arranġamenti għal kummerċ bejn il-fruntieri u, fejn mitlub, dwar kwistjonijiet importanti oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-politiki tal-kummerċ rispettivi ta' għal għal ma' pajjiżi terzi. Partikolarment jekk pajjiż terz isir membru tal-Unjoni Ewropea, tali konsultazzjonijiet isiru sabiex ikun żgurat li l-interessi reċiproċi tal-Parti tal-UE u tal-Ukraina kif imsemmija f'dan il-Ftehim se jitqiesu.

KAPITOLU 2

Rimedji kummerċjali

Taqsimat 1

Miżuri ta' salvagwardja globali

Artikolu 40

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Partijiet jikkonfermaw li d-drittijiet u l-obbligi ta' għal għal skont l-Artikolu XIX tal-GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji li jinsab fl-Anness 1A mal-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar is-Salvagwardji"), il-Parti tal-UE iżomm id-drittijiet u l-obbligi ta' għal għal skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, li jinsab fl-Anness 1A mal-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim dwar l-Agrikoltura"), għajr dwar il-kummerċ tal-agrikoltura suġġett għal trattament preferenzjarju skont dan il-Ftehim.

2. Ir-Regoli preferenzjali tal-oriġini stabbiliti skont il-Kapitolu 1 (Trattament Nazzjonali u Aċċess għas-Suq għal Prodotti) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim ma japplikax għal din it-Taqsimat.

*Artikolu 41***Trasparenza**

1. Il-Parti li tagħti bidu għal investigazzjoni ta' salvagwardja tinnotifika lill-Parti l-oħra b'tali bidu billi tibgħat notifika uffiċjali lill-Parti l-oħra, jekk din tal-aħħar għandha interess ekonomiku sostanzjali.
2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, Parti tkun ikkunsidrata li jkollha interess ekonomiku sostanzjali meta tkun fost il-ħames l-akbar fornituri tal-prodott importat tul il-perjodu ta' tliet snin l-aktar riċenti, imkejjejl f'termini ta' volum jew valur assolut.
3. Minkejja l-Artikolu 40 ta' dan il-Ftehim, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 3.2 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji, fuq talba tal-Parti l-oħra, il-Parti li tibda investigazzjoni ta' salvagwardja u li għandha l-intenzjoni li tapplika miżuri ta' salvagwardja tipprovdni immedjatment notifika ad hoc bil-miktub tal-informazzjoni pertinenti kollha li twassal għall-bidu tal-investigazzjoni ta' salvagwardja u impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja, inkluż fejn relevanti, fuq is-sejbiet provvorji u fuq is-sejbiet finali tal-investigazzjonijiet kif ukoll toffri l-possibbiltà għal konsultazzjonijiet lill-Parti l-oħra.

*Artikolu 42***Applikazzjoni tal-miżuri**

1. Meta jkunu imposti miżuri ta' salvagwardja, il-Partijiet ifittxu li jimponuhom b'mod li l-inqas jaffettwa l-kummerċ bilaterali tagħhom.
2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jekk Parti tikkunsidra li r-rekwiżiti legali għall-impożizzjoni ta' miżuri definittivi ta' salvagwardja huma sodisfatti, il-Parti li għandha l-intenzjoni tapplika tali miżuri tinnotifika lill-Parti l-oħra u tagħti l-possibilita li jsiru konsultazzjonijiet bilaterali. Jekk ma tintlaħaqx l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti fi żmien 30 ġurnata min-notifika, il-Parti importatriċi tista' tadotta l-miżuri xierqa biex tirrimedja l-problema.

*Artikolu 43***Pajjiż li qed jiżviluppa**

Sal-punt li l-Ukraina tikkwalifika bħala pajjiż li qed jiżviluppa ⁽¹⁾ għall-għanijiet tal-Artikolu 9 tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji, hija mhux se tkun suġġetta għal kwalunkwe miżuri ta' salvagwardja applikati mill-Parti tal-UE, sakemm ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9 ta' dak il-Ftehim.

T a q s i m a 2

Miżuri ta' salvagwardja fuq karożżi tal-passiġġieri*Artikolu 44***Miżuri ta' salvagwardja dwar karożżi tal-passiġġieri**

1. L-Ukraina tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bħala dazju ta' importazzjoni ogħla fuq il-karożżi tal-passiġġieri li joriġinaw ⁽²⁾ fil-Parti tal-UE skont l-intestatura tat-tariffa 8703 (minn hawn 'il quddiem imsemija l-"prodott"), kif definita fl-Artikolu 45 ta' dan il-Ftehim, konformement mad-dsipożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, jekk kull waħda mill-kondizzjonijiet segwenti jkunu sodisfatti.

- (a) jekk, b'riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, il-prodott qed ikun importat fit-territorju tal-Ukraina fi kwantitajiet tant miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi mal-produzzjoni domestika, u skont tali kondizzjonijiet li jikkawżaw dannu serju lill-industrija domestika li tipproduċi prodott simili.

⁽¹⁾ Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, id-determinazzjoni ta' pajjiż li qed jiżviluppa tikkunsidra l-elenki maħruġa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Bank Dinji, l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiki (minn issa 'l quddiem imsejħa "OECD") jew Il-Fond Monetarju Internazzjonali (minn issa 'l quddiem imsejħa "FMI"), etc.

⁽²⁾ Skont id-definizzjoni tal-oriġini stabbilita fil-Protokoll I ma' dan il-Ftehim dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva.

- (b) jekk il-volum aggregat (f'unitajiet) ⁽¹⁾ ta' importazzjoni tal-prodott fi kwalunkwe sena jaqbeż l-livell li fih jiskattaw id-dazji addizzjonali fl-Iskeda inkluża fl-Anness II ma' dan il-Ftehim; u
- (c) jekk il-volum aggregat tal-importazzjoni tal-prodott lejn l-Ukraina (f'unitajiet) ⁽²⁾ għall-aħħar perjodu ta' 12-il xahar li jintemm mhux qabel ix-xahar penultimu qabel ma l-Ukraina tistieden lill-Parti tal-UE għal konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu jaqbeż il-persentaġġ ta' skattar stabbilit fl-Iskeda tal-Ukraina fl-Anness II tar-reġistrazzjonijiet ⁽³⁾ il-ġodda kollha tal-karozzi tal-passiġġieri fl-Ukraina għall-istess perjodu.
2. Id-dazju skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jaqbeż l-inqas mir-rati prevalenti applikata tal-MFN, jew ir-rata ta' dazju applikata tal-MFN li tkun fis-seħħ fil-ġurnata li tiġi eżattament qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, jew ir-rata tariffarja stipulata fl-Iskeda tal-Ukraina inkluża fl-Anness II ma' dan il-Ftehim. Id-dazju jista' jkun applikat biss għall-bqija ta' dik is-sena kif definit fl-Anness II ma' dan il-Ftehim.
3. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, id-dazji li l-Ukraina tapplika skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkunu stabbiliti skont l-Iskeda tal-Ukraina fl-Anness II ma' dan il-Ftehim.
4. Kwalunkwe provvista tal-prodott inkwistjoni li tkun fi triqitha abbażi ta' kuntratt iffirmit qabel ma jiġi impost d-dazju addizzjonali skont il-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun eżentata minn kwalunkwe tali dazju addizzjonali. Madanakollu, tali provvisti għandhom jingħaddu fil-volum tal-importazzjoni tal-prodott inkwistjoni matul is-sena ta' wara għall-għan li jintlaħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal dik is-sena.
5. L-Ukraina għandha tapplika kwalunkwe salvagwardji b'mod trasparenti. Għal dan il-fini, l-Ukraina għandha, malajr kemm jista' jkun, tipprovdi notifika bil-miktub lill-Parti tal-UE bl-intenzjoni tagħha li tapplika tali miżura u tipprovdi l-informazzjoni kollha pertinenti, inkluż il-volum (f'unitajiet) tal-importazzjoni tal-prodott, il-volum totali (f'unitajiet) tal-importazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri minn kwalunkwe sors u r-reġistrazzjonijiet il-ġodda ta' karozzi tal-passiġġieri fl-Ukraina għall-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Ukraina tistieden lill-Parti tal-UE għal konsultazzjonijiet l-aktar kmieni possibbli qabel ma tieħu tali miżura sabiex jiddiskutu din l-informazzjoni. L-ebda miżura ma tkun adottata għal 30 ġurnata wara l-istedina għal konsultazzjonijiet.
6. L-Ukraina tista' tapplika miżura ta' salvagwardja biss wara investigazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħha skont l-Artikoli 3 u 4(2)(c) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji u għal dan il-għan, l-Artikoli 3 u 4(2)(c) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huma inkorporati f'dan il-Ftehim u magħmula parti minnu, *mutatis mutandis*. Tali investigazzjoni trid tipp-rovva li b'riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, il-prodott qed ikun importat fit-territorju tal-Ukraina fi kwantitajiet tant miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi mal-produzzjoni domestika, u skont tali kondizzjonijiet li jikkawżaw dannu serju lill-industrija domestika li tipproduċi prodott simili.
7. L-Ukraina immedjatament tavża lill-Parti tal-UE bil-miktub dwar il-bidu ta' investigazzjoni kif deskritt fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.
8. Matul l-investigazzjoni l-Ukraina tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4.2(a) u (b) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji u għal dan il-għan, l-Artikolu 4.2(a) u (b) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*.
9. Il-fatturi rilevanti relatati mad-determinazzjoni tad-dannu fl-Artikolu 4(2) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji jkunu evalwati għal mill-inqas tliet perjodi konsekuttivi ta' 12-il xahar, i.e. minimu ta' tliet snin b'kolloxx.

(1) Kif muri mill-istatistika tal-Ukraina dwar l-importazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fil-Parti tal-UE (f'unitajiet) skont l-intestatura tariffarja 8703. L-Ukraina se tissostanza din l-istatistika billi tagħmel disponibbli ċ-ċertifikati ta' ċaqliq EUR.1 jew id-dikjarazzjonijiet tal-fattura maħruġa skont il-proċedura mniżżla fit-Titolu V tal-Protokoll I dwar id-definizzjoni tal-Kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva.

(2) Kif muri mill-istatistika tal-Ukraina dwar l-importazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fil-Parti tal-UE (f'unitajiet) skont l-intestatura tariffarja 8703. L-Ukraina se tissostanza din l-istatistika billi tagħmel disponibbli ċ-ċertifikati EUR.1 jew id-dikjarazzjonijiet tal-fattura maħruġa skont il-proċedura mniżżla fit-Titolu V tal-Protokoll I dwar id-definizzjoni tal-Kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva.

(3) Statistika uffiċjali dwar "l-ewwel Reġistrazzjoni" fl-Ukraina tal-karozzi kollha tal-passiġġieri pprovdata mill-Ispjezzjoni Awtomobilistika tal-Istat tal-Ukraina.

10. L-investigazzjoni tevalwa wkoll il-fatturi kollha magħrufa, għajr l-importazzjoni preferenzjali miżjuda skont dan il-Ftehim, li jstgħu jkunu qed jikkawżaw dannu fl-istess waqt lill-industrija domestika. Importazzjoni miżjuda ta' prodott li joriġina fil-Parti tal-UE ma għandhiex tkun ikkunsidrata li hi r-riżultat tal-eliminazzjoni jew it-tnaqqis ta' dazju doganali, jekk l-importazzjoni tal-istess prodott minn sorsi oħra żdiedet b'mod kumparabbli.

11. L-Ukraina tinforma lill-Parti tal-UE u l-partijiet kollha interessati l-oħra bil-miktub dwar is-sejbiet u l-konklużjonijiet raġunati tal-investigazzjoni sew qabel il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu bil-għan li tkun riveduta l-informazzjoni li toħroġ mill-investigazzjoni u li jkunu skambjati l-perspettivi fuq il-miżuri proposti matul il-konsultazzjonijiet.

12. L-Ukraina tiżgura li l-istatistika fuq il-karozzi tal-passiġġieri li hi użata bħala evidenza għal tali miżuri hija affidabbli, adegwata u aċċessibbli pubblikament fi żmien xieraq. L-Ukraina tipprovdi mingħajr dewmien statistika ta' kull xahar dwar il-volum totali (f'unitajiet) tal-prodott, il-volum totali (f'unitajiet) tal-importazzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri ta' kwalunkwe sors u r-reġistrazzjonijiet ġodda ta' karozzi tal-passiġġieri fl-Ukraina.

13. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1(a) u 6 sa 11 ta' dan l-Artikolu ma japplikawx.

14. L-Ukraina ma tapplikax miżura ta' salvagwardja skont din it-Taqsima matul l-ewwel sena. L-Ukraina ma tapplikax jew iżżomm kwalunkwe miżura ta' salvagwardja skont din it-Taqsima jew tkompli kwalunkwe investigazzjoni fuq dik il-linja wara s-sena 15.

15. L-implimentazzjoni u l-operazzjoni ta' dan l-Artikolu tista' tkun is-soġġet ta' diskussjoni u analiżi fil-Kumitat għall-Kummerċ.

Artikolu 45

DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima u l-Anness II ma' dan il-Ftehim:

1. "il-prodott" tfisser biss dawk il-karozzi tal-passiġġieri li joriġinaw fil-Parti tal-UE u li jaqgħu taħt l-intestatura tariffarja 8703 skont ir-regoli tal-orogini stabbiliti fil-Protokoll I ma' dan il-Ftehim li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' koperazzjoni amministrattiva;
2. "dannu serju" tinftiehem skont l-Artikolu 4.1(a) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dan il-għan, l-Artikolu 4.1(a) huwa inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu, *mutatis mutandis*;
3. "prodott simili" tinftiehem li tfisser prodott li jkun identiku, jiġifieri simili f'kull rigward, għall-prodott li jkun qed jiġi kkunsidrat, jew, fin-nuqqas ta' prodott bħal dan, prodott ieħor li, għalkemm ma jkunx simili f'kull rigward, ikollu karatteristiċi li jixbhu mill-qrib lil dawk tal-prodott li jkun qed jiġi kkunsidrat;
4. "perjodu ta' tranżizzjoni" tfisser perjodu ta' 10 snin li jibda fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim. Il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkun estiż għal tliet snin oħra, jekk qabel tmiem is-sena 10, l-Ukraina tkun ippreżentat talba raġjonata lill-Kumitat għall-Kummerċ msemmi fl-Artikolu 465 ta' dan il-Ftehim u l-Kumitat għall-Kummerċ ikun iddiskutietha;
5. "l-ewwel sena" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
6. "sena tnejn" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-ewwel anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
7. "sena tlieta" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tieni anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

8. "sena erbgħa" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tielet anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
9. "sena ħamsa" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fir-raba' anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
10. "sena sitta" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fil-ħames anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
11. "sena sebgħa" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fis-sitt anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
12. "sena tmienja" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fis-seba' anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
13. "sena disgħa" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tmien anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
14. "sena għaxra" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fid-disa' anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
15. "sena ħdax" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-għaxar anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
16. "sena tnax" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fil-ħdax-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
17. "sena tlettax" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tnax-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
18. "sena erbatax" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tlettax-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;
19. "sena ħmistax" tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-erbatax-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

Taqsi ma 3

Non-kumulazzjoni

Artikolu 45 bis

Non-kumulazzjoni

L-ebda Parti ma tista' tapplika, fir-rigward tal-istess prodott, fl-istess ħin:

- (a) miżura ta' salvagwardja skont it-Taqsima 2 (Miżuri ta' Salvagwardja fuq Karozzi tal-Passiġġieri) ta' dan il-Kapitolu; u
- (b) miżura skont l-Artikolu XIX tal-GATT tal-1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

Taqsi ma 4

Anti-dumping u miżuri kumpensattivi

Artikolu 46

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Il-Partijiet jikkonfermaw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu VI tal-GATT tal-1994, il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT tal-1994, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim Anti-Dumping") u l-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-Ftehim dwar is-SCM).

2. Ir-Regoli preferenzjali tal-oriġini stabbiliti skont il-Kapitolu 1 (Trattament Nazzjonali u Aċċess għas-Suq għal Prodotti) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim ma japplikax għal din it-Taqsima.

Artikolu 47

Trasparenza

1. Il-Partijiet jaqblu li miżuri tal-anti-dumping u kumpensattivi gandhom jintużaw b'konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont il-Ftehim tal-Anti-Dumping u l-Ftehim tas-SCM rispettivament u jkunu bbażati fuq sistema ġusta u trasparenti.

2. Wara li l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti jirċievu applikazzjoni dokumentata sewwa għal anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet mill-Parti l-oħra, u mhux iżjed tard minn 15-il ġurnata qabel ma tinbeda investigazzjoni, il-Parti tipprovdi notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra li hija tkun irċeviet l-applikazzjoni.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.5 tal-Ftehim Anti-Dumping u għall-Artikolu 12.4 tal-Ftehim dwar is-SCM, il-Partijiet jiżguraw, immedjatament wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, jekk ikun hemm, u qabel l-istabbiliment finali, l-iżvelar sħiħ u sinifikanti tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali kollha li jiffurmaw il-bażi għad-deċizzjoni li jiġu applikati l-miżuri. L-iżvelar għandu jsir bil-miktub u jippermetti lill-partijiet interessati żmien suffiċjenti sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom. Wara l-iżvelar finali, il-partijiet interessati jingħataw mill-inqas għaxart ijiem biex jagħmlu l-kummenti tagħhom.

4. Sakemm dan ma jittardjax bla bżonn l-andament tal-investigazzjoni u skont il-leġiżlazzjoni interna ta' Parti dwar il-proċeduri ta' investigazzjoni, kull parti interessata tingħata l-possibbiltà ta' smiġh sabiex tesprimi l-opinjoni tagħha waqt l-investigazzjonijiet dwar l-anti-dumping u l-anti-sussidji.

Artikolu 48

Konsiderazzjoni tal-interess pubbliku

Miżuri ta' anti-dumping u kompensatorji ma jistgħux ikunu applikati minn Parti fejn, abbażi tal-informazzjoni disponibbli matul l-investigazzjoni, jistgħa jkun kjarment konkluż li mhux fl-interess pubbliku li jkunu applikati tali miżuri. Id-determinazzjoni tal-interess pubbliku tkun ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha inġenerali, inkluż interessi tal-industrija domestika u tal-utenti u l-konsumaturi u l-importaturi sakemm huma jkunu pprovdedw informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet investigattivi.

Artikolu 49

Regola ta' inqas dazju

Jekk Parti tiddeċiedi li timponi dazju provvorju jew definittiv anti-dumping jew kumpensattiv, l-ammont ta' dan id-dazju ma għandux jaqbeż il-marġni ta' dumping jew is-sussidji kumpensattivi, iżda għandu jkun inqas jekk il-marġni ta' tali dazju inqas ikun biżżejjed sabiex ineħħi d-dannu għall-industrija domestika.

Artikolu 50

Applikazzjoni ta' miżuri u analiżi

1. Miżuri provvorji tal-anti-dumping u kumpesattivi jstgħu jkunu applikati mill-Partijiet biss jekk determinazzjoni preliminari wriet li l-eżistenza ta' dumping jew sussidju tikkawża dannu lill-industrija domestika.

2. Qabel ma timponi dazju definittiv anti-dumping jew kumpensattiv, il-Partijiet jesploraw il-possibbiltà li japplikaw rimedji kostruttivi, b'kunsiderazzjoni dovuta taċ-ċirkostanzi speċjali f'kull każ. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni interna ta' kull Parti, il-Partijiet jagħtu preferenza lil garanzija fuq il-prezz, sakemm ikunu rċevew offerti adegwati minn esportaturi u sakemm l-aċċettazzjoni ta' dawn l-offerti ma tkunx ikkunsidrata mhux Prattika.

3. Malli tirċievi talba debitament sostanzjata magħmula minn esportatur għal analiżi ta' miżuri ta' anti-dumping jew kumpensattivi fis-seħħ, il-Parti li tkun imponent il-miżura teżamina tali talba b'mod oġġettiv u fl-iqsar żmien possibbli u għandha tinforma lill-esportatur bir-riżultati tal-eżaminazzjoni malajr kemm jista' jkun.

Taqsim 5

Konsultazzjonijiet

Artikolu 50 bis

Konsultazzjonijiet

1. Parti tagħti, fuq talba tal-Parti l-oħra, il-possibbiltà ta' konsultazzjoni rigward kwistjonijiet speċifiċi li jistgħu jinqalgħu dwar l-applikazzjoni tar-rimedji kummerċjali. Dawk il-kwistjonijiet jistgħu jikkonċernaw, iżda mhumiex limitati għall-metodoloġija segwita biex ikun ikkalkolat il-marġini tad-dumping, inklużi aġġustamenti varji, l-użu ta' statistika, l-iżvilupp ta' importazzjoni, id-determinazzjoni ta' danni u l-applikazzjoni tar-regola ta' inqas dazju.

2. Il-konsultazzjonijiet iseħħu malajr kemm jista' jkun u normalment fi żmien 21 ġurnata mit-talba.

3. Il-konsultazzjonijiet taħt din it-Taqsim jsiru mingħajr ħsara għal, u b'konformità sħiħa ma', id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41 u l-Artikolu 47 ta' dan il-Ftehim u f'konformità sħiħa magħhom.

Taqsim 6

Dispożizzjonijiet istituzzjonali

Artikolu 51

Djalogu dwar rimedji kummerċjali

1. Il-Partijiet qablu li jistabbilixxu Djalogu dwar Rimedji Kummerċjali fil-livell ta' esperti bħala forum għal koperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' rimedji kummerċjali.

2. Id-Djalogu dwar Rimedji Kummerċjali għandu jitmexxa bil-għan li:

(a) isaħħaħ l-għarfien u l-fehim ta' Parti dwar il-liġijiet, il-politiki u l-prattiċi ta' rimedju kummerċjali tal-Parti l-oħra;

(b) jeżamina l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(c) itejjeb il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Partijiet li jkollhom ir-responsabbiltà għall-kwistjonijiet dwar ir-rimedji kummerċjali;

(d) ikunu diskussi żviluppi internazzjonali fil-qasam tad-difiża kummerċjali;

(e) ikun hemm koperazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni ta' rimedju kummerċjali.

3. Il-laqgħat ta' Djalogu dwar Rimedji Kummerċjali jsiru fuq bażi *ad hoc* fuq talba minn waħda mill-Partijiet. L-aġenda ta' kull tali laqgħa tkun maqbula b'mod konġunt minn qabel.

Taqsim 7

Soluzzjoni ta' dispuți

Artikolu 52

Soluzzjoni ta' dispuți

Il-Kapitolu 14 (Soluzzjoni ta' dispuți) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim m'għandux japplika għat-Taqsimit 1, 4, 5, 6 u 7 ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU 3

Ostakoli tekniċi għall-kummerċ

Artikolu 53

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu japplika għall-preparazzjoni, l-adozzjoni u l-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, l-istandards, u l-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità kif definiti fil-Ftehim dwar Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ, fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim TBT") li jstgħu jaffettwaw l-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet.
2. Minkejja l-pargrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-Kapitolu ma japplikax għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji kif definiti fl-Anness A tal-Ftehim dwar l-Aplikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, fl-Anness 1A tal-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim SPS"), u linqas għall-ispeċifikazzjonijiet preparati mill-awtoritajiet pubbliċi għar-reqwiżiti proprji ta' produzzjoni jew konsum.
3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet tal-Anness I għall-Ftehim dwar it-TBT.

Artikolu 54

Affermazzjoni tal-Ftehim dwar it-TBT

Il-Partijiet jafferimaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom fir-rigward ta' xulxin skont il-Ftehim TBT, li huwa b'dan inkorporat f'dan il-Ftehim u magħmul parti minnu.

Artikolu 55

Koperazzjoni teknika

1. Il-Partijiet isaħħu l-koperazzjoni ta' bejniethom fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, l-istandards, il-metroloġija, is-sorveljanza tas-suq, l-akkreditazzjoni u l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità bil-għan li jżiedu l-fehim reċiproku tas-sistemi rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom. Għal dan il-għan, huma jstgħu jstabilixxu djalogi regolatorji kemm fil-livelli orizzontali kif ukoll f'dawk settorjali.
2. Fil-koperazzjoni tagħhom, il-Partijiet ifittxu li jidentifikaw, jiżviluppaw u jipromwovu inizjattivi li jiffaċilitaw il-kummerċ li jstgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:
 - (a) tisħiħ tal-koperazzjoni regolatorja permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza u dejta, tal-koperazzjoni xjentifika u teknika bil-ħsieb li jtejjbu l-kwalità tar-regolamenti tekniċi, l-istandards, l-ittestjar, is-sorveljanza tas-suq, iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni tagħhom u jsir użu effiċjenti mir-riżorsi regolatorji;
 - (b) promozzjoni u inkoraġġiment ta' koperazzjoni bilaterali bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, pubbliċi jew privati, responsabbli għall-metroloġija, l-istandardizzazzjoni, l-ittestjar, is-sorveljanza tas-suq, iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni;
 - (c) trawwim tal-iżvilupp ta' infrastruttura ta' kwalità għall-istandardizzazzjoni, il-metroloġija, l-akkreditazzjoni, il-valutazzjoni ta' konformità u s-sistema ta' sorveljanza tas-suq fl-Ukraina;
 - (d) promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-ħidma ta' organizzazzjonijiet Ewropej relatati;
 - (e) tfittix ta' soluzzjonijiet għall-ostakoli kummerċjali li jstgħu jinqalgħu.
 - (f) kordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tagħhom fil-kummerċ internazzjonali u organizzazzjonijiet regolatorji bħad-WTO u l-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "UN-ECE")

Artikolu 56

Aprossimazzjoni tar-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-valutazzjoni ta' konformità

1. L-Ukraina tiegħu l-miżuri neċessarji sabiex gradwalment tikseb konformità mar-regolamenti tekniċi tal-UE u l-istandardizzazzjoni tal-UE, il-metroloġija, l-akkreditazzjoni, il-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità u s-sistema ta' sorveljanza tas-suq u timpenja ruħha li ssegwi l-prinċipji u l-prattiċi stipulati fid-Deċiżjonijiet u r-Regolamenti rilevanti tal-UE ⁽¹⁾.
2. Bil-għan li jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 1, l-Ukraina, f'konformità mal-iskeda fl-Anness III ma' dan il-Ftehim:
 - (i) tinkorpora l-acquis rilevanti tal-UE fil-leġislazzjoni tagħha;
 - (ii) tagħmel ir-riformi amministrattivi u istituzzjonali, li huma neċessarji biex timplimenta dan il-Ftehim u l-Ftehim dwar il-Valutazzjoni ta' Konformità u l-Aċċettazzjoni tal-Prodotti Industrijali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ACAA") imsemmi fl-Artikolu 57 ta' dan il-Ftehim; u
 - (iii) tipprovdi s-sistema amministrattiva effettiva u trasparenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.
3. L-iskeda fl-Anness III ma' dan il-Ftehim tkun maqbula u miżmuma mill-Partijiet.
4. Wara li dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, darba fis-sena l-Ukraina tipprovdi lill-Parti tal-UE b'rapporti dwar il-miżuri meħuda skont dan l-Artikolu. Fejn azzjonijiet elenkati fl-iskeda fl-Anness III ma' dan il-Ftehim ma kienux implimentati fiż-żmien applikabbli, l-Ukraina tindika skeda ġdida għat-tlestija ta' tali azzjonijiet.
5. L-Ukraina żżomm lura milli temenda l-leġislazzjoni orizzontali u settorjali elenkata fl-Anness III ma' dan il-Ftehim għajr sabiex tallinja tali leġislazzjoni progressivament mal-acquis korrispondenti tal-UE, u biex iżżomm tali allinjament.
6. L-Ukraina tinnotifika lill-Parti tal-UE bi kwalunkwe tali bidla fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħha.
7. L-Ukraina tiżgura l-parteċipazzjoni sħiħa tal-korpi nazzjonali rilevanti tagħha fl-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali għall-istandardizzazzjoni, il-metroloġija legali u fundamentali, il-valutazzjoni ta' konformità inkluż l-akkreditazzjoni skont il-qasam ta' attività tagħha u l-istatus tas-sħubija disponibbli għaliha.
8. L-Ukraina progressivament tittrasponi l-corpus tal-istandards Ewropej (EN) bħala standards nazzjonali, inkluż l-istandards Ewropej armonizzati, li l-użu volontarju tagħhom se jkun preżunt li hu f'konformità mal-leġislazzjoni elenkata fl-Anness III ma' dan il-Ftehim. Simultajement ma tali transpożizzjoni, l-Ukraina tirtira standards nazzjonali kunfliġġenti, inkluż l-applikazzjoni tal-istandards interstatali fl-Ukraina (GOST/ГОСТ), żviluppata qabel l-1992. Addizzjonalment, l-Ukraina progressivament tissodisfa l-kondizzjonijiet l-oħra għas-sħubija, f'konformità mar-rekwiżti applikabbli għall-membri sħaħ tal-Organizzazzjonijiet ta' Standardizzazzjoni Ewropej.

Artikolu 57

Ftehim dwar il-Valutazzjoni ta' Konformità u l-Aċċettazzjoni ta' Prodotti Industrijali

1. Il-Partijiet qablu li jżidu l-ACAA bħala Protokoll ma' dan il-Ftehim, li jkopri settur wieħed jew aktar elenkati fl-Anness III ma' dan il-Ftehim ladarba jkun maqbul li l-leġislazzjoni settorjali u orizzontali, l-istituzzjonijiet u l-istandards rilevanti tal-Ukraina kienu kompletament allinjati ma dawk tal-UE.
2. L-ACCA se jipprovdi li l-Kummerċ bejn il-Partijiet fi prodotti fis-setturi koperti minnu għandu jseħħ skont l-istess kondizzjonijiet bħal dawk applikati għall-kummerċ f'tali prodotti bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Partikolarment id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93.

3. Wara kontroll mill-Parti tal-UE u qbil dwr l-istat tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni teknika, l-istandards u l-infras-truttura rilevanti tal-Ukraina, l-ACAA għandhu jkun miżjud bħala protokoll ma' dan il-Ftehim permezz ta' ftehim bejn iż-żewġ Partijiet skont il-proċedura biex ikun emendat dan il-Ftehim, li jkopri tali setturi mill-elenku fl-Anness III ma' dan il-Ftehim li huma kkunsidrati li huma allinjati. Huwa maħsub li l-ACAA fl-aħħar mill-aħħar se jkun estiż biex ikopri s-setturi kollha elenkati fl-Anness III ma' dan il-Ftehim, skont il-proċedura msemmija qabel.
4. Ladarba s-setturi fuq l-elenku jkunu koperti mill-ACAA, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li, permezz ta' ftehim reċiproku skont il-proċedura biex ikun emendat dan il-Ftehim, jikkunsidraw li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri setturi industrijali oħra.
5. Sakemm prodott ma jkunx kopert bl-ACAA, il-leġiżlazzjoni rilevanti eżistenti tal-Partijiet tapplika għalih, fil-kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TBT.

Artikolu 58

Immarkar u ittikkettjar

1. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 56 u 57 ta' dan il-Ftehim, fir-rigward tar-regolamenti tekniċi relatati mar-rekwiżiti tal-ittikkettjar u l-immarkar, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid il-prinċipji tal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim TBT li tali rekwiżiti mhumiex preparati, adottati jew applikati bil-ħsieb li jgħolqu ostakoli mhux neċessarji għall-kummerċ internazzjonali, jew li jkollhom tali effett. Għal dan il-għan, tali rekwiżiti ta' ittikkettjar u immarkar ma jkunux aktar ta' restrizzjoni ta' kummerċ milli hu meħtieġ biex jintlaħaq objettiv leġittimu, waqt li jitqiesu r-riskji li jinħolqu jekk dan ma jseħħx.
2. Partikolarment, rigward immarkar jew ittikkettjar mandatorju, il-Partijiet jaqblu li:
 - (a) se jfittxu li jimminimizzaw ir-rekwiżiti tagħhom għall-immarkar jew l-ittikkettjar, għajr kif meħtieġ għall-adozzjoni tal-acquis tal-UE f'dan il-qasam u għall-immarkar u l-ittikkettjar għall-protezzjoni tas-saħħa, tas-sigurtà jew tal-ambjent, jew għal għanijiet raġonevoli oħra ta' politika pubblika.
 - (b) Parti tista' tiddetermina l-forma tal-ittikkettjar jew l-immarkar, iżda ma teħtieġx approvazzjoni, reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni tat-tikketti;
 - (c) il-Partijiet iżommu d-dritt li jeħtieġu li l-informazzjoni fuq tikketta jew marka tkun b'lingwa speċifikata.

KAPITOLU 4

Miżuri sanitarji u fitosanitarji

Artikolu 59

Objettiv

1. L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li jiffaċilita l-kummerċ fil-komoditajiet koperti minn miżuri sanitarji jew fitosanitarji bejn il-Partijiet, waqt li jkunu salvagwardati l-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, tal-animmali u tal-pjanti, billi:
 - (a) tkun żgurata trasparenza sħiħa fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji applikabbli għall-kummerċ;
 - (b) issir approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Ukraina ma' dik tal-UE;
 - (c) ikun rikonoxxut l-istatus tas-saħħa tal-animmali u tal-pjanti tal-Partijiet u jkunu applikati l-prinċipji ta' reġjonalizzazzjoni;
 - (d) ikun stabbilit mekkaniżmu għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji miżmuma minn Parti;
 - (e) implimentazzjoni ulterjuri tal-Ftehim dwar l-SPS tad-WTO;
 - (f) ikunu stabbiliti mekkaniżmi u proċeduri għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ; u
 - (g) ikunu mtejba l-komunikazzjoni u l-koperazzjoni bejn il-Partijiet dwar miżuri sanitarji u fitosanitarji.

2. Dan il-Kapitolu għandu wkoll l-għan li jstabbilixxi fehim komuni bejn il-Partijiet dwar l-istandards tal-benesseri tal-annimali.

Artikolu 60

Obbligi multilaterali

Il-Partijiet jaffer maw id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim dwar l-SPS.

Artikolu 61

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji kollha ta' Parti li jistgħu, direttament jew indirettament, jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet, inkluż il-miżuri elenkati fl-Anness IV ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 62

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "miżuri sanitarji u fitosanitarji" tfisser miżuri kif definiti fil-paragrafu 1 tal-Anness A mal-Ftehim tal-SPS, li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu;
2. "annimali" tfisser annimali terrestri u akkwatiċi kid definiti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri jew fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-Uffiċċju Internazzjonali tal-Mard Epiżootiku (minn hawn 'il quddiem msejjaħ "OIE");
3. "prodotti mill-annimali" tfisser prodotti li joriġinaw mill-annimali inkluż prodotti minn annimali akkwatiċi, kif definiti mill-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri jew fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Akkwatiċi tal-OIE;
4. "prodotti sekondarji mill-annimali mhux intiżi għall-konsum mill-bniedem" tfisser prodotti mill-annimali kif elenkati fl-Anness IV-A, il-Parti 2(II) ma' dan il-Ftehim;
5. "pjanti" tfisser pjanti ħajjin u partijiet ħajjin speċifikati minnhom, inkluż żerriegħa:
 - (a) frott, fis-sens botaniku tal-kelma, għajr dawk preservati permezz ta' ffriżar qawwi;
 - (b) hxejex, għajr dawk preservati permezz ta' ffriżar qawwi;
 - (c) tuberi, basal tal-qasab, basal tal-fjuri, riżomi;
 - (d) fjuri maqtugħa;
 - (e) fergħat bil-faxxina;
 - (f) siġar maqtugħa li għad għandhom il-faxxina;
 - (g) kulturi ta' ċelluli ta' tessut tal-pjanti.
 - (h) weraq, faxxina;
 - (i) pollini ħaj; u
 - (j) injam bir-rahsa, tirqid, brokki.
6. "prodotti mill-pjanti" tfisser prodotti li joriġinaw mill-pjanti, mhux proċessati jew li għadew minn preparazzjoni sempliċi minħabba li mhumiex pjanti, elenkati fl-Anness IV-A, il-Parti 3 ma' dan il-Ftehim;

7. “żerriegħa” tfisser żerriegħa fis-sens botaniku tal-kelma, intiża biex tkun ippjantata;
8. “pesti (organiżmi dannużi)” tfisser kwalunkwe speċi, varjetà jew bijotip ta’ pjanta, animal jew aġent patoġenu dannuż għall-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti;
9. “żoni protetti” tfisser, fil-każ tal-Parti tal-UE, żoni fit-tifsira tal-Artikolu 2(1)(h) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta’ Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta’ organiżmi ta’ ħsara għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità jew kwalunkwe dispożizzjoni suċċessiva (minn hawn ‘il quddiem imsejħa “id-Direttiva 2000/29/KE”);
10. “marda tal-animalli” tfisser manifestazzjoni klinika jew patoloġika ta’ infezzjoni fl-animalli;
11. “mard tal-akkwakultura” tfisser infezzjoni klinika jew non-klinika b’aġent etjoloġiku jew aktar tal-marda msemmija fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Animalli Akkwatiċi tal-OIE;
12. “infezzjoni fl-animalli” tfisser is-sitwazzjoni fejn l-animalli jżommu aġent infettiv bil-preżenza ta’ manifestazzjoni klinika jew patoloġika ta’ infezzjoni jew mingħajrha;
13. “l-istandards tal-benesseri tal-animalli” tfisser l-istandards tal-protezzjoni tal-animalli kif żviluppata u applikata mill-Partijiet u, kif xieraq, f’konformità mal-istandards tal-OIE u fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan il-Ftehim;
14. “livell xieraq ta’ protezzjoni sanitarja u fitosanitarja” tfisser il-livell xieraq ta’ protezzjoni sanitarja u fitosanitarja kif definita fil-paragrafu 5 tal-Anness A mal-Ftehim tal-SPS;
15. “reġjun” fir-rigward tas-saħħa tal-animalli tfisser, żoni jew reġjuni kif definiti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Animalli Terrestri tal-OIE, u għall-akkwakultura kif definiti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Animalli Akkwatiċi tal-OIE, fuq il-fehim li fir-rigward tat-territorju tal-Parti tal-UE l-ispeċifità tiegħu titqies billi tirrikonoxxi l-Parti tal-UE bħala entità;
16. “żona ħielsa mill-pesti” tfisser żona li fiha ma jinsabx pesti speċifiku kif muri minn evidenza xjentifika u li fiha, fejn xieraq, dawn il-kondizzjonijiet qed jinżammu;
17. “reġjonalizzazzjoni” tfisser il-kunċett ta’ reġjonalizzazzjoni kif deskritt fl-Artikolu 6 tal-Ftehim tal-SPS;
18. “kunsinna” tfisser kwantità ta’ prodotti mill-animalli tal-istess tip, koperti mill-istess ċertifikat jew dokument, mgħoddja bl-istess mezz ta’ trasport, kkunsinnati minn destinatarju waħdieni u li joriġinaw fl-istess pajjiż ta’ esportazzjoni jew parti minn tali pajjiż. Kunsinna tista’ tkun magħmula minn lott wieħed jew aktar;
19. “kunsinna ta’ pjanti u prodotti tal-pjanti” tfisser kwantità ta’ pjanti, prodotti tal-pjanti u/ jew artikoli oħra li jkunu qed jiġu mċaqlqa minn pajjiż għal ieħor u koperti, fejn meħtieġ minn ċertifikat fitosanitarju waħdieni (kunsinna tista’ tkun magħmula minn bosta lottijiet/komoditajiet jew minn wieħed/waħda);
20. “lot” tfisser għadd ta’ komoditajiet jew unitajiet singoli, identifikabbli mill-omoġenità tal-kompożizzjoni u l-orijini tagħhom, u li jiffurmaw parti minn kunsinna;
21. “ekwivalenza għal għanijiet ta’ kummerċ” (minn hawn ‘il quddiem imsejħa “ekwivalenza”) tfisser is-sitwazzjoni fejn, il-Parti importatriċi taċċetta l-miżuri sanitarji jew fitosanitarji tal-Parti esportatriċi bħala ekwivalenti, anki jekk dwan il-miżuri huma differenti minn tagħha stess, jekk il-Parti esportatriċi oġġettivament turi lill-Parti importatriċi li l-miżuri tagħha jiksbu l-livell xieraq ta’ protezzjoni sanitarja u fitosanitarja rekwiżiti mill-Parti importatriċi;
22. “settur” tfisser l-istruttura tal-produzzjoni u l-kummerċ għal prodott jew kategorija ta’ prodotti f’Parti;
23. “subsettur” tfisser parti minn settur iddefinita sew u kkontrollata;

24. "komoditajiet" tfisser annimali u pjanti, jew kategoriji tagħhom, jew prodotti speċifiċi u oġġetti oħrajn li jkunu qed jiġu mċaqalqa għal raġunijiet ta' kummerċ jew oħrajn inkluż dawk li ssir referenza għalihom fil-punti 2 u 7 ta' dan l-Artikolu;
25. "awtorizzazzjoni speċifika għall-importazzjoni" tfisser awtorizzazzjoni formali minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti importatriċi indirizzata lil importatur individwali bħala kondizzjoni għall-importazzjoni ta' kunsinna waħdanija jew kunsinni multipli ta' komodità mill-Parti esportatriċi, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;
26. "ġranet tax-xogħol" tfisser ġranet matul il-ġimgħa għajr il-Ħadd u s-Sibt u vaganzi pubbliċi f'wieħed mill-Partijiet;
27. "spezzjoni" tfisser l-eżaminazzjoni ta' kwalunkwe aspekk ta' għalf, ikel, saħħa tal-annimali u benesseri tal-annimali sabiex tivverifika li tali aspekk(i) jikkonforma(w) mar-reqwiziti legali tal-liġi tal-għalf u l-ikel u tar-regoli tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali;
28. "spezzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti" tfisser eżaminazzjoni viżwali uffiċjali tal-pjanti, prodotti mill-pjanti jew oġġetti oħra regolati biex tiddetermina jekk humiex preżenti pesti u/jew tiddetermina l-konformità mar-regolamenti fitosanitarji;
29. "verifika" tfisser l-iċċekkjar, permezz ta' eżaminazzjoni u l-kunsiderazzjoni ta' evidenza oġġettiva, jekk reqwiziti speċifiċi kienux sodisfatti.

Artikolu 63

Awtoritajiet kompetenti

Il-Partijiet jinformaw lil xulxin dwar l-istruttura, l-organizzazzjoni u l-kondiviżjoni tal-kompetenzi tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom matul l-ewwel laqgħa tas-Sottokomitati tal-Ġestjoni Sanitarja u Fitosanitarja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ is-"Sottokomitati tal-SPS") imsemmi fl-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jinfurmaw lil xulxin bi kwalunkwe bidla li tikkonċerna awtoritajiet kompetenti bħall-punti ta' kuntat.

Artikolu 64

Approssimazzjoni regolatorja

1. L-Ukraina tapprossima l-leġiżlazzjoni tagħha sanitarja u fitosanitarja u dik dwar il-benesseri tal-annimali ma' dik tal-UE kif stipulat fl-Anness V ma' dan il-Ftehim.
2. Il-Partijiet jikkoperaw dwar l-approssimazzjoni leġiżlattiva u l-bini ta' kapaċità.
3. Is-Sottokomitati tal-SPS jimmonitorja b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-proċess ta' approssimazzjoni, stipulat fl-Anness V ma' dan il-Ftehim, sabiex jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet neċessarji dwar il-miżuri ta' approssimazzjoni.
4. Mhux aktar tard minn tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim l-Ukraina tippreżenta lis-Sottokomitati tal-SPS strateġija komprensiva għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, li tkun maqsuma f'oqsma ta' prijorità relatati ma' miżuri, kif definiti fl-Anness IV-A, l-Anness IV-B u l-Anness IV-C ma' dan il-Ftehim, li jiffaċilitaw il-kummerċ f'komodità speċifika jew grupp ta' komoditajiet. L-istrateġija sservi bħala d-dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u se tkun miżjuda mal-Anness V ma' dan il-Ftehim⁽¹⁾.

Artikolu 65

Rikonoxximent għal raġunijiet ta' kummerċ tal-istatus tas-saħħa tal-annimali u tal-pesti u tal-kondizzjonijiet reġjonali

- A. Ir-rikonoxximent tal-istatus tal-mard tal-annimali, infezzjonijiet fl-annimali jew pesti.
 1. Fir-rigward tal-mard tal-annimali u l-infezzjonijiet fl-annimali (inkluż żoonożi), is-segwenti għandu japplika:
 - (a) Il-Parti importatriċi tirikonoxxi għall-għanijiet ta' kummerċ l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Parti esportatriċi jew ir-reġjuni tagħha kif determinati mill-Parti esportatriċi skont l-Anness VII il-Parti A ma' dan il-Ftehim, fir-rigward ta' mard tal-annimali speċifikat fl-Anness VI-A ma' dan il-Ftehim;

⁽¹⁾ Fir-rigward tal-Organiżmi Ġenetikament Modifikati (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "OĠM"), l-istrateġija komprensiva tinkludi wkoll skedi għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Ukraina dwar l-OĠM ma' dik tal-UE msemmija fl-Anness XXIX mal-Kapitolu 6 tat- Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali).

- (b) Fejn Parti tikkunsidra li għandha status speċjali, għat-territorju jew reġjun tagħha, fir-rigward ta' marda tal-annimali speċifika, għajr dawk elenkati fl-Anness VI-A ma' dan il-Ftehim, hija tista' titlob rikonoxximent ta' dan l-istatus skont il-kriterji mniżżla fl-Anness VII tal-Parti C ma' dan il-Ftehim. Il-Parti importatriċi tista' titlob garanziji, fir-rigward ta' importazzjoni ta' annimali haġġin u ta' prodotti tal-annimali, li huma xierqa għall-istatus maqbul tal-Partijiet.
- (c) L-istatus tat-territorji jew ir-reġjuni, jew l-istatus f'settur jew subsettur tal-Partijiet relatat mal-prevalenza jew l-inċidenza ta' mard tal-annimali għajr dak elenkat fl-Anness VI-A ma' dan il-Ftehim, jew infezzjonijiet fl-annimali, u/ jew ir-riskju assoċjat, kif xieraq, kif definit mill-OIE, huwa rikonoxxut mill-Partijiet bħala l-bażi tal-kummerċ bejniethom. Il-Parti importatriċi tista' titlob garanziji fir-rigward tal-importazzjoni ta' annimali haġġin u prodotti tal-annimali, li huma xierqa għall-istatus definit skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-OIE, kif xieraq.
- (d) Mingħajr ħsara għall-Artikoli 67, 69 u 73 ta' dan il-Ftehim, u sakemm il-Parti importatriċi ma tqajjimx oġġezzjoni espliċita u titlob l-informazzjoni ta' sostenn u addizzjonali jew konsultazzjonijiet u/jew verifika, kull Parti tieħu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi neċessarji migħajr dewmien biex tippermetti l-kummerċ abbażi tal-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu.

2. Fir-rigward tal-pesti, japplika dan li ġej:

- (a) Għal finijiet ta' kummerċ il-Partijiet jirrikonoxxu l-istatus tal-pesti tagħhom fir-rigward tal-pesti speċifikati fl-Anness VI-B ma' dan il-Ftehim;
- (b) Mingħajr ħsara għall-Artikoli 67, 69 u 73 ta' dan il-Ftehim, u sakemm il-Parti importatriċi ma tqajjimx oġġezzjoni espliċita u titlob l-informazzjoni ta' sostenn u addizzjonali jew konsultazzjonijiet u/jew verifika, kull Parti tieħu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi neċessarji migħajr dewmien biex tippermetti l-kummerċ abbażi tal-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

B. Ir-rikonoxximent tar-reġjonalizzazzjoni/ tqassim, żoni ħielsa mill-pesti (minn issa 'l quddiem imsejħa "ŽHP") u żoni protetti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ŻP")

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kunċett ta' reġjonalizzazzjoni u ŽHP kif speċifikati fil-Konvenzjoni internazzjonali tal-1997 dwar l-Organizzazzjoni tal-lkel u l-Agricoltura/ il-Protezzjoni tal-Pjanti u l-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji (minn hawn 'il quddiem imsemmi "ISPM") tal-Organizzazzjoni tal-lkel u l-Agricoltura, u ta' żoni protetti skont id-Direttiva 2000/29/KE, li huma jaqblu li japplikaw għall-kummerċ bejniethom.

4. Il-Partijiet jaqblu li d-deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni għall-mard tal-annimali u tal-ħut elenkati fl-Anness VI-A u għal pesti elenkati fl-Anness VI-B ma' dan il-Ftehim, jittieħdu skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VII l-Parti A u l-Parti B ma' dan il-Ftehim.

5. (a) Fir-rigward ta' mard tal-annimali, u skont l-Artikolu 67 ta' dan il-Ftehim, il-Parti esportatriċi li tfitx rikonoxximent tad-deċiżjonijiet ta' reġjonalizzazzjoni tagħha mill-Parti importatriċi tavża bil-miżuri tagħha bi spjegazzjonijiet kompluti u d-dejta ta' sostenn għad-determinazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 68 ta' dan il-Ftehim, u sakemm il-Parti importatriċi ma tqajjimx oġġezzjoni espliċita u titlob informazzjoni addizzjonali jew konsultazzjonijiet u/jew verifika fi żmien 15-il ġurnata mir-riċezzjoni tan-notifika, id-deċiżjoni ta' reġjonalizzazzjoni notifikata b'dan il-mod tkun meqjusa bħala aċċettata.

(b) Il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jsiru skont l-Artikolu 68(3) ta' dan il-Ftehim. Il-Parti importatriċi tivvaluta l-informazzjoni addizzjonali fi żmien 15-il ġurnata mir-riċezzjoni tal-informazzjoni addizzjonali. Il-verifika msemmija fil-punt (a) tkun imwettqa skont l-Artikolu 71 ta' dan il-Ftehim u fi żmien 25 ġurnata tax-xogħol mir-riċezzjoni tat-talba ta' verifika.

6. (a) Fir-rigward ta' pesti, kull Parti tiżgura li l-kummerċ fil-pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, kif xieraq, tqis l-istatus tal-pesti f'żona rikonoxxuta bħala protetta jew ŽHP mill-Parti l-oħra. Parti li tfitx li tikseb rikonoxximent ta' ŽHP tagħha mill-Parti l-oħra tavża bil-miżuri tagħha u, meta mitluba, tipprovdi spjegazzjonijiet kompluti u dejta ta' sostenn għall-istabbiliment u ż-żamma, kif gwidata mill-ISPMs rilevanti li l-Partijiet jikkunsidraw xierqa. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 73 ta' dan il-Ftehim, u sakemm Parti ma tqajjimx oġġezzjoni espliċita u titlob informazzjoni addizzjonali jew konsultazzjonijiet u/jew verifika fi żmien tliet xhur min-notifika, id-deċiżjoni ta' reġjonalizzazzjoni għal ŽHP notifikata b'dan il-mod tkun meqjusa bħala aċċettata.

- (b) Il-konsultazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jsiru skont l-Artikolu 68(3) ta' dan il-Ftehim. Il-Parti importatriċi tivvaluta l-informazzjoni addizzjonali fi żmien tliet xhur mir-riċezzjoni tal-informazzjoni addizzjonali. Il-verifika msemmiya fil-punt (a) tkun imwettqa skont l-Artikolu 71 ta' dan il-Ftehim u fi żmien 12-il xahar mir-riċezzjoni tat-talba ta' verifika, fil-kunsiderazzjoni tal-bijoloġija tal-pesti u l-għala kkonċernati.

7. Wara l-finalizzazzjoni tal-proċeduri deskritti fil-paragrafi 4 sa 6 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 73 ta' dan il-Ftehim, mingħajr dewmien żejjed, kull Parti tiegħu l-miżuri leġislattivi u amministrativi biex jippermettu l-kummerċ fuq dik il-bażi.

C Kompartimentalizzazzjoni

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jieħdu sehem f'diskussjonijiet ulterjuri bil-għan li jimplimentaw il-prinċipju ta' kompartimentalizzazzjoni msemmi fl-Anness XIV ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 66

Determinazzjoni tal-ekwivalenza.

1. L-ekwivalenza tista' tkun rikonoxxuta fir-rigward ta':

(a) miżura individwali; jew

(b) grupp ta' miżuri; jew

(c) sistema applikabbli għal settur, subsettur, komodità jew grupp ta' komoditajiet.

2. Fid-determinazzjoni tal-ekwivalenza, il-Partijiet isegwu l-proċess, stabbilit fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-proċess għandu jinkludi d-dimostrazzjoni oġġettiva tal-ekwivalenza mill-Parti esportatriċi u l-valutazzjoni oġġettiva tad-demostrazzjoni mill-Parti importatriċi. Din tista' tinkludi spezzjoni jew verifika.

3. Fuq talba tal-Parti esportatriċi dwar ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza, kif stipulat fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn tliet xhur mir-riċezzjoni ta' tali talba mill-Parti importatriċi, il-Partijiet jibdeu il-proċess ta' konsultazzjoni li jinkludi l-passi stabbiliti fl-Anness IX ma' dan il-Ftehim. Madanakollu, jek isiru talbiet multipli mill-Parti esportatriċi, il-Partijiet, fuq talba tal-Parti importatriċi, fi ħdan is-Sottokomitāt msemmi fl-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim jaqblu fuq skeda li fiha huma jagħtu bidu u jwettqu l-proċess imsemmi f'dan il-paragrafu.

4. Meta tinkiseb l-approssimazzjoni leġislattiva b'riżultat tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 64(3) ta' dan il-Ftehim, dan il-fatt għandu jkun meqjus bħala talba mill-Ukraina biex tibda proċess ta' rikonoxximent ta' ekwivalenza ta' miżuri rilevanti, kif stipulat fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

5. Sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor, il-Parti importatriċi tiffinalizza d-determinazzjoni ta' ekwivalenza msemmiya fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fi żmien 360 ġurnata mir-riċezzjoni tat-talba mingħand il-Parti esportatriċi li tinkludi faxxikolu li juri l-ekwivalenza, għajr għal-ghelejel staġjonali meta jkun ġustifikabbli li tiddewwem il-valutazzjoni biex tippermetti verifika matul perjodu xieraq ta' tkabbir ta' għala.

6. Il-Parti importatriċi tiddetermina ekwivalenza fir-rigward ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra skont l-ISPM rilevanti, kif xieraq.

7. Il-Parti importatriċi tista' tirtira jew tissospendi ekwivalenza abbażi ta' kwalunkwe emenda minn wieħed mill-Partijiet ta' miżuri li jaffetwaw l-ekwivalenza, sakemm il-proċeduri li ġejjin ikunu segwiti:

(a) Skont l-Artikolu 67(2) ta' dan il-Ftehim, il-Parti esportatriċi tinforma lill-Parti importatriċi bi kwalunkwe proposta għal emenda tal-miżuri tagħha li għalihom l-ekwivalenza ta' miżuri hija rikonoxxuta u l-effett probabbli tal-miżuri proposti fuq l-ekwivalenza kien ġie rikonoxxut. Fi żmien 30 ġurnata tax-xogħol mir-riċezzjoni ta' din l-informazzjoni, il-Parti importatriċi tinforma lill-Parti esportatriċi jekk l-ekwivalenza hux se tkompli tkun rikonoxxuta jew le abbażi tal-miżuri proposti;

(b) Skont l-Artikolu 67(2) ta' dan il-Ftehim, il-Parti importatriċi tinforma lill-Parti esportatriċi bi kwalunkwe proposta għall-emenda tal-miżuri tagħha li fuqhom għe bbażat ir-rikonoxximent ta' ekwivalenza u l-effett possibbli tal-miżuri proposti fuq l-ekwivalenza li għet rikonoxxuta. F'każ li l-Parti importatriċi ma tkomplex tirrikonoxxi l-ekwivalenza, il-Partijiet jistgħu jaqblu dwar il-kondizzjonijiet biex jinbada mill-ġdid il-proċessi msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu abbażi tal-miżuri proposti.

8. Ir-rikonoxximent, is-suspensjoni jew l-irtirar tal-ekwivalenza huwa biss responsabbiltà tal-Parti importatriċi li taġixxi skont il-qafas amministrattiv u leġislattiv. Il-Parti tippovdi spjegazzjonijiet sħaħ bil-miktub u d-dejta ta' sostenn għad-determinazzjonijiet u d-deċizzjonijiet koperti b'dan l-Artikolu. Fil-każ ta' nonrikonoxximent, sospensjoni jew irtirar ta' ekwivalenza, il-Parti importatriċi tindika lill-Parti esportatriċi il-kondizzjonijiet meħtieġa li abbażi tagħhom il-proċess imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jinbada mill-ġdid.

9. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 73 ta' dan il-Ftehim, il-Parti importatriċi tista'tirtira jew tissospendi ekwivalenza qabel ma l-miżuri ġodda proposti minn kwalunkwe Parti jidħlu fis-seħħ.

10. Fejn l-ekwivalenza hija rikonoxxuta formalment mill-Parti importatriċi, abbażi tal-proċess ta' konsultazzjoni kif stipulat fl-Anness IX ma' dan il-Ftehim, is-Sottokumitat tal-SPS għandu, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 74(2) ta' dan il-Ftehim, jiddikjara rikonoxximent tal-ekwivalenza fil-kummerċ bejn il-Partijiet. Id-deċiżjoni wkoll tippovdi għal tnaqqis tal-kontrolli fiżiċi fuq il-fruntieri, ċertifikati simplifikati u proċeduri ta' elenkar minn qabel għall-istabbiliment kif xieraq.

L-istatus ta' ekwivalenza għandu jkun elenkat fl-Anness IX ma' dan il-Ftehim.

11. Meta liġijiet huma approssimati, id-determinazzjoni tal-ekwivalenza ssir abbażi tagħhom.

Artikolu 67

Trasparenza u skambju ta' informazzjoni

1. Mingħar ħsara għall-Artikolu 68 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jikkoperaw biex itejbu l-fehim reċiproku tal-istruttura uffiċjali ta' kontroll u l-mekkaniżmi tagħhom mogħtija l-kompitu li japplikaw il-miżuri tal-SPS u l-prestazzjoni rispettiva tagħhom. Fost affarijiet oħra, dan jista' jintlaħaq permezz ta' rapport ta' awditi intrenazzjonali meta dawn isiru pubbliċi u l-Partijiet jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar ir-riżultati ta' dawn l-awditi jew informazzjoni oħra, kif xieraq.

2. F'dan il-qafas ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 64 jew tad-determinazzjoni tal-ekwivalenza kif imsemmi fl-Artikolu 66 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet iżommu lil xulxin infurmati dwar il-bidliet leġislattivi u proċedurali oħra adottati fl-oqsma kkonċernati.

3. F'dan il-kuntest, il-Parti tal-UE tinforma lill-Ukraina sew minn qabel b'bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-Parti tal-UE biex tippermetti lill-Ukraina tikkunsidra l-emendament tal-leġiżlazzjoni tagħha skont dan.

Il-livell neċessarju ta' koperazzjoni għandu jintlaħaq sabiex tkun iffaċilitata t-trażmissjoni tad-dokumenti leġislattivi fuq talba ta' waħda mill-Partijiet.

Għal dan il-għan, kull Parti tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-punti ta' kuntatt tagħha. Il-Partijiet ukoll jinnotifikaw lil xulxin dwar kwalunkwe bidla f'din l-informazzjoni.

Artikolu 68

Notifika, konsultazzjoni u faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni

1. Kull Parti tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra fi żmien jumejn tax-xogħol, bi kwalunkwe riskju serju jew sinifikanti għas-saħħa tal-pubbliku, l-annimali jew il-pjanti, inkluż emerġenzi jew sitwazzjonijiet ta' kontroll alimentari fejn hemm risku identifikat b'mod ċar ta' effetti serji fuq is-saħħa assoċjati mal-konsum ta' prodotti mill-annimali jew mill-pjanti u partikolarment ta':

(a) kwalunkwe miżuri li jaffettwaw id-deċiżjonijiet ta' regionalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 65 ta' dan il-Ftehim;

- (b) il-preżenza jew l-evoluzzjoni ta' kwalunkwe marda tal-annimali elenkata fl-Anness VI-A jew tal-pesti regolati mil-lista fl-Anness VI-B ma' dan il-Ftehim;
- (c) Sejbiet ta' importanza epidemjoloġika jew b'riskji assoċjati importanti fir-rigward ta' mard tal-annimali u pesti li mhumiex elenkati fl-Anness VI-A u l-Anness VI-B ma' dan il-Ftehim jew li huma pesti jew mard ġodda tal-annimali; u
- (d) kwalunkwe miżuri addizzjonali li jmorru lil hinn mill-ħtiġijiet bażiċi applikabli fir-rigward tal-miżuri sanitarji rispettivi meħudha mill-Partijiet sabiex jikkontrollaw jew jeradikaw il-mard jew il-pesti tal-annimali jew sabiex jipproteġu s-saħħa pubblika jew tal-pjanti u kwalunkwe bidliet fl-istrategġiji profilattiċi, inklużi politiki tal-vaċċinazzjoni.
2. (a) Notifiki jintbagħtu lill-punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 67(3) ta' dan il-Ftehim.
- (b) Notifika bil-miktub tfisser notifika bil-posta, bil-faks jew bl-email. Notifiki jintbagħtu biss bejn il-Punti ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 67(3) ta' dan il-Ftehim.
3. Fejn Parti jkollha tħassib serju fir-rigward ta' riskju għas-saħħa pubblika jew saħħet l-annimali jew il-pjanti, fuq it-talba tal-Parti involuta jsiru konsultazzjonijiet mill-aktar fis dwar is-sitwazzjoni, u f'kull każ fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol. F'tali sitwazzjonijiet, kull Parti tagħmel hilita biex tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tevita l-interruzzjoni tal-kummerċ, u biex tasal għal soluzzjoni aċċettabbli għat-tnejn li tkun kompatibbli mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika jew ta' saħħet l-annimali jew il-pjanti.
4. Fuq talba ta' Parti, konsultazzjonijiet rigward il-benesseri tal-annimali jsiru malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien 20 ġurnata tax-xogħol min-notifika. F'tali sitwazzjonijiet, kull Parti tara li tipprovdi l-informazzjoni kollha mitluba.
5. Fuq talba ta' Parti, isiru konsultazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu permezz ta' konferenza bil-vidjo jew awdjo. Il-Parti li tagħmel it-talba tiżgura l-preparazzjoni tal-minuti tal-konsultazzjoni, li jkunu formalment approvati mill-Partijiet. Għall-finijiet ta' tali approvazzjoni, għandu japplika l-Artikolu 67(3) ta' dan il-Ftehim.
6. Sistema ta' allerta mgħaġġla applikata b'mod reċiproku u mekkaniżmu ta' twissija bikrija għal kwalunkwe emerġenża veterinarja jew fitosanitarja se tibda fi stadju aktar avanzat wara li l-Ukraina timplimenta l-leġiżlazzjoni neċessarja f'dan il-qasam u toħloq kondizzjonijiet għall-funzjonament korrett fuq il-post ta' dawn il-mekkaniżmi.

Artikolu 69

Kondizzjonijiet kummerċjali

1. Il-kondizzjonijiet tal-importazzjoni ġenerali
- (a) Għal kwalunkwe komodità koperta mill-Anness IV-A u l-Anness IV-C(2) ma' dan il-Ftehim, il-Partijiet jaqblu li japplikaw il-kondizzjonijiet tal-l-importazzjoni ġenerali. Mingħajr ħsara għad-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikolu 65 ta' dan il-Ftehim, il-kondizzjonijiet ta' importazzjoni tal-Parti importatriċi jkunu applikabbli għat-territorju sħiħ tal-Parti esportatriċi. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u f'konformità mal-Artikolu 67 ta' dan il-Ftehim, il-Parti importatriċi tinforma lill-Parti esportatriċi bir-rekwiżiti sanitarji u fitosanitarji tagħha għall-importazzjoni ta' komoditajiet imsemmija fl-Anness IV-A u l-Anness IV-C(2) ta' dan il-Ftehim. Din l-informazzjoni tinkludi, kif xieraq, il-mudelli għaċ-ċertifikati jew id-dikjarazzjonijiet uffiċjali jew id-dokumenti kummerċjali, kif preskritt mill-Parti importatriċi.
- (b) (i) Għan-notifika mill-Partijiet ta' emendi jew emendi proposti tal-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, huma gandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet tal-Ftehim tal-SPS u d-deċiżjonijiet sussegwenti, fir-rigward tan-notifika tal-miżuri. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 73 ta' dan il-Ftehim, il-Parti importatriċi tqis iż-żmien tat-trasport bejn il-Partijiet biex tistabbilixxi d-data tad-dħul fis-seħħ tal-kondizzjonijiet emendati msemmija fil-paragrafu 1(a).
- (ii) Jekk il-Parti importatriċi tonqos mill-tikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti ta' notifika, hija tkompli taċċetta ċ-ċertifikat jew l-attestazzjoni li jiggarantixxu l-kondizzjonijiet preċedement applikabbli sa 30 ġurnata mid-dħul fis-seħħ tal-kondizzjonijiet ta' importazzjoni emendati.

2. Il-kondizzjonijiet ta' importazzjoni dwar ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza
 - (a) Fi żmien 90 ġurnata mill-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza, il-Partijiet jieħdu l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi neċessarji biex jimplementaw ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza sabiex abbażi ta' dan ikun permess il-kummerċ bejniethom ta' komoditajiet imsemmija fl-Anness IV-A u l-Anness C(2) ta' dan il-Ftehim f'setturi u subsetturi fejn ikun applikabbli, li għalihom il-miżuri sanitarji u fitosanitarji rispettivi kollha tal-Parti esportatriċi huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Parti importatriċi. Għal dawn il-komoditajiet, il-mudell għaċ-ċertifikat uffiċjali jew id-dokument uffiċjali meħtieġa mill-Parti importatriċi jista', fdak l-istadju, jiġi sostitwit minn ċertifikat maħruġ skont l-Anness XII B ma' dan il-Ftehim.
 - (b) Għal komoditajiet f'setturi jew subsetturi, fejn xieraq, li għalihom miżura waħda jew xi miżuri biss huam rikonoxxuti bħala ekwivalenti iżda mhux kollox, il-kummerċ għandu jkompli abbażi ta' konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a). Fuq talba mill-Parti esportatriċi, għandu japplika l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.
3. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-komoditajiet imsemmija fl-Anness IV-A u l-Anness C(2) ma' dan il-Ftehim ma jkunux suġġetti għal awtorizzazzjoni għall-importazzjoni.

Kwalunkwe dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim qabel il-31 ta' Diċembru 2013 ma jkollux impatt fuq l-assistenza għal-Bini Istituzzjonali Komprensiv.

4. Għal kondizzjonijiet li jaffettwaw il-kummerċ tal-komoditajiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), fuq talba tal-Parti esportatriċi, il-Partijiet jidħlu f'konsultazzjonijiet fis-Sottokumitat tal-SPS skont l-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim, sabiex jaqblu fuq kondizzjonijiet alternattivi jew addizzjonali ta' importazzjoni tal-Parti importatriċi. Tali alternattiva jew kondizzjonijiet addizzjonali għall-importazzjoni jistgħu, fejn xieraq, ikunu bbażati fuq miżuri tal-Parti esportatriċi rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Parti importatriċi. Jekk jintlaqhaq qbil, il-Parti importatriċi tieħu l-miżuri leġiżlattivi u/ jew amministrattivi neċessarji biex tippermetti l-importazzjoni fuq dik il-bażi, fi żmien 90 ġurnata mid-deċiżjoni tas-Sottokumitat tal-SPS.

5. Lista ta' stabbilimenti, approvazzjoni kondizzjonali

(a) Għall-importazzjoni ta' prodotti mill-annimali msemmija fl-Anness IV-A, il-Parti 2 ma' dan il-Ftehim, fuq talba tal-Parti esportatriċi akkumpanjata mill-garanziji xierqa, il-Parti importatriċi tapprova b'mod provvorju l-istabbilimenti li jipproċessaw imsemmija fl-Anness VIII(2.1) ma' dan il-Ftehim li jinsabu fit-territorju tal-Parti esportatriċi, mingħajr spezzjoni minn qabel tal-istabbilimenti individwali. Tali approvazzjoni tkun konsistenti mal-kondizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness VIII ma' dan il-Ftehim. Sakemm ma tintalabx informazzjoni addizzjonali, il-Parti importatriċi tieħu l-miżuri leġiżlattivi u/ jew amministrattivi neċessarji biex tippermetti l-importazzjoni fuq dik il-bażi fi żmien 30 ġurnata tax-xogħol mir-riċezzjoni tat-talba u tal-garanziji rilevanti mill-Parti importatriċi.

Il-lista inizjali tal-istabbilimenti tkun approvata skont il-proċedura prevista fl-Anness VII ma' dan il-Ftehim.

(b) Għall-importazzjoni ta' prodotti mill-annimali msemmija fil-paragrafu 2(a), il-Parti esportatriċi tinforma lill-Parti importatriċi dwar il-lista tagħha ta' stabbilimenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Parti importatriċi.

6. Fuq talba ta' Parti, l-Parti l-oħra tipprovdi l-ispejgazzjonijiet u d-dejta ta' sostenn neċessarji għad-determinazzjonijiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 70

Proċedura ta' ċertifikazzjoni

1. Għal finijiet ta' proċeduri ta' ċertifikazzjoni u tal-ħruġ ta' ċertifikati u dokumenti uffiċjali, il-Partijiet jaqblu dwar il-priċipji stabbiliti fl-Anness XII ta' dan il-Ftehim.

2. Is-Sottokumitat tal-SPS imsemmi fl-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim jista' jaqbel dwar regoli jkunu segwiti f'każ ta' ċertifikazzjoni elettronika, irtirar ta' ċertifikati jew bdil tagħhom.

3. Fil-qafas tal-leġiżlazzjoni approssimata, kif imsemmija fl-Artikolu 64 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet se jaqblu fuq mudelli komuni ta' ċertifikati fejn dawn ikunu applikabbli.

Artikolu 71

Verifika

1. Sabiex tinżamm il-konfidenza fl-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, kull Parti għandu jkollha d-dritt li:

- (a) tivverifika, f'konformità mal-linji gwida tal-Anness X ma' dan il-Ftehim, il-programm, kollu jew parzjalment, ta' kontroll totali tal-awtoritajiet tal-Parti l-oħra jew miżuri oħra fejn applikabbli. L-ispejjeż ta' tali verifika għandhom ikunu mġarrba mill-Parti li twettaq il-verifika;
- (b) minn data li tiġi determinata mill-Partijiet, tirċievi fuq talba tagħha informazzjoni mingħand il-Parti l-oħra dwar il-programm ta' kontroll totali ta' dik il-Parti kollu jew parti minnu u rapporti dwar il-kontrolli mwettqa skont dak il-programm;
- (c) għal testitijiet tal-laboratorju relatati ma' komoditajiet tal-Anness IV-A u l-Anness IV-C(2) ma' dan il-Ftehim, fuq it-talba tagħha, u fejn xieraq, tipparteċipa fil-programm perjodiku ta' testijiet interkomparattivi għal testijiet speċifiċi organizzati mil-laboratorju ta' referenza tal-Parti l-oħra. L-ispejjeż ta' tali parteċipazzjoni jkunu mġarrba mill-Parti li tipparteċipa.

2. Kwalunkwe Parti tista' tikkundividi r-riżultati tal-verifiki msemmija fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu ma' partijiet terzi u tagħmel ir-riżultati disponibbli pubblikament kif jista' jkun rekwiżit mid-dispożizzjonijiet applikabbli għal kwalunkwe Parti. Dispożizzjonijiet ta' kunfidenzjalità applikabbli għal wieħed mill-Partijiet ikunu rrispettati ftali kondizzjoni u/jew pubblikazzjoni tar-riżultati fejn xieraq.

3. Is-Sottokomitāt tal-SPS msemmi fl-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim jista' jimmodifika, permezz ta' deċiżjoni, l-Anness X ma' dan il-Ftehim, waqt li jikkunsidra x-xogħol relevanti mwettaq mill-organizzazzjonijiet internazzjonali.

4. Ir-riżultati ta' verifika jistgħu jikkontribwixxu għal miżuri imsemmija fl-Artikoli 64,66 u 72 ta' dan il-Ftehim mill-Partijiet jew minn waħda mill-Partijiet.

Artikolu 72

Imposti tal-kontrolli fuq l-importazzjoni u l-ispezzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li l-kontrolli fuq l-importazzjoni mill-Parti importatriċi ta' kunsinni mill-Parti esportatriċi jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fl-Anness XI, il-Parti A ma' dan il-Ftehim. Ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli jistgħu jikkontribwixxu għall-proċess ta' verifika msemmi fl-Artikolu 71 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi fuq l-importazzjoni applikati minn kull Parti huma stabbiliti fl-Anness XI il-Parti B ma' dan il-Ftehim. Parti tista' temenda din il-frekwenza fil-kompetenzi tagħha u skont il-leġiżlazzjoni interna tagħha, b'riżultat ta' progress li sar skont l-Artikoli 64, 66, u 69 ta' dan il-Ftehim, jew b'riżultat tal-verifiki, konsultazzjonijiet jew miżuri oħra previsti f'dan il-Ftehim. Is-Sottokomitāt tal-SPS imsemmi fl-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim għandu b'deċiżjoni jemenda l-Anness XI tal-Parti B ta' dan il-Ftehim skont dan.

3. Miżati tal-spezzjoni jistgħu jkopru biss il-kostijiet imġarrba mill-awtorità kompetenti biex twettaq il-kontrolli ta' spezzjoni. Il-miżati jkunu kkalkulati fuq l-istess bażi tal-miżati mitluba għall-spezzjoni ta' prodotti domestiċi simili.

4. Il-Parti importatriċi fuq talba tal-Parti esportatriċi tinforma bi kwalunkwe emenda, inkluż ir-raġunijiet għal dawn l-emendi, li jkkoncernaw il-miżuri li jaffettwaw il-kontrolli fuq l-importazzjoni u miżati ta' spezzjoni u bi kwalunkwe bidliet sinifikanti fil-kondotta amministrattiva għal tali kontrolli.

5. Minn data li tkun determinata mis-Sottokomitāt tal-SPS imsemmi fl-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jistgħu jaqblu fuq il-kondizzjonijiet biex japprovaw il-verifiki ta' xulxin kif stabbilit fl-Artikolu 71(1)(b) bil-għan li jadattaw u jnaqqsu b'mod reċiproku, fejn applikabbli, il-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi fuq l-importazzjoni għall-komoditajiet imsemmija fl-Artikolu 69(2) ta' dan il-Ftehim.

Minn dik id-data il-Partijiet jistgħu japprovaw b'mod reċiproku l-kontrolli ta' xulxin għal ċertu komoditajiet u, konsegwentament inaqsu jew ibidlu l-kontrolli fuq l-importazzjoni għal dawn il-komoditajiet.

6. Il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-approvazzjoni tal-adattament tal-kontrolli fuq l-importazzjoni jkunu inklużi fl-Anness XI ma' dan il-Ftehim bil-proċedura msemmija fl-Artikolu 74(6) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 73

Miżuri ta' salvagwardja

1. Jekk il-Parti importatriċi tiegħu xi miżuri fit-territorju tagħha biex tikkontrolla kwalunkwe kawża li tista' tikkostitwixxi periklu serju jew riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, il-Parti esportatriċi, mingħajr ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tiegħu miżuri ekwivalenti biex tipprevjeni l-introduzzjoni tal-periklu jew ir-riskju fit-territorju tal-Parti importatriċi.

2. Abbażi ta' raġunijiet serji ta' saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti, il-Parti importatriċi tista' tiegħu l-miżuri provvorji neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti. Għall-kunsinni li jkunu qed jiġu trasportati bejn il-Partijiet, il-Parti tikkunsidra l-aktar soluzzjoni xierqa u proporzjonata sabiex tkun evitata l-interruzzjoni żejda tal-kummerċ.

3. Il-Parti li tadotta l-miżuri skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, tinforma lill-Parti l-oħra mhux aktar tard minn ġurnata tax-xogħol wara d-data għall-adozzjoni tal-miżuri. Fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, u skont l-Artikolu 68(3) ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet ikollhom konsultazzjonijiet dwar is-sitwazzjoni fi żmin 15-il ġurnata tax-xogħol min-notifika. Il-Partijiet iqisu b'mod dovut kwalunkwe informazzjoni pprovduta permezz ta' tali konsultazzjonijiet u jfittxu li jevitaw interruzzjoni żejda għal kummerċ, waqt li jikkunsidraw, fejn xieraq, l-eżitu tal-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 68(3) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 74

Is-Sottokumitat ta' Ġestjoni Sanitarja u Fitosanitarja (SPS)

1. Is-Sottokumitat ta' Ġestjoni Sanitarja u Fitosanitarja (SPS) huwa b'dan stabbilit. Is-Sottokumitat tal-SPS għandu jiltaqa' fi żmien tliet xhur, mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u sussegwentement, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet jew mill-inqas darba fis-sena. Jekk il-Partijiet jaqblu, laqgħa tas-Sottokumitat tal-SPS tista' ssir permezz ta' konferenza vidjo jew awdjo. Is-Sottokumitat jista' wkoll jindirizza kwistjonijiet mingħajr ma jiltaqa', permezz ta' korrispondenza.

2. Is-Sottokumitat tal-SPS għandu jkollu l-funzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni relatata ma' dan il-Kapitolu, u l-eżaminazzjoni tal-kwistjonijiet kollha li jistgħu jinqalgħu fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu;
- (b) l-analiżi tal-Annessi ma' dan il-Kapitolu, partikolarment fid-dawl tal-progress magħmul skont il-konsultazzjonijiet u l-proċeduri previsti skont dan il-Kapitolu;
- (c) fid-dawl tal-analiżi prevista fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu jew kif previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu, il-modifika tal-Annessi IV sa XIV ma' dan il-Ftehim, permezz ta' deċiżjoni; u
- (d) fid-dawl tal-analiżi prevista fis-subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu, l-għoti ta' opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet lil korpi oħra kif definit fid-Dispożizzjonijiet Istituzzjonali, Ġenerali u Finali ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu gruppi ta' ħidma tekniċi, fejn xieraq, li jkunu magħmulin minn rappreżentanti flivell ta' esperti tal-Partijiet, li jidentifikaw u jindirizzaw kwistjonijiet tekniċi u xjentifiċi li joħorġu minn dan il-Kapitolu. Meta kompetenza esperta addizzjonali hija meħtieġa, il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu gruppi ad hoc, inkluż gruppi xjentifiċi. Is-sħubija ftali gruppi ad hoc ma għandhiex tkun ristretta għar-rappreżentanti tal-Partijiet.

4. Is-Sottokumitat tal-SPS għandu jirraporta regolarment lill-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont l-artikolu 465 ta' dan il-Ftehim dwar l-attivajiet u d-deċiżjonijiet tiegħu meħuda fil-kompetenza tiegħu.

5. Is-Sottokumitat tal-SPS għandu jadotta r-regoli ta' proċedura fl-ewwel laqgħa tiegħu.
6. Kwalunkwe deċiżjoni, rakkomandazzjoni, rapport jew azzjoni oħra mis-Sottokumitat tal-SPS jew kwalunkwe grupp stabbilit mis-Sottokumitat tal-SPS, relatati mal-awtorizzazzjoni ta' importazzjonijiet, skambju ta' informazzjoni, trasparenza, rikonossiment ta' reġjonalizzazzjoni, ekwivalenza u miżuri alternattivi, u kwalunkwe kwistjoni oħra koperta mill-pargrafi 2 u 3, ikunu adottati b'konsens bejn il-Partijiet.

KAPITOLU 5

Dwana u faċilitazzjoni tal-kummerċ

Artikolu 75

Objettivi

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kwistjonijiet ta' dwana u l-faċilitazzjoni kummerċjali fl-ambjent tal-kummerċ bilaterali li qed jevolvi. Il-Partijiet jaqblu li jinforzaw il-koperazzjoni f'dan il-qasam bil-għan li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri relevanti, kif ukoll il-kapaċità amministrattiva tal-amministrazzjonijiet relevanti, jissodisfaw l-objettivi ta' kontroll effettiv u jostnu l-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu bħala kwistjoni ta' prinċipju.

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-oġhla importanza tingħata lill-objettivi tal-politika pubblika leġittima inkluż il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, is-sigurtà u l-prevenzjoni tal-frodi u approċċ bilanċjat għalihom.

Artikolu 76

Leġiżlazzjoni u proċeduri

1. Il-Partijiet jaqblu li l-kummerċ rispettiv tagħhom u l-leġiżlazzjoni doganali, bħala kwistjoni ta' prinċipju, tkun stabbli u komprensiva, u li d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri jkunu proporzjonati, trasparenti, prevedibbli, nondiskriminatorji, imparzjali u applikati uniformament u b'mod effettiv u li fost l-oħrajn għandhom:
- (a) jipproteġu u jiffaċilitaw il-kummerċ leġittimu permezz ta' infurzar effettiv tar-rekwiżiti leġiżlattivi u l-konformità magħhom;
 - (b) jevitaw piżijiet mhux neċessarji u diskriminatorji fuq operaturi ekonomiċi, jipprevjenu frodi u jipprovdu faċilitazzjoni ulterjuri għall-operaturi ekonomiċi li għandhom livell għoli ta' konformità;
 - (c) japplikaw dokument amministrattiv uniku għall-finijiet tad-dikjarazzjonijiet doganali;
 - (d) iwasslu għal aktar effiċjenza, trasparenza u simplifikazzjoni tal-proċeduri doganali u prattiċi fuq il-fruntieri;
 - (e) japplikaw tekniki doganali moderni, inkluż valutazzjoni tar-riskju, kontrolli wara li l-merkanzija tkun irrilaxxata u metodi tal-awditjar tal-kumpaniji sabiex jissimplifikaw u jiffaċilitaw id-dħul u r-rilaxx tal-oġġetti;
 - (f) ifittxu li jnaqqsu l-kostijiet u li jżidu l-prevedibbiltà għall-operaturi ekonomiċi, inkluż kumpaniji żgħar u ta' daqs medju;
 - (g) mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni oġġettiva tar-riskji, jiżguraw l-applikazzjoni nondiskriminatorja tar-rekwiżiti u l-proċeduri applikabbli għall-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-merkanzija fi tranżitu;
 - (h) Japplikaw l-istrumenti internazzjonali applikabbli fil-qasam tad-dwana u l-kummerċ inkluż dawk żviluppati mill-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"WCO") (Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-2005, il-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar dħul temporanju tal-1990, il-Konvenzjoni HS tal-1983), id-WTO (pereżempju dwar il-Valutazzjoni), in-NU (il-Konvenzjoni TIR tal-1975, il-Konvenzjoni tal-1982 dwar l-armonizzazzjoni tal-kontrolli ta' merkanzija fuq il-fruntieri), kif ukoll il-Linji gwida tal-KE Customs Blueprints;
 - (i) jieħdu l-miżuri neċessarji biex jirriflettu u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Kyoto Riveduta dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri Doganali tal-1973;

- (j) jipprovdu għal deċiżjonijiet vinkolanti minn qabel dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi u r-regoli tal-orijini. Il-Partijiet jiżguraw li deċiżjoni tista' tkun revokata jew annullata biss wara notifika lill-operatur affetwat u mingħajr effett retroattiv sakemm id-deċiżjonijiet ma jkunux saru abbażi ta' informazzjoni skorretta jew mhux kompluta;
- (k) jintroduċu u japplikaw proċeduri simplifikati għal kummerċjanti awtorizzati skont kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji;
- (l) regoli li jiżguraw li kull penali li tiġi imposta għall-ksur fir-rigward ta' regolamenti doganali jew rekwiżiti proċedurali tkun proporzjonata u nondiskriminatorja u li, meta dawn il-penali jiġu applikati, ma jkunux iwasslu għal dewmien mhux iġġustifikat u mhux neċessarju.
- (m) japplikaw regoli trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati fir-rigward tal-għoti ta' liċenzji lis-sensara doganali;

2. Sabiex itejbu l-metodi ta' ħidma, u kif ukoll jiżguraw in-nondiskriminazzjoni, it-trasparenza, l-effiċjenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet, il-Partijiet għandhom:

- (a) jieħdu passi ulterjuri lejn it-tnaqqis, is-simplifikazzjoni u l-istandardizzazzjoni tad-dejta u d-dokumentazzjoni meħtieġa mid-dwana u aġenziji oħra;
- (b) jissimplifikaw ir-rekwiżiti u l-formalitajiet kulfejn ikun possibbli, rigward ir-rilaxx u l-iżdoganar fil-pront tal-merkanzija;
- (c) jipprovdu proċeduri effettivi, fil-pront, nondiskriminatorji biex jiggarantixxu d-dritt ta' appell kontra azzjonijiet amministrattivi, sentenzi u deċiżjonijiet doganali u ta' aġenziji oħra li jaffettwaw il-merkanzija preżentata lid-dwana. Tali proċeduri għal appell ikunu faċilment aċċessibbli, inkluż għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kostijiet kollha jkunu raġonevoli u proporzjonati ma' dak li jiswew l-appelli. Il-Partijiet għandhom ukoll jieħdu passi biex jiżguraw li fejn deċiżjoni kontestata hija s-suġġett ta' appell, il-merkanzija tkun normalment rilaxxata u l-pagamenti tad-dazju jistgħu jitħallew pendenti, suġġett għal kwalunkwe miżuri ta' salvagwardja meqjusa neċessarji. Fejn meħtieġ, dan għandu jkun suġġett għall-provvista ta' garanzija, bħall-avall jew depożitu;
- (d) jiżguraw li l-oġhla standards ta' integrità jinżammu, partikolarment fuq il-fruntieri, permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri li jirriflettu l-prinċipji tal-konvenzjonijiet u l-istrumenti internazzjonali rilevanti f'dan il-qasam, partikolarment id-Dikjarazzjoni Riveduta ta' Arusha tad-WCO (2003) u l-Blueprints dwar l-etika Doganali tal-KE (2007).

3. Il-Partijiet jaqblu li jeliminaw:

- (a) kwalunkwe rekwiżit għall-użu mandatorju tas-sensara doganali.
- (b) kwalunkwe rekwiżit għall-użu mandatorju tal-spezzjonijiet qabel it-traportazzjoni jew spezzjoni fid-destinazzjoni.

4. Dispożizzjonijiet fi tranżitu

- (a) Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, ir-regoli ta' tranżitu u d-definizzjonijiet kif stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tad-WTO (l-Artikolu V tal-GATT tal-1994), u dispożizzjonijiet relatati, inkluż kwalunkwe kjarifika u titjib li jirriżulta min-negożjati taċ-Ċiklu ta' Doha dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ) japplikaw. Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll meta t-tranżitu tal-merkanzija jibda jew jispiċċa fit-territorju ta' Parti (tranżitu intern).
- (b) Il-Partijiet għandhom ifittxu li jkun hemm interkonnettività progressiva tas-sistemi rispettivi tagħhom ta' tranżitu doganali, bil-għan li jkun hemm parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-futur fis-sistema komuni ta' tranżitu stabbilita mill-Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar il-proċedura komuni ta' trażitu.
- (c) Il-Partijiet jiżguraw koperazzjoni u kordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti kollha u l-aġenziji fit-territorji tagħhom biex jiffaċilitaw it-traffiku fi tranżitu u jippromwovu l-koperazzjoni transkonfinali. Il-Partijiet jippromwovu wkoll koperazzjoni bejn l-awtoritajiet u s-settur privat fir-rigward tat-tranżitu.

*Artikolu 77***Relazzjonijiet mal-komunità tan-negozju**

Il-Partijiet jiftiehem:

- (a) li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri rispettivi tagħhom huma trasparenti u disponibbli għall-pubbliku, safejn possibbli b'mezzi elettroniċi, flimkien mal-ġustifikazzjoni għalihom. Għandu jkun hemm mekkaniżmu ta' konsultazzjoni fis-seħħ u perjodu ta' żmien raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni ta' dispożizzjonijiet ġodda jew emendati u d-dħul fis-seħħ tagħhom.
- (b) fuq il-ħtieġa għal konsultazzjoni f'waqtha u regolari mar-rappreżentanti tal-kummerċ dwar proposti u proċeduri leġiżlattivi relatati ma' kwistjonijiet doganali u kummerċjali. Għal dan il-għan, mekkaniżmi għal konsultazzjonijiet xierqa u regolari bejn l-amministrazzjonijiet u l-komunità tan-negozju jiġu stabbiliti minn kull Parti;
- (c) li jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku avviżi rilevanti ta' natura amministrattiva, inklużi rekwiżiti ta' aġenziji u proċeduri ta' dħul, sigħat ta' xogħol u proċeduri ta' xogħol għall-uffiċċji tad-dwana fil-portijiet u fuq il-fruntieri, u kuntatti għal talbiet ta' informazzjoni;
- (d) li jkattru l-koperazzjoni bejn l-operaturi u l-amministrazzjonijiet rilevanti bl-użu ta' proċeduri arbitrarji u pubbliċi, bħall-Memoranda ta' Fehim mhux arbitrarji u aċċessibbli għall-pubbliku, li jkunu bbażati partikolarment fuq dawk ippromulgati mid-WCO;
- (e) li jiżguraw li r-rekwiżiti u l-proċeduri doganali rispettivi tagħhom jibqgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet leġittimi tal-komunità tal-kummerċ, isegwu l-aħjar prassi, u jibqgħu kemm jista' jkun inqas restrittivi għall-kummerċ.

*Artikolu 78***Miżati u imposti**

Il-Partijiet jipprojbixxu l-miżati amministrattivi li jkollhom l-effett ekwivalenti ta' dazji u imposti ta' importazzjoni u esportazzjoni.

Fir-rigward tal-miżati u l-imposti kollha ta' kwalunkwe tip imposti mill-awtoritajiet doganali ta' kull Parti, inkluż miżati u imposti għal kompiti li saru minn terza persuna fisem l-imsemmija awtoritajiet, dwar jew f'konnessjoni mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni u mingħajr ħsara għall-Artikoli rilevanti fil-Kapitolu 1 (Trattament Nazzjonali u Aċċess għas-Suq għall-Merkanzija) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jiftiehem li:

- (a) miżati u imposti jistgħu jkunu imposti biss għal servizzi provduti barra mis-sigħat tax-xogħol u f'postijiet għajr dawk imsemmija fir-regolamenti tad-dwana, fuq talba tad-dikjarant f'konnessjoni mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni inkwistjoni jew għal kwalunkwe formalità meħtieġa biex issir tali importazzjoni jew esportazzjoni;
- (b) miżati u imposti ma għandhomx jaqbżu l-kost tas-servizz ipprovdut;
- (c) miżati u imposti ma għandhomx jiġu kkalkulati fuq bażi ad valorem;
- (d) informazzjoni dwar miżati u imposti tkun ippubblikata. Din l-informazzjoni tinkludi r-raġuni għall-miżati jew imposta għas-servizz ipprovdut, l-awtorità responsabbli, il-miżati u l-imposti li jiġu applikati, u meta u kif għandu jsir il-pagament.

L-informazzjoni dwar il-miżati u l-imposti tiġi ppubblikata fuq mezz magħżul b'mod uffiċjali, u fejn ikun vijabbli u possibbli, f'websajt uffiċjali;

- (e) ma għandhomx jiġu imposti miżati u imposti ġodda jew emendati sakemm tiġi ppubblikata u magħmula faċilment disponibbli informazzjoni dwarhom.

*Artikolu 79***Valutazzjoni Doganali**

1. Il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-GATT tal-1994 fl-Anness 1A mal-Ftehim tad-WTO, inkluż kwalunkwe emendi segwenti, jiggverna l-valutazzjoni doganali tal-merkanzija fil-kummerċ bejn il-Partijiet. Id-dispożizzjonijiet tiegħu huma b'dan inkorporati fil-Ftehim u magħmula parti minnu. Valuri doganali minimi ma jitużawx.
2. Il-Partijiet jikkoperaw bil-għan li jilħqu approċċ komuni għal kwistjonijiet relatati ma' valutazzjoni doganali.

*Artikolu 80***Koperazzjoni doganali**

Il-Partijiet isaħħu l-koperazzjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-oġettivi ta' dan il-Kapitolu, waqt li jintlaħaq bilanċ raġonevoli bejn simplifikazzjoni u faċilitazzjoni u kontroll effettiv u sigurtà. Għal dan il-fini, il-Partijiet se jużaw, fejn xieraq, il-Blueprints Doganali tal-KE bħala għodda ta' limitu referenzjarju.

Sabiex tkun żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu l-Partijiet fost l-oħrajn:

- (a) jiskambjaw informazzjoni li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali;
- (b) jiżviluppaw inizzjattivi konġunti relatati mal-proċeduri ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu, kif ukoll jaħdmu lejn l-iżgurar li jkun ipprovdut servizz effettiv għall-komunità tan-negozju;
- (c) jikkoperaw fuq l-awtomatizzazzjoni tal-proċeduri doganali u ta' proċeduri kummerċjali oħrajn;
- (d) jiskambjaw, fejn xieraq, informazzjoni u dejta rilevanti suġġett għar-rispett tal-kunfidenzjalità tad-dejta sensittiva u l-protezzjoni tad-dejta personali;
- (e) jiskambjaw informazzjoni/ jikkosultaw lil xulxin bil-għan li jstabblixu pożizzjonijiet komuni fejn hu possibbli f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tad-dwana bħad-WTO, id-WCO, in-NU, il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp u l-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa;
- (f) jikkoperaw fl-ippjanar u l-provvista ta' assistenza teknika, partikolarment dwar ir-riformi doganali u ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim;
- (g) jiskambjaw l-aħjar prattiki fl-operazzjonijiet doganali li jiffukaw partikolarment fuq l-infuzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, speċjalment dawk relatati ma' prodotti ffalsifikati;
- (h) jippromwovu kordinazzjoni bejn l-aġenziji kollha tal-konfini u transkonfinalment biex jiffaċilitaw il-proċess ta' qsim tal-konfini u jtejbju l-kontroll, waqt li jikkunsidraw kontrolli konġunti fuq il-konfini fejn fattibbli u xieraq;
- (i) jirrikonoxxu reċiprokament kummerċjanti u kontrolli doganali awtorizzati, fejn rilevanti u xieraq. Il-Kamp ta' applikazzjoni ta' din il-koperazzjoni, l-implimentazzjoni u l-arranġamenti prattiċi jkunu deċiżi mis-Sottokumitat Doganali li hemm previst fl-Artikolu 83 ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 81***Assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali**

Minkejja l-Artikolu 80 ta' dan il-Ftehim, l-amministrazzjonijiet tal-Partijiet jipprovdu assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll II għal dan il-Ftehim dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

*Artikolu 82***Assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet**

Il-Partijiet jikkoperaw bil-għan li jipprovdu assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ u r-riformi doganali.

*Artikolu 83***Sottokumitat Doganali**

B'dan huwa stabbilit is-Sottokumitat Doganali. Huwa jirraporta fuq l-attivitajiet tiegħu lill-Kumitata ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni skont l-Artikolu 465(4) ta' dan il-Ftehim. Il-funzjonament tas-Sottokumitat Doganali jinkludi konsultazzjonijiet regolari u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inkluż il-kwistjonijiet ta' koperazzjoni doganali, koperazzjoni u ġestjoni doganali transkonfinali, assistenza teknika, regoli ta' oriġini, u faċilitazzjoni tal-kummerċ, kif ukoll assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali.

Is-Sottokumitat Doganali, fost l-oħrajn:

- (a) jara li jkun hemm funzjonament xieraq ta' dan il-Kapitolu u tal-Protokoll 1 u 2 ma' dan il-Ftehim;
- (b) jiddeċiedi dwar miżuri u arranġamenti prattiċi biex ikun implimentat dan il-Kapitolu u l-Protokoll 1 u 2 ma' dan il-Ftehim inkluż dwar l-iskambju ta' informazzjoni u dejta, rikonoxximent reċiproku tal-kontrolli doganali u programmi ta' partenarjati ta' kummerċ, u benefiċċji maqbula b'mod reċiproku;
- (c) jiskambja opinjonijiet dwar kwalunkwe punti ta' interess komuni, inkluż miżuri futuri u r-riżorsi għalihom;
- (d) jagħmel rakkomandazzjonijiet fejn xieraq; u
- (e) jadotta r-regoli ta' proċedura interni tiegħu.

*Artikolu 84***Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali**

Approssimazzjoni gradwali mal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE kif stabbilita fl-istandards tal-UE u dawk internazzjonali titwettagħ, kif stabbilit fl-Anness XV ma' dan il-Ftehim.

*KAPITOLU 6***L-istabbiliment, il-kummerċ fis-servizzi u l-kummerċ elettroniku***Taqsimat 1***Dispożizzjonijiet ġenerali***Artikolu 85***Objettiv, kamp ta' applikazzjoni u kopertura**

1. Il-Partijiet, waqt li jafferaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, b'dan jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għal-liberalizzazzjoni progressiva reċiproka tal-istabbiliment u l-kummerċ fis-servizzi u għall-koperazzjoni fil-kummerċ elettroniku.
2. L-akkwist mill-gvern huwa trattat fil-Kapitolu 8 (Akkwist mill-Gvern) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim u xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jkun mifthiem b'tali mod li jimponi kwalunkwe obbligu dwar l-akkwist mill-gvern.
3. Is-sussidji huma trattati fil-Kapitolu 10 (Kompetizzjoni) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma japplikawx għal sussidji mogħtija mill-Partijiet.
4. Kull Parti tirriserva d-dritt li tirregola u tintroduċi regolamenti ġodda sabiex ikunu sodisfatti l-objettivi leġittimi tal-politika, sakemm dawn ikunu konsistenti ma' dan il-Kapitolu.

5. Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għal miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi li jkunu qegħdin ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' xi Parti, u linqas ma għandu japplika għal miżuri fir-rigward taċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjeg fuq bażi permanenti.

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar il-moviment tal-persuni stipulat fit-Titolu III (Ġustizzja, Libertà u Sigurtà) ta' dan il-Ftehim, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jimpedixxi Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi, jew is-soġġorn temporanju tagħhom, fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa sabiex iħarsu l-integrità ta' persuni fiżiċi, u jiżguraw il-moviment ordnat tagħhom mill-fruntieri tagħha, bil-kondizzjoni li tali miżuri ma jkunux applikati b'mod li jħassru jew idgħajfu l-benefiċċji dovuti lil kwalunkwe Parti skont it-termini ta' dan il-Kapitolu ⁽¹⁾.

Artikolu 86

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

1. "miżura" tfisser kull miżura minn Parti, kemm jekk fil-forma ta' liġi, regolament, regola, proċedura, deċizzjoni, azzjoni amministrattiva, jew xi forma oħra;
2. "miżuri adottati jew miżmuma minn Parti" tfisser miżuri meħuda minn:
 - (a) gvernijiet u awtoritajiet ċentrali, reġionali jew lokali; u
 - (b) korpi mhux governattivi fl-eżerċizzju ta' poteri ddelegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġionali jew lokali;
3. "persuna fiżika ta' Parti" tfisser persuna bin-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE jew persuna bin-nazzjonalità tal-Ukraina skont il-leġiżlazzjoni rispettiva;
4. "persuna ġuridika" tfisser kwalunkwe entità ġuridika debitament ikkostitwita jew organizzata b'mod ieħor skont id-dritt applikabbli, kemm jekk għall-profitt jew għal fini ieħor u kemm jekk proprjetà ta' persuni privati jew tal-gvern, inkluża kwalunkwe korporazzjoni, fond fiduċjarju, sħubija, intrapriża konġunta, sjieda esklużiva jew assoċjazzjoni;
5. "persuna ġuridika tal-Parti tal-UE" jew "persuna ġuridika tal-Ukraina" tfisser:

persuna ġuridika stabbilita skont il-liġijiet ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina rispettivament, u li jkollha l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fit-territorju li għalih japplika it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew fit-territorju tal-Ukraina rispettivament.

Jekk din il-persuna ġuridika jkollha biss l-uffiċċju rreġistrat tagħha jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fit-territorju li għalih japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew fit-territorju tal-Ukraina rispettivament, hija ma tkunx ikkunsidrata bħala persuna ġuridika tal-Parti tal-UE jew persuna ġuridika tal-Ukraina rispettivament, sakemm l-operazzjonijiet tagħha ma jkollhomx rabta reali u kontinwa mal-ekonomija tal-Parti tal-UE jew tal-Ukraina rispettivament;

6. Minkejja l-paragrafu preċedenti, il-kumpaniji tat-tbajhir stabbiliti barra l-Parti tal-UE jew l-Ukraina u kkontrollati minn persuni bin-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina, rispettivament, għandhom ikunu wkoll benefiċjarji tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni rispettiva ta' dak l-Istat Membru jew tal-Ukraina u jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew tal-Ukraina;
7. "sussidjarju" ta' persuna ġuridika ta' Parti tfisser persuna ġuridika li tkun effettivament ikkontrollata minn persuna ġuridika oħra ta' dik il-Parti ⁽²⁾;

⁽¹⁾ Il-fatt biss li tkun meħtieġa viża għall-persuni fiżiċi ta' ċerti pajjiżi u mhux għal dawk ta' pajjiżi oħra ma għandux jitqies bħala li jħassar jew idgħajf il-benefiċċji skont il-Ftehim.

⁽²⁾ Persuna ġuridika tkun ikkontrollata jew minn persuna ġuridika oħra, jekk din tal-aħħar ikollha s-setgħa li taħtar maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li tidderiġi legalment b'mod ieħor l-azzjonijiet tagħha.

8. “fergħa” ta’ persuna ġuridika tfisser post ta’ negozju li ma jkollhux il-personalità ġuridika li:
 - (a) għandu l-apparenza ta’ permanenza bħal estensjoni ta’ korp prinċipali;
 - (b) għandu struttura maniġerjali; u
 - (c) huwa materjalment mgħammar biex jagħmel negozju ma’ partijiet terzi sabiex dawn tal-aħħar, minkejja li jkunu jafu li se jkun hemm rabta legali mal-korp prinċipali jekk din tkun meħtieġa, li tiegħu l-uffiċċju ġenerali jinsab barra, ma għandhomx għalfejn jittrattaw direttament ma tali korp prinċipali iżda jistgħu jwettqu tranżazzjonijiet ta’ negozju fil-post tan-negozzju li jikkostitwixxi l-estensjoni;
9. “stabbiliment” tfisser:
 - (a) fir-rigward tal-persuni ġuridiċi tal-Parti tal-UE jew l-Ukraina, id-dritt li jibdew u jsegwu attivitajiet ekonomiċi billi jwaqqfu persuna ġuridika u/jew joħlqu fergħa jew uffiċċju rappreżentativ fl-Ukraina jew fil-Parti tal-UE rispettivament, inkluż l-akkwist ta’ tali;
 - (b) fir-rigward ta’ persuni fiżiċi, id-dritt tal-persuni fiżiċi tal-Parti tal-UE jew tal-Ukraina li jwettqu attivitajiet ekonomiċi bħala persuni li jaħdmu għal rashom (self-employed), u li jwaqqfu impriżi, partikolarment kumpanniji, li huma jikkontrollaw effettivament.
10. “investitur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta’ Parti li tfittex li twestaq jew fil-fatt twestaq attività ekonomika billi twaqqaf stabbiliment;
11. “attivitajiet ekonomiċi” tinkuldi attivitajiet ta’ karattru industrijali, kummerċjali u professjonali u attivitajiet ta’ nies tas-sengħa u ma tinkludix attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva;
12. “operazzjonijiet” tfisser it-tweqqif ta’ attivitajiet ekonomiċi;
13. “servizzi” tinkludi kwalunkwe servizz fi kwalunkwe settur ħlief is-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju ta’ awtorità governattiva;
14. “servizz u attivitajiet oħra mwettqa fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva” huma servizzi jew attivitajiet li huma mwettqa la fuq bażi kummerċjali u linqas f’kompetizzjoni ma’ operatur wieħed jew aktar;
15. “forniment transkonfinali ta’ servizzi” tfisser forniment ta’ servizz:
 - (a) mit-territorju ta’ Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra;
 - (b) fit-territorju ta’ Parti lil konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;
16. “fornitur ta’ servizz” ta’ Parti tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta’ Parti li tfittex li tforni jew fil-fatt tforni servizz, inkluż stabbiliment;
17. “persunal ewlieni” tfisser persuni fiżiċi impjegati fi ħdan persuna ġuridika ta’ Parti li ma tkunx organizzazzjoni mhux għall-profitt u li jkunu responsabbli għat-twaqqif jew il-kontroll, l-amministrazzjoni u l-operat xieraq ta’ stabbiliment.

“Persunal ewlieni” tinkludi viżitaturi kummerċjali responsabbli għat-twaqqif ta’ stabbiliment u għat-trasferimenti intrakorporattivi.

- (a) “Viżitaturi kummerċjali” tfisser persuni fiżiċi li jaħdmu f’pożizzjoni għolja li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta’ stabbiliment. Huma ma jipparteċipawx fi tranżazzjonijiet diretti mal-pubbliku ġenerali u ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti;
- (b) “ħaddiema bi trasferiment intrakorporattivi” tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta’ Parti jew li kienu soċji fiha (ħlief bħala azzjonisti maġġoritarji) għal mill-inqas sena u li jiġu trasferiti temporanjament għal stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra. Il-persuna fiżika kkonċernata trid tappartjeni f’waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) Maniġers:

Persuni li jaħdmu f’kariga għolja fi ħdan persuna ġuridika, li primarjament jidderiġu l-ġestjoni tal-istabbiliment, filwaqt li jkunu taħt is-sorveljanza jew id-direzzjoni ġenerali prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew tal-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, inklużi:

- dawk li jmexxu l-istabbiliment jew dipartiment jew sottodivizjoni tiegħu;
- dawk li jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol ta’ impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħra;
- dawk li jkollhom l-awtorità biex personalment jirreklutaw u jkeċċu jew jirikkmandaw reklutaġġ u tkeċċija ta’ persunal jew jieħdu azzjonijiet oħra relatati.

(ii) Speċjalisti:

Persuni li jaħdmu fi ħdan persuna ġuridika li għandhom għarfien mhux komuni essenzjali għall-produzzjoni, it-tagħmir ta’ riċerka, it-tekniki jew il-ġestjoni tal-istabbiliment. Fil-valutazzjoni ta’ dan l-għarfien, għandu jitqies mhux biss l-għarfien speċifiku għall-istabbiliment, iżda wkoll jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta’ kwalifika għal tip ta’ xogħol jew negozju li jeħtieġ għarfien tekniku speċifiku, inkluża sħubija fi professjoni akkreditata.

18. “apprendisti gradwati” tfisser persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta’ dik il-Parti għal mill-inqas sena, li jkollhom lawrija universitarja u li jkunu trasferiti temporanjament għal stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra għal skopijiet ta’ żvilupp tal-karriera jew biex jiksbu taħriġ dwar tekniki jew metodi tan-negozju ⁽¹⁾;
19. “bejjieġha ta’ servizzi kummerċjali” tfisser persuni fiżiċi li huma rappreżentanti ta’ fornitur ta’ servizz ta’ Parti li jkunu qegħdin ifittxu dħul temporanju fit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jinnegozjaw il-bejgħ ta’ servizzi jew jidħlu fi ftehimiet biex ibigħu servizzi għal dak il-fornitur ta’ servizz. Huma ma jinvolvux ruħhom f’bejgħ dirett lill-pubbliku ġenerali u ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti;
20. “fornituri ta’ servizzi kuntrattwali” tfisser persuni fiżiċi impjegati minn persuna ġuridika ta’ Parti li ma jkollhiex stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt bona fide ⁽²⁾ biex tipprovdi servizzi ma’ konsumatur finali fil-Parti tal-aħħar li jeħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha f’dik il-Parti sabiex tkun tista’ twettaq il-kuntratt għall-forniment ta’ servizzi;

⁽¹⁾ L-istabbiliment riċeventi jista’ jkun meħtieġ iressaq programm ta’ taħriġ li jkopri t-tul ta’ żmien tas-soġġorn għal approvazzjoni minn qabel, li juri li l-fini taż-żjara huwa t-taħriġ. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li t-taħriġ ikun marbut mal-lawrija universitarja li tkun inkisbet.

⁽²⁾ Il-kuntratt ta’ servizz għandu jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti tal-Parti fejn jitwettaq il-kuntratt.

21. "professionisti indipendenti" tfisser persuni fiżiċi involuti fil-forniment ta' servizz u stabbiliti bħala impjegati għal rashom fit-territorju ta' Parti li ma jkollhom l-ebda stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra u li jkunu kkonkludew kuntratt bona fide⁽¹³⁾ biex jipprovdu servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti tal-aħħar li jeħtieġ il-preżenza tagħhom fuq bażi temporanja f'dik il-Parti sabiex twettaq il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi.

Taqsimat 2

Stabbiliment

Artikolu 87

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsimat tapplika għal miżuri adottati jew miżmuma mill-Partijiet li jaffettwaw l-istabbiliment⁽¹⁾ fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi kollha, bl-eċċezzjoni ta':

- (a) estrazzjoni, manifattura u pproċessar⁽²⁾ ta' materjali nukleari;
- (b) produzzjoni jew kummerċ fl-armi, fil-munizzjoni jew f'materjal belliku;
- (c) servizzi awdjoviżivi;
- (d) kabotaġġ marittimu nazzjonali⁽³⁾; u
- (e) servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali⁽⁴⁾, sew jekk skedati kif ukoll jekk mhux skedati, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħliet:
 - (i) tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jkun tneħħa mis-servizz;
 - (ii) bejgħ u promozzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;
 - (iii) sistemi ta' riservazzjoni permezz tal-kompjuter (minn hawn 'il quddiem msejħa "CRS");
 - (iv) servizzi tal-groundhandling;
 - (v) servizzi ta' tħaddim tal-ajruport;

Artikolu 88

Trattament nazzjonali u trattament tan-Nazzjoni l-Aktar Iffavorit

1. Suġġett għar-riservazzjonijiet elenkati fl-Anness XVI-D ma' dan il-Ftehim, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Ukraina tagħti:

- (i) trattament xejn inqas favorevoli, fir-rigward tal-istabbiliment ta' sussidjarju, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi tal-Parti tal-UE, minn dak mogħti lill-persuni ġuridiċi, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi proprji jew lil persuni ġuridiċi, fergħat u uffiċċji rappreżentattivi ta' pajjiżi terzi, skont liema wieħed minnhom huwa l-aħjar trattament;

⁽¹⁾ Il-protezzjoni tal-investimenti, ħliet it-trattament li joħroġ mill-Artikolu 88 (Trattament Nazzjonali), inkluża l-proċedura għas-soluzzjoni ta' disputi bejn investitur u l-Istat, mhijiex koperta minn dan il-Kapitolu.

⁽²⁾ Għal ċertezza akbar, l-iproċessar ta' metarjali nukleari jinkludi l-attivitajiet kollha li jinsabu fi UN ISIC Rev.3.1 code 2330.

⁽³⁾ Bla ħsara għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti, kabotaġġ nazzjonali skont dan il-kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fl-Konvenzjoni tan-NU dwar Il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fl-Ukraina jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁴⁾ Il-kondizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq fit-trasport bl-ajru jkun trattat bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukraina dwar l-istabbiliment ta' Żona Komuni tal-Avjazzjoni.

(ii) trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-persuni ġuridiċi, ferġat u uffiċċji rappreżentattivi tagħha, fir-rigward tal-operazzjonijiet tas-sussidjarji, ferġat jew uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi tal-Parti tal-UE fl-Ukraina, ladarba stabbiliti; jew lil persuni ġuridiċi, ferġat u uffiċċji rappreżentattivi ta' pajjiżi terzi, skont liema wieħed minnhom huwa l-aħjar trattament ⁽¹⁾;

2. Suġġett għar-riservazzjonijiet elenkati fl-Anness XVI-A ma' dan il-Ftehim, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Parti tal-UE tagħti:

(i) trattament xejn inqas favorevoli, fir-rigward tal-istabbiliment ta' sussidjarju, ferġat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi tal-Ukraina, minn dak mogħti mill-Parti tal-UE lil persuni ġuridiċi, ferġat u uffiċċji rappreżentattivi proprji jew lil persuni ġuridiċi, ferġat u uffiċċji rappreżentattivi ta' pajjiżi terzi, skont liema wieħed minnhom huwa l-aħjar trattament

(ii) trattament xejn inqas favorevoli minn dak mogħti lill-persuni ġuridiċi, ferġat u uffiċċji rappreżentattivi tagħha, fir-rigward tal-operazzjonijiet tas-sussidjarji, ferġat jew uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi tal-Ukraina fil-Parti tal-UE, ladarba stabbiliti; jew lil persuni ġuridiċi, ferġat u uffiċċji rappreżentattivi ta' pajjiżi terzi, skont liema wieħed minnhom huwa l-aħjar trattament ⁽²⁾;

3. Suġġett għal riservi elenkati fl-Annessi XVI-A u XVI-D ma' dan il-Ftehim, il-Partijiet ma jadottawx kwalunkwe regolament jew miżura ġodda li jintroduċu diskriminazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' persuni ġuridiċi tal-Parti tal-UE jew tal-Ukraina fuq it-territorju tagħhom jew fir-rigward tal-operazzjoni tagħhom, ladarba stabbiliti, meta mqabbla mal-persuni ġuridiċi proprji tagħhom.

Artikolu 89

Analiżi

1. Bil-ħsieb li jkunu liberalizzati progressivament il-kondizzjonijiet ta' stabbiliment, il-Partijiet regolarment jirriveđu l-qafas legali ⁽³⁾ ta' stabbiliment u l-klima ta' stabbiliment, konsistenti mal-impjenji tagħhom skont ftehimiet internazzjonali.

2. Fil-kuntest tar-reviżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jivvalutaw kwalunkwe ostakoli għall-istabbiliment li jkunu ltaqgħu magħhom u jibdeu negozjati sabiex jindirizzaw tali ostakoli, bil-għan li jsaħħu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u biex jinkludu dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tal-investment u proċeduri ta' soluzzjoni ta' disputa bejn investitur u l-Istat.

Artikolu 90

Ftehimiet oħra

Xejn f'dan il-Kapitolu ma jitqies li jillimita d-drittijiet tal-investituri tal-Partijiet li jibbenefikaw minn kwalunkwe trattament aktar favorevoli pprovdut fi kwalunkwe ftehim internazzjonali eżistenti jew futur relatat mal-investment li għalih ikunu partijiet Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-Ukraina.

Artikolu 91

Trattament standard għal ferġat u uffiċċji rappreżentattivi

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 88 ta' dan il-Ftehim ma jipprekludix l-applikazzjoni, min-naħa ta' Parti minnhom, ta' regoli partikolari li jikkonċernaw l-istabbiliment u l-operazzjoni fit-territorju tagħha ta' ferġat u uffiċċji rappreżentattivi ta' persuni ġuridiċi ta' Parti oħra li m'humiex inkorporati fit-territorju tal-ewwel Parti, li huma ġustifikati minn differenzi legali jew tekniċi bejn dawn il-ferġat u uffiċċji rappreżentattivi meta mqabbla ma' ferġat u uffiċċji rappreżentattivi ta' kumpanniji inkorporati fit-territorju tagħha jew, fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, għal raġunijiet ta' prudenza.

2. Id-differenza fit-trattament ma tmurx lil hinn minn dak strettament neċessarju bħala riżultat ta' dawn id-differenzi legali jew tekniċi jew, fir-rigward tas-servizzi finanzjarji, għal raġunijiet ta' prudenza.

⁽¹⁾ Dan l-obbligu mhux estiż għad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' investment inkluż dispożizzjonijiet relatati ma' proċeduri ta' soluzzjoni ta' disputi bejn investitur u l-Istat, kif jinsabu fi ftehimiet oħra u li mhumiex koperti minn dan il-Kapitolu.

⁽²⁾ Dan l-obbligu mhux estiż għad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni ta' investment li mhumiex koperti minn dan il-Kapitolu inkluż dispożizzjonijiet relatati ma' proċeduri soluzzjoni ta' disputi bejn investitur u l-Istat, kif jinsabu fi ftehimiet oħra.

⁽³⁾ Dan jinkludi dan il-Kapitolu u l-Annessi XVI-A u XVI-D

T a q s i m a 3

Provvista transkonfinali ta' servizzi

Artikolu 92

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet li jaffettwaw il-forniment transkonfinali tas-setturi tas-servizzi kollha bl-eċċezzjoni ta':

- (a) servizzi awdjoviżivi ⁽¹⁾;
- (b) kabotaġġ marittimu nazzjonali ⁽²⁾; u
- (c) servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali ⁽³⁾, sew jekk skedati kif ukoll jekk mhux skedati, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħliet:
 - (i) tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru li matulhom inġenju tal-ajru jkun tneħħa mis-servizz;
 - (ii) bejgħ u promozzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;
 - (iii) servizzi CRS;
 - (iv) servizzi tal-groundhandling;
 - (v) servizzi ta' tħaddim tal-ajruport;

Artikolu 93

Aċċess għas-suq

1. Rigward l-aċċess għas-swieq permezz tal-provvista transkonfinali tas-servizzi, kull Parti tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak previst fl-impenji speċifiċi inklużi fl-Anness XVI-B u l-Anness XVI-E ma' dan il-Ftehim.

2. Fis-setturi fejn ikunu meħuda impenji dwar l-aċċess għas-suq, il-miżuri li Parti ma tadottax jew iżżomm fuq il-bażi ta' sottodivizjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness XVI-B u l-Anness XVI-E ma' dan il-Ftehim, huma definiti bħala:

- (a) limitazzjonijiet għan-numru ta' fornituri tas-servizzi kemm fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, fornituri esklużivi ta' servizz jew ir-rekwiżiti ta' test ta' ħtiġijiet ekonomiċi;
- (b) limitazzjonijiet fuq il-valur totali ta' tranżazzjonijiet ta' servizzi jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

⁽¹⁾ L-esklużjoni tas-servizzi awdjoviżivi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu hija mingħajr ħsara għall-koperazzjoni dwar is-servizzi awdjoviżivi skont it-Titolu V dwar il-Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali ta' dan il-Ftehim.

⁽²⁾ Bla ħsara għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, il-kabotaġġ marittimu nazzjonali skont dan il-Kapitolu jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew merkanzija bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fl-Ukraina jew fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

⁽³⁾ Il-kondizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq fit-trasport bl-ajru jkun trattat bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukraina dwar l-istabbiliment ta' Żona Komuni tal-Avjazzjoni.

- (c) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz imfissra f'termini tal-unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Artikolu 94

Trattament Nazzjonali

1. Fis-setturi fejn l-impenji dwar l-aċċess għas-suq ikunu stabbiliti fl-Anness XVI-B u l-Anness XVI-E ma' dan il-Ftehim u suġġetti għal kwalunkwe kondizzjonijiet jew kwalifiki stipulati fih, kull Parti tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw il-forniment transkonfinali ta' servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lis-servizz u lill-fornituri ta' servizzi simili tagħha stess.
2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament formalment l-istess jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi simili tagħha stess.
3. Trattament formalment identiku u trattament formalment differenti jiġu kkunsidrati bħala inqas favorevoli fil-każ li jimmodifikaw il-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur servizzi jew fornituri ta' servizzi tal-Parti meta pparagunat mas-servizzi jew il-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra.
4. L-impenji speċifiċi meħuda skont dan l-Artikolu ma għandhomx jiġu interpretati b'tali mod li jeħtieġu li xi Parti tikkompensa għal żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi jew il-fornituri tas-servizzi rilevanti.

Artikolu 95

Listi ta' impenji

1. Is-setturi liberalizzati minn kull waħda mill-Partijiet skont dan il-Kapitolu u, permezz ta' riservi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali applikabbli għas-servizzi u għall-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra f'dawk is-setturi huma stabbiliti fil-listi ta' impenji fl-Anness XVI-B u l-Anness XVI-E ma' dan il-Ftehim.
2. Mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet kif jeżistu jew kif jistgħu jinjalghu skont il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-Televiżjoni Transfronterjali tal-1989 u l-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Koproduzzjoni Ċinematografika tal-1992, il-listi tal-impenji fl-Annessi XVI-B u l-Anness XVI-E ma jinkludux impenji fuq servizzi awdjoviżivi.

Artikolu 96

Analiżi

Bil-ħsieb li jkun hemm liberalizzazzjoni progressiva tal-fornitura tas-servizzi transkonfinali bejn il-Partijiet, il-Kumitat għall-Kummerċ regolarment jirrievdi l-listi tal-impenji imsemmija fl-Artikolu 95 ta' dan il-Ftehim. Din ir-reviżjoni se tqis il-livell ta' avvanz fir-rigward tat-transpożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis tal-UE msemmi fl-Anness XVII ma' dan il-Ftehim u l-impatt li jirriżulta fuq l-eliminazzjoni tal-ostakoli li fadal għall-provvista transkonfinali tas-servizzi bejn il-Partijiet.

Taqsim 4

Preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skopijiet ta' negozju

Artikolu 97

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsim 4 tapplika għal miżuri tal-Partijiet li jikkonċernaw id-dħul u l-permanenza temporanja⁽¹⁾ ta' kategoriji ta' persuni fiżiċi fit-territorju tagħhom li jipprovdu servizzi kif definiti fl-Artikolu 86(17) sa (21) ta' dan il-Ftehim.

(¹) Il-ħtiġijiet l-oħra kollha tal- liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet f'dak li għandhom x'jaqsmu dħul, żjara, xogħol u miżuri ta' sigurtà soċjali jkomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar it-tul ta' permanenza u s-salarji minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar is-salarji. Impenji ta' persuni ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett ta' moviment tali jinterferixxi ma' jew b'xi mod ieħor jaffettwa r-riżultat ta' kwalunke disputa jew negozjati bejn il-ħaddiema u l-management.

*Artikolu 98***Persunal prinċipali**

1. Persuna ġuridika tal-Parti tal-UE jew persuna ġuridika tal-Ukraina tkun intitolata li timpjega, jew tkun impjegata minn waħda mis-sussidjarji, fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi tagħha stabbiliti fit-territorju tal-Ukraina jew tal-Parti tal-UE rispettivament, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-pajjiż ospitanti tal-istabbiliment, impjegati li għandhom in-nazzjonalità tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea u tal-Ukraina rispettivament sakemm tali impjegati huma persunal prinċipali kif definit fl-Artikolu 86 ta' dan il-Ftehim li huma impjegati esklużivament minn persuni ġuridiċi, sussidjarji, fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi. Il-permessi ta' residenza u ta' xogħol ta' dawn l-impjegati jkopru biss il-perjodu ta' dan l-impjeg. Id-dħul u l-permanenza temporanja ta' tali impjegati tkun għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin.

2. Id-dħul u l-permanenza temporanja fit-territorju tal-Parti tal-UE jew l-Ukraina ta' persuni fiżiċi tal-Ukraina u tal-Parti tal-UE rispettivament ikunu permessi, meta dawn il-persuni fiżiċi huma rappreżentanti tal-persuni ġuridiċi u huma viżitaturi għan-negozju fit-tifsira tal-Artikolu 86(17)(a) ta' dan il-Ftehim. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dħul u l-permanenza temporanja għal viżitaturi għan-negozju jkunu għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 ġurnata fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

*Artikolu 99***Apprendisti gradwati**

Persuna ġuridika tal-Parti tal-UE jew persuna ġuridika tal-Ukraina tkun intitolata li timpjega, jew tkun impjegata minn waħda mis-sussidjarji, fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi tagħha stabbiliti fit-territorju tal-Ukraina jew tal-Parti tal-UE rispettivament, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-pajjiż ospitanti tal-istabbiliment, apprendisti gradwati li għandhom in-nazzjonalità tal-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea u tal-Ukraina rispettivament sakemm ikunu impjegati esklużivament minn persuni ġuridiċi, sussidjarji, fergħat jew uffiċċji rappreżentattivi. Id-dħul u l-permanenza temporanja ta' tali impjegati jkunu għal perjodu ta' mhux aktar minn sena.

*Artikolu 100***Bejjiegħa ta' servizzi lin-negozju**

Kull Parti tippermetti d-dħul u l-permanenza temporanja għal bejjiegħa ta' servizzi lin-negozju għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 ġurnata fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

*Artikolu 101***Fornituri ta' servizz kuntrattwali**

1. Il-Partijiet jafferimaw mill-ġdid l-obbligi rispettivi tagħhom li joħorġu mill-impenji tagħhom skont il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ tas-Servizzi tal-1994 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "GATS") fir-rigward tad-dħul u l-permanenza temporanja ta' fornituri ta' servizzi kuntrattwali.

2. Għal kull settur elenkat hawn taħt, kull Parti tippermetti l-forniment ta' servizzi fit-territorji tagħha minn fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Parti l-oħra, suġġett għall-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Annessi XVI-C u XVI-F ma' dan il-Ftehim dwar riservi dwar fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti.

- (a) Servizzi legali
- (b) Servizzi tal-kontabbiltà u taż-żamma tal-kotba
- (c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa
- (d) Servizzi ta' arkitettura, ipplanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ
- (e) Servizzi ta' inġinerija, servizzi ta' inġinerija integrata
- (f) Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati
- (g) Servizzi ta' riċerka u żvilupp

- (h) Reklamar
- (i) Servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni
- (j) Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni
- (k) Servizzi ta' ttestjar tekniku u ta' analiżi
- (l) Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika
- (m) Manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir fl-kuntest ta' kuntratt ta' servizz ta' wara l-bejgħ jew wara lokazzjoni
- (n) Servizzi ta' traduzzjoni
- (o) Xogħol ta' investigazzjoni ta' siti
- (p) Servizzi ambjentali
- (q) Servizzi ta' aġenziji tal-ivjaġġar u operaturi tal-vjaġġi
- (r) Servizzi ta' intratteniment

3. L-impenji li l-Partijiet jidħlu għalihom huma suġġetti għall-kondizzjonijiet segwenti:

- (a) Il-persuni fiżiċi jridu jkunu involuti fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala impjegati ta' persuna ġuridika, li kisbet kuntratt ta' servizz li ma jeċċedix it-tmax-il xahar.
- (b) Il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra għandhom ikunu qed joffru tali servizzi bħala impjegati tal-persuna ġuridika li qed tipprowdi s-servizzi għal mill-inqas is-sena immedjatament qabel id-data meta tressqet applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra. Barra minn hekk, il-persuni fiżiċi, fid-data meta tressqet applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra, irid ikollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali ⁽¹⁾ fis-settur tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt;
- (c) Il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jrid ikollhom:
 - (i) lawrija universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ⁽²⁾; u
 - (ii) kwalifiki professjonali fejn dawn huma meħtieġa biex tkun eżerċitata attività skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew ir-rekwiżiti legali tal-Parti fejn huwa fornuta is-servizz.
- (d) Il-persuna fiżika ma tirċevix remunerazzjoni għall-provvista ta' servizzi fit-territorju tal-Parti l-oħra għajr remunerazzjoni mħallsa mill-persuna ġuridika li timpjega l-persuna fiżika;
- (e) Id-dħul u l-permanenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-Parti kkonċernata jkunu għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn sitt xhur jew, fil-każ tal-Lussemburgu, ta' ħamsa u għoxrin ġimgħa fi kwalunkwe perjodu ta' tmax-il xahar jew sakemm idum il-kuntratt, liema minnhom ikun l-inqas.
- (f) L-aċċess mogħti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix jedd biex ikun eżerċitat it-titolu professjonali tal-Parti fejn ikun ipprovdut is-servizz.

⁽¹⁾ Miksuba wara li ntlaħqet l-età maġġuri.

⁽²⁾ Fejn il-lawrija jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun ipprovdut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk tkunx ekwivalenti għal lawrija universitarja meħtieġa fit-territorju tagħha.

- (g) In-numru ta' persuni koperti mill-kuntratt tas-servizz ma jkunx akbar milli jkun meħtieġ sabiex ikun sodisfatt il-kuntratt, kif jista' jkun mitlub mil-liġijiet, mir-regolament u jew minn rekwiżiti legali oħra tal-Parti fejn ikun provdut is-servizz.
- (h) Limitazzjonijiet diskriminatorji oħra, inkluż l-għadd ta' persuni fiżiċi fil-forma ta' testijiet tal-bżonnijiet ekonomiċi, kif speċifikati fl-Anness XVI-C u XVI-F ma' dan il-Ftehim dwar riservi fuq fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti.

Artikolu 102

Professjonisti indipendenti

1. Il-Partijiet jafferemaw mill-ġdid l-obbligi rispettivi tagħhom li joħorġu mill-impenji tagħhom skont il-GATS fir-rigward tad-dħul u l-permanenza temporanja ta' professjonisti indipendenti.
2. Għal kull settur elenkat hawn taħt, il-Partijiet jippermettu l-forniment ta' servizzi fit-territorji tagħhom ta' professjonisti indipendenti tal-Parti l-oħra, suġġett għall-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u fl-Annessi XVI-C u XVI-F ma' dan il-Ftehim dwar riservi dwar fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti.
 - (a) Servizzi legali
 - (b) Servizzi ta' arkitettura, ippjanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ
 - (c) Inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata
 - (d) Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati
 - (e) Servizzi ta' konsulenza maniġerjali u servizzi relatati ma' konsulenza maniġerjali
 - (f) Servizzi ta' traduzzjoni
3. L-impenji li l-Partijiet jidħlu għalihom huma suġġetti għall-kondizzjonijiet segwenti:
 - (a) Il-persuni fiżiċi jkunu involuti fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala persuni li jaħdmu għal rashom stabbiliti fil-Parti l-oħra u jkunu kisbu kuntratt tas-servizz għal perjodu li ma jeċċedix it-12-il xahar.
 - (b) Il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jrid ikollhom, fid-data meta titressaq applikazzjoni għad-dħul fil-Parti l-oħra, mill-inqas sitt snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li hija s-suġġett tal-kuntratt;
 - (c) Il-persuni fiżiċi li jidħlu fil-Parti l-oħra jrid ikollhom:
 - (i) lawrija universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti ⁽¹⁾; u
 - (ii) kwalifiki professjonali fejn dawn huma meħtieġa biex tkun eżerċitata attività skont il-liġi, ir-regolamenti jew rekwiżiti legali oħra tal-Parti fejn huwa fornut is-servizz.
 - (d) Id-dħul u l-permanenza temporanja ta' persuni fiżiċi fil-Parti kkonċernata jkunu għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn sitt xhur jew, fil-każ tal-Lussemburgu, ta' 25 ġimgħa, fi kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar jew għal kemm idum il-kuntratt, liema minnhom ikun l-inqas.
 - (e) L-aċċess konċess skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huwa relatat biss mal-attività ta' servizz li hija s-suġġett tal-kuntratt; Huwa ma jagħtix intitolament għall-użu ta' titolu professjonali tal-Parti fejn is-servizz huwa provdut;

⁽¹⁾ Fejn il-lawrija jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fil-Parti fejn ikun ipprovdut is-servizz, dik il-Parti tista' tevalwa jekk tkunx ekwivalenti għal lawrija universitarja meħtieġa fit-territorju tagħha.

- (f) Limitazzjonijiet diskriminatorji oħra, inkluż l-għadd ta' persuni fiżiċi fil-forma ta' testijiet tal-bżonnijiet ekonomiċi, li huma speċifikati fl-Anness XVI-C u XVI-F ma' dan il-Ftehim dwar riservi fuq fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti;

Taqsim 5

Qafas regolatorju

Subtaqsima 1

Regolamentazzjoni domestika

Artikolu 103

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Id-dixxiplini segwenti japplikaw għal miżuri mill-Partijiet relatati mal-liċenzjar li jaffetwaw:
 - (a) il-provvista transkonfinali ta' servizzi
 - (b) l-istabiliment fit-territorju tagħhom ta' persuni ġuridiċi u fiżiċi definiti fl-Artikolu 86 ta' dan il-Ftehim; jew
 - (c) il-permanenza temporanja fit-territorju tagħhom ta' persuni ġuridiċi u fiżiċi definiti fl-Artikolu 86(17) sa (21) ta' dan il-Ftehim;
2. Fil-każ tal-provvista transkonfinali ta' servizzi, dawn id-dixxiplini japplikaw biss għal setturi li għalihom il-Parti ħadet impenji speċifiċi u sal-punt li dawn l-impenji speċifiċi japplikaw. Fil-każ ta' stabbiliment, dawn id-dixxiplini ma japplikawx għal setturi sal-punt li riserva hija elenkata skont l-Annessi XVI-A u XVI-D ma' dan il-Ftehim. Fil-każ ta' permanenza temporanja, dawn id-dixxiplini ma japplikawx għal setturi li għalihom hija elenkata riserva skont l-Annessi XVI-C u XVI-F ma' dan il-Ftehim.
3. Dawn id-dixxiplini ma japplikawx għal miżuri sal-punt li jikkostitwixxu limitazzjonijiet suġġetti għall-iskedar skont l-Artikoli 88, 93 u 94 ta' dan il-Ftehim.
4. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:
 - (a) "Liċenzjar" tfisser il-proċess li permezz tiegħu fornitur ta' servizz jew investitur huwa fil-fatt meħtieġ jieħu passi sabiex jikseb deċiżjoni minn awtorità kompetenti dwar awtorizzazzjoni biex jipprovdi servizz, inkluż permezz ta' stabbiliment, jew rigward l-awtorizzazzjoni biex jistabbilixxi ruħu fattività ekonomika għajr servizzi, inkluż deċiżjoni biex temenda jew tiġġedded tali awtorizzazzjoni.
 - (b) "Awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe gvern u awtorità ċentrali, reġjonali jew lokali jew korp nongovernattiv fl-eżerċizzju ta' setgħat delegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali, li tiegħu deċiżjoni dwar il-liċenzjar.
 - (c) "Proċeduri ta' liċenzjar" tfisser il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti bħala parti mil-liċenzjar.

Artikolu 104

Kondizzjonijiet għal-liċenzjar

1. Il-liċenzjar ikun bbażat fuq kriterji li jżommu lill-awtoritajiet kompetenti milli jeżerċitaw is-setgħa tagħhom ta' evalwazzjoni b'mod arbitrarju.
2. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkunu:
 - (a) proporzjonati għal objettiv leġittimu ta' politika pubblika;
 - (b) ċari u mingħajr ambigwità;
 - (c) oġġettivi;

(d) prestabbiliti;

(e) magħmulin disponibbli għal pubbliku minn qabel;

(f) trasparenti u aċċessibbli.

3. Liċenzja tingħata malli, fid-dawl ta' eżaminazzjoni xierqa, ikun stabbilit li l-kondizzjonijiet biex tinkiseb liċenzja kienu sodisfatti.

4. L-Artikolu 286 ta' dan il-Ftehim japplika għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

5. Fejn in-numru ta' liċenzji disponibbli għal attività partikolari hu limitat minħabba n-nuqqas ta' riżorsi naturali disponibbli jew kapaċità teknika, il-Partijiet japplikaw proċedura ta' għażla għal kandidati potenzjali li ttiprovdi garanziji sħaħ ta' imparzjalità u trasparenza, inkluż, b'mod partikolari, reklamar adegwat dwar it-tneđija, il-kondotta u t-tlestija tal-proċedura.

6. Suġġett għad-dsipożizzjonijiet speċifikati minn dan l-Artikolu, fl-istabiliment tar-regoli għal proċedura ta' selezzjoni, il-Partijiet jistgħu jqisu oġġettivi leġittimi ta' politika pubblika inkluż kunsiderazzjonijiet ta' saħħa, sigurta, il-protezzjoni tal-ambjent u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

Artikolu 105

Proċeduri tal-liċenzjar

1. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' liċenzjar ikunu ċari, ikunu disponibbli għall-pubbliku minn qabel u jkunu tali li jipprovdu lill-applikanti b'garanzija li l-applikazzjoni tagħhom tkun indirizzata b'mod oġġettiv u imparzjali.

2. Il-proċeduri u l-formalitajiet ta' liċenzjar ikunu sempliċi kemm jista' jkun u ma jikkomplicawx jew idewwmu l-provvista tas-servizz mingħajr bżonn. Kwalunkwe miżati għal-liċenzjar ⁽¹⁾ li l-applikanti jistgħu jġarrbu b'riżultat tal-applikazzjoni tagħhom ikunu raġonevoli u proporzjonati mal-kost tal-proċeduri ta' liċenzjar inkwistjoni.

3. Proċeduri u formalitajiet ta' liċenzjar jipprovdu lill-applikanti b'garanzija li l-applikazzjoni tagħhom se tkun proċessata f'perjodu raġonevoli li jkun ippubblikat minn qabel. Il-perjodu jibda minn żmien meta d-dokumentazzjoni kollha kienet irċevuta mill-awtoritajiet kompetenti. Il-perjodu ta' żmien jista' jiġi estiż, mill-awtorità kompetenti, għal żmien raġonevoli, meta ġġustifikat bil-komplessità tal-kwistjoni. L-estensjoni u l-perjodu tiegħu għandu jkun debitament motivati u għandhim jiġu notifikati lill-applikant qabel ma jispiċċa l-perjodu oriġinali.

4. Fil-każ ta' applikazzjoni mhux kompluta, l-applikant ikun infurmat malajr kemm jista' jkun bil-bżonn li jipprovdi dokumenti addizzjonali. F'dan il-każ, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jista' jkun sospiż mill-awtoritajiet kompetenti, sakemm id-dokumentazzjoni kollha tkun irċevuta mill-awtoritajiet kompetenti.

5. Jekk applikazzjoni għal liċenzja hija rrifjutata, l-applikant ikun infurmat mingħajr dewmien żejjed. Fil-prinċipju, l-applikant, fuq talba, ikun informat bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni u dwar il-qafas ta' żmien li għandu għal appell kontra d-deċiżjoni.

Subtaqsima 2

Dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali

Artikolu 106

Rikonoxximent reċiproku

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma jimpedixxi lil xi Parti milli teħtieġ li l-persuni fiżiċi jrid ikollhom il-kwalifiki u/jew l-esperjenza professjonali neċessarja speċifikata fit-territorju fejn jiġi pprovdut is-servizz, għas-settur tal-attività kkonċernat.

⁽¹⁾ Il-miżati tal-liċenzji ma jinkludux miżati għall-użu ta' riżorsi naturali, għall-irkant, it-tfiġh ta' offerti jew mezzi oħra nondiskriminatorji għall-ġhoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet mandatorji għall-forniment ta' servizz universali.

2. Il-Partijiet jinkoraġġixxu lill-korpi professjonali rilevanti fit-territorji rispettivi tagħhom biex jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar rikonossiment reċiproku għall-Kumitat għall-Kummerċ, għall-iskop tat-twettiq, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-investituri u l-fornituri tas-servizzi tal-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, operazzjoni u ċertifikar tal-investituri u l-fornituri tas-servizzi u, b'mod partikolari, servizzi professjonali.

3. Malli tasal rakkomandazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu, fi żmien raġonevoli, jeżamina r-rakkomandazzjoni bil-ħsieb li jstabbilixxi jekk hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

4. Meta, f'konformità mal-proċedura stipulata fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jinstab li rakkomandazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tkun konsistenti ma' dan il-Ftehim u hemm livell biżżejjed ta' korrispondenza bejn ir-regolamenti rilevanti tal-Partijiet, sabiex tiġi implimentata dik ir-rakkomandazzjoni, il-Partijiet jinnegozjaw ftehim dwar ir-ikonossiment reċiproku tar-rekwiżiti, tal-kwalifiki, tal-liċenzi u ta' regolamenti oħrajn.

5. Kwalunkwe ftehim bħal dan għandu jkun f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tad-WTO u, b'mod partikolari, l-Artikolu VII tal-GATS.

Artikolu 107

Trasparenza u żvelar ta' informazzjoni kunfidenzjali

1. Kull Parti twieġeb fil-pront għat-talbiet kollha mill-Parti l-oħra għal informazzjoni speċifika dwar xi waħda mill-miżuri tagħha ta' applikazzjoni ġenerali jew dwar ftehimiet internazzjonali li jappartjenu jew jaffetwaw lil dan il-Ftehim. Kull Parti tistabbilixxi wkoll ċentru ta' informazzjoni wieħed jew aktar sabiex jipprovdu informazzjoni speċifika lil investituri u lil fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra dwar il-kwistjonijiet kollha bħal dawn. Il-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin dwar il-postijiet ta' informazzjoni fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-postijiet ta' informazzjoni ma jeħtieġx li jkunu depożitarji ta' liġijiet u regolamenti.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jeħtieġ li xi Parti tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali li l-iżvelar tagħha jkun jimpedixxi l-infurzar tal-liġi jew inkella jkun kuntrarju għall-interess pubbliku jew ikun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali leġittimi ta' impriżi partikolari, pubbliċi jew privati.

Subtaqsima 3

Servizzi tal-kompjuter

Artikolu 108

Ftehim dwar is-servizzi tal-kompjuter

1. Sakemm il-kummerċ fis-servizzi tal-kompjuter ikun liberalizzat skont it-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu u waqt li jkun ikkunsidrat il-fatt li s-servizzi tal-kompjuter u dawk relatati jippermettu l-fornitura ta' servizzi oħra kemm b'mezzi elettroniċi kif ukoll b'mezzi oħra, il-Partijiet jiddistingwu bejn servizz ta' faċilitazzjoni u s-servizzi ta' kontenut jew ewlenin li qed ikunu fornuti elettronicament b'tali mod li l-kontenut jew s-servizz ewlieni mhux klassifikat bħala servizz tal-kompjuter jew relatat miegħu kif definit fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Servizzi tal-kompjuter u dawk relatati f'isser servizzi definiti mill-Kodiċi CPC 84 tan-Nazzjonijiet Uniti li tinkludi kemm is-servizzi u l-funzjonijiet bażiċi jew taħlita ta' servizzi bażiċi, mingħajr ma tikkunsidra jekk humiex fornuti permezz ta' netwerk, inkluż l-internet, jew le.

Servizzi bażiċi huma dawk is-servizzi kollha li jipprovdu:

- (a) konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, disinn, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, debugging, aġġornament, sostenn, għajjnuna teknika jew ġestjoni ta' kompjuters jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuter; jew
- (b) programmi tal-kompjuter iddefiniti bħala s-sett ta' struzzjonijiet meħtieġa biex il-kompjuters jaħdmu u jikkomunikaw (fihom u minnhom infushom), flimkien ma' konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, disinn, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, sejbien u debugging, aġġornament, adattament, manutenzjoni, sostenn, għajjnuna teknika, u ġestjoni jew l-użu ta' programmi tal-kompjuter jew għalihom; jew

- (c) ipproċessar ta' dejta, ħażna ta' dejta, żamma ta' dejta jew servizzi ta' bażi tad-dejta; jew
- (d) servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, fosthom il-kompjuters; jew
- (e) servizzi ta' taħriġ għall-persunal tal-klijenti, b'rabta ma' programmi tal-kompjuter, kompjuters jew sistemi tal-kompjuter, u li ma jkunux ikklassifikati xi mkien ieħor.

Subtaqsima 4

Servizzi postali u tal-kurrier

Artikolu 109

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi postali u ta' kurrier kollha li ġew liberalizzati skont it-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu.
2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu:
 - (a) "liċenzja" tfisser awtorizzazzjoni, mogħtija lil fornitur individwali minn awtorità regolatorja, li tkun meħtieġa qabel titwettaq l-attività li jkun ipprovdut servizz partikolari;
 - (b) "servizz individwali" tfisser id-dispożizzjonijiet permanenti ta' servizz postali ta' kwalità speċifika fuq il-punti kollha tat-territorju ta' Parti bi prezz affordabbli għall-utenti.

Artikolu 110

Prevenzjoni tal-prattiki antikompetittivi fis-settur postali u tal-kurriera

Miżuri xierqa jinżammu jew ikunu introdotti għall-iskop li jkun prevenut li l-fornituri li għandhom l-abbiltà, wehedom jew flimkien, jaffettwaw materjalment it-termini ta' parteċipazzjoni (fir-rigward ta' prezz u forniture) fis-suq rilevanti għas-servizzi postali u tal-kurrier b'riżultat tal-użu tal-pożizzjoni tagħhom fis-suq, milli jidħlu fi Prattiki antikompetittivi jew ikompluhom.

Artikolu 111

Servizz universali

Kwalunkwe Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligu tas-servizz universali li tixtieq li żżomm. Obbligi tali ma għandhomx jitqiesu antikompetittivi minnhom infushom, sakemm jiġu amministrati b'mod trasparenti, nondiskriminatorju u kompetittivament newtrali u ma jxekklu aktar milli huwa meħtieġ għax-xorta ta' servizz universali definit mill-Parti.

Artikolu 112

Liċenzji

1. Tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, liċenzja tista' tkun meħtieġa biss għal daww is-servizz li jaqgħu fl-ambitu tas-servizz universali.
2. Fejn tinħtieġ liċenzja, dawn li ġejjin isiru pubblikament disponibbli:
 - (a) il-kriterji kollha għall-ħruġ ta' liċenzja u l-perjodu ta' żmien normalment meħtieġ sabiex tintlaħaq deċiżjoni rigward applikazzjoni għal liċenzja; u
 - (b) it-termini u l-kondizzjonijiet tal-liċenzja.
3. Ir-raġunijiet għar-rifjut ta' liċenzja jkunu mgħarrfa lill-applikant fuq talba u proċedura ta' appell permezz ta' korp indipendenti se tkun stabbilita min kull Parti. Tali proċedura tkun trasparenti, nondiskriminatorja u bbażata fuq kriterji oġġettivi.

Artikolu 113

Indipendenza tal-korp regolatorju

Il-korp regolatorju jkun legalment separat minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi postali u ta' kurrier u mhumiex responsabbli lejn l-ebda fornitur ta' tali servizzi. Id-deċiżjonijiet tal-korp regolatorju u l-proċeduri li jintużaw minnu jkunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha tas-suq.

Artikolu 114

Approssimazzjoni Regolatorja

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Ukraina ma' dik tal-Unjoni Ewropea. L-Ukraina tagħmel kull sforz sabiex tiżgura li l-leġijiet eżistenti u l-leġiżlazzjoni ġejjena tagħha gradwalment isiru kompatibbli mal-acquis tal-UE.

2. Tali approssimazzjoni se tibda fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, u gradwalment tkun estiża għall-elementi kollha tal-acquis tal-UE msemmija fl-Anness XVII ma' dan il-Ftehim.

Subtaqsima 5

Komunikazzjonijiet elettroniċi

Artikolu 115

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika kollha li ġew liberalizzati skont it-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu:

- (a) "servizzi ta' telekomunikazzjoni" tfisser is-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċeviment ta' sinjali elettromanjetiċi u li normalment huma pprovduti għal remunerazzjoni, eskluż ix-xandir, li ma jkoprix l-attività ekonomika li tikkonsisti fil-provvista ta' kontenut li jeħtieġ it-telekomunikazzjoni għat-trasport tiegħu; Xandir huwa definit bħala katina mhux interrotta ta' trażmissjoni meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' sinjali tat-televiżjoni u r-radju lill-pubbliku ġenerali iżda ma jkoprix links ta' kontribut bejn l-operaturi.
- (b) "netwerks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet" tfisser netwerk ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati kollha kemm huma jew fil-parti l-kbira tagħhom għall-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;
- (c) "netwerk ta' komunikazzjoni elettronika" tfisser sistemi ta' trażmissjoni u, fejn japplika, apparat għall-kommutazzjoni jew ta' routing u riżorsi oħra li jippermettu t-twassil ta' sinjali bil-wajer, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew elettromanjetiċi oħra, inklużi netwerks tas-satellita, netwerks fissi (ċirkwit-u packet-switched, inkluż l-Internet) u dawk mobbli terrestri, u sistemi ta' kejbil tal-elettriku, sal-limitu li jintużaw għall-għan ta' trażmissjoni tas-sinjali, netwerks użati għax-xandir għar-radju u għat-televiżjoni, u netwerks tat-televiżjoni bil-kejbil, irrispettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla;
- (d) "awtorità regolatorja" fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika tfisser il-korp jew il-korpi li ġew inkarigati bir-regolamentazzjoni tat-telekomunikazzjoni msemmija f'dan il-Kapitolu;
- (e) fornitur ta' servizz jitqies li jkollu "saħħa sinifikanti fis-suq" jekk, jew individwalment jew konġuntament ma' oħrajn igawdi pożizzjoni ekwivalenti ta' dominanza, jiġifieri pożizzjoni ta' saħħa ekonomika li tagħtiha s-saħħa li ġġib ruħha sa limitu apprezzabbli indipendentament mill-kompetituri, klijenti jew fl-aħħar mill-aħħar konsumaturi.
- (f) "interkonnessjoni" tfisser il-konnessjoni fiżika u/ jew loġika tan-netwerks ta' komunikazzjoni pubblika użati mill-istess fornitur ta' servizz jew wieħed differenti sabiex jippermettu lill-utenti ta' fornitur ta' servizz biex jikkomunikaw ma' utenti tal-istess fornitur ta' servizz jew ma' fornitur ieħor, jew biex ikollhom aċċess għal servizzi pprovduti minn fornitur ieħor ta' servizz. Is-servizzi jistgħu jiġu fornuti mill-partijiet involuti jew minn partijiet oħra li jkollhom aċċess għan-netwerk. L-interkonnessjoni hija tip speċifiku ta' aċċess implimentat bejn operaturi ta' netwerks pubbliċi;

- (g) "servizz universali" tfisser is-sett ta' servizzi ta' kwalità speċifika li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-utenti kollha fit-territorju ta' Parti irrispettivament mill-post ġeografiku tagħhom u bi prezz affordabbli; l-ambitu u l-implimentazzjoni huma deċiżi minn kull Parti;
- (h) "aċċess" tfisser li faċilitajiet u/jew servizzi jkunu disponibbli, lill-fornitur ieħor ta' servizzi, skont kondizzjonijiet definiti, fuq bażi jew esklużiva jew mhux esklużiva, għall-għan tal-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni eletttronika. Hija tkopri, fost l-oħrajn, aċċess għall-elementi ta' netwerk u faċilitajiet assoċjati, li jista' jinvolve l-konnessjoni ta' tagħmir, b'mezzi fissi jew mhux fissi (b'mod partikolari dan jinkludi aċċess għall-linja lokali u għall-faċilitajiet u servizzi meħtieġa għall-forniment ta' servizzi fuq il-linja lokali), aċċess għal infrastruttura fiżika li tinkludi bini, kanali għall-kejbil u arbli; l-aċċess għal sistemi relevanti ta' softwer inklużi s-sistemi ta' sostenn operazzjonali, aċċess għat-traduzzjoni tan-numru jew għal sistemi li joffru funzjonalità ekwivalenti, aċċess għal netwerks fissi u mobbli, b'mod partikolari għar-roaming, aċċess għal sistemi ta' aċċess kondizzjonali għall-servizzi tat-televiżjoni diġitali, aċċess għal servizzi ta' netwerk virtwali;
- (i) "utent finali" tfisser utent li ma jipprovdi netwerks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli pubblikament.
- (j) "linja lokali" tfisser iċ-ċirkwit fiżiku li jqabbad il-punt tat-terminazzjoni tan-netwerk fil-post tal-abbonat mal-qafas prinċipali ta' distribuzzjoni jew faċilità ekwivalenti fin-netwerk ta' komunikazzjoni pubblika fissa.

Artikolu 116

Awtorità regolatorja

1. Il-Partijiet jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika huma legalment distinti u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' servizz ta' komunikazzjoni elettronika. Jekk Parti jżżomm is-sjeda jew il-kontroll ta' fornitur ta' servizz li jipprovdi netwerks jew servizzi ta' komunikazzjoni pubbliċi, tali Parti għandha tiżgura s-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjoni regolatorja mill-attivitajiet assoċjati mas-sjeda jew kontroll.
2. Il-Partijiet jiżguraw li l-awtorità regolatorja hija mogħtija setgħa suffiċjenti biex tirregola s-settur. Il-kompiti li jitwettqu minn awtorità regolatorja jsiru pubbliċi f'forma faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari meta daww il-kompiti jiġu assenjati lil aktar minn korp wieħed.
3. Il-Partijiet jiżguraw li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet regolatorji u l-proċeduri li jintużaw minnhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha fis-suq u trasparenti.
4. L-awtorità regolatorja jkollha s-setgħa li twettaq analiżi tal-lista indikattiva tas-swieq tal-prodotti u tas-servizzi relevanti li huma inklużi fl-Annessi (!) mehmuża ma' dan il-Ftehim. Fejn l-awtorità regolatorja, skont l-Artikolu 118 ta' dan il-Ftehim, hija meħtieġa tiddetermina jekk għandhiex timponi, iżżomm, temenda jew tirtira obbligi, hija tiddetermina abbażi ta' analiżi tas-suq jekk is-suq relevanti huwiex effettivament kompetittiv.
5. Fejn l-awtorità regolatorja tiddetermina li suq relevant mhux effettivament kompetittiv, hija tidentifika u taħtar fornituri ta' servizz b'saħħa sinifikanti fis-suq fuq dak is-suq u timponi, iżżomm jew temenda obbligi regolatorji speċifiċi msemmija fl-Artikolu 118 ta' dan il-Ftehim kif ikun xieraq. Fejn l-awtorità regolatorja tikkonkludi li s-suq huwa effettivament kompetittiv hija ma timponix jew iżżomm kwalunkwe mill-obbligi regolatorji msemmija fl-Artikolu 118 ta' dan il-Ftehim.
6. Il-Partijiet jiżguraw li fornitur ta' servizz affettwat mid-deċiżjoni ta' awtorità regolatorja għandu jkollu dritt li jappella minn dik id-deċiżjoni quddiem entità tal-appell li tkun indipendenti mill-partijiet involuti fid-deċiżjoni. Il-Partijiet jiżguraw li l-merti tal-każ jitqiesu kif dovut. Sakemm jinqata' kwalunkwe tali appell, id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tibqa', sakemm il-bord tal-appell ma jiddeċidix xort'oħra. Fejn l-entità tal-appell ma jkollhiex karattru ġuridiku, dejjem jingħataw raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjoni tagħha u d-deċiżjonijiet tagħha jkunu wkoll suġġetti għal analiżi minn awtorità ġuridika imparzjali u indipendenti. Id-deċiżjonijiet li jieħdu l-entitajiet tal-appell ikunu infurzati b'mod effettiv.

(!) Għall-Parti tal-UE: Għall-Parti tal-UE Il-lista indikattiva tas-swieq ta' prodotti u servizzi relevanti hija preżentata bħala Anness XIX separat. Il-lista tas-swieq relevanti inklużi fl-Anness XIX hija suġġetta għal reviżjoni regolari mill-UE. Kwalunkwe obbligi meħuda abbażi ta' dan il-Kapitolu jridu jikkunsidraw tali reviżjoni. Għall-Ukraina: Għall-Ukraina Il-lista indikattiva tas-swieq ta' prodotti u servizzi relevanti hija preżentata bħala Anness XX separat. Il-lista tas-swieq relevanti inklużi fl-Anness XX hija suġġetta għal reviżjoni regolari mill-Ukraina skont il-proċess ta' approssimazzjoni tal-acquis previst fl-Artikolu 124. Kwalunkwe obbligi meħuda abbażi ta' dan il-Kapitolu jridu jikkunsidraw tali reviżjoni.

7. Il-Partijiet jiżguraw li fejn l-awtoritajiet regolatorji għandhom il-ħsieb jieħdu miżuri relatati ma' kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima li għandhom impatt sinifikanti għas-suq relevanti, huma jagħtu lill-partijiet interessati l-opportunità li jikkomentaw fuq l-abbozz tal-miżura f'perjodu raġonevoli ta' żmien. Ir-regolaturi jipubblikaw il-proċeduri ta' konsultazzjoni ta' għandhom. Ir-riżultati tal-proċedura ta' konsultazzjoni jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, ħliet fil-każ ta' informazzjoni kunfidenzjali.

8. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi li jipprovdu n-netwerks u s-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jipprovdu l-informazzjoni kollha, inkluża l-informazzjoni finanzjarja, meħtieġa mill-awtoritajiet regolatorji biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima jew mad-deċizzjonijiet meħuda skont din is-Subtaqsima. Dawn il-fornituri ta' servizz jipprovdu tali informazzjoni malajr fuq talba u fil-limiti ta' żmien u l-livell ta' dettal meħtieġ mill-awtorità regolatorja. L-informazzjoni mitluba mill-awtorità regolatorja tkun proporzjonata mat-twettiq ta' dak il-kompitu. L-awtorità regolatorja tagħti raġunijiet li jiġġustifikaw it-talba għal dik l-informazzjoni.

Artikolu 117

Awtorizzazzjoni biex ikunu pprovduti servizzi ta' komunikazzjoni elettronika

1. Il-Partijiet jiżguraw li l-provvista ta' servizzi tkun awtorizzata, kemm jista' jkun, wara sempliċi notifika u/jew reġistrazzjoni.
2. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li liċenzja tista' tkun meħtieġa biex tindirizza kwistjonijiet ta' attribuzzjonijiet ta' numri u frekwenzi. It-termini u l-kondizzjonijiet għal tali liċenzji jkunu pubblikament disponibbli.
3. Il-Partijiet jiżguraw li fejn liċenzja hija meħtieġa:
 - (a) Il-kriterji kollha tal-ħruġ tal-liċenzji u perjodu raġonevoli ta' żmien normalment meħtieġ sabiex tintlaħaq deċizzjoni li tikkonċerna applikazzjoni għal liċenzja jkunu pubblikament disponibbli;
 - (b) ir-raġunijiet għar-rifjut ta' liċenzja jkunu magħrrafa bil-miktub lill-applikant meta dan jitlobhom;
 - (c) l-applikant ta' liċenzja jkun jista' jagħmel rikors quddiem korp tal-appell f'każ li liċenzja tkun irrifjutata b'mod mhux xieraq;
 - (d) il-miżati tal-liċenzji ⁽¹⁾ mitluba minn kwalunkwe Parti sabiex tagħti liċenzja ma għandhomx jaqbu l-kostijiet amministrattivi li normalment isiru fl-immaniġġar, il-kontroll u l-infurzar tal-liċenzji applikabbli. Il-miżati tal-liċenzji għall-użu ta' spektrum tar-radju jew riżorsi għall-innumerar mhumiex suġġetti għar-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 118

Aċċess u interkonnessioni

1. Il-Partijiet jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' servizz awtorizzat biex jipprovdi servizzi ta' komunikazzjoni elettronika għandu d-dritt u l-obbligu jinneogzja l-interkonnessioni mal-fornituri l-oħra ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi disponibbli pubblikament. Fil-prinċipju, l-interkonnessioni tkun miftiehma fuq il-bażi ta' nneogzjar kummerċjali bejn il-persuni güridici kkonċernati.
2. Il-Partijiet jiżguraw li l-fornituri ta' servizz li jiksbu informazzjoni mingħand fornitur ieħor ta' servizz waqt il-proċess tan-neogzjar tal-arranġamenti dwar l-interkonnessioni, jużaw dik l-informazzjoni biss għal-iskop li għalih tkun inġhatat u jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mibgħuta jew miżmuma.
3. Il-Partijiet jiżguraw li malli, skont l-Artikolu 116 ta' dan il-Ftehim, isibu li suq relavanti, inkluż dawk fl-Anness mehmuż, mhuwiex effettivament kompetittiv, l-awtorità regolatorja għandha s-setgħa timponi fuq il-fornitur ta' servizz maħtur bħala dak li għandu saħħa sinifikanti fis-suq obbligu wieħed jew aktar mis-segweni rigward l-interkonnessioni jew l-aċċess:
 - (a) obbligu ta' nondiskriminazzjoni biex jiżgura li l-operatur japplika kondizzjonijiet ekwivalenti f'ċirkostanzi ekwivalenti lil fornituri oħra ta' servizz li jipprovdu servizzi ekwivalenti, u li jforni servizzi u informazzjoni lill-oħrajn taħt l-istess kondizzjonijiet u tal-istess kwalità bħal dawk li jforni għas-servizzi tiegħu stess, jew dawk tas-sussidjarji tiegħu jew fi sħab miegħu.

⁽¹⁾ Il-miżati tal-liċenzji ma jinkludux pagamenti għall-irkant, it-tfiġh ta' offeriti jew mezzi oħra mhux diskriminatorji għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-forniment ta' servizz universali.

- (b) obbligu fuq kumpanija integrata vertikalmnt biex il-prezzijiet bil-grossa u l-prezzijiet ta' trasferiment intern tagħha jkunu trasparenti, fejn hemm il-ħtieġa għal nondiskriminazzjoni jew għall-prevenzjoni ta' sussidjar inkroċjat inġust. L-awtorità regolatorja tista' tispeċifika l-format u l-metodoloġija tal-kontabbiltà li jintużaw;
- (c) obbligi biex ikunu sodisfatti talbiet għal aċċess u l-użu ta' elementi speċifiċi ta' networks u l-faċilitajiet asoċjati magħhom inkluż aċċess disassoċċjat tal-linja lokali, fost l-oħrajn, f'sitwazzjonijiet fejn l-awtorità regolatorja tikkunsidra li rifjut għall-aċċess jew patti u kondizzjonijiet mhux raġonevoli li għandhom effett simili jagħmlu ħsara għall-iżvilupp ta' suq sostenibbli kompetittiv fil-livell tal-bejgħ bl-innut, jew ma jkunx fl-interess tal-utent aħħari;
- (d) obbligu li jipprovdu servizzi speċifikati fuq bażi ta' bejgħ bl-ingrossa biex jiġu mibjugħa mill-ġdid minn partijiet terzi; jagħtu aċċess miftuħ għal interfaċċi tekniċi, protokollu jew teknoloġija ewlenija oħra indispensabbli għall-interoperabbiltà tas-servizzi jew servizzi tan-netwerk virtwali; li jipprovdu kolokazzjoni jew forom oħra ta' kondiviżjoni ta' faċilità, inkluż il-kondiviżjoni ta' kanali tal-kejbil, bini jew arbli; jipprovdu servizzi speċifikati meħtieġa biex jiżguraw interoperabbiltà ta' servizzi minn tarf għall-ieħor lill-utenti, inkluż faċilitajiet għal servizzi inteliġenti tan-netwerk; jipprovdu aċċess għal sistemi ta' sostenn operazzjonali jew sistemi simili ta' softwer meħtieġa biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fil-forniment ta' servizzi; jagħmlu interkonnessjoni ma' networks jew faċilitajiet ta' networks.

L-awtoritajiet regolatorji jistgħu jorbtu kondizzjonijiet inkluż sens ta' ġustizzja, raġunevolezza u puntwalità mal-obbligi inklużi f'dan il-paragrafu u dak preċedenti;

- (e) obbligi relatati mal-irkupru tal-kost u l-kotrolli tal-prezzijiet, inkluż obbligi għall-orjentazzjoni tal-prezzijiet mal-kostijiet u obbligi rigward sistemi ta' kontabbiltà tal-kostijiet, għall-provvista ta' tipi speċifiċi ta' interkonnessjoni u/jew aċċess, f'sitwazzjonijiet fejn l-analiżi tas-suq tindika li nuqqas ta' kompetizzjoni effettiva tfisser li l-operatur ikkonċernat jista' jżomm il-prezzijiet f'livell estrapament għoli, jew japplika għafsa fil-prezzijiet għad-detriment tal-utenti aħħara;

L-awtoritajiet regolatorji jqsu l-investment magħmul mill-operatur u jippermettulu rata raġonevoli ta' redditu fuq il-kapital adegwat investit.

- (f) obbligu li jippubblika l-obbligi speċifiċi imposti fuq il-fornitur ta' servizz mill-awtorità regolatorja li jidentifika l-prodott/ servizz speċifiku u s-swieq ġeografiċi. Informazzjoni aġġornata, sakemm mhix kunfidenzjali u ma tikkompromettix is-sigrieti tan-negozju għandha ssir pubblikament disponibbli b'mod li jiggarrantixxi aċċess faċli għal dik l-informazzjoni lill-partijiet kollha interessati.
- (g) obbligi ta' trasparenza li jirrikjedu lill-operaturi jagħmlu pubblika informazzjoni speċifikata u partikolarment, fejn operatur għandu obbligi ta' nondiskriminazzjoni, ir-regolatur jista' jitlob li l-operatur jippubblika offerta ta' referenza, li għandha tkun suffiċjentament disassoċċjata biex tiżgura li l-fornituri ta' servizz ma jkunux mitluba jħallsu għal faċilitajiet li mhumiex neċessarji għas-servizz mitlub, li jagħtu deskrizzjoni rilevanti tal-offerti rilevanti maqsuma f'komponenti skont il-bżonnijiet tas-suq, u l-patti assoċċjati u l-kondizzjonijiet inkluż il-prezzijiet.

4. Il-Partijiet jiżguraw li fornitur ta' servizz li jitlob interkonnessjoni ma' fornitur ta' servizz maħtur bħala dak li għandu saħħa sinifikanti fis-suq ikollu rikors, jew fi kwalunkwe ħin jew wara perjodu ta' żmien raġonevoli jkun sar mgħarrf pubblikament, lil korp domestiku indipendenti, li jista' jkun korp regolatorju kif imsemmi fl-Artikolu 115(2)(d) ta' dan il-Ftehim biex isolvi dispuċi rigward patti u kondizzjonijiet għall-interkonnessjoni u/jew aċċess.

Artikolu 119

Riżorsi skarsi

1. Il-Partijiet jiżguraw li kwalunkwe proċedura għall-allokazzjoni u l-użu ta' riżorsi skarsi, fosthom il-frekwenzi, in-numri u d-drittijiet ta' passaġġ, titwettagħ b'mod oġġettiv, proporzjonat u fil-ħin, b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. L-istat preżenti tal-faxex ta' frekwenzi allokati għandu jkun disponibbli b'mod pubbliku, iżda m'hemmx bżonn ta' identifikazzjoni dettaljata tal-frekwenzi allokati għal użu governattiv speċifiku.

2. Il-Partijiet jiżguraw li l-ġestjoni effettiva tal-frekwenzi radju għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni fit-territorju tagħom bil-għan li jiżguraw użu effettiv u effiċjenti tal-ispektrum. Fejn it-talba għal frekwenzi speċifiċi teċċedi d-disponibbiltà tagħhom, proċeduri xierqa u trasparenti jkunu segwiti biex ikunu assenjati dawn il-frekwenzi sabiex ikun ottimizzat l-użu tagħhom u ffaċilitat l-iżvilupp tal-kompetizzjoni.

3. Il-Partijiet jiżguraw li d-distribuzzjoni tar-riżorsi nazzjonali ta' nnumerar u l-ġestjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' nnumerar ikunu fdati lill-awtorità regolatorja.

4. Fejn l-awtoritajiet pubbliċi jew lokali jżommu s-sjieda jew il-kontroll tal-fornituri ta' servizz li joperaw in-networks u/jew servizzi ta' komunikazzjoni pubblika, jeħtieġ li tkun żgurata separazzjoni strutturali effettiva bejn il-funzjoni responsabbli biex tagħti d-drittijiet ta' aċċess mill-attivitajiet assoċjati mas-sjieda jew kontroll.

Artikolu 120

Servizz universali

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq iżżomm.

2. Fihom infushom dawn l-obbligi mhux ser jitqiesu antikompetittivi, sakemm jiġu amministrati b'mod trasparenti, oġġettiv u nondiskriminatorju. L-amministrazzjoni ta' dawn l-obbligi tkun newtrali wkoll fir-rigward tal-kompetizzjoni u ma għandhiex tkun ta' piż aktar milli meħtieġ għat-tip ta' servizz universali definit mill-Parti.

3. Il-Partijiet jiżguraw li l-fornituri kollha ta' servizz għandhom ikunu eliġibbli biex jiżguraw servizz universali u li l-ebda fornitur ta' servizz ma jkun eskluż a priori. Il-ħatra ssir permezz ta' mekkaniżmu effiċjenti, trasparenti u nondiskriminatorju. Fejn neċessarju, il-Partijiet jivvalutaw jekk il-provvista ta' servizz universali jirrappreżentax piż li mhux ġust fuq l-organizzazzjoni(jiet) maħtura biex jipprovdu s-servizz universali. Fejn ikun iġġustifikat fuq il-bażi ta' tali kalkolu, u filwaqt li jitqies il-benefiċċju għas-suq, jekk ikun hemm, dovut lil organizzazzjoni li toffri servizz universali, l-awtoritajiet regolatorji jiddeterminaw jekk ikunx meħtieġ mekkaniżmu biex jikkompensa lill-fornituri(i) ta' servizz ikkonċernat(i) jew biex jinqasam il-kost nett tal-obbligi tas-servizz universali.

4. Il-Partijiet jiżguraw li:

(a) direttorji tal-abbonati kollha ⁽¹⁾ jkunu disponibbli għall-utenti, kemm jekk stampati jew elettroniċi, jew it-tnejn, u jkunu aġġornati fuq bażi regolari, u mill-inqas darba fis-sena.

(b) l-organizzazzjonijiet li jipprovdu s-servizzi li jissemmew fil-paragrafu (a) japplikaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni għat-trattament tal-informazzjoni pprovduta lilhom minn organizzazzjonijiet oħrajn.

Artikolu 121

Provvista tar-nskonfinali ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika

Il-Partijiet ma jadottawx jew iżommu kwalunkwe miżura li tirristrinġi l-provvista tar-nskonfinali tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika.

Artikolu 122

Kunfidenzjalità tal-informazzjoni

Kull Parti tiżgura l-kunfidenzjalità tad-dejta tal-komunikazzjoni elettronika u tad-dejta tat-traffiku relatat permezz ta' netwerk pubblika ta' komunikazzjoni elettronika u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli mingħajr ma tillimita l-kummerċ fis-servizzi.

Artikolu 123

Disputi bejn fornituri ta' servizzi

1. Il-Partijiet jiżguraw li fil-każ ta' disputa bejn fornituri ta' servizzi ta' netwerk jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika f'konnessjoni mad-drittijiet u l-obbligi msemmija f'dan il-Kapitolu, l-awtorità regolatorja kkonċernata, fuq talba ta' Parti jew oħra, toħroġ' deċiżjoni vinkolanti biex issolvi d-disputa fl-iqasar żmien possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien erba' xhur.

(¹) F'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u tal-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika.

2. Id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja tkun disponibbli għall-pubbliku, wara li jkunu kkunsidrati r-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità tan-negozju. Il-partijiet konċernati jingħataw dikjarazzjoni sħiħa tar-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata.

3. Meta tali disputa tikkonċerna l-provvista transkonfinali tas-servizzi, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali kkonċernati jikkordinaw l-isforzi tagħhom sabiex tinstab soluzzjoni għad-disputa.

Artikolu 124

Approssimazzjoni regolatorja

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Ukraina ma' dik tal-Unjoni Ewropea. L-Ukraina tagħmel kull sforz sabiex tiżgura li l-leġijiet eżistenti u l-leġiżlazzjoni ġeġjiena tagħha gradwalment isiru kompatibbli mal-acquis tal-UE.

2. Tali approssimazzjoni se tibda fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, u gradwalment tkun estiża għall-elementi kollha tal-acquis tal-UE msemmija fl-Anness XVII ma' dan il-Ftehim.

Subtaqsima 6

Servizzi finanzjarji

Artikolu 125

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi finanzjarji kollha li ġew liberalizzati skont it-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu:

(a) "servizzi finanzjarji" tfisser kull servizz ta' natura finanzjarja li jingħata minn fornitur ta' servizzi finanzjarji ta' Parti. Servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(i) Servizzi tal-assigurazzjoni u dawk relatati mal-assigurazzjoni

1. assicurazzjoni diretta (fosthom ko-assicurazzjoni):

(a) fuq il-ħajja;

(b) mhux fuq il-ħajja

2. assicurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

3. intermedjazzjoni tal-assicurazzjoni, bħas-senserija u l-aġenzija; u

4. servizzi awżiljarji għall-assicurazzjoni, bħal konsultazzjoni, evalwazzjoni attwarja, valutazzjoni tar-riskju u servizzi ta' riżoluzzjoni tal-pretensjoni;

(ii) Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (esklużi l-assicurazzjoni):

1. aċċettar ta' depożiti u fondi oħra ripagabbli mill-pubbliku;

2. is-self tat-tipi kollha, inklużi l-kreditu lill-konsumaturi, il-kreditu fuq l-ipoteka, il-fatturazzjoni u l-finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

3. kiri finanzjarju;

4. is-servizzi kollha ta' pagament u ta' mogħdija tal-flus, fosthom il-kards ta' kreditu, ta' pagament u ta' debitu, it-travellers cheques u l-bankers drafts;

5. garanziji u impenji;

6. negozjar għall-kont proprju jew għall-kont tal-klijenti, kemm jekk fuq skambju, f'suq over-the-counter jew mod ieħor, dawn li ġejjin:
 - (a) l-istrumenti tas-suq tal-flus (inklużi ċekkijiet, kontijiet, ċertifikati ta' depożitu);
 - (b) kambju f'valuta barranija,
 - (c) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, futuri u opzjonijiet,
 - (d) ir-rata tal-kambju u strumenti tar-rata tal-imgħax, fosthom prodotti bħal tpartit u ftehim dwar ir-rata forward;
 - (e) titoli trasferibbli,
 - (f) strumenti oħra negozjabbli u assi finanzjarji, inklużi ingotti tad-deheb;
 7. parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, inklużi sottoskrittura u allokazżjoni bħala aġent (sew jekk pubblikament sew jekk privatament) u l-forniment ta' servizzi relatati ma' ħruġ bħal dan;
 8. senserija tal-kambju;
 9. ġestjoni tal-assi, bħalma huwa ġestjoni ta' kontanti jew portafolji, kull forma ta' ġestjoni ta' investiment kollettiv, il-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;
 10. servizzi ta' pagament u approvazzjoni ta' assi finanzjarji, inklużi titoli, prodotti derivattivi, u strumenti negozjabbli oħra;
 11. għoti u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u pproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat;
 12. is-servizzi ta' konsulenza, ta' intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljarji oħrajn, fuq l-attivitajiet kollha elenkati fis-subparagrafi (1) sa (11), inklużi r-referenza u l-analiżi tal-krediti, ir-riċerka u l-pariri dwar l-investimenti u l-portafolli, il-pariri dwar l-akkwiżizzjonijiet u dwar ir-ristrutturazzjoni u l-istrateġija tal-kumpanija;
- (b) "fornitur ta' servizz finanzjarju" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika ta' Parti li tfittex li ttiprovdi jew ttiprovdi servizzi finanzjarji. It-terminu "fornitur ta' servizzi finanzjarji" ma jinkludix entità pubblika.
- (c) "entità pubblika" tfisser:
1. gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta' Parti, jew entità fil-proprjetà ta' jew ikkontrollata minn Parti, li huma prinċipalment involuti fit-tweqqif ta' funzjonijiet jew azzjonijiet governattivi għal skopijiet governattivi, mhux inkluża entità prinċipalment involuta fil-fornitura ta' servizzi finanzjarji fuq bażi kummerċjali; jew
 2. entità privata, li twestaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet.
- (d) "servizzi finanzjarji ġodda" tfisser servizz ta' natura finanzjarja, inklużi servizzi relatati ma' prodotti eżistenti u ġodda jew mal-mod li bih huwa kkunsinnat prodott, li ma jingħatax minn xi fornitur ta' servizzi finanzjarji fit-territorju ta' Parti iżda li hu mogħti fit-territorju tal-Parti l-oħra.

Artikolu 126

Konċessjoni prudenzjali

1. Kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali, fosthom:
 - (a) il-protezzjoni ta' investituri, depożituri, detenturi ta' polza jew persuni li lihom ikun dovut obbligu ta' fiduċja mill-fornitur ta' servizz finanzjarju;
 - (b) l-iżgurar tal-integrità u tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' Parti.

2. Dawn il-miżuri ma jkunux aktar ta' piż milli neċċessarju biex jilhqg l-għan tagħhom, u ma jiddiskriminawx kontra fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra meta mqabbla mal-fornituri ta' servizzi finanzjarji proprji.
3. Xejn f'dan il-Ftehim ma jiġi interpretat li jeħtieġ li xi Parti tiżvela informazzjoni relatata mal-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali jew xi informazzjoni kunfidenzjali jew proprjetarja fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.
4. Mingħajr ħsara għal mezzi oħra ta' regolamentazzjoni prudenzjali tal-kummerċ transkonfinali fis-servizzi finanzjarji, Parti tista' titlob ir-reġistrazzjoni tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji transkonfinali tal-Parti l-oħra u tal-istrumenti finanzjarji.

Artikolu 127

Regolamentazzjoni effettiva u trasparenti

1. Sa fejn ikun prattikabbli, kull Parti tippovdi bil-quddiem lill-persuni kollha interessati kull miżura ta' applikazzjoni ġenerali li l-Parti tippoponi li tadotta sabiex tippermetti opportunità lil tali persuni l-opportunità li jikkummentaw dwar il-miżura. Tali miżura tkun ipprovduta:

(a) permezz ta' pubblikazzjoni uffiċjali; jew

(b) f'forma miktuba jew elettronika oħra.

2. Kull Parti tqiegħed disponibbli għall-persuni interessati kollha r-rekwiżiti tagħha biex l-applikazzjonijiet relatati mal-forniment ta' servizzi finanzjarji jkunu kompluti.

Fuq talba ta' applikant, il-Parti kkonċernata tinforma lill-applikant dwar l-istatus tal-applikazzjoni tiegħu. Jekk il-Parti jkollha bżonn informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant, hija tinforma lill-applikant mingħajr dewmien bla bżonn.

Kull Parti tagħmel mill-aħjar biex tiżgura li l-istandards maqbula internazzjonalment għar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, jiġu implimentati u applikati fit-territorju tagħha. Tali standards maqbula internazzjonalment huma, fost l-oħrajn, "Il-Prinċipji għal Superviżjoni Effettiva tal-Banek" tal-Kumitat ta' Basel, "Il-Prinċipji Ewlenija tal-Assigurazzjoni" tal-Assoċjazzjonijiet Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, "L-Għanijiet u l-Prinċipji tar-Regolament dwar it-Titoli" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, "Il-Ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa" tal-OECD, "Id-Dikjarazzjoni dwar it-Trasparenza u l-iskambju ta' Informazzjoni għal finijiet fiskal" tal-G20 u "L-Erbgħin Rakkomandazzjoni dwar il-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu" tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja.

Il-Partijiet jinnutaw ukoll l-Għaxar Prinċipji Ewlenin għall-iskambju tal-Infurmazzjonu promulgati mill-Ministri tal-Finanzi tan-Nazzjonijiet tal-G7, u se jieħdu l-passi kollha neccessari biex japplikawhom fil-kuntatti bilaterali tagħhom.

Artikolu 128

Servizzi finanzjarji ġodda

Kull Parti għandha tippermetti li fornitur ta' servizz finanzjarju tal-Parti l-oħra stabbilit fit-territorju ta' dik il-Parti jipprovdi servizz finanzjarju għid simili għal dawk is-servizzi li l-Parti kieku tippermetti li l-fornituri tas-servizzi finanzjarji proprji tagħha jipprovdu skont il-liġi domestika tagħha f'ċirkostanzi simili. Parti tista' tiddetermina l-forma ġuridika li permezz tagħha s-servizz jista' jkun pprovdut u tista' teħtieġ awtorizzazzjoni għall-għoti ta' servizz finanzjarju. Fejn tali awtorizzazzjoni tkun meħtieġa, tittieħed deċiżjoni f'perjodu raġonevoli ta' żmien u l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rrifutata biss għal raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 126 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 129

Proċessar ta' dejta

1. Kull Parti tippermetti lil fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra sabiex jittrasferixxu informazzjoni f'forma elettronika jew f'forma oħra, kemm fit-territorju tagħha kif ukoll barra mit-territorju tagħha, għall-ipproċessar tad-dejta meta dan l-ipproċessar huwa meħtieġ fil-proċess ordinarju tal-kummerċ ta' dan il-fornitur ta' servizzi finanzjarji.

2. Kull Parti tadotta salvagwardji adegwati għall-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-individwi, partikolarment fir-rigward tat-trasferiment ta' dejta personali.

Artikolu 130

Eċċezzjonijiet speċifiċi

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem b'tali mod li jipprevjeni Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli twettaq jew tipprovdi b'mod esklużiv fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku dwar l-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali, ħlief meta daww l-attivitajiet jistgħu jitwettqu, kif previst mir-regolamenti domestiċi tal-Parti, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma japplika għal attivitajiet imwettqa minn awtorità ta' bank ċentrali jew minn awtorità monetarja jew minn kwalunkwe entità pubblika oħra sabiex jiġu sodisfatti politiki monetarji jew ta' rati tal-kambju.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat b'tali mod li jipprevjeni Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi, milli esklużivament twettaq jew tipprovdi fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi f'isem jew jew bil-garanzija jew bl-użu tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi tal-Parti, jew tal-entitajiet pubbliċi tagħha.

Artikolu 131

Organizzazzjonijiet awtoregulatorji

Meta Parti titlob sħubija jew parteċipazzjoni fi kwalunkwe korp awtoregulatorju, jew aċċess għalih, kambju jew suq ta' titoli jew futuri, aġenzija tal-ikklerjar jew kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, sabiex fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji fuq bażi ugwali ma' fornituri ta' servizzi finanzjarji ta' dik il-Parti, jew meta l-Parti tipprovdi direttament jew indirettament lil tali entitajiet, privileġġi jew vantaġġi fil-forniment ta' servizzi finanzjarji, il-Parti tiżgura l-osservanza tal-obbligi skont l-Artikoli 88 u 94 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 132

Sistemi ta' kklerjar u pagament

Skont il-patti u l-kondizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali, kull Parti tagħti lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, aċċess għal sistemi ta' pagament u rilaxx operati minn entitajiet pubbliċi u għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u finanzjament mill-ġdid li huma disponibbli fl-andament normali ta' negozju ordinarju. Dan l-Artikolu mhux intenzjonat li jagħti l-aċċess għal faċilitajiet ta' mutwanti tal-aħħar istanza tal-Parti.

Artikolu 133

Approssimazzjoni Regulatorja

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Ukraina ma' dik tal-Unjoni Ewropea. L-Ukraina tagħmel kull sforz sabiex tiżgura li l-liġijiet eżistenti u l-leġiżlazzjoni ġejjiena tagħha gradwalment isiru kompatibbli mal-acquis tal-UE.

2. Tali approssimazzjoni se tibda fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, u gradwalment tkun estiża għall-elementi kollha tal-acquis tal-UE msemmija fl-Anness XVII ma' dan il-Ftehim.

Subtaqsima 7

Servizzi ta' trasport

Artikolu 134

Kamp ta' applikazzjoni

Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji rigward il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport skont it-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu.

Artikolu 135

Trasport marittimu internazzjonali

1. Dan il-Ftehim japplika għat-trasport marittimu internazzjonali bejn il-portijiet tal-Ukraina u tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u bejn il-Portijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Japplika wkoll għall-kummerċ bejn il-portijiet tal-Ukraina u pajjiżi terzi u bejn il-portijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi.
2. Dan il-Ftehim ma japplikax għat-trasport marittimu domestiku bejn il-portijiet tal-Ukraina jew bejn il-portijiet tal-Istati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea. Minkejja s-sentenza preċedenti, il-moviment ta' tagħmir, bħal kontejners vojta, li mhux qed jinġarru bħala merkanzija b'pagament bejn il-portijiet tal-Ukraina jew bejn il-portijiet tal-Istati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea ikunu meqjusa bħala parti mit-trasport marittimu internazzjonali.
3. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima u tat-Taqsimiet 2, 3 u 4 ta' dan il-Kapitolu:
 - (a) "trasport marittimu internazzjonali" tinkludi operazzjonijiet ta' trasport bieb sa bieb u multimodali, li huwa l-ġarr tal-merkanzija fejn jintuża aktar minn mezz wieħed ta' trasport, li jinvolvi parti mill-vjaġġ fuq il-baħar, b'dokument wieħed tat-trasport u minħabba dan l-ikkuntrattar dirett ma' fornituri ta' mezzi oħra ta' trasport;
 - (b) "servizzi ta' mmaniġġar ta' merkanzija marittima" tfisser attivitajiet eżerċitati minn kumpaniji ta' burdnara, inklużi operaturi tat-terminal, imma li ma tinkludix l-attivitajiet diretti tal-persuni li jaħdmu fil-baċiri tat-tarzni, meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata indipendentement mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminal. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta':
 - (i) it-tagħbija/il-ħatt ta' merkanzija fuq/minn vapur;
 - (ii) l-irbit/il-hall tal-merkanzija;
 - (iii) ir-riċeviment/il-kunsinna u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel id-dispaċċ jew wara r-rilaxx;
 - (c) "servizzi ta' żdoganar" (alternattivament "servizzi ta' aġenti doganali") tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-tweqqif f'isem parti oħra tal-formalitajiet doganali li jikkonċernaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija li sejra għad-destinazzjoni tagħha, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività ewlenija tal-fornitur tas-servizz jew supplement tas-soltu tal-attività ewlenija tiegħu;
 - (d) "servizzi ta' stazzjon u ta' mażen tal-kontejners" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna tal-kontejners, kemm jekk f'żoni portwali jew aktar 'il ġewwa fuq l-art, sabiex jimtlew/jinħattu, jissewew u jitlestew biex ikunu disponibbli għall-ġarr tal-merkanzija bil-baħar;
 - (e) "servizzi ta' aġenzija marittima" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f'żona ġeografika partikolari, bħala aġent tal-interessi tan-negozju ta' linja jew ta' kumpanija tal-bastimenti waħda jew aktar għall-finijiet li ġejjin:
 - (i) promozzjoni u bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi relatati, mill-ħruġ ta' stimi għall-ħruġ ta' fatturi, u l-ħruġ ta' poloz tat-tagħbija f'isem il-kumpaniji, l-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi meħtieġa relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali;
 - (ii) taġixxi f'isem il-kumpaniji billi torganizza s-sejħa tal-vapur jew tiegħu l-merkanziji meta jkun meħtieġ.
 - (f) "servizzi ta' dispaċċ ta' merkanzija" tfisser l-attività li tikkonsisti fl-organizzazzjoni u fil-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-ġarr tal-merkanzija bil-baħar f'isem it-trasportaturi bil-baħar, permezz tax-xiri ta' servizzi ta' trasport u ta' servizzi relatati, il-preparazzjoni tad-dokumentazzjoni u l-provvista ta' informazzjoni tan-negozju.

(g) "servizzi reġionali distributorji" tfisser it-trasportazzjoni ta' qabel u 'l quddiem ta' merkanzija bil-baħar, partikolarment fil-kontejners, bejn portijiet li jinsabu f'Parti.

4. Kull Parti tagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew imħaddma minn fornituri ta' servizz tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-bastimenti tagħha stess, jew dawk ta' kwalunkwe pajjiż terz, skont liema huma l-aħjar, fir-rigward, fost l-oħrajn, tal-aċċess għall-portijiet, l-użu tal-infrastruttura u s-servizzi marittimi awżiljari ⁽¹⁾ tal-portijiet, kif ukoll it-tariffi u l-pagamenti relatati, il-faċilitajiet tad-dwana u l-allokazzjoni ta' rmiġġi u faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt.

5. Il-Partijiet japplikaw b'mod effettiv il-prinċipju tal-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq u n-negozji marittimi internazzjonali fuq bażi kummerċjali u nondiskriminatorja.

6. Fl-applikazzjoni tal-prinċipji tal-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet, mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim:

(a) ma jdaħħlux arranġamenti ta' kondiviżjoni tal-merkanzija fi ftehimiet ġejjiena ma' pajjiżi terzi dwar servizzi ta' trasport marittimu, inkluż merkanzija niexfa u likwida u l-kummerċ tal-linji ta' tbaħħir, u jittterminaw tali arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-merkanzija f'każ li jkunu jeżistu fi ftehimiet preċedenti; u

(b) jabolixxu u jastjenu milli jimplementaw kwalunkwe miżuri amministrattivi, tekniċi jew miżuri oħra, li jistgħu jikkostitwixxu restrizzjoni indiretta u għandhom effetti diskriminatorji kontra persuni bin-nazzjonalità tal-Parti l-oħra jew kumpaniji tal-Parti l-oħra fil-forniment ta' servizzi fit-trasport internazzjonali marittimu.

7. Kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li jkollhom stabbilimenti fit-territorju tagħha b'kondizzjonijiet ta' stabbiliment u operat mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess jew dawk ta' kwalunkwe pajjiż terz, skont liema jkunu l-aħjar. Skont id-dipożizzjonijiet tat-Taqsima 2 ta' dan il-Kapitolu, dar l-attivajiet ta' tali stabbilimenti, kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri tas-servizz tal-Parti l-oħra twestaq attivajiet ekonomiċi, skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha, bħal dawn li ġejjin, iżda mhux limitati għalihom:

(a) pubblikazzjoni, kummerċjalizzazzjoni u bejgħ ta' trasport marittimu u servizzi relatati, minn stimar sa fatturar, f'isimhom jew f'isem fornituri oħra ta' servizz tat-trasport marittimu, permezz ta' kuntat dirett mal-klijenti;

(b) il-provvista ta' taġrif kummerċjali b'kull mezz possibbli, inklużi sistemi kompjuterizzati ta' informazzjoni u skambju elettroniku tad-dejta (suġġett għal kull restrizzjoni nondiskriminatorja li tikkonċerna t-telekomunikazzjonijiet);

(c) it-tħejjija ta' dokumentazzjoni li tikkonċerna dokumenti tat-trasport, tad-dwana, jew oħrajn relatati mal-orijini u t-tip tal-oġġetti trasportati;

(d) organizzazzjoni tas-sejħa tal-bastimenti jew ir-riċeviment ta' merkanzija f'isimhom jew f'isem fornituri oħra ta' servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali;

(e) twaqqif ta' arranġament ta' negozju ma' kwalunkwe aġenzija tat-tbaħħir stabbilita lokalment inkluż parteċipazzjoni fl-ishma tal-kumpanija u l-ħatra ta' persunal reklutat lokalment jew reklutat minn barra suġġett għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim;

(f) ix-xiri u l-użu, f'isimhom stess jew inkella f'isem il-klijenti tagħhom (u l-bejgħ mill-ġdid lill-klijenti tagħhom) ta' kull servizz ta' trasport permezz tal-mezzi kollha, inklużi l-passaġġi interni tal-ilma, fuq it-triq jew bil-ferrovija, u servizzi awżiljari tal-mezzi kolha tat-trasport, neċessarji għall-provvista ta' servizz tat-trasport integrat;

(g) sjieda tat-tagħmir neċessarji biex jitwettqu attivajiet ekonomiċi.

⁽¹⁾ Servizzi marittimi awżiljari jinkludu servizzi ta' maniġġar tal-merkanzija marittima, servizzi ta' ħażna u ta' mħażen, servizzi ta' klarjar doganali, servizzi ta' stazzjon u depot tal-kontejners, servizzi ta' aġenzija marittima, servizzi ta' dispaċċ tal-merkanzija (marittima), kiri ta' bastimenti bl-ekwipaġġ, manutenzjoni u tiswijja tal-bastimenti, servizzi ta' imbuttar u rmunkar, servizzi ta' appoġġ għat-trasport marittimu.

8. Kull Parti tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-fornituri ta' servizz ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b'patti u kondizzjonijiet raġonevoli u nondiskriminatorji, is-servizzi segwenti fil-port: pilotaġġ, għajmuna għall-irmonk, provviżjonament, għoti tal-fjuwil u tal-ilma, għbir tal-iskart u r-rimi tal-iskart tas-saborra, servizzi ta' kaptan portwali, għajnunijiet għan-navigazzjoni, servizzi operazzjonali bbażati fuq l-art essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastiment, inklużi mezzi ta' komunikazzjoni, provvisti ta' ilma u ta' elettriku, faċilitajiet ta' tiswijiet ta' emerġenza, ankraġġ, servizzi ta' rmiġġ u biex isir l-irmiġġ.

9. Kull Parti tippermetti lill-fornituri ta' servizz tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li tipprovdi servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali li jinvolvi parti mill-vjaġġ bil-baħar fuq il-passaġġi interni tal-ilma tal-Parti l-oħra.

10. Kull Parti tippermetti lil fornituri ta' servizz tat-trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra li tagħmel użu minn servizzi reġjonali distributorji bejn il-portijiet tal-Ukraina jew bejn il-portijiet individwali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li huma pprovduti mill-fornituri ta' servizz tat-trasport marittimu internazzjonali rreġistrat fil-Parti preċedenti, fuq bażi non-diskriminatorja u fuq patti maqbula minn qabel bejn il-kumpaniji kkonċernati.

11. Dan il-Ftehim ma jaffetwax l-applikazzjoni tal-ftehimiet marittimi konklużi bejn l-Ukraina u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għal kwistjonijiet li jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Jekk dan il-Ftehim huwa nqas favorevoli fuq ċerti kwistjonijiet minn ftehimiet eżistenti bejn l-Istati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, id-dispożizzjonijiet l-aktar favorevoli jipprevalu mingħajr ħsara għall-obbligi tal-Parti tal-UE u waqt li jikkun-sidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jieħdu post dawk tal-ftehimiet bilaterali preċedenti konklużi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, jekk id-dispożizzjonijiet tal-aħħar jew huma inkonsistenti ma' tal-ewwel, għajr fis-sitwazzjoni msemmija fis-sentenza preċedenti, jew identiċi għalihom. Dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali eżistenti mhux koperti minn dan il-Ftehim ikomplu japplikaw.

Artikolu 136

It-trasport bit-triq, dak ferrovjarju u dak fuq il-passaġġi interni tal-ilma

1. Sabiex ikunu żgurati żvilupp kordinat u liberalizzazzjoni progressiva tat-trasport bejn il-Partijiet li jkunu adattati għall-ħtiġijiet kummerċjali reċiproċi, il-kondizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq fit-trasport bit-triq, dak ferrovjarju u dak fuq il-passaġġi interni tal-ilma jkun ittrattat bi ftehimiet speċjali possibbli fil-futur dwar it-trasport bit-triq, dak ferrovjarju u dak fuq il-passaġġi interni tal-ilma.

2. Qabel il-konklużjoni tal-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet ma għandhomx jagħmlu l-kondizzjonijiet ta' aċċess tas-suq reċiproku aktar restrittivi bejn il-Partijiet meta mqabbla mas-sitwazzjoni eżistenti fil-ġurnata ta' qabel il-ġurnata tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali eżistenti li mhumiex koperti minn ftehimiet possibbli fil-futur imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ikomplu japplikaw.

Artikolu 137

Trasport bl-ajru

1. Bil-għan li jkun żgurat żvilupp ikkordinat u liberalizzazzjoni progressiva tat-trasport bejn il-Partijiet adattat għall-ħtiġijiet kummerċjali reċiproċi tagħhom, il-kondizzjonijiet tal-aċċess tas-suq reċiproku fit-trasport bl-ajru għandu jiġi indirizzat skont il-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni għall-Avjazzjoni bejn l-Ukraina (minn hawn 'il quddiem msejjaħ "CAA").

2. Qabel il-konklużjoni tal-CAA, il-Partijiet ma għandhomx jieħdu l-ebda miżura jew azzjoni li huma aktar restrittivi jew diskriminatorji meta mqabbla mas-sitwazzjoni eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 138

Approssimazzjoni regolatorja

L-Ukraina tadatta l-leġiżlazzjoni tagħha, inkluż ir-regoli amministrattivi, tekniċi u regoli oħra, għal dik tal-Parti tal-UE li teżisti fi kwalunkwe żmien fil-qasam tat-trasport marittimu internazzjonali sakemm din isservi biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' liberalizzazzjoni, aċċess reċiproku għas-swieq tal-Partijiet u l-moviment tal-passiġġieri u tal-prodotti. Din l-approssimazzjoni se tibda fid-data tal-iffirmar tal-Ftehim, u gradwalment tkun estiża għall-elementi kollha tal-acquis tal-UE msemmija fl-Anness XVII ma' dan il-Ftehim.

T a q s i m a 6

Kummerċ elettroniku

Artikolu 139

Obbjettiv u prinċipji

1. Il-Partijiet, filwaqt li jirrikonoxxu li l-kummerċ elettroniku jżid l-opportunitajiet kummerċjali f'bosta setturi, jaqblu li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku bejniethom, partikolarment billi jikkoperaw rigward il-kwistjonijiet illi jirriżultaw mill-kummerċ elettroniku skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.
2. Il-Partijiet jaqblu li l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku għandu jkun għal kollox kompatibbli mal-ogħla standards internazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta, sabiex tkun żgurata l-kunfidenza tal-utenti tal-kummerċ elettroniku.
3. Il-Partijiet jaqblu li t-trażmissjonijiet elettroniċi għandhom jitqiesu bħala provvista ta' servizzi, fit-tifsira tat-Taqsima 3 (Il-provvista transkonfinali tas-servizzi) ta' dan il-Kapitolu, li ma jistgħux ikunu suġġetti għal dazji doganali.

Artikolu 140

Aspetti regolatorji tal-kummerċ elettroniku

1. Il-Partijiet iżommu djalogu dwar kwistjonijiet regolatorji li jirriżultaw mill-kummerċ elettroniku li, fost l-oħrajn, se jindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) ir-rikonixximent ta' ċertifikati ta' firem elettroniċi maħruġa lill-pubbliku u l-faċilitazzjoni ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni transkonfinali;
 - (b) ir-responsabbiltà ta' fornituri ta' servizzi intermedji rigward it-trażmissjoni jew il-ħażna tal-informazzjoni,
 - (c) it-trattament ta' komunikazzjonijiet ta' kummerċ elettroniku mhux mitluba;
 - (d) il-protezzjoni tal-konsumaturi fl-ambitu tal-kummerċ elettroniku;
 - (e) kwalunkwe kwistjoni oħra rilevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.
2. Tali koperazzjoni tista' jinkludi skambju ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni rispettiva tal-Partijiet dwar dawn il-kwistjonijiet kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni.

T a q s i m a 7

Eċċezzjonijiet

Artikolu 141

Eċċezzjonijiet ġenerali

1. Mingħajr ħsara għall-eċċezzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 472 ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Annessi XVI-A, XVI-B, XVI-C, XVI-D, XVI-E, XVI-F u XVII ma' dan il-Ftehim huma suġġetti għall-eċċezzjonijiet li jinsabu f'dan l-Artikolu.
2. Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn pajjiżi fejn ikun hemm kondizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq l-istabbiliment jew il-forniment transkonfinali ta' servizzi, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem b'tali mod li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar min-naħa ta' kwalunkwe Parti ta' miżuri:
 - (a) meħtieġa sabiex jipproteġu s-sigurtà pubblika jew il-morali pubbliċi jew biex iżommu l-ordni pubbliku;
 - (b) meħtieġa sabiex jipproteġu l-ħajja jew is-saħħa tan-nies, tal-annimali jew tal-pjanti;

- (c) marbuta mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jistgħu jispiċċaw jekk tali miżuri jiġu applikati flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-investituri domestiċi jew fuq il-forniment jew il-konsum domestiku tas-servizzi;
- (d) meħtieġa għall-ħarsien ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku;
- (e) meħtieġa sabiex jassiguraw il-konformità ma' liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fosthom dawk relatati ma':
- (i) il-prevenzjoni ta' prattika qarrieqa u frodulenti jew it-trattament tal-effetti ta' inadempjenza ta' kuntratti;
- (ii) il-protezzjoni tal-privatezza ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar u t-tixrid ta' dejta personali u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità ta' rekords u kontijiet individwali;
- (iii) sigurtà.
- (f) inkonsistenti mal-Artikolu 88(1) u l-Artikolu 94 ta' dan il-Ftehim, bil-kondizzjoni li d-differenza fit-trattament tkun immirata sabiex tiżgura l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ta' taxxi diretti fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi, investituri jew fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra ⁽¹⁾.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u tal-Annessi XVI-A, XVI-B, XVI-C, XVI-D, XVI-E, XVI-F u XVII ma japplikawx għas-sistemi ta' sigurtà soċjali rispettivi tal-Partijiet jew għal attivitajiet fit-territorju ta' kull Parti, li huma marbuta, ukoll okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali.

Artikolu 142

Miżuri ta' tassazzjoni

It-trattament MFN mogħti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma japplikax għat-trattament tat-taxxa li l-Partijiet qed jipprovdu jew se jipprovdu fil-futur abbażi ta' Ftehimiet bejn il-Partijiet imfassal biex jevitaw tassazzjoni doppja.

Artikolu 143

Eċċezzjonijiet dwar is-sigurtà

1. Xejn f'dan il-Ftehim ma gaġndu jkun miftiehem b'tali mod li:
- (a) li jeħtieġ li kwalunkwe Parti tagħti kwalunkwe informazzjoni, li hija tqis l-iżvelar tagħha bħala kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha; jew
- (b) li jimpedixxi lil xi Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni li hija tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha;
- (i) li jkollha rabta mal-produzzjoni jew mal-kummerċ ta' armi, munizzjoni jew materjal belliku;
- (ii) marbuta ma' attivitajiet ekonomiċi mwettqa direttament jew indirettament biex jiġu mgħoddija provvisti jew provviżjonijiet lil stabbiliment militari;

(¹) Il-miżuri li huma mmirati sabiex jassiguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ta' taxxi diretti jinkludu miżuri meħuda mill-Parti skont is-sistema tat-tassazzjoni tagħha li:

- (i) japplikaw għal investituri u fornituri ta' servizzi mhux residenti b'rikonossiment tal-fatt li l-obbligu tat-taxxa ta' dawk li mhumiex residenti huwa determinat fir-rigward ta' oġġetti taxxabli li jinkisbu jew jinsabu fit-territorju tal-Parti; jew
- (ii) japplikaw għal dawk li mhumiex residenti sabiex jassiguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fit-territorju tal-Parti; jew
- (iii) japplikaw għan-nonresidenti jew għar-residenti sabiex ikun ipprevenut l-evitar jew l-evazzjoni tat-taxxi, inklużi l-miżuri ta' konformità; jew
- (iv) japplikaw għall-konsumaturi ta' servizzi pprovduti fi jew mit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jiżguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fuq tali konsumaturi derivati minn sorsi fit-territorju tal-Parti; jew
- (v) jagħżlu investituri u fornituri ta' servizzi suġġetti għal taxxa fuq oġġetti taxxabli madwar id-dinja kollha minn investituri u fornituri ta' servizzi oħra, b'rikonossiment tad-differenza fin-natura tal-bażi tat-taxxa bejniethom; jew
- (vi) jistabbilixxu, jallokaw jew jaqsmu d-dħul, il-profit, il-qligħ, it-telf, it-tnaqqis jew il-kreditu ta' persuni jew fergħat residenti, jew bejn persuni jew fergħat relatati tal-istess persuna, sabiex jissalvagwardjaw il-bażi tat-taxxa tal-Parti.

It-termini jew il-kunċetti tat-taxxa fl-paragrafu (f) ta' din id-dispożizzjoni u f'din in-nota ta' qiegħ il-paġna huma determinati skont definizzjonijiet u kunċetti tat-taxxa, jew definizzjonijiet u kunċetti ekwivalenti jew simili, skont il-liġi domestika tal-Parti li tieħu l-miżura.

(iii) li tkun relatata ma' materjali fiżżjonabbli u fużżjonabbli jew mal-materjali li minnhom joriġinaw; jew

(iv) meħuda fiż-żmien ta' gwerra jew emerġenza oħra fir-relazzjonijiet internazzjonali; jew

(c) li jimpedixxi lil kwalunkwe Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni sabiex tftitex li twestaq l-obbligi internazzjonali tagħha sabiex iżżomm il-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

KAPITOLU 7

Pagamenti kurrenti u moviment tal-kapital

Artikolu 144

Pagamenti kurrenti

Il-Partijiet jintrabtu li ma jimponu l-ebda restrizzjoni u jippermettu, f'munita liberament konvertibbli, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu VIII tal-Ftehim tal-FIM, kwalunkwe pagament u trasferimenti fil-kont kurrenti ta' bilanċ ta' pagamenti bejn il-Partijiet.

Artikolu 145

Movimenti tal-kapital

1. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Partijiet jiżguraw il-moviment ħieles ta' kapital relatat ma' investimenti diretti⁽¹⁾ skont il-liġijiet tal-pajjiż ospitanti, għal investimenti magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, u l-likwidazzjoni jew ir-ripatrijazzjoni ta' tali kapitali investiti u kwalunkwe profitt li joħroġ minnhom.

2. Fir-rigward għat-tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali u dak finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim il-Partijiet jiżguraw:

(a) Il-moviment ħieles tal-kapital relatat mal-krediti relatati mat-tranżazzjonijiet kummerċjali jew mad-dispożizzjonijiet tas-servizzi li fihom resident ta' waħda mill-Partijiet ikun qed jipparteċipa;

(b) Il-moviment ħieles ta' Kapital relatat ma' investment tal-portafoll u self finanzjarju u krediti mill-investituri tal-Parti l-oħra.

3. L-Ukraina timoenja ruħha li tlesti l-liberalizzazzjoni tat-tranżazzjonijiet fuq il-kontijiet kapitali u finanzjarji tal-bilanċ tal-pagamenti ekwivalenti għal-liberalizzazzjoni fil-Parti tal-UE qabel ma jingħata t-ttrattament ta' suq intern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII ma' dan il-Ftehim. Valutazzjoni pożittiva tal-leġiżlazzjoni tal-Ukraina fuq il-movimenti tal-kapital, l-implimentazzjoni tagħha u l-infuzar kontinwu mwettqa f'konformità mal-prinċipji spjegati fl-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII ma' dan il-Ftehim hija prekondizzjoni neċessarja għal kwalunkwe deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ biex jingħata t-ttrattament ta' suq intern fir-rigward tas-servizzi finanzjarji.

4. Mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet oħra f'dan il-Ftehim, il-Partijiet ma jdaħħlu ebda restrizzjonijiet ġodda fuq il-moviment ta' kapital u pagamenti kurrenti bejn ir-residenti tal-Parti tal-UE u tal-Ukraina u ma jagħmlux l-arranġamenti eżistenti aktar restrittivi.

Artikolu 146

Miżuri ta' salvagwardja

Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim, fejn, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-pagamenti jew il-movimenti ta' kapital bejn il-Partijiet jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għall-operazzjoni tal-politika dwar ir-rata tal-kambju jew għall-politika monetarja⁽²⁾ fi Stat Membru jew aktar tal-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina, il-Partijiet ikkonċernati jistgħu jieħdu miżuri ta' salvagwardja fir-rigward tal-movimenti tal-kapital bejn il-Parti tal-UE u l-Ukraina għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur jekk dawn il-miżuri jkunu strettament neċessarji. Il-Parti li tadotta l-miżura ta' salvagwardja tinforma lill-Parti l-oħra mill-ewwel bl-adozzjoni ta' tali miżuri u tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, skeda għat-tneħħija tagħha.

⁽¹⁾ Inkluż l-akwiżizzjoni ta' propjetà immobbli relatata ma' investment dirett.

⁽²⁾ Inkluż diffikultajiet serji għal pagament tal-bilanċi.

Artikolu 147

Faċilitazzjoni u liberalizzazzjoni ulterjuri tad-dispożizzjonijiet

1. Il-Partijiet jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiffaċilitaw il-moviment tal-kapital bejn il-Partijiet sabiex jippromwovu l-oġġettivi ta' dan il-Ftehim.
2. Matul l-ewwel erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jieħdu miżuri li jippermettu l-ħolqien tal-kondizzjonijiet neċessarji għall-applikazzjoni gradwali ulterjuri tar-regoli tal-Parti tal-UE fir-rigward tal-moviment ħieles tal-kapital.
3. Sal-aħħar tal-ħames sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ jirrivedi l-miżuri meħuda u jiddetermina l-modalitajiet għal liberalizzazzjoni ulterjuri.

KAPITOLU 8

Akkwist pubbliku

Artikolu 148

Objettivi

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut tas-sejħiet għall-offerti li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji, kompetittivi u miftuħa jagħtu lill-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u jiffissaw bħala l-oġġettiv tagħhom, il-ftuħ effettiv, reċiproku u gradwali tas-swieq tal-akkwist rispettiv tagħhom.

Dan il-Kapitolu jipprevedi aċċess reċiproku għas-swieq tal-akkwist pubbliku abbażi tal-prinċipju ta' trattament nazzjonali fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali għal kuntratti pubbliċi u konċessjonijiet fis-settur tradizzjonali u kif ukoll fis-settur tal-utilitajiet. Huwa jipprovdi għall-approssimazzjoni progressiva tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku fl-Ukraina mal-acquis dwar l-akkwist pubbliku tal-UE, akkumpanjata b'riforma istituzzjonali u l-ħolqien ta' sistema effiċjenti ta' akkwist pubbliku abbażi tal-prinċipji li jiggvernaw l-akkwist pubbliku fil-Parti tal-UE u l-patti u d-definizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-kordinazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvista pubbliċi u kuntratti ta' servizzi pubbliċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa id-"Direttiva 2004/18/KE") u d-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkordina l-proċeduri tal-akkwist tal-entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva 2004/17/KE").

Artikolu 149

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan il-Kapitolu japplika għal kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet, provvista u servizzi, kif ukoll kuntratti ta' xogħlijiet, provvista u servizzi fis-settur tal-utilitajiet u konċessjonijiet ta' xogħlijiet u servizzi.
2. Dan il-Kapitolu japplika għal kwalunkwe awtorità kontraenti jew kwalunkwe entità kontraenti li tissodisfa d-definizzjoni tal-acquis tal-akkwist pubbliku tal-UE (minn hawn 'il quddiem it-tnejn imsejħa "entitajiet kontraenti"). Hija tkopri wkoll il-korpi gvernati mil-liġi pubblika u l-impriżi pubbliċi fil-qasam tal-utilitajiet bħall-intrapriżi b'sjeda statali li jwettqu attivitajiet relevanti u impriżi privati li joperaw abbażi ta' drittijiet speċjali u esklużivi fil-qasam tal-utilitajiet.
3. Dan il-Kapitolu japplika għal kuntratti bil-valur ikbar mil-limitu minimu stipulat fl-Anness XXI-P:

Il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt pubbliku jkun ibbażat fuq l-ammont totali pagabbli, nett mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Meta jkunu applikati l-valuri minimi, l-Ukraina se tikkalkula u tikkonverti dawn il-valuri fil-munita nazzjonali tagħha, bl-użu tar-rati tal-kambju tal-Bank Nazzjonali tagħha.

Dawn il-valuri minimi jkunu riveduti regolarment kull sentejn, jibdeu mill-ewwel sena pari mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, abbażi tal-medja tal-valur ta' kulgurnata tal-euro, fit-termini tad-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament; matul l-24 xahar li jispiċċaw fl-aħħar ġurnata ta' Awwissu ta' qabel ir-reviżjoni b'effett mill-1 ta' Jannar. Il-valur tal-limiti rivedut għandu, jekk ikun neċessarju, jitqarreb lejn l-eqreb elf Euro. Ir-reviżjoni tal-valuri minimi tkun adottata mill-Kumitat għall-Kummerċ skont il-proċedura definita fit-Titolu VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali Ġenerali u Finali) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 150***Sfond istituzzjonali**

1. Il-Partijiet jistabbilixxu jew iżommu qafas istituzzjonali xieraq u mekkaniżmi għall-funzjonament xieraq tas-sistema ta' akkwist pubbliku u l-implimentazzjoni tal-prinċipji rilevanti.
2. Fil-qafas tar-riforma istituzzjonali, l-Ukraina tagħżel partikolarment:
 - (a) Korp eżekuttiv ċentrali responsabbli għall-politika ekonomika li jkollu l-kompitu li jggarantixxi politika koerenti fl-oqsma relatati mal-akkwist pubbliku. Tali korp jiffaċilita u jikkordina l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u jgwidha l-proċess ta' approssimazzjoni leġiżlattiva
 - (b) korp imparzjali u indipendenti li jkollu l-kompitu li jirrive di-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontraenti jew entitajiet matul l-għoti ta' kuntratti. F'dan il-kuntest, "indipendenti" tfisser li dak il-korp ikun awtorità pubblika li hija separata mill-entitajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi kollha. Għandu jkun hemm possibbiltà li di-deċiżjonijiet meħuda minn dan il-korp ikunu suġġetti għal reviżjoni ġudizzjali.
3. Il-Partijiet jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet responsabbli għar-reviżjoni tal-ilmenti jkunu infurzati b'mod effettiv.

*Artikolu 151***Standards bażiċi li jirregolaw l-għoti tal-kuntratti**

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jikkonformaw ma' sett ta' standards bażiċi għall-għoti tal-kuntratti kollha kif stipulat fil-paragrafi 2 sa 15 ta' dan l-Artikolu. Dawn l-istandards bażiċi jgħoddu direttament mir-regoli u mill-prinċipji tal-akkwist pubbliku, kif regolat fl-acquis tal-akkwist pubbliku tal-UE, inkluż il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, trattament ugwali, trasparenza u proporzjonalità.

Pubblikazzjoni

2. Il-Partijiet jiżguraw li l-akkwisti kollha meħtieġa jkunu ppublikati f'mezzi xierqa b'mod li huwa suffiċjenti:
 - (a) biex jippermettu li s-suq jinfetaħ għall-kompetizzjoni; u
 - (b) biex jippermettu li kwalunkwe operatur ekonomiku interesat ikollu aċċess xieraq għall-informazzjoni rigward l-akkwist intenzjonat qabel l-għoti tal-kuntratt u li jesprimi l-interess tiegħu fil-kisba tal-kuntratt.
3. Il-pubblikazzjoni tkun xierqa għall-interess ekonomiku tal-kuntratt għall-operaturi ekonomiċi.
4. Il-pubblikazzjoni jkun fiha mill-inqas id-dettalji essenzjali tal-kuntratt li għandu jingħata, il-kriterji għall-għażla kwalitattiva, il-metodu tal-għotja, il-kriterji biex jingħata l-kuntratt u kwalunkwe informazzjoni addizzjonali oħra li l-operaturi ekonomiċi raġonevolment jeħtieġu biex jagħmlu deċiżjoni dwar jekk għandhom jesprimu l-interess tagħhom fil-kisba tal-kuntratt.

Għoti tal-kuntratti

5. Il-kuntratti kollha jingħataw permezz ta' proċeduri ta' għotja trasparenti u imparzjali li jipprevjenu l-prattiki korruttivi. Din l-imparzjalità tkun żgurata speċjalment permezz ta' deskrizzjoni nondiskriminatorja tas-suġġett tal-kuntratt, aċċess ugwali għall-operaturi ekonomiċi kollha, limiti taż-żmien xierqa u approċċ trasparenti u oġġettivi.
6. Meta jkunu deskritti l-karatteristiċi tax-xogħol, provvista jew servizz rikjest, l-entitajiet kontraenti jużaw deskrizzjonijiet ġenerali ta' prestazzjoni u funzjonijiet u standards internazzjonali, Ewropej jew nazzjonali.

7. Id-deskrizzjoni tal-karatteristiċi rikjetsi għal-xogħol, provvista jew servizz ma jirreferux għal ditta jew sors peċifiċi, jew proċess partikolari, jew marki kummerċjali, privati, tipi jew oriġini jew produzzjoni speċifika sakemm tali referenza ma tkunx ġustifikata mis-suġġett tal-kuntratt u akkumpanjata mill-kliem "jew ekwivalenti". Tingħata preferenza għall-użu ta' deskrizzjonijiet ġenerali ta' prestazzjoni jew funzjonijiet.

8. Entitajiet kontareneti ma jimponux kondizzjonijiet li jirriżultaw minn diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra, bħar-rekwiżi li l-operaturi ekonomiċi interessati fil-kuntratt iridu jkunu stabbiliti fl-istess pajjiż, reġjun jew territorju bħall-entità kontraenti.

Minkejja dan ta' hawn fuq, f'każijiet fejn huwa ġustifikat minn ċirkostanzi speċifiċi tal-kuntratt, l-applikant b'suċċess jista' jkun meħtieġ jistabilixxi ċerta infrastruttura tan-negozju fuq il-post tat-twertiq tal-kuntratt.

9. Il-limiti taż-żmien għall-espressjoni ta' interess u għall-preżentazzjoni tal-offerti tkun suffiċjentament twila biex tippermetti lill-operaturi ekonomiċi mill-Parti l-oħra jaggmli valutazzjoni xierqa tas-sejħa għall-offerti u jippreparaw l-offerta tagħhom.

10. Il-partecjanti kollha jridu jkunu jistgħu jkunu jafu r-regoli, il-kriterji ta' għażla u dawk ta' għotja applikabbli minn qabel. Dawn ir-regoli jridu japplikaw b'mod ugwali għall-partecjanti kollha.

11. Entitajiet kontraenti jistgħu jstiednu għadd limita ta' applikanti biex jippreżentaw offerta, sakemm:

(a) Dan isir b'mod trasparenti u nondiskriminatorju; u

(b) l-għażla hija bbażata biess fuq fatturi oġġettivi bħall-esperjenza tal-applikanti fis-settur ikkonċernat, id-daqs u l-infrastruttura tan-negozju tagħhom jew il-kapaċitajiet tekniċi u professjonali tagħhom.

Meta jkunu mistiedna għadd limitat ta' applikanti biex jippreżentaw offerta, għandu jkun ikkunsidrat il-bżonn li tkun żgurata kompetizzjoni adegwata.

12. Entitajiet kontraenti jistgħu jużaw proċeduri negozjati bixx f'każijiet definiti eċċezzjonali meta l-użu ta' tali proċedura effettivament ma jfjixkilx il-kompetizzjoni.

13. Entitajiet kontraenti jistgħu jużaw sistemi ta' kwalifiku biss bil-kondizzjoni li l-lista ta' operaturi kalifikati hija kumpilata permezz ta' proċedura rreklamant suffiċjentament, trasparenti u miftuħa. Kuntratti li jaqgħu fl-ambitu ta' tali sistemi jingħataw ukoll fuq bażi nondiskriminatorja.

14. Il-Partijiet jiżguraw li kuntratti mightija b'mod trasparenti lill-applikant li jkun ressaq l-aktar offerta ekonomika-ment vantaġġuża jew l-offerta bl-irħas prezz, abbażi tal-kriteri għas-sejħa għall-offerti u r-regoli proċedurali stabbili u kkomunikati minn qabel. Id-deċiżjonijiet finali għandhom ikunu kkomunikati lill-applikanti kollha mingħajr dewmien żejjed. Fuq talba tal-applikant irrifjutat, iridu jkunu pprovduti raġunijiet f'dettal suffiċjenti biex jippermetti reviżjoni tad-deċiżjoni.

Protezzjoni ġudizzjarja

15. Il-Partijiet jiżguraw li kwalunkwe persuna li għandha jew li kellha interess li tikseb kuntratt partikolari u li kienet danneġġata, jew qiegħda fis-riskju li tkun danneġġata, b'allegat ksur hija intitolata għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u imparzjali kontra kwalunkwe deċiżjoni tal-entità kontraenti fir-rigwarda tal-għoti ta' dak il-kuntratt. Id-deċiżjonijiet matul tali reviżjoni jew fit-tmien tagħha tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod li huwa suffiċjenti biex jinforma lill-operaturi ekonomiċi kollha interessati.

Artikolu 152

Ippjanar tal-approssimazzjoni leġislattiva

1. Qabel ma tibda l-approssimazzjoni leġislattiva, l-Ukraina tippreżenta pjan direzzjonali komprensiv lill-Kumitat għall-Kummerċ għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu bi skeda ta' żmien u miri li għandhom jinkludu r-riformi kollha f'termini ta' approssimazzjoni leġislattiva u bini ta' kapaċità istituzzjonali. Dan il-pjan direzzjonali jikkonforma mal-fażijiet u l-iskedi ta' żmien stabbiliti fl-Anness XXI-A ma' dan il-Ftehim

2. Il-Pjan direzzjonali jkopri l-aspetti kollha tar-riforma u l-qafas legali ġenerali għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' akkwist pubbliku, b'mod partikolari: approssimazzjoni leġiżlattiva għall-kuntratti pubbliċi, kuntratti fis-settur tal-utilitajiet, konċessjonijiet ta' xogħlijiet u proċeduri ta' reviżjoni; u tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-livelli kollha inkluż korpi ta' reviżjoni u makkaniżmi ta' infurzar.

3. Wara opinjoni favorevoli mill-Kumitat għall-Kummerċ, dan il-pjan direzzjonali jkun ikkunsidrat bħala dokument ta' referenza għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. L-Unjoni Ewropea se tagħmel mill-aħjar biex tassisti lill-Ukraina fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali.

Artikolu 153

Approssimazzjoni leġiżlattiva

1. L-Ukraina tiżgura li ligiżlazzjoni eżistneti u futura dwar l-akkwist pubbliku se ssir gradwalment kumpatibbli mal-acquis tal-UE dar l-akkwist pubbliku.

2. Approssimazzjoni leġiżlattiva titwettaq f'fażijiet konsekuttivi stabbiliti fl-Anness XXI-A u l-Annessi XXI-B to XXI-E, XXI-G, XXI-H, u XXI-J ma' dan il-Ftehim. L-Annessi XXI-F u XXI-I ma' dan il-Ftehim jidentifikaw elementi nonmandatorji li ma hemmx b'żonn li jkunu trasposti, waqt li l-Annessi XXI-K sa N ma' dan il-Ftehim jidentifikaw elementi tal-acquis tal-UE li jibqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-approssimazzjoni leġiżlattiva. F'dan il-proċess, għadha ssir kunsiderazzjoni dovuta lill-każistika korrispondenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-miżuri ta' implimentazzjoni adottata mill-Kummissjoni Ewropea u, jekk dan ikun neċessarju, kwalunkwe modifiki tal-acqui tal-UE li seħħu sadanittant. L-implimentazzjoni ta' kull fażi se tkun evalwata mill-Kumitat għall-Kummerċ, u, wara valutazzjoni pjożittiva minn dak il-Kumitat għall-Kummerċ, jintrabtu mal-għoti reċiproku ta' aċċess għas-suq kif stabbilit fl-Anness XXI-A ma' dan il-Ftehim. Il-Kummissjoni Ewropea tinnofika mingħajr dewmien żejjed lill-Ukraina bi kwalunkwe modifiki tal-acquis tal-UE. Hija se tipprovi parir xieraq u assistenza teknika għall-għan li jkunu implimentati tali modifiki.

3. Il-Partijiet jaqblu li l-Kumitat għall-Kummerċ jipproċedi biss għall-evalwazzjoni tal-fażi sussegwenti ladarba l-miżuri biex jimplementaw il-fażi preċedenti jkunu twettqu u ġew approvati skont il-modalitajiet stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Partijiet jiżguraw li dawk l-aspetti u l-oqsma tal-akkwist pubbliku li mhumiex koperti minn dan l-Artikolu jikkonformaw mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali kif stabbilit fl-Artikolu 151 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 154

Aċċess għas-suq

1. Il-Partijiet jaqblu li l-ftuħ effettiv u reċiproku tas-swieq rispettivi tagħhom jintlaħaq gradwalment u simultanjamet. Matul dan il-proċess ta' approssimazzjoni leġiżlattiva, il-punt safejn l-aċċess għas-suq mogħti reċiprokament ikun marbut mal-progress li sar fil-proċess kif stipulat fl-Anness XXI-A ma' dan il-Ftehim.

2. Id-deċiżjoni biex jipproċedu għal fażi ulterjuri ta' ftuħ tas-suq għandha ssir abbażi tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni adottata kif ukoll l-implimentazzjoni parattika tagħha. Tali valutazzjoni għandha titwettaq regolament mill-Kumitat għall-Kummerċ.

3. Sakemm Parti, skont l-Anness XXI-A ma' dan il-Ftehim, tkun fetħet is-suq tagħha ta' akkwist lill-Parti l-oħra, il-Parti tal-UE tagħti aċċess għall-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti lill-kumpaniji tal-Ukraina - kemm jekk huma stabbiliti fil-Parti tal-UE jew le - skont ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku bi trattament xejn inqas favorevoli minn dak mogħti lill-kumpaniji tal-Parti tal-UE; L-Ukraina tagħti aċċess għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt lill-kumpanija tal-UE - kemm jekk huma stabbiliti fl-Ukraina jew le - skont ir-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku bi trattament xejn inqas favorevoli minn dak mogħti lill-kumpaniji tal-Ukraina.

4. Wara l-implimentazzjoni tal-aħħar fażi fil-proċess tal-approssimazzjoni leġiżlattiva, il-Partijiet se jeżaminaw il-possibbiltà biex jagħtu reċiprokament l-aċċess għas-suq fir-rigward ta' akkwisti anki inqas mill-valuri minimi stabbiliti fl-Artikolu 149(3) ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Finlandja tiriserva l-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-Gżejjer Aland.

Artikolu 155

Informazzjoni

1. Il-Partijiet jiżguraw li l-entitjiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi jkunu informati sew dwar il-proċeduri ta' akkwist pubbliku, anki permezz tal-pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni d-deċiżjonijiet amministrattivi relevanti.
2. Il-Partijiet jiżguraw it-tixrid effettiv ta' informazzjoni dwar opportunitajiet għal tfigħ ta' offerti.

Artikolu 156

Koperazzjoni

1. Il-Partijiet itejbu l-koperazzjoni permezz ta' skambju ta' esperjenzi u informazzjoni relatati mal-aħħjar prattiki tagħhom u oqsfa regolatorji.
2. Il-Parti tal-UE tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, anko permess ta' assistenza teknika fejn xieraq. F'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni finanzjarja fit-Titolu VI (Koperazzjoni Finanzjarja b'Dispożizzjonijiet Kontra l-Frodi) ta' dan il-Ftehim, deċiżjonijiet speċifiċi dwar assistenza finanzjarja għandhom jgħaddu mill-mekkaniżmi u strumenti ta' finanzjar tal-UE.
3. Lista indikattiva ta' kwistjonijiet għal koperazzjoni hija inkluża fl-Anness XXI-O ma' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 9

Proprietà intellettwali

T a q s i m a 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 157

Objettivi

L-objettivi ta' dan il-Kapitolu huma:

- (a) li jiffaċilita l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti innovattivi u kreattivi fil-Partijiet; u
- (b) li jikseb livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Artikolu 158

Natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi

1. Il-Partijiet jiżguraw l-implimentazzjoni adegwata u effettiva tat-trattati internazzjonali li jirrigwardaw il-proprjetà internazzjonali li għalihom huma partijiet fosthom il-Ftehim dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali, li jinsab fl-Anness 1C mal-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim TRIPS"). Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom jikkumplimentaw u jispeċifikaw ulterjorment id-drittijiet u l-obbligi bejn il-Partijiet skont il-Ftehim TRIPS u trattati internazzjonali oħra fil-qasam tal-proprjetà intellettwali.
2. Għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, drittijiet ta' proprjetà intellettwali jinkludu d-drittijiet tal-awtur, inkluż drittijiet tal-awtur fi programmi tal-komputer u f'bażijiet tad-dejta, u drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur, drittijiet relatati mal-privattivi inkluż privattivi għal invenzjonijiet bijoteknoloġiċi, marki kummerċjali, ismijiet kummerċjail sakemm dawn huma protetti bħala drittijiet esklużivi ta' proprjetà fil-liġi domestika kkonċernata, disinji, disinji tal-layout (topografiji) taċ-ċirkwiti integrati, indikazzjonijiet ġeografiċi, inkluż deżinjazzjoni tal-orġini, indikazzjonijiet tas-sors, varjetajiet ta' pjanti, protezzjoni ta' informazzjoni mhux żvelata u l-protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10 bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprietà Industrijali (1967) (minn hawn 'il quddiem msejħa l-"Konvenzjoni ta' Pariġi").

*Artikolu 159***Trasferiment tat-teknoloġija**

1. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw opinjonijiet u informazzjoni fuq il-prattiki domestiċi u internazzjonali u politiki li jaffettwaw it-trasferiment tat-teknoloġija. B'mod partikolari dan għandu jinkludi miżuri sabiex jiffaċilitaw il-flussi ta' informazzjoni, is-sħubijiet kummerċjali, u l-liċenzjar u s-sottokuntrattar ta' negozji fuq bażi volontarja. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-kondizzjonijiet neċessarji sabiex jinħoloq ambjent adegwat li jagħmel it-trasferiment tat-teknoloġija possibbli fil-pajjiżi ospitanti, inklużi kwistjonijiet bħall-qafas legali u l-iżvilupp tal-kapital uman.
2. Il-Partijiet jiżguraw li l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali huma protetti.

*Artikolu 160***Eżawriment**

Il-Partijiet ikunu liberi li jstabbilixxu r-reġim tagħhom stess għall-eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS.

*T a q s i m a 2***Standards li jirrigwardaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali***S u b t a q s i m a 1***Drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati***Artikolu 161***Protezzjoni mogħtija**

Il-Partijiet jikkonformaw ma':

- (a) l-Artikoli 1 sa 22 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Artisti, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet tax-Xandir (1961) (minn hawn 'il quddiem l-"Konvenzjoni ta' Ruma");
- (b) l-Artikoli 1 sa 18 tal-Konvenzjoni ta' Berne għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi (1886, emendata l-aħħar fl-1979) (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Berne");
- (c) l-Artikoli 1 sa 14 tat-Trattat dwar id-Drittijiet tal-Awtur (1996) (minn hawn 'il quddiem id-"WCT") tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettuali (minn hawn 'il quddiem imsejħa d- "WIPO"); u
- (d) l-Artikoli 1 sa 23 tat-Trattat dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi tad-WIPO (1996).

*Artikolu 162***Durata tad-drittijiet tal-awtur**

1. Id-drittijiet tal-awtur ta' xogħol artistiku jew letterarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ta' Berna jdmu tul il-ħajja tal-awtur u għal 70 sena wara mewtu, irrispettivament mid-data meta x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku.
2. Fejn id-dritt tal-awtur ikun ta' aktar minn awtur wieħed, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat mill-mewt tal-aħħar ko-awtur li jibqa' ħaj.
3. Fil-każ ta' xogħlijiet anonimi jew psewdonimi, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jdmu għal 70 sena wara li x-xogħol ikun sar legalment disponibbli għall-pubbliku. Madankollu, meta psewdonimu adottat mill-awtur ma jħalli l-ebda dubbju dwar l-identità tiegħu, jew jekk l-awtur jiżvela l-identità tiegħu matul il-perjodu msemmi fl-ewwel sentenza, il-perjodu ta' protezzjoni applikabbli għandu jkun dak stipulat fil-paragrafu 1.

4. Fejn xogħol huwa ppubblikat f'volumi, partijiet, faxxikli, ħarġiet jew episodji u l-perjodu ta' protezzjoni jibda mill-mument meta x-xogħol kien legalment magħmul disponibbli għall-pubbliku, il-perjodu ta' protezzjoni għandu jibda separatament għal kull oġġett.
5. Fil-każ ta' xogħlijiet li għalihom il-perjodu ta' protezzjoni ma jkunx ikkalkolat mill-mewt tal-awtur jew awturi u li ma jkunux saru disponibbli legalment għall-pubbliku fi żmien 70 sena mill-kreazzjoni tagħhom, il-protezzjoni tintemm.

Artikolu 163

Durata tal-protezzjoni għal xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi.

1. Id-direttur prinċipali ta' xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv għandu jkun ikkunsidrat bħala l-awtur tiegħu jew bħala wieħed mill-awturi. Il-Partijiet ikunu ħielsa li jindikaw koawturi oħrajn.
2. Il-perjodu ta' protezzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi jew awdjoviżivi jiskadi 70 sena wara l-mewt tal-aħħar grupp ta' persuni speċifiċi superstiti, sew jekk dawn il-persuni jiġux indikati jew le bħala koawturi: Il-grupp għandu jinkludi mill-inqas id-direttur prinċipali, l-awtur taċ-ċeneġġatura, l-awtur tad-djalogi u l-kompożitur ta' mużika maħluqa speċifikament għall-użu f'xogħol ċinematografiku jew awdjoviżivi.

Artikolu 164

Durata ta' drittijiet relatati

1. Id-drittijiet tal-artisti jiskadu mhux qabel 50 sena wara d-data tar-rappreżentazzjoni. Madankollu, jekk l-iffissar ta' rappreżentazzjoni jkun ippubblikat legalment jew komunikat legalment lill-pubbliku f'dan il-perjodu, id-drittijiet jiskadu mhux qabel 50 sena mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni bħal din jew l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku, liema minnhom tkun l-ewwel.
2. Id-drittijiet tal-produtturi ta' fonogrammi jiskadu mhux qabel 50 sena wara li jsir l-iffissar. Madankollu, jekk fonogramm ikun pubblikat legalment f'dan il-perjodu, id-drittijiet imsemmija jiskadu mhux qabel 50 sena mid-data tal-ewwel pubblikazzjoni legali. Jekk ma tkun saret l-ebda pubblikazzjoni legali fil-perjodu msemmi fl-ewwel sentenza, u jekk il-fonogramm ikun legalment komunikat lill-pubbliku fi żmien dan il-perjodu, id-drittijiet imsemmija jiskadu 50 sena mid-data tal-ewwel komunikazzjoni legali lill-pubbliku.
3. Id-drittijiet tal-produtturi tal-ewwel iffissar ta' film jiskadu mhux qabel 50 sena wara li jsir l-iffissar. Madankollu, jekk il-film ikun ippubblikat legalment jew ikun komunikat legalment lill-pubbliku matul dan il-perjodu, id-drittijiet jiskadu mhux qabel 50 sena mid-data ta' din l-ewwel pubblikazzjoni jew l-ewwel komunikazzjoni bħal din lill-pubbliku, liema minnhom tkun l-ewwel. It-terminu "film" għandu jfisser xogħol ċinematografiku jew awdjoviżiv jew sekwenza ta' xbiehat li jiċċaqilqu, kemm jekk ikunu akkumpanjati mill-ħoss sew jekk le.
4. Id-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara l-ewwel trażmissjoni ta' xandira, kemm jekk din ix-xandira tiġi trażmessa bil-wajer jew fuq l-arja, fosthom bil-kejbil jew bis-satellita.

Artikolu 165

Protezzjoni ta' xogħlijiet mhux pubblikati qabel

Kull persuna li, wara l-iskadenza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, għall-ewwel darba tippubblika legalment jew tikkomunika legalment lill-pubbliku xogħol mhux ippubblikat qabel, tibbenefika minn protezzjoni ekwivalenti għad-drittijiet ekonomiċi tal-awtur. Il-perjodu ta' protezzjoni ta' dawn id-drittijiet għandu jkun ta' 25 sena minn meta x-xogħol ikun ippubblikat għall-ewwel darba jew komunikat legalment lill-pubbliku.

Artikolu 166

Pubblikazzjonijiet kritiċi u xjentifiċi

Il-Partijiet jistgħu jipproteġu wkoll publikazzjonijiet kritiċi u xjentifiċi ta' xogħlijiet li jkunu ġew fl-isfera pubblika. Il-perjodu massimu ta' protezzjoni ta' dawn id-drittijiet għandu jkun ta' 30 sena minn meta l-pubblikazzjoni kienet legalment ippubblikata għall-ewwel darba.

Artikolu 167

Protezzjoni ta' fotografiji

Il-fotografiji li jkunu oriġinali fis-sens li jkunu l-kreazzjoni intellettuali tal-awtur innifsu jkunu protetti skont l-Artikolu 162 tal-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu għall-protezzjoni ta' fotografiji oħra.

Artikolu 168

Koperazzjoni fuq il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet

Il-Partijiet jirrikonoxxu n-neċessità għall-istabbiliment ta' ftehimiet bejn is-soċjetajiet ta' ġbir rispettivi tagħhom sabiex jiżguraw aċċess u kunsinna reċiproka tal-kontenut bejn it-territorju tal-Partijiet, kif ukoll jiżguraw it-trasferiment reċiproku tal-pagamenti għall-użu tax-xogħlijiet jew materjal ieħor tal-Partijiet jew suġġetti oħra li jkunu protetti. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-bżonn li s-soċjetajiet ta' ġbir rispettivi tagħhom jiksbu livell għoli ta' razzjonalizzazzjoni u trasparenza rigward it-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Artikolu 169

Dritt tal-iffissar

1. Għall-iskop ta' dan l-Artikolu, iffissar tfisser it-tiswir ta' ħsejjes u immaġini, jew ta' rappreżentazzjoni tagħhom, li minnha jistgħu jkunu perċepiti, riprodotti jew kkomunikata permezz ta' apparat.
2. Il-Partijiet jipprovdu lill-artisti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-iffissar tal-wirjiet tagħhom.
3. Il-Partijiet jipprovdu għall-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu l-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawn ix-xandiriet ikunu trasmessi bil-fili sew jekk bl-ajru, inklużi bil-cable jew bis-satellita.
4. Distributur bil-kejbil ma għandux ikollu d-dritt previst fil-paragrafu 2 fejn huwa sempliċement jerġa' jittrasmetti bil-cable x-xandiriet ta' organizzazzjonijiet tax-xandir.

Artikolu 170

Xandir u komunikazzjoni lill-pubbliku

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:
 - (a) "xandir" tfisser it-trażmissjoni b'mezzi mingħajr fili għar-riċezzjoni ta' ħsejjes jew ta' immaġni u ħsejjes jew rappreżentazzjonijiet tagħhom mill-pubbliku; Tali trażmissjoni bis-satellita; it-trażmissjoni ta' sinjali kriptati, meta l-mezzi għad-dekriptaġġ jiġu pprovdu lill-pubbliku mill-organizzazzjoni tax-xandir jew bil-kunsens tagħha;
 - (b) "komunikazzjoni lill-pubbliku" tfisser it-trażmissjoni lill-pubbliku bi kwalunkwe mezz, ħlief bix-xandir, tal-ħsejjes ta' prestazzjoni jew il-ħsejjes jew ir-rappreżentazzjonijiet ta' ħsejjes imqiegħda fuq fonogramma. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, "komunikazzjoni lill-pubbliku" tinkludi li l-ħsejjes jew ir-rappreżentazzjonijiet tal-ħsejjes imqiegħda fuq fonogramma jkunu jistgħu jinstemgħu mill-pubbliku.
2. Il-Partijiet jipprovdu lill-artisti d-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir b'mezzi wajerless u l-komunikazzjoni lill-pubbliku, tal-wirjiet tagħhom, ħlief meta l-wirja nnifisha tkun diġà wirja mxandra jew tkun magħmula minn reġistrazzjoni.
3. Il-Partijiet jipprovdu lill-artisti u lill-produtturi ta' fonogrammi bid-dritt għal remunerazzjoni waħda ġusta, jekk fonogramma ppubblikata għal skopijiet kummerċjali jew riproduzzjoni ta' tali fonogramma tintuża għal xandir b'mezzi wajerless jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku. Il-Partijiet jistgħu, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogramm, jistipulaw il-kondizzjonijiet għat-tqassim ta' dan il-pagament bejniethom.

4. Il-Partijiet jipprovdu għall-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklużiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom b'mezzi minghajn f'li, kif ukoll il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom jekk din il-komunikazzjoni ssir f'postijiet aċċessibbli għall-pubbliku fuq pagament ta' miżata għad-dħul.

Artikolu 171

Dritt ta' distribuzzjoni

1. Il-Partijiet jipprovdu lill-awturi, rigward l-oriġinal tax-xogħlijiet tagħhom jew tal-kopji tagħhom, id-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku b'bejgħ jew mod ieħor.

2. Il-Partijiet jipprovdu d-dritt esklużiv li jagħmlu l-oġġetti indikati fis-subparagrafi (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu, inkluż kopji tagħhom, disponibbli għall-pubbliku, permezz ta' bejgħ jew mod ieħor.

(a) għall-artisti, rigward l-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

(b) għall-produtturi tal-fonogrammi, rigward il-fonogrammi tagħhom;

(c) għall-produtturi tal-ewwel iffissar tal-films, rigward l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;

(d) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, rigward l-iffissar tax-xandiriet tagħhom kif stipulat fl-Artikolu 169(3) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 172

Limitazzjonijiet

1. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu għal limitazzjonijiet fuq id-drittijiet imsemmija fl-Artikoli 169, 170 u 171 ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta':

(a) użu privat;

(b) użu ta' siltiet qosra dwar ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti;

(c) l-iffissar effimeru minn organizzazzjoni tax-xandir permezz tal-faċilitajiet tagħha stess u għax-xandiriet tagħha;

(d) użu biss għall-finijiet ta' taġlim jew riċerka xjentifika.

2. Irrispettivament mill-paragrafu 1, il-Partijiet jistgħu jiġġrovdu għall-istess tipi ta' limitazzjonijiet rigward il-protezzjoni ta' artisti, produtturi ta' fonogrammi, organizzazzjonijiet tax-xandir u ta' produtturi tal-ewwel iffissar ta' films, hekk kif jipprovdu għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur f'xogħlijiet letterarji u artistiċi. Madankollu, jistgħu jkunu previsti liċenzji obbligatorji, biss sal-punt fejn ikunu kompatibbli mal-Konvenzjoni ta' Ruma.

3. Il-limitazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jiġu applikati biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorrux kontra l-isfruttar normali tal-materja u ma jippreġudikawx minghajn raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet.

Artikolu 173

Dritt ta' riproduzzjoni

Il-Partijiet jipprovdu għad-dritt esklużiv li jawtorizza jew jipprojbixxi riproduzzjoni diretta jew indiretta, temporanja jew permanenti b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parzjalment:

(a) għall-awturi, tax-xogħlijiet tagħhom;

(b) għall-artisti, tal-iffissar tal-wirjiet tagħhom;

- (c) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;
- (d) għall-produtturi tal-ewwel iffissar ta' films, rigward l-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;
- (e) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, tal-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet ikunu trasmessi bil-fili jew bl-arja, magħduda bil-cable jew bis-satellita.

Artikolu 174

Id-dritt ta' komunikazzjoni lill-pubbliku ta' xogħlijiet u d-dritt li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku suġġetti oħra

1. Il-Partijiet jipprovdu lill-awturi bid-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu kull komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, bil-fili jew mezz minghajn fil, inklużi li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku x-xogħlijiet tagħhom b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom.

2. Il-Partijiet jipprovdu għad-dritt esklużiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu li jagħmlu xogħlijiet disponibbli lill-pubbliku, permezz tal-fili jew minghajn fil, b'mod li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u f'ħin magħżul individwalment minnhom, jiġifieri:

- (a) għall-artisti, tal-iffissar tal-wirjiet tagħhom;
 - (b) għall-produtturi ta' fonogrammi, tal-fonogrammi tagħhom;
 - (c) għall-produtturi tal-ewwel iffissar tal-films, tal-oriġinal u l-kopji tal-films tagħhom;
 - (d) għall-organizzazzjonijiet tax-xandir, tal-iffissar tax-xandiriet tagħhom, sew jekk dawk ix-xandirijiet ikunu trasmessi bil-fili jew bl-arja, inkluż bil-cable jew bis-satellita.
3. Il-Partijiet jaqblu li d-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jiġu eżawriti bl-ebda att ta' komunikazzjoni lill-pubbliku jew li jagħmilhom disponibbli għall-pubbliku kif stipulat f'dan l-Artikolu.

Artikolu 175

Eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet

1. Il-Partijiet jipprovdu li l-atti temporanji ta' riproduzzjoni msemmija fl-Artikolu 173 ta' dan il-Ftehim, li huma trażitorji jew inċidentali, li huma parti integrali u essenzjali tal-proċess teknoloġiku u li l-uniku skop tagħhom hu li jippermettu:

- (a) trażmissjoni f'network bejn partijiet terzi minn intermedju; jew
- (b) użu skont il-liġi

ta' xogħol jew suġġett ieħor li għandu jsir, u li ma jkollhom ebda sinifikat ekonomiku indipendenti, ikunu eżenti mid-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 173.

2. Fejn il-Partijiet jipprovdu għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' riproduzzjoni previst fl-Artikolu 173, jistgħu jipprovdu simularment għal eċċezzjoni jew limitazzjoni għad-dritt ta' distribuzzjoni previst fl-Artikolu 171(1) ta' dan il-Ftehim sal-punt ġustifikat mill-iskop tal-att ta' riproduzzjoni awtorizzat.

3. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għad-drittijiet li hemm stabbiliti fl-Artikoli 173 u 174 ta' dan il-Ftehim biss f'ċerti każi speċjali li ma jmorru kontra l-isfruttament normali tax-xogħol jew suġġetti ieħor u ma jippreġudikawx b'mod bla raġuni l-interessi leġittimi tad-detentur tad-drittijiet.

Artikolu 176

Protezzjoni ta' miżuri teknoloġiċi

1. Il-Partijiet jipprovdu protezzjoni legali adegwata kontra ċ-ċirkomvenzjoni ta' kull miżura teknoloġika effettiva li l-persuna kkonċernata twettaq konsapevolment, jew b'bażi raġonevoli li tkun taf, li qiegħda tfitteż li tilħaq dak l-objettiv.

2. Il-Partijiet jipprovdu protezzjoni legali adegwata kontra l-manifattura, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-kiri, ir-reklamar għall-bejgħ jew għall-kiri, jew il-pussess għal skopijiet kummerċjali, ta' apparat, prodotti jew komponenti, jew il-forniment ta' servizzi li:

(a) jiġu promossi, reklamati jew imqiegħda fis-suq għall-iskop ta' evażjoni ta'; jew

(b) ftit ikollhom skop jew użu kummerċjali sinifikanti ħlief li jevadu; jew

(c) ikunu primarjament iddisinjati, magħmula, adattati jew imwettqa għall-iskop li jippermettu jew jiffaċilitaw iċ-ċirkomvenzjoni ta' kwalunkwe miżuri teknoloġiċi effettivi.

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, l-espressjoni "miżura teknoloġika" tfisser kwalunkwe teknoloġija, strument jew komponent li, fl-andament normali tal-operazzjoni tiegħu, ikun imfassal sabiex jevita jew jillimita atti, fir-rigward ta' xogħlijiet jew suġġetti oħra, li ma jkunux awtorizzati mid-detentur ta' kwalunkwe drittijiet tal-awtur jew kwalunkwe dritt relatat mad-drittijiet tal-awtur kif previst mil-leġiżlazzjoni ta' kull Parti. Miżuri teknoloġiċi jitqiesu "effettivi" fejn l-użu ta' xogħol protett jew materjal ieħor huwa kontrollat mid-detenturi tad-drittijiet permezz ta' applikazzjoni ta' kontroll għal aċċess jew proċess ta' protezzjoni, bħal kriptaġġ, taqlib jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew materjal ieħor jew mekkaniżmu ta' kontroll ta' ikkupjar li jilħaq l-objettiv ta' protezzjoni.

4. Fejn il-Parijiet jipprovdu għal limitazzjonijiet għad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 172 u 175 ta' dan il-Ftehim, jistgħu wkoll jiżguraw li d-detenturi tad-drittijiet jagħmlu l-mezzi għall-benefiċċju minn dik l-eċċezzjoni jew limitazzjoni disponibbli għall-benefiċċjarju ta' eċċezzjoni jew limitazzjoni sal-punt neċessarju biex jibbenefika minn dik l-eċċezzjoni jew limitazzjoni u fejn dak il-benefiċċjarju għandu aċċess legali għax-xogħol jew suġġett protett ikkonċernat.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 175(1) u (2) ta' dan il-Ftehim ma għandhomx japplikaw għal xogħlijiet jew suġġetti ieħor li jkun sar disponibbli għall-pubbliku skont termini kuntrattwali miftehma b'mod li membri tal-pubbliku jistgħu jkollhom aċċess għalihom minn post u ħin individwalment magħżul minnhom.

Artikolu 177

Protezzjoni ta' informazzjoni dwar l-immaniġġar tad-drittijiet

1. Il-Partijiet jipprovdu protezzjoni legali adegwata kontra kull persuna li konsapevolment twettaq mingħajr awtorità kull att minn dawn li ġejjin:

(a) it-tneħħija jew tibdil f'kull informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar ta' drittijiet;

(b) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, il-komunikazzjoni jew it-tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, ta' xogħlijiet jew affarijiet oħra protetti taħt dan il-Ftehim, li minnhom tkun tneħħiet jew ġiet mibdula mingħajr awtorizzazzjoni, informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġar tad-drittijiet.

jekk tali persuna tkun taf, jew ikollha raġunijiet biżżejjed sabiex tkun taf, li billi tagħmel dan tkun qiegħda tikkawża, tippermetti, tiffaċilita jew taħbi l-ksur ta' kwalunkwe drittijiet tal-awtur jew drittijiet marbuta mad-drittijiet tal-awtur kif previsti mil-liġi tal-Parti relevanti.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, l-espressjoni "informazzjoni dwar l-immaniġġar tad-drittijiet" tfisser kwalunkwe informazzjoni pprovdata mid-detenturi tad-drittijiet li tidentifika x-xogħol jew ħaġa oħra msemmija fis-Subtaqsima 1, l-awtur jew kwalunkwe detentur ieħor ta' drittijiet, jew informazzjoni dwar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-użu tax-xogħol jew ħaġa oħra, u kwalunkwe numru jew kodiċi li jirrappreżentaw tali informazzjoni.

L-ewwel paragrafu għandu japplika meta xi waħda minn dawn l-affarijiet ta' informazzjoni tkun assoċjata ma' kopja ta', jew tidher b'rabta mal-komunikazzjoni lill-pubbliku, ta' xogħol jew suġġett ieħor msemmi fis-Subtaqsima 1.

Artikolu 178

Detenturi tad-drittijiet u s-suġġett tad-dritt tal-kiri u s-self

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdi dritt esklużiv biex jawtorizzaw jew jipprojbixxu kiri u self tas-segweni:
 - (a) l-awtur fir-rigward tal-oriġinal u tal-kopji tax-xogħol tiegħu;
 - (b) l-artist fir-rigward tal-iffissar tal-wirja tiegħu;
 - (c) il-produttur tal-fonogramm fir-rigward tal-fonogrammi tiegħu;
 - (d) il-produttur tal-ewwel iffissar ta' film fir-rigward tal-oriġinal u tal-kopji tal-film tiegħu.
2. Dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx ikopru d-drittijiet tal-kiri u self relatati ma' bini u ma' xogħlijiet tal-arti applikata.
3. Il-Partijiet jistgħu jidderogaw mid-dritt esklużiv previst fil-paragrafu 1 dwar is-self lill-pubbliku, sakemm tal-inqas l-awturi jiksbu pagament għal dan is-self. Il-Partijiet ikunu ħielsa li jistabbilixxu dan il-pagament waqt li jikkunsidraw l-oġġettivi ta' promozzjoni kulturali tagħhom.
4. Fejn il-Partijiet ma japplikawx id-dritt esklużiv ta' self li hemm previst f'dan l-Artikolu rigward fonogrammi, films u programmi tal-kompjuter, huma jintroduċu remunerazzjoni, tal-inqas lill-awturi.
5. Il-Partijiet jistgħu jeżentaw ċerti kategoriji ta' stabbilimenti mill-pagament tal-pagament imsemmi fil-paragrafi 3 u 4.

Artikolu 179

Dritt mhux rinunzjabbli għal remunerazzjoni ekwa

1. Fejn awtur jew artist ikun ittrasferixxa jew assenja d-dritt tal-kiri tiegħu dwar fonogramm jew oriġinal jew kopja ta' film lil produttur ta' fonogramm jew film, dak l-awtur jew artist għandu jżomm id-dritt li jikseb remunerazzjoni ekwa għall-kirja.
2. Id-dritt li jikseb remunerazzjoni ekwa għall-kirja ma jistax jiġi rinunzjat minn awturi jew artisti.
3. L-amministrazzjoni tad-dritt li jikseb remunerazzjoni ekwa jista' jkun fdat lil soċjetajiet tal-ġbir li jirrappreżentaw awturi jew artisti.
4. Il-Partijiet jistgħu jirregolaw jekk jew sa fejn tista' tkun imposta l-amministrazzjoni minn collecting societies tad-dritt li jinkiseb pagament ekwu, kif ukoll il-kwistjoni dwar mingħand min dan il-pagament jista' jintalab jew jinġabar.

Artikolu 180

Protezzjoni ta' programmi tal-kompjuter

1. Il-Partijiet jiproteġu l-programmi tal-kompjuter, permezz tad-drittijiet tal-awtur, bħal xogħlijiet litterarji fit-tifsira tal-Konvenzjoni ta' Berna. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, it-terminu "programmi tal-kompjuter" għandu jinkludi l-materjal preparatorju tad-disinn tagħhom.
2. Protezzjoni skont dan il-Ftehim tapplika għall-espressjoni f'kull forma ta' programm tal-kompjuter. Ideat u prinċipji li jservu ta' bażi għal kull element ta' programm tal-kompjuter, inklużi dawk li jservu ta' bażi għall-interfaces tiegħu, mhumiex protetti bid-drittijiet tal-awtur skont dan il-Ftehim.

3. Programm tal-kompjuter għandu jkun protett jekk ikun oriġinali fis-sens li jkun il-ħolqien intellettuali tal-awtur stess. L-ebda kriterji oħra ma jgħu applikati biex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà tiegħu għall-protezzjoni.

Artikolu 181

Awtur ta' programmi tal-kompjuter

1. L-awtur ta' programm tal-kompjuter għandu jkun il-persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi li jkun ħoloq il-programm jew, fejn il-leġislazzjoni tal-Partijiet tippermetti, il-persuna ġuridika maħtura bħala detentur tad-drittijiet minn dik il-leġislazzjoni.

2. Fir-rigward ta' programm tal-kompjuter maħluq minn grupp ta' persuni fiżiċi flimkien, id-drittijiet esklużivi jkunu pposseduti flimkien.

3. Fejn xogħlijiet kollettivi huma rikonoxxuti bil-leġislazzjoni tal-Partijiet, il-persuna kkunsidrata mil-leġislazzjoni tal-Partijiet li tkun ħolqot ix-xogħol titqies bħala l-awtur tiegħu.

4. Fejn programm tal-kompjuter jinħoloq minn impjegat fit-tweġiq ta' dmirijietu jew billi jsegwi struzzjonijiet mogħtija mill-prinċipal tiegħu, il-prinċipal b'mod esklużiv għandu jkun intitolat biex jeżerċita d-drittijiet ekonomiċi kollha fil-programm hekk maħluq, kemm-il darba ma jkunx hemm previst mod ieħor bil-kuntratt.

Artikolu 182

Atti ristretti relatati mal-programmi tal-kompjuter

Suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 183 u 184 ta' dan il-Ftehim, id-drittijiet esklużivi tad-detentur tad-drittijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 181 jinkludu d-dritt li jagħmlu jew li jawtorizzaw:

- (a) ir-riproduzzjoni permanenti jew temporanja ta' programm tal-kompjuter b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parzjalment. Inkwantu għat-tluġ, wiri, tħaddim, trażmissjoni jew ħażna tal-programm tal-kompjuter jinneċessitaw din ir-riproduzzjoni, dawk l-atti jkunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni mid-detentur tad-drittijiet;
- (b) it-traduzzjoni, addattament, arranġament u kull alterazzjoni oħra ta' programm tal-kompjuter u r-riproduzzjoni tar-riżultati tagħhom, mingħajr ħsara għad-drittijiet tal-persuna li tibdel il-programm;
- (c) kull forma ta' distribuzzjoni lill-pubbliku, inkluż il-kiri, tal-programm oriġinali tal-kompjuter jew kopji tiegħu.

Artikolu 183

Eċċezzjonijiet għall-atti ristretti relatati mal-programmi tal-kompjuter

1. Fl-assenza ta' dispożizzjonijiet speċifiċi kuntrattwali, l-atti msemmija fl-Artikolu 182(a) u (b) ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jeħtieġu awtorizzazzjoni mid-detentur tad-drittijiet fejn ikunu meħtieġa għall-użu tal-programm tal-kompjuter minn min jiksbu legalment skont il-fini maħsub tiegħu, inkluża l-korrezzjoni ta' żball.

2. L-għemil ta' kopja ta' rinforz minn persuna li jkollha dritt li tħaddem il-programm tal-kompjuter tista' ma tkunx miżmuma b'kuntratt għal kemm żmien ikun meħtieġ għal dak l-użu.

3. Il-persuna li jkollha dritt tuża kopja ta' programm tal-kompjuter tkun intitolata, mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet, li tosserva, tistudja jew tittestja l-funzjonament tal-programm sabiex tiddeċiedi l-ideat u l-prinċipji li huma l-bażi ta' kull element tal-programm jekk hu jagħmel hekk waqt li jkun iwettaq kull att ta' tluġ, wiri, tħaddim, trażmissjoni jew ħażna ta' programm li hu jkun intitolat li jagħmel.

Artikolu 184

Dekumpilazzjoni

1. L-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet ma għandhiex tkun meħtieġa fejn ir-riproduzzjoni taċ-ċifrarju u t-traduzzjoni tal-forma tiegħu skont it-tifsira tal-Artikolu 182(a) u (b) huma indispensabbli biex tottjeni l-informazzjoni meħtieġa biex tikseb l-interoperabbiltà ta' programm tal-kompjuter maħluq indipendentement minn programmi oħra, kemm-il darba jsiru skont dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) dawn l-atti jitwettqu mill-persuna li tingħatalha l-liċenzja jew minn persuna oħra li jkollha d-dritt li tuża kopja ta' programm, jew f'isimhom minn persuna awtorizzata li jagħmel dan;

(b) l-informazzjoni meħtieġa biex tikseb l-interoperabbiltà ma tkunx minn qabel disponibbli għall-persuni msemmija fis-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu; u

(c) dawn l-atti jkunu limitati għall-partijiet tal-programm oriġinali li huma meħtieġa biex jiksbu l-interoperabbiltà.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx jippermettu l-informazzjoni miksuba permezz tal-applikazzjoni tiegħu:

(a) li tintuża għal għanijiet oħra għajr biex tikseb l-interoperabbiltà tal-programm tal-kompjuter maħluq indipendentement;

(b) li tingħata lill-oħrajn, għajr meta jkun meħtieġ għall-interoperabbiltà ta' programm tal-kompjuter maħluq indipendentement; jew

(c) li tintuża għall-iżvilupp, produzzjoni jew kummerċ ta' programm tal-kompjuter sostanzjalment simili fl-espressjoni tiegħu, jew għal kull att ieħor li jikser id-drittijiet tal-awtur.

3. B'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Berna, dan l-artikolu ma għandux ikun interpretat b'mod li jippermetti l-applikazzjoni tiegħu għal użu li jista' jagħmel ħsara irraġonevoli lill-interessi leġittimi tat-titolari tad-dritt jew li jmur kontra l-użu normali tal-programm tal-kompjuter.

Artikolu 185

Protezzjoni tal-bażijiet tad-dejta

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, 'bażi tad-dejta' tfisser kollezzjoni ta' xogħlijiet indipendenti, data jew materjali oħra rangati b'mod sistematiku jew metodiku u aċċessibbli individwalment b'mezzi elettroniċi jew b'mezzi oħra.

2. Il-protezzjoni skont dan il-Ftehim ma tapplikax għal programmi tal-kompjuter użati biex isiru u jitħaddmu bażijiet tad-dejta aċċessibbli b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 186

Għan tal-protezzjoni

1. Skont is-Subtaqsima 1, bażijiet tad-dejta li, minħabba raunijiet tal-għażla jew arranġament tal-kontenuti tagħhom, jikkostitwixxu l-ħolqien intellettuali proprju tal-awtur għandhom ikunu protetti bħala tali permezz tad-drittijiet tal-awtur. L-ebda kriterji oħra ma għandhom ikunu applikati biex jistabbilixxu l-eliġibbiltà tagħhom għal dik il-protezzjoni.

2. Il-protezzjoni tad-dritt tal-awtur ta' bażijiet tad-dejta kif previst mis-Subtaqsima 1 ma għandhiex testendi għall-kontenut tagħhom u tkun bla ħsara għad-drittijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-kontenut innifsu.

Artikolu 187

Awtur tal-bażi tad-dejta

1. L-awtur ta' bażi tad-dejta jkun il-persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi li jkun ħoloq il-bażi jew, fejn il-leġislazzjoni tal-Partijiet tippermetti, il-persuna ġuridika maħtura bħala detentur tad-drittijiet permezz ta' leġislazzjoni.

2. Fejn xogħlijiet kollettivi jkunu rikonoxxuti bil-liġijiet tal-Partijiet, id-drittijiet ekonomiċi jkunu proprjetà tal-persuna li jkollha d-dritt tal-awtur.

3. Dwar bażi tad-dejta magħmula minn grupp ta' persuni fiżiċi flimkien, id-drittijiet esklużivi jkunu proprjetà tagħhom in solidum.

Artikolu 188

Atti ristretti relatati ma' bażijiet tad-dejta

Fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam mal-forma espressiva ta' bażi tad-dejta li tista' tkun protetta bid-dritt tal-awtur, l-awtur tal-bażi tad-dejta għandu jkollu d-dritt esklużiv li jagħmel jew li jawtorizza:

(a) riproduzzjoni, temporanja jew permanenti, b'kull mezz u f'kull forma, kollha jew parzjalment;

(b) traduzzjoni, adattament, arranġament u tibdiliet oħra;

- (c) kull xorta ta' distribuzzjoni lill-pubbliku tal-bażi tad-dejta jew ta' kopji tagħha.
- (d) kull komunikazzjoni, wirja jew eżekuzzjoni għall-pubbliku;
- (e) kull riproduzzjoni, distribuzzjoni, komunikazzjoni, wirja jew eżekuzzjoni għall-pubbliku tar-riżultati tal-atti msemmija fis-subparagrafu (b).

Artikolu 189

Eċċezzjonijiet għal atti ristretti relatati ma' bażijiet tad-dejta

1. It-tħaddim b'mod leġittimu ta' bażi tad-dejta jew kopja tagħha jista' jeżegwixxi l-atti kollha msemmija fl-Artikolu 188 ta' dan il-Ftehim li hija neċessarja għall-finijiet ta' aċċess għall-kontenut tal-bażi tad-dejta u l-użu normali tal-kontenut minn utent skont il-liġi ma teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-awtur tal-bażi tad-dejta. Fejn l-utent leġittimu jkun awtorizzat li juża parti biss tal-bażi tad-dejta, din id-dispożizzjoni tapplika biss għal dik il-parti.
2. Il-Partijiet ikollhom l-għażla li jipprovdu għal limitazzjonijiet fuq id-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 188 fil-każijiet li ġejjin:
 - (a) fil-każ ta' riproduzzjoni għall-finijiet privati ta' bażi tad-dejta mhux elettronika;
 - (b) fejn ikun hemm użu għall-fini biss ta' illustrazzjoni għal tagħlim jew riċerka xjentifika, sakemm ikun indikat l-orijġini tal-materjal u kemm ikun għustifikat għall-fini mhux kummerċjali maħsub għalih;
 - (c) fejn ikun hemm użu għall-finijiet ta' sigurtà pubblika jew għall-finijiet ta' xi proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja;
 - (d) fejn eċċezzjonijiet oħra għad-drittijiet tal-awtur li huma tradizzjonalment awtorizzati minn kull Parti mingħajr ħsara għas-subparagrafi (a), (b) u (c).
3. B'konformità mal-Konvenzjoni ta' Berna, dan l-artikolu ma għandux ikun interpretat b'mod li jippermetti l-applikazzjoni tiegħu b'mod li jagħmel ħsara rraġonevoli lill-interessi leġittimi tad-detentur tad-dritt jew li jmur kontra l-użu normali ta' bażi tad-dejta.

Artikolu 190

Dritt ta' bejgħ mill-ġdid

1. Il-Partijiet jipprovdu, għall-benefiċċju tal-awtur ta' xogħol oriġinali tal-arti, dritt ta' bejgħ mill-ġdid, li għandu jkun definit bħala dritt mhux trasferibbli, li ma jistax jitneħħa, anki bil-quddiem, sabiex jirċievi royalty ibbażata fuq il-prezz tal-bejgħ għal kwalunkwe bejgħ mill-ġdid tax-xogħol, sussegwentament għall-ewwel trasferiment tax-xogħol mill-awtur.
2. Id-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 japplika għall-atti kollha ta' bejgħ mill-ġdid li jinvolvu bħala bejjieġha, xerrejja jew intermedjarji professjonisti tas-suq tal-arti, bħal kmamar fejn jinbiegħu oġġetti bl-irkant, galleriji tal-arti u, b'mod ġenerali, kwalunkwe negozjanti tax-xogħlijiet tal-arti.
3. Skont il-leġiżlazzjoni tagħhom il-Partijiet jistgħu jipprovdu li d-dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ma japplikax għal atti ta' bejgħ mill-ġdid fejn il-bejjieġh kiseb ix-xogħol direttament mill-awtur inqas minn tliet snin qbel dak il-bejgħ mill-ġdid u fejn il-prezz tal-bejgħ mill-ġdid ma jeċċedix ċertu ammont minimu.
4. Ir-royalty titħallas mill-bejjieġh. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu li wieħed mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li hemm riferenza għalihom fil-paragrafu 2 minbarra l-bejjieġh ikunu responsabbli weħidhom jew jaqsmu r-responsabbiltà mal-bejjieġh għall-pagament tar-royalty.

Artikolu 191

Xandir ta' programmi bis-satellita

Kull Parti ttiprovdi lill-awtur bi dritt esklużiv biex jawtorizza l-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet protetti bid-drittijiet tal-awtur permezz tas-satellita.

Artikolu 192

Ritrażmissjoni permezz tal-kejbil

Kull Parti tiżgura li meta programmi minn Parti oħra jkunu trasmessi mill-ġdid permezz bil-cable fit-territorju ta' għom ikunu osservati d-drittijiet tal-awtur applikabbli u l-jeddijiet relatati u li dik ir-ri-trażmissjoni ssir abbażi ta' ftehim kuntrattwali individwali jew kollettiv bejn daww li jkollhom il-drittijiet tal-awtur, daww li jkollhom il-jeddijiet relatati u operaturi tal-cable.

Subtaqsima 2

Marki kummerċjali

Artikolu 193

Proċedura ta' reġistrazzjoni

1. Il-Parti tal-UE u l-Ukraina jipprovdu għal sistema ta' reġistrazzjoni ta' marki kummerċjali li fiha rifjut għar-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali meħuda mill-amministrazzjoni tal-marka kummerċjali hija debitament raġunata. Ir-raġunijiet għar-rifjut għandhom ikunu kkomunikati bil-miktub lill-applikant li jkollu l-opportunità jikkontesta tali rifjut u jappella rifjut finali quddiem aqtoritajiet ġudizzjarji. Il-Parti tal-UE u l-Ukraina jintroduċu wkoll l-possibbiltà li applikazzjonijiet għal marka kummerċjali jkunu opposti. Tali proċedimenti ta' oppożizzjoni jkunu kuntrarji. Il-Parti tal-UE u l-Ukraina jipprovdu bażi tad-dejta elettronika pubblikament disponibbli ta' applikazzjonijiet għal marki kummerċjali u reġistrazzjonijiet ta' marki kummerċjali.

2. Il-Partijiet jipprovdu raġunijiet għar-rifjut jew l-invalidità ta' reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali. Is-segwenti ma għandhomx jiġu reġistrati jew jekk reġistrati jkunu suġġetti li jiġu dikjarati invalidi:

- (a) sinjali li ma jistgħux jikkostitwixxu marka kummerċjali;
- (b) marki kummerċjali li mhumiex ta' karattru distintiv;
- (c) marki kummerċjali li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw fil-kummerċ sabiex jindikaw ix-xorta, il-kwalità, il-kwantità, l-użu intenzjonat, il-valur, l-orijini ġeografika jew il-ħin ta' produzzjoni tal-prodotti jew ta' meta nġata s-servizz, jew karatteristiċi oħrajn tal-prodotti jew servizzi;
- (d) marki kummerċjali li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jkunu saru użanza tal-lingwa tal-mument jew tal-prattika bona fide u stabbilita tal-kummerċ;
- (e) sinjali li jikkonsistu esklużivament f'dawn li ġejjin:
 - (i) forma li tirriżulta min-natura tal-prodotti nfushom; jew
 - (ii) forma tal-oġġetti li hija neċessarja sabiex jinkiseb riżultat tekniku; jew
 - (iii) forma li tagħti valur sostanzjali lill-prodotti,
- (f) marki kummerċjali li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità,
- (g) marki kummerċjali li huma ta' natura li tista' tqarraq bil-pubbliku, per eżempju fir-rigward tax-xorta, tal-kwalità jew l-orijini ġeografika tal-prodotti jew is-servizzi,
- (h) marki kummerċjali li ma ġewx awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti u li għandhom ikunu rifjutati jew invalidati skont l-Artikolu 6 ter tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

3. Il-Partijiet jipprovdu raġunijiet għar-rifjut jew l-invalidità dwar kunflitti ma drittijiet preċedenti. Marka kummerċjali ma għandhiex tiġi reġistrata jew, jekk reġistrata, tkun suxxettibbli għal dikjarazzjoni ta' nullità:

- (a) jekk tkun identika għal marka kummerċjali preċedenti, u l-merkanzija jew is-servizzi li għalihom il-marka kummerċjali hi applikata jew reġistrata jkunu identiċi għall-merkanzija jew servizzi li għalihom il-marka kummerċjali preċedenti hi protetta;
- (b) jekk minħabba l-identità tagħha ma', jew xebh mat-marka kummerċjali preċedenti u l-identità jew ix-xebh tal-merkanzija jew is-servizzi koperti mit-marki kummerċjali, teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku, li tinkludi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni mal-marka kummerċjali ta' qabel.

4. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu wkoll għal raġunijiet oħra għar-rifjut jew l-invalidità dwar kunflitti ma drittijiet preċedenti.

Artikolu 194

Marki kummerċjali magħrufin sew

Il-Partijiet jikkoperaw bil-għan li l-protezzjoni ta' marki kummerċjali magħrufin sew, kif msemmija fil-Artikolu 6 bis tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u l-Artikolu 16.2 u 16.3 tal-Ftehim TRIPS, tkun effettiva.

Artikolu 195

Drittijiet konferiti minn marka kummerċjali

Il-marka kummerċjali reġistrata tagħti lill-proprietarju drittijiet esklużivi fuqha. Il-proprietarju għandu l-jedd li jipprojbixxi lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fil-kummerċ:

- (a) kwalunkwe sinjal li jkun identiku għall-marka kummerċjali relatat mal-merkanzija jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom il-marka kummerċjali tkun reġistrata;
- (b) kwalunkwe sinjal li, minħabba l-identità ma', jew li jixbah il-marka kummerċjali u l-identità jew xebh tal-merkanzija jew is-servizzi koperti mil-marka kummerċjali u s-sinjal, teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni da parti tal-pubbliku, li tinkludi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u l-marka kummerċjali.

Artikolu 196

Eċċezzjonijiet għad-drittijiet mogħtija minn marka kummerċjali

1. Il-Partijiet jipprovdu għall-użu ġust ta' termini deskrittivi, inkluż indikazzjonijiet ġeografiċi, bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtija minn marka kummerċjali sakemm tali eċċezzjonijiet limitati jqsu l-interessi leġittimi tal-proprietarju tal-marka kummerċjali u ta' partijiet terzi. Bl-istess kondizzjonijiet, il-Partijiet jistgħu jipprovdu għal eċċezzjonijiet limitati oħra.

2. Marka kummerċjali ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprietarju li jipprojbixxi lil terza persuna milli tuża, fl-eżerċizzju tal-kummerċ:

- (a) isimha stess jew l-indirizz tagħha;
 - (b) indikazzjonijiet relatati mat-tip, kwalità, kwantità, skop intiż, valur, oriġini ġeografika, iż-żmien tal-produzzjoni tal-merkanzija jew tal-ġhoti tas-servizz, jew xi karatteristika oħra ta' merkanzija jew servizzi;
 - (c) Il-marka kummerċjali fejn hija neċessarja biex tindika l-għan intenzjonat ta' prodott jew servizz, b'mod partikolari bħala aċċessorji jew spare parts sakemm hija tużahom skont prattiċi onesti fi kwistjonijiet industrijali jew kummerċjali.
3. Marka kummerċjali ma tagħtix lill-proprietarju d-dritt li jipprojbixxi terza persuna milli tuża matul il-kummerċ, dritt preċedenti li japplika biss f'lokalità partikolari jekk dak id-dritt hu rikonossut mil-liġijiet tal-Partijiet inkwistjoni u fil-limiti tat-territorju fejn hu rikonossut.

*Artikolu 197***Użu tal-marki kummerċjali**

1. Jekk, fi żmien ħames snin mid-data tal-konklużjoni tal-proċedura tar-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma użax marka kummerċjali ġenwinament inkonnessjoni mal-oġetti jew is-servizzi li għalihom hi reġistrata fit-territorju rilevanti, jew jekk tali użu għe sospiż matul perjodu mhux interrott ta' ħames snin, il-marka kummerċjali tkun suġġetta għas-sanzjonijiet previsti f'din is-Subtaqsima, sakemm hemm raġunijiet tajba għan-nuqqas ta' użu.
2. Is-segwenti għandu ukoll jikkostitwixxi l-użu fis-sens tal-paragrafu 1:
 - (a) l-użu tal-marka kummerċjali f'forma li tkun differenti fir-rigward ta' elementi li ma jbidlux il-karattru distintiv tal-marka fil-forma li fiha għet reġistrata;
 - (b) it-twaħħil tal-marka kummerċjali tal-oġġetti jew l-imbalaġġ tagħhom għal finijiet ta' esportazzjoni.
3. Użu ta' marka kummerċjali bil-kunsens tal-proprjetarju jew ta' kwalunkwe persuna li l-awtorità li tuża marka kollettiva jew marka ta' garanzija jew ċertifikazzjoni tkun meqjusa li tikkostitwixxi użu mill-proprjetarju fit-tifsira tal-paragrafu 1.

*Artikolu 198***Raġunijiet għal revoka**

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu li marka kummerċjali tkun suġġettibbli għar-revoka jekk, f'perjodu kontinwu ta' ħames snin, ma tkunx għet użata ġenwinament fit-territorju rilevanti inkonnessjoni mal-merkanzija jew servizzi li għalihom hija għet reġistrata, u ma hemmx raġunijiet validi għan-nuqqas ta' użu; madanakollu, l-ebda persuna ma tista' titlob li d-drittijiet tal-proprjetarju f'marka kummerċjali jistgħu jkunu revokati fejn, matul l-intervall bejn l-iskadenza tal-perjodu ta' ħames snin u meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar revoka, l-użu ġenwin tal-marka kummerċjali jibda jew jtkompla; Il-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-użu f'perjodu ta' tliet xhur qabel tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-revoka li beda l-aktar kmieni mal-iskadenza tal-perjodu kontinwu ta' ħames snin tan-nuqqas ta' użu, iżda, għandu jiġi injorat fejn preparazzjonijiet għall-bidu jew kontinwazzjoni jseħħu biss wara li l-proprjetarju jkun konxju li l-applikazzjoni għar-revoka tista' tiġi ppreżentata.
2. Marka kummerċjali tista' ukoll tkun suġġetta għal revoka jekk, wara d-data li fiha għet reġistrata,
 - (a) b'konsegwenza ta' atti jew inattività tal-proprjetarju, saret l-isem komuni fil-kummerċ għal prodott jew servizz li fir-rigward tagħhom hija għet reġistrata;
 - (b) b'konsegwenza tal-użu li għamel minnha l-proprjetarju tagħha jew bil-kunsens tiegħu fir-rigward tal-merkanzija jew servizzi li għalihom hija għet reġistrata, hija tista' tqarraq bil-pubbliku, partikolarment fir-rigward tan-natura, kwalità jew oriġini ġeografika ta' dik il-merkanzija jew dawk is-servizzi.

*Artikolu 199***Rifjut parzjali, revoka jew invalidità**

Fejn xi raġunijiet għar-rifjut ta' reġistrazzjoni jew għar-revoka jew nullità ta' marka kummerċjali jeżistu fir-rigward biss ta' x'uħud mill-merkanzija jew servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' dik il-marka kummerċjali, ir-rifjut tar-reġistrazzjoni jew ir-revoka jew nullità ikopru biss dik l-merkanzija jew dawk is-servizzi.

*Artikolu 200***Terminu ta' protezzjoni**

Id-durata tal-protezzjoni disponibbli fil-Parti tal-UE u tal-Ukraina wara d-data li fiha ssir l-applikazzjoni tammonta għal mill-inqas 10 snin. Id-detentur tad-dritt jista' jitlob li jiġġedded il-perjodu ta' protezzjoni għal perjodi ulterjuri ta' 10 snin.

Subtaqsima 3

Indikazzjonijiet ġeografiċi

Artikolu 201

Kamp ta' applikazzjoni tas-Subtaqsima

1. Is-Subtaqsima tapplika għar-rikonoxximent u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi li joriġinaw fit-territorji tal-Partijiet.
2. Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' Parti li għandhom ikunu protetti jkunu suġġetti biss għal dan il-Ftehim jekk kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 202 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 202

Indikazzjonijiet ġeografiċi stabbiliti

1. Wara li eżaminat l-leġiżlazzjoni tal-Ukraina elenkata fl-Anness XXII-A Parti A ma' dan il-Ftehim, il-Parti tal-UE tikkonkludi li dawn il-liġijiet jissodisfaw l-elementi mniżżla fl-Anness XXII-A Parti B ma' dan il-Ftehim.
2. Wara li eżaminat l-leġiżlazzjoni tal-Parti tal-UE elenkata fl-Anness XXII-A Parti A ma' dan il-Ftehim, l-Ukraina tikkonkludi li dawn il-liġijiet jissodisfaw l-elementi mniżżla fl-Anness XXII-A Parti B ma' dan il-Ftehim.
3. L-Ukraina, wara li lestiet proċedura ta' oġġezzjoni skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XXII-B ma' dan il-Ftehim u wara li eżaminat l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u dawk alimentari tal-Parti tal-UE elenkati fl-Anness XXII-C ma' dan il-Ftehim u l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed, inbejjed aromatizzati u xorb spirituż tal-Parti tal-UE elenkati fl-Anness XXII-D ma dan il-Ftehim, li kienu ġew irreġistrati mill-Parti tal-UE skont il-leġiżlazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, tiproteġi dwak l-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-livell ta' protezzjoni stipulata f'din is-Subtaqsima.
4. Il-Parti tal-UE, wara li lestiet proċedura ta' oġġezzjoni skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XXII-B ma' dan il-Ftehim u wara li eżaminat l-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed, inbejjed aromatizzati u xorb spirituż tal-Ukraina elenkati fl-Anness XXII-D ma dan il-Ftehim, li kienu ġew irreġistrati mill-Ukraina skont il-leġiżlazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, tiproteġi dwak l-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-livell ta' protezzjoni stipulata f'din is-Subtaqsima.

Artikolu 203

Żieda ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-possibiltà li jżidu indikazzjonijiet ġeografiċi ġodda sabiex ikunu protetti fl-Annessi XXII-C u XXII-D ma' dan il-Ftehim skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 211(3) wara li jkunu kkompletaw il-proċedura ta' oġġezzjoni u wara li jkunu eżaminaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi kif imsemmija fl-Artikolu 202(3) u (4) ta' dan il-Ftehim għas-sodisfazzjon taż-żewġ Partijiet.
2. Parti mhijiet se tinalab tiproteġi bħala indikazzjoni ġeografika isem li jkun f'konflitt mal-isem ta' varjetà ta' pjanti jew ta' razza ta' annimali li bħala riżultat aktarx li l-konsumatur ikun żgwidat dwar l-orijini vera tal-prodott.

Artikolu 204

Kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. L-indikazzjonijiet ġeografiċi lenkati fl-Annessi XXII-C u XXII-D ma' dan il-Ftehim, inkluż dawk miżjuda skont l-Artikolu 203 ta' dan il-Ftehim, ikunu protetti kontra:
 - (a) kwalunkwe użu dirett jew indirett ta' isem protett għal prodotti kumparabbli mhux konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett, jew għax jisfrutta r-reputazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika;
 - (b) kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anki jekk l-orijini vera tal-prodott hija indikata jew l-isem protett huwa tradott, traskritt jew translitterat jew akkumpanjat minn espressjoni bħal "stil", "tat-tip", "bil-metodu", "kif prodott fi", "imitazzjoni ta'", "bit-togħma", "bħal" jew simili;

(c) kwalunkwe indikazzjoni falza jew qarrieqa oħra fir-rigward tal-provenjenza, l-orijini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fuq l-ippakkjar minn ġewwa jew minn barra, il-materjal ta' reklamar jew dokumenti relatati mal-prodott konċernat, u fuq l-ippakkjar tal-prodott f'konteni li x'aktarx jagħti impressjoni falza rigward l-orijini tiegħu;

(d) kwalunkwe prattika oħra li tista' tqarraq lill-konsumatur dwar l-orijini vera tal-prodott.

2. Indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ma jsirux ġeneriċi fit-territorji tal-Partijiet.

3. Jekk l-indikazzjonijiet ġeografiċi jkunu totalment jew parzjalment omonimi, il-protezzjoni tingħata lil kull indikazzjoni sakemm din tkun intużat in bona fide u b'attenzjoni xierqa għall-użu lokali u tradizzjonali u għar-riskju reali ta' konfużjoni. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 23 taħt il-Ftehim TRIPS, il-Partijiet se jiddeċiedu b'mod reċiproku l-kondizzjonijiet prattiċi tal-użu li taħtom l-indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi se jiddifferenzjaw wieħed mill-ieħor, meta tqis il-bżonn li trattament ġust tal-produtturi kkonċernati jkun żgurat u li l-konsumaturi ma jiġux imqarraq. Isem omonimu li jgħarraq lill-konsumatur biex jemmen li l-prodotti ġejjin minn territorju ieħor ma għandux jiġi rreġistrat anki jekk l-isem ikun preċiż sa fejn ikollu x'jaqsam it-territorju, ir-reġjun jew il-post tal-orijini effettiv tal-prodott inkwistjoni.

4. Fejn Parti, fil-kuntest ta' negozjati ma' pajjiż terz, tipproponi li tippoteġi indikazzjoni ġeografika ta' dak il-pajjiż terz, u l-isem ikun omonimu ma' indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra, din tal-aħħar tkun mgħarrfa u tingħata l-opportunità li tikkummenta qabel ma l-isem ikun protett.

5. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jobbliga lil Parti li tippoteġi indikazzjoni ġeografika tal-Parti l-oħra li mhijiex jew li ma għadhiex aktar protetta fil-pajjiż tal-orijini tagħha. Il-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin jekk indikazzjoni ġeografika ma tkunx għadha protetta fil-pajjiż tal-orijini tagħha. Tali notifika sseħħ skont l-Artikolu 211(3) ta' dan il-Ftehim.

6. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu ifixkel id-dritt ta' kwalunkwe persuna li tuża, waqt il-kummerċ, l-isem ta' dik il-persuna jew l-isem tal-predeċessur ta' dik il-persuna fil-kummerċ, ħlief meta dak l-isem jintuża b'mod tali li l-pubbliku jitqarraq.

Artikolu 205

Dritt ta' użu tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

1. L-użu kummerċjali ta' isem protett skont dan il-Ftehim għal-prodotti agrikoli, prodotti allimentari, inbejjeb, inbejjed aromatizzati u xorb spirituw li jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti huwa miftuħ għal kwalunkwe entità.

2. Ladarba indikazzjoni ġeografika tkun protetta skont dan il-Ftehim, l-użu ta' tali isem protett ma għandu jkun suġġett għall-ebda reġistrazzjoni tal-utenti jew għal imposti ulterjuri.

Artikolu 206

Relazzjoni mal-marki kummerċjali

1. Il-Partijiet jirrifjutaw li jirreġistraw jew jinvalidaw marka kummerċjali li tikkorrispondi mas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 204(1) ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika protetta għal prodotti simili, sakemm applikazzjoni biex tkun reġistrata l-marka kummerċjali tkun preżentata wara d-data tal-applikazzjoni għar-reġistarzzjoni tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju kkonċernat.

2. Għall-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmija fl-Artikolu 202 ta' dan il-Ftehim, id-data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tkun id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Għal indikazzjonijiet ġeografiċi msemmijin fl-Artikolu 203 ta' dan il-Ftehim, id-data tal-applikazzjoni għar-reġistarzzjoni tkun id-data li fiha tintbagħat talba lill-Parti l-oħra għall-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika.

4. Il-Partijiet ma għandhom l-ebda obbligu li jippoteġu indikazzjoni ġeografika skont l-Artikolu 203 ta' dan il-Ftehim fejn, fir-rigward ta' marka kummerċjali ta' fama jew magħrufa sewwa, il-protezzjoni tista' tiżgwi lill-konsumaturi dwar l-identità vera tal-prodott.

5. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jipproteġu l-indikazzjonijiet ġeografiċi anki meta teżisti marka kummerċjali preċedenti. "Marka kummerċjali preċedenti" tfisser marka kummerċjali li l-uża tagħha jikkorrispondi ma waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 204(1) ta' dan il-Ftehim, li kienet saret applikazzjoni għaliha, irreġistrata jew stabbilita bl-użu, jekk dik il possibbiltà hemm provvediment għaliha fil-leġiżlazzjoni kkonċernata, fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet qabel id-data li fija l-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika hija preżentata mill-Parti l-oħra skont dan il-Ftehim. Tali marka kummerċjali tista' tkompli tintuża u tista' tiġi mġedda minkejja l-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika, sakemm ma tkun teżisti l-ebda raġuni għall-invalidità jew għar-revoka tal-marka kummerċjali fil-leġiżlazzjoni dwar il-marki kummerċjali tal-Partijiet.

Artikolu 207

Infurzar tal-protezzjoni

Il-Partijiet jinfurzw il-protezzjoni porvdut għaliha fl-Artikoli 204 sa 206 ta' dan il-Ftehim b'azzjoni xierqa mill-awtoritajiet tagħhom inkluż fuq il-fruntiera doganali. Huma jinfurzw ukoll tali protezzjoni fuq talba ta' xi parti interessata.

Artikolu 208

Miżuri temporanji

1 Prodotti li ġew fabrikati u ttikkettati f'konformità mal-liġi nazzjonali qabel ma dan il-Ftehim daħal fis-seħħ li iżda ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim, jistgħu jkomplu jinbiegħu sakemm tispiċċa l-ħażna.

2. Prodotti li ġew fabrikati u ttikkettati f'konformità mal-liġi domestika, bl-indikazzjonijiet ġeografiċi elenkati fil-paragrafi 3 u 4 hawn taħt wara li dan il-Ftehim daħal fis-seħħ u qabel it-tmiem tal-perjodi msemmija fil-paragrafi 3 u 4 hawn taħt, li iżda ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan il-Ftehim, jistgħu jkomplu jinbiegħu fit-territorju tal-Parti fejn oriġina l-prodott sakemm tispiċċa l-ħażna

3. Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 10 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-protezzjoni skont dan il-Ftehim tal-indikazzjonijiet ġeografiċi segwenti tal-Parti tal-UE ma jiprekludux dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi milli jintużaw sabieħ jintagħżlu u jkunu preżentati prodotti kumparabbli li joriġinaw fl-Ukraina:

- (a) Xampanja,
- (b) Cognac,
- (c) Madeira,
- (d) Port,
- (e) Jerez/Xérès/Sherry,
- (f) Calvados,
- (g) Grappa,
- (h) Anis português,
- (i) Armanjakk,
- (j) Marsala,
- (k) Malaga,
- (l) Tokaj.

4. Għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-protezzjoni skont dan il-Ftehim tal-indikazzjonijiet ġeografiċi segwenti tal-Parti tal-UE ma jiprekludux dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi milli jintużaw sabiex jintagħżlu u jkunu preżentati prodotti kumparabbli li joriġinaw fl-Ukraina:

- (a) Parmigiano Reggiano,
- (b) Roquefort,
- (c) Feta

Artikolu 209

Regoli ġenerali

1. L-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' kwalunkwe prodott imsemmi fl-Artikoli 202 u 203 ta' dan il-Ftehim jitwettaq f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli fit-territorju tal-Parti li fiha l-prodotti jitqiegħdu fis-suq.
2. Kwalunkwe kwistjoni li toħroġ mill-ispeċifikazzjonijiet tal-indikazzjonijiet ġeografiċi reġistrati tkun trattata mis-Sottokumitat dwar l-IĠ stabbilit skont l-Artikolu 211 ta' dan il-Ftehim.
3. Ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti skont dan il-Ftehim jistgħu jiġu kkanċellati biss mill-Parti fejn joriġina l-prodott.
4. Speċifikazzjoni tal-prodott imsemmija f'din is-Subtaqsima tkun dik approvata, inkluża kwalunkwe emenda li wkoll tkun ġiet approvata, mill-awtoritajiet tal-Parti li l-prodott joriġina fit-territorju tagħha.

Artikolu 210

Koperazzjoni u trasparenza

1. Direttament jew permezz tas-Sottokumitat dwar il-IĠ stabbilit skont l-Artikolu 211 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jibqgħu f'kuntatt dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni u l-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Partikolarment, Parti tista' titlob informazzjoni mill-Parti l-oħra rigward speċifikazzjonijiet ta' prodott u l-modifika tagħhom, u punti ta' kuntatt għal dispożizzjonijiet ta' kontroll.
2. Kull Parti tista' tagħmel pubblikament disponibbli l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott jew sommarju tagħhom u l-punti ta' kuntatt għal dispożizzjonijiet dwar il-kontroll li jikkorrispondu mal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Parti l-oħra protetti skont dan il-Ftehim.

Artikolu 211

Sottokumitat Konġunt fuq l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi

1. Is-Sottokumitat dwar l-Indikazzjoni Ġeografika (is-Sottokumitat dwar l-IĠ) huwa b'dan stabbilita. Huwa jirraporta fuq l-attivajiet tiegħu lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni skont l-Artikolu 465(4) ta' dan il-Ftehim. Is-Sottokumitat dwar l-IĠ jikkonsisti fir-rappreżentanti tal-UE u tal-Ukraina bil-għan li jimmonitorja l-iżvilupp ta' dan il-Ftehim u li jintensifika l-koperazzjoni u d-djalogu tagħhom dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.
2. Il-Kumitat dwar l-IĠ jadotta d-deċizzjonijiet tiegħu b'konsens. Huwa għandu jiddetermina r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Għandu jiltaqa' meta jintalab minn waħda mill-Partijiet, alternattivament fl-Unjoni Ewropea u fl-Ukraina, f'waqt u f'luk u b'mod (li jistgħu jinkludu l-vidjokoferenza) determinati b'mod reċiproku mill-Partijiet, iżda mhux aktar tard minn 90 ġurnata wara t-talba.
3. Is-Sottokumitat dwar l-IĠ jieħu ħsieb ukoll tal-funzjonament xieraq ta' dan il-Ftehim u jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni u l-operazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, huwa għandu jkun responsabbli sabiex:

- (a) jemenda l-Anness XXII-A Parti A ma' dan il-Ftehim, fir-rigward tar-referenzi għal-liġi applikabbli għall-Partijiet;

- (b) jemenda l-Anness XXII-A Parti B ma' dan il-Ftehim, fir-rigward ta' elementi għar-reġistrazzjoni u l-kontroll ta' indikazzjonijiet ġeografiċi;
- (c) jemenda l-Anness XXII-B ma' dan il-Ftehim, fir-rigward ta' kriterji li għandhom ikunu inklużi fil-proċedura ta' oġġezzjoni;
- (d) jimmodifika l-Annessi XXII-C u XXII-D ma' dan il-Ftehim fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi;
- (e) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi leġiżlattivi u ta' politika dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess reċiproku fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi,
- (f) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi sabiex tkun ikkunsidrata l-protezzjoni tagħhom skont dan il-Ftehim,

Subtaqsima 4

Disinji

Artikolu 212

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

- (a) "disinn" ifisser id-dehra ta' prodott fl-intier tiegħu jew f'parti minnu li tirriżulta b'mod partikolari mill-karatteristiċi tal-linji, il-konfigurazzjoni, il-kuluri, l-għamla, in-nisġa u/jew il-materjali tal-prodott innifsu u/jew tal-ornamenti tiegħu;
- (b) "prodott" ifisser kull oġġett industrijali jew magħmul bl-idejn, inklużi fost l-oħrajn partijiet maħsuba sabiex jiġu mmuntati fi prodott kumpless, imballaġġ, muntatura, simboli grafiċi u tipi tipografiċi, imma jeskludi l-programmi tal-kompjuter;
- (c) "prodott kumpless" tfisser prodott li jkun magħmul minn diversi komponenti li jkunu jistgħu jinbidlu jekk il-prodott ikun jista' jiżżarma u jintrama mill-ġdid.

Artikolu 213

Rekwiżiti għall-protezzjoni

1. Il-Parti tal-UE u l-Ukraina jipprovdu għall-protezzjoni ta' disinji maħluqa b'mod indipendenti li jkunu ġodda u li jkollhom karattru individwali.

2. Disinn li jiġi applikat jew inkorporat fi prodott li jikkostitwixxi parti komponenti ta' prodott kumpless għandu jiġi kkunsidrat biss li jkun ġdid jew li jkollu karattru individwali:

- (a) jekk il-parti komponenti, ġaladarba tkun ġiet inkorporata fil-prodott kumpless, tibqa' tidher matul l-użu normali ta' dan tal-aħħar; u
- (b) safejn u sakemm dawn il-karatteristiċi viżibbli tal-parti komponenti jwettqu fihom infushom il-ħtiġiet dwar in-novità u l-karattru individwali.

3. Disinn għandu jitqies bħala ġdid jekk l-ebda disinn identiku ma jkun disponibbli għall-pubbliku:

- (a) fil-każ ta' disinn mhux irregiſtrat, qabel id-data li fiha d-disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku għall-ewwel darba;
- (b) fil-każ ta' disinn irregiſtrat, qabel id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tad-disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni, jew, jekk ikun hemm talba dwar il-prijorità, id-data tal-prijorità.

Id-disinji jiġu meqjusa li jkunu identiċi jekk il-karatteristiċi tagħhom jiddifferixxu biss f'dettalji immaterjali.

4. Disinn jiġi meqjus li jkollu karattru individwali jekk l-impressjoni ġenerali li jħalli fuq utent informat tkun differenti mill-impressjoni ġenerali mħollija fuq tali utent minn kwalunkwe disinn ieħor li jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku:

- (a) fil-każ ta' disinn mhux irregiſtrat, qabel id-data li fiha d-disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku għall-ewwel darba;
- (b) fil-każ ta' disinn irregiſtrat, qabel id-data tal-infilzar tal-applikazzjoni għar-regiſtrazzjoni tad-disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni, jew, jekk ikun hemm talba dwar il-prijorità, id-data tal-prijorità.

Fil-valutazzjoni tal-karattru individwali, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni l-grad tal-libertà tad-disinjatur fl-iżvilupp tad-disinn.

5. Din il-protezzjoni tkun ipprovduta bir-regiſtrazzjoni, u tagħti drittijiet esklużivi lid-detenturi tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Disinji mhux irregiſtati li huma disponibbli għall-pubbliku jikkonferixxu l-istess drittijiet esklużivi, iżda dan biss jekk l-użu kkontestat jirriżulta mill-ikkupjar tad-disinn protett.

6. Disinn jitqies li jkun tqiegħed għall-pubbliku jekk huwa jkun ġie ppubblikat wara r-regiſtrazzjoni jew mod ieħor, jew esibit, użat fil-kummerċ jew żvelat mod ieħor, minbarra meta dawn is-sitwazzjonijiet ma setgħux ikunu raġjonevolment magħrufa fil-kors normali tan-negozju fl-oqsma speċjalizzati fis-settur inkwistjoni, li joperaw fit-territorju li fih intalbet protezzjoni, qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għal regiſtrazzjoni jew, jekk tkun intalbet prijorità, id-data tal-prijorità. Fil-każ ta' protezzjoni ta' disinn mhux regiſtrat, disinn jitqies li jkun tqiegħed għall-pubbliku jekk huwa jkun ġie ppubblikat, esibit, użat fil-kummerċ jew żvelat mod ieħor b'mod li, dawn l-avvenimenti ma setgħux ikunu raġjonevolment magħrufa fil-kors normali tan-negozju fl-oqsma speċjalizzati fis-settur inkwistjoni, li joperaw fit-territorju li fih intalbet protezzjoni.

Disinn, madankollu, ma jitqiesx li jkun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku għar-raġuni waħdiena illi kien żvelat lil persuna terza taħt il-il-konjizzjonijiet espliċiti jew impliċiti tal-kunfidenzjalità.

7. Żvelar ma għandux jittieħed f'kunsiderazzjoni bl-għan li jiġu applikati l-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu jekk disinn li għalih ikun hemm talba għall-protezzjoni skont id-dritt ta' disinn rregiſtrat ikun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku:

- (a) mid-disinjatur, is-suċċessur tiegħu fit-titolu, jew terza persuna bħala riżultat ta' informazzjoni mogħtija jew azzjoni meħuda mid-disinjatur, jew is-suċċessur tiegħu fit-titolu; u
- (b) matul il-perjodu ta' tnax-il xahar qabel id-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni jew, jekk tkun intalbet prijorità, id-data tal-prijorità.

8. Il-paragrafu 7 ta' dan il-Ftehim għandu japplika wkoll jekk disinn ikun ġie magħmul disponibbli għall-pubbliku bħala konsegwenza ta' abbuż fejn ikollhom x'jaqsmu d-disinjatur jew is-suċċessur tiegħu fit-titolu.

Artikolu 214

Terminu ta' protezzjoni

1. Id-durata ta' protezzjoni disponibbli fil-Parti tal-UE u tal-Ukraina wara r-regiſtrazzjoni għandu jammonta għal mill-inqas ħames snin. Id-detentur tad-dritt jista' jkollu t-terminu ta' protezzjoni mġedded għal perjodu jew aktar ta' ħames snin il-wieħed, sa terminu totali ta' 25 sena mid-data tal-inkartament.

2. Id-durata tal-protezzjoni disponibbli fil-Parti tal-UE u fl-Ukraina għad-disinji mhux irregiſtrati għandu jammonta għal mill-inqas tliet snin mid-data meta d-disinn tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet.

*Artikolu 215***Invalidità jew rifjut ta' reġistrazzjoni**

1. Il-Parti tal-UE u l-Ukraina jistgħu jipprovdu biss li disinn ikun irrifjutat għar-reġistrazzjoni jew iddikjarat invalidu wara r-reġistrazzjoni għal raġunijiet sostantivi fil-każijiet segwenti:

- (a) jekk id-disinn ma jikkorrispondix mad-definizzjoni skont l-Artikolu 212(a) ta' dan il-Ftehim;
- (b) jekk ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikoli 213 u l-Artikolu 217 (paragrafi 3, 4 u 5) ta' dan il-Ftehim;
- (c) jekk, b'deċiżjoni tal-qorti, id-detentur tad-dritt mhux intitolat għad-disinn;
- (d) jekk id-disinn ikun f'konflitt ma' disinn preċedenti li sar disponibbli għall-pubbliku wara d-data ta' preżentazzjoni tal-applikazzjoni jew, jekk tintalab il-prijorità, id-data ta' prijorità tad-disinn Komunitarju, u li hi protetta minn data qabel id-data msemmija permezz ta' disinn irreġistrat jew applikazzjoni għal disinn;
- (e) jekk jintuża sinjal distintiv f'disinn sussegwenti, u l-liġi tal-Parti kkonċernata li tirregola dan is-sinjal tikkonferixxi fuq id-detentur tad-dritt għas-sinjal id-dritt li jipprojbixxi tali użu;
- (f) jekk id-disinn jikkostitwixxi użu mhux awtorizzat ta' xogħol protett taħt il-liġi tad-dritt tal-awtur tal-Parti kkonċernata;
- (g) jekk id-disinn jikkostitwixxi użu impropriu ta' kwalunkwe wieħed mill-elementi elenkati fl-Artikolu 6 ter tal-Konvenzjoni ta' Pariġi jew ta' baġġijiet, eblemi jew stemmi għajr dawk koperti mill-Artikolu 6 ter msemmi u li huma ta' interess pubbliku partikolari f'territorju ta' Parti.

Dan il-paragrafu huwa mingħajr ħsara għad-dritt tal-Partijiet li jstabbilixxu rekwiżiti formali għall-applikazzjoni tad-disinn.

2. Bħala alternattiva għall-invalidità, Parti tista' tipprovdi li disinn, li jista' jkun invalidat għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jista' jkun limitat fl-użu tiegħu.

*Artikolu 216***Drittijiet mogħtija**

Id-detentur ta' disinn protett jkollu mill-inqas id-dritt esklużiv biex jużah u jipprevjeni partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużawh, partikolarment biex jagħlu, joffru, ipoġġu fuq is-suq, jimportaw, jesportaw jew jużaw prodott li fih id-disinn huwa inkorporat jew li gġalih huwa applikat, jew il-ħażna ta' tali prodott għal dawk l-għanijiet.

*Artikolu 217***Eċċezzjonijiet**

1. Id-drittijiet konferiti minn dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni ma għandhomx ikunu eżerċitati għal:

- (a) atti li jsiru fil-privat u għal finijiet mhux kummerċjali,
- (b) atti li jsiru għal finijiet sperimentali,
- (c) atti ta' riproduzzjoni biex ikunu kkwotati jew għat-tagħlim, iżda li dawk l-atti jkunu skont il-prattika ta' kummerċ ġust u ma jkunux ta' ħsara bla bżonn għall-użu normali tad-disinn, u li l-oriġini tagħhom ikun indikat.

2. Barra minn hekk, id-drittijiet mogħtija minn dritt ta' disinn mar-reġistrazzjoni ma għandhomx ikunu eżerċitati:

- (a) għal tagħmir fuq vapuri u ajruplani reġistrati f'pajjiż ieħor meta dawn jidħlu għal xi żmien fit-territorju tal-Parti kkonċernat;
- (b) l-importazzjoni fil-Parti tal-ispare parts u l-aċċessorji bl-għan tat-tiswija ta' dawn il-vetturi u bastimenti;
- (c) it-tweqqif ta' tiswija fuq dawn il-vetturi u bastimenti.

3. Ma jkunux hemm dritt ta' disinn għall-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li jkunu meħtieġa biss minħabba l-funzjoni teknika tiegħu.
4. Ma jkunux hemm dritt ta' disinn għall-karatteristiċi tad-dehra ta' prodott li jkollhom bilfors ikunu riprodotti fil-forma u fil-qisien eżatti ta' tagħhom biex il-prodott, li fih id-disinn ikun inkorporat jew li għalih ikun applikat, ikun jista' jitqabbad mekkanikament ma' jew jitqiegħed fi, madwar jew kontra prodott ieħor b'mod li ż-żewġ prodotti jkunu jistgħu jaqdu l-funzjoni ta' tagħhom.
5. Dritt ta' disinn ma għandux jeżisti f'disinn li jmur kontra l-politika pubblika jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità.

Artikolu 218

Relazzjoni mad-dritt tal-awtur

Disinn protett minn dritt ta' disinn reġistrat f'Parti skont din is-Subtaqsima jkun eliġibbli wkoll għal protezzjoni skont il-liġi tad-dritt tal-awtur ta' dik il-Parti sa mid-data li fiha d-disinn ikun inħoloq jew iffissat fi kwalunkwe forma. Il-punt safejn, u l-kondizzjonijiet li fihom, din il-protezzjoni tiġi kkonferita u l-kondizzjonijiet li fuqhom din il-protezzjoni tiġi kkonferita, inkluż il-livell meħtieġ tal-oriġinalità, jiġu stabbiliti minn kull Parti.

Subtaqsima 5

Privattivi

Artikolu 219

Privattivi u Saħħa Pubblika

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, li ġiet adottata fl-14 ta' Novembru 2001 (minn hawn 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni ta' Doha") mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont dan il-Kapitolu, il-Partijiet jiżguraw konsistenza mad-Dikjarazzjoni ta' Doha.
2. Il-Partijiet jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 dwar il-paragrafu 6 tad-Deċiżjoni ta' Doha, u jirrispettawha.

Artikolu 220

Ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prodotti mediċinali u dawk għall-protezzjoni tal-pjanti protetti bi privattiva fit-territorju rispettiv ta' tagħhom jistgħu jkunu suġġetti għal proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni qabel ma jitpoġġew fis-suq ta' tagħhom. Huma jirrikonoxxu li l-perjodu li jgħaddi bejn l-inkartar tal-applikazzjoni għal privattiva u l-ewwel awtorizzazzjoni biex il-prodott jitpoġġa fis-suq rispettiv ta' tagħhom, kif definit għal dak l-iskop mil-leġiżlazzjoni rilevanti, jista' jqassar il-perjodu ta' protezzjoni effettiva skont il-privattiva.
2. Il-Partijiet jipprovdu għal perjodu ulterjuri ta' protezzjoni għal prodott mediċinali jew wieħed għall-protezzjoni tal-pjanti protetti bi privattiva u li kienu suġġetti għal proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni, b'dak il-perjodu li jkun ekwivalenti għall-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, imnaqqas b'perjodu ta' ħames snin.
3. Fil-każ ta' prodotti mediċinali li għalihom twettqu studji pedjatriċi, u r-riżultati ta' dawk l-istudji huma riflessi fl-informazzjoni dwar il-prodott, il-Partijiet jipprovdu għal estensjoni ta' sitt xhur oħra fuq il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 221

Protezzjoni ta' invenzjonijiet bijoteknoloġiċi

1. Il-Partijiet jipproteġu l-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi fil-liġijiet nazzjonali dwar il-privattivi. Fejn meħtieġ, jaġġustaw il-liġijiet nazzjonali ta' tagħhom dwar il-privattivi sabiex iqisu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Dan l-Artikolu jkun mingħajr ħsara għall-obbligi tal-Partijiet skont il-ftehimiet internazzjonali, u partikolarment il-Ftehim TRIPS u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tal-1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CBD").

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

- (a) "materjal bijoloġiku" tfisser kull materjal li jkun fih taġhrif ġenetiku u jkun kapaċi li jirriproduċi lilu nnifsu jew jiġi prodott f'sistema bijoloġika;
- (b) "proċess mikrobijoloġiku" tfisser kull proċess li jinvolvi materjal mikrobijoloġiku jew imwettaq fuqu jew li jirriżulta f'dan.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim: invenzjonijiet ġodda, li jinvolvu pass inventiv u li huma suxxettibli li jiġu applikati industrijalment jedd għall-privattiva anke jekk jirrigwardaw prodott li jikkonsisti minn jew ikun fih materjal bijoloġiku jew proċess li permezz tiegħu jiġi prodott, ipproċessat jew użat xi materjal bijoloġiku.

Il-materjal bijoloġiku li jiġi iżolat mill-ambjent naturali tiegħu jew prodott permezz ta' proċess tekniku jista' jkun suġġett għal invenzjoni anke jekk ikun ġara qabel fin-natura.

Element iżolat mill-ġisem uman jew prodott xorta oħra permezz ta' proċess tekniku, inklużi s-sekwenza jew is-sekwenza parzjali ta' gene, jista' jikkostitwixxi nvenzjoni li jedd għall-privattiva anke jekk l-istruttura ta' dan l-element tkun identika għal dak ta' element naturali. L-applikazzjoni industrijali ta' sekwenza jew ta' sekwenza parzjali ta' gene tiġi żvelata fl-applikazzjoni għall-privattiva.

4. Dawn li ġejjin ma għandhomx jedd għall-privattiva:

- (a) varjetajiet tal-pjanti u l-annimali;
- (b) proċessi essenzjalment bijoloġiċi għall-produzzjoni tal-pjanti jew l-annimali;
- (c) il-ġisem tal-bniedem, fl-istadji varji ta' formazzjoni u żvilupp tiegħu, u l-iskoperta sempliċi ta' wieħed mill-elementi tiegħu, inkluż is-sekwenza jew is-sekwenza parzjali ta' gene.

Invenzjonijiet li jirrigwardaw il-pjanti jew l-annimali jkun jista' jkollhom privattiva jekk il-probabbiltà tas-suċċess taġghom ma tkunx limitata biss għal varjetà partikolari ta' pjanta jew annimal. Is-Subparagrafu (b) ta' dan il-paragrafu ikun mingħajr ħsara għall-jedd għall-privattiva ta' invenzjonijiet li jirrigwardaw proċess mikrobijoloġiku jew teknika oħra jew prodott miksub permezz ta' dan il-proċess.

5. Invenzjonijiet jitqiesu li ma jistax ikollhom privattiva meta l-isfruttament kummerċjali taġghom imur kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità pubblika; madankollu, l-isfruttament ma jitqiesx għalhekk bħala kuntrarju sempliċement minħabba li jkun ipprojbit bil-liġi. Partikolarment dawn li ġejjin ikunu kkunsidrati li ma jistax ikollhom privattiva:

- (a) proċessi għall-ikklonar tal-esseri umani;
- (b) proċessi li jimmodifikaw l-identità tal-linja ġenetika tal-esseri umani;
- (c) użu tal-embrjonijiet tal-bnedmin għal għanijiet industrijali jew kummerċjali;
- (d) proċessi sabiex tiġi mmodifikata l-identità ġenetika tal-annimali li x'aktarx tikkawżawhom tbatija mingħajr ebda benefiċċju sostanzjali mediku għall-bniedem jew għall-annimali, kif ukoll l-annimali li jirriżultaw minn dawn il-proċessi.

6. Il-protezzjoni kkonferita minn privattiva dwar materjal bijoloġiku li jippossjedi karatteristiċi speċifiċi b'riżultat ta' invenzjoni tiġi estiża għal kull materjal bijoloġiku mnissel minn dan il-materjal bijoloġiku permezz tal-propagazzjoni jew tal-moltiplikazzjoni f'għamla identika jew diverġenti u li tipossjedi wħud minn dawn il-karatteristiċi.

7. Il-protezzjoni kkonferita minn privattiva dwar proċess li għin matejal bijoloġiku li jippossjedi karatteristiċi speċifiċi li jiġi prodott b'riżultat tal-invenzjoni tiġi estiża għall-materjal bijoloġiku miksub direttament permezz ta' dan il-proċess u kull materjal bijoloġiku ieħor imnissel mill-materjal bijoloġiku miksub direttament permezz tal-propagazzjoni jew il-moltiplikazzjoni f'għamla identika jew diverġenti u li jippossjedi dawn l-istess karatteristiċi.

8. Il-protezzjoni kkonferita minn privattiva rigward prodott li jkun fih jew jikkonsisti f'taġhrif ġenetiku tiġi estiża għall-materjal kollu, għajr dak ipprovdut fil-paragrafu 4(c) ta' dan l-Artikolu, li fih il-prodott ikun inkorporat u li fih it-taġhrif ġenetiku jkun ikkontenut u li jwettaq il-funzjoni tiegħu.

9. Il-protezzjoni riferita fil-paragrafi 7 u 8 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tiġi estiża għall-materjal bijoloġiku miksub mill-propagazzjoni jew il-moltiplikazzjoni tal-materjal bijoloġiku mqiegħed fis-suq fit-territorju tal-Partijiet mid-detentur ta' privattiva jew bil-kunsens tiegħu, meta l-propagazzjoni jew il-moltiplikazzjoni neċessarjament jirriżultaw mill-applikazzjoni li għaliha l-materjal bijoloġiku jkun ġie mqiegħed fis-suq, sakemm dan il-materjal miksub ma jiġix sossegwentement użat għal propagazzjoni jew moltiplikazzjoni oħra.

10. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 7 u 8 ta' dan l-Artikolu, il-bejgħ jew kwalunkwe għamla oħra ta' kummerċjalizzazzjoni ta' materjal ieħor tal-propogazzjoni tal-pjanti lil bidwi mid-detentur ta' privattiva jew bil-kunsens tiegħu jimplika l-awtorizzazzjoni li l-bidwi juża l-prodott tal-ħasda tiegħu għall-propogazzjoni jew moltiplikazzjoni minnu fuq l-ażjenda agrikola tiegħu. il-punt safejn tapplika d-deroga u l-kondizzjonijiet tagħha jikkorrispondu mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiċi nazzjonali tal-Partijiet dwar id-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti.

Permezz ta' deroga mill-paragrafi 7 u 8 ta' dan l-Artikolu, il-bejgħ jew kull għamla oħra ta' kummerċjalizzazzjoni tal-bhejgħ għat-tgħammir jew ta' materjal ieħor tar-riproduzzjoni tal-annimali lil bidwi mill-pussessur ta' privattiva jew bil-kunsens tiegħu jimplika l-awtorizzazzjoni li l-bidwi juża l-bhejgħ protetti għal għan agrikolu. Dan jinkludi li jagħmlu disponibbli l-annimal jew il-materjal l-ieħor tar-riproduzzjoni tal-annimal għall-għanijiet ta' insewiment tal-attività agrikola imma mhux għall-bejgħ fi ħdan il-qafas jew bil-għan ta' attività ta' riproduzzjoni kummerċjali. Il-punt safejn tapplika d-deroga u l-kondizzjonijiet tagħha previsti hawn fuq jikkorrispondu mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiċi nazzjonali

11. Il-Partijiet jipprovdu għal-liċenzjar reċiproku obligatorju fil-każijiet segwenti:

- (a) meta wieħed li jrabbu ma jkunx jista' jikseb jew jisfrutta dritt fuq varjetà ta' pjanta mingħajr ma jikser privattiva ta' qabel, jista' japplika għal liċenzja obligatorja tal-użu esklużiv tal-privattiva billi l-liċenzja tkun meħtieġa għall-isfruttament tal-varjetà tal-pjanta li tiġi protetta, bla ħsara għall-pagament tad-dritt approprijat tal-awtur. Il-Partijiet jipprovdu li, meta tingħata din il-liċenzja, il-pussur tal-privattiva huwa intitolat għal liċenzja inkroċjata fuq kondizzjonijiet raġjonevoli sabiex juża l-varjetà protetta;
- (b) meta d-detentur ta' liċenzja li tirrigwarda invenzjoni bijoteknoloġika ma jistax jisfruttaha mingħajr ma jikser id-dritt minn qabel ta' varjetà ta' pjanta, jista' japplika għal liċenzja obligatorja għall-użu mhux esklużiv tal-varjetà tal-pjanta protetta b'dan id-dritt, bla ħsara għall-pagament tad-dritt approprijat tal-awtur. Il-Partijiet jipprovdu li, meta tingħata din il-liċenzja, id-detentur tal-privattiva huwa intitolat għal liċenzja inkroċjata fuq kondizzjonijiet raġjonevoli sabiex juża l-invenzjoni protetta.

12. L-applikanti għal-liċenzji riferiti fil-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu iridu juru li:

- (a) ikunu applikaw mingħajr suċċess lid-detentur tal-privattiva jew tad-dritt fuq il-varjetà tal-pjanta sabiex jiksbu liċenzja kontrattwali;
- (b) Il-varjetà tal-pjanta jew l-invenzjoni jikkostitwixxu progress tekniku sinifikanti ta' interess ekonomiku konsiderevoli meta pparagunat mal-invenzjoni pretesa fil-privattiva jew fil-varjetà protetta tal-pjanta.

Artikolu 222

Protezzjoni tad-dejta preżentata biex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jitpoġġa prodott mediku fis-suq

1. Il-Partijiet jimplimentaw sistema kumprensiva biex jiggwarantixxu l-kunfidenzjalità, in-nuqqas ta' żvelar u n-nuqqas ta' dipendenza fuq dejta ppreżentata għall-iskop li tinkiseb awtorizzazzjoni sabiex prodott mediku jitqiegħed fis-suq.

2. Għal dak il-għan, meta Parti teħtieġ li l-preżentazzjoni tad-dejta tat-testijiet jew stdji dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' prodotti mediċi qbel ma tingħata l-approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' tali prodott, il-Parti, ma għandux, għal perjodu ta' mill-inqas ħames snib mid-data tal-ewwel approvazzjoni f'dik il-Parti, tippermetti lill-applikanti oħra biex jikkummerċjalizzaw l-istess prodott jew prodott simili, abbażi ta' approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija lill-applikant li kien ipprova d-dejta tat-testijiet jew studji, sakemm l-applikant li kien ipprova d-dejta tat-testijiet jew studji ma jkunx ta l-kunsens tiegħu. Matul tali perjodu, d-dejta tat-testijiet jew studji ppreżentata għall-ewwel approvazzjoni mhux se tintuża għall-benefiċċju ta' kwalunkwe applikant sussegwenti biex tinkiseb approvazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodott mediku, għajr meta jkun mogħti l-kunsens tal-ewwel applikant.

3. L-Ukraina timpenja ruħha li tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha dwar il-protezzjoni tad-dejta għall-prodotti mediċi ma dik tal-UE f'data li għandha tkun deċiża mill-Kumitat għall-Kummerċ.

Artikolu 223

Protezzjoni tad-dejta dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

1. Il-Partijiet jistabbilixxu r-rekwiżiti tas-sigurtà u l-effikaċja qabel ma jawtorizzaw it-tqegħid fis-swieq tagħhom, ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

2. Il-Partijiet jirikonoxxu dritt temporanju lis-sid ta' rapport jew studju preżentat għall-ewwel darba biex tinkiseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Matul tali perjodu, ir-rapport ta' test jew stdju mhux se jkun użat għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna oħra li tfittex li tikseb awtorizzazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, għajt meta jkun mogħti l-kunsens espliċitu tal-ewwel sid. Minn hawn 'il quddiem dan id-dritt se jissejjaħ "protezzjoni tad-dejta".

3. Il-Partijiet jiddeterminaw il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti permezz ta' rapport ta' test jew studju.

4. Il-perjodu ta' protezzjoni tad-dejta għandu jkun ta' mill-inqas 10 snin li jibdev mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni tal-Parti kkonċernata. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu estensjoni tal-perjodu ta' protezzjoni għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx. F'tali sitwazzjoni, il-perjodu jista' jkun estiża sa 13-il sena.

5. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu li daww il-perjodi jkunu estiżi għal kull estensjoni ta' awtorizzazzjoni ta' użu minuri⁽¹⁾. F'tali sitwazzjoni, il-perjodu totali ta' protezzjoni tad-dejta ma jista' fl-ebda każ jeċċedi t-13-il sena jew, għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, il-15-il sena.

6. Test jew studju jiġi protett ukoll jekk kien meħtieġ għat-tiġdid jew għar-reviżjoni ta' awtorizzazzjoni. F'dawk il-każijiet, il-perjodu għall-protezzjoni tad-dejta għandu jkun ta' 30 xahar.

7. Regoli biex ikun evitat ittestjat dupplikattiv fuq annimali vertebrati se jkun stabbilit mill-Partijiet. Kwalunkwe applikant li bi ħsiebu jwettaq testijiet u studji li jinvolvu annimali vertebrati tiegħu l-miżuri meħtieġa biex tivverifika li daww it-testijiet u l-istudji ma twettqux jew ma nbdewx diġà.

8. Applikant ġdid u d-detentur jew id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti jagħmlu kull sforz biex jiżguraw irwieħhom li jikkundividu t-testijiet u l-istudji li jinvolvu l-annimali vertebrati. Il-kostijiet tal-kondiviżjoni tar-rapporti ta' ttestjar u ta' studju jkunu determinati b'mod ġust, trasparenti u nondiskriminatorju. Applikant ġdid huwa meħtieġ biss li jikkundividi fl-ispejjeż tal-informazzjoni li huwa meħtieġ iressaq sabiex jissodisfa r-rekwiżiti tal-awtorizzazzjoni.

9. Fejn l-applikant il-ġdid u d-detentur jew id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jistgħux jilhqqu qbil dwar il-kondiviżjoni ta' rapporti ta' testijiet u studji li jinvolvu annimali vertebrati, l-applikant il-ġdid jinforma l-Parti.

⁽¹⁾ Użu minuri: użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti f'Parti partikolari dwar pjanti u prodotti tal-pjanti li mhumix imkabbra b'mod estensiv f'dik il-Parti partikolari jew imkabbrin estensivament biex jissodisfaw il-bżonn ta' protezzjoni tal-pjanti eċċezzjonali.

10. In-nuqqas li jintlaħaq qbil ma jipprevenix il-Parti milli ruża r-rapporti tat-test u tal-istudju li jinvolvu animali vertebru għall-għanijiet tal-applikazzjoni tal-applikant il-ġdid.

11. Id-detentur jew id-detenturi tal-awtorizzazzjoni rilevanti għandu jkollhom talba fuq l-applikant ġdid għal sehem xieraq tal-kostijiet imġarrba. Il-Parti kkonċernatista' tidderiġi lill-Partijiet involuti biex isolvu l-kwistjoni permezz ta' arbitraġġ formali u vinkolanti amministrat skont il-liġi nazzjonali.

Subtaqsima 6

Topografiji ta' prodotti semikundutturi

Artikolu 224

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) "prodott semikunduttur" tfisser l-għamla finali jew intermedja ta' kwalunkwe prodott:

li jikkonsisti minn korpu ta' materjal li jinkludi saff ta' materjal semikunduttur; u li jkollu wieħed jew aktar saffi komposti minn materjal li jikkunduci, isolanti jew li hu semikunduttur, bis-saffi jkunu rranġati bi qbil ma' mudell tridimensjonarju deċiż minn qabel; u intiż li jwettaq, esklużivament jew flimkien ma' funzjonijiet oħra, funzjoni elettronika;

(b) it-"topografija" ta' prodott semikunduttur tfisser sensiela ta' immaġini relatati, iffissati jew kodifikati f'kull mod;

li jirrappreżenta l-mudell tridimensjonali tas-saffi li minnhom hu magħmul prodott semikunduttur; u f'liema sensiela, kull immaġini tirriproduċi l-wiċċ kollu jew part minnu tal-prodott semikunduttur fi kwalunkwe stadju tal-manifattura tiegħu;

(c) "sfruttament kummerċjali" tfisser il-bejgħ, kiri, lokazzjoni jew kull metodu ieħor ta' distribuzzjoni kummerċjali, jew offerta għal dawn il-finijiet. Madanakolli, għall-finijiet tal-Artikolu 227 ta' dan il-Ftehim, sfruttament kummerċjali ma jinkludix sfruttament f'kondizzjonijiet ta' kunfidenzjalità sal-punt li l-ebda distribuzzjoni lil partijiet terzi ma ssir.

Artikolu 225

Rekwiżiti għall-protezzjoni

1. Il-Partijiet jiproteġu t-topografiji ta' prodotti semikundutturi billi jadottaw dispożizzjonijiet leġislattivi li jagħtu drittijiet esklużivi bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Partijiet jipprovdu għall protezzjoni tat-topografija ta' prodott semikunduttur sakemm tissodisfa l-kondizzjonijiet li hi r-riżultat tal-isforz intellettuali tal-kreatur tagħha u mhix komuni fl-industrija tas-semikundutturi. Fejn it-topografija ta' prodott semikunduttur tikkonsisti felementi li huma komuni fl-industrija tas-semikundutturi, hi tkun protetta biss sal-punt li l-kombinazzjoni ta' elementi bħal dawn, meħuda globalment, jissodisfaw il-kondizzjonijiet hawn fuq imsemmija.

Artikolu 226

Drittijiet eżklussivi

1. Id-drittijiet esklużivi msemmija fl-Artikolu 225(1) ta' dan il-Ftehim tinkludi d-dritt li jkunu awtorizzati jew projbiti kwalunkwe wieħed mill-aġir segwenti:

(a) riproduzzjoni ta' topografija sakemm hija protetta skont l-Artikolu 225(2) ta' dan il-Ftehim;

(b) sfruttament kummerċjali jew l-importazzjoni għal dak l-iskop ta' topografija jew ta' prodott semikunduttur immanifatturat bl-użu tat-topografija.

2. Id-drittijiet esklużivi msemmija fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għal riproduzzjoni għall-fini ta' analiżi, valutazzjoni jew taġġil tal-kunċetti, proċessi, sistemi jew teknika inkorporati fit-topografija jew it-topografija nnifisha.

3 Id-drittijiet esklużivi li għalihom jirriferi l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jestendux għal kull att bħal dan frabta ma' topografija li taderixxi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 225(2) ta' dan il-Ftehim u maħluqa fuq il-bażi ta' analiżi u valutazzjoni ta' topografija oħra, imwettqa b'konformità mal-paragrafu 2.

4. Id-drittijiet esklużivi sabiex ikun awtorizzat jew projbit l-aġir speċifikat fil-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu ma japplikawx għal kwalunkwe tali aġir imwettaq wara li t-topografija jew l-prodott semikunduttur ikun tqiegħed fis-suq b'mod leġittimu.

Artikolu 227

Terminu ta' protezzjoni

Id-drittijiet esklużivi jammontaw għal mill-inqas 10 snin minn meta t-topografija hija inizjalment sfruttata kummerċjalment fi kwalunkwe post fid-dinja jew, fejn ir-reġistrazzjoni hija kondizzjoni biex id-drittijiet esklużivi jidħlu fis-seħħ jew ikomplu japplikaw, 10 snin mid-data l-aktar bikrija mid-dawk segwenti:

(a) it-tmim tas-sena kalendarja li fiha t-topografija hija sfruttata kummerċjalment għall-ewwel darba fi kwalunkwe post fid-dinja;

(b) it-tmien tas-sena kalendarja li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni kif suppost.

Subtaqsima 7

Dispożizzjonijiet oħra

Artikolu 228

Varjetajiet tal-pjanti

Il-Partijiet jikkoperaw biex jipromwovu u jsaħħu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti tal-1961 kif riveduta f'Ġinevra fl-10 ta' Novembru 1972, it-23 ta' Ottubru 1978 u fid-19 ta' Marzu 1991, inkluż l-eċċezzjoni fakultattiva għad-dritt ta'min irawwem kif imsemmija fl-Artikolu 15.2 tal-Konvenzjoni msemmija.

Artikolu 229

Riżorsi ġenetiċi, għarfien tradizzjonali u folklor

1. Suġġett għal-leġiżlazzjoni domestika taġġhom, il-Partijiet jirrispettaw, jippreżervaw u jżommu l-għerf, l-innovazzjonijiet u l-prattiċi ta' komunitajiet indiġeni u lokali li jinkorporaw stili ta' ħaġġa tradizzjonali li huma rilevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika u jipromwovu l-applikazzjoni aktar wiesgħa taġġha mal-involviment u l-approvazzjoni tad-detenturi ta' tali għerf, innovazzjonijiet u prattiċi u jinkoraġġixxu l-qsim ġust tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' dan l-għerf, l-innovazzjonijiet u l-prattiċi.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tat-teħid ta' miżuri xierqa, bla ħsara għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, sabiex ikun ippreservat l-għarfien tradizzjonali u jaqblu li jkomplu jaħdmu lejn l-iżvilupp ta' mudelli sui generis miftiehma fuq livell internazzjonali għall-protezzjoni legali tal-għarfien tradizzjonali.

3. Il-Partijiet jaqblu li d-dispożizzjonijiet ta' propjetà intellettwali ta' din is-Subtaqsima u tas-CBD ikunu implimentati b'mod ta' sostenn reċiproku.

4. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw regolarment opinjonijiet u informazzjoni dwar diskussjonijiet multilaterali rilevanti.

Taqsim a 3

Infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali

Artikolu 230

Obbligi ġenerali

1. Iż-żewġ Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impnenji tagħhom skont il-Ftehim TRIPS u partikolarment il-Parti III tiegħu, u jipprovdu għal miżuri, proċeduri u rimedji neċessarji kumplimentari segwenti sabiex jiżguraw l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ⁽¹⁾. Dawn il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji jkunu ġusti u ekwi u ma għandhomx ikunu kkomplikati jew għaljin, jew jinvolvu limiti ta' żmien irraġonevoli jew dewmien mhux iġġustifikat meta ma jkunx hemm għalfejn.

2. Dawn il-miżuri u r-rimedji ukoll ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jkunu applikati b'tali mod li jkun evitat il-ħolqien ta' ostakoli għall-kummerċ leġittimu u sabiex ikunu pprovduti salvagwardji kontra l-abbuż tagħhom.

Artikolu 231

Applikanti intitolati

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu bħala persuni intitolati sabiex ifittxu l-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija f'din it-Taqsima u fil-Parti III tal-Ftehim TRIPS:

- (a) id-detenturi ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;
 - (b) il-persuni l-oħra kollha awtorizzati sabiex jużaw daww id-drittijiet, b'mod partikolari l-persuni li jkollhom liċenzja, safejn ikun permess u jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;
 - (c) l-entitajiet professjonali ta' difiża li jkunu regolarment rikkonoxxuti bħala li jkollhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, safejn ikun permess u jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli.
2. Il-Partijiet jistgħu jirrikonoxxu bħala persuni intitolati sabiex ifittxu l-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija f'din it-Taqsima u fil-Parti III tal-Ftehim TRIPS, korpi ta' ġestjoni tad-drittijiet kollettivi ta' proprjetà intellettwali li huma regolarment rikonoxxuti li għandhom dritt li jirrappreżentaw id-detenturi tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, sakemm huma permess mid-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli u permessi minnhom.

Subtaqsima 1

Miżuri, proċeduri u rimedji ċivili

Artikolu 232

Preżunzjoni tal-orijini jew tas-sjeda

Il-Partijiet jirrikonoxxu li għall-finijiet li jkunu applikati l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji previsti f'dan il-Ftehim:

- (a) għall-awtur ta' xogħol litterarju jew artistiku, fin-nuqqas ta' prova kontrarja, biex ikun ikkunsidrat tali, u konsegwentament biex ikunu intitolati li jiftaħ proċedimenti ta' ksur, ikun suffiċjenti għal ismu/isimha biex jidher fuq ix-xogħol bil-mod tas-soltu;
- (b) id-dispożizzjoni taħt il-punt (a) ta' dan l-Artikolu tapplika *mutatis mutandis* għad-detenturi tad-drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fir-rigward ra; suġġett protett tagħhom.

⁽¹⁾ Għall-finijiet ta' din it-Taqsima l-kunċett ta' "drittijiet ta' proprjetà intellettwali" ikopru mill-inqas id-drittijiet segwenti: drittijiet tal-awtur; drittijiet relatati mad-dritt tal-awtur; dritt *sui generis* ta' min jagħmel bażi tad-dejta; drittijiet ta' min joħloq topografiji ta' prodott semikunduttur; drittijiet tal-marki kummerċjali; drittijiet tad-disinn; drittijiet tal-privattiva, inklużi d-drittijiet miksuba biċ-ċertifikati ta' protezzjoni supplementari; indikazzjonijiet ġeografiċi; drittijiet ta' mudell ta' utilità; drittijiet għal varjetajiet ta' pjanti; ismijiet kummerċjali, sakemm dawn ikunu protetti mid-drittijiet tal-proprjetà esklussiva fil-liġi nazzjonali kkonċernata.

Artikolu 233

Provi

1. L-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Partijiet għandu jkollhom l-awtorità, fejn parti kienet ippreżentat il-provi disponibbli b'mod raġonevoli biżżejjed biex tappoġġa l-allegazzjonijiet tagħha u fl-issostanzjar tal-allegazzjonijiet tagħha, speċifikat il-provi li jinsabu fil-kontroll tal-parti opposta, sabiex dawn il-provi jiġu prodotti mill-parti opposta, suġġett għall-kondizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Taħt l-istess kondizzjonijiet, il-Partijiet jieħdu tali miżuri kif ikun meħtieġ, fil-każ ta' ksur ta' dritt ta' proprjetà intelletwali mwettaq fuq skala kummerċjali, sabiex l-awtoritajiet ġuridiċi kompetenti jkunu jistgħu jordnaw, fejn ikun xieraq u wara applikazzjoni, il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali taħt il-kontroll tal-parti opposta, suġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

Artikolu 234

Miżuri biex ikunu ppreservati l-provi

1. Il-Partijiet jiżguraw li, anki qabel il-bidu tal-proċeduri fuq il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni minn parti li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli sabiex issostni l-allegazzjonijiet tagħha li d-dritt tal-proprjetà intelletwali tagħha jkun inkiser jew ikun ser jinkiser, jordnaw miżuri provviżorji fil-pront u effettivi sabiex tiġi ppreżervata l-evidenza rilevanti fir-rigward tal-allegat ksur, suġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali. Tali miżuri jistgħu jinkludu d-deskrizzjoni dettaljata, bit-teħid tal-kampjuni jew le, jew bil-qbid fiżiku tal-prodotti li allegatament qed jaġhmlu l-ksur jew le u, f'każi xierqa, il-materjali u l-ġhodod li ntużaw fil-produzzjoni u/jew fid-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti u d-dokumenti relatati magħhom. Dawk il-miżuri jittieħdu, jekk ikun hemm bżonn mingħajr ma tinstema l-parti l-oħra, b'mod partikolari fejn kwalunkwe dewmien ikun probabbli li jikkawża dannu irreparabbli lid-detentur tad-dritt jew fejn ikun hemm riskju li jista' jintwera li qiegħda tinqered l-evidenza.

2. Il-Partijiet jiżguraw li l-miżuri biex ikunu preservati l-provi huma revokati jew inkellha jieqfu milli jkollhom effett, fuq talba tal-konvenut, mingħajr ħsara għad-danni li jistgħu jintalbu, jekk l-applikant ma jiftaxx proċedimenti, f'perjodu raġonevoli, li jwasslu għal deċiżjoni fuq il-merti quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti.

Artikolu 235

Dritt għall-informazzjoni

1. Il-Partijiet jiżguraw li, fil-kuntest tal-proċeduri li jikkonċernaw ksur ta' dritt ta' proprjetà intelletwali u b'risposta għal talba ġġustifika u rraġunata ta' min qed jaġhmel it-talba, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw li l-informazzjoni dwar l-oriġini u n-netwerks ta' distribuzzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi li jiksru dritt ta' proprjetà intelletwali tkun ipprovduta minn min għamel il-ksur u/jew minn kwalunkwe persuna oħra li:

- (a) instabet fil-pussess tal-prodotti li jiksru drittijiet fuq skala kummerċjali;
- (b) instabet li kienet qiegħda tuża s-servizzi ta' ksur fuq skala kummerċjali;
- (c) instabet li kienet qiegħda tipprovidi fuq skala kummerċjali, servizzi użati fl-attivitajiet ta' ksur;

jew

(d) kien indikat mill-persuna li tissema fis-subparagrafi (a), (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu bħala li kien involut fil-produzzjoni, fil-manifattura jew fid-distribuzzjoni tal-prodotti jew fil-provvista tas-servizzi.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tinkludi, kif xieraq:

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, il-manifatturi, id-distributuri, il-fornituri u detenturi preċedenti oħra tal-prodotti jew is-servizzi, kif ukoll il-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut intenzjonati;

(b) informazzjoni dwar il-kwantitajiet ipproduċuti, manifatturati, ikkonsenjati, riċevuti jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għall-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu japplikaw mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet statutarji oħrajn li:

(a) jagħtu lid-detentur tad-dritt, id-drittijiet li jirċievi informazzjoni aktar sħiħa;

(b) jirregolaw l-użu fil-proċeduri ċivili jew kriminali, tal-informazzjoni kkomunikata skont dan l-Artikolu;

(c) jirregolaw ir-responsabbiltà għall-abbuż mid-dritt tal-informazzjoni;

(d) jagħtu opportunità għal rifjut li tkun pprovdata informazzjoni li tisforza lil persuna li tisemma fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tammetti l-parteċipazzjoni tagħha jew dik ta' qraba tagħha fi ksur ta' dritt ta' proprjetà intelletwali, jew

(e) jirregolaw il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi tal-informazzjoni jew l-ipproċessar tal-informazzjoni personali.

Artikolu 236

Miżuri provviżorji u prekawzjonarji

1. Il-Partijiet jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji, fuq it-talba tal-applikant, jistgħu jgħid li inġunzjoni interlokutorja maħsuba sabiex tipprevjeni kwalunkwe ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intelletwali jew biex tipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u suġġett, fejn ikun xieraq, għal pagament rikorrenti ta' penali fejn ikun previst fil-liġi nazzjonali, il-kontinwazzjoni tal-ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tali kontinwazzjoni tkun suġġetta għad-depożitu ta' garanziji maħsuba biex ikun żgurat il-kumpens tad-detentur tad-dritt. Inġunzjoni interlokutorja tista' tinħareġ ukoll, fl-istess kondizzjonijiet, kontra intermedjarju li s-servizzi tiegħu qed jintużaw minn parti terza sabiex tikser dritt ta' proprjetà intelletwali.

2. Inġunzjoni interlokutorja tista' tinħareġ ukoll sabiex jiġi ordnat il-qbid jew iċ-ċessjoni tal-prodotti li qed jiġi ssuspettat li qed jiksru dritt ta' proprjetà intelletwali sabiex jipprevjenu d-dħul fi jew il-movimenti tagħhom fil-mezzi kummerċjali.

3. Fil-każ ta' ksur imwettaq fuq skala kummerċjali, il-Partijiet jiżguraw li, jekk l-applikant juri ċirkustanzi li aktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw is-sekwestru prekawzjonarju tal-proprjetà mobbli u immobbli ta' min allegatament ikun kiser id-drittijiet, fosthom is-sekwestru ta' kontijiet bankarji u assi oħra. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jordnaw il-komunikazzjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali, jew l-aċċess xieraq għall-informazzjoni rilevanti.

4. Il-Partijiet jiżguraw li l-miżuri provvorji msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jistgħu, f'każijiet xierqa, jittieħdu mingħajr ma jinstema l-konvenut, partikolarment fejn dewmien jikkawża dannu irreparabbli lid-detentur tad-dritt. F'dak il-każ, il-Partijiet ikunu infurmati mingħar dewmien mhux aktar tard minn wara l-eżekuzzjoni tal-miżuri. Reviżjoni, li tinkludi dritt għas-smiġh, ssir mat-talba tal-konvenut bil-għan li tittieħed deċiżjoni, fi żmien raġjonevoli wara n-notifika tal-miżuri, kemm jekk dawn il-miżuri jkunu modifikati, revokati jew ikkonfermati.

5. Il-Partijiet jiżguraw li l-miżuri provvorji msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu huma revokati jew inkellha jieqfu milli jkollhom effett, fuq talba tal-konvenut, jekk l-applikant ma jiftaxx proċedimenti, f'perjodu raġjonevoli, li jwasslu għal deċiżjoni fuq il-merti quddiem awtorità ġudizzjarja kompetenti.

6. Meta l-miżuri provvorji huma revokati jew meta jaqgħu minħabba kwalunkwe att jew ommissjoni mill-applikant, jew meta misjub sussegwentement li ma kien hemm l-ebda ksur jew trattar ta' ksur ta' xi dritt ta' proprjetà intelletwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw lill-applikant, dwar it-talba tal-konvenut, sabiex jipprovdu kumpens xieraq lill-konvenut għal kull ħsara mwettqa b'dawk il-miżuri.

*Artikolu 237***Miżuri korrettivi**

1. Il-Partijiet jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jorndaw, fuq it-talba tal-applikant u mingħajr ħsara għal kwalunkwe danni dovuti lid-detentur tad-dritt minħabba l-ksur, u mingħajr kumpens ta' kwalunkwe xorta, l-irtirar mill-mezzi kummerċjali, it-tneħħija definittiva mill-mezzi kummerċjali jew il-qerda tal-prodotti li sabu li qed jiksru dritt ta' proprjetà intellettuali. Jekk ikun xieraq, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jorndaw ukoll il-qerda ta' materjali u għodod użati prinċipalment fil-ħolqien jew il-manifattura ta' dawk il-prodotti.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji jorndaw li dawk il-miżuri jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan.

*Artikolu 238***Inġunzjonijiet**

Il-Partijiet jiżguraw li, meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettuali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jorndaw inġunzjoni kontra min ikun kiser id-drittijiet li tkun immirata sabiex tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur. Fejn ikun previst mil-liġi domestika, in-nuqqas ta' konformità ma' inġunzjoni għandu, fejn ikun xieraq, ikun suġġett għall-pagament ta' penali rikorrenti, bil-ħsieb li tiġi assicurata l-konformità. Il-Partijiet jiżguraw ukoll li d-detenturi tad-drittijiet ikunu f'posizzjoni biex japplikaw għal inġunzjoni kontra intermedjarji li s-servizzi tagħhom jkunu użati minn parti terza biex tikser id-dritt ta' proprjetà intellettuali.

*Artikolu 239***Miżuri alternattivi**

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu li, f'każijiet xierqa u fuq talba tal-persuna li tista' tkun suġġetta għall-miżuri previsti fl-Artikolu 237 u/jew l-Artikolu 238 ta' dan il-Ftehim, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jorndaw kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti li ssofri dannu minflok ma jiġu applikati l-miżuri previsti fl-Artikolu 237 u/jew l-Artikolu 238 ta' dan il-Ftehim jekk dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod mhux intenzjonali u mingħajr negliġenza, jekk it-twettiq tal-miżuri inkwistjoni jikkawżalha dannu sproporzjonat u jekk il-kumpens fi flus lill-parti li ssofri dannu jidher li jkun raġonevolment sodisfaċenti.

*Artikolu 240***Danni**

1. Il-Partijiet jiżguraw li meta l-awtoritajiet ġudizzjarji jistabbilixxu d-danni:

- (a) huma iqisu l-aspetti kollha xierqa, bħalma huma l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, fosthom il-profitti mitlufa, li tkun sofriet il-parti li ssofri dannu, kwalunkwe qligħ inġust li jkun għamel min ikun kiser id-drittijiet u, f'każijiet xierqa, elementi li ma jkunux fatturi ekonomiċi, bħall-ħsara morali kkawżat lid-detentur tad-dritt mill-ksur; jew
- (b) bħala alternattiva għas-subparagrafu (a) ta' dan il-paragrafu, huma jistgħu, f'każijiet xierqa, jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħall-inqas ammont ta' pagamenti jew tariffi li kien ikollhom jitħallsu kieku min jiksru id-drittijiet ikun talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettuali inkwistjoni.

2. Meta min jiksru id-drittijiet ma jkun involva ruħu konxjament, jew b'raġunijiet suffiċjenti sabiex ikun jaf, f'attività ta' ksur, il-Partijiet jistgħu jipprovdu li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jorndaw l-irkupru ta' profitti jew il-pagament ta' danni li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel favur il-persuna danneġġata.

*Artikolu 241***Kostijiet legali**

Il-Partijiet jiżguraw li kostijiet legali raġonevoli u proporzjonati u spejjeż oħra li tagħmel il-parti rebbieħa bħala regola ġenerali tagħmel tajjeb għalihom l-parti sokkombenti, sakemm dan ma jmurx kontra l-prinċipju tal-ekwità.

Artikolu 242

Pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji

Il-Partijiet jiżguraw li, fi proċeduri legali istitwiti għall-ksur ta' dritt ta' proprjetà intelletwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jorndaw, fuq it-talba tal-applikant u bi spejjeż tal-persuna li għamlet il-ksur, il-miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni li tikkonċerna d-deċiżjoni, inklużi l-wiri tad-deċiżjoni u l-pubblikazzjoni tagħha b'mod sħiħ jew parzjali. Il-Partijiet jistgħu jipprovdu għal miżuri oħra ta' pubbliċità addizzjonali li jkunu adattati għaċ-ċirkustanzi partikolari, fosthom reklamar prominenti.

Artikolu 243

Proċeduri amministrattivi

Sal-punt li kwalunkwe rimedju ċivili jista' jkun ordnat bħala riżultat ta' proċeduri amministrattivi dwar il-meriti tal-każ, ċertu proċeduri jikkonformaw ma' prinċipji ekwivalenti fis-sustanza għal dawk imniżżla d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din is-Subtaqsima.

Subtaqsima 2

Responsabbiltà ta' fornituri ta' servizz intermedjarju

Artikolu 244

Użu ta' servizzi ta' intermedjarji

Iż-żewġ Partijiet jirrikonoxxu li s-servizzi tal-intermedjarji jistgħu jintużaw minn partijiet terzi għal attivitajiet relatati ma' ksur. Biex jiżguraw il-moviment ħieles tas-servizzi ta' informazzjoni u fl-istess waqt jinfurzaw id-drittijiet ta' proprjetà intelletwali fl-ambjent diġitali, kull Parti tipprovdi għall-miżuri previsti f'din is-Subtaqsima fir-rigward ta' dawk li jipprovdu servizz ta' intermedjarji. Din is-Subtaqsima tapplika biss għar-responsabbiltà li tista' tirriżulta minn ksur fil-qasam tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali, partikolarment id-drittijiet tal-awtur⁽¹⁾.

Artikolu 245

Responsabbiltà ta' fornituri ta' servizz intermedjarju: "Mere conduit"

1. Meta jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti mit-trażmissjoni f'network ta' komunikazzjoni, ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet jassiguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni trażmessa, sakemm il-fornitur:

- (a) ma jibdiex it-trażmissjoni;
- (b) ma jagħzix dak li jirċievi t-trażmissjoni; u
- (c) ma jagħzix jew jimmodifika l-informazzjoni li tkun tinstab fit-trażmissjoni.

2 L-atti tat-trażmissjoni u l-provvista ta' aċċess li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu l-ħażna awtomatika, intermedjarja u transitorja tal-informazzjoni trasmessa sakemm din tkun seħħet għall-uniku skop li titwettaq it-trażmissjoni fin-network tal-komunikazzjoni, u basta li l-informazzjoni ma tkunx maħżuna għal perjodu itwal milli raġonevolment ikun meħtieġ għal tali trażmissjoni.

3 Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għal qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistemi legali tal-Partijiet, li jiħtieġ li l-fornitur tas-servizz jittermina jew ma jħallix li jsir ksur.

⁽¹⁾ L-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà stabbilita f'dan l-Artikolu jkopru biss każi meta l-attività ta' il-fornitur tas-servizz għas-soċjetà tal-informazzjoni tkun limitata għall-proċess tekniku ta' operat u tagħti aċċess għal qafas ta' komunikazzjoni li fuqu informazzjoni disponibbli minn partijiet terzi tkun trasmessa jew temporanjament maħżuna, bl-iskop biss li tagħmel it-trażmissjoni aktar effiċjenti; din l-attività hija sempliċement teknika, awtomatika u passiva fin-natura, li timplika li il-fornitur tas-servizz għas-soċjetà tal-informazzjoni la jkollu tagħrif u linqas kontroll fuq l-informazzjoni li tkun trasmessa jew maħżuna.

Artikolu 246

Responsabbiltà ta' fornituri ta' servizz intermedjarju: "Caching"

1 Fejn servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun qed jiġi pprovdut jikkonsisti fit-trażmissjoni f'network tal-komunikazzjoni, ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet jassiguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-ħażna awtomatika, intermedja u temporanja ta' dik l-informazzjoni, imwettqa għall-iskop biss li t-trażmissjoni 'l quddiem tal-informazzjoni ssir iżjed effiċjenti għal riċevituri oħra tas-servizz meta jitolbuha, bil-kondizzjoni li:

- (a) Il-fornitur ma jimmodifikax l-informazzjoni;
- (b) Il-fornitur jikkonforma mal-kondizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni;
- (c) Il-fornitur jkun konformi mar-regoli li jirrigwardaw l-aġġornament tal-informazzjoni, speċifikata f'manjera ferm rikonossuta u wżata mill-industrija;
- (d) Il-fornitur ma jinterferix mal-użu legali ta' teknoloġija, rikonossuta u użata b'mod estensiv mill-industrija, sabiex tinkiseb deġta dwar l-użu tal-informazzjoni; u
- (e) Il-fornitur jaġixxi mingħajr dewmien biex ineħħi jew iwaqqaf aċċess għall-informazzjoni li hu jkun żamm malli jkun kiseb it-tagħrif dwar il-fatt li l-informazzjoni fis-sorsi inizjali tat-trażmissjoni tneħħiet min-network, jew l-aċċess għaliha jkun twaqqaf, jew li qorti jew awtorità amministrattiva tkun ordnat dik it-tneħħija jew it-twaqqif.

2. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għal qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistemi legali tal-Istati Membri, li jinħtieġ li l-fornitur tas-servizz jitermina jew ma jħallix li jsir ksur.

Artikolu 247

Responsabbiltà ta' fornituri ta' servizz intermedjarju: "Hosting"

1. Meta jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet jiżguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni mażżuna fuq talba ta' riċevitur tas-servizz, bil-kondizzjoni li:

- (a) Il-fornitur ma jkollux għarfien attwali tal-attività illegali jew l-informazzjoni u, fir-rigward tat-talbiet għad-danni, ma jkunx jaf b'fatti jew ċirkustanzi li minnhom l-attività illegali jew l-informazzjoni tkun apparenti; jew
- (b) malli jkiseb tali għarfien jew konossenza, il-fornitur jaġixxi bil-ħeffa sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-informazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika meta r-riċevitur tas-servizz ikun qiegħed jaġixxi bl-awtorità jew il-kontroll tal-fornitur.

3. Dan l-Artikolu ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għal qorti jew awtorità amministrattiva, bi qbil mas-sistemi legali tal-Partijiet, li teħtieġ li l-fornitur tas-servizz jitermina jew iwaqqaf ksur, l-inqas ma taffettwa l-possibbiltà tal-Partijiet li jistabbilixxu proċeduri li jirregolaw it-tneħħija jew it-twaqqif ta' aċċess għall-informazzjoni.

Artikolu 248

Ebda obbligu ġenerali ta' monitoraġġ

1. Il-Partijiet ma għandhomx jimponu, fuq fornituri ta' servizzi koperti mill-Artikoli 245, 246 u 247 ta' dan il-Ftehim, l-obbligu ġenerali li jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni li huma jittrasmettu jew iżommu, l-inqas obbligu ġenerali biex ikunu mfittxja fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali.

2. Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu obbligi għall-fornituri ta' servizzi tas-soċjeta' tal-informazzjoni sabiex jinfurmaw fil-pront lill-awtoritajiet kompetenti dwar allegati attivitajiet illegali mwettqa jew informazzjoni pprovduta mir-ricievituri tas-servizz tagħhom, jew obbligu li jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti, meta jiġu mitluba minnhom, informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' ricievituri tas-servizz tagħhom li magħhom ikollhom ftehimiet ta' ħażna.

Artikolu 249

Perjodu tranżitorju

L-Ukraina timplimenta bis-sħiħ l-obbligi ta' din is-Subtaqsima fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Subtaqsima 3

Dispożizzjonijiet oħra

Artikolu 250

Miżuri dwar il-konfini

1. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "prodotti li jiksru dritt ta' proprjeta' intelletwali" tfisser:

(a) "prodotti foloz", jiġifieri:

(i) prodotti, inkluż l-ippakkjar, li mingħajr awtorizzazzjoni jkollhom fuqhom marka kummerċjali identika għall-marka kummerċjali debitament irreġistrata rigward l-istess tip ta' prodotti, jew li ma tistax tingħaraf fl-aspetti essenzjali tagħha minn tali marka kummerċjali, u li b'hekk tikser id-drittijiet tad-detentur tal-marka kummerċjali;

(ii) kwalunkwe simbolu ta' marka kummerċjali (logo, tikketta, stiker, opuskolu, istruzzjonijiet għall-użu jew dokument ta' garanzija), anki jekk jiġi ppreżentat separatament, fl-istess kondizzjonijiet bħall-prodotti li jissemmew fis-subparagrafu (i);

(iii) il-materjali ta' ppakkeġġar li jkunu jgħorru l-marki tal-kummerċ ta' merkanzija ffalsifikata, presentati separatament, bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għall-oġġetti msemmija fis-subparagrafu (i);

(b) "prodotti piratati", jiġifieri prodotti li huma jew li fihom kopji li saru mingħajr il-kunsens tad-detentur, jew ta' persuna debitament awtorizzata mid-detentur fil-pajjiż tal-produzzjoni, ta' drittijiet tal-awtur jew ta' dritt relatat jew ta' dritt ta' disinn, irrispettivament minn jekk ikunx irreġistrat skont id-dritt nazzjonali;

(c) prodotti li, skont il-leġislazzjoni tal-Parti li fiha ssir l-applikazzjoni għal azzjoni mid-dwana, jiksru:

(i) privattiva;

(ii) ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari

(iii) dritt ta' varjeta' ta' pjanta;

(iv) disinn;

(v) indikazzjoni ġeografika.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'din is-subtaqsima, il-Partijiet jadottaw proċeduri ⁽¹⁾ sabiex detentur ta' dritt, li jkollu raġunijiet validi biex jissuspetta li jista' jkun hemm importazzjoni, esportazzjoni, esportazzjoni mill-ġdid, dħul fit-territorju doganali jew ħruġ minnu, tqegħid taħt proċedura ta' sospensjoni jew tqegħid f'żona ħielsa minn dazji doganali jew f'maħżen ħieles minn dazji doganali ta' merkanzija li tikser dritt ta' proprjeta' intelletwali, ikun jista' jiddepożita applikazzjoni bil-miktub mal-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti għas-sospensjoni mill-awtoritajiet doganali tar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera jew taż-żamma ta' tali merkanzija.

⁽¹⁾ Huwa mifhum li ma jkun hemm l-ebda obbligu biex ikunu applikati tali proċeduri għall-importazzjoni tal-oġġetti mqiegħda fuq is-suq f'pajjiż ieħor mid-detentur il-ġust jew bil-kunsens tiegħu.

3. Il-Partijiet jipprovdu li meta l-awtoritajiet tad-dwana, fl-andament tal-azzjonijiet tagħhom u qabel ma tiġi ppreżentata jew mogħtija applikazzjoni minn detentur ta' dritt, ikollhom raġunijiet suffiċjenti sabiex jissuspettaw li l-prodotti jiksru dritt tal-proprjetà intellettuali, huma jistgħu jissospendu r-rilaxx tal-prodotti jew iżommuhom sabiex jippermettu lid-detentur tad-dritt jissottometti applikazzjoni għal azzjoni skont il-paragrafu preċedenti.
4. Kwalunkwe drittijiet jew dazji stabbiliti fl-implimentazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Parti III tal-Ftehim TRIPS fir-rigward tal-importatur ikunu applikabbli wkoll għall-esportatur jew jekk għad-detentur tal-prodotti.
5. Il-Partijiet jikkoperaw bil-għan li jipprovdu assistenza teknika u infurzar tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.
6. L-Ukraina timplimenta bis-sħiħ l-obbligi ta' dan l-Artikolu fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 251

Kodiċi ta' mġiba u koperazzjoni forensika

Il-Partijiet jinkoraġġixxu:

- (a) l-iżvilupp permezz tal-kummerċ jew assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet ta' kodiċi ta' mġiba bil-għan ki jikkontribwixxu għall-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali;
- (b) il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet, ta' abbozz ta' kodiċi ta' mġiba u kwalunkwe evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' dawn il-kodiċi ta' mġiba.

Artikolu 252

Koperazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw bil-għan li jsostnu l-implimentazzjoni tal-impenji u l-obbligi meħuda taħt dan il-Kapitolu.
2. Suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) u skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI (Koperazzjoni Finanzjarja, b'dispożizzjonijiet kontra l-frodi) ta' dan il-Ftehim, oqsma ta' koperazzjoni jinkludu, iżda mhux biss, l-attivitajiet segwenti:
 - (a) skambju ta' informazzjoni dwar il-qafas legali fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u r-regoli rilevanti tal-protezzjoni u l-infurzar; skambju ta' esperjenzi fil-Parti tal-UE u tal-Ukraina dwar il-progress leġiżlattiv;
 - (b) skambju ta' esperjenzi fil-Parti tal-UE u tal-Ukraina dwar l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali;
 - (c) skambju ta' esperjenzi fil-Parti tal-UE u tal-Ukraina dwar l-infurzar fuq livell ċentrali u subċentrali mid-dwana, il-pulizija, korpi amministrattivi u ġudizzjarji; kordinazzjoni sabiex tiġi evitata l-esportazzjoni ta' prodotti foloz, fosthom ma' pajjiżi oħra;
 - (d) bini tal-kapaċità; skambju u taħriġ tal-persunal;
 - (e) promozzjoni u tixrid ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, fost l-oħrajn fi ċrieki kummerċjali u s-soċjetà ċivili; konossenza pubblika tal-konsumaturi u d-detenturi tad-drittijiet.
 - (f) titjib ta' koperazzjoni istituzzjonali, ereżempju bejn uffiċċji ta' proprjetà intellettuali;
 - (g) promozzjoni attiva ta' konossenza u edukazzjoni dwar politiki ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali lill-pubbliku iġenerali: formulazzjoni ta' strateġiji effettivi biex ikunu identifikati udjenzi ewlenin u ħolqien ta' programmi ta' komunikazzjoni biex tiżdied il-konossenza tal-konsumatur u tal-midja dwar l-impatt ta' ksurjet tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, inkluż ir-riskju għas-saħħa u s-sigurtà u l-konnessjoni mal-kriminalità organizzata.

3. Mingħajr ħsara u bħala kumpliment għall-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jaqblu li jstabbilixxu u jżommu djalogu effettiv dwar kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali ("Djalogu dwar l-IP"), li se jirraporta lill-Kumitat għall-Kummerċ, sabiex jindirizzaw suġġetti rilevanti għall-protezzjoni u l-infurzar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, u kwalunkwe kwistjoni rilevanti oħra.

KAPITOLU 10

Kompetizzjoni

Taqsimat 1

Antitrust u fużjonijiet

Artikolu 253

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

1. "awtorità tal-kompetizzjoni" tfisser:

- (a) għall-Parti tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea; u
- (b) għall-Ukraina il-Kumitat Kontra l-Monopolju tal-Ukraina.

2. "liġijiet dwar il-kompetizzjoni" tfisser:

- (a) għall-Parti tal-UE, l-Artikoli 101, 102 u 106 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar tal-2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ir-Regolament dwar l-Għaqdiet tal-UE), u r-regolamenti ta' implimentazzjoni u l-emendi tagħhom;
- (b) għall-Ukraina, il-Liġi Nru 2210-III tal-11 ta' Jannar tal-2001 (bl-emendi) u r-regolamenti ta' implimentazzjoni u l-emendi tagħha. Fl-eventwalità ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 2210-III u dispożizzjoni sustantiva oħra dwar il-kompetizzjoni, l-Ukraina tiżgura li dik preċedenti tipprevali sa fejn hemm kunflitt; kif ukoll
- (c) kwalunkwe bidla li ssir fil-leġislazzjoni hawn fuq imsemmija wara l-bidu fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Ċerti termini użati f'din it-Taqsima huma spjegati aktar fl-Anness XXIII.

Artikolu 254

Prinċipji

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Il-Partijiet jirrikonoxxu li prattiki u tranżazzjonijiet tan-negozju antikompetittivi l-potenzjal li jgħawġu l-funzjonament xieraq tas-swieq u b'mod ġenerali jdgħajfu l-benefiċċji tal-liberalizzazzjoni kummerċjali. Huma għalhekk jaqblu li l-prattiki u t-trażazzjonijiet segwenti, kif speċifikati fil-liġi għall-kompetizzjoni rispettivi tagħhom, huma inkonsistenti ma' dan il-Ftehim, minħabba li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet:

- (a) Ftehimiet, prattiki maqbuli u deċiżjoni minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi, li għandhom l-iskop jew l-effett li jimpe-dixxu, jirristringu joħlqu distorsjoni jew inaqqsu sostanzjalment il-kompetizzjoni fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet;
- (b) l-abbuż minn impriża jew aktar ta' pożizzjoni dominanti fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet; jew
- (c) konċentrazzjonijiet bejn impriżi, li jirriżultaw f'monopolizzazzjoni jew restrizzjoni sostanzjali ta' kompetizzjoni fis-suq fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet.

Artikolu 255

Implimentazzjoni

1. Il-Parti tal-UE u l-Ukraina iżommu l-liġijiet ta' kompetizzjoni li effettivament jindirizzaw il-prattiki u t-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 254(a), (b) u (c).
2. Il-Partijiet iżommu awtoritajiet responsabbli, u mgħammra kif xieraq, għall-infurzar effettiv tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li japplikaw il-liġijiet rispettivi tagħhom dwar il-kompetizzjoni b'mod trasparenti, fil-ħin u nondiskriminatorju, waqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali u d-drittijiet tad-difiża. Kull Parti tiżgura partikolarment li:
 - (a) qabel ma awtorità tal-kompetizzjoni ta' waħda mill-Partijiet timponi sanzjoni jew rimedju kontra kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għal ksur tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tagħha, hija tagħti lill-persuna d-dritt li tinstema u li tippreżenta provi fi żmien raġonevoli li għandu jkun definit fil-liġijiet dwar il-kompetizzjoni rispettivi tal-Partijiet wara li tkun ikkomunikat lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kkonċernati l-konklużjonijiet provvori tagħha dwar l-eżistenza tal-ksur; u
 - (b) qorti jew tribunal indipendenti ieħor stabbilit skont il-liġijiet ta' dik il-Parti jimponi jew, fuq talba tal-persuna, jirriedi kwalunkwe tali sanzjoni jew rimedju.
4. Fuq talba ta' Parti, kull Parti tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Parti l-oħra informazzjoni pubblika rigward l-attivitajiet ta' infurzar tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni u l-leġiżlazzjoni tagħha relatata mal-obbligi koperti minn din it-Taqsima.
5. L-awtorità tal-kompetizzjoni tadotta u tippubblika dokument li jispjega l-prinċipji li għandhom jintużaw fl-istabbiliment ta' sanzjonijiet pekunariji imposti għal ksur tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni.
6. L-awtorità tal-kompetizzjoni tadotta u tippubblika dokument li jispjega il-prinċipji użati fil-valutazzjoni ta' fużjonijiet orizzontali.

Artikolu 256

Aprossimazzjoni tal-liġi u Prattika ta' infurzar

L-Ukraina tapprossima l-liġijiet tagħha tal-Kompetizzjoni u l-prattiki ta' infurzar mal-parti tal-Acquis tal-UE kif spjegat hawn taħt:

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru tal-2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat.

L-iskeda taż-żmien: L-Artikolu 30 tar-Regolament ikun implimentat fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar tal-2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet),

L-iskeda taż-żmien: L-Artikolu 1 u l-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament ikunu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

L-Artikolu 20 ikun implimentat fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April tal-2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u Prattiki miftiehma

L-iskeda taż-żmien: L-Artikoli 1, 2, 3, 4, 6, 7 u 8 tar-Regolament ikunu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 772/2004 tas-27 ta' April tal-2004 fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għall-kategoriji ta' ftehim dwar it-trasferiment ta' teknoloġija

L-iskeda taż-żmien: L-Artikoli 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7 u 8 tar-Regolament ikunu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 257

Impriżi pubbliċi u impriżi fdati bi drittijiet speċjali jew Esklużivi

1. Rigward l-impriżi pubbliċi u l-impriżi fdati bi drittijiet speċjali jew esklużivi:
 - (a) l-ebda Parti ma tgħaddi jew iżżomm fis-seħħ kwalunkwe miżura kuntrarja għall-prinċipji li jinsabu fl-Artikolu 254 u l-Artikolu 258(1) ta' dan il-Ftehim; u
 - (b) il-Partijiet jiżguraw li tali impriżi jkunu suġġetti għal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni stipulati fl-Artikolu 253(2) ta' dan il-Ftehim

sakemm l-applikazzjoni tal-liġijiet tal-kompetizzjoni u l-prinċipji msemmija hawn fuq ma jxekklu it-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari mogħtija lill-intrapriżi inkwistjoni.

2. Xejn fil-paragrafu preċedenti ma jiġi interpretat li jimpedixxi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm impriża pubblika, milli tagħti lill-impriżi drittijiet speċjali jew esklużivi jew li jżommu tali drittijiet.

Artikolu 258

Monopolji statali

1. Kull Parti taġġusta l-monopolji statali ta' karattru kummerċjali fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim biex tiżgura li ma tkun teżisti l-ebda miżura diskriminatorja bejn il-persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-Partijiet fir-rigward tal-kondizzjonijiet li bihom jiġu akkwistati u kummerċjalizzati l-prodotti.
2. Xejn f'dan l-Artikolu ma jippreġudika d-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt il-Kapitolu 8 (Akkwist Pubbliku) tat-*Titolu IV* ta' dan il-Ftehim.
3. Xejn fil-paragrafu 1 ma jiġi interpretat bħala li jimpedixxi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm monopolju statali.

Artikolu 259

Skambju ta' informazzjoni u koperazzjoni għall-infurzar

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-koperazzjoni u l-kordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rispettivi tagħhom dwar il-kompetizzjoni sabiex itejbu aktar l-infurzar effettiv tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni u sabiex jilħqu l-oġġettivi ta' dan il-Ftehim permezz tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni u t-trażżin tal-imġiba kummerċjali anti-kompetittiva jew tat-tranżazzjonijiet anti-kompetittivi.
2. Għal dan il-għan, l-Awtorità tal-kompetizzjoni ta' Parti tista' tinforma lill-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Parti l-oħra bir-rieda tagħha li tikkopera fir-rigward ta' attività ta' infurzar. Din il-koperazzjoni ma tipprevenix lill-Partijiet milli jieħdu deċiżjonijiet indipendenti.
3. Bil-ħsieb li tkun iffaċilitata l-applikazzjoni effettiva tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni rispettivi tagħhom, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Partijiet jistgħu jiskambjaw informazzjoni inkluż dik dwar leġiżlazzjoni u attivitajiet ta' infurzar, fil-limiti imposti mil-leġiżlazzjonijiet rispettivi tagħhom u waqt li jikkunsidraw l-interessi essenzjali tagħhom.

Artikolu 260

Konsultazzjonijiet

1. Kull Parti, fuq it-talba tal-Parti l-oħra, tidħol f'konsultazzjoni dwar rapreżentazzjonijiet magħmula mill-Parti l-oħra, biex ikun imrawwem il-fehim reċiproku jew ikunu indirizzati kwistjonijiet reċiproċi li jitqajmu f'din it-Taqsima. Il-Parti li tagħmel it-talba tindika kif il-kwistjoni taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet jiddiskutu fil-pront, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din it-Taqsima.

3. Sabiex jiffaċilitaw id-diskussjoni tal-kwistjoni li tkun is-suġġett tal-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tfittex li ttiprovdi informazzjoni relevanti mhux kunfidenzjali lill-Parti l-oħra, fil-limiti imposti mil-leġiżlazzjonijiet rispettivi tagħhom u fil-kunsiderazzjoni tal-interessi essenzjali tagħhom.

Artikolu 261

L-ebda Parti ma tista' jkollha rikors għas-soluzzjoni ta' disputa skont il-Kapitolu 14 (Soluzzjoni ta' disputi) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim fir-rigward ta' kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta skont din it-Taqsima, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 256 ta' dan il-Ftehim.

T a q s i m a 2

Għajjuna mill-istat

Artikolu 262

Prinċipji ġenerali

1. Kull għajjuna mogħtija mill-Ukraina jew l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea permezz ta' riżorsi tal-istat li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti hija inkompatibbli mal-funzjonament korrett ta' dan il-Ftehim, peress li tista' taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Madankollu, dan li ġej ikun kompatibbli mal-funzjonament korrett ta' dan il-Ftehim:

(a) għajjuna ta' karattru soċjali mogħtija lill-konsumaturi individwali, basta dik l-għajjuna tiġi mogħtija mingħajr diskriminazzjoni relatata mal-orġini tal-prodotti konċernati,

(b) għajjuna li tagħmel tajjeb għad-danni kkawżati minn diżastri naturali jew avvenimenti eċċezzjonali.

3. Barra minn hekk, dan li ġej jista' jitqies bħala kompatibbli mal-funzjonament korrett ta' dan il-Ftehim:

(a) għajjuna biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn hemm nuqqas serju ta' impjiegi;

(b) għajjuna biex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġett importanti fl-interess komuni Ewropew ⁽¹⁾, jew biex tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina;

(c) għajjuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' reġjuni ekonomiċi, sakemm dik l-għajjuna ma taffettwax negattivament il-kondizzjonijiet tal-kummerċ li jmorru kontra l-interessi tal-Partijiet.

(d) għajjuna biex tippromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajjuna ma taffettwax negattivament il-kondizzjonijiet ta' kummerċ tant li jkollha effett kuntrarju għall-interessi tal-Partijiet;

(e) għajjuna biex jinkisbu l-oġġettivi permessi skont ir-regolamenti orizzontali tal-UE tal-eżenzjoni ġenerali sħiħa u r-regoli orizzontali u settorjali tal-għajjuna mill-istat mogħtija f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fihom;

(f) għajjuna għall-investiment biex wieħed jikkonforma mal-istandards mandatorji tad-direttivi tal-UE elenkati fl-Anness XXIX tal-Kapitolu 6 (Ambjent) tat-Titolu V ta' dan il-Ftehim, fi ħdan il-perjodu ta' implimentazzjoni previst fih, u li tinvolvi l-adattazzjoni ta' impjanti u tagħmir biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-ġodda, tista' tiġi awtorizzata sal-livell ta' 40 % tal-kostijiet eliġibbli gross.

⁽¹⁾ Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, l-interess komuni Ewropew għandu jinkludi l-interess komuni tal-Partijiet.

4. Impriżi f'dati bl-operazzjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom karattru ta' monopolju li jipproduċi d-dħul ikunu suġġetti għar-regoli li tinkludi din it-Taqsima, sakemm l-applikazzjoni ta' regoli bħal dawn ma tostakolax il-prestazzjoni, fil-liġi u fil-fatt, tal-kompiti partikolari assenjati lilhom. L-iżvilupp tal-kummerċ m'għandux jiżviluppa b'mod li jkun kuntrarju għall-interessi tal-Partijiet.

Ċerti termini użati f'din it-Taqsima huma spjegati aktar fl-Anness XXIII.

Artikolu 263

Trasparenza

1. Kull Parti tiżgura t-trasparenza fil-qasam tal-ghajjnuna mill-istat. Għal dan il-għan, kull Parti tinnotifika kull sena lill-Parti l-oħra bl-ammont totali, it-tipi u d-distribuzzjoni settorjali tal-ghajjnuna mill-istat li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet. In-notifiki rispettivi għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-oġġettiv, il-forma, l-ammont jew il-baġit, l-awtorità li tkun qed tagħti l-ghajjnuna u fejn possibbli min qed jirċievi l-ghajjnuna. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kull ghajjnuna taħt il-limitu ta' EUR 200 000 għal kull impriża fuq perjodu ta' tliet snin m'għandhiex għalfejn tiġi nnotifikata. Tali notifika hija meqjusa li ġiet pprovduta jekk tintbagħat lill-Parti l-oħra, jew jekk l-informazzjoni relevanti ssir disponibbli fuq sit tal-internet pubblikament aċċessibbli, sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja suċċessiva.

2. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra tipprovdni informazzjoni ulterjuri dwar kull skema ta' ghajjnuna mill-istat u dwar każijiet individwali partikolari ta' ghajjnuna mill-istat li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet. Il-Partijiet jiskambjaw din l-informazzjoni, waqt li jikkonsidraw il-limitazzjonijiet imposti mir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali u tan-negozju.

3. Il-Partijiet jiżguraw li r-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-impriżi pubbliċi jkunu trasparenti, sabiex dan li ġej ikun jista' joħroġ b'mod ċar:

(a) fondi pubbliċi li jkunu disponibbli direttament jew indirettament (pereżempju permezz ta' intermedjarju ta' impriża pubbliċi jew istituzzjonijiet finanzjarji) minn awtoritajiet pubbliċi lill-impriżi pubbliċi kkonċernati;

(b) l-użu reali ta' dawn il-fondi pubbliċi.

4. Barra minn hekk il-Partijiet jiżguraw li l-istruttura finanzjarja u organizzazzjonali ta' kwalunkwe impriża li jkollha dritt speċjali jew esklużiv mogħti mill-Ukraina jew l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew li tkun f'data bl-operazzjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, li tirċievi kumpens tas-servizz pubbliku f'kull forma tkun liema tkun b'rabta ma' tali servizz, ikun rifless b'mod korrett f'kontijiet separati, sabiex ikun jista' joħroġ dan li ġej b'mod ċar:

(a) il-kostijiet u d-dħul assoċjati mal-prodotti u s-servizzi kollha li fir-rigward tagħhom jingħata dritt speċjali jew esklużiv lil impriża jew lis-servizzi kollha ta' interess ekonomiku ġenerali li ġew f'dati lil impriża u, min-naħa l-oħra, kull prodott jew servizz ieħor separat li fir-rigward tiegħu l-impriża hija attiva;

(b) dettalji sħaħ dwar il-metodi li bihom huma assenjati jew allokatu l-kostijiet u d-dħul lil attivitajiet differenti. Dawn il-metodi joperaw fuq il-bażi tal-prinċipji tal-kontabbiltà tal-kawżalità, oġġettività, trasparenza u konsistenza, skont metodoloġiji tal-kontabbiltà rikonoxxuti internazzjonalment bħal ikkostjar ibbażat fuq l-attivitajiet, u li jkunu bażati fuq dejta awditjata.

5. Kull Parti tiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu huma applikati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 264

Interpretazzjoni

Il-Partijiet jaqblu li se japplikaw l-Artikolu 262, l-Artikolu 263(3) jew l-Artikolu 263(4) ta' dan il-Ftehim bl-użu ta' sorsi ta' interpretazzjoni tal-kriterji li joħorġu mill-applikazzjoni tal-Artikoli 106, 107 u 93 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, inkluża l-ġurisprudenza relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-leġiżlazzjoni sekondarja, oqfsa, linji gwida u atti amministrattivi oħra relevanti li huma fis-seħħ fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 265

Relazzjoni mad-WTO

Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr ħsara għad-dritt tal-Partijiet li japplikaw rimedji kummerċjali jew azzjoni xierqa oħra kontra sussidju jew li jirrikoru għal soluzzjoni għad-disputi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-WTO.

Artikolu 266

Kamp ta' applikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima japplikaw għall-oġġetti u għal dawk is-servizzi li kienu elenkati fl-Anness XVI tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, bi qbil mad-deċizzjoni maqbula reċiprokament dwar l-aċees għas-suq, bl-eċċezzjoni ta' sussidji għal prodotti koperti bl-Anness 1 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura u sussidji oħra koperti bil-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

Artikolu 267

Sistema domestika dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-istat

Biex tikkonforma mal-obbligi tal-Artikoli 262 sa 266 ta' dan il-Ftehim:

1. L-Ukraina, b'mod partikolari tadotta leġislazzjoni nazzjonali dwar l-għajnuna mill-istat u tistabbilixxi awtorità operazzjonali indipendenti li jkollha s-setgħat meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tal-Artikolu 262 ta' dan il-Ftehim fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Din l-awtorità jkollha, fost oħrajn, is-setgħat li tawtorizza skemi ta' għajnuna mill-istat u għotjiet individwali ta' għajnuna skont il-kriterji msemmija fl-Artikoli 262 u 264 ta' dan il-Ftehim kif ukoll is-setgħat biex tordna r-radd lura ta' għajnuna mill-istat mogħtija bi ksur tal-liġi. Kull għajnuna ġdida mogħtija fl-Ukraina trid tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 262 u 264 ta' dan il-Ftehim fi żmien sena mid-data tal-istabbiliment tal-awtorità.
2. L-Ukraina tistabbilixxi fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim inventarju komprensiv ta' skemi ta' għajnuna qabel l-istabbiliment tal-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 u tallinja dawn l-iskemi ta' għajnuna mal-kriterji msemmija fl-Artikoli 262 u 264 ta' dan il-Ftehim fi żmien perjodu ta' mhux aktar minn seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
3. (a) Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 262, il-Partijiet jirrikonoxxu li matul l-ewwel ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna pubblika mogħtija mill-Ukraina tiġi vvalutata b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-Ukraina titqies bħala żona identika għal dawk iż-żoni tal-Unjoni Ewropea deskritti fl-Artikolu 107(3)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (b) Fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Ukraina tibgħat lill-Kummissjoni Ewropea ċ-ċifri per capita tal-prodott domestiku gross (PDG) tagħha armonizzati mal-livell NUTS II. L-awtorità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Kummissjoni Ewropea mbagħad jivvalutaw flimkien jekk ir-reġjuni tal-Ukraina jkunux eliġibbli, kif ukoll l-intensità massima tal-għajnuna f'dak ir-rigward sabiex ifasslu l-pjan ta' għajnuna reġjonali skont il-linji gwida rilevanti tal-UE.

KAPITOLU 11

Enerġija relatata mal-kummerċ

Artikolu 268

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, u mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet stipulati fill-Kapitolu 5 (Dwana u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ) tat-Titolu IV: ta' dan il-Ftehim

- 1 "prodotti tal-enerġija" tfisser gass naturali (kodiċi HS 27.11), enerġija elettrika (kodiċi HS 27.16) u żejt mhux maħdum (kodiċi HS: 27.09);

2. "infrastruttura fissa" tfisser kull netwerk ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni, faċilità tal-Likwidifikazzjoni tal-Gass Naturali u tal-hana, kif iddefinit fid-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward ir-regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku (minn hawn 'il quddiem msejħa "Direttiva 2003/54/KE") u d-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 rigward ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Direttiva 2003/55/KE");
3. "tranżitu" tfisser tranżitu, kif deskritt fil-Kapitolu 5 (Dwana u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, tal-prodotti tal-enerġija permezz ta' infrastruttura fissa jew pipeline taż-żejt;
4. "trasport" tfisser it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, kif iddefiniti fid-Direttiva 2003/54/KE u d-Direttiva 2003/55/KE u l-ġarr u t-twassil taż-żejt permezz tal-pipelines;
5. "teħid mhux awtorizzat" tfisser kull attività li tikkonsisti minn teħid illegali tal-prodotti tal-enerġija minn infrastruttura fissa.

Artikolu 269

Prezzijiet domestiċi rregolati

1. Il-prezz għall-forniment tal-gass u l-elettriku għall-konsumaturi industrijali jkun iddeterminat biss permezz tad-domanda u l-provvista.
2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jistgħu jimponu fl-interess ekonomiku ġenerali⁽¹⁾ obbligu fuq l-imprezzi li hu relatat mal-prezz tal-forniment tal-gass u l-elettriku (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prezz irregolat").
3. Il-Partijiet jiżguraw li dan l-obbligu jkun iddefinit b'mod ċar, trasparenti, proporzjoat, nondiskriminatorju, verifikabbli u ta' durata limitata. Fl-applikazzjoni ta' dan l-obbligu, il-Partijiet jiggarantixxu wkoll ugwaljanza tal-aċċess għal konsumaturi għal imprezzi oħra.
4. Fejn il-prezz, li bih il-gass u l-elettriku jkunu mibjugħa fis-suq domestiku, jkun irregolat, il-Parti kkonċernata tiżgura li l-metodoloġija sottostanti tal-kalkolu tal-prezz irregolat tkun ippubblikata qabel id-dħul fis-seħħ tal-prezz irregolat.

Artikolu 270

Projbizzjoni ta' pprezzar doppju

1. Mingħajr ħsara għall-possibbiltà li jiġu imposti prezzijiet rregolati domestikamet b'mod konsistenti mal-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 269 ta' dan il-Ftehim, l-ebda Parti jew awtorità regolatorja tagħha, ma jadottaw jew ma jżommu xi miżura li twassal għal prezz ogħla għall-prodotti tal-enerġija esportati lejn il-Parti l-oħra mill-prezz impost għal tali prodotti meta jkunu intiżi għall-konsum domestiku.
2. Il-Parti esportatriċi fuq talba mill-Parti l-oħra tipprovdi evidenza li prezz differenti għall-istess prodotti tal-enerġija li jinbiegħu fis-suq domestiku u dawk esportati ma jirriżultax minn miżura pprojbita mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 271

Dazji doganali u restrizzjonijiet kwantitattivi

1. Id-dazji doganali u r-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-miżuri kollha li jkollhom effett ekwivalenti, ikunu pprojbiti bejn il-Partijiet. Din il-projbizzjoni tapplika wkoll għal dazji doganali ta' natura fiskali.

⁽¹⁾ Interess ekonomiku ġenerali hu mifhum fl-istess sens li hu mifhum fl-Artikolu 106 tat-Trattat dwar Il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari kif previst fil-każistika tal-Parti tal-UE.

2. Il-paragrafu 1 ma jiprekludix restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri b'effett ekwivalenti, ġustifikati abbażi ta' politika pubblika jew sigurtà pubblika; protezzjoni tal-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, animali jew pjanti, jew il-protezzjoni ta' propjeta' industrijali jew kummerċjali. Tali restrizzjonijiet jew miżuri, madankollu, ma jkunux mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew xi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ ta' bejn il-Partijiet.

Artikolu 272

Tranżitu

Il-Partijiet jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilitaw it-tranżitu, konsistenti mal-prinċipji tal-libertà tat-tranżitu, u skont l-Artikolu V.2, V.4 u V.5 tal-GATT tal-1994 u l-Artikoli 7.1 u 7.3 tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija tal-1994, li huma inkorporati fil-Ftehim u jiffirmaw parti minnu.

Artikolu 273

Trasport

Fir-rigward tat-trasport tal-elettriku u l-gass, b'mod partikolari l-aċċess ta' partijiet terzi għal infrastruttura fissa, il-Partijiet jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom, kif imsemmi fl-Anness XXVII ta' dan il-Ftehim u fit-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija tal-2005, sabiex jiġi żgurat li t-tariffi, ippubblikati qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ, il-proċeduri tal-allokazzjoni tal-kapaċità u l-kondizzjonijiet l-oħra kollha huma oġġettivi, raġonevoli u trasparenti u li ma jiddiskriminawx fuq il-bażi tal-orijini, sjieda jew destinazzjoni tal-elettriku jew il-gass.

Artikolu 274

Koperazzjoni dwar l-infrastruttura

Il-Partijiet jistinkaw biex jiffaċilitaw l-użu tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-gass u tal-faċilijiet għall-ħżin tal-gass u jikkonsultaw jew jikkordinaw, kif xieraq, ma' xulxin dwar żviluppi infrastrutturali. Il-Partijiet jikkoperaw dwar kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ fil-gass naturali, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista.

Bil-ħsieb li jiġu integrati aktar is-swieq tal-prodotti tal-enerġija, kull Parti tikkonsidra n-netwerks u l-kapaċitajiet tal-enerġija tal-Parti l-oħra meta jiġu żviluppati dokumenti ta' politika rigward ix-xenarju ta' domanda u provvista, interkonnexjonijiet, strateġiji tal-enerġija u pjanijiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura.

Artikolu 275

Teħid mhux awtorizzat tal-prodotti tal-enerġija

Kull Parti tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tipprojbixxi u tindirizza t-teħid mhux awtorizzat tal-prodotti tal-enerġija tranżitati jew trasportati mill-erja tagħha.

Artikolu 276

Interruzzjoni

1. Kull Parti tiżgura li l-operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa biex:

(a) jimminimizzaw ir-riskju ta' interruzzjoni aċċidentali, tnaqqis jew twaqqaf tat-tranżitu u t-trasport;

(b) jirrestawraw bil-ħeffa l-operazzjoni normali ta' tali tranżitu jew trasport, li tkun ġiet interrotta, imnaqqsa jew mitmuma aċċidentalment.

2. Parti li mit-territorju tagħha jiġu tranżitati jew trasportati prodotti tal-enerġija, fil-każ ta' disputa dwar kwalunkwe kwistjoni li tinvolvi l-Partijiet jew entità waħda jew aktar suġġetta għal kontroll jew ġurisdizzjoni ta' waħda mill-Partijiet, ma tinterrompix jew tnaqqas, ma tippermettix lil kwalunkwe entità suġġetta għall-kontroll jew il-ġurisdizzjoni tagħha, inkluża intrapriża kummerċjali statali, li tinterrompi jew tnaqqas it-trasport jew tranżitu tal-prodotti tal-enerġija eżistenti, ħlief fejn dan ikun previst speċifikament f'kuntratt jew ftehim ieħor li jirregola tranżitu jew trasport bħal dan, qabel il-konklużjoni tal-proċedura ta' soluzzjoni ta' disputi skont il-kuntratt rilevanti.

3. Il-Partijiet jaqblu li Parti ma tinżammx responsabbli għal interruzzjoni jew tnaqqis skont dan l-Artikolu fejn ikun impossibbli għal dik il-Parti li tforni, tittranzita jew tittrasporta prodotti tal-enerġija b'riżultat ta' azzjonijiet attribwibbli lejn pajjiż terz jew entità taħt il-kontroll jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz.

Artikolu 277

Awtorità regolatorja għall-elettriku u l-gass

1. Awtorità regolatorja tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe entità privata, u mogħtija setgħa biżżejjed biex tiżgura kompetizzjoni effettiva u funzjonament effiċjenti tas-suq.
2. Id-deċiżjonijiet ta' awtorità regolatorja u l-proċeduri użati minnha jkunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha tas-suq.
3. Operatur affettwat minn kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorità regolatorja jkollu d-dritt li jappella minn dik id-deċiżjoni quddiem entità tal-appell li tkun indipendenti mill-partijiet involuti. Fejn l-entità tal-appell ma jkollhiex karattru ġuridiku, dejjem jingħataw raġunijiet bil-miktub għad-deċiżjoni tagħha u d-deċiżjonijiet tagħha jkunu wkoll suġġetti għal revizzjoni minn awtorità ġuridika imparzjali u indipendenti. Id-deċiżjonijiet li jieħdu l-entitajiet tal-appell ikunu infurzati b'mod effettiv.

Artikolu 278

Relazzjoni mat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija

1. Fil-każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u d-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità tal-2005 jew id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE li saru applikabbli taħt it-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità tal-2005, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità tal-2005 jew id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni relevanti tal-UE li saru applikabbli skont it-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità tal-2005 jipprevalu fil-każ ta' tali kunflitt.
2. Fl-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima, tingħata preferenza lill-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni jew atti oħra li huma konsistenti mat-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità tal-2005 jew li huma bbażati fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli għal dan is-settur fl-UE. Fil-każ ta' disputa fir-rigward ta' din it-Taqsima, il-leġiżlazzjoni jew atti oħra li jissodisfaw dawn il-kriterji jittieħdu bħala konformi ma' din it-Taqsima. Fil-valutazzjoni ta' jekk il-leġiżlazzjoni jew atti oħra jissodisfawx dawn il-kriterji jew le, kwalunkwe deċiżjoni relevanti li tittieħed skont l-Artikolu 91 tat-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità tal-2005 tiġi kkonsidrata.
3. L-ebda Parti ma tuża d-dispożizzjonijiet għas-soluzzjoni ta' disputi ta' dan il-Ftehim sabiex tallega ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-Enerġija tal-Komunità.

Artikolu 279

Aċċess għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi u l-eżerċitar ta' tali attivitajiet

1. Bi qbil mal-liġi internazzjonali inkluża l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-1982, kull Parti ⁽¹⁾ għandha sovrani sħiħa fuq ir-riżorsi tal-idrokarburi li jinsabu fit-territorju tagħha kif ukoll fl-ibħra arċipelaġiċi u territorjali tagħha addizzjonalment ma' drittijiet sovrani għall-finijiet tal-esplorazzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi tal-idrokarburi li jinsabu fiż-żona ekonomika esklużiva u l-blata kontinentali.
2. Kull Parti żżomm id-dritt li tiddetermina ż-żoni fi ħdan it-territorju tagħha kif ukoll fl-ibħra arċipelaġiċi u territorjali, iż-żona ekonomika esklużiva u l-blata kontinentali tagħha, biex ikunu disponibbli għall-eżerċizzju tal-attivitajiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi.
3. Fejn ikun hemm żona li tkun saret disponibbli għall-eżerċizzju ta' attivitajiet bħal dawn, il-Parti tiżgura li l-entitajiet ikunu trattati fuq bażi ugwali, fir-rigward tal-aċċess u l-eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet.

(¹) Għall-iskop ta' dan l-Artikolu, "Parti" għandha tkun mifuma bħal Stat Membru b'referenza għat-territorju tiegħu jew l-Ukraina b'referenza għat-territorju tagħha.

4. Kull Parti tista' titlob entità, li tkun ingħatat awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju tal-attivitajiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi, biex tħallas kontribuzzjoni finanzjarja jew kontribuzzjoni f'idrokarburi. L-arranġamenti dettaljati ta' tali kontribuzzjoni jkunu ffixati b'ċertu mod li ma jinterferux fil-proċess tal-ġestjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-entitajiet.

Artikolu 280

Liċenzjar u kondizzjonijiet tal-liċenzjar

1. Il-Partijiet jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-liċenzji, li permezz tagħhom entità tkun intitolata biex teżerċità, fisimha u b'riskju għaliha, id-dritt li tipprospetta jew tesplora jew tipproduċi l-idrokarburi f'żona ġeografika, jingħataw wara proċedura ppubblikata u jistiednu lill-applikanti potenzjalment interessati biex jippreżentaw applikazzjonijiet permezz ta' avviż.

2. L-avviż jispeċifika t-tip ta' liċenzja, iż-żona ġeografika rilevanti jew parti minnha u d-data proposta jew il-limitu ta' żmien għall-għoti tal-liċenzja.

3. L-Artikolu 104 u l-Artikolu 105 ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-liċenzja u l-proċedura tal-awtorizzazzjoni tal-liċenzja.

KAPITOLU 12

Trasparenza

Artikolu 281

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

1. "Miżuri ta' applikazzjoni ġenerali" jinkludu liġijiet, regolamenti, deċiżjonijiet ġudizzjarji, proċeduri u deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali u kull att ieħor ġenerali jew astratt, interpretazzjoni jew rekwiżit ieħor li jista' jkollhom impatt fuq kwalunkwe kwistjoni oħra koperta b'dan il-Ftehim. Ma tinkludix deċiżjonijiet li japplikaw għal persuna partikolari; u
2. "Persuna interessata" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tista' tkun suġġetta għal kwalunkwe drittijiet jew doveri taħt miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, fit-tifsira tal-Artikolu 282 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 282

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

1. Konxji tal-impatt li l-ambjent regolatorju rispettiv tagħhom jista' jkollu fuq il-kummerċ bejniethom, il-Partijiet jistabbilixxu u jżommu ambjent regolatorju effettiv u prevedibbli għall-operaturi ekonomiċi li jkunu qed jagmlu n-negozju fit-territorju tagħhom, speċjalment l-operaturi ż-żgħar, b'kull kunsiderazzjoni dovuta għar-rekwiżiti taċ-ċertezza legali u l-proporzjonalità.

2. Il-Partijiet, waqt li jafferimaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, b'dan jistabbilixxu kjarifiki u arranġamenti mtejba għat-trasparenza, il-konsultazzjoni u l-amministrazzjoni aħjar tal-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, billi dawn jistgħu jkollhom impatt fuq kwalunkwe kwistjoni koperta b'dan il-Ftehim.

Artikolu 283

Pubblikazzjoni

1. Kull Parti tiżgura li l-miżuri tal-applikazzjoni ġenerali:

- (a) ikunu ppubblikati fil-pront jew altrimenti jsiru faċilment disponibbli għall-persuni interessati, b'mod mhux diskriminatorju, b'mezz magħżul b'mod uffiċjali, u fejn ikun vijabbli u possibbli, b'mezz elettroniku, b'tali mod li l-persuni interessati u l-Parti l-oħra jkunu jistgħu jsiru familjari magħhom;

- (b) jipprovdu spjegazzjoni tal-objettiv u r-razzjonali wara tali miżuri; u
- (c) jippermettu żmien biżżejjed bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' tali miżura mibarra fejn ma jkunx possibbli minħabba emerġenza.

2. Kull Parti:

- (a) tfittex li tippubblika bil-quddiem kwalunkwe proposta li tadotta jew temenda kull miżura ta' applikazzjoni ġenerali, li tinkludi spjegazzjoni tal-objettiv, u r-razzjonal wara l-proposta;
- (b) tipprovdi opportunitajiet raġonevoli għall-partijiet interessati sabiex jikkummentaw dwar tali miżura proposta u, b'mod partikolari, tippermetti żmien suffiċjenti għal tali opportunitajiet; u
- (c) tfittex li tikkonsidra l-kummenti li tirċievi mingħand persuni interessati fir-rigward ta' tali miżura proposta.

Artikolu 284

Mistoqsijiet u punti ta' kuntatt

1. Kull Parti żżomm jew tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex twieġeb mistoqsijiet minn kwalunkwe persuna interessata rigward kwalunkwe miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, li jkunu proposti jew fis-seħħ, u kif se jkunu applikati b'mod ġenerali.

B'mod partikolari, sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar xi kwistjoni koperta b'dan il-Ftehim, kull Parti taħtar punt ta' kuntatt. Fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet, il-punt ta' kuntatt jindika l-uffiċċju jew l-uffiċċjal responsabbli għall-kwistjoni u jipprovdi s-sostenn meħtieġ għall-faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni mal-Parti li tagħmel it-talba.

It-talbiet jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' dawk il-mekkaniżmi stabbiliti skont dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li twieġiba kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' ma tkunx definittiva jew legalment vinkolanti iżda tkun għal skopijiet ta' informazzjoni biss, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-liġijiet u r-regolamenti interni tal-Partijiet.

3. Fuq talba mill-Parti l-oħra, Parti tipprovdi immedjatament informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet li jirrigwardaw kwalunkwe miżura attwali jew proposta ta' applikazzjoni ġenerali li l-Parti li tagħmel it-talba tqis li tista' taffettwa l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, irrispettivament minn jekk il-Parti li tagħmel it-talba tkunx ġiet innotifikata qabel b'dik il-miżura.

4. Kull Parti żżomm jew tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa għal persuni interessati bil-kompitu li jfixxu li jsoġu problemi b'mod effettiv għall-persuni interessati tal-Parti l-oħra li jistgħu jorġu mill-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali u proċeduri amministrattivi kif imsemmija fl-Artikolu 285 ta' dan il-Ftehim. Tali mekkaniżmi għandhom ikunu faċilment aċċessibbli, marbuta biż-żmien, orjentati lejn ir-riżultati, u trasparenti. Huma jkunu mingħajr ħsara għal kwalunkwe proċedura ta' appell jew eżami li l-Partijiet jistabbilixxu jew iżommu. Huma jkunu wkoll mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu 14 (Soluzzjoni ta' dispuți) u l-Kapitolu 15 (Medjazzjoni) tat- Titolu IV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 285

Proċedimenti amministrattivi

Kull Parti tamministra b'mod konsistenti, imparzjali u raġonevoli l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali msemmija fl-Artikolu 281 ta' dan il-Ftehim. Għal dan l-għan, fl-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri lil persuni, oġġetti, servizzi u stabbilimenti partikolari tal-Parti l-oħra f'każijiet speċifiċi, kull Parti:

- (a) tfittex li tipprovdi lill-persuni interessati tal-Parti l-oħra, li jkunu affettwati direttament minn proċedura, u bi qbil mal-proċeduri tal-Parti, b'avviż raġonevoli minn qabel meta jinbada proċediment, li jinkludi deskrizzjoni tan-natura tal-proċediment, dikjarazzjoni tal-awtorità legali li taħtha jinbada l-proċediment u deskrizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe kwistjoni li dwarha jkun hemm konstroversja;

(b) tagħti opportunità raġonevoli lil tali persuni interessati sabiex jippreżentaw fatti u argumenti b'appoġġ għall-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni amministrattiva finali, safejn jippermettu ż-żmien, in-natura tal-proċediment u l-interess pubbliku; u

(c) tiżgura li l-proċeduri tagħha jkunu bbażati fuq, u konformi mal-liġi domestika tagħha.

Artikolu 286

Reviżjoni u appell

1. Kull Parti tistabbilixxi jew iżżomm qrati jew tribunali oħra indipendenti, inkluż, fejn relevanti, tribunali kważi ġudizzjarji jew amministrattivi, jew proċeduri għall-fini ta' reviżjoni fil-pront u, fejn meħtieġ, korrezzjoni ta' azzjoni amministrattiva f'oqsma koperti b'dan il-Ftehim. Dawn il-qrati, it-tribunali jew il-proċeduri jkunu imparzjali u indipendenti mill-uffiċċju jew l-awtorità fdata bl-infurzar amministrattiv u ma jkollhom l-ebda interess sostanzjali fl-eżitu tal-kwistjoni.

2. Kull Parti tiżgura li, fi kwalunkwe qorti, tribunal jew proċedura minn dawn, il-partijiet għall-proċediment jingħataw id-dritt għal:

(a) opportunità raġonevoli sabiex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u l-preżentazzjoni ta' rekord jew, fejn ikun meħtieġ mil-liġi tal-Parti, ir-rekord kompilat mill-awtorità amministrattiva.

3. Suġġett għal appell jew eżami ulterjuri kif previst fil-liġi domestika tagħha, kull Parti tiżgura, li tali deċiżjoni tiġi implimentata mill-uffiċċju jew l-awtorità kompetenti fir-rigward tal-azzjoni amministrattiva inkwistjoni u tirregola l-prattika tagħhom.

Artikolu 287

Kwalità u prestazzjoni regolatorja u imġiba amministrattiva tajba

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw fil-promozzjoni tal-kwalità u l-prestazzjoni regolatorja, fosthom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi dwar il-proċessi ta' riforma regolatorja u l-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet jaqblu mal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, u jaqblu li jikkoperaw fil-promozzjoni tagħhom, fosthom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi.

Artikolu 288

Nonndiskriminazzjoni

Kull Parti tapplika standards ta' trasparenza ma' persuna interessati tal-Parti l-oħra li ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jingħataw lill-persuni interessati tagħha stess.

KAPITOLU 13

Kummerċ u żvilupp sostenibbli

Artikolu 289

Kuntest u objettivi

1. Il-Partijiet jiftakru fl-Aġenda 21 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002 u l-aġendi ta' politiki maqbula internazzjonalment dwar l-oqsma tal-impjiegi u dawk soċjali, partikolarment l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ILO") l-Aġenda ta' Xogħol Diċenti u d-dikjarazzjoni Ministerjali tal-2006 tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU dwar Impjiegi għal Kulħadd u Xogħol Diċenti. Il-Partijiet jirriafferma l-impenn tagħhom għall-promozzjoni tal-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali, b'tali mod li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-iżvilupp sostenibbli u biex jiżguraw li l-objettiv ikun integrat u rifless f'kull livell tar-relazzjoni kummerċjali tagħhom.

2. Għal dan l-għan, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jikkonsidraw kompletament l-aħjar interessi ekonomiċi, soċjali u ambjentali mhux biss tal-popolazzjonijiet rispettivi tagħhom imma wkoll tal-ġenerazzjonijiet futuri u għandhom jiżguraw li l-politiki tal-iżvilupp ekonomiku, dawk ambjentali u soċjali jappoġġaw reċiprokament lil xulxin.

Artikolu 290

Dritt għal regolamentazzjoni

1. Filwaqt li jirrikonoxxu d-dritt tal-Partijiet li jistabbilixxu u jirregolaw il-livelli tagħhom ta' politiki u prijoritajiet ambjentali domestiċi, dawk tal-ħarsien tax-xogħol u tal-iżvilupp sostenibbli, skont il-prinċipji u l-ftehimiet rilevanti rikonnoxxuti internazzjonalment, u biex jadottaw jew jimmodifikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom skont dan, il-Partijiet jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tagħhom tipprevedi għal livelli għolja ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol u jistinkaw biex ikomplu jtejbu dik il-leġiżlazzjoni.

2. Bħala mod biex tilħaq l-oġġettivi msemmija f'dan l-Artikolu, l-Ukraina tapprossima l-liġijiet, ir-regolamentu u l-prattiki amministrattivi tagħha lejn l-acquis tal-UE.

Artikolu 291

Standards u ftehimiet internazzjonali dwar ix-xogħol

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu impjeg produttiv u sħiħ u xogħol diċenti għal kulħadd bħala elementi essenzjali għal kummerċ fil-kuntest tal-globalizzazzjoni. Il-Partijiet jirriafermaw l-impenji tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ b'mod li dan ikun iwassal għal impjeg produttiv u sħiħ u xogħol diċenti għal kulħadd, inklużi rġiel, nisa u żgħażaġh.

2. Il-Partijiet jippromwovu u jimplimentaw fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom l-istandards ċentrali rikonnoxxuti internazzjonalment dwar ix-xogħol, partikolarment:

(a) il-libertà ta' assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt ta' negozjar kollettiv;

(b) tneħħija ta' kull forma ta' xogħol sfurzat jew bilfors;

(c) abolizzjoni effettiva tax-xogħol mit-tfal; u

(d) tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjeg u attività professjonali.

3. Il-Partijiet jirriafermaw l-impenn tagħhom biex effettivament jimplimentaw il-Konvenzjonijiet fundamentali u ta' prijorità tal-ILO li huma rratifikaw, u d-Dikjarazzjoni tal-ILO tal-1998 dwar il-Jeddijiet u l-Prinċipji Fundamentali fuq ix-Xogħol. Il-Partijiet se jikkonsidraw ukoll ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' Konvenzjonijiet oħra tal-ILO li huma kklassifikati bħala aġġornati mill-ILO.

4. Il-Partijiet jisħqu li l-istandards tax-xogħol m'għandhomx jintużaw għal finijiet protezzjonisti tal-kummerċ. Il-Partijiet jinnottaw li l-vantaġġ komparattiv tagħhom m'għandu bl-ebda mod jiddaħħal fil-kwistjoni.

Artikolu 292

Ftehimiet multilaterali dwar l-ambjent

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-governanza u l-ftehimiet internazzjonali dwar l-ambjent bħala risposta tal-komunità internazzjonali għall-problemi ambjentali globali jew reġjonali.

2. Il-Partijiet jafferu mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-implimentazzjoni effettiva fil-liġijiet u l-prattiki tagħhom, tal-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom ikunu parti.

3. F'dan il-Ftehim ma jkun hemm xejn li jillimita d-drittijiet ta' xi Parti li tadotta jew iżżomm miżuri biex timplimenta l-ftehimiet multilaterali dwar l-ambjent li tagħhom hija Parti. Tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew inġustifikabbli bejn il-Partijiet jew bħala restrizzjoni mistura fuq il-kummerċ.

4. Il-Partijiet jiżguraw li l-politika ambjentali tkun imsejsa fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipji li fuqhom għandha tittieħed azzjoni ta' prevenzjoni, li l-ħsara ambjentali għandha, bħala prijorità, tiġi rimedjata fis-sors, u li min iniġġes għandu jħallas.
5. Il-Partijiet jikkoperaw sabiex jippromwovu l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali skont l-oġettiv ta' żvilupp sostenibbli bil-ħsieb li jissaħħu r-rabtiet bejn il-politiki u l-prattiki kummerċjali u ambjentali tal-Partijiet.

Artikolu 293

Kummerċ li jiffavorixxi l-iżvilupp sostenibbli

1. Il-Partijiet jirriafferma li l-kummerċ għandu jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol benefiku li l-istandards ċentrali tax-xogħol u xogħol diċenti jista' jkollhom fuq l-effiċjenza, l-innovazzjoni u l-produttività ekonomika, u jenfasizzaw il-valur ta' koerenza akbar bejn il-politiki kummerċjali, fuq naħa, u l-politiki dwar l-impjegi u dawk soċjali fuq l-oħra.
2. Il-Partijiet jaħdmu sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ u l-investment dirett barrani fi prodotti u servizzi ambjentali, fosthom teknoloġiji ambjentali, enerġija rinnovabbli sostenibbli, prodotti u servizzi li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti u prodotti bl-ekotikketta, fost l-oħrajn billi jiġu indirizzati l-ostakoli mhux tariffarji relatati.
3. Il-Partijiet jaħdmu sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ fi prodotti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, inklużi prodotti li jkunu s-suġġett ta' skemi bħalma huma l-kummerċ ġust u etiku u dawk li jirrispettaw il-prinċipji ta' responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont soċjali korporattivi.

Artikolu 294

Kummerċ fil-prodotti tal-foresta

Sabiex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresta, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex itejbu l-infurzar u l-governanza tal-liġi tal-foresti u jippromwovu l-kummerċ ta' prodotti tal-foresti legali u sostenibbli.

Artikolu 295

Kummerċ fil-prodotti tal-ħut

Filwaqt li konsidrjikkonsidraw l-importanza li jiżguraw ġestjoni responsabbli tal-istokks tal-ħut b'mod sostenibbli kif ukoll jippromwovu governanza tajba fil-kummerċ, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien billi:

- (a) jieħdu miżuri effettivi biex jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-ħut u riżorsi akkwatiċi oħra;
- (b) jiżguraw konformità sħiħa mal-miżuri applikabbli ta' konservazzjoni u kontroll, adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd kif ukoll koperazzjoni mill-aktar wiesgħa mal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd; u
- (c) jintroduċu fost l-oħrajn miżuri kummerċjali fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

Artikolu 296

Żamma tal-livell ta' protezzjoni

1. Parti ma tistax tonqos milli tinforza l-liġijiet ambjentali u tax-xogħol tagħha, permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni rikorrenti, b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investment bejn il-Partijiet.
2. Parti ma għandhiex iddghajef jew tnaqqas il-protezzjonijiet ambjentali jew tax-xogħol mogħtija fil-liġijiet tagħha sabiex tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investment, billi tirrinunzja għal jew tidderoga b'xi mod ieħor minn, jew billi toffri li tirrinunzja għal jew li tidderoga b'xi mod ieħor minn, liġijiet, regolamenti jew standards tagħha, b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investment bejn il-Partijiet.

Artikolu 297

Informazzjoni xjentifika

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza, meta jippreparaw, jadottaw u jimplimentaw miżuri mmirati sabiex jipproteġu l-ambjent, is-saħħa pubblika u l-kondizzjonijiet soċjali li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet, li jikkonsidraw informazzjoni xjentifika u teknika, u standards internazzjonali, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet relevanti.

Artikolu 298

Reviżjoni tal-impatti fuq is-sostenibbiltà

Il-Partijiet jintrabtu li jirriveđu, jimmonitorjaw u jivvalutaw l-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu fuq l-iżvilupp sostenibbli, permezz tal-proċessi u l-istituzzjonijiet parteċipattivi rispettivi tagħhom, kif ukoll dawk imwaqqfa skont dan il-Ftehim, pereżempju permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sostenibbiltà relatati mal-kummerċ.

Artikolu 299

Istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili

1. Kull Parti taħtar u tlaqqa' Grupp Konsultattiv ġdid jew eżistenti dwar l-iżvilupp sostenibbli bil-kompitu li jaġhti pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Grupp Konsultattiv jinkludi organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti tas-soċjetà ċivili b'rappreżentanza bbilanċjata ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, dawk nongovernattivi kif ukoll partijiet interessati relevanti oħra.

3. Il-membri tal-Grupp Konsultattiv Domestiku ta' kull Parti għandu jiltaqa' f'Forum tas-Soċjetà Ċivili sabiex imexxi djalogu li jinkludi aspetti tal-iżvilupp sostenibbli tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jiltaqa' darba fis-sena sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-Partijiet jifthiemu dwar it-tħaddim tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili mhux aktar tard minn sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. Id-djalogu li jsir mill-Forum tas-Soċjetà Ċivili ma jippreġudikax r-rwol tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili, stabbilita skont l-Artikolu 469 ta' dan il-Ftehim, biex jiġu skambjati l-opinjonijiet fuq kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Partijiet jinfurmaw lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Il-fehmiet, l-opinjonijiet jew is-suġġerimenti tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili jistgħu jiġu ppreżentati direttament lill-Partijiet jew permezz tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi.

Artikolu 300

Mekkaniżmi istituzzjonali u ta' monitoraġġ

1. Is-Sottokomitat tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli huwa b'dan stabbilit. Huwa jirraporta fuq l-attivitajiet tiegħu lill-Komitata ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni skont l-Artikolu 465(4) ta' dan il-Ftehim. Is-Sottokomitat tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jinkludi uffiċjali anzjani minn ħdan l-amministrazzjoni ta' kull Parti. Huwa jgħasses l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, inklużi r-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tal-impatt u jiddiskuti b'rieda tajba kull problema li tqum mill-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Huwa jstabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu stess. Huwa jiltaqa' fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u sussegwentement tal-inqas darba fis-sena.

2. Kull Parti taħtar punt ta' kuntatt fi ħdan l-amministrazzjoni tagħha sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Partijiet dwar kwalunkwe kwistjoni koperta b'dan il-Kapitolu.

3. Il-Partijiet jistgħu jimmonitorjaw il-progress fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dawn il-miżuri koperti b'dan il-Kapitolu. Parti tista' titlob lill-Parti l-oħra biex tipprovi informazzjoni speċifika u raġunata dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

4. Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra rigward kwalunkwe kwistjoni li tinqala' minn dan il-Kapitolu, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt ta' dik il-Parti. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw fil-pront permess tal-mezzi xierqa meta xi Parti tagħmel talba f'das-sens.

5. Il-Partijiet jagħmlu kull attentat biex jaslu għal soluzzjoni għall-kwistjoni li tissosidfa lil kulħadd u jistgħu jitolbu parir, informazzjoni jew assistenza minn kull persuna jew korp li huma jidhirlhom li jkun xieraq sabiex jeżaminaw il-kwistjoni relevanti minn fuq s'isfel. Il-Partijiet jikkonsidraw l-attivajiet tal-ILO jew l-organizzazzjonijiet jew korpi ambjentali multilaterali relevanti li għalihom huma jkun parti.

6. Jekk il-Partijiet ma jirnexxihom isolvu l-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet, kull Parti tista' titlob li jiltaqa' s-Sottokomitāt tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli biex jikkonsidra l-kwistjoni billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Huwa jiltaqa' fil-pront u jistinka biex jaqbel fuq soluzzjoni tal-kwistjoni, inkluż, fejn ikun addattat, billi jikkonsulta ma' esperti tal-gvern jew li mhumiex tal-gvern. Is-soluzzjoni tas-Sottokomitāt tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli ssir pubblika sakemm is-Sottokomitāt ma jiddeċidix mod ieħor.

7. Għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Kapitolu, il-Partijiet ikollhom rikors biss għall-proċeduri previsti fl-Artikoli 300 u 301 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 301

Grupp ta' Esperti

1. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmu mod ieħor, 90 ġurnata wara l-konsenja ta' talba għal-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 300(4) ta' dan il-Ftehim, Parti tista' titlob li jiltaqa' Grupp tal-Esperti sabiex jeżamina l-kwistjoni li ma tkunx ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti permezz ta' konsultazzjonijiet governattivi. Fi żmien 30 ġurnata mit-talba minn Parti biex jiltaqa' l-Grupp ta' Esperti, wara t-talba minn kwalunkwe Parti, is-Sottokomitāt tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli jista' jiltaqa' biex jiddiskuti l-kwistjoni. Il-Partijiet jistgħu jippreżentaw il-kummenti lill-Grupp. Il-Grupp jista' jfittex informazzjoni u pariri minn kull Parti, il-Grupp(i) Konsultattiv(i), jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Grupp ta' Esperti jiltaqa' fi żmien 60 ġurnata mit-talba ta' Parti.

2. Il-Grupp li jintgħażel skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jipprovdi l-għarfien espert tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmu mod ieħor, il-Grupp jippreżenta rapport lill-Partijiet fi żmien 90 ġurnata mill-għażla tal-aħħar espert. Il-Partijiet jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jakkomodaw il-parir jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp tiġi monitorjata mis-Sottokomitāt tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Ir-rapport tal-Grupp isir disponibbli għall-Grupp(i) Konsultattiv(i) tal-Partijiet. Fir-rigward tal-informazzjoni kunfidenzjali u r-regoli ta' proċedura, japplikaw rispettivament il-prinċipji fl-Anness XXIV mal-Kapitolu 14 (Soluzzjoni ta' dispuți) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim.

3. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jaqblu fuq lista ta' mill-inqas 15-il persuna b'għarfien espert dwar il-kwistjonijiet trattati minn dan il-Kapitolu, li tal-inqas ħamsa minnhom ma jkunux persuni bin-nazzjonalità ta' xi Parti u li se jservu bħala President tal-Grupp. L-esperti jkun independenti minn kwalunkwe Parti jew organizzazzjonijiet rappreżentati fil-Grupp(i) Konsultattiv(i), u ma jkunux affiljati magħhom, jew jieħdu struzzjonijiet minnhom. Kull Parti tagħżel espert wieħed mil-lista tal-esperti fi żmien 50 ġurnata mid-data tar-riċezzjoni tat-talba minn Parti għall-istabbiliment tal-Grupp. Jekk Parti tonqos milli tagħżel l-espert tagħha f'dan il-perjodu, il-Parti l-oħra tagħżel mil-lista tal-esperti, persuni bin-nazzjonalità tal-Parti li tkun naqset milli tagħżel espert. Iż-żewġ esperti magħżula jaqblu dwar il-president li jintgħażel mil-lista tal-esperti mhux nazzjonali.

Artikolu 302

Koperazzjoni dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

Il-Partijiet se jaħdmu flimkien dwar aspetti relatati mal-kummerċ ta' politiki ambjentali u tax-xogħol sabiex jilhq u l-oġġettivi ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 14 ⁽¹⁾**Soluzzjoni ta' disputi**

Artikolu 303

Objettiv

L-objettiv ta' dan il-Kapitolu huwa li tiġi evitata u solvuta, b'rieda tajba, kwalunkwe disputa bejn il-Partijiet rigward l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim imsemmija f'Artikolu 304 ta' dan il-Ftehim u biex fejn ikun possibbli wieħed jasal għal soluzzjoni bi ftehim reċiproku ⁽²⁾.

Artikolu 304

Kamp ta' applikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu japplikaw fir-rigward ta' kull kiwstjoni li għandha x'taqsam mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, ħlief kif previst espressament xort'oħra.

Artikolu 305

Konsultazzjonijiet

1. Il-Partijiet iridu jfittxu li jsolvu kwalunkwe disputa rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 304 ta' dan il-Ftehim billi jidħlu f'konsultazzjonijiet in bona fede bil-għan li jaslu għal soluzzjoni maqbula mit-tnejn.

2. Parti trid tfttex li tikkonsulta permezz ta' talba bil-miktub lill-Parti l-oħra, b'kopja mibgħuta lill-Kumitat għall-Kummerċ, li tidentifika l-miżura inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 304 ta' dan il-Ftehim li hi tikkonsidra applikabbli.

3. Il-konsultazzjonijiet isiru fi żmien 30 ġurnata mid-data tar-riċezzjoni tat-talba u jsiru, sakemm il-Partijiet ma jifhemux mod ieħor, fit-territorju tal-Parti li kontriha jkun sar l-ilment. Il-konsultazzjonijiet jitqiesu bħala konklużi fi żmien 30 ġurnata mid-data tar-riċezzjoni tat-talba, sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet. L-informazzjoni kollha żvelata waqt il-konsultazzjonijiet tibqa' kunfidenzjali.

4. Il-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' urġenza, inklużi dawk rigward merkanzija li tista' titħassar jew dik staġjonali, isiru fi żmien 15-il ġurnata mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba, u jitqiesu li ġew konklużi fi żmien 15-il ġurnata mid-data meta ġiet preżentata-preżentata t-talba.

5. Fejn il-konsultazzjonijiet ikollhom x'jaqsmu mat-trasport tal-oġġetti tal-enerġija permezz ta' netwerks u Parti minnhom tara li s-soluzzjoni għad-disputa tkun urġenti minħabba interruzzjoni, kompleta jew parzjali, ta' trasport ta' gass naturali, żejt jew elettriku bejn l-Ukraina u Parti tal-UE, il-konsultazzjonijiet iridu jsiru fi żmien tlett ijiem mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba u jkun kunsidrati konklużi tlett ijiem wara d-data tal-preżentazzjoni tat-talba sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux li jkomplu bil-konsultazzjonijiet. L-informazzjoni kollha żvelata waqt il-konsultazzjonijiet tibqa' kunfidenzjali.

6. Jekk il-konsultazzjonijiet ma jsirux fil-perjodi ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu rispettivament, jew jekk il-konsultazzjonijiet ġew konklużi u ma ntlaħaq l-ebda ftehim rigward soluzzjoni maqbula b'mod reċiproku, il-Parti li ressqet l-ilment tista' titlob li jiġi stabbilit bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 306 ta' dan il-Ftehim.

⁽¹⁾ Biex jiġi evitat id-dubju, dan it-Titolu ma jiġix interpretat bħala li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jkunu invokati quddiem il-qrati domestiċi tal-Partijiet.

⁽²⁾ Biex jiġi evitat id-dubju, deċiżjonijiet u xi allegat nuqqas ta' azzjoni minn korpi maħluqa minn dan il-Ftehim mhumiex suġġetti għal dan il-Kapitolu

Taqsi ma 1

Proċedura ta' arbitraġġ

Artikolu 306

Bidu tal-proċedura ta' arbitraġġ

1. Fejn il-Partijiet ikunu fallwe milli jsolvu d-disputa b'rikors għall-konsultazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 305 ta' dan il-Ftehim, il-Parti li tilmenta tista' titlob l-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ.

2. It-talba għall-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ issir bil-miktub lill-Parti li jkun qed isir l-ilment kontra u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Parti li tilmenta tidentifika fit-talba tagħha l-miżuri speċifiċi inkwistjoni u tipprovdi sommarju żgħir tal-bażi legali tal-ilment biżżejjed biex tippreżenta l-problema b'mod ċar. Fil-każ li l-Parti li tilmentat titlob l-istabbiliment ta' bord b'termini ta' referenza għajr dawk standard, it-talba bil-miktub tinkludi t-test propost ta' kondizzjonijiet speċjali ta' referenza.

3. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor fi żmien ħamest ijiem mit-twaqqif tal-bord, it-termini ta' referenza tal-bord ta' arbitraġġ ikunu:

“li jeżamina l-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-bord ta' arbitraġġ, sabiex jiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 304 ta' dan il-Ftehim u sabiex jieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 310 ta' dan il-Ftehim”.

Artikolu 307

Kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ

1. Bord ta' arbitraġġ għandu jkun iffurmat minn tliet arbitri.

2. Fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba għall-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ lill-Kumitat għall-Kummerċ, il-Partijiet jikkonsultaw sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ.

3. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ fil-perjodu stipulat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, kull Parti tista' titlob lill-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew lid-delegat tal-president, sabiex jaħtar lit-tliet membri kollha bil-polza mil-lista applikabbli stabbilita skont l-Artikolu 323 ta' dan il-Ftehim, wieħed minn fost l-individwi proposti mill-Parti li tkun qiegħda tilmenta, wieħed minn fost l-individwi proposti mill-Parti li jkun qiegħed isir l-ilment kontra u wieħed minn fost l-individwi magħżula mill-Partijiet sabiex jaġixxi bħala president.

4. Fejn il-Partijiet jaqblu dwar wieħed jew aktar mill-membri tal-bord ta' arbitraġġ, kwalunkwe membru li jifdal jintgħażel bl-istess proċedura:

(a) jekk il-Partijiet ikunu qablu dwar żewġ membri tal-bord ta' arbitraġġ, il-membri li jifdal jintgħażel mill-individwi magħżula mill-Partijiet biex jaġixxi bħala president;

(b) jekk il-Partijiet ikunu qablu dwar membru tal-bord ta' arbitraġġ, wieħed mill-membri li jifdal jintgħażel mill-individwi proposti mill-Parti li tkun qed tagħmel l-ilment u wieħed mill-individwi proposti mill-Parti li kontra jkun sar l-ilment.

5. Il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tal-president, jaġħzel l-arbitri fi żmien ħamest ijiem mit-talba msemmija fil-paragrafu 3. Rappreżentant minn kull Parti hu intotolat li jkun preżenti għall-għażla.

6. Id-data tal-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ tkun id-data li fiha titlesta l-proċedura tal-għażla.

7. F'każ li xi waħda mil-listi stabbiliti fl-Artikolu 323 ta' dan il-Ftehim ma tkunx ġiet stabbilita fiż-żmien li fih issir it-talba skont l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu t-tliet arbitri jintgħażlu bil-polza mill-individwi li jkunu ġew formalment proposti minn waħda jew miż-żewġ Partijiet.

8. Fir-rigward ta' disputa dwar Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-Kummerċ) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim li Parti minnhom tqis li tkun urġenti minħabba interruzzjoni jew theddida ta' interruzzjoni, kompleta jew parzjali, ta' trasport ta' gass naturali, żejt jew elettriku bejn l-Ukraina u l-Parti tal-UE japplika l-paragrafu 3 mingħajr rikors għall-paragrafu 2, u l-perjodu fil-paragrafu 5 ikun ta' jumejn.

Artikolu 308

Rapport Interim mill-Bord

1. Fi żmien 90 ġurnata mill-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ, dan joħroġ rapport interim lill-Partijiet li jstabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-razjonali bażiku wara kwalunkwe sejba u rakkomandazzjoni li jagħmel. Fejn huwa jikkonsidra li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-bord ta' arbitraġġ irid jinforma bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li joħroġ ir-rapport interim. Taħt l-ebda ċirkostanza r-rapport interim ma għandu jinħareġ iżjed tard minn 120 ġurnata wara d-data tal-istabbiliment tal-bord ta' arbitraġġ.

2. Kwalunkwe Parti tista' tissottometti talba bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ sabiex jeżamina aspetti preċiżi tar-rapport interim fi żmien 14-il ġurnata mill-ħruġ tiegħu.

3. F'każijiet ta' urġenza, fosthom dawk li jinkludu prodotti li jitħassru jew staġjonali, il-bord ta' arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex joħroġ ir-rapport interim tiegħu u kwalunkwe Parti tista' tipreżenta talba bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ sabiex jeżamina aspetti preċiżi tar-rapport interim, sa nofs il-perjodi taż-żmien rispettivi skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Fir-rigward ta' disputa dwar Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-Kummerċ) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim li Parti minnhom tqis li tkun urġenti minħabba interruzzjoni jew theddida ta' interruzzjoni, kompleta jew parzjali, ta' trasport ta' gass naturali, żejt jew elettriku bejn l-Ukraina u l-Parti tal-UE, ir-rapport interim joħroġ wara 20 ġurnata u kwalunkwe talba skont il-paragrafu 2 issir fi żmien ħamest ijiem mill-ħruġ tar-rapport bil-miktub. Il-bord ta' arbitraġġ jista' jiddeċiedi wkoll li jagħddi mingħajr ir-rapport interim.

5. Wara li jikkonsidra kwalunkwe kummenti bil-miktub mingħand il-Partijiet dwar ir-rapport interim, il-bord ta' arbitraġġ jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jagħmel eżami ulterjuri jekk iħoss dan huwa xieraq. Id-deċiżjoni finali tal-bord ta' arbitraġġ tinkludi diskussjoni tal-argumenti magħmula fl-istadju tal-eżami interim.

Artikolu 309

Konċiljazzjoni għal dispuți urġenti dwar l-enerġija

1. Fir-rigward ta' disputa dwar il-Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-Kummerċ) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, li Parti tqis li hi urġenti minħabba interruzzjoni jew theddida ta' interruzzjoni, kompleta jew parzjali, ta' trasport ta' gass naturali, żejt jew elettriku bejn l-Ukraina u l-Parti tal-UE, kull Parti tista' titlob lill-president tal-bord biex jaġixxi ta' konċiljatur dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mad-disputa billi ssir talba lill-bord.

2. Il-konċiljatur ifittex li jikseb soluzzjoni miftiehma tad-disputa u jfittex biex jikseb ftehim dwar proċedura li twassal għal tali soluzzjoni. Jekk fi żmien 15-il ġurnata mill-ħatra tiegħu, il-konċiljatur jonqos milli jikseb tali ftehim, huwa jirrakkomanda soluzzjoni għad-disputa jew proċedura biex tintlaħaq din is-soluzzjoni u jiddeċiedi dwar it-termini u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu osservati mid-data li huwa jispeċifika sakemm id-disputa tiġi riżolta.

3. Il-Partijiet u l-entitajiet taħt il-kontroll jew il-ġurisdizzjoni tal-Partijiet jirrispettaw ir-rakkomandazzjonijiet dwar it-termini u l-kondizzjonijiet li jsiru skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal tliet xhur wara d-deċiżjoni tal-konċiljatur jew sas-soluzzjoni tad-disputa, liema minnhom tiġi l-ewwel.

4. Il-konċiljatur jirrispetta l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Arbitri.

Artikolu 310

Deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-bord ta' arbitraġġ jinnnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 120 ġurnata mid-data tat-twaqqif tal-bord ta' arbitraġġ. Fejn il-bord ta' arbitraġġ iqis li din l-iskadenza ma tistax tiġi sodisfatta, il-president tal-bord ta' arbitraġġ jinnnotifika lill-Partijiet fid-disputa u lill-Kumitat għall-Kummerċ bil-miktub, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord jippjana li jikkonkludi ħidmietu. Fl-ebda ċirkostanza, id-deċiżjoni ma għandha tiġi nnotifikata aktar tard min 150 ġurnata minn meta jkun twaqqaf il-bord ta' arbitraġġ.

2. F'każi ta' urġenza, inklużi dawk li jinvolvu prodotti li jitħassru biż-żmien jew dawk staġjonali, il-bord ta' arbitraġġ jagħmel kull sforz sabiex jinnnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien 60 ġurnata mid-data tat-twaqqif tiegħu. Fl-ebda ċirkostanza m'għandu jieħu aktar minn 75 ġurnata mit-twaqqif tiegħu. Il-bord ta' arbitraġġ jista' joħroġ deċiżjoni preliminari f'għaxart ijiem mill-istabbiliment tiegħu dwar jekk jikkonsidrax il-każ bħala urġenti.

3. Fir-rigward ta' disputa dwar il-Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-Kummerċ) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim li Parti tqis li tkun urġenti minħabba interruzzjoni jew theddida ta' interruzzjoni, kompleta jew parzjali, ta' trasport ta' gass naturali, żejt jew elettriku bejn l-Ukraina u l-Parti tal-UE, il-bord ta' arbitraġġ jinnnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien 40 jum mid-data tat-twaqqif tiegħu.

T a q s i m a 2

K o n f o r m i t à

Artikolu 311

Konformità mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ

Kull Parti tiegħu kwalunkwe miżura neċessarja sabiex tikkonforma in bona fede mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ, u l-Partijiet se jaħdmu biex jaqblu fuq il-perjodu taż-żmien sabiex jikkonformaw mad-deċiżjoni.

Artikolu 312

Perjodu ta' żmien raġonevoli għall-konformità

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tinnotifika lill-Parti li għamlet l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ biż-żmien li ser tehtiegħ sabiex tikkonforma (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "perjodu raġonevoli ta' żmien") mhux aktar minn 30 ġurnata wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ lill-Partijiet.

2. Jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward il-perjodu raġonevoli ta' żmien biex ikun hemm konformità mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ, il-Parti li għamlet l-ilment, fi żmien 20 ġurnata min-notifika li saret skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, titlob bil-miktub lill-bord oriġinali tal-arbitraġġ sabiex jiddetermina t-tul tal-perjodu raġonevoli ta' żmien. Talba bħal din tiġi nnotifikata fl-istess ħin lill-parti l-oħra u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jinnnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 20 ġurnata mid-data tal-preżentazzjon tat-talba.

3. Jekk il-bord ta' arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jerġgħu jiltaqgħu, japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 307 ta' dan il-Ftehim. Il-limitu ta' żmien biex tkun innotifikata d-deċiżjoni jkun ta' 35 ġurnata mid-data meta ġiet preżentata t-talba msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tinforma bil-miktub lill-Parti li tagħmel l-ilment, dwar il-progress tagħha sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ, tal-inqas xahar qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien raġonevoli.

5. Il-perjodu raġonevoli ta' żmien jista' jiġi estiż permezz ta' qbil reċiproku bejn il-Partijiet.

Artikolu 313

Reviżjoni ta' kwalunkwe miżura meħuda sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tinforma lill-Parti li tagħmel l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jintemm il-perjodu taż-żmien raġonevoli, dwar kwalunkwe miżura li hija tkun ħadet sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ.

2. F'każ li ma jkunx hemm qbil bejn il-Partijiet rigward l-eżistenza jew il-konsistenza ta' kwalunkwe miżura notifikata skont il-paragrafu 1 mal-Ftehim, il-Parti li tkun għamlet l-ilment tista' titlob bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Talba bħal din tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li bih tikkonsidra dik il-miżura bħala inkonsistenti, b'manjera suffiċjenti biex tiġi ppreżentata l-bażi legali għall-ilment b'mod ċar. Il-bord ta' arbitraġġ għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu fi żmien 45 ġurnata mid-data tal-preżentazzjon tat-talba.

3. Jekk il-bord ta' arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jergħu jiltaqgħu, japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 307 ta' dan il-Ftehim. Il-limitu ta' żmien biex tkun innotifikata d-deċiżjoni jkun ta' 60 ġurnata mid-data tal-preżentazzjon tat-talba msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 314

Rimedji għal dispuți urġenti dwar l-enerġija

1. Fir-rigward ta' disputa dwar Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-Kummerċ) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim li Parti minnhom tqis li tkun urġenti minħabba interruzzjoni jew theddida ta' interruzzjoni, kompleta jew parzjali, ta' trasport ta' gass naturali, żejt jew elettriku bejn l-Ukraina u l-Parti tal-UE, japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġejjin dwar ir-rimedji.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 311, 312 u 313 ta' dan il-Ftehim, il-Parti li tagħmel l-ilment tista' tissospendi l-obbligi li joħorġu minn dan il-Ftehim sal-livell li jkun ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew indeboliment ikkawżat minn Parti li tonqos milli tkun konformi mal-konklużjonijiet tal-bord fi żmien 15-il ġurnata mir-rilaxx tagħhom. Din is-sospensjoni tista' tidħol fis-seħħ immedjatament. Tali sospensjoni tista' tiġi mantnuta għal mhux aktar minn tliet xhur, sakemm il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment ma tkunx ikkonformat mar-rapport tal-bord.

3. Jekk il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tqajjem dubju dwar l-eżistenza ta' nuqqas ta' konformità jew il-livell ta' sospensjoni minħabba n-nuqqas li tikkonforma, hi tista' tiftaħ proċedimenti skont l-Artikoli 315 jew 316 ta' dan il-Ftehim li jkunu eżaminati bil-ħeffa. Il-parti li tilmenta tintalab tneħħi jew tirranġa s-sospensjoni biss ladarba l-bord ikun iddeċieda fuq il-kwistjoni, u tista' tibqa' żżomm is-sospensjoni sakemm jitlestew il-proċedimenti.

Artikolu 315

Rimedji temporanji f'każ ta' nuqqas ta' konformità

1. Jekk il-Parti li fil-konfront tagħha jkun qed isir l-ilment tonqos milli tinnotifika kwalunkwe miżura mittieħda sabiex tikkonforma ruħha mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ qabel ma jiskadi l-perjodu ta' żmien raġonevoli, jew jekk il-bord ta' arbitraġġ jiddeċiedi li l-miżura notifikata skont l-Artikolu 313(1) ta' dan il-Ftehim hija inkonsistenti mal-obbligi ta' dik il-Parti skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 304, il-Parti li fil-konfront tagħha jkun tressaq l-ilment, jekk tkun mitluba tagħmel dan mill-Parti li tkun qed tressaq l-ilment, tagħmel offerta għal kumpens temporanju.

2. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil dwar il-kumpens fi żmien 30 ġurnata wara li jintemm il-perjodu raġonevoli ta' żmien jew mid-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 313 ta' dan il-Ftehim li miżura meħuda għall-konformità hi inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 304, il-Parti li tkun ressqet l-ilment tkun intitolata, wara li tiġi notifikata lill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment u l-Kumitat għall-Kummerċ, li tissospendi l-obbligi li jirriżultaw minn kwalunkwe dispożizzjoni li tinsab fil-Kapitolu dwar iż-żona ta' kummerċ ħieles fuq livell ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew l-indeboliment li jkunu ġew ikkawżati mill-ksur. Il-Parti li għamlet l-ilment tista' timplimenta s-sospensjoni f'kull mument wara li jiskadi l-perjodu ta' għaxart ijiem wara d-data tan-notifika, sakemm il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment ma tkunx talbet għal arbitraġġ taħt il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

3. Fis-sospensjoni tal-obbligi, il-Parti li tilmenta tista' tagħżel li żżid ir-rati tat-tariffi tagħha għal-livell applikat għal Membri oħra tad-WTO fuq volum ta' kummerċ li għandu jiġi stabbilit b'mod li l-volum tal-kummerċ immultiplikata biż-żieda fir-rati tat-tariffi jiġi daqs il-valur tan-nullifikazzjoni jew indeboliment ikkawżati mill-ksur.

4. Jekk il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tħoss li l-livell tas-sospensjoni mhuwiex ekwivalenti għan-nullifikazzjoni jew l-indeboliment ikkawżat mill-ksur, hija tista' titlob bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Tali rikjesta tiġi nnotifikata lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 10 ijiem imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Il-bord ta' arbitraġġ irid jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu dwar il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba. L-obbligi ma jiġux sospiżi qabel ma l-bord ta' arbitraġġ jagħti n-notifika dwar id-deċiżjoni tiegħu, u kull sospensjoni tkun konsistenti mad-deċiżjoni tal-istess bord.

5. Jekk il-bord ta' arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jergġgħu jiltaqgħu, japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 307 ta' dan il-Protokoll. F'dawn il-każijiet, il-perjodu biex tkun innotifikata d-deċiżjoni jkun ta' 45 ġurnata mid-data meta tressqet it-talba msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

6. Is-sospensjoni tal-obbligi tkun temporanja u tiġi applikata biss sakemm kwalunkwe miżura li tinstab li tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 304 tkun ġiet irtirata jew emendata sabiex tinġieb f'konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim imsemmija fl-Artikolu 304 kif inhu stabbilit skont l-Artikolu 316, jew sakemm il-Partijiet ikunu qablu li jsolvu d-disputa.

Artikolu 316

Revizzjoni ta' kwalunkwe miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità wara s-sospensjoni tal-obbligi

1. Il-Parti li jkun sar l-ilment kontriha tinnotifika lill-Parti li tkun ressqet l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ bi kwalunkwe miżura li tkun ħadet biex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ u bit-talba tagħha għal tmiem tas-sospensjoni tal-obbligi applikati mill-Parti li għamlet l-ilment.

2. Jekk il-Partijiet ma jilhqax ftehim dwar jekk il-miżura nnotifikata ġġibx il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 304 tal-Ftehim fi żmien 30 ġurnata mid-data tal-preżentazzjoni tan-notifika, il-Parti li tilmenta tista' titlob bil-miktub lill-bord ta' arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Tali rikjesta tiġi nnotifikata lill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Id-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ tiġi nnotifikata lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 45 ġurnata mid-data tal-preżentazzjoni tat-talba. Jekk il-bord ta' arbitraġġ jiddeċiedi li l-Parti li kontriha jkun sar l-ilment ġiet konformi mal-Ftehim, jew jekk il-Parti li tkun għamlet l-ilment, sa 45 ġurnata mill-preżentazzjoni tan-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma tkunx talbet lill-bord ta' arbitraġġ biex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni, is-sospensjoni tal-obbligi tiġi tterminata fi żmien 15-il ġurnata jew mid-deċiżjoni tal-board tal-arbitraġġ jew fi tmiem il-perjodu ta' 45 jum.

3. Jekk il-bord ta' arbitraġġ oriġinali, jew uħud mill-membri tiegħu, ma jkunux jistgħu jergġgħu jiltaqgħu, japplikaw il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 307 ta' dan il-Protokoll. Il-perjodu biex tkun innotifikata d-deċiżjoni f'dak il-każ jkun ta' 60 ġurnata mid-data meta tressqet it-talba msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Taqsim 3

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 317

Soluzzjoni bi ftehim reċiproku

Il-Partijiet jistgħu jaslu fi kwalunkwe ħin għal soluzzjoni bi ftehim reċiproku dwar disputa skont dan il-Kapitolu. Huma jinnotifikaw b'mod konġunt lill-Kumitat għall-Kummerċ u fejn applikabbli, lill-president tal-bord ta' arbitraġġ b'tali soluzzjoni. Jekk is-soluzzjoni tirrikjedi l-approvazzjoni skont il-proċeduri rilevanti domestiċi ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet, in-notifika tiriferi għal dan ir-rekwiżit, u l-proċedura tal-arbitraġġ tiġi sospiżza. Jekk tali approvazzjoni ma tkunx meħtieġa, jew man-notifika tat-tlestija ta' tali proċeduri domestiċi, il-proċedura tal-arbitraġġ tiġi tterminata.

Artikolu 318

Regoli ta' proċedura

1. Il-proċeduri tas-soluzzjoni ta' disputi taħt dan il-Kapitolu jkunu irregolati permezz tar-Regoli ta' Proċedura stabbiliti fl-Anness XXIV ta' dan il-Ftehim.

2. Kull smiġ tal-bord ta' arbitraġġ għandu jkun miftuħ għall-pubbliku skont ir-Regoli ta' Proċedura stabbiliti fl-Anness XXIV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 319

Informazzjoni u parir tekniku

Fuq it-talba ta' Parti, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-bord ta' arbitraġġ jista' jikseb informazzjoni minn kwalunkwe sors, inklużi l-Partijiet involuti fid-disputa, li jqis li hija xierqa għall-proċedura tal-bord ta' arbitraġġ. Il-bord ta' arbitraġġ għandu d-dritt ukoll li jfittex l-opinjoni rilevanti ta' esperti kif iqis xieraq. Kwalunkwe informazzjoni miksuba b'dan il-mod għandha tiġi żvelata lil kull waħda mill-Partijiet u trid titressaq għall-kummenti tagħhom. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi interessati stabbiliti fit-territorji tal-Partijiet huma awtorizzati li jippreżentaw sommarji tal-fatti amicus curiae quddiem il-bord ta' arbitraġġ skont ir-Regoli ta' Proċedura stabbiliti fl-Anness XXIV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 320

Regoli ta' interpretazzjoni

Kull bord ta' arbitraġġ jinterpreta d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 304 ta' dan il-Ftehim skont ir-regoli konswettudinali dwar l-interpretazzjoni tad-dritt pubbliku internazzjonali, inklużi dawk stipulati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-Dritt tat-Trattati tal-1969. Meta obbligu taħt dan il-Ftehim ikun identiku għal obbligu taħt il-Ftehim tad-WTO, il-bord ta' arbitraġġ jadotta interpretazzjoni li tkun konsistenti ma' kwalunkwe interpretazzjoni rilevanti stabbilita fid-deċizzjonijiet tal-Korp għas-Soluzzjoni ta' Disputi tad-WTO (minn hawn 'il quddiem id-"DSB"). Id-deċizzjonijiet tal-bord ta' arbitraġġ ma jistgħux iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi previsti fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 321

Deċizzjonijiet u sentenzi tal-bord ta' arbitraġġ

1. Il-bord ta' arbitraġġ irid jagħmel kull sforz biex jieħu kwalunkwe deċizzjoni bi qbil unanimu. Madankollu, meta ma tkunx tista' tintlaħaq deċizzjoni b'konsens, il-kwistjoni tiġi deċiża b'vot maġġoritarju. Madankollu, fl-ebda każ ma jiġu ppubblikati l-opinjoni tal-arbitri li ma jaqblux.

2. Kwalunkwe deċizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ tkun vinkolanti fuq il-Partijiet u ma tista' toħloq l-ebda drittijiet jew obbligi għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Id-deċizzjoni tistipula r-riżultati tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim u r-raġunijiet bażiċi ta' kwalunkwe riżultat u l-konklużjonijiet li tagħmel. Il-Kumitat għall-Kummerċ jagħmel id-deċizzjonijiet tal-bord ta' arbitraġġ disponibbli pubblikament fl-intier tagħhom sakemm ma jiddeċidix li ma jagħmilx dan.

Artikolu 322

Soluzzjoni għal disputi relatata mal-approssimazzjoni regolatorja

1. Il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu japplikaw għal disputi li jikkonċernaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim relatata mal-approssimazzjoni regolatorja li tinsab fil-Kapitolu 3 (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ), fil-Kapitolu 4 (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji), fil-Kapitolu 5 (Dwana u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ), fil-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku), fil-Kapitolu 8 (Akkwist Pubbliku) jew fil-Kapitolu 10 (Kompetizzjoni), jew li nkella timponi obbligu fuq Parti, definit b'referenza għal dispożizzjoni tal-liġi tal-UE.

2. Fejn disputa tqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-UE msemija fil-paragrafu 1, il-bord tal-arbitraġġ ma jiddeċidix dwar il-kwistjoni, imma jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tagħti deċizzjoni dwar il-kwistjoni. Ftali każijiet, l-iskadenzi li japplikaw għad-deċizzjoni tal-bord ta' arbitraġġ jiġu sospiżi sakemm il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tagħti d-deċizzjoni tagħha. Id-deċizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija vinkolanti fuq il-bord ta' arbitraġġ.

T a q s i m a 4

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 323

Arbitri

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ jistabbilixxi lista ta' 15-il persuna li jkunu lesti u jkunu jistgħu jservu bħala arbitri, sa mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kull waħda mill-Partijiet tipproponi ħames individwi sabiex iservu ta' arbitri. Iż-żewġ Partijiet jagħżlu wkoll ħames individwi li ma jkunux ta' nazjonalità tal-ebda waħda mill-Partijiet u li jagħmluha ta' president tal-bord ta' arbitraġġ. Il-Kumitat għall-Kummerċ jiżgura li l-lista tinżamm dejjem fuq dan il-livell.

2. Il-lista stabbilita skont il-paragrafu 1 ta'dan l-Artikolu isservi għal-kompożizzjoni tal-bordijiet ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 307 ta' dan il-Ftehim. Hija tinkorpora arbitri b'għarfien speċjalizzat jew esperjenza fid-dritt u fil-kummerċ internazzjonali.

3. L-arbitri kollha maħtura biex iservu fuq il-bord ta' arbitraġġ ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċità individwali tagħhom u ma jeħdux struzzjonijiet minn kwalunkwe organizzazzjoni jew gvern, jew ikunu affiljati mal-gvern ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet, u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Mġiba stabbilit fl-Anness XXV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 324

Relazzjoni mal-obbligi tad-WTO

1. Ir-rikors għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu dwar is-soluzzjoni ta' disputi jkun mingħajr ħsara għal kwalunkwe azzjoni fil-qafas tad-WTO, fosthom azzjoni għas-soluzzjoni tad-disputa.
2. Madankollu, fejn Parti resqet proċediment għas-soluzzjoni ta' disputa fir-rigward ta' miżura partikolari, jew taħt l-Artikolu 306(1) ta' dan il-Ftehim jew taħt il-Ftehim tad-WTO, hija ma tistax tressaq proċediment għas-soluzzjoni ta' disputa rigward l-istess miżura f'forum ieħor sakemm l-ewwel proċediment ma jkunx intemm. Barra minn hekk, Parti ma tfittix rimedju għal obbligu identiku skont dan il-Ftehim u skont il-Ftehim tad-WTO fiż-żewġ fora. F'każ bħal dan, ladarba tkun inbdiet proċedura għas-soluzzjoni ta' disputa, il-Parti ma tressaqx talba biex tfittex rimedju tal-obbligu identiku skont il-Ftehim l-ieħor lill-forum l-ieħor, sakemm il-forum magħżul ma jonqosx għal raġunijiet proċedurali jew ġurisdizzjonali milli jagħmel sejbiet dwar it-talba li tfittex rimedju ta' dak l-obbligu.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2:
 - (a) il-proċedimenti għas-soluzzjoni ta' disputa skont il-Ftehim tad-WTO huma meqjusa li jinbnew b'talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni ta' Disputi li jinsab fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem id-"DSU") u jitqiesu li jiġu konklużi meta d-DSB jadotta r-rapport tal-Bord, u r-rapport tal-Korp tal-Appell skont kif ikun il-każ, taħt l-Artikoli 16 u 17.14 tad-DSU; u
 - (b) il-proċedimenti għas-soluzzjoni ta' disputa taħt dan il-Kapitolu huma meqjusa li jinbnew b'talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 306(1) ta' dan il-Ftehim u jitqiesu li jiġu konklużi meta l-bord ta' arbitraġġ joħroġ id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ.
4. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jwaqqaf lil Parti milli timplimenta s-sospensjoni tal-obbligi awtorizzati mid-DSB. Il-Ftehim tad-WTO ma jiġix invokat sabiex iwaqqaf Parti milli tissospendi obbligi skont dan il-Kapitolu.

Artikolu 325

Limiti ta' żmien

1. L-iskadenzi kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu, fosthom l-iskadenzi sabiex il-bordijiet ta' arbitraġġ joħorġu d-deċiżjonijiet tagħhom, jingħaddu f'jiem tal-kalendarju, bl-ewwel ġurnata ikun l-għada tal-att jew il-fatt li għalih jirrifere.
2. Kwalunkwe skadenza msemmija f'dan il-Kapitolu tista' tiġi estiża bi qbil reċiproku tal-Partijiet.

Artikolu 326

Modifikazzjoni tal-Kapitolu

Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċidi li jimmodifika dan il-Kapitolu, ir-Regoli ta' Proċedura għall-Arbitraġġ stabbiliti fl-Anness XXIV ma' dan il-Ftehim u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Bordijiet ta' Arbitraġġ u l-Medjaturi stabbiliti fl-Anness XXV ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 15

Mekkaniżmu ta' medjazzjoni

Artikolu 327

Objettiv u kamp ta' applikazzjoni

1. L-objettiv ta' dan il-Kapitolu hu li jiffaċilita s-sejba ta' soluzzjoni bi ftehim reċiproku permezz ta' proċedura komprensiva u espedjenti bl-assistenza ta' medjatur.
2. Dan il-Kapitolu japplika għal kwalunkwe miżura li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 1 tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim (Trattament Nazzjonali u Access għas-Suq għal Prodotti) li jolqot ħażin il-kummerċ bejn il-Partijiet.

3. Dan il-Kapitolu ma japplikax għal miżuri li jaqgħu taħt il-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku), il-Kapitolu 7 (Pagamenti Kurrenti u Ċaqliq ta' Kapital), il-Kapitolu 8 (Akkwist Pubbliku), il-Kapitolu 9 (Proprejtà Intelletwali) u l-Kapitolu 13 (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' wara konsiderazzjoni dovuta, jiddeċiedi li dan il-mekkaniżmu għandu japplika għal kwalunkwe wieħed minn dawn is-setturi.

Taqsi ma 1

Proċedura taħt il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni

Artikolu 328

Talba għal Informazzjoni

1. Qabel li jingħata bidu għall-proċedura ta' medjazzjoni, Parti tista' titlob fi kwalunkwe ħin informazzjoni rigward miżura li tkun qed tolqot ħażin il-kummerċ jew l-investment bejn il-Partijiet. Il-Parti li ssirilha talba f'dan is-sens tipprovdi, fi żmien 20 jum mid-data tar-riċezzjoni tat-talba, tweġiba li tinkludi l-kummenti tagħha fuq l-informazzjoni li jkun hemm fit-talba. Fejn ikun possibbli, it-talba u r-risposta jkunu bil-miktub.

2. Fejn il-Parti li tkun qed twieġeb tqis li tweġiba fi żmien 20 ġurnata mhijiex prattikabbli, hija tinforma lill-Parti li tkun qed tagħmel it-talba bir-raġunijiet għad-dewmien, flimkien ma' estimu tal-iqsar perjodu li fih tkun tista' ttipprovdi t-tweġiba tagħha.

Artikolu 329

Bidu tal-proċedura

1. Parti tista' titlob fi kwalunkwe waqt, li l-Partijiet jidħlu fi proċedura ta' medjazzjoni. Din it-talba tkun indirizzata lill-Parti l-oħra bil-miktub. It-talba tkun dettaljata biżżejjed li tippreżenta b'mod ċar it-tħassib tal-Parti li tkun qiegħda tagħmel it-talba u:

- (a) tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni;
- (b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti negattivi allegati li l-Parti li tkun qiegħda tagħmel it-talba temmen li l-miżura għandha, jew se jkollha, fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet; u
- (c) tispjega kif il-Parti li qiegħda tagħmel it-talba tqis li dawk l-effetti huma marbuta mal-miżura.

2. Il-Parti li lilha hi indirizzata t-talba tagħti kunsiderazzjoni simpatetika lit-talba u taċċetta jew tirrifjuta bil-miktub fi żmien għaxart ijiem mill-irċevuta.

Artikolu 330

Għażla tal-medjatur

1. Mat-tnedija tal-proċedura ta' medjazzjoni, il-Partijiet ifittxu li jaqblu fuq medjatur mhux aktar tard minn 15-il ġurnata wara li tasal it-tweġiba għat-talba.

2. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-medjatur fl-iskandenza stabbilita, waħda mill-Partijiet tista' titlob lill-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew lid-delegat tal-president, biex itella' l-medjatur bil-polza mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 323 ta' dan il-Ftehim. Ir-rappreżentanti taż-żewġ Partijiet fid-disputa jkunu mistiedna minn qabel biex ikunu preżenti meta tittella' l-polza. F'kull każ, il-polza trid tittella' bil-Parti/Partijiet li jkunu preżenti.

3. Il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tal-president, jagħżel medjaturi fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mit-talba minn kwalunkwe Parti msemmija fil-paragrafu 2.

4. F'każ li xi waħda mil-listi previsti fl-Artikolu 323 ta' dan il-Ftehim ma tkunx ġiet stabbilita fiż-żmien li fiha issir it-talba skont l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu l-arbitru jintgħażlu bil-polza mill-individwi li jkunu ġew formalment proposti minn waħda jew miż-żewġ Partijiet.

5. Il-Partijiet jistgħu jaqblu li l-medjatur ikun nazzjonal ta' waħda mill-Partijiet.

6. Il-medjatur għandu jassisti, b'mod imparzjali u trasparenti, lill-Partijiet f'li jiċċaraw il-miżura u l-effetti possibbli tagħha fuq il-kummerċ, u f'li jilhqg soluzzjoni li jkun sar qbil fuqha reċiprokament. Il-kodiċi ta' mgħiba stabbilit fl-Anness XXV ta' dan il-Ftehim japplika għal medjaturi kif previst f'dak il-kodiċi. Ir-Regoli 3 sa 7 (notifiki) u 41 sa 46 (traduzzjoni u kalkolu tal-limiti ta' żmien) tar-Regoli ta' Proċedura stabbiliti fl-Anness XXIV ta' dan il-Ftehim japplikaw ukoll, mutatis mutandis.

Artikolu 331

Regoli tal-proċedura ta' medjazzjoni

1. Fi żmien għaxart ijiem mill-ħatra tal-medjatur, il-Parti li tkun sejħet għall-proċedura ta' medjazzjoni tippreżenta deskrizzjoni dettaljata tal-problema, bil-miktub, lill-medjatur u lill-Parti l-oħra, partikolarment tal-operazzjoni tal-miżura inkwistjoni u tal-effetti tagħha fuq il-kummerċ. Fi żmien 20 ġurnata mid-data tat-twassil ta' din il-preżentazzjoni, il-Parti l-oħra tista' tressaq, bil-miktub, il-kummenti tagħha dwar id-deskrizzjoni tal-problema. Kull Parti tista' tinkludi fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha kwalunkwe informazzjoni li tqis rilevanti.

2. Il-medjatur jista' jiddeċidi l-aktar mod xieraq biex jiċċara l-miżura u l-impatt possibbli tagħha fuq il-kummerċ. B'mod partikolari l-medjatur jista' jorganizza laqgħat bejn il-Partijiet, jikkonsulta lill-Partijiet b'mod konġunt jew individwalment, ifittex l-assistenza jew jikkonsulta lill-esperti u l-imsieħba interessati rilevanti u jipprovi kwalunkwe appoġġ addizzjonali mill-Partijiet. Madankollu, qabel ifittex l-għajjnuna jew jikkonsulta mal-esperti u l-imsieħba interessati rilevanti, il-medjatur għandu jikkonsulta mal-Partijiet.

3. Il-medjatur għandu joffri pariri u jipproponi soluzzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Partijiet li jistgħu jaċċettaw jew jirrifjutaw s-soluzzjoni proposta jew jistgħu jaqblu fuq soluzzjoni differenti. Madankollu, il-medjatur ma jagħtix pariri jew kummenti fuq il-konsistenza tal-miżura inkwistjoni ma' dan il-Ftehim.

4. Il-proċedura ssir fit-territorju tal-Parti li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba, jew bi ftehim reċiproku fi kwalunkwe post ieħor jew permezz ta' mezzi oħrajn.

5. Il-Partijiet jistinkaw biex jilhqg soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku fi żmien 60 ġurnata mill-ħatra tal-medjatur. Sakemm jinltahaq ftehim aħħari, il-Partijiet jistgħu jikkonsidraw soluzzjonijiet interim possibbli, speċjalment jekk il-miżura jkollha x'taqsam ma' oġġetti li jitħassru.

6. Is-soluzzjoni tista' tkun adottata permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ. Xi waħda mill-Partijiet tista' tagħmel soluzzjoni b'hal din suġġetta għat-tlestija ta' kwalunkwe proċedura interna meħtieġa. Soluzzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku jkunu disponibbli pubblikament. Madankollu, il-verżjoni żvelata lill-pubbliku ma' tistax tinkludi kwalunkwe informazzjoni li Parti tkun iddikjarat b'hal kunfidenzjali.

7. Il-proċedura tintemm:

(a) bl-adozzjoni ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku mill-Partijiet, fid-data tal-adozzjoni.

(b) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni ma jwasslu mkien;

- (c) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub ta' Parti wara li jkunu ġew esplorati soluzzjonijiet li jkun sar qbil fuqhom reċiprokament skont il-proċedura ta' medjazzjoni u wara li jkunu kkonsidraw kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta mill-medjatur; jew
- (d) fi kwalunkwe stadju tal-proċedura permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet.

Taqsi ma 2

Implimentazzjoni

Artikolu 332

Implimentazzjoni ta' soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku

1. Fejn il-Partijiet ikunu ftiehem fuq soluzzjoni, kull Parti tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex timplimenta s-soluzzjoni fiż-żmien miftiehem.
2. Il-Parti li qed timplimenta tgħarraf lill-Parti l-oħra bil-miktub b'kull pass jew miżura li tieħu biex timplimenta s-soluzzjoni miftiehma mill-Partijiet.
3. Fuq talba tal-Partijiet, il-medjatur għandu jorog abbozz ta' rapport fattwali bil-miktub lill-Partijiet li jkollu ġabra fil-qosor ta':
 - (a) il-miżura inkwistjoni f'dawn il-proċeduri;
 - (b) il-proċeduri li ġew segwiti; u
 - (c) kwalunkwe soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku li tkun intlaħqet bħala r-riżultat finali ta' dan il-proċeduri inklużi s-soluzzjonijiet interim possibbli.

Il-medjatur jipprova lill-partijiet 15-il ġurnata biex jikkumentaw fuq l-abbozz tar-rapport. Wara li jikkonsidra l-kummenti tal-partijiet ippreżentati f'dak il-perjodu, il-medjatur għandu jippreżenta r-rapport fattwali finali bil-miktub lill-Partijiet fi żmien 15-il jum. Ir-rapport fattwali ma jkunx jinkludi kwalunkwe interpretazzjoni ta' dan il-ftehim.

Taqsi ma 3

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 333

Relazzjoni mas-soluzzjoni ta' dispuți

1. Il-proċedura taħt dan il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni mhijiex maħsuba biex isservi bħala bażi għal proċeduri ta' soluzzjoni ta' dispuți taħt dan il-ftehim jew ftehim ieħor. Parti m'għandhiex tibbaża jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri bħal dawn ta' soluzzjoni ta' dispuți, u bord ma' jistax jikkonsidra:
 - (a) pożizzjonijiet meħuda mill-Parti l-oħra matul il-proċedura ta' medjazzjoni;
 - (b) il-fatt li l-Parti l-oħra indikat ir-rieda li taċċetta soluzzjoni għall-miżura suġġetta għal medjazzjoni; jew
 - (c) pariri mogħtija jew proposti magħmula mill-medjatur.
2. Il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni huwa mingħajr ħsara għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt id-dispożizzjonijiet dwar is-Soluzzjoni ta' Dispuți.
3. Sakemm il-Partijiet ma jiftiehmux mod ieħor, u mingħajr ħsara għall-Artikolu 331(6) ta' dan il-ftehim, il-passi kollha tal-proċedura, inkluż kwalunkwe parir jew soluzzjoni proposta, huma kunfidenzjali. Madankollu, kwalunkwe Parti tista' tiżvela lill-pubbliku li qed issir medjazzjoni.

*Artikolu 334***Limiti ta' żmien**

Kwalunkwe limitu ta' żmien msemmi f'dan il-Kapitolu jista' jiġi estiż bi qbil reċiproku tal-Partijiet.

*Artikolu 335***Kostijiet**

1. Kull Parti ġġarrab il-kostijiet kollha tagħha li jirriżultaw mill-parteeċipazzjoni fil-proċedura ta' medjazzjoni.
2. Il-Partijiet jaqsmu b'mod konġunt u ugwali l-ispejjeż li jiġu minn kwistjonijiet organizzazzjonali inklużi r-rimunerazzjonijiet u l-ispejjeż tal-medjatur, kwalunkwe assistent tal-medjatur u, fil-każ fejn il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq lingwa komuni, kull kost assoċjat mat-traduzzjoni. Ir-rimunerazzjoni tal-medjatur tkun bi qbil ma' dak previst għall-President tal-Bord ta' arbitraġġ fil-paragrafu 8 tal-Anness XXIV ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 336***Reviżjoni**

Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jikkonsultaw lil xulxin dwar il-ħtieġa li jimmodifikaw il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni fid-dawl tal-esperjenza miġsuba u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu korrispondenti fid-WTO.

TITOLU V

KOPERAZZJONI EKONOMIKA U SETTORJALI

KAPITOLU 1

Koperazzjoni fl-enerġija, inklużi kwistjonijiet nukleari*Artikolu 337*

1. Il-Partijiet jaqblu li jkomplu u jintensifikaw il-koperazzjoni attwali tagħhom dwar kwistjonijiet tal-enerġija għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, il-kompetittività u s-sostenibbiltà, li hi kruċjali għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku, u jipprogressaw lejn l-integrazzjoni tas-suq inkluż permezz ta' approssimazzjoni gradwali fis-settur tal-enerġija u permezz tal-parteeċipazzjoni fil-koperazzjoni reġjonali tal-enerġija. Il-koperazzjoni regolatorja tikkonsidra l-ħtieġa li wieħed jiżgura l-obbligi rilevanti tas-servizz pubbliku, inklużi miżuri biex il-konsumaturi jiġu informati u mħarsa minn prattiċi iġusti ta' bejgħ, u aċċess għal enerġija affordabbli għall-konsumaturi, inkluż għall-aktar ċittadini vulnerabbli.
2. Tali koperazzjoni tkun imsejsa fuq sħubija komprensiva u tkun iggwidata mill-prinċipji ta' interess reċiproku, reċiproċità, trasparenza u prevedibbiltà, konsistenti mal-ekonomija tas-suq, it-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija tal-1994, il-Memorandum ta' Ftehim dwar koperazzjoni fil-qasam tal-enerġija u ftehimiet oħra multilaterali u bilaterali relatati.

Artikolu 338

Koperazzjoni reċiproka tkopri, fost l-oħrajn, l-oqsma li ġejjin:

- (a) l-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-politiki dwar l-enerġija u l-iżvilupp/ l-elaborazzjoni tal-previżjonijiet u x-xenarji, kif ukoll it-titjib tas-sistema tal-irreġstrar tal-istatistika fis-settur tal-enerġija fuq il-bażi ta' skambju ta' informazzjoni f'waqta dwar il-bilanċi tal-enerġija u l-flussi tal-enerġija, skont il-prattiċi internazzjonali, kif ukoll żviluppi fl-infrastruttura;
- (b) it-twaqqif ta' mekkaniżmi effettivi biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet potenzjali ta' kriżi fi spirtu ta' solidarjetà;
- (c) Il-modernizzazzjoni u t-titjib tal-infrastrutturi eżistenti tal-enerġija ta' interess komuni, inklużi l-kapaċitajiet u l-integrità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, is-sikurezza u s-sigurtà tan-netwerks tal-enerġija, l-integrazzjoni progressiva tan-netwerk tal-elettriku tal-Ukraina fin-netwerk Ewropew tal-elettriku, kif ukoll ir-riabilitazzjoni sħiħa tal-infrastruttura tat-tranżitu tal-enerġija u l-istallazzjoni ta' sistemi ta' metering traskonfinali fuq il-fruntieri esterni tal-Ukraina, u l-istabiliment ta' infrastrutturi ġodda tal-enerġija ta' interess komuni sabiex jiġu ddiversifikati s-sorsi, il-fornituri u r-rotot tat-trasport u l-metodi tat-trasport tal-enerġija b'mod ekonomiku u ambjentalment sod;

- (d) l-iżvilupp ta' swieq tal-enerġija kompetittivi, trasparenti u non-diskriminatorji b'konverġenza mar-regoli u l-istandards tal-UE permezz ta' riformi regolatorji;
- (e) koperazzjoni fil-qafas tat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija tal-2005;
- (f) it-titjib u t-tisih tal-istabbiltà u s-sigurtà fit-tul tal-kummerċ, t-tranżitu, l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni, r-raffinar, il-produzzjoni, il-ħażna, it-trasport, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-enerġija, jew bejgħ ta' materjal u prodotti tal-enerġija fuq bażi reċiproka u non-diskriminatorja, skont ir-regoli internazzjonali, b'mod partikolari t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija tal-1994, il-Ftehim tad-WTO u dan il-Ftehim;
- (g) progress lejn klima ta' investment attraenti u stabbli bl-indirizzar ta' kundizzjonijiet istituzzjonali, legali, fiskali u oħrajn, u l-inkoraġġiment ta' investimenti reċiproċi fil-qasam tal-enerġija fuq bażi non-diskriminatorja;
- (h) koperazzjoni effiċjenti mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD) u organizzazzjonijiet u strumenti finanzjarji internazzjonali oħrajn biex japoġġaw il-koperazzjoni fl-enerġija bejn il-Partijiet;
- (i) promozzjoni tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u ffrankar tal-enerġija, inkluż permezz tal-istabiliment ta' politiki dwar l-effiċjenza tal-enerġija u oqfsa legali u regolatorji, bl-għan li jkun hemm titjib kbir li jikkorrispondi mal-istandards tal-UE, inkluża l-ġenerazzjoni, il-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu effiċjenti tal-enerġija, kompatibbli mal-funzjonament tal-mekkaniżmi tas-suq, kif ukoll l-utilizzazzjoni effiċjenti tal-enerġija, fl-apparati, id-dwal u l-bini;
- (j) żvilupp u appoġġ ta' enerġija rinnovabbli b'mod ekonomiku u ambjentalment sod, kif ukoll fjuwils alternattivi, inkluż il-produzzjoni sostenibbli tal-bijofjuwil, u l-koperazzjoni fuq kwistjonijiet regolatorji, ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni kif ukoll fuq l-iżvilupp teknoloġiku u kummerċjali;
- (k) promozzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Implimentazzjoni Konġunta taħt il-Protokoll ta' Kyoto għal Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-1997 biex jitnaqqas l-emmissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra permezz tal-effiċjenza tal-enerġija u proġetti tal-enerġija rinnovabbli;
- (l) koperazzjoni xjentifika u teknika u skambju ta' informazzjoni għall-iżvilupp u t-titjib ta' teknoloġiji tal-produzzjoni, t-trasport, il-forniment u l-użu aħħari tal-enerġija, b'attenzjoni partikolari għat-teknoloġiji li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, inkluż għir u ħżin tad-diossidu tal-karbonju u teknoloġiji effiċjenti u nodfa tal-faħam, skont prinċipji stabbiliti kif stipulati, fost l-oħrajn, fil-Ftehim dwar Koperazzjoni fix-Xjenza u t-Teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina.
- (m) koperazzjoni fil-qafas ta' korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej u internazzjonali fil-qasam tal-enerġija.

Artikolu 339

Il-Partijiet jiskambjaw l-informazzjoni u l-esperjenza, kif ukoll jipprovdu appoġġ rilevanti għall-proċess tar-riformi regolatorji, li tinkludi r-ristrutturar tas-settur tal-faħam (faħam tal-istim, faħam għall-kokk u tal-linjite) sabiex iżżid il-kompetittività tagħha, itejbu s-sikurezza tal-mini u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u jitnaqqas l-impatt ambjentali, filwaqt li jkun ikkunsidrat l-impatt soċjali u reġjonali. Sabiex tiżdied l-effiċjenza, il-kompetittività, u s-sostenibbiltà, il-proċess ta' ristrutturar jeħtieġ li jkopri l-katina sħiħa tal-valur tal-faħam, jiġifieri minn esplorazzjoni permezz tal-produzzjoni u pproċessar għall-konverżjoni u l-immaniġġar tar-residwi mill-ipproċessar u l-kombustjoni tal-faħam. Dan l-approċċ jinkludi l-irkupru u l-utilizzazzjoni tal-emissjonijiet tal-metan minn mini tal-faħam, kif ukoll dawk minn operazzjonijiet taiż-żejt u l-gass, il-miżblijiet, u s-settur agrikolu, kif stipulat, fost l-oħrajn, fl-Inizjattiva Globali tal-Metanu li l-Partijiet huma Msieħba fiha.

Artikolu 340

Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija kif stabbilit fl-Anness XXVI mal-Kapitolu 1 (Koperazzjoni fl-enerġija, inklużi kwistjonijiet nukleari) tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 341

Approssimazzjoni gradwali tipproċedi skont skeda, kif stabbilit fl-Anness XXVII ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 342

1. Koperazzjoni fis-settur ċiviku nukleari sseħħ permezz tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet speċifiċi f'dan il-qasam konklużi jew li għandhom jiġu konklużi bejn il-Partijiet, skont l-poteri u l-kompetenzi rispettivi tal-UE u l-Istati Membri tagħha, jew il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (EURATOM) u l-Istati Membri tagħha u skont il-proċeduri legali ta' kull Parti.

2. Tali koperazzjoni tiżgura livell għoli ta' sikurezza nukleari, l-użu paċifiku u nadif tal-enerġija nukleari, li jkopri l-attivitajiet ta' enerġija nukleari ċivili kollha u stadji taċ-ċiklu tal-fjuwil, inkluża l-produzzjoni u l-kummerċ ta' materjali nukleari u s-sikurezza u l-aspetti tas-sigurtà tal-enerġija nukleari, u it-tħejjija għall-emerġenzi, kif ukoll kwistjonijiet ambjentali u dawk relatati mas-saħħa u n-nonproliferazzjoni. F'dan il-kuntest, il-koperazzjoni se tinkludi wkoll aktar żvilupp ta' politiki u strutturi legali u regolatorji msejsa fuq il-leġiżlazzjoni u l-prattiki tal-UE, kif ukoll l-istandards tal-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika (AIEA). Il-Partijiet jippromwovu riċerka xjentifika ċivili fl-oqsma tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari, inklużi l-attivitajiet konġunti ta' riċerka u żvilupp u taħriġ u mobbiltà ta' xjenzjati.

3. Il-koperazzjoni tindirizza l-problemi li nqalgħu bħala konsegwenza tad-diżastru ta' Chernobyl, kif ukoll id-dekummissjonament tal-impjant nukleari ta' Chernobyl, b' mod partikolari:

- (a) Il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Kenn (SIP) li jibdel l-unità 4 eżistenti meqruda (Oġġett ta' Kenn) f'sistema ambjentalment sikura;
- (b) ġestjoni ta' fjuwil nukleari użat;
- (c) dekontaminazzjoni tat-territorji;
- (d) ġestjoni ta' skart radjuattiv;
- (e) monitoraġġ tal-ambjent;
- (f) żoni oħra li jistgħu jiġu miftiehma b'mod reċiproku, bħal aspetti mediċi, xjentifiċi, ekonomiċi, regolatorji, soċjali u aspetti amministrattivi tal-isforzi biex itaffu l-konsegwenzi tad-diżastru.

*KAPITOLU 2****Koperazzjoni makroekonomika****Artikolu 343*

L-UE u l-Ukraina jiffaċilitaw il-proċess ta' riforma ekonomika billi jikkoperaw biex itejbu l-fehim tal-elementi fundamentali tal-ekonomiji rispettivi tagħhom u l-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika ekonomika fl-ekonomiji tas-suq. L-Ukraina tagħmel ħilitha sabiex tistabbilixxi ekonomija tas-suq li tiffunzjona u sabiex gradwalment tapprossima l-politika tagħha mal-politika tal-UE, f'konformità mal-prinċipji gwida ta' stabbiltà makroekonomika, finanzi pubbliċi sodi u bilanċ tal-pagamenti sostenibbli.

Artikolu 344

Sabiex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 343 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jikkoperaw sabiex:

- (a) jiskambjaw informazzjoni dwar il-prestazzjoni u l-prospetti makroekonomiċi u dwar l-istrateġiji ta' żvilupp;

- (b) janalizzaw b'mod konġunt kwistjonijiet ekonomiċi ta' interess reċiproku, inkluż miżuri ta' politika ekonomika u l-istrumenti għall-implimentazzjoni tagħhom, bħal metodi għat-tbassir ekonomiku u l-elaborazzjoni ta' dokumenti ta' politika strateġiċi, bil-ħsieb li jissaħħaħ it-tfassil ta' politika tal-Ukraina skont il-prinċipji u l-prattiki tal-UE;
- (c) jiskambjaw għarfien espert fl-isfera tal-makroekonomija;
- (d) koperazzjoni f'dan il-qasam tinkludi wkoll l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-prinċipji u l-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea (EMU).

Artikolu 345

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 2 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 3

Il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi: politika tal-baġit, il-kontroll intern u l-awditjar estern.

Artikolu 346

Il-koperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi għandu jkollha l-għan li tiżgura l-iżvilupp ta' politika tal-baġit u sistemi tajba ta' kontroll pubbliku intern u awditjar estern, fuq il-bażi ta' standards internazzjonali, u li jkun kompatibbli mal-prinċipji fundamentali ta' responsabbiltà, trasparenza, ekonomija, effiċjenza u effikaċja.

Artikolu 347

Il-Partijiet jiskambjaw l-informazzjoni, l-esperjenza, l-aħjar prassi u jieħdu azzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari fuq dan li ġej:

1. Fil-qasam tal-politika baġitarja:

- (a) żvilupp ta' sistema ta' tbassir/ippjanar tal-baġit fuq medda medja ta' żmien;
- (b) titjib ta' approċċi mmirati lejn il-programmi fil-proċess tal-baġit u l-analiżi tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-baġit;
- (c) titjib tal-informazzjoni u l-skambji tal-esperjenza dwar l-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-baġit u fuq id-dejn pubbliku.

2. Fil-qasam tal-awditjar estern:

- l-implimentazzjoni tal-istandards u l-metodi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (INTOSAI) kif ukoll l-iskambju tal-aħjar prassi tal-UE fil-qasam tal-kontroll u l-awditjar esterni tal-finanzi pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għall-indipendenza tal-korpi rilevanti tal-Partijiet;

3. Fil-qasam tal-kontroll finanzjarju intern pubbliku:

- l-iżvilupp ulterjuri ta' sistema ta' kontroll finanzjarju pubbliku intern permezz tal-armonizzazzjoni mal-istandards (l-Istitut tal-Awdituri Interni (IIA), il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC), INTOSAI) u metodoloġiji maqbula internazzjonalment, kif ukoll l-aħjar prassi tal-UE għall-kontroll intern u għall-awditjar intern f'korpi tal-Istat;

4. Fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi:

- It-titjib ta' metodi bil-għan li jikkumbattu u jipprevjenu l-frodi u l-korruzzjoni fiż-żona koperta minn il-Kapitolu 3 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim, inkluża l-koperazzjoni bejn il-korpi amministrattivi rilevanti.

Artikolu 348

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 3 tat-*Titolu V* (*Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali*) ta' dan il-Ftehim.

*KAPITOLU 4****Tassazzjoni****Artikolu 349*

Il-Partijiet jikkoperaw sabiex itejbu l-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, bil-ħsieb li jtejbju aktar ir-relazzjonijiet ekonomiċi, il-kummerċ, l-investment u l-kompetizzjoni ġusta.

Artikolu 350

B'referenza għall-*Artikolu 349* ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jirrikonoxxu u jimpenjaw ruħhom li jimplementaw il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, jiġifieri l-prinċipji ta' trasparenza, skambju ta' informazzjoni u kompetizzjoni ġusta tat-taxxa, kif huma marbuta li jagħmlu l-Istati Membri fil-livell tal-UE. Għal dak il-għan, mingħajr ħsara għall-kompetenzi tal-UE u tal-Istati Membri, il-Partijiet se jtejbju l-koperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa, jiffaċilitaw il-ġbir ta' dħul leġittimu tat-taxxa, u jiżviluppaw miżuri għall-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipji msemmija hawn fuq.

Artikolu 351

Il-Partijiet itejbju u jsaħħu wkoll il-koperazzjoni tagħhom mmirata lejn it-titjib u l-iżvilupp ta' sistema ta' tassazzjoni u amministrazzjoni tal-Ukraina, inkluż it-titjib tal-ġbir u l-kapaċità ta' kontroll, b'attenzjoni speċifika fuq il-proċeduri ta' rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), li tiġi evitata akkumulazzjoni ta' arretrati, l-iżgurar ta' ġbir effettiv tat-taxxa u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa. Il-Partijiet jistinkaw biex itejbju l-koperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-esperjenzi fil-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, partikolarment frodi "karużell".

Artikolu 352

Il-Partijiet jiżviluppaw il-koperazzjoni tagħhom u jarmonizzaw il-politika fil-ġlieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu ta' prodotti suġġetti għas-sisa. Din il-koperazzjoni se tinkludi, fost l-oħrajn, l-approssimazzjoni gradwali tar-rati tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk, safejn possibbli, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet fil-kuntest reġjonali, inkluż permezz ta' djalogu fil-livell reġjonali u skont il-Ftehim tal-Qafas tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-2003. Għal dan il-għan, il-Partijiet se jfittxu li jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom fi ħdan il-kuntest reġjonali.

Artikolu 353

Approssimazzjoni gradwali għall-istruttura tat-tassazzjoni kif stabbilita fl-acquis tal-UE titwettaq skont l-Anness XXVIII ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 354

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 4 tat-*Titolu V* (*Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali*) ta' dan il-Ftehim.

*KAPITOLU 5****Statistika****Artikolu 355*

Il-Partijiet jiżviluppaw u jsaħħu l-koperazzjoni ta' bejniethom dwar kwistjonijiet ta' statistika, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettiv fuq perjodu fit-tul li jipprovdu dejta statistika fil-waqt, komparabbli u affidabbli fuq livell internazzjonali. Huwa mistenni li sistema statistika nazzjonali sostenibbli, effiċjenti u professjonalment indipendenti tipproduċi informazzjoni rilevanti għaċ-ċittadini, għan-negozji u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ukraina u fl-UE, li tippermettilhom biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati fuq din il-bażi. Is-sistema nazzjonali tal-istatistika għandhom jirrispettaw il-Prinċipji Fundamentali tal-Istatistika Uffiċjali tan-NU, billi jqisu l-acquis tal-UE, fl-istatistika inkluż il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea, sabiex tkun armonizzata s-sistema nazzjonali tal-statistika man-normi u l-standards Ewropej. L-acquis fl-istatistika huwa stipulat fil-Kompendju tar-Rekwiżiti Statistiċi aġġornatkull sena, li hu meqjus mill-Partijiet kif anness ma' dan il-Ftehim (Anness XXIX).

Artikolu 356

Il-koperazzjoni tkun immirata lejn:

- (a) it-tisħiħ ulterjuri tal-kapaċità tas-sistema nazzjonali tal-istatistika, li tiffoka fuq bażi legali soda, politika ta' disseminazzjoni adegwata ta' dejta u l-metadejta u l-faċilità ta' użu għall-utent;
- (b) approssimazzjoni gradwali tas-sistema tal-istatistika tal-Ukraina mas-Sistema Ewropea tal-Istatistika;
- (c) Irfinar tal-forniment ta' dejta lill-UE, waqt li tiġi kkonsiderata l-applikazzjoni ta' metodoloġiji rilevanti internazzjonali u Ewropej, inklużi l-klassifikazzjonijiet;
- (d) it-titjib tal-kapaċità professjonali u ta' amministrazzjoni tal-persunal nazzjonali tal-istatistika biex tiġi ffaċilita l-applikazzjoni ta' standards statistiċi tal-UE u biex ikun hemm kotribut għall-iżvilupp tas-sistema tal-istatistika tal-Ukraina;
- (e) l-iskambju ta' esperjenza bejn il-Partijiet dwar l-iżvilupp tal-għarfien statistiku;
- (f) il-promozzjoni ta' ġestjoni tal-kwalità tal-proċessi tal-produzzjoni u disseminazzjoni kollha tal-istatistika.

Artikolu 357

Il-Partijiet jikkoperaw fi ħdan il-qafas tas-Sistema Statistika Ewropea, fejn l-Eurostat huwa l-awtorità tal-istatistika tal-UE. Tali koperazzjoni tiffoka, fost l-oħrajn, fuq l-oqsma ta':

- (a) l-istatistika tal-popolazzjoni, inklużi ċensimenti;
- (b) l-istatistika agrikola, inklużi ċensimenti agrikoli u l-istatistika ambjentali;
- (c) l-istatistika tan-negozju, inkluż ir-reġistri kummerċjali u l-użu ta' sorsi amministrattivi għal għanijiet ta' statistika;
- (d) l-enerġija, inklużi bilanċi;
- (e) il-kontijiet nazzjonali;
- (f) l-istatistika dwar il-kummerċ ma' barra;
- (g) l-istatistika reġjonali;
- (h) il-ġestjoni totali tal-kwalità tal-proċessi tal-produzzjoni u disseminazzjoni kollha tal-istatistika.

Artikolu 358

Il-Partijiet, fost l-oħrajn, jiskambjaw informazzjoni u għarfien espert, u jiżviluppaw il-koperazzjoni tagħhom, billi jikkonsidraw l-esperjenza diġà akkumulata fir-riforma tas-sistema statistika mnedija fi ħdan il-qafas ta' diversi programmi ta' assistenza. L-isforzi jiġu mmirati lejn aktar approssimazzjoni gradwali mal-acquis tal-UE fl-istatistika fuq il-bażi tal-istrateġija nazzjonali għall-iżvilupp tas-sistema tal-istatistika tal-Ukraina, waqt li jitqies l-iżvilupp tas-Sistema Statistika Ewropea. Fil-proċess tal-produzzjoni tad-dejta statistika, l-enfażi se tkun fuq l-iżvilupp ulterjuri ta' kampjuni tal-istħarriġ, filwaqt li tiġi kkonsiderata l-ħtieġa li jitnaqqas il-piż tar-rispons. Id-dejta tkun rilevanti għat-tfassil u l-monitoraġġ tal-politiki fl-oqsma prinċipali kollha tal-ħajja soċjali u ekonomika.

Artikolu 359

Iseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 5 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim. Safejn ikun possibbli, l-attivitajiet li jsiru fi ħdan is-sistema tal-Istatistika Ewropea għandhom ikunu miftuħa għal parteċipazzjoni tal-Ukraina skont regoli ta' parteċipazzjoni normali għal pajjiżi terzi.

*KAPITOLU 6***Ambjent***Artikolu 360*

Il-Partijiet jżviluppaw u jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom dwar kwistjonijiet ambjentali, biex b'hekk ikun hemm kontribut għall-oġettiv tal-iżvilupp sostenibbli fit-tul u ekonomija ekoloġika. Huwa mistenni li l-protezzjoni ambjentali msaħħa għib benefiċċji liċ-ċittadini u n-negozji fl-Ukraina u fl-UE, anke permezz ta' titjib tas-saħħa pubblika, il-preservazzjoni tar-riżorsi naturali, l-effiċjenza ekonomika u ambjentali ikbar, l-integrazzjoni tal-ambjent f'oqsma oħra ta' politika, u produzzjoni oġhla bħala riżultat ta' teknoloġiji moderni. Il-koperazzjoni titwettaq waqt li jiġu kkunsidrati l-aħjar interessi tal-Partijiet fuq il-bażi ta' ugwaljanza u benefiċċju reċiproku waqt li tkun ikkunsidrata wkoll l-interdipendenza eżistenti bejn il-Partijiet fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u relatata mal-ftehimiet multilaterali.

Artikolu 361

Il-koperazzjoni timmira lejn il-preservazzjoni, l-protezzjoni, it-titjib u r-rijabilitazzjoni tal-kwalità tal-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa umana, l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, fost l-oħrajn fl-oqsma ta':

- (a) tibdil fil-klima,
- (b) governanza ambjentali u kwistjonijiet orizzontali, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-aċċess għal informazzjoni ambjentali u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (c) il-kwalità tal-arja;
- (d) il-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, inkluż l-ambjent tal-baħar;
- (e) l-immaniġġar tal-iskart u tar-riżorsi;
- (f) il-protezzjoni tan-natura, inklużi l-konservazzjoni u l-protezzjoni tad-diversità bijoloġika u tal-pajsaġġ (netwerks ekoloġiċi);
- (g) it-tniġġis industrijali u perikli industrijali;
- (h) il-kimiċi;
- (i) l-organiżmi ġenetikament modifikati, inkluż fil-qasam tal-agrikoltura;
- (j) it-tniġġis mill-istorbju;
- (k) il-protezzjoni ċivili, inkluż il-perikli naturali u daww ikkawżati mill-bniedem;
- (l) l-ambjent urban;
- (m) it-tariffi ambjentali.

Artikolu 362

1. Il-Partijiet, fost l-oħrajn:

- (a) jiskambjaw informazzjoni u kompetenzi;

- (b) jimplimentaw attivitajiet ta' riċerka konġunti u jiskambjaw informazzjoni fuq teknoloġiji aktar nodfa;
 - (c) jipplanaw għall-immaniġġar ta' diżastri u sitwazzjonijiet oħra ta' emerġenza;
 - (d) jimplimentaw attivitajiet konġunti fil-livell reġjonali u internazzjonali, inkluż fir-rigward ta' ftehimiet ambjentali multilaterali ratifikati mill-Partijiet u attivitajiet konġunti fil-qafas tal-aġenziji rilevanti kif xieraq.
2. Il-Partijiet jaġhtu importanza speċjali lil kwistjonijiet transkonfinali.

Artikolu 363

L-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tal-Ukraina mal-politika u l-liġi tal-UE dwar l-ambjent tippoċedi skont l-Anness XXX.

Artikolu 364

Il-koperazzjoni fis-settur tal-protezzjoni ċivili għandu jseħħ permezz tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet speċifiċi f'dan il-qasam konklużi bejn il-Partijiet skont is-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha u skont il-proċeduri legali ta' kull Part. Hija jkollha l-għan fost l-oħrajn li:

- (a) tiffaċilita l-ghajjnuna reċiproka f'każ ta' emerġenzi;
- (b) tiskambja fuq bażi ta' 24 siegħa twissijiet bikrin u informazzjoni aġġornata dwar emerġenzi transkonfinali, inkluż talbiet għal u offerti ta' assistenza;
- (c) valutazzjoni tal-impatt ambjentali ta' diżastri;
- (d) tistieden esperti għal gruppi ta' ħidma u simpożja tekniċi u speċifiċi dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni ċivili;
- (e) tistieden, fuq bażi ta' każ b'każ, osservaturi għal eżerċizzji u attivitajiet ta' taħriġ speċifiċi organizzati mill-UE u/jew l-Ukraina;
- (f) issaħħaħ il-koperazzjoni eżistenti fuq l-użu l-aktar effettiv tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili disponibbli.

Artikolu 365

Il-koperazzjoni reċiproka tkopri, fost l-oħrajn, l-oġġettivi li ġejjin:

- (a) l-iżvilupp ta' strateġija ġenerali dwar l-ambjent, li tkopri riformi istituzzjonali pplanati (bi skedi) biex jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ambjentali; it-tqasim tal-kompetenzi għall-amministrazzjoni tal-ambjent fuq livelli nazzjonali, reġjonali u muniċipali; il-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet; Il-proċeduri għal promozzjoni tal-integrazzjoni tal-ambjent f'oqsma oħra ta' politika; l-identifikazzjoni ta' riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa u mekkaniżmu ta' revizzjoni;
- (b) l-iżvilupp ta' strateġiji settorjali dwar il-kwalità tal-arja; il-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, inkluż l-ambjent tal-baħar; l-immaniġġar tal-iskart u tar-riżorsi; il-ħarsien tan-natura; it-tniġġis industrijali u l-perikli u l-kimiċi industrijali, inklużi skedi u passi importanti għall-implimentazzjoni definiti b'mod ċar, ir-responsabbiltajiet amministrattivi kif ukoll l-istrateġiji tal-finanzjament għal investimenti fl-infrastruttura u t-teknoloġija;
- (c) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika dwar it-tibdil fil-klima, b'mod partikolari kif elenkati fl-Anness XXXI ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 366

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 6 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 7

Trasport

Artikolu 367

Il-Partijiet:

- (a) jespandu u jsaħħu l-koperazzjoni tat-trasport tagħhom biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport sostenibbli;
- (b) jippromwovu operazzjonijiet tat-trasport effiċjenti u siguri kif ukoll l-intermodalità u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' trasport;
- (c) ifittxu li jtejbu l-konnessjonijiet ewlenin tat-trasport bejn it-territorji tagħhom.

Artikolu 368

1. Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet jkollha l-għan li tiffaċilita r-ristrutturazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukraina fis-settur tat-trasport u l-approssimazzjoni gradwali lejn standards u politiki operattivi kumparabbli ma' dawk użati fl-UE, partikolarment billi bl-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Anness XXXII ma' dan il-Ftehim, mingħajr ħsara għall-obbligi li joħorġu minn ftehimiet speċifiċi ta' trasport konklużi bejn il-Partijiet. L-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija hawn fuq ma jiksrux id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet taħt ftehimiet internazzjonali li huma partijiet għalihom, jew il-parteċipazzjoni taagħhom f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

2. Il-koperazzjoni timmira wkoll lejn it-titjib tal-moviment ta' passiġġieri u merkanzija, iżżid il-fluwidità tal-flussi tat-trasport bejn l-Ukraina, l-UE u pajjiżi terzi fir-reġjun, billi tneħħi ostakli amministrattivi, tekniċi, transkonfinali u oħrajn, ittejjeb in-netwerks tat-trasport u l-infrastruttura b'mod partikolari fuq l-assi prinċipali li jgħaqqdu lill-Partijiet. Din il-koperazzjoni tinkludi azzjonijiet biex jiffaċilitaw il-qsim tal-fruntieri.

3. Il-koperazzjoni tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni u attivitajiet konġunti:

- fil-livell reġjonali, b'mod partikolari meta jitqies u jiġi integrat il-progress miksub taħt diversi arranġamenti ta' koperazzjoni reġjonali tat-trasport bħal Bord għat-Trasport tal-Partenarjat tal-Lvant, Kuritur ta' Trasport Ewropa-Kawkasu-Asja (TRACECA), il-proċess ta'Baku u inizjattivi oħra ta' trasport;
- fil-livell internazzjonali inkluż fir-rigward ta' organizzazzjonijiet internazzjonali tat-trasport u ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali ratifikati mill-Partijiet, fil-qafas tad-diversi aġenziji tat-trasport tal-UE.

Artikolu 369

Din il-koperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn, l-oqsma li ġejjin:

- (a) l-iżvilupp sostenibbli tal-politika tat-trasport nazzjonali li jkopri l-mezzi kollha tat-trasport, partikolarment bil-ħsieb li jiżguraw sistemi tat-trasport effiċjenti u siguri u l-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet tat-trasport f'oqsma oħra ta' politika;
- (b) l-iżvilupp ta' strateġiji settorjali fid-dawl tal-politika nazzjonali dwar it-trasport (inkluż rekwiżiti ġuridiċi għat-titjib tal-apparat tekniku u tal-flotot tat-trasport biex jissodisfaw l-oġhla standards internazzjonali) tat-triq, bil-ferrovija, fuq passaġġi interni tal-ilma, l-avjazzjoni, it-trasport marittimu u l-intermodalità, inklużi l-iskedi u l-passi importanti għall-implimentazzjoni, ir-responsabbiltajiet amministrattivi u l-pjanijiet tal-iffinanzjar;

- (c) l-iżvilupp ta' netwerk konness ma' trasport multimodali tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) u titjib ta' politika dwar l-infrastruttura sabiex ikunu identifikati aħjar u evalwati l-proġetti infrastrutturali fid-diversi mezzi ta' trasport. L-iżvilupp ta' strateġiji ta' finanzjament li jiffukaw fuq il-manutenzjoni, il-limiti tal-kapaċità u tal-lakuna fl-infrastruttura kif ukoll l-attivazzjoni u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tas-settur privat fil-proġetti tat-trasport kif stabbilit fl-Anness XXXIII ma' dan il-Ftehim;
- (d) l-adeżjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti tat-trasport u ftehimiet li jinkludu l-proċeduri biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni stretta u l-infurzar effettiv ta' ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali tat-trasport;
- (e) koperazzjoni xjentifika u teknika u skambju ta' informazzjoni għall-iżvilupp u t-titjib tat-teknoloġiji fit-trasport, bħal sistemi ta' trasport intelliġenti;
- (f) il-promozzjoni tal-użu ta' sistemi intelliġenti tat-trasport u t-teknoloġija tal-informatika fil-ġestjoni u t-tħaddim tal-mezzi kollha tat-trasport kif ukoll l-appoġġ tal-intermodalità u l-koperazzjoni fl-użu ta' sistemi spazjali u applikazzjonijiet kummerċjali fl-iffaċilitar tat-trasport.

Artikolu 370

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 7 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 8

Spazju

Artikolu 371

1. Il-Partijiet jippromwovu koperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku dwar riċerka spazjali ċivili u l-applikazzjonijiet spazjali, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

- (a) sistemi globali għan-navigazzjoni bis-satellita;
- (b) osservazzjoni tad-dinja u monitoraġġ globali;
- (c) xjenza spazjali u esplorazzjoni;
- (d) teknoloġiji spazjali applikati, inkluż it-teknoloġija tal-propulsjoni u l-lanċatur.

2. Il-Partijiet se jinkoraġġixxu u jippromwovu l-iskambju ta' esperjenza dwar il-politika spazjali, l-amministrazzjoni u aspetti legali, kif ukoll dwar ristrutturar industrijali u l-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji spazjali.

Artikolu 372

1. Il-koperazzjoni tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politiki u l-programmi ta' xulxin u l-opportunitajiet rilevanti għall-koperazzjoni u proġetti konġunti, inkluża l-parteċipazzjoni ta' entitajiet tal-Ukraina fit-temi rilevanti tal-Ispazju u t-Trasport tal-Programm Qafas tal-UE li jmiss għall-Orizzont ta' Riċerka u Innovazzjoni 2020.

2. Il-Partijiet se jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-iskambji ta' xjenzati u l-ħolqien tan-netwerks rilevanti.

3. Il-koperazzjoni tista' tkopri wkoll skambju ta' esperjenza dwar il-ġestjoni dwar ir-riċerka spazjali u l-istituzzjonijiet xjentifiċi, kif ukoll l-iżvilupp ta' ambjent favorevoli għar-riċerka u fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-ħarsien adegwat rilevanti tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali, industrijali u kummerċjali.

Artikolu 373

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 8 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim inkluż, kif xieraq, kordinazzjoni u koperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea tal-ispazju fuq dawn u suġġetti rilevanti oħra.

KAPITOLU 9

Koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija

Artikolu 374

Il-Partijiet jiżviluppaw u jsaħħu l-koperazzjoni xjentifika u teknoloġika tagħhom sabiex jikkontribwixxu kemm għall-iżvilupp xjentifiku innifsu, u biex isaħħu l-potenzjal xjentifiku tagħhom biex jikkontribwixxu għas-soluzzjoni ta' sfidi nazzjonali u globali. Il-Partijiet jistinkaw biex jikkontribwixxu għall-progress li jakkwistaw l-għarfien xjentifiku u teknoloġiku rilevanti għal żvilupp ekonomiku sostenibbli, billi jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom ta' riċerka u l-potenzjal uman. Il-qsim u l-ġbir flimkien tal-għarfien xjentifiku ser jikkontribwixxu lejn il-kompetittività tal-Partijiet, billi tiżdied il-kapaċità tal-ekonomiji tagħhom biex tiġġenera u tuża t-tagħrif biex jikkummerċjalizzaw prodotti u servizzi ġodda. Fl-aħħarnett, il-Partijiet se jiżviluppaw il-potenzjal xjentifiku tagħhom sabiex jissodisfaw ir-responsabbiltajiet u l-impenji globali tagħhom foqsmha bħal kwistjonijiet relatati mas-saħħa, il-protezzjoni ambjentali inkluż it-tibdil fil-klima u sfidi globali oħra.

Artikolu 375

1. Tali koperazzjoni tikkonsidra l-qafas formali għall-koperazzjoni stabbilit bil-Ftehim dwar il-Koperazzjoni fix-Xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukraina, kif ukoll l-oġettiv tal-Ukraina li gradwalment tersaq qrib lejn il-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ix-xjenza u t-teknoloġija.
2. Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-involvement tal-Ukraina fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.
3. Tali koperazzjoni tgħin lill-Ukraina fir-riforma u r-riorganizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tax-xjenza u tal-istituzzjonijiet ta' riċerka tagħha (inkluż it-tisħiħ tal-kapaċità tagħha għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku) sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' ekonomija kompetittiva u soċjetà msejsa fuq l-għarfien.

Artikolu 376

Il-koperazzjoni ssir, partikolarment permezz ta':

- (a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-politiki ta' xulxin dwar ix-xjenza u t-teknoloġija;
- (b) il-parteċipazzjoni fil-Programm Qafas tal-UE li jmiss għall-Orizzont ta' Riċerka u Innovazzjoni 2020;
- (c) l-implimentazzjoni konġunta ta' programmi xjentifiċi u ta' attivitajiet ta' riċerka;
- (d) l-attivitajiet konġunti ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku li jkollhom l-għan li jinkoraġġixxu l-progress xjentifiku u t-trasferiment ta' teknoloġija u kompetenza;
- (e) it-taħriġ permezz ta' programmi ta' mobbiltà għal riċerkaturi u speċjalisti;
- (f) l-organizzazzjoni ta' attivitajiet/miżuri konġunti għall-iżvilupp tax-xjenza u t-teknoloġija;
- (g) Il-miżuri ta' implimentazzjoni li jkollhom l-għan li jgħinu fl-iżvilupp ta' ambjent favorevoli għar-riċerka u fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-ħarsien adegwat tal-proprietà intellettuali tar-riżultati tar-riċerka;

- (h) it-titjib tal-koperazzjoni fuq livell reġjonali u internazzjonali, speċjalment fil-kuntest tal-Baħar l-Iswed u fl-ambitu ta' organizzazzjonijiet multilaterali, bħall-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), l-Organizzazzjoni għall-Koperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp (OECD) u l-Grupp tat-8 (G8), kif ukoll fil-kuntest ta' ftehimiet multilaterali, bħall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) tal-1992;
- (i) l-iskambju ta' kompetenzi dwar il-ġestjoni ta' istituzzjonijiet tar-riċerka u xjentifiċi sabiex jiġu żviluppati u mtejbni il-kapaċitajiet tagħhom fit-tmexxija u l-parteċipazzjoni ta' riċerki xjentifiċi.

Artikolu 377

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 9 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 10

Politika industrijali u tal-impriżi

Artikolu 378

Il-Partijiet jiżviluppaw u jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom dwar il-politika industrijali u tal-impriżi, u b'hekk jittejjeb l-ambjent kummerċjali għall-operaturi ekonomiċi kollha, iżda b'enfasi partikolari fuq l-impriżi żgħar u medji (SMEs). Il-koperazzjoni msaħħa ttejjeb il-qafas amministrattiv u regolatorju kemm għan-negozi tal-Ukraina kif ukoll dawk tal-UE li joperaw fl-Ukraina u fl-UE, u għandha tkun bbażata fuq l-politiki industrijali tal-SMEs tal-UE u, filwaqt li jiġu kkonsidrati l-prinċipji u l-prattiki rikonoxxuti internazzjonalment f'dan il-qasam.

Artikolu 379

Sabiex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 378 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jikkoperaw sabiex:

- (a) jimplementaw strateġiji għall-iżvilupp tal-SMEs, ibbażati fuq il-prinċipji tal-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar, u jissorveljaw il-proċess tal-implimentazzjoni permezz ta' rappurtar u djalogu annwali. Din il-koperazzjoni se tinkludi wkoll enfasi fuq mikrointrapriżi u intrapriżi tas-snaġja, li huma importanti ferm kemm għall-ekonomiji tal-UE kif ukoll dawk tal-Ukraina;
- (b) joħolqu qafas ta' kundizzjonijiet aħjar permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u pratiika tajba, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività ikbar. Din il-koperazzjoni se tinkludi l-ġestjoni ta' bidliet strutturali (ristrutturazzjoni) u kwistjonijiet dwar l-ambjent u l-enerġija, bħall-effiċjenza tal-enerġija u l-produzzjoni aktar nadifa;
- (c) jissimplifikaw u jirrazzjonalizzaw regolamenti u Prattika regolatorja, b'enfasi speċifika fuq l-iskambju ta' Prattika tajba dwar tekniki regolatorji, inklużi l-prinċipji tal-UE;
- (d) jinkoraġġixxu l-iżvilupp tal-politika tal-innovazzjoni, permezz ta' skambju ta' informazzjoni u Prattika tajba dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' riċerka u żvilupp (inkluż strumenti ta' appoġġ għal negozji ġodda bbażati fuq it-teknoloġija), l-iżvilupp tal-clusters u l-aċċess għall-finanzjament;
- (e) iħeġġu aktar kuntatti bejn negozji tal-UE u tal-Ukraina u bejn dawn in-negozji u l-awtoritajiet fl-Ukraina u fl-UE;
- (f) jappoġġaw l-istabbiliment ta' attivitajiet ta' promozzjoni tal-esportazzjoni fl-Ukraina;
- (g) jiffaċilitaw il-modernizzazzjoni u r-ristrutturar tal-industrija tal-Ukraina u tal-UE f' ċerti setturi.

Artikolu 380

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 10 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim. Dan se jinvolvi rappreżentanti ta' negozji tal-UE u tal-Ukraina.

KAPITOLU 11

Minjieri u metalli

Artikolu 381

Il-Partijiet jiżviluppaw u jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom relatata mal-minjieri u l-industrija tal-metalli, bil-ħsieb li jiġi promoss l-għarfien reċiproku, it-titjib tal-ambjent tan-negozju, skambju ta' informazzjoni u koperazzjoni dwar kwistjonijiet mhux tal-enerġija, li jirrigwardaw partikolarment minjieri ta' minerali metalliċi u minerali industrijali. Din il-koperazzjoni hi mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet dwar il-faħam kif imsemmija fl-Artikolu 339 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 382

Sabiex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 381 ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jikkoperaw sabiex:

- (a) jiskambjaw informazzjoni dwar sitwazzjonijiet bażiċi dwar l-industrija tagħhom tal-minjieri u tal-metalli;
- (b) jiskambjaw informazzjoni dwar il-prospetti tal-minjieri tal-UE u tal-Ukraina u l-industrija tal-metalli f'termini ta' tbassir ta' konsum, produzzjoni u tas-swieq;
- (c) jiskambjaw informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-Partijiet sabiex jiffaċilitaw l-proċess ta' ristrutturar f'dawn is-setturi;
- (d) jiskambjaw l-informazzjoni u l-aħjar prattiki fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli tas-settur tal-minjieri u l-industrija tal-metalli fl-Ukraina u fl-UE.

KAPITOLU 12

Servizzi finanzjarji

Artikolu 383

Filwaqt li jirrikonoxxu li sett ta' regoli u prattiki effettivi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji huwa meħtieġ biex jistabbilixxu ekonomija tas-suq li tiffunzjona bis-sħiħ u sabiex irawmu skambji kummerċjali fost il-Partijiet, il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bil-ħsieb li:

- (a) jappoġġaw il-proċess ta' adattament tar-regolamentazzjoni tas-servizzi finanzjarji għall-bżonnijiet ta' ekonomija ta' suq miftuħ;
- (b) jiżguraw protezzjoni effettiva u xierqa lil investituri u konsumaturi oħrajn tas-servizzi finanzjarji;
- (c) jiżguraw l-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tagħhom.
- (d) jippromwovu koperazzjoni bejn l-atturi differenti tas-sistema finanzjarja, inklużi regolaturi u kontrolluri;
- (e) jiżguraw superviżjoni effettiva u indipendenti.

Artikolu 384

1. Il-Partijiet jinkoraġġixxu l-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji u superviżorji rilevanti, fosthom l-iskambju ta' informazzjoni, il-kondiviżjoni ta' għarfien esperti dwar is-swieq finanzjarji u miżuri oħra bħal dawn.

2. Tingħata attenzjoni speċjali għall-iżvilupp ta' kapaċità amministrattiva ta' dawn l-awtoritajiet, fost l-oħrajn permezz tal-iskambji ta' persunal u taħriġ konġunt.

Artikolu 385

Il-Partijiet jippromwovu l-approssimazzjoni gradwali ma' standards internazzjonali rikonoxxuti fuq ir-regolazzjoni u s-supervizzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji. Partijiet rilevanti tal-acquis tal-UE fil-qasam tas-servizzi finanzjarji huma koperti fil-Kapitolu 6 (Stabbiliemnt, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim,

Artikolu 386

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 12 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 13

Liġi tal-kumpaniji, governanza korporattiva, kontabilità u awditjar*Artikolu 387*

1. Filwaqt li jagħrfu l-importanza ta' set ta' regoli u prattiki effettivi fl-oqsma tal-liġi tal-kumpaniji u l-governanza korporattiva, kif ukoll fil-kontabbiltà u l-verifika, għall-ħolqien ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona tajjeb u biex jindokraw il-kummerċ, il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw:

- (a) dwar il-protezzjoni tal-azzjonisti, tal-kredituri u partijiet oħra interessati f' konformità mar-regoli tal-UE f'dan il-qasam, kif elenkati fl-Anness XXXIV ta' dan il-Ftehim;
- (b) dwar l-introduzzjoni ta' standards internazzjonali rilevanti fuq livell nazzjonali u approssimazzjoni gradwali mal-liġi tal-UE fil-qasam tal-kontabbiltà u l-awditjar, kif elenkati fl-Anness XXXV ma' dan il-Ftehim;
- (c) dwar aktar żvilupp ta' politika dwar il-governanza korporattiva f'konformità mal-istandards internazzjonali, kif ukoll approssimazzjoni gradwali mar-regoli tal-UE u rakkomandazzjonijiet f'dan il-qasam, kif elenkati fl-Anness XXXVI.

2. Il-Partijiet se jimmiraw li jaqsmu informazzjoni u kompetenza dwar kemm is-sistemi eżistenti u żviluppi ġodda rilevanti f'dawn l-oqsma. Barra minn hekk, il-Partijiet se jfittxu li jtejbju l-iskambju tal-informazzjoni bejn ir-reġistru nazzjonali tal-Ukraina u r-reġistri tan-negozju tal-Istati Membri tal-UE.

Artikolu 388

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 13 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 14

Soċjetà tal-informazzjoni*Artikolu 389*

Il-Partijiet isaħħu l-koperazzjoni tagħhom dwar l-iżvilupp tas-soċjetà tal-informazzjoni għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji permezz tad-disponibbiltà wiesgħa tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u permezz ta' kwalità aħjar ta' servizzi bi prezzijiet raġonevoli. Din il-koperazzjoni se tiffaċilita wkoll l-aċċess għas-swieq għal servizzi ta' komunikazzjoni elettronika, tiknoraġġixxi l-kompetizzjoni u l-investment fis-settur.

Artikolu 390

Il-koperazzjoni timmira lejn l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali tas-soċjetà tal-informazzjoni, lejn l-iżvilupp ta' qafas regolatorju komprensiv għall-komunikazzjonijiet elettroniċi u għal parteċipazzjoni akbar tal-Ukraina fl-attivitajiet ta' riċerka fl-ICT tal-UE.

Artikolu 391

Il-koperazzjoni tkopri s-suġġetti li ġejjin:

- (a) il-promozzjoni tal-aċċess għall-broadband, it-titjib tas-sigurtà tan-netwerk u l-użu aktar mifrux tal-ICT miċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet billi tiżviluppa kontenut lokali għall-internet u l-introduzzjoni ta' servizzi online, b'mod partikolari tal-e-Gvern, e-Negożju, e-Saħħa u e-Tgħalim;
- (b) il-kordinazzjoni ta' politiki ta' komunikazzjoni elettronika bil-għan li jsir l-aħjar użu tal-ispettru tar-radju u l-interoperabbiltà tan-netwerks fl-Ukraina u fl-UE;
- (c) it-tisħiħ tal-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tar-regolatur nazzjonali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-kapaċità tiegħu li jieħu miżuri regolatorji xierqa u jinforza d-deċiżjonijiet tiegħu stess u r-regolamenti kollha applikabbli, u biex tiġi garantita l-kompetizzjoni ġusta fis-swieq. Ir-regolatur nazzjonali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet għandu jikkopera mal-awtorità tal-kompetizzjoni dwar il-monitoraġġ ta' dawn is-swieq;
- (d) il-promozzjoni ta' proġetti konġunti għar-riċerka fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni fil-Programm Qafas tal-UE li jmiss għall-Orizzont ta' Riċerka u Innovazzjoni 2020.

Artikolu 392

Il-Partijiet jiskambjaw l-informazzjoni, l-aħjar prattiki u esperjenza, jwettqu azzjonijiet konġunti bil-għan li jiżviluppaw qafas regolatorju komprensiv u jiżguraw it-tħaddim effiċjenti tas-swieq tal-komunikazzjoni elettronika, u kompetizzjoni mingħajr xkiel fihom.

Artikolu 393

Il-Partijiet jippromwvu l-koperazzjoni bejn ir-regolatur nazzjonali tal-Ukraina fil-qasam tal-komunikazzjoni u regolaturi nazzjonali tal-UE.

Artikolu 394

1. Il-Partijiet jippromwvu approssimazzjoni gradwali fil-liġi u l-qafas regolatorju tal-UE fl-isfera tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni elettronika.

2. Id-dispożizzjonijiet rilevanti kif ukoll l-acquis tal-UE dwar is-soċjetà tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni elettronika huma koperti fl-Appendiċi XVII-3 Regoli applikabbli għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni) mal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 395

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 14 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 15**Politika awdjoviżiva***Artikolu 396*

1. Il-Partijiet jikkoperaw sabiex jipromwvu l-industrija awdjoviżiva fl-Ewropa u jinkoraġġixxu l-koproduzzjoni fl-oqsma taċ-ċinema u tat-televiżjoni.

2. Koperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn, it-taħriġ ta' ġurnalisti u ta' professjonisti oħra kemm mill-midja stampata kif ukoll dik elettronika, kif ukoll appoġġ għall-midja (pubblika u privata), sabiex jissaħħu l-indipendenza, il-professjonaliżmu u r-rabtiet tagħhom ma' midja Ewropea oħra f'konformità mal-istandards Ewropej, inklużi l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 397

L-approssimazzjoni gradwali mal-liġi tal-UE u l-qafas regolatorju Ewropew u strumenti internazzjonali fil-qasam tal-politika awdjoviżiva ssir b'mod partikolari kif stabbilit fl-Anness XXXVII ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 398

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 15 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 16

Turiżmu*Artikolu 399*

Il-Partijiet jikkoperaw fil-qasam tat-turiżmu bl-għan li jiżviluppaw industrija tat-turiżmu aktar kompetittiva bħala waħda li tiġġenera tkabbir ekonomiku, tisħiħ, ħolqien ta' impjegji u kambju ta' muniti barranin.

Artikolu 400

1. Il-koperazzjoni fuq livelli bilaterali, reġjonali u Ewropew għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji li ġejjin:

(a) ir-rispett tal-integrità u l-interessi tal-komunitajiet lokali, speċjalment f'żoni rurali;

(b) l-importanza tal-wirt kulturali;

(c) l-interazzjoni pożittiva bejn it-turiżmu u l-preservazzjoni ambjentali.

2. Partijiet rilevanti tal-acquis tal-UE fil-qasam tal-operaturi turistiċi jinsabu fil-Kapitolu 6 (Stabbiliemnt, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim, Dispożizzjonijiet rilevanti rigward il-moviment tal-persuni huma koperti mill-Artikolu 19 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 401

Koperazzjoni tiffoka fuq l-aspetti li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prassi, l-esperjenza u it-trasferiment tal-kompetenzi, inkluż fuq teknoloġiji innovattivi;

(b) l-istabbiliment ta' sħubija strateġika bejn interessi pubbliċi, privati u dawk tal-Komunità sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tat-turiżmu;

(c) Il-promozzjoni u żvilupp tal-infrastruttura, it-turiżmu prodotti u swieq, riżorsi umani u strutturi istituzzjonali;

(d) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effiċjenti u strateġiji xierqa, inkluż l-aspetti legali, amministrattivi u finanzjarji;

(e) taħriġ fit-turiżmu u l-bini tal-kapaċità mfaġġa biex ittejjeb l-istandards tas-servizzi;

(f) l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' turiżmu bbażat fil-komunità.

Artikolu 402

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 16 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 17

Agrikoltura u żvilupp rurali

Artikolu 403

Il-Partijiet jikkoperaw biex jippromwovu agrikoltura u żvilupp rurali, b'mod partikolari permezz ta' approssimazzjoni gradwali ta' politiki u leġislazzjoni.

Artikolu 404

Il-koperazzjoni bejn il-Partijiet fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali għandu jkopri, fost l-oħrajn, l-oqsma li ġejjin:

- (a) l-iffaċilitar tal-fehim reċiproku tal-agrikoltura u l-politiki ta' żvilupp rurali;
- (b) it-titjib tal-kapaċitajiet amministrattivi fuq livelli ċentrali u lokali fl-ippjanar, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki;
- (c) Il-promozzjoni ta' produzzjoni agrikola sostenibbli u moderna, li tirrispetta l-ambjent u l-benesseri tal-annimali, inkluż l-estensjoni tal-użu ta' metodi ta' produzzjoni organika u l-użu tal-bijoteknoloġiji, fost l-oħrajn permezz tal-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki f'dawk l-oqsma;
- (d) l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prassi tal-politiki tal-iżvilupp rurali għall-promozzjoni tal-benesseri ekonomiku għal komunitajiet rurali;
- (e) it-titjib tal-kompetittività tas-settur agrikolu u l-effiċjenza u t-trasparenza tas-swieq kif ukoll l-kundizzjonijiet għall-investiment;
- (f) ixerrdu l-għarfien permezz ta' taħriġ u avvenimenti ta' informazzjoni;
- (g) jiffavorixxu l-innovazzjoni permezz tar-riċerka u l-promozzjoni ta' servizzi ta' estensjoni lill-produtturi agrikoli;
- (h) jtejbu l-armonizzazzjoni ta' kwistjonijiet indirizzati fi ħdan il-qafas ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;
- (i) jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar il-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-politiki agrikoli u ż-żoni rurali;
- (j) jippromwovu l-politika tal-kwalità tal-prodotti agrikoli fl-oqsma tal-istandards tal-prodotti, ir-rekwiżiti tal-produzzjoni u l-iskemi tal-kwalità.

Artikolu 405

Fl-insewiment tal-koperazzjoni t'hawn fuq, mingħajr ħsara għat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jappoġġaw approssimazzjoni gradwali mal-liġi rilevanti tal-UE u standards regolatorji, partikolarment dawk kif elenkati fl-Anness XXXVIII ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 406

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 17 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 18

Sajd u politiki marittimi

T a q s i m a 1

Politika tas-sajd

Artikolu 407

1. Il-Partijiet jikkoperaw fuq kwistjonijiet ta' benefiċċju reċiproku ta' interess komuni fis-settur tas-sajd, inkluż il-konservazzjoni u l-immaniġġar tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin, l-ispezzjoni u l-kontroll, ġbir ta' dejta, u l-ġlieda kontra s-sajd illegali mhux dikjarat u regolat.

2. Tali koperazzjoni se tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħhom dwar il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin.

Artikolu 408

Il-Partijiet jieħdu l-azzjonijiet konġunti, jiskambjaw informazzjoni u jagħtu appoġġ lil xulxin sabiex jipromwovu:

- (a) governanza tajba u l-aħjar prattiki fil-ġestjoni tas-sajd bil-ħsieb li jiżguraw il-konservazzjoni u l-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut b'mod sostenibbli, u fuq il-bażi ta' approċċ ekosistemiku;
- (b) sajd responsabbli u ġestjoni tas-sajd konsistenti mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli, sabiex jiġu kkonservati l-istokkijiet tal-ħut u l-ekosistemi fi stat b'saħħtu;
- (c) koperazzjoni permezz ta' Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs).

Artikolu 409

B'referenza għall-Artikolu 408 ta' dan il-Ftehim, u billi jitqiesu l-aqwa pariri xjentifiċi, il-Partijiet isaħħu l-koperazzjoni u l-kordinazzjoni tal-attivitajiet tagħhom fil-qasam tal-ġestjoni u tal-ħarsien tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin fil-Baħar l-Iswed. Il-Partijiet se jipromwovu koperazzjoni internazzjonali usa' fil-Baħar l-Iswed bil-għan li jiżviluppaw relazzjonijiet xierqa mal-Organizzazzjoni Reġjonali Għall-Ġestjoni Tas-Sajd.

Artikolu 410

Il-Partijiet se jappoġġaw inizzjattivi, bħal skambju reċiproku ta' esperjenzi u jipprovdu appoġġ, sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' politika ta' sajd sostenibbli fuq il-bażi tal-oqsma ta' prijorità fl-acquis tal-UE f'dan il-qasam, inkluż:

- (a) Il-ġestjoni ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin, l-isforz tas-sajd u l-miżuri tekniċi;
- (b) l-ispezzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd, bl-użu tat-tagħmir ta' sorveljanza meħtieġ, inkluża sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kif ukoll l-iżvilupp ta' strutturi amministrattivi u ġudizzjarji korrispondenti li kapaċi japplikaw miżuri xierqa;
- (c) Il-ġbir armonizzat ta' dejta tal-qbid, ħatt, flotta, dejta bijoloġika u dik ekonomika;
- (d) Il-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd, inklużi fir-reġistru tal-flotta tas-sajd li jiffunzjona;
- (e) it-titjib tal-effiċjenza tas-swieq, b'mod partikolari bil-promozzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, billi tingħata informazzjoni lill-konsumaturi, u permezz ta' standards ta' kummerċjalizzazzjoni traċċabbiltà;
- (f) l-iżvilupp ta' politika strutturali għas-settur tas-sajd, b' attenzjoni partikolari għall-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet kostali.

T a q s i m a 2

Politika marittima

Artikolu 411

Meta jqisu l-koperazzjoni tagħhom fl-isferi tas-sajd, tat-trasport, tal-ambjent u ta' politiki oħrajn relatati mal-baħar, il-Partijiet jiżviluppaw ukoll koperazzjoni dwar politika marittima integrata, b'mod partikolari:

- (a) Il-promozzjoni approċċ integrat lejn l-affarijiet marittimi, il-governanza tajba u l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-użu tal-ispażju marin;
- (b) l-istabbiliment ta' qafas għal arbitraġġ bejn l-attivitajiet umani li jikkompetu u jimmaniġjaw l-impatt tagħhom fuq l-ambjent marin billi jippromwovu l-ippjanar spazjali marittimu bħala għodda li tikkontribwixxi għal teħid aħjar ta' deċiżjonijiet;
- (c) il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni kostali u industriji marittimi bħala ġeneraturi ta' tkabbir ekonomiku u impjegi, anke permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki;
- (d) il-promozzjoni ta' alleanzi strateġiċi bejn l-industriji marittimi, servizzi u istituzzjonijiet xjentifiċi li jispeċjalizzaw f'riċerka marina u dik marittima, inkluż il-ħolqien ta' raggruppamenti marittimi transettorjali;
- (e) l-istinkar biex itejbu s-sikurezza marittima u l-miżuri ta' sigurtà u biex itejbu s-sorveljanza marittima intersettorjali u transkonfinali sabiex jindirizzaw ir-riskji dejjem akbar marbutin ma' traffiku marittimu intensiv, skariki operazzjonali ta' bastimenti, aċċidenti marittimi u attivitajiet illegali fil-baħar billi wieħed jibni fuq l-esperjenza taċ-Ċentru Ta' Kordinazzjoni u Informazzjoni f'Bourgas;
- (f) l-istabbiliment ta' djalogu regolari u l-promozzjoni ta' netwerks bejn il-partijiet interessati differenti.

Artikolu 412

Din il-koperazzjoni tinkludi:

- (a) l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prassi, l-esperjenza u l-kompetenza marittima tat-trasferiment, inkluż fuq teknoloġiji innovattivi f'setturi marittimi
- (b) l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-għażliet finanzjarji għal proġetti, inklużi partenarjati pubbliċi-privati;
- (c) it-titjib tal-koperazzjoni bejn il-Partijiet f'fora marittimi internazzjonali rilevanti.

T a q s i m a 3

Djalogu regolari dwar il-politiki tas-sajd u marittimi

Artikolu 413

Se jseħħ djalogu regolari bejn il-Partijiet dwar il-kwistjonijiet koperti mit-Taqsima 1 u Taqsima 2 tal-Kapitolu 18 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 19

Xmara danubju

Artikolu 414

Waqt li jżommu f'moħħom in-natura transkonfinali tal-baċir tax-xmara Danubju u l-importanza storika tagħha għall-komunitajiet riparjani, il-Partijiet:

- (a) jimplementaw aktar rigorożament l-impenji internazzjonali magħmula mill-Istati Membri tal-UE u l-Ukraina fl-oqsma ta' navigazzjoni, sajd, ħarsien tal-ambjent, b'mod partikolari ta' ekosistemi akkwatiċi, inklużi l-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin, biex jiksbu status ekoloġiku tajjeb, kif ukoll fi sferi oħra relevanti tal-attività tal-bniedem;

- (b) jappoġġaw, fejn meħtieġ, inizjattivi biex jiżviluppaw ftehim u arranġamenti bilaterali u multilaterali, bil-għan li jinkoraġġixxu l-iżvilupp sostenibbli, u b'attenzjoni speċjali lejn ir-rispett tad-drawwiet tradizzjonali f'komunitajiet riparjani u l-insewiment ta' attivita' ekonomika permezz tal-użu integrat tal-baċir tax-xmara Danubju.

KAPITOLU 20

Protezzjoni tal-konsumaturi

Artikolu 415

Il-Partijiet jikkoperaw sabiex jiżguraw livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur u li tintlaħaq il-kompatibbiltà bejn is-sistemi tagħhom tal-protezzjoni tal-konsumatur.

Artikolu 416

Sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi, il-koperazzjoni tinkludi, b'mod partikolari:

- (a) promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni dwar sistemi għall-ħarsien tal-konsumatur;
- (b) forniment tal-kompetenza dwar il-kapaċità leġiżlattiva u teknika sabiex tiġi infurzatal-leġiżlazzjoni u s-sistemi tas-sorveljanza tas-suq.
- (c) titjib ta' informazzjoni mogħtija lill-konsumaturi;
- (d) attivitajiet ta' taħriġ għal uffiċjali amministrattivi u persuni li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumatur;
- (e) l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumatur indipendenti u kuntratti bejn rappreżentanti tal-konsumatur.

Artikolu 417

L-Ukraina gradwalment tapprossima l-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE, kif stabbilit fl-Anness XXXIX ma' dan il-Ftehim, filwaqt li jiġu evitati l-ostakoli għall-kummerċ.

Artikolu 418

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 20 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoral) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 21

Koperazzjoni dwar l-impjiegi, il-politika soċjali u l-opportunitajiet indaqs

Artikolu 419

B'kunsiderazzjoni tal-Kapitolu 13 (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet isaħħu d-djalogu u l-koperazzjoni tagħhom fuq u jippromwovu l-aġenda tax-xogħol diċenti, il-politika tal-impjiegi, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, id-djalogu soċjali, il-protezzjoni soċjali, l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni.

Artikolu 420

Koperazzjoni fil-qasam kopert mill-Artikolu 419 ta' dan il-Ftehim se tfittex li tilħaq l-għanijiet li ġejjin:

- (a) it-titjib tal-kwalità tal-ħajja umana;
- (b) l-issodisfar tal-l-isfidi komuni, bħalma huma l-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku;
- (c) l-immirar lejn aktar impjiegi u aħjar b'kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti;
- (d) Il-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, filwaqt li jiġu rriformati s-swieq tax-xogħol;
- (e) il-promozzjoni tal-kundizzjonijiet tas-swieq tax-xogħol li jikkombinaw il-flessibbiltà u s-sigurtà;

- (f) Il-promozzjoni ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u t-titjib fl-effiċjenza tas-servizzi tal-impjegi sabiex ilaħħqu mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol;
- (g) it-trawwim tas-swieq tax-xogħol iżjed inklużivi li jintegraw persuni żvantaġġati;
- (h) it-tnaqqis tal-ekonomija informali billi tittrasforma xogħol mhux iddikjarat;
- (i) ittejjeb il-livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, inkluż bl-edukazzjoni u t-taħriġ dwar kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà, il-promozzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni, prevenzjoni ta' perikoli ta' inċidenti serji u l-ġestjoni ta' kimiċi tossiċi, u l-iskambju ta' prattika tajba u riċerka f'dan il-qasam;
- (j) it-titjib tal-livell ta' protezzjoni soċjali u timmodernizza s-sistemi ta' ħarsien soċjali, f'termini ta' kwalità, l-aċċessibilità, u s-sostenibilità finanzjarja;
- (k) it-tnaqqis tal-faqar u ttejjeb l-koeżjoni soċjali;
- (l) l-immirar lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fl-impjieg, l-edukazzjoni, t-taħriġ, l-ekonomija u s-soċjetà, u t-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (m) Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet kollha;
- (n) it-tiżiż tal-kapaċità tal-imsieħba soċjali u jippromwovv djalogu soċjali;

Artikolu 421

Il-Partijiet jinkoraġġixxu l-involviment tal-partijiet interessati kollha rilevanti, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali, kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fir-riformi politiċi tal-Ukraina u fil-koperazzjoni bejn il-Partijiet taħt dan il-Ftehim.

Artikolu 422

Il-Partijiet jippromwovv responsabbiltà soċjali korporattiva u l-obbligu ta' rendikont u l-inkoraġġiment ta' prattiki ta' negozju responsabbli, bħal dawk promossi permezz tal-Global Compact tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) id-Dikjarazzjoni Tripartitika dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-1977 kif emendata fl-2006, u l-linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali tal-1976 kif emendati fl-2000.

Artikolu 423

Il-Partijiet jimmiraw li jqawwu l-koperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-impjegi u tal-politika soċjali fil-fora u fl-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti kollha, dawk multilaterali u internazzjonali.

Artikolu 424

L-Ukraina tiżgura l-approssimazzjoni gradwali mal-liġi, l-istandards u l-prassi tal-UE fil-qasam tal-impjegi, il-politika soċjali u l-opportunitajiet indaqs, kif stabbilit fl-Anness XL ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 425

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 21 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 22

Saħħa pubblika

Artikolu 426

Il-Partijiet jiżviluppaw il-koperazzjoni tagħhom fil-qasam tas-saħħa pubblika, biex jgħollu l-livell tas-sikurezza tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem bħala prekundizzjoni għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku.

Artikolu 427

1. Tali koperazzjoni tista' tinkludi, partikolarment, dawn l-oqsma li ġejjin:
 - (a) tisħiħ tas-sistema tas-saħħa pubblika u l-kapaċità tiegħu fl-Ukraina, partikolarment permezz tal-implimentazzjoni tar-riformi, aktar żvilupp tal-kura tas-saħħa primarja, u t-taħriġ tal-persunal;
 - (b) prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jinxtered, bħall-HIV/AIDS u t-Tuberkulożi, tħejjija aħjar dwar it-tifqigħ ta' mard b'patoġeniċità għolja, u l-implimentazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa;
 - (c) prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li ma jittiħidtx permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajba, il-promozzjoni ta' stil ta' ħajja tajeb għas-saħħa, l-indirizzar ta' elementi prinċipali li jiddeterminaw is-saħħa u l-problemi, bħall-omm u s-saħħa tat-tfal, is-saħħa mentali, u d-dipendenza fuq l-alkoħol, id-drogi, u t-tabakk, inkluża l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk tal-2003;
 - (d) il-kwalità u s-sigurtà tas-sustanzi ta' oriġini umana, bħad-demmm, it-tessuti u ċ-ċelluli;
 - (e) l-informazzjoni u l-għarfien dwar is-saħħa, inkluż fir-rigward tal-approċċ "Saħħa fil-politiki kollha".
2. Għal dak il-għan, il-Partijiet jiskambjaw dejta u l-aħjar prattiki, u jwettqu attivitajiet konġunti oħra, inkluż permezz tal-approċċ "Saħħa fil-politiki kollha" u permezz tal-integrazzjoni gradwali tal-Ukraina f'netwerks Ewropej fil-qasam tas-saħħa pubblika.

Artikolu 428

L-Ukraina gradwalment tapprossima l-leġiżlazzjoni u l-prattika tagħha mal-prinċipji tal-acquis tal-UE, b'mod partikolari f'dak li tirrigwarda l-mard li jittieħed, id-demmm, it-tessuti u ċ-ċelloli, kif ukoll tat-tabakk. Lista tal-acquis tal-UE magħżul hija inkluża fl-Anness XLI ma' dan il-Ftehim.

Artikolu 429

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 22 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 23

Edukazzjoni, taħriġ u zghażaġh*Artikolu 430*

B'rispett sħiħ għar-responsabbiltà tal-Partijiet għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi u d-diversità kulturali u lingwistika tagħhom, il-Partijiet jipromwovu l-koperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u zghażaġh sabiex isaħħu l-fehma reċiproka, jipromwovu d-djalogu interkulturali u jżiedu l-għarfien dwar il-kulturi rispettivi.

Artikolu 431

Il-Partijiet ifittxu li jintensifikaw il-koperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla, li jimmiraw, partikolarment, li:

- (a) jirrifirmaw u jimmodernizzaw is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla;
- (b) jipromwovu l-konverġenza fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla li tirriżulta mill-proċess ta' Bologna;
- (c) jtejbu l-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni għolja;
- (d) jsaħħu l-koperazzjoni bejn istituzzjonijiet edukattivi ogħla;
- (e) jibnu fuq il-kapaċità ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla;

- (f) iżidu l-mobbiltà tal-istudenti u tal-għalliema: se tingħata attenzjoni għall-koperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal edukazzjoni ogħla.

Artikolu 432

Il-Partijiet ifittxu li jżidu l-iskambju ta' informazzjoni u kompetenza, sabiex jinkoraġġixxu koperazzjoni eqreb fil-qasam tal-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ, bil-ħsieb, b' mod partikolari, biex:

- (a) jiżviluppaw sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u aktar taħriġ professjonali matul il-perjodu tal-ħajja tax-xogħol, b'risposta għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidel;
- (b) jistabbilixxu qafas nazzjonali li jitjiebu t-trasparenza u r-rikonoxximent ta' kwalifiki u kompetenzi, u fejn possibbli wieħed jislet mill-esperjenza tal-UE.

Artikolu 433

Il-Partijiet jeżaminaw il-possibiltà li jiżviluppaw il-koperazzjoni tagħhom foqasma oħra, bħal edukazzjoni sekondarja, edukazzjoni mill-bogħod, u t-tagħlim tul il-ħajja.

Artikolu 434

Il-Partijiet jaqblu li jinkoraġġixxu koperazzjoni eqreb u skambju ta' esperjenza fil-qasam tal-politika taż-żgħażaġh u tal-edukazzjoni mhux formali għaż-żgħażaġh, bil-għan li:

- (a) jiffaċilitaw l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-soċjetà iġenerali billi jħeġġu ċ-ċittadinanza attiva tagħhom u l-ispirtu ta' inizjattiva;
- (b) jgħinu liż-żgħażaġh jiksbu għarfien, ħiliet u kompetenzi barra s-sistemi edukattivi, inkluż permezz tal-volontarjat, u jagħrfu l-valur ta' esperejnzi bħal dawn;
- (c) isaħħu l-koperazzjoni teknika ma' pajjiżi terzi;
- (d) jipromwovu l-koperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fl-Ukraina u fl-UE u l-Istati Membri;
- (e) jipromwovu stili ta' ħajja b'saħħitha, b'enfasi partikolari fuq iż-żgħażaġh.

Artikolu 435

Il-Partijiet jikkoperaw filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tar-rakkomandazzjonijiet elenkati fl-Anness XLII.

Artikolu 436

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 23 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoral) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 24

Kultura

Artikolu 437

Il-Partijiet jimpenjaw irwieħhom li jinkoraġġixxu l-koperazzjoni kulturali sabiex jtkattar il-ftehim reċiproku u jiffavorixxu l-iskambji kulturali, kif ukoll isaħħu l-mobbiltà tal-arti u l-artisti mill-UE u l-Ukraina.

Artikolu 438

Il-Partijiet jinkoraġġixxu d-djalogu interkulturali bejn l-individwi u l-organizzazzjonijiet li jirrapreżentaw is-soċjetà ċivili organizzata u istituzzjonijiet kulturali fl-UE u l-Ukraina.

Artikolu 439

Il-Partijiet jikkoperaw mill-qrib f'fora internazzjonali rilevanti, inkluża l-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNESCO) u l-Kunsill tal-Ewropa (CoE), fost l-oħrajn, sabiex jiżviluppaw id-diversità kulturali, u jippreservaw u jivvalorizzaw il-wirt kulturali u storiku.

Artikolu 440

Il-Partijiet jirsistu biex jiżviluppaw djalogu politiku regolari fuq il-kultura sabiex jitrawwem l-iżvilupp tal-industriji kulturali fl-UE u fl-Ukraina. Għal dan il-għan, il-Partijiet jimplementaw sew il-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Ħarsien u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tal-2005.

KAPITOLU 25

Koperazzjoni fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika*Artikolu 441*

1. Il-Partijiet jikkoperaw fil-qasam tal-isport u l-attività fiżika biex jgħinu fl-iżvilupp ta' stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa fost l-etajiet kollha, biex jippromwovu l-funzjoni soċjali u tal-valuri edukattivi tal-isport u għall-ġlieda kontra t-theddid għall-isport bħal doping, xiri tal-logħob, razzizzmu, u vjolenza.

2. Tali koperazzjoni, b'mod partikolari, tinkludi l-iskambju tal-informazzjoni u l-prattiċi tajba fl-oqsma li ġejjin:

- (a) promozzjoni ta' attività fiżika u sport permezz tas-sistema edukattiva, f'koperazzjoni mal-istituzzjonijiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- (b) parteċipazzjoni fl-isport u l-attività fiżika bħala mezz biex jikkontribwixxi għal stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa u l-benessri ġenerali;
- (c) żvilupp ta' sistemi ta' kompetenza u kwalifiki nazzjonali fis-settur tal-isport;
- (d) integrazzjoni ta' gruppi żvantaġġati permezz tal-isport;
- (e) il-ġlieda kontra d-doping;
- (f) il-ġlieda kontra x-xiri tal-logħob;
- (g) sigurtà waqt avvenimenti sportivi internazzjonali ewlenin.

Artikolu 442

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 25 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralji) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 26

Koperazzjoni mas-soċjetà ċivili*Artikolu 443*

Il-Partijiet irawmu koperazzjoni mas-soċjetà ċivili, bil-mira li jintlaħqu l-oġettivi li ġejjin:

- (a) tisħiħ ta' kuntatti u inkoraġġiment ta' skambju reċiproku ta' esperjenzi bejn is-setturi kollha tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri tal-UE u l-Ukraina;

- (b) involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, inkluż il-monitoraġġ tiegħu, u fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u l-Ukraina;
- (c) żgurar ta' għarfien u fehim aħjar tal-Ukraina, inklużi l-istorja u l-kultura, fl-Istati Membri tal-UE;
- (d) żgurar ta' għarfien u fehim aħjar tal-Unjoni Ewropea fl-Ukraina, inklużi l-valuri li fuqhom hija fondata, it-tħaddim tagħha u l-politiki tagħha.

Artikolu 444

Il-Partijiet jippromwovu djalogu u koperazzjoni bejn il-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili miż-żewġ naħat bħala parti integrali tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina, permezz ta':

- (a) tisħiħ ta' kuntatti u skambju reċiproku ta' esperjenzi bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri tal-UE u fl-Ukraina, b' mod partikolari permezz ta' seminars, taħriġ professjonali, eċċ;
- (b) iffaċilitar ta' istituzzjonijiet u tisħiħ ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż, fost oħrajn, ta' support, networking informali, żjarat, workshops, eċċ;
- (c) li jippermettu li r-rappreżentanti tal-Ukraina jkunu familjari mal-proċess ta' konsultazzjoni u djalogu bejn l-imsieħba soċjali u ċivili fl-UE, bil-għan li s-soċjetà ċivili tkun integrata fil-proċess tal-politika fl-Ukraina.

Artikolu 445

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 26 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralj) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 27

Koperazzjoni transkonfinali u reġjonali

Artikolu 446

Il-Partijiet jippromwovu l-fehim reċiproku u l-koperazzjoni bilaterali fil-qasam tal-politika reġjonali, dwar metodi ta' formulazzjoni u implimentazzjoni ta' politiki reġjonali, inkluż governanza u sħubija fuq diversi livelli, b'enfasi speċjali fuq l-iżvilupp ta' żoni żvantaġġati u l-koperazzjoni territorjali, biex b'hekk jistabbilixxu mezzi ta' komunikazzjoni u tqawwi l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u tas-soċjetà ċivili, u l-atturi soċjo-ekonomiċi.

Artikolu 447

Il-Partijiet jappoġġaw u jsaħħu l-involviment tal-awtoritajiet fil-livell lokali u dak reġjonali f'koperazzjoni transkonfinali u dik reġjonali u l-istrutturi maniġerjali relatati, biex isaħħu l-koperazzjoni permezz tat-twaqqif ta' qafas leġislattiv li jippermetti s-sostenn u l-iżvilupp ta' miżuri ta' bini ta' kapaċità u għall-promozzjoni ta' netwerks ekonomiċi u ta' negozju transkonfinali u reġjonali.

Artikolu 448

Il-Partijiet isaħħu u jħeġġu l-iżviluppaw elementi transkonfinali u reġjonali ta', fost l-oħrajn, it-trasport, l-enerġija, in-netwerks tal-komunikazzjoni, il-kultura, l-edukazzjoni, it-turiżmu, is-saħħa u oqsma oħra koperti minn dan il-Ftehim li għandhom influwenza fuq il-koperazzjoni transkonfinali u reġjonali. B'mod partikolari, il-Partijiet jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' koperazzjoni transkonfinali fir-rigward tal-modernizzazzjoni, l-mili bit-tagħmir u l-kordinazzjoni ta' servizzi ta' emerġenza.

Artikolu 449

Se jseħħ djalogu regolari dwar il-kwistjonijiet koperti minn Kapitolu 27 tat-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settoralj) ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 28

Il-parteċipazzjoni fi programmi u aġenziji tal-unjoni ewropea

Artikolu 450

L-Ukraina titħalla tipparteċipa f'aġenziji tal-UE rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u aġenziji oħrajn tal-UE, fejn jippermettu r-regolamenti ta' stabbiliment, u kif stabbilit minn dawn regolamenti ta' stabbiliment. L-Ukraina tidħol fi ftehimiet separati mal-UE li jippermettu l-parteċipazzjoni tagħha f'kull waħda minn dawn l-aġenziji u sabiex jiġi ffissat l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħha.

Artikolu 451

L-Ukraina titħalla tipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni attwali u futuri kollha miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-Ukraina skont id-dispożizzjonijiet li jadottaw dawk il-programmi. Il-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-programmi tal-Unjoni tkun skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll III anness dwar il-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-Prinċipji Ġenerali għall-Parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-Programmi tal-Unjoni tal-2010.

Artikolu 452

L-UE tgħarraf lill-Ukraina fil-każ tat-twaqqif ta' aġenziji ġodda tal-UE u programmi ġodda tal-Unjoni, kif ukoll dwar bidliet f'termini ta' parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u l-aġenziji, imsemmija fl-Artikoli 450 u 451 ta' dan il-Ftehim.

TITOLU VI

KOPERAZZJONI FINANZJARJA, MA' DISPOŻIZZJONIJIET KONTRA L-FRODI

Artikolu 453

L-Ukraina tibbenefika minn għajnuna finanzjarja permezz ta' mekkaniżmi u strumenti ta' finanzjament tal-UE. Tali assistenza finanzjarja se tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan il-Ftehim u se tkun ipprovduta skont l-Artikoli li ġejjin ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 454

Il-prinċipji ewlenin tal-assistenza finanzjarja jiġu previsti fir-Regolamenti tal-Istrumenti Finanzjarji rilevanti tal-UE.

Artikolu 455

L-oqsma prijoritarji tal-għajnuna finanzjarja tal-UE miftiehma mill-Partijiet jiġu stabbiliti fi programmi indikattivi rilevanti li jirriflettu prijoritajiet politiki miftiehma. L-ammonti indikattivi ta' assistenza stabbiliti f'dawn il-programmi indikattivi jqisu l-ħtiġijiet tal-Ukraina, il-kapaċitajiet tas-settur u l-progress bir-riformi.

Artikolu 456

Sabiex jagħmlu l-aħjar użu mir-riżorsi disponibbli, il-Partijiet jagħmlu hilitom biex l-assistenza tal-UE tiġi implimentata b'koperazzjoni u kordinazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi donaturi oħra, organizzazzjonijiet ta' donaturi u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, u f'konformità ma' prinċipji internazzjonali tal-effikaċja tal-għajnuna.

Artikolu 457

Il-bażi fundamentali, legali, amministrattiva u teknika ta' assistenza finanzjarja tkun stabbilita fil-kwadru ta' ftehim rilevanti bejn il-Partijiet.

Artikolu 458

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkun infurmat dwar il-progress u l-implimentazzjoni tal-għajnuna finanzjarja, u l-impatt tagħha meta jintlaħqu l-oġettivi ta' dan il-Ftehim. Għal dak il-għan, il-korpi rilevanti tal-Partijiet jipprovdu monitoraġġ u evalwazzjoni xierqa ta' informazzjoni fuq bażi reċiproka u permanenti.

Artikolu 459

1. Il-Partijiet jimplementaw l-għajnuna skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u jikkoperaw fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tal-Ukraina, kif stabbilit fl-Anness XLIII ma' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jieħdu miżuri effettivi sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, fost l-oħrajn, permezz ta' għajnuna amministrattiva reċiproka u għajnuna legali reċiproka fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim.
2. Għal dan il-għan, l-Ukraina wkoll tapprossima gradwalment il-leġislazzjoni tagħha mad-dispożizzjonijiet kif stabbiliti fl-Anness XLIV ma' dan il-Ftehim.
3. L-Anness XLIII ma' dan il-Ftehim għandu jkun applikabbli għal kwalunkwe ftehim ulterjuri jew strument ta' finanzjament li għandu jiġi konkluż bejn il-Partijiet, u kwalunkwe strument ta' finanzjament ieħor tal-UE li l-Ukraina tista' tkun assoċjata miegħu, mingħajr ħsara għal kwalunkwe klawżola addizzjonali oħra li tkopri awditjar, verifiki fuq il-post, spezzjonijiet, kontrolli, u miżuri ta' kontra l-frodi, bħal, fost l-oħrajn, dawk li jsiru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA).

TITOLU VII

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI

KAPITOLU 1

Qafas istituzzjonali*Artikolu 460*

1. L-ogħla livell ta' politika u djalogu politiku bejn il-Partijiet għandu jkun fuq il-livell ta' Samit. Il-laqgħat tas-samit iseħħu fil-prinċipju darba fis-sena. Is-Samit għandu jipprovdi gwida globali tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim kif ukoll opportunità biex ikunu diskussi kwalunkwe kwistjonijiet bilaterali jew internazzjonali oħra ta' interess reċiproku.
2. Fil-livell ministerjali, għandu jsir djalogu regolari politiku u dwar il-politiki fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 461 ta' dan il-Ftehim u fi ħdan il-qafas ta' laqgħat regolari bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet bi ftehim reċiproku.

Artikolu 461

1. B'dan huwa stabbilit Kunsill tal-Assoċjazzjoni. Dan jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u perjodikament jirrevedi l-funzjonament ta' dan il-Ftehim fid-dawl tal-oġġettivi tiegħu.
2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' fuq il-livell ministerjali f'intervalli regolari, mill-inqas darba fis-sena, u meta ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet kollha meħtieġa, bi ftehim reċiproku.
3. Barra milli jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jeżamina kwalunkwe kwistjoni ewlenija li tinqala' fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim u kwalunkwe kwistjoni bilaterali jew internazzjonali oħra ta' interess reċiproku.

Artikolu 462

1. Il-Kunsill tal-Assoċjazzjoni jkun magħmul minn membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u membri tal-Kummissjoni Ewropea, minn naħa waħda, u mill-membri tal-Gvern tal-Ukraina, min-naħa l-oħra.
2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistabbilixxi r-regoli propji ta' proċedura.
3. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jiġi pprevedut b'rotazzjoni minn rappreżentant tal-Unjoni u rappreżentant tal-Ukraina.
4. Fejn xieraq, u bi ftehim reċiproku, korpi oħra se jieħdu sehem bħala osservaturi fil-ħidma tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 463

1. Għall-finijiet tal-kisba tal-oġġettivi ta' dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, fil-każi previsti fih. Tali deċiżjonijiet ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, li jieħdu l-miżuri xierqa fosthom jekk ikun meħtieġ azzjoni f'entitajiet speċifiċi stabbiliti skont dan il-Ftehim sabiex jiġu implimentati d-deċiżjonijiet li jkunu tteħdu. Il-Kunsill tal-Assoċjazzjoni jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet. Huwa jadotta d-deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet, wara t-tlestija tal-proċeduri interni rispettivi.

2. F'konformità mal-oġġettiv tal-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tal-Ukraina ma' dik tal-Unjoni kif stabbilit f'dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jkun forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar atti leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea u tal-Ukraina, kemm taħt preparazzjoni u kif ukoll fis-seħħ, u dwar l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-miżuri ta' konformità.

3. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jaġġorna jew jemenda l-Annessi ma' dan il-Ftehim għal dan il-għan, filwaqt li jikkonsidra l-evoluzzjoni tal-liġi tal-UE u l-istandards applikabbli stabbiliti fi strumenti internazzjonali meqjusa rilevanti mill-Partijiet, mingħajr ħsara għal xi dispożizzjonijiet speċifiċi inklużi fit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 464

1. B'dan huwa stabbilit Kumitat ta' Assoċjazzjoni. Huwa għandu jassisti lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fit-twettiq ta' dmirijiet. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr ħsara għar-responsabbiltajiet ta' fora varji għall-kondotta tad-djalogu politiku kif stabbilit fl-Artikolu 5 ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet, fil-prinċipju f'livell ta' uffiċjal pubbliku anzjan.

3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jiġi ppresedut b'rotazzjoni minn rappreżentant tal-Unjoni u rappreżentant tal-Ukraina.

Artikolu 465

1. Fir-regoli ta' proċedura tiegħu l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddetermina d-doveri u l-funzjonament tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li r-responsabbiltajiet tiegħu jinkludu t-tnejn tal-laqgħat tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena.

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddelega lill-Kumitat tal-Assoċjazzjoni kull waħda mis-setgħat li għandu, inkluża s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti.

3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jkollu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim u f'oqsma li fihom il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni iddelega s-setgħat lilu. Id-deċiżjonijiet huma vinkolanti għall-Partijiet, li jieħdu l-miżuri xierqa biex iwettquhom. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu bi ftehim bejn il-Partijiet.

4. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha marbuta mat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandu jiltaqa' f'din il-konfigurazzjoni mill-inqas darba fis-sena.

Artikolu 466

1. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni ikun assistit mis-sottokomitatati stabbiliti skont dan il-Ftehim.

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe kumitat jew korp speċjali f'oqsma speċifiċi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, u għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, id-dmirijiet u l-operat ta' dawn il-korpi. Barra minn hekk, tali kumitat speċjali u korpi jistgħu jibdew id-diskussjonijiet dwar kwalunkwe kwistjoni li huma jikkonsidraw rilevanti mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet Relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' wkoll joħloq sottokumitati biex iqis il-progress miksub fid-djalogi regolari msemmija fit-Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) ta' dan il-Ftehim.
4. Is-sottokumitati jkollhom is-setgħat li jieħdu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti f'dan il-Ftehim. Huma jirraportaw dwar l-attivitajiet tagħhom lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni regolament, kif meħtieġ.
5. Is-sottokumitati stabbiliti skont it-Titolu IV ta' dan il-Ftehim jinfurmaw lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni dwar il-Kummerċ skont l-Artikolu 465(4) ta' dan il-Ftehim, bid-data u l-aġenda tal-laqgħat tagħhom suffeċċjament qabel il-laqgħat tagħhom. Huma jirraportaw dwar l-attivitajiet tagħhom f'kull laqgħa regolari tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni dwar il-Kummerċ skont l-Artikolu 465(4) ta' dan il-Ftehim.
6. L-eżistenza ta' kwalunkwe sottokumitat ma tipprevjenix lil waħda mill-Partijiet mill-tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament lill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni skont l-Artikolu 464 ta' dan il-Ftehim, inkluż fil-konfigurazzjoni tiegħu dwar il-Kummerċ.

Artikolu 467

1. B'dan huwa stabbilit Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari. Huwa għandu jkun forum għall-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Verkhovna Rada tal-Ukraina sabiex jiltaqgħu u jiskambjaw il-fehmiet. Din tiltaqa' f'intervalli li tiddetermina hija stess.
2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari għandu jkun magħmul minn Membri tal-Parlament Ewropew, minn naħa waħda, u minn Membri Parlament tal-Verkhovna Rada tal-Ukraina, min-naħa l-oħra.
3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu.
4. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari jiġi ppresedut b'rotazzjoni minn rappreżentant tal-Parlament Ewropew u rappreżentant tal-Verkhovna Rada tal-Ukraina rispettivament, skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 468

1. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari jista' jitlob lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni informazzjoni rilevanti li tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, u l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jagħti lill-Kumitat l-informazzjoni mitluba.
2. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari għandu jiġi infurmat bid-deċiżjonijiet u bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
4. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni Parlamentari jista' jistabbilixxi sottokumitati tal-Assoċjazzjoni Parlamentari.

Artikolu 469

1. Il-Partijiet se jipromwovu wkoll laqgħat regolari tar-rappreżentanti tas-soċjetajiet ċivili tagħhom, sabiex dawn jinżammu infurmati, u jiġbru l-kontribut tagħhom għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.
2. B'dan hija stabbilita Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili. Din tikkonsisti minn Membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), minn naħa waħda, u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Ukraina min-naħa l-oħra, bħala forum għalihom sabiex jiltaqgħu u jiskambjaw il-fehmiet. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tiltaqa' f'intervalli li tiddetermina hija stess.
3. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tagħha stess.
4. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tiġi ppreseduta b'rotazzjoni minn rappreżentant tal-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tan-naħa tal-Ukraina rispettivament, skont id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli tagħha ta' proċedura.

Artikolu 470

1. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tiġi infurmata bid-deċiżjonijiet u bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
2. Il-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
3. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u l-Kumitat tal-Assoċjazzjoni Parlamentari jorganizzaw kuntatti regolari mar-rappreżentanti tal-Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili sabiex jiksbu l-fehmiet tagħhom dwar kif jintlaħqu l-oġettivi ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 2

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali*Artikolu 471***Aċċess għall-qrati u organi amministrattivi**

Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, kull Parti timpenja ruħha li tiżgura li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-Parti l-oħra jkollhom aċċess liberu minn diskriminazzjoni għall-qrati kompetenti u għall-korpi amministrattivi, fir-igward tal-persuni bin-nazzjonalità tagħha, sabiex jiddefendu d-drittijiet individwali u d-drittijiet tal-proprjetà tagħhom.

*Artikolu 472***Miżuri relatati ma'interessi essenzjali ta' sigurtà**

Xejn f'dan il-Ftehim m'għandu jwaqqaf lil Parti milli tiegħu kwalunkwe miżura:

- (a) li tikkonsidra bħala neċessarja sabiex tostakola li tinkixef informazzjoni li tmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha;
- (b) relatata mal-produzzjoni jew mal-kummerċ ta' armi, munizzjon jew tagħmir militari jew ma' riċerka, żvilupp jew produzzjoni indispensabbli għall-finijiet ta' difiża, sakemm miżuri ta' din ix-xorta ma jfixklux il-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni fejn għandhom x'jaqsmu l-prodotti li mhumiex intenzjonati għal finijiet speċifikament militari;
- (c) li tikkonsidra bħala essenzjali għas-sikurezza tagħha fil-każ ta' inkwiet intern serju li jaffetwa ż-żamma tal-liġi u tal-ordni, fi żmien ta' gwerra jew ta' tensjoni internazzjonali serja li tikkostitwixxi theddida ta' gwerra jew sabiex jitwettqu obbligi li tkun aċċettat ħalli jinżammu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

*Artikolu 473***Non-diskriminazzjoni**

1. Fl-oqsma li huma koperti minn dan il-Ftehim u mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjonijiet speċjali li huma inklużi fihom:
 - (a) l-arranġamenti applikati mill-Ukraina fejn għandha x'taqsam l-Unjoni jew l-Istati membri tagħha ma jagħtu lok għall-ebda diskriminazzjoni bejn l-Istati Membri, in-nazzjonali tagħhom, il-kumpaniji jew id-ditti tagħhom;
 - (b) l-arranġamenti applikati mill-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha/relazzjoni mal-Ukraina ma jirriżultawx fi kwalunkwe diskriminazzjoni bejn nazzjonali tal-Ukraina, jew il-kumpaniji u d-ditti tagħha.
2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ikunu bla ebda ħsara għad-dritt tal-Partijiet li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom għal kontribwenti tat-taxxi li mhumiex f'sitwazzjonijiet identiċi fejn għandu x'jaqsam il-post ta' residenza tagħhom.

*Artikolu 474***Aprossimazzjoni gradwali**

Skont l-oġettivi ta' dan il-Ftehim kif stabbilit fl-Artikolu 1, l-Ukraina se twettaq approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tagħha mal-liġi tal-UE kif imsemmi fl-Annessi I sa XLIV ma' dan il-Ftehim, fuq il-bażi ta' impenji identifikati fit-Titolu IV, V u VI ta' dan il-Ftehim, u skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-Annessi. Din id-dispożizzjoni tkun mingħajr ħsara għal xi prinċipji u obbligi speċifiċi fuq l-approssimazzjoni regolatorja skont it-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 475***Monitoraġġ**

1. Monitoraġġ kontinwu tfisser il-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' miżuri koperti minn dan il-Ftehim.
2. Il-monitoraġġ għandu jinkludi valutazzjonijiet ta' approssimazzjoni tal-Liġi tal-Ukraina mal-liġi tal-UE kif definit f'dan il-Ftehim, inklużi aspetti tal-implimentazzjoni u l-infurzar. Dawn il-valutazzjonijiet jistgħu jsiru individwalment, jew, permezz ta' ftehim, b'mod konġunt mill-Partijiet. Biex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-valutazzjoni, l-Ukraina tirrapporta lill-UE dwar il-progress fl-approssimazzjoni regolatorja, fejn xieraq qabel it-tmiem tal-perjodi tranżizzjonali stipulati f'dan il-Ftehim fir-rigward ta' atti legali tal-UE. Il-proċess tar-rappurtar u tal-valutazzjoni, inklużi l-modalitajiet u l-frekwenza tal-valutazzjonijiet se jqs il-modalitajiet speċifiċi definiti f'dan il-Ftehim jew deċiżjonijiet minn korpi istituzzjonali stabbiliti skont dan il-Ftehim.
3. Monitoraġġ jista' jinkludi missjonijiet fuq il-post, bil-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE, il-korpi u l-aġenziji, entitajiet mhux governattivi, l-awtoritajiet supervizzorji, esperti indipendenti u oħrajn kif meħtieġ.
4. Ir-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ, inklużi l-valutazzjonijiet ta' approssimazzjoni kif stipulata fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jiġu diskussi fil-korpi kollha rilevanti stabbiliti skont dan il-Ftehim. Tali korpi jistgħu jadottaw rakkomandazzjonijiet konġunti, maqbula unanimament, li jiġu ppreżentati lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
5. Jekk il-Partijiet jaqblu li l-miżuri meħtieġa koperti bit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim ġew implimentati u qed jiġu infurzati, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, skont il-poteri mogħtija lill-Artikolu 463 ta' dan il-Ftehim, jaqblu dwar aktar ftuħ tas-suq kif definit fit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim.
6. Rakkomandazzjoni konġunta kif imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u ppreżentata lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, jew in-nuqqas tal-ilħiq ta' tali rakkomandazzjoni, ma tkunx suġġetta għas-soluzzjoni ta' dispuți kif iddefinit fit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim. Deċiżjoni meħuda minn korpi istituzzjonali rilevanti, jew in-nuqqas li tittieħed tali deċiżjoni, ma jkunx suġġetti għas-soluzzjoni ta' dispuți kif iddefinit fit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 476***Twettiq tal-obbligi**

1. Il-Partijiet jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika li tkun meħtieġa sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim. Huma jiżguraw li l-objettivi stabbiliti f'dan il-Ftehim jintlaħqu.
2. Il-Partijiet jaqblu li jikkonsultaw minnufih permezz ta' mezzi xierqa fuq it-talba ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet sabiex tiġi diskussa kwalunkwe kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni, jew l-applikazzjoni in bona fide ta' dan il-Ftehim u aspetti rilevanti oħra tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet.
3. Kull Parti tirreferi lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kwalunkwe disputa relatata mal-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni, jew l-applikazzjoni in bona fide ta' dan il-Ftehim skont l-Artikolu 477 ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jista' jaqta' d-disputa b'deċiżjoni vinkolanti.

*Artikolu 477***Soluzzjoni ta' dispuți**

1. Meta tinqala' disputa bejn il-Partijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni in bona fide ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe Parti tippreżenta lill-Parti l-oħra u lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni talba formali sabiex il-kwistjoni tad-disputa tiġi solvuta. B'deroga, id-dispuți dwar l-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni, jew l-applikazzjoni in bona fide tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim jiġu gġvernati esklużivament mill-Kapitolu 14 (Soluzzjoni ta' dispuți) tat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ).

2. Il-Partijiet jaħdmu sabiex isolvu d-disputa permezz ta' konsultazzjonijiet bona fide fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u entitajiet rilevanti oħra msemmija fl-Artikoli 461, 465, u 466 ta' dan il-Ftehim, bil-għan li jassolva għal soluzzjoni aċċettabbli għat-tnejn fl-iqsar żmien possibbli.
3. Il-Partijiet jipprovdu lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u korpi oħra rilevanti bl-informazzjoni kollha neċessarja għal analiżi dettaljata tas-sitwazzjoni.
4. Sakemm ma tkunx solvuta disputa, din tiġi diskussa f'kull laqgħa tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Disputa tkun ikkunsidrata riżolta meta l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jieħu deċiżjoni vinkolanti biex jissettja l-kwistjoni kif previst fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 476 ta' dan il-Ftehim, jew meta huwa jkun iddikjara li d-disputa waslet fi tmiema. Konsultazzjonijiet fuq disputa jistgħu wkoll isiru fi kwalunkwe laqgħa tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni jew kwalunkwe korp rilevanti ieħor imsemmi fl-Artikoli 461, 465 u 466 ta' dan il-Ftehim, kif maqbul bejn il-Partijiet jew fuq talba ta' wieħed mill-Partijiet. Il-konsultazzjonijiet jistgħu jsiru wkoll bil-miktub.
5. L-informazzjoni kollha żvelata waqt il-konsultazzjonijiet tibqa' kunfidenzjali.

Artikolu 478

Miżuri xierqa fil-każ tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi

1. Parti tista' tieħu miżuri xierqa, jekk il-kwistjoni ma tissolviex fi żmien tliet xhur mid-data ta' notifika ta' talba formali għas-soluzzjoni ta' disputi taħt l-Artikolu 477 ta' dan il-Ftehim u jekk il-Parti li tressaq l-ilment tkompli tikkonsidra li l-Parti l-oħra naqset milli twettaq obbligu taħt dan il-Ftehim. Ir-rekwiżit għal perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur ma għandux japplika għal każijiet eċċezzjonali stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
2. Fl-għażla tal-miżuri xierqa, tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ser ixejtku l-funzjonament ta' dan il-Ftehim. Ħlief fil-każijiet deskritti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, miżuri bħal dawn ma jistgħux jinkludu s-sospensjoni ta' xi drittijiet jew obbligi previsti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, imsemmija fit-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim. Dawn il-miżuri jiġu notifikati immedjatament lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u jkunu s-suġġett ta' konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 476 ta' dan il-Ftehim, u ta' soluzzjoni ta' disputi taħt il-paragrafu 3 tal-Artikolu 476 u l-Artikolu 477 ta' dan il-Ftehim.
3. L-eċċezzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq jikkonċernaw:
 - (a) denunzja tal-Ftehim mhux sanzjonata mir-regoli ġenerali tal-liġi internazzjonali; jew
 - (b) ksur mill-Parti l-oħra ta' kwalunkwe mill-elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim, li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 479

Relazzjoni ma' ftehimiet oħra

1. Il-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu fl-14 ta' Ġunju 1994 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998, kif ukoll il-Protokollu tiegħu huwa b'dan imħassra.
2. Dan il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jieħu post il-ftehim imsemmi qabel. Ir-referenzi għall-ftehim hawn fuq imsemmi fil-ftehimiet kollha bejn il-Partijiet jinftehem li jirreferu għal dan il-Ftehim.
3. Sakemm ma jinkisbux drittijiet ekwivalenti għall-individwi u għall-operaturi ekonomiċi taħt dan il-Ftehim, dan il-Ftehim m'għandux jaffetwa d-drittijiet li ġew żgurati lilhom permezz ta' ftehimiet eżistenti li jorbtu lil Stat Membru wieħed jew aktar, minn naħa waħda, u lill-Ukraina, min-naħa l-oħra.

4. Ftehimiet eżistenti dwar oqsma speċifiċi ta' koperazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jiġu kkonsidrati bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif regolati b'dan il-Ftehim u bħala li jiffurmaw parti minn qafas istituzzjonali komuni.

5. Il-Partijiet jistgħu jikkomplimentaw dan il-Ftehim billi jikkonkludu ftehimiet speċifiċi fi kwalunkwe qasam li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Dawn il-ftehimiet speċifiċi jkunu parti integrali tar-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif irregolati b'dan il-Ftehim u jiffurmaw parti minn qafas istituzzjonali komuni.

6. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, la dan il-Ftehim u linqas kwalunkwe azzjoni li tittieħed bis-saħħa tiegħu ma jaffettwaw b'xi mod is-setgħat tal-Istati Membri sabiex iwettqu attivitajiet ta' koperazzjoni bilaterali mal-Ukraina jew sabiex jikkonkludu, fejn xieraq, ftehimiet ġodda ta' koperazzjoni mal-Ukraina.

Artikolu 480

Annessi u Protokolli

L-Annessi u l-Protokolli ta' dan il-Ftehim jiffurmaw parti integrali minnu.

Artikolu 481

Durata

1. Dan il-Ftehim ġie konkluż għal perjodu miftuħ. Il-Partijiet jipprovdu għal revizzjoni komprensiva tal-ilħuq tal-oġġettivi taħt dan il-Ftehim fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu, u fi kwalunkwe ħin ieħor bil-kunsens reċiproku tal-Partijiet.

2. Kwalunkwe waħda mill-Partijiet tista' tiddenunzja dan il-Ftehim billi tinnotifika lill-Parti l-oħra. Dan il-Ftehim jintemm sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika.

Artikolu 482

Definizzjoni tal-Partijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu "Partijiet" għandu jfisser l-Unjoni, jew l-Istati Membri tagħha, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, skont is-setgħat rispettivi tagħhom kif joħorħu mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra. Fejn rilevanti, hija tirreferi għal Euratom, skont il-poteri tagħha taħt it-Trattat Euratom.

Artikolu 483

Applikazzjoni territorjali

Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom jiġu applikati t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TEU), u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU) u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, bil-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati, u min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Ukraina.

Artikolu 484

Depożitarju tal-Ftehim

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jkun id-depożitarju ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 485

Testi Awtentiċi

Dan il-Ftehim huwa mfassal bil-lingwa Bulgara, Kroata, Ċeka, Daniża, Olandiża, Inġliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovacka, Slovena, Spanjola, Svediża u Ukraina, b'kull test ugwalment awtentiku.

Artikolu 486

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Il-Partijiet jirratifikaw jew japprovaw dan il-Ftehim skont il-proċeduri tagħhom. L-istrumenti tar-ratifika jew l-approvazzjoni jkunu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni.
3. Minkejja l-paragrafu 2, l-Unjoni u l-Ukraina jaqblu li japplikaw b'mod provviżorju parti minn dan il-Ftehim kif speċifikat mill-Unjoni, kif stabbilit fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u skont il-proċeduri interni u l-leġiżlazzjonijiet rispettivi tagħhom kif applikabbli.
4. L-applikazzjoni provviżorja tkun effettiva mill-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li d-Depożitarju jirċievi dan li ġej:
 - in-notifika tal-Unjoni dwar it-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan l-iskop, li tindika l-partijiet tal-Ftehim li għandhom ikunu applikati b'mod provviżorju; u
 - id-depożitu min-naħa tal-Ukraina tal-istrument ta' ratifika skont il-proċeduri u l-leġiżlazzjoni applikabbli tagħha.
5. Għall-fini tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim, inklużi l-Annessi u l-Protokollu rispettivi tiegħu, kwalunkwe referenza ftali dispożizzjonijiet għad-"data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" tinftiehem li hi d-"data minn meta dan il-Ftehim huwa applikat b'mod provviżorju" skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.
6. Matul il-perjodu ta' applikazzjoni provviżorja, sa fejn għandhom x'jaqsmu d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Koperazzjoni u Sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, iffirmit fil-Lussemburgu fl-14 ta' Ġunju 1994 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998, mhumiex koperti mill-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim, u jibqgħu japplikaw.
7. Kwalunkwe Parti tista' tagħti notifika bil-miktub lid-Depożitarju tal-intenzjoni tagħha li ttemm l-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim. It-terminazzjoni tal-applikazzjoni provviżorja ssir effettiva sitt xhur wara r-riċezzjoni tan-notifika mid-Depożitarju.

Съставено в Брюксел на двадесет и първи март две хиляди и четиринадесета година.
Hecho en Bruselas, el veintiuno de marzo de dos mil catorce.
V Bruselu dne dvacátého prvního března dva tisíce čtrnáct.
Udfærdiget i Bruxelles den enogtyvende marts to tusind og fjorten.
Geschehen zu Brüssel am einundzwanzigsten März zweitausendvierzehn.
Kahe tuhande neljateistkümnenda aasta märtsikuu kahekümne esimesel päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι μία Μαρτίου δύο χιλιάδες δεκατέσσερα.
Done at Brussels on the twenty first day of March in the year two thousand and fourteen.
Fait à Bruxelles, le vingt et un mars deux mille quatorze.
Sastavljeno u Bruxellesu dvadeset prvog ožujka dvije tisuće četrnaeste.
Fatto a Bruxelles, addì ventuno marzo duemilaquattordici.
Briselē, divi tūkstoši četrpadsmitā gada divdesmit pirmajā martā.
Priimta du tūkstančiai keturioliktą metų kovo dvidešimt pirmą dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétézer-tizenegyedik év március havának huszonegyedik napján.
Magħmul fi Brussell, fil-wieħed u għoxrin jum ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax.
Gedaan te Brussel, de eenentwintigste maart tweeduizend veertien.
Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego pierwszego marca roku dwa tysiące czternastego.
Feito em Bruxelas, em vinte e um de março de dois mil e catorze.
Întocmit la Bruxelles la douăzeci și unu martie două mii paisprezece.
V Bruseli dvadsiateho prvého marca dvetisícčtrnást.
V Bruslju, dne enaindvajsetega marca leta dva tisoč štirinajst.
Tehty Brysselissä kahdentenkymmenentenäensimmäisenä päivänä maaliskuuta vuonna kaksituhattaneljätoista.
Som skedde i Bryssel den tjugoförsta mars tjugohundrafjorton.
Учинено у м. Брюссель двадцать першого березня дві тисячі чотирнадцятого року.

Подписано по отношение на преамбула, член 1 и дялове I, II и VII на Споразумението.

Firmado por lo que se refiere al preámbulo, el artículo 1 y los títulos I, II y VII del Acuerdo.

Podepsána preambule, článek 1, hlavy I, II a VII dohody.

Undertegnet for så vidt angår præambelen, artikel 1 og afsnit I, II og VII i aftalen.

Unterzeichnet in Bezug auf die Präambel, den Artikel 1 sowie die Titel I, II und VII des Abkommens.

Alla kirjutatud lepingu preambuli, artikli 1 ning I, II ja VII jaotise osas.

Υπεγράφη όσον αφορά το προοίμιο, το άρθρο 1 και τους τίτλους I, II και VII της Συμφωνίας.

Signed as regards the Preamble, Article 1 and Titles I, II, and VII of the Agreement.

Signé en ce qui concerne le préambule, l'article 1 et les titres I, II et VII de l'accord.

Potpisano što se tiče preambule, članka 1. i glavâ I., II. i VII. Sporazuma.

Firmato per quanto riguarda il preambolo, l'articolo 1 e i titoli I, II e VII dell'accordo.

Parakstīts attiecībā uz nolīguma preambulu, 1. pantu un I, II un VII sadaļu.

Pasirašyta, kiek tai susiję su Susitarimo preambule, 1 straipsniu ir I, II ir VII antraštinėmis dalimis.

A megállapodás a preambulumból, az 1. cikk és az I., II. és VII. cím tekintetében aláírva.

Iffirmat fir-rigward tal-Preambolu, l-Artikolu 1 u t-Titoli I, II, u VII tal-Ftehim.

Ondertekend wat betreft de preambule, artikel 1 en de titels I, II en VII van de Overeenkomst.

Podpisano w odniesieniu do preambuły, artykułu 1 oraz tytułu I, II i VII układu.

Assinado no que se refere ao Preâmbulo, ao artigo 1º e aos Títulos I, II e VII do Acordo.

Semnat în ceea ce privește preambulul, articolul 1 și titlurile I, II și VII din acord.

Podpísané, pokiaľ ide o preambulu, článok 1 a hlavy I, II a VII dohody.

Podpisano, kar zadeva preambulo, člen 1 ter naslove I, II in VII Sporazuma.

Allekirjoitettu sopimuksen johdanto-osan, 1 artiklan sekä I, II ja VII osaston osalta.

Undertecknat i fråga om ingressen, artikel 1 och avdelningarna I, II och VII i avtalet.

Підписано стосовно Преамбули, Статті 1 та Розділів I, II і VII Угоди.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.


За Република България




Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel

Andrus Ansip

Thar cheann Na hÉireann
For Ireland

Eoin Kenny

Για την Ελληνική Δημοκρατία

Αντώνης Κ. Σαμαράς

Por el Reino de España

Mariano Rajoy

Pour la République française

Hollande

A. P. France


Za Republiku Hrvatsku

A handwritten signature in black ink, consisting of a large, stylized initial 'H' followed by a long horizontal stroke.

Per la Repubblica italiana

A handwritten signature in black ink, featuring a large, cursive 'M' followed by several loops and a long horizontal stroke.


Για την Κυπριακή Δημοκρατία

A handwritten signature in black ink, characterized by a large, stylized initial 'C' followed by several loops and a long horizontal stroke.


Latvijas Republikas vārdā –

A handwritten signature in black ink, featuring a large, cursive 'L' followed by several loops and a long horizontal stroke.

Lietuvos Respublikos vardu

A handwritten signature in black ink, consisting of a large, stylized initial 'L' followed by several loops and a long horizontal stroke.


Pour le Grand-Duché de Luxembourg




Magyarország részéről



Għar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейския съюз
 Por la Unión Europea
 Za Evropskou unii
 For Den Europæiske Union
 Für die Europäische Union
 Euroopa Liidu nimel
 Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
 For the European Union
 Pour l'Union européenne
 Za Europejską uniję
 Per l'Unione europea
 Eiropas Savienības vārdā –
 Europos Sąjungos vardu
 Az Európai Unió részéről
 Għall-Unjoni Ewropea
 Voor de Europese Unie
 W imieniu Unii Europejskiej
 Pela União Europeia
 Pentru Uniunea Europeană
 Za Európsku úniu
 Za Evropsko unijo
 Euroopan unionin puolesta
 För Europeiska unionen



За Европейската общност за атомна енергия
Por la Comunidad Europea de la Energía Atómica
Za Evropské společenství pro atomovou energii
For Det Europæiske Atomenergifællesskab
Für die Europäische Atomgemeinschaft
Euroopa Aatomienergiaühenduse nimel
Για την Ευρωπαϊκή Κοινότητα Ατομικής Ενέργειας
For the European Atomic Energy Community
Pour la Communauté européenne de l'énergie atomique
Za Europsku zajednicu za atomsku energiju
Per la Comunità europea dell'energia atomica
Eiropas Atomenerģijas Kopienas vārdā –
Europos atominės energijos bendrijos vardu
Az Európai Atomenergia-közösség részéről
Fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
Voor de Europese Gemeenschap voor Atoomenergie
W imieniu Europejskiej Wspólnoty Energii Atomowej
Pela Comunidade Europeia da Energia Atómica
Pentru Comunitatea Europeană a Energiei Atomice
za Európske spoločenstvo pre atómovú energiu
Za Evropsko skupnost za atomsko energtjo
Euroopan atomienergiajärjestön puolesta
För Europeiska atomenergigemenskapen

За Україну

A handwritten signature in black ink, consisting of a large, stylized initial 'M' followed by a horizontal line and a short vertical stroke.

LISTA TA' ANNESSI

ANNESI TAT-TITOLU IV

Anness I-A għal Kapitolu 1	Tneħħija tad-dazji doganali
Appendiċi A	Aggregat indikattiv tat-TRQs għal importazzjonijiet fl-UE
Appendix B	Aggregat indikattiv tat-TRQs għal importazzjonijiet fl-Ukraina
Anness I-B għal Kapitolu 1	Kundizzjonijiet addizzjonali tal-kummerċ għal ħwejjeġ li jintlibsu
Anness I-C għal Kapitolu 1	Skedi ta' eliminazzjoni tad-dazju tal-esportazzjoni
Anness I-D għal Kapitolu 1	Miżuri ta' salvagwardja għal dazji tal-esportazzjoni
Anness II għal Kapitolu 2	Miżuri ta' salvagwardja dwar karożżi tal-passiġġieri
Anness III għal Kapitolu 3	Lista ta' leġiżlazzjoni għal allinjament, bi skeda għall-implimentazzjoni tiegħu
Anness IV-A għal Kapitolu 4	Kopertura
Anness IV-B għal Kapitolu 4	Standards tal-benesseri tal-annimali
Anness IV-C għal Kapitolu 4	Miżuri oħra
Anness IV-D għal Kapitolu 4	Miżuri biex jiġu inklużi wara l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni
Anness V għal Kapitolu 4	Strateġija komprensiva għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu
Anness VI għal Kapitolu 4	Lista ta' mard notifikabbli tal-annimali u tal-akkwakultura u pesti regolati li għalihom tista' tiġi rikonoxxuta l-libertà reġjonali
Anness VI-A għal Kapitolu 4	Mard tal-annimali u l-ħut suġġetti għal notifika, li għaliha hu rikonoxxut l-istatus tal-Partijiet u li għaliha jridu jittieħdu deċiżjonijiet ta' razjonalizzazzjoni.
Anness VI-B għal Kapitolu 4	Rikonoxximent tal-istatus tal-pesti, żoni ħielsa mill-pesti jew żoni protetti
Anness VII għal Kapitolu 4	Reġjonalizzazzjoni / diviżjoni f'żoni, żoni ħielsa mill-pesti u żoni protetti
Anness VIII għal Kapitolu 4	Approvazzjoni provviżorja ta' stabbilimenti
Anness IX għal Kapitolu 4	Proċess ta' determinazzjoni tal-ekwivalenza
Anness X għal Kapitolu 4	Linji gwida għall-awditjar
Anness XI għal Kapitolu 4	Imposti tal-kontrolli fuq l-importazzjoni u l-ispezzjoni
Anness XII għal Kapitolu 4	Ċertifikazzjoni
Anness XIII għal Kapitolu 4	Kwistjonijiet pendenti
Anness XIV għal Kapitolu 4	Kompartimentalizzazzjoni
Anness XV għal Kapitolu 5	Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali

Anness XVI għal Kapitolu 6	Lista ta' riservi dwar stabbiliment; Lista ta' impenji ta' forniment transkonfinali ta' servizzi; Lista ta' riservi fuq fornituri kuntrattwali tas-servizzi u professjonisti indipendenti
Anness XVI-A għal Kapitolu 6	Riservi tal-UE dwar l-istabbiliment
Anness XVI-B għal Kapitolu 6	Lista ta' impenji dwar servizzi transfruniera
Anness XVI-C għal Kapitolu 6	Riservi fuq fornituri kuntrattwali tas-servizzi u professjonisti indipendenti (Parti tal-UE)
Anness XVI – D għal Kapitolu 6	Riservi tal-Ukraina għall-istabbiliment
Anness XVI – E għal Kapitolu 6	Impenji tal-Ukraina dwar servizzi transkonfinali
Anness XVI – F għal Kapitolu 6	Riservi fuq fornituri kuntrattwali tas-servizzi u professjonisti indipendenti (l-Ukraina)
Anness XVII	Approssimazzjoni Regulatorja
Appendiċi XVII – 1	Adattamenti orizzontali u regoli proċedurali
Appendiċi XVII – 2	Regoli applikabbli għal servizzi finanzjarji
Appendiċi XVII – 3	Regoli applikabbli għal servizzi tat-telekomunikazzjoni
Appendiċi XVII – 4	Regoli applikabbli għal servizzi postali u ta' kurrier
Appendiċi XVII – 5	Regoli applikabbli għal trasport marittimu internazzjonali
Appendiċi XVII – 6	Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ
Anness XVIII għal Kapitolu 6	Postijiet għal Mistoqsijiet
Anness XIX għal Kapitolu 6	Lista indikattiva tal-UE ta' swieq tal-prodotti u s-servizzi rilevanti li trid tiġi analizzata skont l-Artikolu 28
Anness XX għal Kapitolu 6	Lista indikattiva tal-Ukraina ta' swieq rilevanti biex tiġi analizzata skont l-Artikolu 28
Anness XXI għal Kapitolu 8	Anness għal Akkwist Pubbliku
Anness XXI-A għal Kapitolu 8	Skeda taż-żmien indikattiva għal riforma istituzzjonali, approssimazzjoni leġislattiva u aċċess għas-suq
Anness XXI-B għal Kapitolu 8	Elementi bażiċi tad-Direttiva 2004/18/KE (Fażi 2)
Anness XXI-C għal Kapitolu 8	Elementi bażiċi tad-Direttiva 89/665/KEE
Anness XXI – D għal Kapitolu 8	Elementi bażiċi tad-Direttiva 2004/17/KE
Anness XXI – E għal Kapitolu 8	Elementi bażiċi tad-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (minn issa 'l quddiem imsejħa "id-Direttiva 92/13/KEE")
Anness XXI – F għal Kapitolu 8	Elementi oħra mhux obligatorji tad-Direttiva 2004/18/KE (fażi 4)
Anness XXI – G tal-Kapitolu 8	Elementi oħra mandatorji tad-Direttiva 2004/18/KE (fażi 4)
Anness XXI – H tal-Kapitolu 8	Elementi oħra tad-Direttiva 89/665/KEE
Anness XXI – I tal-Kapitolu 8	Elementi oħra mhux obligatorji tad-Direttiva 2004/17/KE

Anness XXI – J tal-Kapitolu 8	Dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/13/KEE
Anness XXI – K tal-Kapitolu 8	Dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE
Anness XXI – L tal-Kapitolu 8	Dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/17/KE
Anness XXI – M tal-Kapitolu 8	Dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/665/KEE
Anness XXI – N tal-Kapitolu 8	Dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/13/KEE
Anness XXI – O tal-Kapitolu 8	Ukraina: Lista indikattiva ta' kwistjonijiet għal koperazzjoni
Anness XXII-A għal Kapitolu 9	Indikazzjonijiet ġeografiċi - Leġiżlazzjoni tal-Partijiet u elementi għal reġistrazzjoni u kontroll
Anness XXII-B għal Kapitolu 9	Indikazzjonijiet ġeografiċi – Kriterji li għandhom ikunu inklużi fil-proċedura ta' oġġezzjoni
Anness XXII-C għal Kapitolu 9	Indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel kif imsemmija fl-Artikolu 202(3) ta' dan il-Ftehim
Anness XXII – D għal Kapitolu 9	Indikazzjonijiet ġeografiċi ta' nbejjed, inbejjed aromatizzati u spirti kif imsemmija fl-Artikolu 202(3) u l-Artikolu 202(4) ta' dan il-Ftehim
Anness XXIII għal Kapitolu 10	Glossarju tat-Termini
Anness XXIV għal Kapitolu 14	Regoli ta' proċedura għas-soluzzjoni ta' dispużi
Anness XXV għal Kapitolu 15	Kodiċi ta' mgħiba għall-membri tal-bordijiet tal-arbitraġġ u l-medjaturi
L-ANNESSI TAT-TITOLU V	
Anness XXVI għal Kapitolu 1	Koperazzjoni fl-enerġija, inklużi kwistjonijiet nukleari
Anness XXVII għal Kapitolu 1	Koperazzjoni fl-enerġija, inklużi kwistjonijiet nukleari
Anness XXVIII għal Kapitolu 4	Tassazzjoni
Anness XXIX għal Kapitolu 5	Statistika
Anness XXX għal Kapitolu 6	Ambjent
Anness XXXI għal Kapitolu 6	Ambjent
Anness XXXII għal Kapitolu 7	Trasport
Anness XXXIII għal Kapitolu 7	Trasport
Anness XXXIV għal Kapitolu 13	Liġi tal-Kumpaniji, Governanza Korporattiva, Kontabbiltà u l-Awditjar
Anness XXXV għal Kapitolu 13	Liġi tal-Kumpaniji, Governanza Korporattiva, Kontabbiltà u l-Awditjar
Anness XXXVI għal Kapitolu 13	Liġi tal-Kumpaniji, Governanza Korporattiva, Kontabbiltà u l-Awditjar
Anness XXXVII għal Kapitolu 15	Politika awdjoviżiva

Anness XXXVIII għal Kapitolu 17	Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
Anness XXXIX għal Kapitolu 20	Protezzjoni tal-Konsumatur
Anness XL għal Kapitolu 21	Koperazzjoni dwar l-Impjiegi, il-Politika Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq
Anness XLI għal Kapitolu 22	Saħħa Pubblika
Anness XLII għal Kapitolu 23	Edukazzjoni, Taħriġ u Żgħażaġħ

L-ANNESSI TAT-TITOLU VI

Anness XLIII għal Titolu VII	Koperazzjoni Finanzjarja, ma' Dispożizzjonijiet Kontra l-Frodi
Anness XLIV għal Titolu VII	Koperazzjoni Finanzjarja, ma' Dispożizzjonijiet Kontra l-Frodi

PROTOKOLLI

Protokoll I	Protokoll dwar ir-Regoli tal-Oriġini
Protokoll II	Protokoll dwar Għajnuna Amministrattiva Reċiproka
Protokoll III	Protokoll dwar Qafas ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ukraina fil-programmi tal-Unjoni

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR FTEHIMET MA' PAJJIŻI OĦRA

—

ANNESI TAT-TITOLU IV: KUMMERĊ U KWISTJONIJET RELATATI MAL-KUMMERĊ

ANNES I-A TAL-KAPITOLU 1

TNEĦĦIJA TAD-DAZJI DOGANALI

L-iskedi tat-tariffi tal-Ukraina

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
I	TAQSIMA I – ANNIMALI ĦAJJIN; PRODOTTI TAL-ANNIMALI		
01	KAPITOLU 1 – ANNIMALI ĦAJJIN		
0101	Żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib		
0101 10	Annimali ta' razza pura għar-razza:		
0101 10 10 00	-- Żwiemel	0	0
0101 10 90 00	-- Oħrajn	0	0
0101 90	- Oħrajn:		
	-- Żwiemel		
0101 90 11 00	--- Għall-qtil	5	5
0101 90 19 00	--- Oħrajn	5	5
0101 90 30 00	-- Ħmir	5	5
0101 90 90 00	-- Bgħula u bgħula tar-rkib	5	5
0102	Annimali tal-ifrat ħajjin:		
0102 10	- Annimali ta' razza pura għar-razza:		
0102 10 10 00	-- Għoġiela (annimali tal-ifrat nisa li qatt ma welldu)	0	0
0102 10 30 00	-- Baqar	0	0
0102 10 90 00	-- Oħrajn	0	0
0102 90	- Oħrajn:		
	-- Speċi domestiċi:		
0102 90 05 00	--- Ta' piż li ma jaqbix 80 kg	5	3
	--- Ta' piż li jaqbeż 80 kg iżda li ma jaqbix 160 kg		
0102 90 21 00	---- Għall-qatla	5	3
0102 90 29 00	---- Oħrajn	5	3
	--- Ta' piż li jaqbeż 160 kg iżda li ma jaqbix 300 kg		
0102 90 41 00	---- Għall-qatla	5	3

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0102 90 49 00	---- Oħrajn	15	7
	--- Ta' piż li jaqbeż 300 kg:		
	---- Għoġġiela (annimali ta' l-ifrat nisa li qatt ma welldu):		
0102 90 51 00	----- Għall-qatla	5	3
0102 90 59 00	----- Oħrajn	5	3
	---- Baqar:		
0102 90 61 00	----- Għall-qatla	5	3
0102 90 69 00	----- Oħrajn	5	3
	---- Oħrajn:		
0102 90 71 00	----- Għall-qatla	5	3
0102 90 79 00	----- Oħrajn	5	3
0102 90 90 00	-- Oħrajn	5	3
0103	Majjali ħajjin:		
0103 10 00 00	- Annimali ta' razza pura għar-razza	0	0
	- Oħrajn:		
0103 91	-- Ta' piż li ma jaqbiżx 50 kg		
0103 91 10 00	--- Speċi domestiċi	5	Tnaqqis ta' 50 % f7 snin
0103 91 90 00	--- Oħrajn	5	7
0103 92	-- Ta' piż ta' 50 kg jew aktar:		
	--- Speċi domestiċi:		
0103 92 11 00	---- Majjali nisa li jkunu ferrgħu għallinqas darba, ta' piż mhux inqas minn 160 kg	8	7
0103 92 19 00	---- Oħrajn	8	Tnaqqis ta' 50 % f7 snin
0103 92 90 00	--- Oħrajn	8	7
0104	Nagħaġ u mogħoż ħajjin:		
0104 10	- Nagħaġ:		
0104 10 10 00	-- Annimali ta' razza pura għar-razza	0	0
	-- Oħrajn		
0104 10 30 00	--- Ħrief (li ma jkollhomx iżjed minn sena)	2	3
0104 10 80 00	--- Oħrajn	2	3
0104 20	- Mogħoż		

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0104 20 10 00	-- Annimali ta' razza pura għar-razza	2	0
0104 20 90 00	-- Oħrajn	2	5
0105	Tjur ħajjin, jiġifieri tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> , papri, wiżż, dundjani u farawni:		
	- Li jiżnu aktar minn 185 g:		
0105 11	-- Tajr tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> :		
	--- Flieles nisa nanniet u ġenituri		
0105 11 11 00	---- Irjus għall-bajd	0	0
0105 11 19 00	---- Oħrajn	0	0
	--- Oħrajn		
0105 11 91 00	---- Irjus għall-bajd	0	0
0105 11 99 00	---- Oħrajn	0	0
0105 12 00 00	-- Dundjani	2	7
0105 19	-- Oħrajn:		
0105 19 20 00	--- Wiżż	2	3
0105 19 90 00	--- Papri u farawni	2	3
	- Oħrajn:		
0105 94 00	-- Tajr tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> :		
0105 94 00 10	--- flieles ta' 90-120 jum	0	0
0105 94 00 90	--- Oħrajn	10	5
0105 99	-- Oħrajn:		
0105 99 10 00	--- Papri	10	5
0105 99 20 00	--- Wiżż	10	5
0105 99 30 00	--- Dundjani	10	5
0105 99 50 00	--- Farawni	10	5
0106	Annimali ħajjin oħra:		
	- mammiferi:		
0106 11 00	-- primati:		
0106 11 00 10	--- fornuti liż-żujiet	0	0
0106 11 00 90	--- Oħrajn	10	3

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0106 12 00	-- Baleni, delfin u foċeni (mammiferi tal-ordni <i>Cetacea</i>); laman-tini u dugongi (mammiferi tal-ordni <i>Sirenia</i>):		
0106 12 00 10	--- fornuti liż-żujiet	0	0
0106 12 00 90	--- Oħrajn	10	3
0106 19	-- Oħrajn:		
0106 19 10 00	--- Fniek domestiċi	10	3
0106 19 90	--- Oħrajn:		
0106 19 90 10	--- fornuti liż-żujiet	0	0
0106 19 90 90	---- Oħrajn	10	0
0106 20 00	- Rettili (inklużi sriep u fkieren):		
0106 20 00 10	-- fornuti liż-żujiet	0	0
0106 20 00 90	-- Oħrajn	10	3
	- għasafar		
0106 31 00	-- għasafar tal-priża		
0106 31 00 10	--- fornuti liż-żujiet	0	0
0106 31 00 90	--- Oħrajn	10	3
0106 32 00	-- <i>Psittaciformes</i> (inklużi pappagalli, parrukketti, makawi u kakatuwi)		
0106 32 00 10	--- fornuti liż-żujiet	0	0
0106 32 00 90	--- Oħrajn	10	3
0106 39	-- Oħrajn:		
0106 39 10	--- Ħamiem:		
0106 39 10 10	---- fornuti għaż-żujiet	0	0
0106 39 10 90	---- Oħrajn	10	3
0106 39 90	--- Oħrajn:		
0106 39 90 10	---- fornuti għaż-żujiet	0	0
0106 39 90 90	---- Oħrajn	10	3
0106 90 00	- Oħrajn:		
0106 90 00 10	-- fornuti għaż-żujiet	0	0
0106 90 00 90	-- Oħrajn	10	3

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
02	KAPITLU 2 - LAĦAM U ĠEWWIENI LI JITTIEKEL		
0201	Laħam ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ:		
0201 10 00 00	- Karkassi u nofs-karkassi	15	3
0201 20	- Qatgħat oħra bil-għadma:		
0201 20 20 00	-- Kwarti "kumpensati"	15	3
0201 20 30 00	-- Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin	15	3
0201 20 50 00	-- Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin	15	3
0201 20 90 00	-- Oħrajn	15	Tnaqqis ta' 50 % f7 snin
0201 30 00 00	- Mingħajr għadam	15	3
0202	Laħam ta' annimali ta' l-ifrat, iffriżat:		
0202 10 00 00	- Karkassi u nofs karkassi	15	3
0202 20	- Qatgħat oħra bil-għadma:		
0202 20 10 00	-- Kwarti "kompensati"	15	3
0202 20 30 00	-- Kwarti ta' quddiem mhux mifrudin jew mifrudin	15	3
0202 20 50 00	-- Kwarti ta' wara mhux mifrudin jew mifrudin	15	3
0202 20 90 00	-- Oħrajn	15	Tnaqqis ta' 50 % f7 snin
0202 30	- Mingħajr għadam:		
0202 30 10 00	-- Kwarti ta' quddiem, sħaħ jew imqattgħin f'massimu ta' ħames biċċiet, kull kwart ikun ġo blokka waħda; kwarti "kumpensati" f'żewġ blokko, waħda fiha il-kwart ta' quddiem, sħiħ jew imqatta' f'massimu ta' ħames biċċiet, u l-oħra, il-kwart ta' wara, mingħajr flett, f'biċċa waħda	15	3
0202 30 50 00	-- "Crop", qatgħat ta' spalla u skapula u sidra	15	Tnaqqis ta' 20 % f5 snin
0202 30 90 00	-- Oħrajn	15	Tnaqqis ta' 50 % f7 snin
0203	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew friżat:		
	- Frisk jew imkessaħ:		
0203 11	-- Karkassi u nofs karkassi:		
0203 11 10 00	--- Ta' majjal domestiku	12	(Kwota tar-Rata Tariffarja, KRT_Majjal). (10 000 t espressi f'piż nett) + TRQ Pork (KRT Majjal) ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0203 11 90 00	--- Oħrajn	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 12	-- Ġarretti, spalel u qatgħat tagħhom, bl-għadma:		
	--- Ta' majjal domestiku		
0203 12 11 00	---- Ġarretti u qatgħat tagħhom	12	TRQ_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 12 19 00	---- Spalel u qatgħat tagħhom	12	(KRT_Majjal). (10 000 t espressi f'piż nett) + TRQ Pork (KRT Majjal) ieħor (10 000 t expressi f'piż nett)
0203 12 90 00	--- Oħrajn	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 19	-- Oħrajn:		
	--- Ta' majjal domestiku		
0203 19 11 00	---- Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 19 13 00	---- Flett u qatgħat tiegħu, bil-għadma	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 19 15 00	---- Żaqq (<i>streaky</i>) u qatgħat tagħha	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
	---- Oħrajn:		
0203 19 55 00	----- Bla għadam	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 19 59 00	----- Oħrajn	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0203 19 90 00	--- Oħrajn	12	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
	- Iffriżat:		
0203 21	-- Karkassi u nofs karkassi:		
0203 21 10 00	--- Ta' majjal domestiku	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 21 90 00	--- Oħrajn	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 22	-- Ġarretti, spalel u qatgħat tagħhom, bl-għadma:		
	--- Ta' majjal domestiku:		
0203 22 11 00	---- Ġarretti u qatgħat tagħhom	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 22 19 00	---- Spalel u qatgħat tagħhom	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 22 90 00	--- Oħrajn	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 29	-- Oħrajn		
	--- Ta' majjal domestiku:		
0203 29 11 00	---- Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 29 13 00	---- Flett u qatgħat tiegħu, bil-għadma	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 29 15 00	---- Żaqq (<i>streaky</i>) u qatgħat tagħha	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
	---- Oħrajn:		

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0203 29 55 00	----- Bla għadam	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 29 59 00	----- Oħrajn	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett) + KRT Majjal ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
0203 29 90 00	--- Oħrajn	10	KRT_Majjal (10 000 t espressi f'piż nett)
0204	Laħam tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat:		
0204 10 00 00	- Karkassi u nofs karkassi tal-ħaruf, friski jew imkessħin	10	3
	- Laħam ieħor tan-nagħaġ, frisk jew imkessaħ		
0204 21 00 00	-- Karkassi u nofs karkassi.	10	5
0204 22	-- Qagħtat oħrajn bl-għadam magħhom:		
0204 22 10 00	--- Kwarti ta' quddiem qosra	10	3
0204 22 30 00	--- Qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf	10	5
0204 22 50 00	--- Saqajn	10	5
0204 22 90 00	--- Oħrajn	10	Tnaqqis ta' 20 % f'5 snin
0204 23 00 00	-- Bla għadam	10	3
0204 30 00 00	- Karkassi u nofs karkassi tal-ħaruf, friżati	10	3
	- Laħam ieħor tan-nagħaġ iffriżat:		
0204 41 00 00	-- Karkassi u nofs karkassi.	10	3
0204 42	-- Qagħtat oħrajn bl-għadam:		
0204 42 10 00	--- Kwarti ta' quddiem qosra	10	3
0204 42 30 00	--- Qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf	10	5
0204 42 50 00	--- Saqajn	10	5
0204 42 90 00	--- Oħrajn	10	7
0204 43	-- Bla għadam:		
0204 43 10 00	--- Tal-ħaruf	10	3
0204 43 90 00	--- Oħrajn	10	7

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0204 50	- Laħam tal-mogħoż:		
	-- Frisk jew imkessaħ:		
0204 50 11 00	--- Karkassi u nofs karkassi.	10	5
0204 50 13 00	--- Kwarti ta' quddiem qosra	10	5
0204 50 15 00	--- Qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf	10	5
0204 50 19 00	--- Saqajn	10	5
	--- Oħrajn:		
0204 50 31 00	---- Qatgħat bl-għadma	10	5
0204 50 39 00	---- Qatgħat bla għadma	10	5
	-- Friżat:		
0204 50 51 00	--- Karkassi u nofs karkassi.	10	5
0204 50 53 00	--- Kwarti ta' quddiem qosra	10	5
0204 50 55 00	--- Qatgħat tad-dahar u/jew l-aħjar truf	10	5
0204 50 59 00	--- Saqajn	10	5
	--- Oħrajn:		
0204 50 71 00	---- Qatgħat bl-għadma	10	5
0204 50 79 00	---- Qatgħat bla għadma	10	5
0205 00	Laħam taż-żwiemel, ħmir, bgħula jew hinnies, frisk, imkessaħ jew friżat:		
0205 00 20 00	- Frisk jew imkessaħ	12	5
0205 00 80 00	- Friżat	12	5
0206	Ġewwieni li jittiekel ta' annimali ta' l-ifrat, majjal, nħaġ, mogħoż, żwiemel, ħmir, bgħula jew bgħula tar-rkib, frisk, imkessaħ jew friżat:		
0206 10	- Ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ:		
0206 10 10 00	- Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi	15	7
	-- Oħrajn:		
0206 10 91 00	--- Fwied	15	7
0206 10 95 00	--- Falda ħoxna u falda rqiqa	15	Tnaqqis ta' 20 % f'5 snin
0206 10 99 00	--- Oħrajn	15	Tnaqqis ta' 20 % f'5 snin
	- Ta' annimali tal-ifrat, friżat:		

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0206 21 00 00	-- Ilsa	12	7
0206 22 00 00	-- Fwied	15	7
0206 29	-- Oħrajn:		
0206 29 10 00	--- Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi	12	7
	--- Oħrajn:		
0206 29 91 00	---- Falda ħoxna u falda rqiqa	12	Tnaqqis ta' 20 % f5 snin
0206 29 99 00	---- Oħrajn	12	Tnaqqis ta' 20 % f5 snin
0206 30 00 00	- Tal-majjal, frisk jew imkessaħ	15	7
	- Tal-ħnieżer, friżat:		
0206 41 00 00	-- Fwied	10	Tnaqqis ta' 50 % f7 snin
0206 49	-- Oħrajn:		
0206 49 20 00	--- Ta' majjal domestiku	10	Tnaqqis ta' 50 % f7 snin
0206 49 80 00	--- Oħrajn	10	7
0206 80	- Oħrajn, friski jew imkessaħ		
0206 80 10 00	- Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi	15	7
	-- Oħrajn:		
0206 80 91 00	--- Ta' żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib	15	Tnaqqis ta' 20 % f5 snin
0206 80 99 00	--- Ta' nagħaġ u mogħoż	15	Tnaqqis ta' 20 % f5 snin
0206 90	- Ieħor, friżat:		
0206 90 10 00	-- Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi	15	7
	-- Oħrajn:		
0206 90 91 00	--- Ta' żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tar-rkib	15	7
0206 90 99 00	--- Ta' nagħaġ u mogħoż	15	7
0207	Laħam u ġewwieni li jittiekel, ta' tjur tat-titlu 0105, frisk, imkessaħ jew friżat:		
	- Ta' tjur tal-ispeċi <i>Gallus domesticus</i> :		
0207 11	-- Mhux imqattgħin f'biċċiet, friski jew imkessħin:		

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0207 11 10 00	--- Imnittfa u mnaddfa mill-imsaren, bl-irjus u s-saqajn, magħrufa bħala "83 % tiġieġ"	15	7
0207 11 30 00	--- Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % tiġieġ"	15	7
0207 11 90 00	--- Imnittfa u mnaddfa, mingħajr irjus u saqajn u mingħajr l-għenuq, il-qlub, il-fwied u l-qnieżaħ, magħrufa bħala "65 % tiġieġ", jew ippreżentati mod ieħor	15	7
0207 12	-- Mhux imqattgħin f'biċċiet, friżati:		
0207 12 10 00	--- Imnittfa u msewwija, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % tiġieġ"	12	KRT_Tiġieġ (8 000 - 10 000 t espressi f'piż nett) (!) + KRT Tiġieġ ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
0207 12 90 00	--- Imnittfa u mnaddfa, mingħajr irjus u saqajn u mingħajr l-għenuq, il-qlub, il-fwied u l-qnieżaħ, magħrufa bħala "65 % tiġieġ", jew ippreżentati mod ieħor	12	KRT_Tiġieġ (8 000 - 10 000 t espressi f'piż nett) (!) + KRT Tiġieġ ieħor (10 000 t espressi f'piż nett)
0207 13	-- Qatgħat u ġewwieni, friski jew imkessħin:		
	--- Qatgħat		
0207 13 10 00	---- Bla għadam	12	7
	---- Bil-għadam:		
0207 13 20 00	---- Nofsijiet jew kwarti (robbi)	12	7
0207 13 30 00	----- Ġwienaħ sħaħ, bil-ponot jew mingħajr ponot	12	7
0207 13 40 00	----- Dahar, għenuq, dahar bl-għenuq imwahrhin, biċċiet tad-denb u truf tal-ġwienaħ	12	7
0207 13 50 00	----- Sidriet u qatgħat tagħhom	12	7
0207 13 60 00	----- Saqajn u qatgħat tagħhom	12	7
0207 13 70 00	----- Oħrajn	12	7
	--- Ġewwieni:		
0207 13 91 00	---- Fwied	12	7
0207 13 99 00	---- Oħrajn	12	7
0207 14	-- Qatgħat u ġewwieni, iffriżati		
	--- Qatgħat:		

CN 2008	Deskrizzjoni	Rata bażi	Kategorija tal-Fażi
0207 14 10 00	---- Mingħajr għadam	10	KRT_Tiġieġ (8 000 - 10 000 t espressi f'piż nett) ⁽¹⁾
3. Il-Parti li timporta għandha tfassal listi ta' stabbilimenti approvati b'mod provviżorju kif imsemmi fi 2.1.1 u għandha tagħmel dawn il-listi disponibbli għall-pubbliku.
4. Kundizzjonijiet u proċeduri għall-approvazzjoni provviżorja:
 - (a) Jekk l-importazzjoni tal-prodott tal-annimali kkonċernat mill-Parti li tesporta tkun ġiet awtorizzata mill-Parti li timporta u l-kundizzjonijiet ta' importazzjoni rilevanti u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-prodotti kkonċernati jkunu ġew stabbiliti;
 - (b) Jekk l-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta tkun ipprovdiet lill-Parti li timporta garanziji sodisfaċenti li l-istabbilimenti li jidhru fil-lista jew il-listi tagħha jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-Parti li timporta u tkun approvat uffiċjalment l-istabbilimenti li jidhru fil-listi għall-esportazzjoni lejn il-Parti li timporta;
 - (c) L-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta għandu jkollha setgħa reali biex tissospendi l-attivitajiet għall-esportazzjoni lejn il-Parti li timporta minn stabbiliment li għalih dik l-awtorità tkun ipprovdiet garanziji, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-garanziji msemmija

- (d) Il-verifika skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 71 tal-Ftehim mill-Parti li timporta tista' tkun parti mill-proċedura ta' approvazzjoni provviżorja. Din il-verifika tikkonċerna l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-approvazzjoni tal-istabbiliment kif ukoll is-setgħat disponibbli għal dik l-awtorità kompetenti u l-garanziji li tista' tipprovdni fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-Parti li timporta. Dawn il-kontrolli jistgħu jinkludu l-ispezzjoni fil-post ta' għadd rappreżentattiv ta' stabbilimenti li jidhru fil-lista jew il-listi pprovduti mill-Parti li tesporta.

Filwaqt li titqies l-istruttura speċifika u t-tqassim tal-kompetenza ġewwa l-Unjoni Ewropea, tali verifika fl-Unjoni Ewropea tista' tikkonċerna lill-Istati Membri individwali.

- (e) Fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifika prevista fis-subparagrafu (d), il-Parti li timporta tista' temenda l-lista eżistenti ta' stabbilimenti.
-

ANNEX IX TAL-KAPITOLU 4

PROĊESS GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-EKWIVALENZA**1. Prinċipji**

- (a) L-ekwivalenza tista' tiġi ddeterminata għal miżura individwali jew għal gruppi ta' miżuri jew sistemi relatati ma' ċerta komodità jew kategoriji ta' komoditajiet jew kollha kemm huma;
- (b) Il-kunsiderazzjoni tal-ekwivalenza mill-Parti li timpорта ta' talba mill-Parti li tesporta għar-rikonoxximent tal-miżuri tagħha fir-rigward ta' komodità speċifika ma għandhiex tkun raġuni għat-tfixkil tal-kummerċ jew is-sospensjoni tal-importazzjonijiet li qed isiru mill-Parti li tesporta l-komodità kkonċernata;
- (c) Id-determinazzjoni tal-ekwivalenza hija proċess interattiv bejn il-Parti li tesporta u l-Parti li timpорта. Il-proċess jikkonsisti minn dimostrazzjoni oġġettiva tal-ekwivalenza ta' miżuri individwali mill-Parti li tesporta u l-valutazzjoni oġġettiva ta' din id-dimostrazzjoni bil-ħsieb ta' rikonoxximent possibbli tal-ekwivalenza mill-Parti li timpорта;
- (d) Ir-rikonoxximent finali tal-ekwivalenza tal-miżuri rilevanti tal-Parti li tesporta tibqa' r-responsabbiltà tal-Parti li timpорта biss.

2. Kundizzjonijiet minn qabel

- (a) Il-proċess jiddependi fuq l-istat tas-saħħa u tal-pesti, il-leġiżlazzjoni u l-effettività tas-sistema ta' spezzjoni u kontroll relatata mal-komodità fil-Parti li tesporta. Għal dan l-għan, għandha titqies il-leġiżlazzjoni fis-settur ikkonċernat, kif ukoll l-istruttura tal-awtorità kompetenti tal-Parti li tesporta, il-katina ta' kmand, l-awtorità, il-proċeduri u r-riżorsi operattivi, u l-prestazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-sistemi ta' spezzjoni u kontroll, inkluż il-livell ta' infurzar relatat mal-komodità u r-regolarità u r-rapidità tal-informazzjoni lill-Parti li timpорта fil-każ ta' perikli identifikati. Dan ir-rikonoxximent jista' jiġi appoġġat minn dokumentazzjoni, verifika u esperjenza ddokumentata ta' qabel;
- (b) Il-Partijiet għandhom jibdeu il-proċess tad-determinazzjoni tal-ekwivalenza bbażat fuq il-prijoritajiet stabbiliti fl-Artikolu 66(4) tal-Ftehim.
- (c) Il-Parti li tesporta għandha biss tibda l-proċess meta ma tkunx tapplika l-ebda miżura ta' salvagwardja imposta mill-Parti li timpорта lill-Parti li tesporta fir-rigward tal-komodità.

3. Il-proċess

- (a) Il-Parti li tesporta tibda l-proċess billi tippreżenta talba lill-Parti li timpорта għar-rikonoxximent tal-ekwivalenza ta' miżura individwali jew gruppi ta' miżuri jew sistemi għal komodità jew kategorija ta' komoditajiet f'settur jew subsettur jew kollha kemm huma;
- (b) Fejn xieraq, din it-talba tinkludi wkoll it-talba u d-dokumentazzjoni rikjesta għall-approvazzjoni mill-Parti li timpорта fuq il-bażi tal-ekwivalenza ta' kwalunkwe programm jew pjan tal-Parti li tesporta rikjest mill-Parti li timpорта bħala kundizzjoni biex jingħata permess għall-importazzjoni ta' dik il-komodità jew kategoriji ta' komoditajiet;
- (c) B'din it-talba, il-Parti li tesporta:
 - (i) tispjega l-importanza tal-kummerċ ta' dik il-komodità jew kategoriji ta' komoditajiet;
 - (ii) tidentifika l-miżura(i) individwali li biha tista' tikkonforma mill-miżuri kollha espressi fil-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Parti li timpорта applikabbli għal dik il-komodità jew kategoriji ta' komoditajiet;
 - (iii) tidentifika l-miżura(i) individwali li għaliha qed titlob l-ekwivalenza mill-miżuri kollha espressi fil-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tal-Parti li timpорта, applikabbli għal dik il-komodità jew kategoriji ta' komoditajiet;

- (d) Bħala tweġiba għal din it-talba, il-Parti li timporta tispejga l-mira globali u individwali u r-raġunament tal-miżura(i) tagħha, inkluża l-identifikazzjoni tar-riskju;
- (e) B'din l-ispejgazzjoni, il-Parti li timporta tinforma lill-Parti li tesporta dwar ir-relazzjoni tal-miżuri domestiċi u l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni għal dik il-komodità jew kategoriji ta' komoditajiet;
- (f) Il-Parti li tesporta turi b'mod oġġettiv lill-Parti li timporta li l-miżuri li identifikat huma ekwivalenti għall-kundizzjonijiet ta' importazzjoni għal dik il-komodità jew kategoriji ta' komoditajiet;
- (g) Il-Parti li timporta tivvaluta b'mod oġġettiv it-turija ta' ekwivalenza mill-Parti li tesporta;
- (h) Il-Parti li timporta tikkonkludi jekk l-ekwivalenza tkunx inkisbet jew le;
- (i) Il-Parti li timporta tipprovdi lill-Parti li tesporta spjegazzjoni sħiħa u dejta ta' appoġġ għad-determinazzjoni u d-deċiżjoni tagħha jekk dawn jiġu rikjesti mill-Parti li tesporta;

4. It-turija tal-ekwivalenza tal-miżuri bill-Parti li tesporta u l-valutazzjoni ta' din it-turija mill-Parti li timporta

- (a) Il-Parti li tesporta għandha turi l-ekwivalenza b'mod oġġettiv għal kull waħda mill-miżuri identifikati tal-Parti li timporta espressi fil-kundizzjonijiet tal-importazzjoni tagħha. Fejn xieraq, l-ekwivalenza għandha tintwera b'mod oġġettiv għal kwalunkwe pjan jew programm rikjest mill-Parti li timporta bħala kundizzjoni għall-importazzjoni (pereżempju pjan għar-residwi, eċċ);
- (b) It-turija u l-valutazzjoni oġġettivi f'dan il-kuntest għandhom ikunu bbażati, kemm jista' jkun, fuq:
 - standards rikonoxxuti internazzjonalment; u/jew standards ibbażati fuq evidenza xjentifika xierqa; u/jew
 - il-valutazzjoni tar-riskju; u/jew
 - esperjenza ddokumentata oġġettiva ta' qabel; u
 - status legali jew livell ta' status amministrattiv tal-miżuri; u
 - livell ta' implimentazzjoni u infurzar fuq il-bażi ta', b'mod partikolari:
 - riżultati korrispondenti ta' programmi ta' sorveljanza u monitoraġġ;
 - riżultati ta' spezzjoni mill-Parti li tesporta;
 - riżultati ta' analiżi b'metodi ta' analiżi rikonoxxuti;
 - riżultati tal-verifika u l-kontroll tal-importazzjoni mill-Parti li timporta;
 - il-prestazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Parti li tesporta; u
 - esperjenzi ta' qabel.

5. Konklużjoni tal-Parti li timporta

Fil-każ li l-Parti li timporta tasal għal konklużjoni negattiva, hija għandha tipprovdi lill-Parti li tesporta spjegazzjoni dettaljata u motivata.

- 6. Għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti, l-ekwivalenza li tikkonċerna l-miżuri fitosanitarji għandha tkun ibbażata fuq ISPMs rilevanti.

ANNEX X TAL-KAPITOLU 4

LINJI GWIDA GĦAT-TWETTIQ TAL-VERIFIKI

Il-verifiki jistgħu jitwettqu fuq il-bażi tal-awditjar u/jew permezz ta' kontrolli għal għarrieda.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

- (a) il-“Parti awditjata” hija l-Parti soġġetta għall-verifika;
- (b) l-“awditur” huwa l-Parti li twettaq il-verifika

1. Prinċipji ġenerali tal-verifika

- 1.1. Il-verifiki għandhom jitwettqu b'kooperazzjoni bejn l-awditur u l-parti awditjata skont id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan l-Anness.
- 1.2. Il-verifiki għandhom jitfasslu b'mod li jiċċekkjaw l-effettività tal-kontrolli tal-Parti awditjata aktar milli biex jikkundannaw annimali individwali, gruppi ta' annimali, konsenji ta' stabbilimenti tal-ikel jew lottijiet individwali ta' pjanti jew prodotti tal-pjanti. Fejn il-verifika tesponi riskju serju lil saħħet l-annimali, il-pjanti jew lill-bniedem, il-Parti awditjata trid tiegħu azzjoni korrettiva minnufih. Il-proċess jista' jinkludi l-istudju tar-regolamenti rilevanti, tal-metodu ta' implimentazzjoni, tal-valutazzjoni tar-riżultat aħħari, tal-livell ta' konformità ma' dak kollu stabbilit u tal-azzjonijiet ta' rimedju li jsiru wara.
- 1.3. Il-frekwenza tal-verifiki għandha tinħadem abbażi tal-prestazzjoni. Prestazzjoni ta' livell baxx għandha tirriżulta fiż-żieda tal-frekwenza tal-verifiki; prestazzjoni mhux sodisfaċenti għandha tiġi kkoreġuta mill-parti awditjata għas-sodisfazzjoni tal-awditur.
- 1.4. Il-verifiki, u d-deċiżjonijiet ibbażati fuqhom, għandhom jitwettqu b'mod trasparenti u konsistenti bla dewmien mhux dovut u b'mod mhux inqas favorevoli għall-prodotti importati milli għall-prodotti domestiċi simili.

2. Prinċipji li jirrigwardaw lill-awditur

L-awdituri għandhom iħejju pjan, skont standards rikonoxxuti internazzjonalment, fejn japplika, li jkopri l-punti li ġejjin:

- 2.1. is-suġġett, il-fond u l-kamp ta' applikazzjoni tal-verifika;
- 2.2. id-data u l-post tal-verifika, flimkien ma' skeda taż-żmien sa meta joħroġ ir-rapport finali, u li tinkludi l-ħruġ tiegħu;
- 2.3. il-lingwa jew lingwi li se tintuża/jintużaw għat-twettiq tal-verifika u għar-rapport miktub;
- 2.4. l-identità tal-awdituri u jekk jintuża approċċ ta' tim, l-identità tal-mexxej tat-tim. Jistgħu jkunu mitluba ħliet professjonali speċjalizzati għat-twettiq tal-verifika ta' sistemi u ta' programmi speċjalizzati;
- 2.5. skeda ta' laqgħat mal-uffiċjali u żjarat fi stabbilimenti u faċilitajiet, skont il-każ. L-identità tal-istabbilimenti jew il-faċilitajiet li tkun se ssirilhom żjara ma hemmx għalfejn tingħata minn qabel;
- 2.6. l-awditur irid jirrispetta l-kunfidenzjalità kummerċjali, u dan suġġett għad-dispożizzjonijiet dwar il-libertà tal-informazzjoni. Għandhom jiġu evitati l-kunflitti ta' interess;
- 2.7. rispett tar-regoli li jirregolaw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, u d-drittijiet tal-operatur. Dan il-pjan għandu jkun rivedut, minn qabel, mar-rappreżentanti tal-Parti awditjata.

3. Prinċipji li jirrigwardaw il-parti awditjata

Il-prinċipji li ġejjin japplikaw għall-azzjonijiet meħuda mill-parti awditjata, sabiex tiġi ffaċilitata l-verifika:

- 3.1. Il-parti awditjata għandha tikkopera bis-sħiħ mal-awditur u għandha tinnomina persunal responsabbli għal dan ix-xogħol.

Il-kooperazzjoni tista' tinkludi, pereżempju:

- l-aċċess għar-regolamenti u għall-istandards kollha rilevanti;
- l-aċċess għal programmi tal-konformità u rekords u dokumenti xierqa;
- l-aċċess għar-rapporti ta' awditjar u ta' spezzjoni;
- id-dokumentazzjoni dwar azzjonijiet u sanzjonijiet korrettivi;
- l-iffaċilitar tad-dħul għall-istabbilimenti.

3.2. Il-parti awditjata għandha topera programm dokumentat biex turi lill-awditur li l-istandards qed jiġu ssodisfatti fuq bażi konsistenti u uniformi.

4. Proċeduri

4.1. Laqgħa tal-ftuħ

Għandha ssir laqgħa tal-ftuħ bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet. F'din il-laqgħa l-awditur ikun responsabbli għar-reviżjoni tal-pjan ta' verifika u biex jikkonferma li riżorsi, dokumentazzjoni u faċilitajiet xierqa oħra meħtieġa huma disponibbli għat-twettiq tal-verifika.

4.2. Reviżjoni tad-dokumenti

Ir-reviżjoni tad-dokumenti tista' tikkonsisti minn reviżjoni tad-dokumenti u tar-rekords imsemmija fil-paragrafu 3.1, l-istrutturi u s-setgħat tal-parti awditjata, u kwalunkwe bidla rilevanti fis-sistemi ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jew mill-verifika preċedenti, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni ta' elementi tas-sistema ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni għall-annimali, il-prodotti tal-annimali, il-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti ta' interess. Dan jista' jinkludi eżami ta' rekords ta' spezzjoni u ta' ċertifikazzjoni u ta' dokumenti rilevanti.

4.3. Kontrolli għall-għarrieda

4.3.1. Id-deċiżjoni li jiġi inkluż dan l-istadju għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li jitqiesu fatturi bħal pereżempju l-annimali, il-prodotti tal-annimali, il-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti kkonċernati, l-istorja tal-konformità mar-rekwiżiti mis-setturi tal-industrija jew il-Parti esportatur, il-volum ta' prodott manifatturat u importat jew esportat, il-bidliet fl-infrastruttura u s-sistemi nazzjonali ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni.

4.3.2. Il-kontrolli għall-għarrieda jistgħu jinvolvu żjarat fil-faċilitajiet ta' produzzjoni u manifattura, iż-żoni tal-immaniġġjar jew il-ħażna tal-ikel u l-laboratorji ta' kontroll biex tiġi vverifikata l-konformità mal-informazzjoni fil-materjal ta' dokumentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4.2.

4.4. Verifika ta' segwitu

Fejn tkun qed titwettaq verifika ta' segwitu sabiex tivverifika l-korrezzjoni ta' xi nuqqasijiet, jista' jkun biżżejjed li jiġu eżaminati biss dawk il-punti li nstabu li kienu jeħtieġu l-korrezzjoni.

5. Dokumenti ta' ħidma

Il-formoli għar-rappurtar tas-sejbiet fl-awditajr u r-rappurtar tal-konklużjonijiet għandhom ikunu standardizzati kemm jista' jkun possibbli biex l-istrateġija lejn il-verifika tkun dejjem aktar uniformi, trasparenti u effiċjenti. Id-dokumenti ta' ħidma jisgħu jinkludu kwalunkwe listi ta' kontroll ta' elementi għall-valutazzjoni. Listi bħal dawn jistgħu jkopru:

- il-leġiżlazzjoni;
- l-istruttura u l-operazzjonijiet ta' spezzjoni u tas-servizzi ta' ċertifikazzjoni;
- id-dettalji tal-istabbiliment u tal-proċeduri tax-xogħol, statistika dwar is-saħħa, il-pjanijiet tat-teħid ta' kampjuni u r-riżultati;
- azzjoni u proċeduri ta' konformità;
- rappurtar u proċeduri ta' lmenti; u
- programmi ta' taħriġ.

6. Laqgħa tal-għeluq

Għandha ssir laqgħa tal-għeluq bejn ir-rappreżentanti tal-Partijiet, inklużi, fejn xieraq, l-uffiċjali responsabbli mill-programmi nazzjonali tal-ispezzjoni u taċ-ċertifikazzjoni. F'din il-laqgħa l-awditur għandu jippreżenta s-sejbiet tal-verifiki. L-informazzjoni għandha tkun ippreżentata b'mod ċar u konċiż b'mod li l-konklużjonijiet tal-awditjar ikunu jinftehm u b'mod ċar. Għandu jitfassal pjan ta' azzjoni għall-korrezzjoni ta' kwalunkwe nuqqasijiet innutati mill-parti awditjata, preferibbilment bid-dati ta' mira għat-tlestija.

7. Rapport

L-abbozz tar-rapport tal-verifika għandu jingħata lill-parti awditjata fi żmien 20 jum ta' xogħol. Il-parti awditjata għandu jkollha 25 jum ta' xogħol li fihom tkun tista' tikkummenta dwar l-abbozz tar-rapport. Il-kummenti tal-parti awditjata għandhom jiġu mehmuża, u fejn xieraq, jiġu inklużi fir-rapport finali. Madankollu, meta jiġi identifikat riskju pubbliku, għall-annimali jew għall-pjanti sinifikanti matul il-verifika, il-parti awditjata għandha tiġi infurmata malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem wara t-tmiem tal-verifika.

ANNEX XI TAL-KAPITOLU 4

IMPOSTI TAL-KONTROLLI FUQ L-IMPORTAZZJONI U L-ISPEZZJONI

A. **Prinċipji tal-kontrolli tal-importazzjonijiet**

Il-kontrolli tal-importazzjonijiet jikkonsistu f'kontrolli tad-dokumenti, kontrolli tal-identità u kontrolli fiżiċi.

Fir-rigward tal-annimali u l-prodotti tal-annimali, il-kontrolli fiżiċi u l-frekwenza tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju assoċjat ma' tali importazzjonijiet.

Fit-twettiq tal-kontrolli għall-iskopijiet tas-saħħa tal-pjanti, il-Parti li timporta għandha tiżgura li l-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħrajn ikunu spezzjonati bir-reqqa fuq bażi uffiċjali, kollha kemm huma jew kampjun rappreżentattiv tagħhom, sabiex jiġi żgurat, li ma jkunux ikkontaminati minn pesti.

Jekk il-kontrolli jiżvelaw nuqqas ta' konformità mal-istandards u/jew ir-reqwiziti rilevanti, il-Parti li timporta għandha tiegħu l-miżuri li huma proporzjonali għar-riskju involut. Kull fejn ikun possibbli, għandu jingħata aċċess lill-importatur jew lir-rappreżentant tiegħu għall-kunsinna u għandhom jingħataw l-opportunità li jikkontribwixxu b'kull informazzjoni rilevanti biex jgħinu lill-Parti li timporta tiegħu deċiżjoni finali fir-rigward tal-kunsinna. Tali deċiżjoni għandha tkun proporzjonali għar-riskju.

B. **Frekwenzi tal-kontrolli fiżiċi**

B.1. Importazzjoni ta' annimali u ta' prodotti tal-annimali fl-Unjoni Ewropea u fl-Ukraina

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
1. Kontrolli tad-dokumenti	100 %
2. Kontrolli tal-identità:	100 %
3. Kontrolli fiżiċi	
Annimali ħajjin	100 %
Prodotti tal-Kategorija I Laħam frisk li jinkludi l-ġewwieni, u l-prodotti tal-ispeċijiet tal-bovini, ovini, kaprini, porċini u ekwini kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/5/KEE tal-10 ta' Frar 1992 li temenda u taġġorna d-Direttiva 77/99/KEE dwar problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti tal-laħam u li temenda d-Direttiva 64/433/KEE Prodotti mis-sajd ippakkjati ermetikament f'kontenituri siġillati intiżi li jrenduhom stabbli f'temperaturi ambjentali, ħut frisk jew iffriżat u prodotti tas-sajd niexfa u/jew mielħa Bajd sħiħ Xaħam tal-ikel u xaħmijiet imdewba Ġlud tal-annimali Bajd għat-tfaqqis	20 %
Prodotti tal-Kategorija II Laħam tat-tjur u prodotti tal-laħam tat-tjur Laħam tal-fenek, laħam tal-annimali tal-kaċċa (selvaġġ u mrobbi) u prodotti tagħhom Ħalib u prodotti tal-ħalib għall-konsum mill-bniedem Prodotti tal-bajd	50 %

Tip ta' kontrolli fil-fruntiera	Rata tal-frekwenza
<p>Proteini tal-annimali pproċessati għall-konsum mill-bniedem (100 % għall-ewwel sitt kunsinni bl-ingrossa - id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li ttipprovdi għal rekwiżiti fir-rigward tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti f'regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A(I) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fejn jidħlu l-patoġeni, għad-Direttiva 90/425/KEE)</p> <p>Prodotti oħra tas-sajd għajr dawk imsemmijin fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KEE li tistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd huma permessi</p> <p>Molluski bivalvi</p> <p>Għasel</p>	
<p>Prodotti tal-Kategorija III</p> <p>Semen</p> <p>Embrijuni</p> <p>Demel</p> <p>Ħalib u prodotti tal-ħalib (mhux għall-konsum mill-bniedem)</p> <p>Ġelatina</p> <p>Saqajn taż-żrinġijiet u bebbux</p> <p>Għadam u prodotti tal-għadam</p> <p>Ġlud</p> <p>Lanżit, suf, xagħar u rix</p> <p>Qrun, prodotti tal-qrun, nagħal u prodotti tan-nagħal</p> <p>Prodotti tal-apikultura</p> <p>Trofej tal-kaċċa</p> <p>Ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi</p> <p>Materja prima għall-manifattura ta' ikel tal-annimali</p> <p>Materja prima, demm, prodotti tad-demm, glandoli u organi għall-użu farmaċewtiku jew tekniku</p> <p>Tiben u qamħ</p> <p>Patogēni</p> <p>Proteina pproċessata tal-annimali (fil-pakkett)</p>	<p>Minimu ta' 1 %</p> <p>Massimu ta' 10 %</p>
<p>Proteina tal-annimali pproċessata għall-konsum mill-bniedem (bl-ingrossa)</p>	<p>100 % għall-ewwel sitt kunsinni (il-punti 10 u 11 tal-Kapitolu II tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman</p>

B.2. Importazzjoni ta' ikel mhux magħmul mill-annimali fl-Unjoni Ewropea u fl-Ukraina

— Bżar ħelu (<i>Capsicum annuum</i>), imfarrak jew mitħun — ex 0904 20 90	10 % għaż-żebrgħat tas-Sudan mill-pajjiżi terzi kollha
— Prodotti tal-bżar ħelu (curry) — 0910 91 05	
— <i>Curcuma longa</i> (turmeric) — 0910 30 00	
(Ikel – ħwawar imnixxfi)	
— Żejt tal-palm aħmar — ex 1511 10 90	

B.3. Importazzjoni fl-Unjoni Ewropea u fl-Ukraina ta' pjanti, prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra

Għall-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-oġġetti l-oħra elenkati fl-Anness V, il-Parti B tad-Direttiva 2000/29/KE

Il-Parti li timporta tista' twettaq kontrolli sabiex tivverifika l-istatus fitosanitarju tal-kunsinna(i).

Tista' tiġi stabbilita frekwenza ridotta ta' kontrolli tal-importazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti għall-komoditajiet regolati għajr għall-pjanti li huma maħsuba għat-tħawwil.

ANNEX XII TAL-KAPITOLU 4

ĊERTIFIKAZZJONI

A. Prinċipji taċ-ċertifikazzjoni

Pjanti u prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra:

Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u oġġetti oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw il-prinċipji stipulati fl-ISPMS rilevanti.

Annimali u prodotti tal-annimali:

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandhom jiżguraw li l-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni għandhom għarfien sodisfaċenti tal-leġiżlazzjoni veterinarja fir-rigward tal-annimali jew il-prodotti tal-annimali li għandhom jiġu ċertifikati u, b'mod ġenerali, huma infurmati dwar ir-regoli li għandhom jiġu segwiti għat-tfassil u l-ħruġ taċ-ċertifikati u - jekk meħtieġ - dwar in-natura u l-limitu tal-inkjesti, it-testijiet jew l-eżamiijiet li għandhom jitwettqu qabel iċ-ċertifikazzjoni.
2. L-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni jistgħu biss jiċċertifikaw dejta li jkollhom għarfien personali tagħha jew li jistgħu jivverifikaw.
3. L-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni ma għandhomx jiffirmaw ċertifikati vojta jew mhux kompluti relatati ma' annimali jew prodotti tal-annimali li ma jkunux spezzjonaw jew li ma jkunux għadhom taħt il-kontroll tagħhom. Meta ċertifikat jiġi ffirmat fuq il-bażi ta' ċertifikat ieħor jew attestazzjoni oħra, l-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni għandu jkollu dak id-dokument fil-pussess tiegħu qabel ma jiffirma.
4. Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jista' jiċċertifika dejta li tkun:
 - (a) ġiet ivverifikata fuq il-bażi tal-paragrafi minn 1 sa 3 minn persuna oħra awtorizzata biex tagħmel dan mill-awtorità kompetenti u li taġixxi taħt il-kontroll ta' dik l-awtorità, sakemm l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni tkun tista' tivverifika l-eżattezza tad-dejta; jew
 - (b) inkisbet, fil-kuntest tal-programmi ta' monitoraġġ, b'referenza għal skemi għall-garanzija tal-kwalità rikonossuti uffiċjalment jew permezz ta' sistema ta' sorveljanza epidemjoloġika meta din tkun awtorizzata skont il-leġiżlazzjoni veterinarja.
5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw l-integrità taċ-ċertifikazzjoni. B'mod partikolari għandhom jiżguraw li l-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni maħtura minnhom:
 - (a) ikollhom *status* li jiżgura l-imparzjalità tagħhom u li ma jkollhom l-ebda interess kummerċjali dirett fl-annimali jew fil-prodotti li jkunu qegħdin jiġu ċertifikati jew fl-azjendi jew l-istabbilimenti li joriġinaw minnhom; u
 - (b) huma konxji b'mod sħiħ tat-tifsira tal-kontenut ta' kull ċertifikat li jiffirmaw.
6. Iċ-ċertifikati għandhom jifasslu b'mod li jiżguraw rabta bejn iċ-ċertifikat u l-kunsinna, f'mill-inqas lingwa li tintfieh mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni u f'mill-inqas lingwa waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Parti li timporta kif stipulat fil-Parti C ta' dan l-Anness.
7. Kull awtorità kompetenti għandha tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi rabta bejn iċ-ċertifikati u l-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni rilevanti u tiżgura li kopja taċ-ċertifikati kollha tkun disponibbli għal perjodu li hija għandha tiddetermina.
8. Kull Parti għandha ddaħħal tali verifiki u tiżgura li jittieħdu tali miżuri ta' kontroll kif meħtieġ biex jiġi evitat il-ħruġ ta' ċertifikazzjoni falza jew qarrieqa u l-produzzjoni jew użu frodulent ta' ċertifikati li suppost inħarġu għall-iskopijiet tal-leġiżlazzjoni veterinarja.

9. Bla ħsara għal kwalunkwe proċediment jew piena legali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu investigazzjonijiet jew verifiki u jieħdu l-miżuri xierqa biex jippenalizzaw kwalunkwe każ ta' ċertifikazzjoni falsa jew qarrieqa, li jkunu ġew mgħarrfa bih. Tali miżuri jistgħu jinkludu s-sospensjoni temporanja tal-uffiċjali taċ-ċertifikazzjoni mill-kompiti tagħhom sakemm issir l-investigazzjoni. B'mod partikolari:

(a) jekk jinstab matul il-verifiki li uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jkun ħareġ ċertifikat frodulenti intenzjonalment, l-awtorità kompetenti għandha tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura, sakemm ikun possibbli, li l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' terġa' tagħmel ir-reat;

(b) jekk jinstab matul il-verifiki li individwu jew azjenda għamel użu frodulenti minn ċertifikazzjoni uffiċjali jew għamel xi tibdil fiha, l-awtorità kompetenti għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura, sakemm ikun possibbli, li l-individwu jew l-azjenda ma jkunx jista' jerġa' jagħmel ir-reat. Tali miżuri jistgħu jinkludu rifjut li jerġa' jinħareġ ċertifikat uffiċjali lil dik il-persuna jew azjenda kkonċernata.

B. Ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 69(2)(a) ta' dan il-Ftehim.

L-attestazzjoni tas-saħħa fiċ-ċertifikat tirrifletti l-istatus ta' ekwivalenza tal-komodità kkonċernata. L-attestazzjoni tas-saħħa tiddikjara l-konformità mal-istandards ta' produzzjoni tal-Parti li tesporta li huma rikonnoxuti bħala ekwivalenti mill-Parti li timporta.

C. Lingwi uffiċjali għaċ-ċertifikazzjoni

1. Importazzjoni fl-Unjoni Ewropea

Għall-pjanti, il-prodotti tal-pjanti u l-oġġetti l-oħra:

Iċ-ċertifikati għandhom jifasslu f'mill-inqas lingwa mifhuma mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni u f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż tad-destinazzjoni.

Għall-annimali u l-prodotti tal-annimali:

Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jifassal f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u f'waħda minn dawk tal-Istat Membru li fih twettqu l-verifiki ta' importazzjoni previsti fl-Artikolu 73 tal-Ftehim.

2. Importazzjoni fl-Ukraina

Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jifassal fil-lingwa Ukraina jew lingwa oħra. Jekk jifassal f'lingwa oħra għandha tiġi pprovvduta traduzzjoni fil-lingwa Ukraina.

*ANNEX XIII TAL-KAPITOLU 4***KWISTJONIJIET PENDENTI**

Il-Partijiet għandhom iqisu kull kwistjoni pendenti fil-qafas tas-Sottokomitat tal-SPS imsemmi fl-Artikolu 74 ta' dan il-Ftehim.

*ANNEX XIV TAL-KAPITOLU 4***KOMPARTIMENTALIZZAZZJONI**

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jwettqu diskussjonijiet oħra bl-għan li jimplimentaw il-prinċipju ta' kompartimentalizzazzjoni.

ANNEX XV TAL-KAPITOLU 5

APPROSSIMAZZJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI DOGANALI**Kodiċi doganali tal-UE:**

Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat).

Skeda taż-żmien:

id-dispożizzjonijiet tar-Regolament imsemmi hawn fuq, għajr l-Artikoli 1, 3, 10, 13, il-paragrafi 3, 17, 25, 26, 28, 33-34, 39, 55, 69, 70, 77, 78, 93, 106, 133, 146,-147, 183-187 għandhom jiddaħħlu fil-liġi Ukraina fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont it-Tabelli ta' Korrelazzjoni stipulati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 u b'mod konformi man-nota ta' spjega mehmuża ma' dan l-Anness.

Tranżitu Komuni u DAU

— Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar is-Semplifikazzjoni tal-Formalitajiet fil-Kummerċ tal-Merkanzija

— Konvenzjoni tal-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura ta' tranżitu komuni, kif riveduta

Skeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-Konvenzjonijiet għandhom jiddaħħlu fil-liġi Ukraina fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Eżenzjonijiet mid-dazji doganali

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali

Skeda taż-żmien: It-Titoli I u II ta' dan ir-Regolament kif miftiehem mill-Partijiet għandhom jiddaħħlu fil-liġi Ukraina l-aktar tard tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Protezzjoni tad-DPI

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1891/2004 tal-21 ta' Ottubru 2004 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 li jikkonċerna azzjoni doganali kontra merkanzija[merkanziji] suspettati li jiksru ċerti drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanziji li jinsabu li jkunu kisru dawk id-drittijiet, bla ħsara għar-riżultati tar-reviżjoni attwali tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Skeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' hawn fuq għandhom jiddaħħlu fil-liġi Ukraina fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Nota ta' spjega

dwar l-approssimazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju - Kodiċi Doganali Modernizzat (KDM) ⁽¹⁾

Din in-nota fiha tliet listi ta' dispożizzjonijiet tal-KDM:

1. applikabbli biss għall-Istati Membri tal-UE u mhux rilevanti għall-approssimazzjoni,

⁽¹⁾ Waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin għal funzjonament effettiv u tajjeb taż-żona tal-kummerċ ħieles hija li jiġi provdut l-istess ambjent operattiv jew wieħed simili għall-operaturi tal-kummerċ. Għal dan hija meħtieġa l-approssimazzjoni massima possibbli f'għadd ta' oqsma importanti, miftiehma b'mod komuni tal-*acquis* doganali, li l-Kodiċi Doganali tiegħu huwa fundamentali.

2. dispożizzjonijiet għall-approssimazzjoni bbażati fuq il-prinċipju tal-aħjar sforz,
3. dispożizzjonijiet għall-approssimazzjoni.

Għall-fini ta' emendi possibbli futuri tal-KDM, l-approssimazzjoni għandha titwettaq skont it-Tabelli ta' Korrelazzjoni bejn l-Artikoli rilevanti tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 (il-Kodiċi Doganali tal-KE attwali) u tar-Regolament (KE) Nru 450/2008 (KDM), kif speċifikat fl-Anness tal-KDM, u kif indikat fil-listi 2 u 3 ta' din in-nota.

1. Id-dispożizzjonijiet tal-KDM huma applikabbli biss għall-Istati Membri tal-UE u huma esklużi mill-approssimazzjoni⁽¹⁾.

Artikolu	Suġġett	Kummenti
1	Suġġett u kamp ta' applikazzjoni	
3	Territorju doganali	
10	Sistemi elettroniċi	Rekwiżit li jkun hemm interkonnnessjoni bejn l-Istati Membri (SM)
13, par 3	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni	Paragrafu 3 - rikonnoxximent tal-istatus ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat (OEA) fl-SM kollha
17	Validità tad-deċiżjonijiet mal-Komunità kollha	
25	Kontrolli doganali - it-tieni sottoparagrafu tal-paragrafu 2	Żvilupp ta' qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskji
26	Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, it-tieni paragrafu	Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-SM
28	Titjiriet u vjaġġi bil-baħar intra-Komunitarji	
33-34	Tariffa Doganali Komuni u klassifikazzjoni tat-tariffa tal-oġġetti	
39	Orìġini preferenzjali tal-oġġetti	Rilevanti għall-miżuri fil-ftehimiet konklużi mill-UE
55	Post fejn isir id-dejn doganali	
69	Dħul fil-kontijiet	
70	Ħin tad-dħul fil-kontijiet	
77	Faċilitajiet oħra għall-ħlas - it-tieni u t-tielet sottoparagrafu tal-paragrafu 1	Stabbiliment tar-rata tal-imgħax ta' kreditu
78	Infurzar tal-ħlas u l-arretrati - it-tieni u t-tielet sottoparagrafu tal-paragrafu 2	Stabbiliment tar-rata tal-imgħax fuq l-arretrati
93	Servizzi bl-ajru u bil-baħar fl-Unjoni Ewropea	
106	Żdoganar ċentralizzat	
133	Prodotti tas-sajd u prodotti oħra tal-baħar	
146-147	Tranżitu Komunitarju	
183-187	Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali u Dispożizzjonijiet Finali	

⁽¹⁾ Dan japplika wkoll għall-Artikoli u l-Paragrafi tal-KDM kollu (mhux elenkati) li jirreferu għall-proċedura tal-adozzjoni ta' miżuri għall-implimentazzjoni ta' Artikoli partikolari.

2. Dispożizzjonijiet tal-KDM li huwa mistenni jsir approssimazzjoni tagħhom fuq il-bażi tal-prinċipju tal-aħjar sforz

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
2	Missjoni tal-awtoritajiet doganali		
4	Definizzjonijiet		4, 235
5	Skambju u ħażna tad-dejta		36b, 182d
7	Skambju ta' informazzjoni addizzjonali bejn l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi		
11	Rappreżentant doganali	Għajr id-dispożizzjonijiet rilevanti għall-validità tal-UE	5
13	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni (Operaturi Ekonomiku Awtorizzat - OEA)	Għajr il-paragrafu 3 dwar ir-rikonoxximent tal-UE tal-istatus ta' OEA	5a
14	Għotja tal-istatus		5a
15	Miżuri ta' implimentazzjoni	Elementi li jridu jiġu inklużi fil-miżuri ta' implimentazzjoni	5a
22	Appelli, deċiżjonijiet meħuda minn awtorità ġudizzjarja		246
29	Żamma ta' dokumenti u ta' informazzjoni oħra		16
31	Konverżjoni tal-munita	Għal dak li jikkonċerna l-pubblikazzjoni tar-rata ta' kambju	18
35-37	Regoli tal-orijini (skop, akkwist, prova tal-orijini)		22, 23, 24, 26
44-47	Dejn doganali fuq l-importazzjoni Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera u d-dħul temporanju, dispożizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw il-prodotti mhux ta' orijini, dejn doganali mġarrab minħabba n-nuqqas ta' konformità, tnaqqis ta' ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni li diġà tħallas)		143, 144, 210, 202, 203, 204, 205, 206
48-49	Dejn doganali fuq l-esportazzjoni esportazzjoni u pproċessar passiv, dejn doganali mġarrab minħabba n-nuqqas ta' konformità)		145, 209, 210, 211
50-53	Dispożizzjonijiet komuni għad-dejn doganali mġarrab fuq l-importazzjoni u l-esportazzjoni. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet. Diversi debituri. Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni		112, 121, 122, 135, 136, 144, 178, 212, 212a, 213, 214

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
56-65	<p>Garanzija għal dejn doganali potenzjali jew eżistenti.</p> <p>Dispożizzjonijiet ġenerali.</p> <p>Garanzija obbligatorja.</p> <p>Garanzija mhux obbligatorja.</p> <p>Għoti ta' garanzija,</p> <p>Għażla ta' garanzija.</p> <p>Garanti.</p> <p>Garanzija komprensiva.</p> <p>Dispożizzjonijiet addizzjonali marbuta mal-użu tal-garanziji.</p> <p>Garanzija addizzjonali jew ta' sostituzzjoni.</p> <p>Rilaxx tal-garanzija</p>		94, 189, 190, 191, 192, 193, 194, 195, 196, 197, 198, 199
66	Determinazzjoni tal-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni		215, 217
67	Notifika tad-dejn doganali		221
68	Limitazzjoni tad-dejn doganali		221
72	Limiti ta' żmien ġenerali għall-ħlas u s-sospensjoni tal-iskadenza tal-ħlas		222
73	Ħlas		223, 230, 231
74	Differiment tal-ħlas		224, 225, 226
75	Limiti ta' żmien għall-ħlas differit		227
77	Faċilitajiet oħra għall-ħlas (għajr it-tieni u t-tielet sottoparagrafu tal-paragrafu 1)	Stabbiliment tar-rata tal-imgħax ta' kreditu	229
78	Infurzar tal-ħlas u l-arretrati (għajr it-tieni u t-tielet sottoparagrafu tal-paragrafu 2)	Metodu tal-istabbiliment tar-rata ta' imgħax fuq l-arretrati	214, 232
79	Ħlas lura u maħfra		236-242
80	Ħlas lura u maħfra tal-ammonti ta' dazju fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni mħallsin żejda		236
81	Oġġetti difettużi jew oġġetti li ma jikkonformawx mat-termini tal-kuntratt		238
82	Ħlas lura jew maħfra minħabba żball mill-awtoritajiet kompetenti		220
83	Ħlas lura u maħfra fl-ekwità		239
84	Proċedura għall-ħlas lura u l-maħfra		236-239

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
86	Ħlas tad-dejn doganali		204, 206, 207, 233, 234
87	Obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul		36a
88	Preżentazzjoni u persuna responsabbli		36b
89	Emenda tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul		36
90	Dikjarazzjoni doganali li tissostitwixxi d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul		36c
91	Superviżjoni doganali		37, 42, 58
92	Trasport għall-post adegwat		38
94	Trasport taħt ċirkostanzi speċjali		39
101-103	Status doganali tal-oġġetti	L-għan: l-approssimazzjoni tal-prinċipji tad-determinazzjoni tal-istatus doganali tal-oġġetti	83, 164
104	Dikjarazzjoni doganali tal-oġġetti u superviżjoni doganali tal-oġġetti Komunitarji		59
105	Uffiċċji doganali kompetenti		60
107	Tipi ta' dikjarazzjonijiet doganali		61
108	Kontenut ta' dikjarazzjoni u dokumenti ta' appoġġ		62, 76, 77
109	Dikjarazzjoni simplifikata		76
110	Dikjarazzjoni supplimentari		76
116	Simplifikazzjoni ta' formalitajiet u kontrolli doganali		19
136	Awtorizzazzjoni (għal proċedura speċjali)		85, 86, 87, 88, 94, 95, 100, 104, 116, 117, 132, 133, 138, 147, 148
139	Trasferiment ta' drittijiet u obbligi		90
140	Moviment tal-oġġetti (li jgħaddu minn proċedura speċjali)		91, 111
142	Oġġetti ekwivalenti		114, 115
144	Tranżitu estern		91
145	Tranżitu intern		163, 164
166	Proċedura ta' użu aħħari		82
167	Rata tar-rendiment (ipproċessar)		119

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
173	Sistema standard ta' skambju		154, 155, 156
174	Importazzjoni minn qabel ta' prodotti sostituti		154, 157
175-177	Oġġetti li jtlqu mit-territorju doganali Obbligu li ssir dikjarazzjoni qabel it-tluq Miżuri li jistabbilixxu ċerti dettalji Superviżjoni doganali u formalitajiet tal-ħruġ		161, 162, 182a, 182b, 182c, 183
178	Oġġetti Komunitarji (esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid)		161
179	Oġġetti mhux Komunitarji (esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid)		182, 182c
180	Dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ (esportazzjoni u esportazzjoni mill-ġdid)		182c, 182d
181	Emenda tad-dikjarazzjoni sommarja tal-ħruġ		182d
182	Esportazzjoni temporanja (eżenzjoni mid-dazji fuq l-esportazzjoni)		—

3. Dispożizzjonijiet ta' KDM li għalihom hija mistennija l-approssimazzjoni

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
6	Protezzjoni tad-dejta		15
8	Provvista ta' informazzjoni mill-awtoritajiet doganali		—
9	Provvista ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali		14
12	Għoti ta' setgħa/awtorizzazzjoni		5
16	Deċiżjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali. Dispożizzjonijiet ġenerali		6, 7, 10
18	Annullament ta' deċiżjonijiet favorevoli		8
19	Revoka u emenda tad-deċiżjonijiet favorevoli		9
20	Deċiżjonijiet relatati ma' informazzjoni li torbot		12
21	L-applikazzjoni ta' penali	L-esklużjoni tal-par. 3 (notifika lill-Kummissjoni)	—

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
23	Dritt għal appell		243
24	Sospensjoni tal-implimentazzjoni		244
25	Kontrolli doganali	L-esklużjoni tat-tieni subparagrafu tal-par. 2 u l-esklużjoni tal-par. 3- rilevanti għall-UE.	13
26	Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet	L-esklużjoni tal-paragrafu 2 rilevanti għall-UE	13
27	Kontroll wara r-rilaxx		78
30	Imposti u spejjeż		11
32	Skadenzi		17
40-43	Valur tal-prodotti għal finijiet ta' dwana Ambitu Metodu tal-valutazzjoni doganali msejjes fuq il-valur tat-tranżazzjoni Metodu sekondarju tal-valutazzjoni doganali Miżuri ta' implimentazzjoni (l-ambitu)		28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 36
95-96	Preżentazzjoni, ħatt u eżaminar tal-merkanzija		40, 41, 46, 47
97-98	Formalitajiet wara l-preżentazzjoni L-obbligu li l-merkanzija (mhux Komunitarja) titpoġġa taħt proċedura doganali Merkanzija meqjusa għal ħażna temporanja		48, 50, 58
99-100	Merkanzija li tpoġġiet taħt proċedura ta' tranżitu Tneħħija għall-merkanzija li waslet permezz ta' tranżitu Dispożizzjonijiet applikabbli għal merkanzija (mhux Komunitarja) wara li tkun tlestiet proċedura ta' tranżitu		54, 55
111-114	Dispożizzjonijiet li japplikaw għad-dikjarazzjonijiet doganali kollha. Persuna li tippreżenta dikjarazzjoni Aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni Emenda ta' dikjarazzjoni Invalidar ta' dikjarazzjoni		63, 64, 65, 66, 67, 76
115	Faċilitar tat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet doganali għall-merkanzija li taqa' taħt sub-intestaturi tariffarji differenti		81

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
117-121	Verifika Verifika ta' dikjarazzjoni doganali Eżaminar u kampjunar tal-merkanzija Eżaminar u kampjunar tal-merkanzija parzjali Riżultati tal-verifika Miżuri ta' identifikazzjoni	Esklużjoni tad-dispożizzjonijiet fuq effett legali fit-territorju doganali kollu tal-Komunità	19, 68, 69, 70, 71, 72
123-124	Rilaxx Rilaxx tal-merkanzija Ir-rilaxx jiddependi mill-ħlas tal-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni li jikkorrispondi mad-dejn doganali jew mad-dispożizzjoni ta' garanzija		73, 74
125-127	Disponiment tal-merkanzija Il-qerda tal-merkanzija Miżuri meħuda mill-awtoritajiet doganali L-abbandun tal-merkanzija		56, 57, 75, 182
129	Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Ambitu u effett		79
130-132	Merkanzija rritornata Ambitu u effett Każijiet li fihom ma tingħata l-ebda eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni Merkanzija li qabel tqiegħdet taħt il-proċedura ta' proċessar attiv		185, 186, 187
135	Proċeduri speċjali, Ambitu		84
137	Rekords		105, 106, 107, 176
138	Ħelsien minn proċedura		89
141	Forom komuni tat-tqandil		109, 173
148-150	Ħżin. Dispożizzjonijiet komuni Ambitu Responsabbiltajiet tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew tal-proċedura Dewmien ta' proċedura ta' ħażna		98, 101, 102, 108, 166, 171
151-152	Ħażna temporanja It-tqegħid ta' merkanzija f'ħażna temporanja Merkanzija f'ħażna temporanja		50, 51, 52, 53

Artikolu	Suġġett	Kumment	Artikoli rilevanti tal-Kodiċi Doganali attwali (Korrelazzjoni mar-Regolament (KEE) Nru 2913/92)
153-154	Ħażna doganali Ħżin f'imħażen doganali merkanzija (Komunitarja), użu finali u servizzi tal-ipproċessar		99, 106, 110
155-161	Żoni liberi Nominazzjoni ta' Żoni Liberi Bini u attivitajiet f'żoni liberi Preżentazzjoni ta' merkanzija u t-tqegħid tagħhom taħt il-proċedura Merkanzija (Komunitarja) fiż-żoni liberi Merkanzija (mhux Komunitarja) fiż-żoni liberi Ħruġ ta' merkanzija barra minn żona libera Status doganali		167, 168, 169, 170, 172, 173, 175, 177, 180, 181
162-165	Dħul temporanju Ambitu Perjodu li matulu l-merkanzija tista' tibqa' taħt il-proċedura ta' dħul temporanju Sitwazzjonijiet koperti mid-dħul temporanju Ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni f'każ ta' dħul temporanju b'eżenzjoni parzjali mid-dazji fuq l-importazzjonijiet		137, 139, 140, 141, 142, 143
168-170	Ipproċessar attiv Ambitu Perjodu ta' rilaxx Esportazzjoni mill-ġdid temporanja għal aktar ipproċessar		114, 118, 123, 130, 182
171-172	Ipproċessar passiv Ambitu Merkanzija msewwija bla ħlas		145, 146, 149, 150, 151, 152, 153

ANNEX XVI TAL-KAPITOLU 6

LISTA TA' RIŻERVI GĦAT-TWAQQIF; LISTA TA' IMPENJI TA' FORNIMENT TRANSKONFINALI TA' SERVIZZI; LISTA TA' RIŻERVI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI**Parti tal-UE**

1. Riżervi fkonformità mal-Artikolu 88(2) (Twaqqif): Anness XVI-A
2. Lista ta' impenji b'mod konformi mal-Artikolu 95(1) (Forniment Transkonfinali): Anness XVI-B
3. Riżervi fkonformità mal-Artikoli 101 (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali) u 102 (Professjonisti Indipendenti): Annex XVI-C

L-Ukraina

4. Riżervi fkonformità mal-Artikolu 88(3) (Twaqqif) Anness XVI-D;
5. Lista ta' impenji b'mod konformi mal-Artikolu 95(1) (Forniment Transkonfinali): Anness XVI-E
6. Riżervi fkonformità mal-Artikoli 101 (Fornituri ta' servizzi kuntrattwali) u 102 (Professjonisti Indipendenti): Anness XVI-F
7. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw għall-iskopijiet tal-Annessi XVI-A, XVI-B, XVI-C:

AT L-Awstrija

BE Il-Belġju

BG Il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

ES Spanja

EE L-Estonja

FI Il-Finlandja

FR Franza

EL Il-Greċja

HR Il-Kroazja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LV Il-Latvja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

MT Malta

NL Il-Pajjiżi l-Baxxi

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SK Ir-Repubblika Slovakka

SI Is-Slovenja

SE L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit

8. L-abbrevjazzjoni li ġejja tintuża għall-iskopijiet tal-Annessi XVI-D, XVI-E, XVI-F:

UA L-Ukraina

ANNEX XVI-A TAL-KAPITOLU 6

RIŻERVI TAL-PARTI TAL-UE GĦAT-TWAQQIF

(imsemmija fl-Artikolu 88(2))

1. Il-lista hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi fejn ir-riżervi għat-trattament nazzjonali jew l-iktar trattament favorevoli mill-UE skont l-Artikolu 88(2) japplikaw għall-istabbilimenti u l-investituri tal-Ukraina.

Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:

- (a) Lista ta' riżervi orizzontali li japplikaw għas-setturi jew is-sottosetturi kollha.
- (b) Lista ta' riżervi speċifiċi għas-setturi jew is-sottosetturi kollha li tindika s-settur jew is-sottosettur ikkonċernat flimkien mar-riżerva(riżervi) applikabbli.

Riżerva li tikkorrispondi għal attività li mhijiex liberalizzata (Mingħajr restrizzjonijiet) tiġi espressa kif ġej: "Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon iffavorit".

Meta riżerva f(a) jew (b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fihom jieħdu l-obbligi tal-Artikolu 88(2) fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu bla ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplikaw).

2. Skont l-Artikolu 85(3) tal-Ftehim, il-lista ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.
3. Għas-setturi kkonċernati mill-approssimazzjoni regolatorja, kif stipulat fl-Anness XVII, ir-restrizzjonijiet elenkati hawn taħt għandhom jitneħħew skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII.
4. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m'għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtux drittijiet direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Riżervi orizzontali*Servizzi pubbliċi*

UE: Attivitajiet ekonomiċi kkunsidrati bħala servizzi pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew drittijiet esklużivi mogħtija lil operaturi privati.

Investiment u tipi ta' twaqqif

UE: It-trattament mogħti lis-sussidjarji (ta' kumpaniji tal-Ukraina) li ġew iffurmati skont il-liġi ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tal-kummerċ tagħhom fl-Unjoni mhuwiex estiż lil ferġat jew aġenziji mwaqqfa fi Stat Membru minn kumpanija Ukraina.

UE: Fxi Stati Membri hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fl-UE għat-twaqqif fxi setturi tas-servizzi. ⁽¹⁾

EE: Jekk mill-inqas nofs il-membri tal-bord tal-ġestjoni tal-kumpanija privata jew pubblika limitata ma jkollhomx ir-residenza tagħhom fl-Estonja, fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew l-Isvizzera, il-kumpanija għandha tagħti lir-reġistratur l-informazzjoni (inkluż l-indirizz) dwar persuna li jkollha r-residenza tagħha fl-Estonja u li tkun intitolata fisem il-kumpanija li tirċievi d-dokumenti proċedurali tal-kumpanija u li taċċetta dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni indirizzati lill-kumpanija.

AT: Diretturi maniġerjali tal-ferġat ta' persuni ġuridiċi għandhom ikunu residenti fl-Awstrija; il-persuni fiżiċi responsabbli fi ħdan persuna ġuridika jew ferġa għall-osservanza tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Awstrija għandu jkollhom domiċilju fl-Awstrija.

⁽¹⁾ Għaċ-ċarezza, inkorporazzjoni għandha tinftiehem bħala d-determinazzjoni ta' persuna ġuridika.

FI: Persuna ġuridika barranija li twestaq kummerċ bħala sħab fi sħubija Finlandiża limitata jew ġenerali teħtieġ permess kummerċjali mill-Bord Nazzjonali tal-Brevetti u r-Reġistrazzjoni sakemm il-persuna ġuridika ma tkunx diġà stabbilita fiż-ŻEE. Jekk organizzazzjoni barranija għandha l-għan li tagħmel negozju jew kummerċ billi twaqqaf fergħa fil-Finlandja, jeħtiġilha permess kummerċjali. Għas-setturi kollha, mill-inqas wieħed mill-Membri u l-Membri deputati tal-Bord għandu jkun residenti fiż-ŻEE; madankollu, jistgħu jingħataw xi eżenzjonijiet lil ċerti kumpaniji.

FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji barranin li jagħti aktar minn terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti, (b'iżjed minn 1 000 impjegat jew b'fatturat ta' iżjed minn EUR 168 miljun jew b'bilanċ totali ta' iżjed minn EUR 168 miljun) huwa soġġett għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma tista' ma tingħatax biss jekk ikun hemm interess nazzjonali importanti mhadded. Dawn il-limitazzjonijiet ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, ħlief fir-rigward tar-rekwiżit tar-residenza li jikkonċerna l-Membri tal-Bord.

SK: Persuna fiżika barranija li isimha ser ikun reġistrat fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li tagħxi f'isem l-intraprenditur (kumpanija) trid tissottometti l-permess temporanju ta' residenza tar-Repubblika Slovakkja.

HU: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon favorevoli għall- akkwist ta' proprjetajiet tal-istat.

PL: Is-setturi kolha ħlief għas-servizzi legali u s-servizzi pprovduti mill-unitajiet tal-kura tas-saħħa: it-twaqqif min-naħa ta' fornituri barranin tas-servizzi jista' jieħu l-forma ta' soċjetà limitata, kumpanija b'responsabbiltà limitata jew kumpanija b'kapital azzjonarju.

Xiri ta' beni immobbli

Fl-Istati Membri, ix-xiri tal-beni immobbli huwa soġġett għal xi limitazzjonijiet.

AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-kiri u l-kiri fit-tul ta' beni immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti reġjonali (Länder) li jridu jaraw jekk jiġux affettwati interessi ekonomiċi, soċjali u kulturali importanti.

BG: Persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin (kif ukoll permezz ta' fergħa) ma jistgħux isiru proprjetarji ta' art. Il-persuni ġuridiċi Bulgari b'sehem barranin ma jistgħux isiru proprjetarji ta' art agrikola. Il-persuni ġuridiċi barranin u ċ-ċittadini barranin bir-residenza permanenti barra mill-pajjiż jistgħu jsiru proprjetarji ta' bini u jakkwistaw drittijiet limitati tal-proprjetà (id-dritt tal-użu, id-dritt tal-bini, id-dritt li jibnu superstruttura u servitù) tal-beni immobbli.

CZ: L-art agrikola u l-foresti jistgħu jiġu akkwistati mill-persuni ġuridiċi barranin biss meta jkollhom residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka. Għall-art agrikola u forestali japplikaw regoli speċifiċi fis-sjeda tal-istat. Dawn il-limitazzjonijiet huma validi sa seba' snin wara l-adeżjoni Ċeka mal-UE.

DK: Limitazzjonijiet fuq ix-xiri tal-proprjetà minn entitajiet fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet fuq ix-xiri ta' art agrikola minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin.

HU: Soġġetti għall-eċċezzjonijiet inklużi fil-leġiżazzjoni dwar l-art agrikola, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin mhux permessi jakkwistaw art agrikola. Ix-xiri ta' beni immobbli mill-barranin huwa soġġett għall-ksib ta' permess mill-aġenzija tal-amministrazzjoni pubblika kompetenti tal-pajjiż fuq il-bażi ta' fejn ikunu jinsabu l-beni immobbli.

EE: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' art agrikola, forestali u art fuq il-fruntieri.

EL: Skont il-Liġi Nru 1892/90, huwa meħtieġ permess mill-Ministeru tad-Difiża biex ċittadin jakkwista art f'żoni qrib il-fruntieri. Skont il-prassi amministrattiva l-permess jingħata faċilment għal investment dirett.

HR: Mingħajr restrizzjonijiet rigward l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn fornituri ta' servizzi mhux stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja L-akkwist ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-forniment ta' servizzi minn kumpaniji stabbiliti u inkorporati fil-Kroazja bħala persuni ġuridiċi huwa permess. L-akkwist ta' proprjetà immobbli meħtieġa għall-forniment ta' servizzi mill-fergħat jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja L-art agrikola ma tistax tiġi akkwistata minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi barranin.

MT: Ir-reqwiziti tal-liġi u r-regolamenti Maltin dwar l-akkwist tal-proprjetà immobbli ikompli japplikaw.

LT: L-akkwist ta' art, ilmijiet interni u foresti għandu jkun permess lill-barranin li jissodisfaw il-kriterji tal-integrazzjoni Ewropea u transatlantika. Il-proċedura, it-termini u l-kundizzjonijiet għall-akkwist ta' plott tal-art, kif ukoll ir-restrizzjonijiet għandhom, ikunu stabbiliti bil-liġi kostituzzjonali.

LV: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist tal-art f'żoni rurali u art fil-bliet jew iż-żoni urbani.

PL: L-akkwist tal-proprjetà immobbli, dirett jew indirett, jirrikjedi permess. Il-permess jinħareġ b'deċiżjoni amministrattiva ta' ministru kompetenti fl-affarijiet interni, bil-kunsens tal-Ministru tad-Difiża Nazzjonali, u fil-każ ta' beni immobbli agrikoli, ukoll bil-kunsens tal-Ministru tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali.

RO: Persuni fiżiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u permess ta' residenza fir-Rumanija, kif ukoll il-persuni ġuridiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u l-kwartieri ġenerali tagħhom fir-Rumanija, ma jistax ikollhom titolu fuq kwalunkwe tip ta' art, permezz ta' atti inter vivos.

SI: Ferġhat imwaqqfa fir-Repubblika tas-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli biss, iżda mhux art, li titqies neċessarja għat-twertiq tal-attivitajiet ekonomiċi li għalihom kienu mwaqqfa.

SK: L-art agrikola u l-foresti ma jstgħux jiġu akkwistati minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi barranin. Japplikaw regoli speċifiki għal ċerti kategoriji oħra ta' beni immobbli

Riżervi settorjali

Agricoltura u Kaċċa

FR: It-twaqqif ta' impriżi agrikoli minn kumpaniji li mhux tal-UE u l-akkwist ta' dwieli minn investituri li mhux mill-UE, huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni.

HR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward ta' attivitajiet agrikoli.

Sajd u Akkwakultura

UE: L-aċċess għal u l-użu tar-riżorsi bijoloġiċi u l-postijiet tas-sajd li jinsabu fl-ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma ristretti għal bastimenti tas-sajd li tjafru l-bandiera ta' territorju tal-Unjoni Ewropea, sakemm mhux stipulat mod ieħor.

Xogħol fil-minjieri u fil-barrieri

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar trattament favorevoli fir-rigward tal-persuni ġuridiċi tal-Ukraina kkontrollati⁽¹⁾ minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż li jirrappreżenta iktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew il-gass naturali tal-UE⁽²⁾, sakemm l-UE ma tipprovdix aċċess komprensiv għal dan is-settur lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' dan il-pajjiż, fil-kuntest ta' ftehim ta' integrazzjoni ekonomika konkluż ma' dak il-pajjiż.

Manifattura

Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata⁽³⁾

IT: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għal sid il-kumpanija tal-pubblikazzjoni u l-istampar.

⁽¹⁾ Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna(i) fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li jidderieġu l-azzjonijiet tagħha b'mod legali. B'mod partikolari, il-pussess ta' iktar minn 50 % tal-interess ta' ekwità f'persuna ġuridika għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu kontroll.

⁽²⁾ Abbażi taċ-ċifri ppubblikati mid-Direttorat Ġenerali inkargat mill-Enerġija fl-aħħar ktejjeb tal-istatistika tal-UE dwar l-enerġija: importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat espressi f'piż, importazzjonijiet tal-gass f'valur kalorifiku

⁽³⁾ Is-settur huwa limitat għal attivitajiet ta' manifattura. Ma jinkludix attivitajiet li huma relatati ma' l-awdjoviżjoni jew għandhom kontenut kulturali.

HR: Publikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata

Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat ⁽¹⁾

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tal-persuni ġuridiċi tal-Ukraina kkontrollati ⁽²⁾ minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż li jirrappreżenta iktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew il-gass naturali tal-UE ⁽³⁾, sakemm l-UE ma tipprovdix aċċess komprensiv għal dan is-settur lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' dan il-pajjiż, fil-kuntest ta' ftehim ta' integrazzjoni ekonomika konkluż ma' dak il-pajjiż.

Produzzjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni għal rashom tal-elettriku, il-gass, il-fwar u l-misħun ⁽⁴⁾ (għajr ġenerazzjoni tal-elettriku bbażata fuq l-enerġija nukleari)

Produzzjoni ta' elettriku; trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku għal rashom

Manifattura ta' gass; tqassim ta' fjuwil fi stat ta' gass permezz ta' mejns għal rashom

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar trattament favorevoli għall-produzzjoni tal-elettriku, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku għal rashom u l-manifattura tal-gass, id-distribuzzjoni ta' fjuwil fi stat ta' gass.

Għall-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u misħun

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar trattament favorevoli fir-rigward tal-persuni ġuridiċi kkontrollati ⁽⁵⁾ minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux tal-UE li jirrappreżenta iktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt, l-elettriku jew il-gass naturali tal-Unjoni Ewropea. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni).

Is-servizzi tan-negozji

Servizzi professjonali

UE ⁽⁶⁾: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament l-iktar favorevoli fir-rigward ta' servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali pprovduti minn professjonisti legali fdati b'funzjonijiet pubbliċi, bħan-nutara.

AT: Fir-rigward tas-servizzi legali, l-investment ta' avukati barranin (li għandhom ikunu kkwalifikati bis-sħiħ f'pajjiżhom) ta' ekwità u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe ditta legali ma tistax taqbeż il-25 fil-mija; Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għal investituri barranin b'minoranza, jew il-persunal kwalifikat tagħhom, l-għoti ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi internazzjonali pubblika u l-liġi tal-ġurisdizzjoni fejn ikunu kkwalifikati jaħdmu bħala avukati; l-għoti ta' servizzi legali fir-rigward tal-liġi domestika (l-UE u l-Istat Membru) inkluża r-rappreżentazzjoni fil-qrati, jirrikjedi ammissjoni sħiħa fl-avukatatura li hija soġġetta għal kundizzjoni ta' ċittadinanza.

⁽¹⁾ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

⁽²⁾ Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna(i) fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li jidderieġu l-azzjonijiet tagħha b'mod legali. B'mod partikolari, il-pussess ta' iktar minn 50 % tal-interess ta' ekwità f'persuna ġuridika għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu kontroll.

⁽³⁾ Abbażi taċ-ċifri ppubblikati mid-Direttorat Ġenerali inkargat mill-Enerġija fl-aħħar ktejjeb tal-istatistika tal-UE dwar l-enerġija: importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat espressi f'piż, importazzjonijiet tal-gass f'valur kalorifiku

⁽⁴⁾ Japplika l-limitu orizzontali fuq l-utilitajiet pubbliċi.

⁽⁵⁾ Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna(i) fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw maġġoranza tad-diretturi tagħha jew inkella li jidderieġu l-azzjonijiet tagħha b'mod legali. B'mod partikolari, il-pussess ta' iktar minn 50 fil-mija tal-interessi tal-ishma azzjonarji f'persuna ġuridika għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu kontroll.

⁽⁶⁾ L-għoti ta' servizzi ġuridiċi huwa awtorizzat biss fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġurisdizzjoni fejn l-investitur jew il-persunal tiegħu jkunu kwalifikati bħala avukati, u, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti tal-liċenzja u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għall-avukati li jipprovdur servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija, dawn jistgħu fost oħrajn, ikunu f'konformità mal-kodiċi lokali ta' etika, jużaw ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-titlu domestiku (sakemm ma jkunx inkiseb rikonoxximent mat-titlu tal-pajjiż ospitanti), reġistrazzjoni sempliċi mal-avukatatura tal-pajjiż ospitanti jew ammissjoni ssemplifikata fl-avukatatura tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test tal-ħiliet u domiċilju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Fil-prinċipju, is-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi tal-UE għandhom jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat bis-sħiħ li ġie ammess fl-avukatatura tal-UE huwa u jaġixxi personalment, u s-servizzi ġuridiċi fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom fil-prinċipju jitwettqu minn jew permezz ta' avukat kompletament ikkwalifikat ammess fl-avukatatura ta' dak l-Istat Membru huwa u jaġixxi personalment. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatatura tal-Istat Membru relevanti tal-Unjoni Ewropea tista' għallhekk tkun meħtieġa għar-rappreżentanza fil-qrati u quddiem awtoritajiet kompetenti oħra fl-UE, billi tinvolvi l-prattika tal-liġi proċedurali nazzjonali u tal-UE. Madankollu, f'xi Stati Membri, l-avukati barranin mhux ammessi kompletament fl-avukatatura huma permessi jirrappreżentaw f'proċedimenti ċivili parti li tkun ċittadina jew li tagħmel parti mill-Istati fejn l-avukat huwa intitolat jipprattika.

Fir-rigward tas-servizzi tal-kontabilità, iż-żamma tal-kotba, il-verifika u ta' konsulenza fiskali, l-investment ta' ekwità u d-drittijiet tal-vot ta' persuni intitolati li jeżerċitaw il-professjoni skont il-liġi barranija ma jistgħux jaqbu l-25 fil-mija. Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew trattament tal-iktar nazzjon favorevoli għas-servizzi mediċi (ħlief għas-servizzi dentali u għall-psikolgi u l-psikoterapisti) u s-servizzi veterinarji.

BG: Fir-rigward tas-servizzi legali, xi tipi ta' forma legali ("*advokatsko sadrujie*" u "*advokatsko drujestvo*") huma riżervati għal avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fil-Bulgarija. Fir-rigward tas-servizzi arkitettorali, l-ippjanar urban u s-servizzi arkitettorali tal-pajsaġġi, is-servizzi tal-Inġinerija u tal-Inġinerija Integrata, persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin, li jkollhom kompetenza ta' disinjatur liċenzjata u rikonoxxuta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, jistgħu jistmaw u jiddisinjaw xogħlijiet fil-Bulgarija indipendentement biss wara li jkunu rebħu proċedura kompetittiva u meta jintgħażlu bħala kuntratturi skont it-termini u skont il-proċedura stabbilita mill-Att dwar l-Akkwisti Pubbliċi.

FR: Fir-rigward tas-servizzi legali, xi tipi ta' forom ġuridiċi ("*association d'avocats*" u "*société en participation d'avocat*") huma riżervati għal avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fi Franza. Fir-rigward tas-servizzi arkitettoniċi, is-servizzi mediċi (inkluż il-psikologi) u dentali, is-servizzi tal-qwiebel u s-servizzi ta' infermiera, fiżjoterapisti u persunal paramediku, l-investituri barranin għandhom aċċess biss għall-forom ġuridiċi ta' "*société d'exercice libéral*" u "*société civile professionnelle*".

HR: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal konsultazzjoni dwar il-liġi tal-pajjiż, barranija u internazzjonali. Ir-rappreżentazzjoni tal-partijiet quddiem il-qrati tista' tiġi pprattikata biss mill-membri tal-Kunsill tal-Avukati tal-Kroazja (it-titlu bil-Kroat "odvjetnici"). Il-ħtieġa taċ-ċittadinanza għas-sħubija fil-Kunsill tal-Avukati. Fi proċedimenti li jinvolvu elementi internazzjonali, il-partijiet jistgħu jkunu rrapreżentati quddiem qrati tal-arbitraġġ - qrati ad hoc minn avukati li huma membri tal-assoċjazzjonijiet tal-avukatura ta' pajjiżi oħra.

Biex jingħataw servizzi ta' awditjar hemm ħtieġa ta' liċenzja. Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jfornu servizzi ta' periti u inġinerija bl-approvazzjoni tal-Kamra tal-Periti tal-Kroazja u l-Kamra tal-Enġiniera tal-Kroazja rispettivament.

Il-persuni kollha li jipprovdu servizzi direttament lil pazjenti/li jittrattaw lil pazjenti jeħtieġu liċenzja mill-kamra tal-professjoni.

HU: It-twaqqif irid jieħu s-sura ta' sħubija ma' avukat Ungeriż (ügyvéd) jew ma' uffiċju ta' avukat (ügyvédi iroda), jew uffiċju rappreżentattiv.

PL: Filwaqt li tipi oħra ta' forom ġuridiċi huma disponibbli għal avukati tal-UE, avukati barranin għandhom aċċess biss għall-forom ġuridiċi ta' soċjetajiet reġistrati u soċjetajiet limitati jew soċjetà limitata bi stokk konġunt.

FI: Fir-rigward tas-servizzi ta' verifika, rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija ta' Responsabbiltà Finlandiża

LT: Fir-rigward tas-servizzi ta' verifika, mill-inqas tliet kwarti tal-ishma ta' kumpanija tal-verifika iridu jkunu ta' awdituri jew ta' kumpaniji tal-awdituri mill-UE jew iż-ŻEE. L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura rikjesta għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità.

LV: F'kumpanija kummerċjali ta' awdituri li hađu l-ġurament iktar minn 50 fil-mija tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta' awdituri li hađu l-ġurament jew ta' kumpaniji kummerċjali ta' awdituri li hađu l-ġurament tal-UE jew iż-ŻEE.

Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp

UE: Għal servizzi ta' Riċerka u Żvilupp b'fondi pubbliċi, id-drittijiet esklużivi u/jew awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-UE u lil persuni ġuridiċi tal-UE li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fil-UE.

Is-Servizzi ta' Kera/Kera fit-Tul (leasing) mingħajr Operaturi

UE: Fir-rigward tal-kiri u l-kiri fit-tul (leasing) marbuta mal-inġenji tal-ajru, għalkemm jista' jkun hemm eċċezzjonijiet għal kuntratti tal-kiri qosra, l-inġenji tal-ajru għandhom ikunu proprjetà jew ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew ta' persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi li jirrigwardaw is-sjeda tal-kapital u l-kontroll (inkluża ċ-ċittadinanza tad-diretturi).

Servizzi oħrajn ta' negozju;

AT: Rigward is-servizzi tal-impjegi u l-aġenziji tal-kiri tal-ħaddiema, tista' tingħata awtorizzazzjoni biss lil persuni ġuridiċi li jkollhom il-kwartieri tagħhom fiż-ŻEE u l-membri tal-bord tal-ġestjoni jew l-imsieħba/azzjonarji li jkollhom sehem fil-ġestjoni u li jkunu intitolati li jirrappreżentaw il-persuna ġuridika għandhom ikunu ċittadini taż-ŻEE u jkollhom domiċilju fiż-ŻEE.

BE: Fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà, iċ-ċittadinanza tal-UE u r-residenza fl-UE huma rikjesti għall-maniġers.

FI: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tas-servizzi relatati (jiġifieri s-servizzi Mediċi, inkluż il-Psikologi, u s-servizzi dentali; Servizzi ta' qwiebel; Fiżjoterapisti u staff paramediku).

EL: Ma hemmx obbligi ta' trattament tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tat- teknixins tas-snien.

LV: Fir-rigward tas-servizzi tal-investigazzjonijiet, il-kumpaniji tal-investigazzjoni privata biss li l-kap tagħhom u kull persuna li jkollha uffiċċju fl-istituzzjonijiet amministrattivi tagħha jkunu ċittadin tal-UE jew taż-ŻEE huma intitolati jiksbu liċenzja. Fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà, mill-inqas nofs il-kapital tal-ekwità għandu jkun fil-pussess ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi tal-UE jew taż-ŻEE biex jiksbu liċenzja.

LT: L-attività tas-servizzi tas-sigurtà tista' titwettaq biss minn persuni biċ-ċittadinanza ta' pajjiż miż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' pajjiż membru tan-NATO.

EE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon favorevoli għas-servizzi tas-sigurtà.

HR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon favorevoli għas-servizzi tas-sigurtà; investigazzjoni u servizzi tas-sigurtà.

PL: Fir-rigward tas-servizzi ta' investigazzjoni, il-liċenzja tista' tingħata lill-intraprenditur li jkun persuna fiżika jew lill-plenipotenzjarju li jkollu l-eliġibilità professjonali (liċenzja ta' investigazzjoni privata). Fil-każ li l-intraprenditur ma jkunx persuna naturali - mill-inqas wieħed mill-membri awtorizzati għar-rappreżentazzjoni jew plenipotenzjarju għandu jkollu l-eliġibilità professjonali. Il-liċenzja professjonali tista' tingħata lil persuna li jkollha ċittadinanza Pollakka jew lil ċittadina ta' Stat Membru ieħor tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Isvizzera. Fir-rigward tal-liċenzja tas-servizzi tas-sigurtà, din tista' tingħata lil intraprenditur li jkun persuna fiżika li jkollha liċenzja professjonali tat-tieni grad; lil intraprenditur li ma jkunx persuna fiżika, jekk il-liċenzja tkun fil-pussess ta' mill-inqas membru wieħed li jkun azzjonist tas-sħubija ġenerali jew ta' soċjetà limitata; membru tal-bord; prokuratur jew plenipotenzjarju li jkun imqabba minn intraprenditur biex imexxi l-attività speċifikata fil-liċenzja. Liċenzja professjonali tista' tingħata biss lil persuna li jkollha ċittadinanza Pollakka jew lil ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Isvizzera.

PL: L-editur ewlieni tal-gazzetti u l-ġurnali għandu jkollu ċittadinanza Pollakka.

DK: Fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà, il-maniġers u l-maġġoranza tal-bord għandhom ikunu residenti tad-Danimarka.

SK: Fir-rigward tas-servizzi tal-investigazzjoni u s-servizzi tas-sigurtà, il-liċenzji jistgħu jingħataw biss jekk ma jkunx hemm riskju għas-sigurtà u jekk il-maniġers kollha jkunu ċittadini tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Isvizzera.

ES: Fir-rigward tas-servizzi tas-sigurtà accessis subject to prior authorization.

FR: Ma hemmx obbligu ta' trattament nazzjonali jew obbligi tat-trattament tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tal-għoti tad-drittijiet fil-qasam tas-servizzi tal-pjazzamenti.

PT: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon favorevoli għas-servizzi tal-investigazzjoni.

Is-servizzi ta' distribuzzjoni

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-armi, il-munizzjonijiet u l-isplussivi.

HR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-prodotti tat-tabakk.

FR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali u tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tal-għoti tad-drittijiet esklużivi fil-oqsma tal-bejgħ tat-tabakk fil-livell tal-konsum.

FI: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-alkoħol u l-farmaċewtiċi.

AT: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-farmaċewtiċi.

Is-Servizzi Finanzjarji ⁽¹⁾

UE: Kumpaniji biss li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-Unjoni Ewropea jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi ta' fondi għall-investment. It-twaqqif ta' kumpanija speċjalizzata tal-ġestjoni, li jkollha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-istess Stat Membru, huwa meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet ta' ġestjoni ta' unit trusts u kumpaniji tal-investment.

BG: L-assigurazzjoni tal-pensjonijiet għandha tiġi implimentata permezz ta' parteċipazzjoni f'impriżi konġunti tal-assigurazzjoni tal-pensjonijiet. Ir-residenza permanenti fil-Bulgarija hija rikjesta biss għall-president tal-bord tal-ġestjoni u l-president tal-bord tad-diretturi. Qabel tiġi mwaqqfa fergħa jew aġenzija fil-Bulgarija biex jipprovdu ċerti klassijiet ta' assicurazzjoni, l-assiguraturi barranin għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni biex joperaw fl-istess klassijiet ta' assicurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom.

HR: Ebda, għajr servizzi ta' saldu u kklerjar fejn l-Aġenzija Ċentrali Depositarja (CDA) hija l-uniku fornitur fil-Kroazja. Access għas-servizzi tas-CDA se jingħata lil non-residenti fuq bażi non-diskriminatorja.

HU: Is-servizzi tal-ġestjoni tal-assi għall-fondi privati tal-pensjonijiet domestiċi obligatorji u għall-fondi tal-assigurazzjoni reċiproka volontarja huma riżervati għall-kumpaniji li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom jew il-fergħat tagħhom fi Stat Membru ieħor tal-UE.

PT: Ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet tista' tingħata biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-Portugall għal dak l-iskop u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mwaqqfa fil-Portugall u awtorizzati li jwettqu n-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja jew minn entitajiet awtorizzati għall-ġestjoni tal-fondi tal-pensjonijiet fi Stati Membri oħra tal-UE.

Biex iwaqqfu fergħa fil-Portugall, il-kumpaniji barranin tal-assigurazzjoni jeħtiġilhom esperjenza preċedenti fil-qasam ta' mill-inqas ħames snin.

FI: Għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni li jipprovdu l-assigurazzjoni statutorja tal-pensjonijiet: mill-inqas nofs il-promoturi u l-membri tal-bord tad-diretturi u l-bord superviżorju għandu jkollhom il-post tar-residenza tagħhom fl-UE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni.

Kumpaniji tal-assigurazzjoni oħrajn minbarra dawk li jipprovdu l-assigurazzjoni statutorja tal-pensjonijiet: rekwiżit tar-residenza għal mill-inqas membru wieħed tal-bord tad-diretturi u tal-bord superviżorju.

IT: Huma biss banek, kumpaniji tal-assigurazzjoni, kumpaniji tal-investment u kumpaniji li jmexxu l-UCITS armonizzati skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju legali prinċipali tagħhom fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll UCITS inkorporati fl-Italja li jistgħu jwettqu attivitajiet ta' ġestjoni tar-riżorsi tal-fondi tal-pensjonijiet. Fl-għoti tal-attività tal-bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji għandhom jużaw il-bejjtegħa finanzjarji awtorizzati elenkati fir-reġistru Taljan. Uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji barranin ma jistgħux iwettqu attivitajiet li l-għan tagħhom huwa li jipprovdu servizzi ta' investment.

LT: Dawk l-impriżi li għandhom l-uffiċċju jew il-fergħa rreġistrati fil-Litwanja biss jistgħu jkunu depożitarji tal-fondi tal-pensjonijiet.

⁽¹⁾ Tapplika l-limitazzjoni orizzontali fuq id-differenza fit-trattament bejn il-fergħat u s-sussidjarji. Il-fergħat barranin jistgħu jingħataw biss awtorizzazzjoni biex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru bil-kundizzjonijiet previsti fil-leġislazzjoni rilevanti ta' dak l-Istat Membru u għalhekk jistgħu jiġu mitluba jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti prudenzjali speċifiċi.

Servizzi tas-Saħħa, Servizzi Soċjali u Servizzi tal-Edukazzjoni

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa, tas-servizzi soċjali u tas-servizzi tal-edukazzjoni li jkunu ffinanzjati pubblikament fir-rigward tas-servizzi tal-edukazzjoni ffinanzjati privatament, jistgħu japplikaw kundizzjonijiet taċ-ċittadinanza għall-maġġoranza tal-membri tal-Bord.

FI: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tas-servizzi tas-saħħa, tas-servizzi soċjali u tas-servizzi tal-edukazzjoni li jkunu ffinanzjati pubblikament L-iskejjel sekondarji barranin ma jistgħux jifihom d-diviżjonijiet tagħhom fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija. L-iskejjel sekondarji barranin jistgħu jifihom fakultajiet, dipartimenti, istituti u kulleġġi fil-Bulgarija biss fi ħdan l-istruttura tal-iskejjel sekondarji Bulgarija u f'kooperazzjoni magħhom.

EL: Fir-rigward tas-servizzi tal-edukazzjoni għolja, ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tat-twaqqif ta' istituzzjonijiet edukattivi li jagħtu diplomi rikonossuti tal-Istat.

HR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-farmaceutiċi.

Servizzi relatati mat-Turiżmu u l-Ivvjaġġar

PT: Rekwiżit ta' kostituzzjoni ta' kumpanija kummerċjali b'bażi korporattiva fil-Portugall għall-aġenziji tal-ivvjaġġar u servizzi tal-operaturi tat-tours.

HR: Il-postazzjoni ta' żoni protetti ta' interess partikolari storiku u artistiku u f'parks nazzjonali u ta' pajsaġġ hija soġġetta għall-approvazzjoni mill-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja li tista' tinċaħad.

*Servizzi ta' rikreazzjoni, kulturali u sportivi**Servizzi tal-Aħbarijiet u Aġenziji tal-Istampa*

FR: Fir-rigward tal-aġenziji tal-istampa, it-trattament nazzjonali għat-twaqqif ta' persuni ġuridiċi huwa soġġett għar-reċiproċità.

Libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra

HR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tal-libreriji pubbliċi, l-arkivji, l-mużewijiet u servizzi kulturali pubbliċi oħrajn.

Sports u Servizzi Rekreattivi Oħra

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tas-servizzi tal-logħob tal-azzard u l-imħatri. Għaċ-ċertezza legali, qed jiġi ċċarat li ma jingħatax aċċess għas-suq.

AT: Fir-rigward tal-iskejjel tal-iski u s-servizzi tal-gwida tal-muntanji, id-diretturi tal-maniġment tal-persuni ġuridiċi għandhom ikunu ċittadini taż-ŻEE.

*Servizzi ta' trasport**Trasport marittimu*

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tat-trasport marittimu nazzjonali tal-kabotaġġ.

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tal-istabbilment ta' kumpanija rreġistrata sabiex topera flotta bil-bandiera nazzjonali tal-Istat tat-twaqqif.

FI: Għas-servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu, jistgħu jingħataw servizzi biss minn bastimenti li joperaw bil-bandiera Finlandiża.

HR: Għal servizzi awżiljarji għal persuna ġuridika barranija fit-trasport marittimu huwa meħtieġ li tiġi stabbilita kumpanija li għandha tingħata l-permess mill-awtorità tal-port, wara proċedura pubblika ta' appalt. L-għadd ta' fornituri ta' servizzi jista' jiġi limitat biex jirrifletti l-limitazzjonijiet fil-kapaċità tal-port.

it-Trasport bil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni ⁽¹⁾

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tat-trasport nazzjonali tal-kabotaġġ. Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti u futuri dwar l-aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inklużi ftehimiet li ġew wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danube) jirriżervaw ċerti drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi kkonċernati u li jissodisfaw il-kriterji ta' ċittadinanza dwar is-sjieda. Soġġett għar-regolamenti li jimplementaw il-Konvenzjoni ta' Mannheim dwar it-Tbaħħir fuq ir-Rhine.

HR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew ta' trattament tal-aktar nazzjon favorevoli għat-trasport fuq mogħdijiet tal-ilma interni.

AT, HU: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tat-twaqqif ta' kumpanija rreġistrata sabiex topera flotta taħt bandiera nazzjonali tal-Istat tat-twaqqif:

AT: Fir-rigward tal-mogħdijiet interni tal-ilma, tingħata konċessjoni biss lill-persuni ġuridiċi taż-ŻEE u iktar minn 50 % tal-ishma kapitali, id-drittijiet tal-vot u l-maġġoranza fil-bordijiet tat-tmexxija għandhom ikunu rriżervati għaċ-ċittadini taż-ŻEE.

Servizzi tat-trasport bl-ajru

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjonali favorevoli għas-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiku u internazzjonali u servizzi, skedati jew le, u servizzi marbuta direttament mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, minbarra t-tiswija tal-inġenji tal-ajru u s-servizzi tal-manutenzjoni, il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, servizzi CRS u servizzi oħra awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru, bħas-servizzi tal-groundhandling, is-servizzi tal-kiri tal-inġenji tal-ajru bil-persunal u servizzi tal-operat tal-ajruporti. Il-kundizzjonijiet ta' aċċess reċiproku għas-suq fit-trasport tal-ajru għandhom jiġu indirizzati fil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri taqgħha u l-Ukraina dwar it-twaqqif ta' żona komuni tal-avjazzjoni.

Kiri ta' inġenju tal-ajru bl-ekwipaġġ

UE: Inġenji tal-ajru użati minn linji tal-ajru tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu rreġistrati fl-Istat Membratal-Unjoni Ewropeali jilliċenzjaw il-linja tal-ajru, jew xi mkien ieħor fl-Unjoni Ewropea. Fir-rigward tal-kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ, l-inġenju tal-ajru għandu jkun ta' persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew ta' persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi marbuta mal-pussess tal-kapital u l-kontroll. L-inġenju tal-ajru jrid ikun operat minn trasportatur tal-ajru li jkun il-proprietà ta' persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew minn persuni ġuridiċi li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi rigward il-pussess tal-kapital u l-kontroll.

Is-Sistema ta' riżervazzjoni bil-Kompjuter (Computer Reservations System – CRS)

UE: Fir-rigward tas-servizzi tar-riżervazzjoni bil-kompjuter, fejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea ma jingħataw trattament ekwivalenti ⁽²⁾ għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea mill-fornituri tas-servizzi CRS barra l-UE, jew fejn il-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea ma jingħataw trattament ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea minn trasportaturi tal-ajru barra mill-UE, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, lit-trasportaturi tal-ajru barra mill-UE mill-fornituri tas-servizzi CRS fl-Unjoni Ewropea, jew lill-fornituri tas-servizzi CRS barra mill-UE mit-trasportaturi tal-ajru fl-Unjoni Ewropea.

Trasport bil-ferrovija

HR: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjonali favorevoli għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, minbarra t-trattament stabbilit skont l-Artikolu 136 tal-Kapitolu 6 (Twaqqif, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim.

⁽¹⁾ Inklużi s-servizzi awżiljarji għat-trasport bil-mogħdijiet interni tal-ilma

⁽²⁾ Trattament ekwivalenti jimplika trattament mhux diskriminatorju tal-operaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea.

It-trasport b'vetturi tat-triq

UE: Fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri (CPC 7121 u CPC 7122), l-investituri barranin ma jistgħux jipprovdu servizzi ta' trasport fi Stat Membru (kabotaġġ), ħlief għall-kiri ta' servizzi mhux skedati ta' karożżi tal-linja mal-operatur.

Settur tal-Enerġija

UE: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tal-persuni ġuridiċi tal-Ukraina kkontrollati ⁽¹⁾ minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż li jirrappreżenta iktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew il-gass naturali tal-UE ⁽²⁾, sakemm l-UE ma tipprovdix aċċess komprensiv għal dan is-settur lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' dan il-pajjiż, fil-kuntest ta' ftehim ta' integrazzjoni ekonomika konkluż ma' dak il-pajjiż.

UE: Iċ-ċertifikazzjoni ta' operatur ta' sistema tat-trażmissjoni li huwa kkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika minn pajjiż terz jew pajjiżi terzi tista' tiġi rrifjutata jekk l-operatur ma jkunx wera li l-għoti taċ-ċertifikazzjoni ma tpoġġix fir-riskju s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija fi Stat Membru u/jew l-UE, skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali.

BE, BG, CY, CZ, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tas-servizzi tat-trasport tal-fjuwil bil-pajpijiet, minbarra servizzi ta' konsulenza.

LV: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tat-trasport tal-gass naturali bil-pajpijiet, minbarra servizzi ta' konsulenza.

BE, BG, CY, CZ, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, HU, LU, LT, MT, NL, PL, PT, RO, SK: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, minbarra servizzi ta' konsulenza.

SI: Ma hemmx obbligi ta' trattament nazzjonali jew tal-iktar nazzjon favorevoli fir-rigward tas-servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-enerġija, minbarra servizzi inċidentali għad-distribuzzjoni tal-gass.

CY: Tirriżerva d-dritt li tirrikjedi r-riċiproċità għall-għoti ta' liċenzji fir-rigward tal-attivitajiet tat-tiftix, l-esplorazzjoni u l-esplortazzjoni tal-idrokarburi.

⁽¹⁾ Persuna ġuridika tkun ikkontrollata minn persuna(i) fiżika/fiżiċi jew ġuridika/ġuridiċi oħra/oħrajn jekk din/dawn tal-aħħar ikollha/ ikollhom is-setgħa li tinnomina/jinnominaw maġġoranza taċ-ċertifikazzjoni tagħha jew inkella li jidderieġu l-azzjonijiet tagħha b'mod legali. B'mod partikolari, il-pussess ta' iktar minn 50 % tal-interess ta' ekwità f'persuna ġuridika għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu kontroll.

⁽²⁾ Abbażi taċ-ċifri ppubblikati mid-Direttorat Ġenerali inkargat mill-Enerġija fl-aħħar ktejjeb tal-istatistika tal-UE dwar l-enerġija: importazzjonijiet taż-żejt mhux raffinat espressi f'piż, importazzjonijiet tal-gass f'valur kalorifiku

ANNEX XVI-B TAL-KAPITOLU 6

LISTA TA' IMPENJI TA' SERVIZZI TRANSFRUNTIERA

(Imsemmija fl-Artikolu 95)

Il-Parti tal-UE

1. Il-lista ta' impenji hawn taħt tindika s-setturi tas-servizzi liberalizzati mill-Parti tal-UE skont l-Artikolu 95 u, permezz ta' riżervi, l-aċċess għas-suq u l-limiti ta' trattament nazzjonali li japplikaw għal servizzi u fornituri ta' servizzi tal-Ukraina f'dawk is-setturi. Il-listi huma magħmulin mill-elementi li ġejjin:

(a) L-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li fih l-impenn ikun meħud mill-Parti, u l-kamp ta' applikazzjoni ta' liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi.

(b) It-tieni kolonna tiddekrivi r-riżervi applikabbli.

Meta l-kolonna msemmija f'(b) tinkludi biss riżervi speċifiċi għall-Istati Membri, l-Istati Membri mhux imsemmija fiha jieħdu impenji fis-settur ikkonċernat mingħajr riżervi (in-nuqqas ta' riżervi speċifiċi għall-Istati Membri f'settur partikolari hu bla ħsara għar-riżervi orizzontali jew għar-riżervi settorjali tal-UE kollha li jistgħu japplaw).

Is-setturi jew is-sottosetturi li ma jissewewx fil-lista ta' hawn taħt ma ħadux impenji.

2. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u s-sottosetturi individwali:

(a) CPC tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, *CPC prov*, 1991.

(b) CPC ver. 1.0 tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, is-Serje M, N° 77, *CPC ver 1.0*, 1998.

3. Il-lista ta' hawn isfel ma tinkludix miżuri marbuta mar-rekwiżiti għall-kwalifikazzjoni u l-proċeduri, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti u l-proċeduri għall-għoti tal-liċenzji meta ma jikkostitwixxux aċċess għas-suq jew limitu tat-trattament nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 93 u 94 tal-Ftehim. Dawk il-miżuri (eż. il-ħtieġa għal liċenzja, obbligi ta' servizz universali, il-ħtieġa għal rikonoxximent tal-kwalifiki fis-setturi regolati, il-ħtieġa li tgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inkluż tal-lingwa, rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet ma jsirux f'żoni ambjentali protetti jew żoni ta' interess storiku jew artistiku partikolari), anki jekk mhux elenkati, japplikaw fi kwalunkwe każ għall-investituri tal-Parti l-oħra.

4. Il-lista ta' hawn taħt hija bla ħsara għall-fattibilità tal-Modalità 1 f'ċerti setturi u sottosetturi tas-servizzi u bla ħsara għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklużivi kif deskritt fil-lista ta' impenji relatati mat-twaqqif.

5. Skont l-Artikolu 85(3) tal-Ftehim, il-lista ma tinkludix miżuri dwar sussidji mogħtija mill-Partijiet.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din il-lista ta' impenji ma għandux ikollhom effett ta' eżekuzzjoni awtomatika u għalhekk ma jikkonferixxu l-ebda dritt direttament lill-persuni fiżiċi jew lil persuni ġuridiċi individwali.

7. Għas-setturi kkonċernati mill-approssimazzjoni regolatorja, kif stipulat fl-Anness XVII, ir-restrizzjonijiet elenkati hawn taħt għandhom jitneħħew skont l-Artikolu 4(3) tal-Anness XVII.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
1. SERVIZZI TAN-NEGOZJU	
A. Servizzi professjonali	
<p>a) Is-Servizzi Legali</p> <p>(CPC 861) ⁽¹⁾</p> <p>(minbarra servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' dokumentazzjoni u ċertifikazzjoni legali mogħtija minn professjonisti legali li jaqdu funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, <i>huissiers de justice</i> jew <i>officiers publics et ministériels</i> oħrajn)</p>	<p>Għall-Modalitajiet 1 u 2</p> <p>AT, CY, ES, EL, LT, MT, SK: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura rikjesta għall-prattika tal-liġi domestika (tal-UE u tal-Istat Membru), hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità.</p> <p>BE, FI: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura, rikjesta għal servizzi ta' rappreżentanza legali, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti ta' residenza. Fil-BE, japplikaw kwoti biex wieħed jidher quddiem il-<i>"Cour de cassation"</i> f'każijiet mhux kriminali.</p> <p>BG: Avukati barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' rappreżentanza legali biss ta' ċittadin ta' pajjiżhom u soġġett għar-riċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali, tinthieġ residenza permanenti.</p> <p>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' <i>"avocat auprès de la Cour de Cassation"</i> u <i>"avocat auprès du Conseil d'Etat"</i> huwa soġġett għall-kwoti u għall-kundizzjoni ta' nazzjonalità.</p> <p>HU: L-ammissjoni sħiħa fl-avukatura hija soġġetta għal kundizzjoni ta' nazzjonalità, flimkien ma' rekwiżiti ta' residenza. Għal avukati barranin l-ambitu tal-attivitajiet legali huwa limitat għall-għoti ta' pariri legali.</p> <p>LV: Ir-rekwiżit ta' nazzjonalità għal avukati liċenzjati li r-rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali hi riżervata għalihom</p> <p>DK: Il-kummerċjalizzazzjoni ta' attivitajiet ta' konsulenza legali huwa ristrett għall-avukati b'liċenzja tal-prattika Daniża u uffiċċji legali rreġistrati fid-Danimarka. Rekwiżit ta' eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża.</p> <p>SE: L-ammissjoni fl-avukatura, meħtieġa biss għall-użu tat-titlu Svediż <i>"advokat"</i>, hija soġġetta għal rekwiżit ta' residenza.</p> <p>Għall-Modalità 1:</p> <p>HR: Mingħajr restrizzjonijiet għal konsultazzjoni dwar il-liġi barranija u internazzjonali. Mingħajr restrizzjonijiet għall-prattika tal-liġi Kroata</p>
<p>b) 1. Is-Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba</p> <p>(CPC 86212 minbarra "is-servizzi ta' verifika", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)</p>	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>FR, HU, IT, MT, RO, SI: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għar-rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti.</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>L-Istati Membri kollha ħlief DE: Xejn</p> <p>DE: Il-verifiki statutorji jistgħu jsiru biss minn awdituri jew kumpaniji tal-verifika statutorji li huma approvati fil-Ġermanja.</p>

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p>b) 2. Is-servizzi ta' verifika (CPC 86211 u 86212 ħlief is-servizzi ta' kontabilità)</p>	<p>Għall-Modalità 1: BE, BG, CY, DE, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SI, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>AT: Kundizzjoni taċ-ċittadinanza għar-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet kompetenti u għat-twettiq ta' verifiki prevista fil-liġijiet Awstrijaċi (pereżempju, liġi tal-kumpaniji azzjonarji, liġi tal-borża, liġi tal-banek, eċċ.).</p> <p>SE: Huma biss l-awdituri approvati fl-Iżvezja li jistgħu jwettqu servizzi legali ta' verifika f'ċerti entitajiet ġuridiċi, fosthom fil-kumpaniji limitati kollha. Huma biss dawn il-persuni li jistgħu jkunu azzjonisti jew li jiffurmaw sħubijiet kummerċjali f'kumpaniji li jipprattikaw awditjar kkwalifikat (għal għanijiet uffiċjali). Residenza meħtieġa għall-approvazzjoni.</p> <p>HR: Ditti barranin tal-verifika jistgħu jipprovdu servizzi tal-awditjar fuq it-territorju Kroat fejn ikunu stabbilew fergħa, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpaniji.</p> <p>Għall-Modalità 2: Xejn</p>
<p>c) Is-Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa (CPC 863) (?)</p>	<p>Għall-Modalità 1: AT: Kundizzjoni ta' nazzjonalità għar-rappreżentazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti.</p> <p>CY: L-aġenti tat-taxxa jridu jkunu awtorizzati kif dovut mill-Ministru tal-Finanzi. L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Il-kriterji użati huma analogi għal dawk li jintużaw meta jingħata permess għall-investiment barrani (elenkati fit-taqsimha orizzontali), kif japplikaw għal dan is-sottosettur, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tal-impjegji fis-settur sekondarju.</p> <p>BG, MT, RO, SI: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>Għall-Modalità 2: Xejn</p>
<p>d) Is-Servizzi Arkitettoniċi kif ukoll e) L-Ippjanar Urban u s-Servizzi Arkitettoniċi tal-Pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)</p>	<p>Għall-Modalità 1: AT: Mingħajr restrizzjonijiet minbarra għal servizzi ta' ppjanar.</p> <p>BE, BG, CY, EL, IT, MT, PL, PT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>DE: L-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar it-tariffi u l-emolumenti għas-servizzi kollha li jitwettqu minn barra mill-pajjiż</p> <p>HU, RO: Mingħajr restrizzjonijiet rigward servizzi arkitettonali tal-pajsaġġ.</p> <p>HR: Is-Servizzi arkitettoniċi: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jfornu dawn is-servizzi bl-approvazzjoni tal-Kamra tal-Periti tal-Kroazja Disinn jew proġett imfassal barra mill-pajjiż irid jiġi rikonoxxut (ivvalidat) minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja rigward il-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata. L-awtorizzazzjoni għar-rikonoxximent (il-validazzjoni) trid toħroġ mill-Ministeru tal-Kostruzzjoni u l-Ippjanar Urban.</p> <p>L-ippjanar urban: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jfornu dawn is-servizzi wara li jirċievu l-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Kostruzzjoni u l-Ippjanar Urban</p> <p>Għall-Modalità 2: Xejn</p>

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
<p>f) Is-Servizzi tal-Inġinerija; kif ukoll</p> <p>g) Is-Servizzi tal-Inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)</p>	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>AT, SI: Mingħajr restrizzjonijiet minbarra servizzi eskużivament ta' ppjanar.</p> <p>BG, CY, EL, IT, MT, PT: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>HR: Persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jfornu dawn is-servizzi bl-approvazzjoni tal-Kamra tal-Inginjera tal-Kroazja Disinn jew proġett imfassal barra mill-pajjiż irid jipi rikonoxxut (invalidat) minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-Kroazja rigward il-konformità tiegħu mal-Liġi Kroata. L-awtorizzazzjoni għar-rikonoxximent (il-validazzjoni) trid toħroġ mill-Ministeru tal-Kostruzzjoni u l-Ippjanifikar Urban.</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>Xejn</p>
<p>h) Is-Servizzi Mediċi (inklużi psikologi), u s-servizzi dentali (CPC 9312 u parti minn CPC 85201)</p>	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>AT, BE, BG, CY, DE, DK, EE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PT, RO, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' mediċina soċjali, sanitarji, epidemjoloġiċi, mediċi/ekoloġiċi, il-provvista tad-demmm, il-preparazzjonijiet tad-demmm u t-trapjanti u l-awtopsji.</p> <p>HR: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal telemediċina: Xejn.</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>Xejn</p>
<p>i) Is-Servizzi Veterinarji (CPC 932)</p>	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, EL, HU, IE, IT, LV, MT, NL, PT, RO, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>UK: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' laboratorji veterinarji u servizzi tekniċi pprovduti lil kirurgi veterinarji, pariri ġenerali, gwida u informazzjoni, eż.: pariri dwar in-nutrizzjoni, dwar l-imġiba u l-ħarsien tal-annimali domestiċi.</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>Xejn</p>
<p>j) 1. Servizzi ta' qwiebel (parti minn CPC 93191)</p> <p>j) 2. Servizzi pprovduti minn Infermiera, Fiżjoterapisti u Ħaddiema Paramediċi (parti minn CPC 93191)</p>	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, EL, HU, IE, IT, LV, LT, LU, MT, NL, PT, RO, SI, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>FI, PL: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għall-infermiera</p> <p>HR: Mingħajr restrizzjonijiet, ħlief għal telemediċina: Xejn.</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>Xejn</p>

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
k) Bejgħ fil-livell tal-konsum ta' prodotti farmaceutiċi u bejgħ bl-fil-livell tal-konsum ta' prodotti mediċi u ortopediċi (CPC 63211) u servizzi oħra mogħtija mill-ispiżjara ⁽³⁾	Għall-Modalità 1: AT, BE, BG, DE, CY, CZ, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SE, SI, UK: Mingħajr restrizzjonijiet LV, LT: Mingħajr restrizzjonijiet minbarra għal ordni postali HU: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal CPC 63211 Għall-Modalità 2: Xejn
B. Is-Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati (CPC 84)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 Xejn
C. Is-Servizzi tar-Riċerka u l-Iżvilupp	
a) Is-Servizzi tar-R&D dwar ix-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi (CPC 852 minbarra s-servizzi tal-psikologi) ⁽⁴⁾ b) Riċerka u Żvilupp fix-xjenzi naturali (CPC 851) u c) Is-Servizzi tar-R&D interdixiplinari (CPC 853)	Għall-Modalitajiet 1 u 2 UE: Għal servizzi ta' R&D iffinanzjati mill-pubbliku, id-drittijiet esklużivi u/jew l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u lil persuni ġuridiċi tal-Unjoni Ewropea li jkollhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Unjoni Ewropea.
D. Is-Servizzi tal-Beni Immobbli ⁽⁵⁾	
a) Li jinvolvu proprjetà b'sjieda proprja jew mikrija (CPC 821)	Għall-Modalità 1: BG, CY, CZ, EE, HU, IE, LV, LT, MT, PL, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet HR: Mitluba preżenza kummerċjali. Għall-Modalità 2: Xejn
b) Fuq Bażi ta' Tariffa jew Kuntratt (CPC 822)	Għall-Modalità 1: BG, CY, CZ, EE, HU, IE, LV, LT, MT, PL, RO, SK, SI: Mingħajr restrizzjonijiet HR: Mitluba preżenza kummerċjali. Għall-Modalità 2: Xejn

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
E. Is-Servizz tal-Kiri/Leasing mingħajr Operaturi	
a) Relatati mal-bastimenti (CPC 83103)	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>BG, CY, DE, HU, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>Xejn</p>
b) Relatati mal-Inġenji tal-Ajru (CPC 83104)	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>BG, CY, CZ, HU, LV, MT, PL, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet.</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>BG, CY, CZ, LV, MT, PL, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet.</p> <p>AT, BE, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LT, LU, NL, PT, SI, SE, UK: L-inġenji tal-ajru li jintużaw minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea jridu jkunu reġistrati fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li jagħti l-liċenzja lit-trasportatur tal-ajru jew xi mkien ieħor fl-Unjoni Ewropea. Jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għal kuntratti ta' leasing fil-qosor jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali.</p>
c) Relatati ma' Tagħmir tat-Trasport Ieħor (CPC 83101, CPC 83102 u CPC 83105)	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>BG, CY, HU, LV, MT, PL, RO, SI: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>SE: Il-fornituri ta' servizzi tal-kiri jew tal-leasing tal-karozzi u ta' ċerti vetturi off-road (terrängmotorfordon) mingħajr xufier, mikrija jew leased għal perjodu ta' inqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli, fost l-oħrajn, biex jiżgura li n-negozju jsir skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli u li jiġu segwiti r-regoli tas-sikurezza tat-traffiku fit-triq. Il-persuna responsabbli għandha tkun residenti fl-Isvezja</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>Xejn</p>
d) Relatati ma' Makkinarju u Tagħmir Ieħor (CPC 83106, CPC 83107, CPC 83108 u CPC 83109)	<p>Għall-Modalità 1:</p> <p>BG, CY, CZ, HU, MT, PL, RO, SK: Mingħajr restrizzjonijiet</p> <p>Għall-Modalità 2:</p> <p>Xejn</p>
e) Relatati ma' prodotti personali u tad-dar (CPC 832)	<p>Għall-Modalitajiet 1 u 2</p> <p>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SI, SE, SK, UK: Mingħajr restrizzjonijiet</p>

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
(d) Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' apparat tat-transport bil-ferrovija (CPC 6112+8867)	(1) Xejn. (2) Xejn.
(e) Is-Servizzi ta' appoġġ għas-servizzi tat-transport bit-triq (CPC 744)	(1) Xejn. (2) Xejn.

6. Trasport permezz ta' Pajplajn

(a) It-trasport tal-fjuwil (CPC 7131)	(1) Xejn. (2) Xejn.
(b) It-trasport ta' prodotti oħra (CPC 7139)	(1) Xejn. (2) Xejn.

7. Servizzi awżiljari għall-modi kollha tat-trasport ħlief it-trasport marittimu

(a) Is-Servizzi tal-ġarr tal-merkanzija (CPC 741)	(1) Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi tal-groundhandling tat-trasport bl-ajru. (2) Xejn.
(b) Is-Servizzi ta' Ħżin u ta' Magażinaġġ (CPC 742)	(1) Mingħajr restrizzjonijiet għas-servizzi tal-groundhandling tat-trasport bl-ajru. (2) Xejn.
(c) Is-servizzi ta' aġenzija tat-trasport tal-merkanzija (CPC 748)	(1) Xejn. (2) Xejn.
(d) Oħrajn — Spezzjoni tal-Merkanzija (Parti minn CPC 749)	(1) Mingħajr restrizzjonijiet (2) Xejn.

XII. SERVIZZI OĦRA MHUX SPEĊIFIKATI XI IMKIEN IEĦOR

— Is-Servizzi tas-Sbuħija u l-Benessri Fiżiku	(1) Mingħajr restrizzjonijiet
— Is-Servizzi ta' Massaġġi ħlief il-Massaġġi Terapewtiċi (parti minn CPC Ver. 1.0: 1.0: 97230) ⁽¹⁰⁾	(2) Xejn.
— Is-Servizzi ta' Spa (parti minn CPC Ver. 1.0: 1.0: 97230) ⁽¹⁰⁾ , inklużi is-Servizzi ta' Ġestjoni tal-Ispas	(1) Mingħajr restrizzjonijiet (2) Xejn.
— Is-Servizzi tax-xaġġar u servizzi oħra tas-sbuħija (CPC 9702)	(1) Mingħajr restrizzjonijiet (2) Xejn.

⁽¹⁾ L-impenn fuq is-servizzi tal-posta u tal-kurjer u s-servizzi ta' kunsinna express japplika għall-operaturi kummerċjali ta' kull tip ta' sjieda, kemm privati u kif ukoll tal-istat.

⁽²⁾ It-terminu "immaniġġjar" jinkludi rilaxx, tqassim, trasport u kunsinna.

⁽³⁾ Posta ordinarja mibgħuta permezz tal-kaxxa tal-ittri jew l-uffiċċju tal-posta u mwassla sal-kaxxa tal-ittri fl-indirizz imsemmi mingħajr irċevuti

⁽⁴⁾ Eż. ittri, kartolini.

⁽⁵⁾ Il-kotba u l-katalgi huma inklużi f'dan is-sottosettur.

⁽⁶⁾ Ġurnali, gazzetti u rivisti.

⁽⁷⁾ Servizzi ta' kunsinna express huma definiti bħala l-ġbir, it-trasport u t-twassil ta' dokumenti, affarijiet stampati, pakketti, prodotti jew oġġetti oħra fuq bażi espedita, filwaqt li jsir traċċjar u jinżamm kontroll ta' dawn l-affarijiet waqt il-forniment tas-servizz.

⁽⁸⁾ Provvista tal-mezzi, inklużi l-provvista ta' bini ad hoc kif ukoll trasport minn parti terza, li tippermetti awtotwassil permezz ta' skambju reċiproku ta' oġġetti postali bejn utenti sottoskritti għal dan is-servizz. Oġġetti postali jirreferi għal oġġetti mwassla minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, sew jekk pubbliku jew privat.

⁽⁹⁾ Ix-xandir huwa definit bħala l-katina mhux interrotta meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' sinjali ta' programmi televiżivi u tar-radju lill-pubbliku ġenerali, iżda ma jkoprix konnessjonijiet bejn l-operaturi.

⁽¹⁰⁾ Din is-sottoklassi ma tinkludix s-servizzi ta' trattament mediku, cf.

ANNEX XVI-F TAL-KAPITOLU 6

RIŻERVI FUQ FORNITURI TAS-SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

L-Ukraina

1. Il-lista ta' riżervi hawn taħt tindika s-setturi tas-servizzi liberalizzati skont l-Artikoli 101(2) u 102(2) (CSS u IP) li għalihom japplikaw il-limitazzjonijiet fuq il-fornituri tas-servizzi kuntrattwali u l-professjonisti indipendenti (CSS u IP) u tispeċifika dawn il-limitazzjonijiet.
2. Il-lista hija magħmula mill-elementi li ġejjin:
 - (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li għalihom japplikaw il-limiti; kif ukoll
 - (b) it-tieni kolonna tiddekrivi l-limiti applikabbli.

L-Ukraina mhi qed timpenja ruħha għal forniture tas-servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti għal ebda settur tas-servizzi, ħlief dawk li huma msemmija espliċitament hawn taħt.
3. Fl-identifikazzjoni tas-setturi u s-sottosetturi individwali:
 - (a) CPC tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, is-Serje M, Nru^o 77, CPC *prov*, 1991. kif ukoll
 - (b) CPC ver. 1.0 tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, is-Serje M, N^o 77, CPC *ver 1.0*, 1998.
4. Impenji fuq forniture tas-servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti ma japplikawx f'każijiet fejn l-għan jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom huwa li jinterferixxi mar-riżultati ta' kwalunke tilwima jew negozjati bejn il-ħaddiema/il-maniġment, jew b'xi mod ieħor jaffettwahom.
5. Il-lista hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati ma' rekwiżiti u proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess limitazzjoni nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikoli 101(2) u 102(2) (CSS u IP). Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati, il-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, u l-ħtieġa ta' domiċilju legali fit-territorju fejn qed titwettaq l-attività ekonomika), anke jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-forniture tas-servizzi kuntrattwali u l-professjonisti indipendenti tal-Parti tal-UE u l-Istati Membri tagħha.
6. Il-lista ta' hawn taħt ma fihix miżuri li jirrigwardaw sussidji mogħtija mill-Partijiet.
7. Il-lista hawn taħt hija bla ħsara għall-eżistenza tal-monopolji pubbliċi jew id-drittijiet esklużivi fis-setturi rilevanti, kif stipulat mill-Ukraina fl-Iskeda tagħha (l-Anness XVI-D jew l-Anness XVI-E) għall-Kapitlu 6 (Twaqqif, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim.
8. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista ta' hawn taħt m'għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma jagħtu l-ebda dritt direttament lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Is-Servizzi Konsultattivi Legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija (parti minn CPC 861)	Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Is-Servizzi tal-Kontabbiltà u taż-Żamma tal-Kotba (CPC 86212 minbarra "is-servizzi ta' awditjar", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220)	Xejn.
Is-Servizzi ta' Konsulenza dwar it-Taxxa (CPC 863) ⁽¹⁾	Xejn.
Is-Servizzi arkitettoniċi kif ukoll Is-Servizzi tal-ippjanar urban u tal-arkitettura tal-pajsaġġ (CPC 8671 u CPC 8674)	Xejn.
Is-Servizzi tal-inġinerija kif ukoll Is-Servizzi tal-inġinerija integrata (CPC 8672 u CPC 8673)	Xejn.
Is-Servizzi tal-kompjuters u oħrajn relatati (CPC 84)	Xejn.
Is-Servizzi ta' Riċerka u Żvilupp (CPC 851, 852 minbarra servizzi ta' psikologi ⁽²⁾ , 853)	Jinħtieġ ftehim ta' ospitar ma' organizzazzjoni approvata tar-riċerka.
Ir-Reklamar (CPC 871)	Xejn.
Is-Servizzi ta' Konsulenza dwar il-Ġestjoni (CPC 865)	Xejn.
Is-Servizzi relatati mal-konsulenza fil-maniġment (CPC 866)	Xejn.
Is-Servizzi ta' Ttestjar u Analiżi Tekniċi (CPC 8676)	Xejn.
Is-Servizzi ta' Konsulenza Xjentifika u Teknika Relatati (CPC 8675)	Xejn.
Il-manutenzjoni u t-tiswija tal-bastimenti (parti minn CPC 8868)	Xejn.
Il-manutenzjoni u t-tiswija tat-tagħmir tat-trasport bil-ferrovija (parti minn CPC 8868)	Xejn.
Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' vetturi bil-magna, muturi, snowmobiles u tagħmir tat-trasport bit-triq (CPC 6112, CPC 6122, parti minn CPC 8867 u parti minn CPC 8868)	Xejn.
Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' ingeni tal-ajru u partijiet minnhom (parti minn CPC 8868)	Xejn.

Settur jew sottosettur	Deskrizzjoni tar-riżervi
Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' prodotti personali u tad-dar ⁽¹⁾ (CPC 633, CPC 7545, CPC 8861, CPC 8862, CPC 8864, CPC 8865 u CPC 8866)	Xejn.
Traduzzjoni (CPC 87905, minbarra attivitajiet uffiċjali jew iċċertifikati)	Xejn.
Ix-Xogħol ta' investigazzjoni fuq il-post (CPC 5111)	Xejn.
Is-Servizzi ambjentali (CPC 9401 ⁽⁴⁾ , CPC 9402, CPC 9403, CPC 9404 ⁽⁵⁾ , parti minn CPC 94060 ⁽⁶⁾ , CPC 9405, parti minn CPC 9406, CPC 9409)	Xejn.
Is-Servizzi tal-Aġenziji tal-Ivvjaġġar u tal-Operaturi tal-Vjaġġi Turisitici (inklużi manigġers tat-tours ⁽⁷⁾) (CPC 7471)	Xejn.
Is-Servizzi tad-Divertiment minbarra s-servizzi awdjoviżivi (inklużi s-Servizzi ta' Teatru, Gruppi tal-Mużika Lajv, Ċirku u Diskoteki) (CPC 9619)	Tista' tiġi mitluba kwalifika ⁽⁸⁾ avvanzata.

⁽¹⁾ 931. Ma jinkludux servizzi ta' konsulenza u rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet tat-taxxa, li jinsabu taħt is-Servizzi ta' Konsulenza Legali fir-rigward tal-liġi pubblika internazzjonali u l-liġi barranija.

⁽²⁾ Parti minn CPC 85201, li għandu jinsab taħt is-Servizzi mediċi u dentali.

⁽³⁾ Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju inklużi l-kompjuters (CPC 845) jinsabu taħt Servizzi tal-Kompjuter.

⁽⁴⁾ Jikkorrispondi għal servizzi tad-drenaġġ.

⁽⁵⁾ Jikkorrispondi għas-Servizzi tat-Tindif tal-Gassijiet tal-Egżost.

⁽⁶⁾ Jikkorrispondi għall-partijiet mis-Servizzi tal-Ħarsien tan-Natura u l-Pajsaġġi.

⁽⁷⁾ Fornituri tas-servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp tat-tours ta' minimu ta' 10 persuni, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi fpostijiet speċifiċi.

⁽⁸⁾ Meta l-kwalifika ma tkunx inkisbet fl-Ukraina, l-Ukraina tista' tevalwa jekk din tkunx ekwivalenti għall-kwalifika meħtieġa fit-territorju tagħha.

ANNEX XVII

APPROSSIMAZZJONI REGOLATORJA

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan l-Anness jipprevedi l-approssimazzjoni regolatorja bejn il-Partijiet fis-setturi li ġejjin: Is-Servizzi Finanzjarji, is-Servizzi tat-Telekomunikazzjoni, is-Servizzi Postali u tal-Kurrier, is-Servizzi tat-Trasport Marittimu Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħin is-"setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja").
2. Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti tal-Unjoni Ewropea għas-setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja jinsabu, rispettivament, fl-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5, minn hawn 'il quddiem imsejħin l-"Appendiċijiet".
3. L-Appendiċi XVII-6 jinkludi regoli speċjali dwar il-monitoraġġ tal-proċess tal-approssimazzjoni regolatorja.

Artikolu 2

Prinċipji ġenerali u obbligi dwar l-approssimazzjoni regolatorja

1. Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti msemmijin fl-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5 għandhom ikunu vinkolati għall-Partijiet, skont l-adattamenti orizzontali u r-regoli ta' proċedura stipulati fl-Appendiċi XVII-1 u l-arranġamenti speċifiċi stipulati fl-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5. Il-partijiet għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u kompluta ta' daww id-dispożizzjonijiet. ⁽¹⁾
2. Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu inkorporati fl-ordni legali tal-Ukraina kif jidher hawn taħt:
 - (a) att li jikkorrispondi ma' Regolament jew Deċiżjoni tal-UE għandu jsir parti mill-ordni legali intern tal-Ukraina;
 - (b) att li jikkorrispondi ma' Direttiva tal-UE għandu jħalli l-għażla tal-forma u l-metodu tal-implimentazzjoni, fidejn l-awtoritajiet tal-Ukraina.
3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li jkun hemm konformità ma' dan l-Anness mill-Ukraina permezz ta':
 - konsultazzjonijiet perjodiċi, fil-qafas tal-Kumitat tal-Kummerċ għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli għas-setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja u oqsma oħra relatati koperti mill-Ftehim;
 - diskussjonijiet perjodiċi dwar kwistjonijiet istituzzjonali, ta' kapaċità u ta' riżorsi rilevanti għall-proċess tal-approssimazzjoni legali;
 - konsultazzjonijiet u skambju tal-informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti u dik ġdida skont it-Titolu VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali, Ġenerali u Finali) ta' dan il-Ftehim.
4. Il-Partijiet għandhom jinfurmaw lil xulxin bl-awtoritajiet rispettivi tagħhom responsabbli għas-setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja.
5. Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, il-Partijiet għandhom, b'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tal-kompiti li jirriżultaw minn dan l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu. Il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura xierqa biex jiżguraw li jiġu ssodisfati l-obbligi li jirriżultaw minn dan l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw il-kisba tal-approssimazzjoni regolatorja u jevitaw kull miżura li tista' tipperikola jew tittardja l-kisba tal-oġġettivi ta' dan il-Ftehim.

⁽¹⁾ L-*aquis* japplika kollu kemm hu, inkluż bl-eċċezzjonijiet mogħtija lill-Istati Membri tal-UE tul il-proċess tal-adeżjoni tagħhom

*Artikolu 3***Approssimazzjoni regolatorja qabel jinghata it-trattament tas-suq shih f'settur speċifiku**

1. Skont l-Artikoli 114, 124, 133 u 139 tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Negozju fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) u l-Kapitolu 7 (Pagamenti Attwali u Moviment tal-Kapital) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim u l-Artikolu 2(1) ta' dan l-Anness, l-Ukraina għandha tittrasponi u timplimenta kontinwament il-leġiżlazzjoni tal-UE eżistenti elenkata fl-Appendiċijiet fis-sistema legali domestika tagħha, skont l-Artikolu 2(2) ta' dan l-Anness.
2. Sabiex tiġi garantita ċertezza legali, il-Parti tal-UE se tinforma lill-Ukraina u lill-Kumitat tal-Kummerċ, b'mod regolari u bil-miktub, dwar il-leġiżlazzjoni kollha ġdida jew emendata tal-UE li hija speċifika għas-setturi.
3. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jżid mal-Appendiċijiet, fi żmien xahrejn, kull att leġiżlattiv tal-UE ġdid jew emendat. Ladarba att leġiżlattiv tal-UE ġdid jew emendat jiżdied mal-Appendiċi rilevanti, l-Ukraina għandha tittrasponi l-leġiżlazzjoni fis-sistema legali domestika tagħha skont l-Artikolu 2(2) ta' dan l-Anness. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jstabbilixxi wkoll perjodu indikattiv għat-traspożizzjoni tal-att.
4. Fkaż li l-Ukraina tipprevedi li se jkollha diffikultajiet partikolari fit-traspożizzjoni tal-att leġiżlattiv tal-UE fil-leġiżlazzjoni domestika tagħha, hija għandha tinforma lill-UE u lill-Kumitat tal-Kummerċ b'dan minnufih. Il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi jekk l-Ukraina, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, tistax tiġi eżentata parzjalment u temporanjament mill-obbligi tagħha ta' traspożizzjoni fl-Artikolu 3(3) ta' dan l-Anness.
5. Jekk il-Kumitat tal-Kummerċ jagħti deroga bħal din abbażi tal-Artikolu 3(4) ta' dan l-Anness, l-Ukraina għandha tirrapporta regolarment dwar il-progress li jkun sar biex tiġi trasposta l-leġiżlazzjoni tal-UE rilevanti.

*Artikolu 4***Valutazzjoni tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE u aċċess addizzjonali għas-suq**

1. It-tranżizzjoni gradwali tal-Ukraini lejn il-promulgazzjoni sħiħa u l-implimentazzjoni sħiħa u kompleta tad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha għas-setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja, għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni u monitoraġġ regolari skont l-Appendiċi XVII-6.
2. Ladarba l-Ukraina tkun ċerta li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet biex titlesta l-promulgazzjoni u l-implimentazzjoni, inklużi kapaċità superviżorja xierqa u arranġamenti ta' superviżjoni, tad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha f'settur jew setturi partikolari milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja, hija għandha tinforma lill-Unjoni Ewropea li għandha ssir valutazzjoni komprensiva f'dak is-settur. Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Unjoni Ewropea b'kooperazzjoni mal-Ukraina, skont il-prinċipji stipulati fl-Appendiċi XVII-6. Ladarba titlesta din il-valutazzjoni, l-Unjoni Ewropea għandha tipproponi deċiżjoni lill-Kumitat tal-Kummerċ.
3. Jekk l-Unjoni Ewropea tiddetermina, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, li l-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati, hija għandha tinforma lill-Kumitat tal-Kummerċ kif xieraq. Wara dan, il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi li l-Partijiet għandhom jagħtu lil xulxin trattament tas-suq intern fir-rigward tas-settur(i) tas-servizzi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja. Trattament bħal dan jirrikjedi li fir-rigward tas-settur(i) ma għandux ikun hemm:
 - restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment ta' persuni ġuridiċi tal-UE jew tal-Ukraina fit-territorji tagħhom u li l-persuni ġuridiċi stabbiliti skont il-liġi ta' Stat Membru tal-UE jew tal-Ukraina u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fit-territorju tal-Partijiet, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu trattati bl-istess mod bħall-persuni ġuridiċi tal-Istati Membri tal-UE jew tal-Ukraina. Dan għandu japplika wkoll għat-twaqqif ta' aġenziji, ferġat jew sussidjarji minn persuni ġuridiċi tal-UE jew tal-Ukraina stabbiliti fit-territorju tal-Parti l-oħra; u
 - restrizzjonijiet fuq il-libertà li persuna ġuridika tipprovdi servizz fit-territorju tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-persuni tal-Istati Membri tal-UE u tal-Ukraina li huma stabbiliti fl-UE jew fl-Ukraina.
4. Għall-finijiet ta' dan it-trattament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet rilevanti kollha li jinsabu fl-Artikolu 86 tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Negozju fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim.

5. Trattament bħal dan ma għandux japplika, fejn tkun konċernata kwalunkwe Parti partikolari, għall-attivitàjiet li f'dik il-Parti huma konnessi, anki okkażjonalment, mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika.

6. Għal finijiet ta' ċarezza, tali trattament ma għandux jinkludi d-dritt li tibda u tkompli twestaq attività bħala persuna li taħdem għal rasha u li twaqqaf u tiġġestixxi impriża u ma għandux iwaqqaf lil Parti milli tapplika miżuri biex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi, jew is-soġġorn temporanju tagħhom, fit-territorju tagħha, inkluż dawk il-miżuri neċessarji għall-protezzjoni tal-integrità ta' persuni fiżiċi u għall-iżgurar ta' ċaqliq kif suppost tagħhom lil hinn mill-fruntieri tagħha, sakemm miżuri bħal dawn ma jiġux applikati b'tali mod li jħassar jew idgħajef it-termini tal-Ftehim. ⁽¹⁾

7. Il-paragrafu 3 u l-miżuri meħuda fir-rigward tiegħu ma għandhomx ikunu ta' ħsara għall-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet stabbilti mil-liġi, mir-regolamenti jew mill-azzjoni amministrattiva li jipprevedu trattament speċjali għal ċittadini barranin fuq il-bażi ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika.

8. Jekk l-Unjoni Ewropea tiddetermina li l-kundizzjonijiet biex jingħata trattament tas-suq intern ma jkunux ġew issodisfati, hija għandha tirrapporta dan lill-Kumitat tal-Kummerċ. L-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Appendiċi XVII-6, għandha tirrakkomanda lill-Ukraina miżuri speċifiċi u tiddetermina perjodu ta' implimentazzjoni, li fih ikun jista' jiġi implimentat dan it-titjib b'mod raġonevoli. Qabel tmiem dak il-perjodu ta' implimentazzjoni, għandha ssir it-tieni valutazzjoni, u jekk ikun neċessarju aktar valutazzjonijiet, dwar jekk il-miżuri rakkomandati jkunux ġew implimentati b'mod effettiv u sodisfaċenti.

Artikolu 5

Implimentazzjoni mill-Ukraina tal-leġislazzjoni tal-UE wara l-għoti tat-trattament sħiħ tas-suq intern f'settur speċifiku

1. L-Unjoni Ewropea żżomm id-dritt tagħha li tadotta leġislazzjoni ġdida jew li temenda l-leġislazzjoni eżistenti tagħha fis-setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja. L-Unjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Ukraina u lill-Kumitat tal-Kummerċ, bil-miktub u fi żmien xieraq, bi kwalunkwe att vinkolanti legalment fis-setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja ladarba din tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea.

2. Il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jiddeċiedi fi żmien tliet xhur jekk iżidx att leġislattiv tal-UE ġdid jew emendat partikolari mal-Appendiċijiet.

3. Ladarba att leġislattiv tal-UE ġdid jew emendat jizjed mal-Appendiċi rilevanti, l-Ukraina għandha tittrasponi l-leġislazzjoni fis-sistema legali domestika tagħha skont l-Artikolu 2(1) u (2) ta' dan l-Anness u f'konformità mal-iskadenzi li ġejjin:

(a) Regolament għandu jiġi implimentat u infurzat l-aktar tard tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ previst fir-Regolament, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kumitat tal-Kummerċ.

(b) Id-Direttivi għandhom jiġu implimentati u infurzati l-aktar tard tliet xhur wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni prevista fid-Direttiva, sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor mill-Kumitat tal-Kummerċ.

L-Ukraina għandha tiżgura li fl-aħħar tal-perjodu ta' żmien rilevanti, l-ordni legali tagħha jkun kompletament konformi mal-att legali tal-UE li għandu jiġi implimentat.

4. Titwettaq valutazzjoni tal-implimentazzjoni mill-Unjoni Ewropea b'kooperazzjoni mal-Ukraina, skont il-prinċipji stipulati fl-Appendiċi XVII-6.

5. F'każ li l-Ukraina tipprevedi li se jkollha diffikultajiet partikolari fit-traspożizzjoni ta' att leġislattiv tal-UE ġdid jew emendat fil-leġislazzjoni domestika tagħha, hija għandha tinforma lill-UE u lill-Kumitat tal-Kummerċ b'dan minnufih. Il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi jekk l-Ukraina, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tistax tiġi eżentata parzjalment u temporanjament mill-obbligi tagħha ta' traspożizzjoni fl-Artikolu 5(3) ta' dan l-Anness, fir-rigward ta' atti leġislattivi tal-UE ġodda jew emendati. Jekk il-Kumitat tal-Kummerċ jagħti deroga bħal din, l-Ukraina għandha tirrapporta regolarment dwar il-progress li jkun sar biex tiġi trasposta l-leġislazzjoni tal-UE rilevanti.

⁽¹⁾ Il-fatt waħdieni li persuni fiżiċi ta' ċerti pajjiżi u mhux ta' oħrajn jintalbu viża, ma għandux jitqies bħala wieħed li jħassar jew li jdgħajef il-benefiċċji fil-Ftehim.

6. Jekk minkejja l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(2), (3) u (5) ta' dan l-Anness, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil dwar iż-żieda ta' att leġislativ tal-UE ġdid jew emendat mal-Appendiċijiet tliet xhur wara n-notifika tagħha lill-Kumitat tal-Kummerċ, l-Unjoni Ewropea tista' tiddeċiedi li tissospendi l-għoti ta' trattament tas-suq intern fis-suq ikkonċernat. F'każ li l-Ukraina ma taqbilx mal-proporzjonalità tal-miżuri ta' sospensjoni, kwalunkwe waħda minnhom tista' tirrikorri għal soluzzjoni tat-tilwim, skont l-Artikolu 7 ta' dan l-Anness. Dawn il-miżuri ta' sospensjoni għandhom jitneħħew immedjatament ladarba l-Kumitat tal-Kummerċ jirnexxilu, fir-rigward ta' atti leġislativi tal-UE ġodda jew emendati, jaġġorna l-Appendiċi rilevanti jew inkella jsib soluzzjoni għall-problema aċċettabbli għal parti.

7. Meta l-Ukraina tkun trid tadotta leġislazzjoni ġdida jew temenda l-leġislazzjoni eżistenti tagħha fis-setturi milqutin mill-approssimazzjoni regolatorja, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' rappurtar u valutazzjoni stipulati fl-Appendiċi XVII-6.

Artikolu 6

Interpretazzjoni

Sakemm id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness u d-dispożizzjonijiet applikabbli speċifikati fl-Appendiċijiet ikunu identiċi fis-sustanza għar-regoli korrispondenti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għall-atti adottati skontu, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom, jiġu interpretati f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea.

Artikolu 7

Nuqqas ta' konformità ma' dan l-Anness

1. Jekk Parti tkun tal-fehma li l-Parti l-oħra ma tkunx konformi mal-obbligi stipulati f'dan l-Anness, hija għandha tinforma lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat tal-Kummerċ immedjatament bil-miktub dwar dan.
2. Il-Parti kkonċernata tista' tressaq quddiem il-Parti l-oħra u l-Kumitat tal-Kummerċ talba formali biex il-kwistjoni li jkun hemm it-tilwim dwarha tiġi solvuta u għandha tipprovi l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għal eżami bir-reqqa tas-sitwazzjoni.
3. Wara li ssir talba bħal din, għandhom japplikaw ir-regoli u l-proċeduri tal-Kapitolu 14 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim.
4. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 312, 313 u 315(1) tal-Kapitolu 14 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, jekk jinstab li Parti ma tkunx qed timxi f'konformità ma' deċiżjoni ta' panil ta' arbitraġġ u jekk ikun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jirrikjedu azzjoni urġenti, il-Parti l-oħra għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 4(3) ta' dan l-Anness minnufih.
5. Miżuri ta' sospensjoni bħal dawn għandhom jitneħħew immedjatament wara l-implimentazzjoni sħiħa tar-rapport ta' arbitraġġ mill-Parti kkonċernata.

Artikolu 8

Miżuri ta' salvagwardja – il-prinċipji

1. Jekk inqalgħu jew hemm riskju li jinqalgħu diffikultajiet ekonomiċi, soċjetali jew ambjentali serji ta' natura settorjali jew reġjonali li huwa probabbli li jippersistu fi kwalunkwe waħda mill-Partijiet, il-Parti kkonċernata tista' tieħu l-miżuri ta' salvagwardja xieraq fir-rigward tat-trattament mogħti skont l-Artikolu 4(3) ta' dan l-Anness, skont il-kundizzjonijiet u l-proċeduri stipulati fl-Artikolu 9 minn (1) sa (6) ta' dan l-Anness.
2. Miżuri ta' salvagwardja bħal dawn għandhom ikunu limitati fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u t-tul ta' żmien tagħhom, għal dak li huwa strettament meħtieġ sabiex titranġa s-sitwazzjoni fis-settur jew ir-reġjun ikkonċernat. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-miżuri li jfixklu l-inqas it-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 9

Miżuri ta' salvagwardja – il-proċeduri

1. Jekk Parti tkun qed tikkonsidra li tieħu miżuri ta' salvagwardja, hija għandha tavża lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha permezz tal-Kumitat tal-Kummerċ u għandha tforri l-informazzjoni rilevanti kollha.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw minnufih fil-Kumitat tal-Kummerċ bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd. Parti għandi tastjeni milli tieħu miżuri ta' salvagwardja sakemm isiru tentattivi biex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd.
3. Il-Parti kkonċernata ma tistax tieħu miżuri ta' salvagwardja qabel ma jkun għadda xahar mid-data ta' notifika skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm il-proċedura ta' konsultazzjoni fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma tkunx ġiet konkluzja qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi. Permezz ta' deroga minn dan ir-rekwiżit, meta ċirkostanzi eċċezzjonali li jirrikjedu azzjoni urġenti jeskludu l-eżami minn qabel, Parti tista' tapplika minnufih il-miżuri protettivi li huma strettament meħtieġa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni.
4. Il-Parti kkonċernata għandha, mingħajr dewmien, tavża lill-Kumitat tal-Kummerċ dwar il-miżuri ta' salvagwardja meħuda u għandha tforni l-informazzjoni rilevanti kollha.
5. Kwalunkwe miżura ta' salvagwardja għandha titwaqqaf ladarba l-fatturi li wasslu għall-adozzjoni ta' dik il-miżura ma jibqgħux jeżistu.
6. Il-miżuri ta' salvagwardja meħudin għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet kontinwi fil-Kumitat tal-Kummerċ, bil-għan li jitneħħew jew li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.
7. Jekk, minkejja l-applikazzjoni tal-paragrafu 6, ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd fi żmien sitt xhur u l-miżura ta' salvagwardja toħloq żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet fis-settur ikkonċernat, il-Parti kkonċernata tista' tieħu miżuri proporzjonati li joħlqu bilanċ mill-ġdid u li huma strettament neċessarji biex jiġi rimedjat l-iżbilanċ. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-miżuri li jxekkklul l-anqas il-funzjonament tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Negozju fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, dan l-Anness u l-Appendiċijiet tiegħu.
8. Il-Parti kkonċernata għandha, mingħajr dewmien, tavża lill-Kumitat tal-Kummerċ dwar il-miżuri li joħlqu bilanċ mill-ġdid meħuda u għandha tforni l-informazzjoni rilevanti kollha. Kwalunkwe miżura li toħloq bilanċ mill-ġdid bħal din għandha titwaqqaf ladarba l-fatturi li wasslu għall-adozzjoni ta' dik il-miżura ma jibqgħux jeżistu.
9. Kwalunkwe miżura li toħloq bilanċ mill-ġdid meħuda għandha tkun soġġetta għal konsultazzjonijiet kontinwi fil-Kumitat tal-Kummerċ, bil-għan li titneħħa jew li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet speċifiċi marbutin mas-Servizzi Finanzjarji

1. Fir-rigward tas-servizzi finanzjarji jew settur jew sottosettur speċifiku ta' servizzi finanzjarji, f'dan il-Ftehim xejn ma għandu jitqies li jillimita lill-awtorità tal-Partijiet biex tieħu l-miżuri xierqa u immedjati kollha skont l-Artikolu 126 (Konċessjoni Prudenzjali) tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Negozju fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim wara li jingħata trattament tas-suq intern.
2. Kwalunkwe miżura adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma tistax tiġi soġġetta għall-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim stabbilita fil-Kapitolu 14 (Soluzzjoni tat-Tilwim) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 11

Modifika ta' dan l-Anness

Il-Kumitat tal-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jimmodifika d-dispożizzjonijiet tal-Anness XVII, f'każ li jqis li dan ikun neċessarju.

Appendiċi XVII-1

ADATTAMENTI ORIZZONTALI U REGOLI TA' PROĊEDURA

Id-dispożizzjonijiet tal-atti speċifikati fl-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5 (minn hawn 'il quddiem l-“Appendiċijiet”) għandhom ikunu applikabbli f'konformità ma' dan il-Ftehim u l-punti minn 1 sa 6 ta' dan l-Appendiċi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Appendiċijiet. L-adattamenti speċifiċi neċessarji għall-atti individwali huma stipulati fl-Appendiċijiet.

Dan il-Ftehim għandu jkun applikabbli skont ir-regoli ta' proċedura stipulati fil-punti 7, 8 u 9 ta' dan l-Appendiċi.

1. Partijiet introdutturji tal-atti

Il-preamboli tal-atti speċifikati mhumiex adattati għall-finijiet ta' dan il-Ftehim. Dawn huma neċessarji sa fejn huma meħtieġa għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni kif xieraq, fil-qafas ta' dan il-Ftehim, tad-dispożizzjonijiet inklużi f'atti bħal dawn.

2. Terminoloġija speċifika tal-atti

It-termini li ġejjin u li huma użati fl-atti speċifikati fl-Anness XVII ma' dan il-Ftehim għandhom jinqraw kif jidher hawn taħt:

- (a) it-terminu “Komunità” jew “Unjoni Ewropea” għandu jkun “UE-Ukraina”;
- (b) it-termini “liġi tal-Komunità jew tal-Unjoni Ewropea”, “leġiżlazzjoni tal-Komunità jew tal-Unjoni Ewropea”, “strumenti tal-Komunità jew tal-Unjoni Ewropea” u “Trattat KE” jew “Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE” għandhom ikunu “Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Ukraina”;
- (c) it-terminu “*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*” jew “*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*” għandhom ikunu “*Il-Ġurnali Uffiċjali tal-Partijiet*”.

3. Referenzi għall-Istati Membri

Kull meta l-atti speċifikati fl-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5 ma' dan il-Ftehim jinkludu referenzi għall-“Istat(i) Membru(i)”, għandu jinftehem li r-referenzi jinkludu lill-Ukraina, barra mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

4. Referenzi għat-territorji

Kull meta l-atti msemmija jinkludu referenzi għat-territorju tal-“Komunità” jew tal-“Unjoni Ewropea” jew tas-“suq komuni”, għall-finijiet tal-Ftehim għandu jinftehem li r-referenzi huma referenzi għat-territorji tal-Partijiet kif inhu definit fl-Artikolu 483 ta' dan il-Ftehim.

5. Referenzi għall-istituzzjonijiet

Kull meta l-atti msemmija jinkludu referenzi għal istituzzjonijiet, kumitati jew korpi oħra tal-UE, huwa mifhum li l-Ukraina mhix se ssir membru ta' tali istituzzjonijiet, kumitati jew korpi.

6. Drittijiet u obbligi

Id-drittijiet mogħtija u l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri tal-UE jew l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi jew l-individwi tagħhom b'raba ma' xulxin, għandhom jinftehem li huma mogħtija jew imposti fuq il-Partijiet Kontraenti, b'din tal-aħħar tinftehem ukoll, skont il-każ, bħala l-awtoritajiet, l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi jew l-individwi tagħhom.

7. Kooperazzjoni u Skambju tal-informazzjoni

Biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tas-setgħat rilevanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet, meta ssirihom talba tali awtoritajiet għandhom jiskambjaw b'mod reċiproku l-informazzjoni kollha neċessarja għall-funzjonament kif xieraq ta' dan il-Ftehim.

8. Referenzi għal-lingwi

Il-Partijiet għandu jkollhom id-dritt li jużaw, fil-proċeduri stabbiliti fl-ambitu ta' dan il-Ftehim, kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina. Jekk lingwa li ma tkunx lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tintuża f'dokument uffiċjali, għandha tingħata b'mod simultanju traduzzjoni f'lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

9. Dħul fis-seħħ u implimentazzjoni tal-atti

Id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ jew l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli msemmija fl-atti elenkati fl-Annessi, mhumiex rilevanti għall-finijiet tal-Ftehim. Il-limiti taż-żmien u d-dati biex l-Ukraina tippromulga d-dispożizzjonijiet applikabbli u tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u kompluta tagħhom, huma stabbiliti fl-arranġamenti speċifikati fl-Annessi.

Appendiċi XVII-2

REGOLI APPLIKABBLI GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti tal-UE li ġejjin għandhom ikunu applikabbli skont id-dispożizzjonijiet dwar l-adattamenti orizzontali stipulati fl-Appendiċi XVII-1, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Fejn meħtieġ, minn hawn 'il quddiem qed ikunu stabbiliti adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

Dispożizzjonijiet applikabbli li għandhom jiġu adottati:

A. Settur bankarju

Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva 2006/48/KE")

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati skont din l-iskeda taż-żmien.

Il-progress mistenni fl-adozzjoni tar-regolament tal-UE għall-istituzzjonijiet ta' kreditu	Id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-Direttiva 2006/48/KE	Il-limitu taż-żmien mistenni għall-implimentazzjoni
Rekwiżiti dwar l-aċċess għall-bidu u l-eżerċizzju ta' negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.	Titolu II	Erba' snin
Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi	Titolu IV	Erba' snin
Prinċipji tas-superviżjoni prudenzjali	It-Taqsima 2-4 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu V	Erba' snin
Definizzjoni ta' fondi proprji	It-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V	Erba' snin
Dispożizzjonijiet dwar esponimenti kbar	It-Taqsima 5 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V	Erba' snin
Dispożizzjonijiet kontra r-riskju skont Basel I: — Rekwiżiti ta' kapital għal riskju ta' kreditu — Rekwiżiti ta' kapital għal riskju ta' pożizzjoni, riskju ta' saldu u ta' kontroparti, riskju tar-rati tal-kambju (FX) u tal-prodotti. — Bl-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Artikolu 123, jiġifieri l-proċess ta' reviżjoni superviżorja u r-rekwiżiti tal-iżvelar	It-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V	Erba' snin
Id-dispożizzjoni li jibqa' tad-Direttiva (skont Basel II) speċjalment: — Rekwiżiti ta' kapital għal riskju ta' kreditu — Rekwiżit ta' kapital għal riskju operattiv — Rekwiżiti ta' kapital għal riskju ta' pożizzjoni, riskju ta' saldu u ta' kontroparti, riskju tar-rati tal-kambju (FX) u tal-prodotti. — L-applikazzjoni tal-Kapitolu 5 tat-Titolu V tal-Artikolu 123, jiġifieri l-proċess ta' reviżjoni superviżorja u r-rekwiżiti tal-iżvelar Il-Kapitolu 4 tat-Titolu V dwar is-superviżjoni		Sitt snin

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/18/KE tas-27 ta' Marzu 2007 li temenda d-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esklużjoni jew l-inklużjoni ta' ċerti istituzzjonijiet mill-ambitu tal-applikazzjoni u tat-tattament ta' exposures għall-banek ta' żvilupp multilaterali

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2007/44/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni għall-evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fil-holdings fis-settur finanzjarju

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adeqgatezza tal-kapital tal-kumpaniji tal-investment u istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva 2006/49/KE")

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati skont din l-iskeda taż-żmien.

Il-progress mistenni fl-adozzjoni tar-regolament tal-UE għad-ditti tal-investment	Id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-Direttiva 2006/49/KE	L-iskadenza mistennija għall-implimentazzjoni mill-Ukraina
Kapital inizjali	Kapitolu 2	Erba' snin
Definizzjoni ta' portafoll tan-negożjar	Kapitolu 3	Erba' snin
Fondi proprji	Kapitolu 4	Erba' snin
Dispożizzjonijiet kontra r-riskju skont Basel I: — Rekwiżiti ta' kapital għal riskju ta' kreditu — Rekwiżiti ta' kapital għal riskju ta' pożizzjoni, riskju ta' saldu u ta' kontroparti, riskju tar-rati tal-kambju (FX) u tal-prodotti.	It-Taqsima 1 tal-Kapitolu 5	Erba' snin
Dispożizzjoni li jibqa' tad-Direttiva		Sitt snin

Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negożju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 fuq il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2001/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE u 86/635/KEE fir-rigward tar-regoli ta' valutazzjoni għall-kontijiet annwali u kkonsolidati ta' ċerti tipi ta' kumpaniji kif ukoll ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda d-Direttivi 78/660/KEE, 83/349/KEE, 86/635/KEE u 91/674/KEE fuq il-bilanċ ta' kontijiet annwali u konsolidati ta' ċerti kumpaniji, banek u istituzzjonijiet finanzjarji u impriżi tal-assigurazzjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji, 83/349/KEE dwar kontijiet konsolidati, 86/635/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn u 91/674/KEE dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/117/EEC tat-13 ta' Frar 1989 dwar l-obbligi ta' fergħat stabbiliti fi Stat Membru ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji li jkollhom l-uffiċċji ewlenin tagħhom barra dak l-Istat Membru rigward il-pubblikazzjoni tad-dokumenti tal-kontijiet annwali

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

B. Assigurazzjoni

Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin minn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 127 u 17c, li għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien snin minn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2009/103/KE tas-16 ta' Settembru 2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (Verżjoni kkodifikata)

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 9 li għandu jiġi implimentat tmien snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/674/KEE tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' intrapriżi tal-assigurazzjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

92/48/KEE: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 1991 dwar l-intermedjarji tal-assigurazzjoni

L-iskeda taż-żmien: ma hemmx bżonn ta' inizjattiva leġiżlattiva.

Id-Direttiva 2002/92/KE tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2002 dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitàjiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

C. Titoli azzjonarji

Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq tas-servizzi finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-obbligi tad-ditti ta' investiment li jżommu l-kotba, ir-rappurtaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, l-ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji għan-negozjar, u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 tad-29 ta' April 2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni inkluża fil-prospetti kif ukoll il-format, l-inkorporazzjoni b'referenza u l-pubblikazzjoni ta' prospetti bħal dawn u d-disseminazzjoni tar-riklami

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1787/2006 tal-4 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni inkluża fil-prospetti kif ukoll il-format, l-inkorporazzjoni b'referenza u l-pubblikazzjoni ta' prospetti bħal dawn u d-disseminazzjoni tar-riklami

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE tat-8 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investituri

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq)

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/72/KE tad-29 ta' April 2004 li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jrigwarda l-prattiki aċċettati tas-suq, id-definizzjoni tal-informazzjoni interna b'relazzjoni mad-derivattivi dwar il-kommoditajiet, it-tħejjija ta' listi ta' persuni interni, in-notifika tat-tranżazzjonijiet tal-amministraturi u n-notifika ta' tranżazzjonijiet suspettużi

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/124/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward id-definizzjoni u l-iżvelar pubbliku tat-tagħrif minn ġewwa u d-definizzjoni tal-manipulazzjoni tas-swieq

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/125/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li timplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rakkomandazzjonijiet għar-rappreżentazzjoni ġusta tal-investimenti u l-iżvelar tal-konflitti ta' interess

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2273/2003 tat-22 ta' Diċembru 2003 li jimplimenta d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-eżenzjonijiet għall-programmi tax-xiri lura u l-istabbilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru dwar aġenziji li jiggradow il-kreditu

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2000/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Novembru 2000 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE u 93/22/KEE rigward l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2001/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 fuq l-ammissjoni ta' titoli għal-listi ta' stock exchange uffiċjali u fuq informazzjoni li għandha tkun ippubblikata fuq dawk il-titoli.

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2006/31/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien.

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 211/2007 tas-27 ta' Frar 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 809/2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-informazzjoni finanzjarja fi prospettivi fejn min joħroġha jkollu storja finanzjarja kumplessa jew ikun għamel impenn finanzjarju importanti

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1569/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-ekwivalenza għall-istandards tal-kontabbiltà applikati mill-emittenti tal-pajjiż terz ta' titoli skont id-Direttiva 2003/71/KE u 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2008/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2004/39/KE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2008/11/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2003/71/KE dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2008/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li temenda d-Direttiva 2003/6/KE dwar l-insider dealing u l-manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 809/2004 li jimplimenta d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' elementi relatati mal-prospetti u r-reklami

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

D. UCITS

Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-imprezzi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (riformulazzjoni);

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/43/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti organizzazzjonali, il-konflitti ta' interess, il-kondotta fin-negozju, l-immaniġġjar tar-riskji u l-kontenut tal-ftehim ta' bejn id-depożitarju u l-kumpanija maniġerjali

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/44/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw fużjonijiet ta' fondi, strutturi prinċipali alimentatriċi u l-proċeduri tan-notifikazzjoni

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 583/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tagħrif ewlieni għall-investitur u l-kundizzjonijiet li għandhom jintlaħqu meta jingħata tagħrif ewlieni lill-investitur jew il-prospett b'mezz li jibqa' li mhux stampat jew permezz ta' sit elettroniku

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 584/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forma u l-kontenut tal-ittra ta' notifika u attestazzjoni UCITS standardizzati, l-użu ta' komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' notifika, u proċeduri għal verifiki fuq il-post u investigazzjonijiet u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Direttiva tal-Kummissjoni 2007/16/KE tad-19 ta' Marzu 2007 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) rigward il-kjarifika ta' ċerti definizzjonijiet.

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

E. Infrastruttura tas-suq

Id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2009/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda d-Direttiva 98/26/KE dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli u d-Direttiva 2002/47/KE dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali rigward sistemi konnessi u talbiet għal kreditu

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

F. Pagamenti

Id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

G. Prevenzjoni tal-ħasil tal-flus

Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' persuni esposti politikament u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar informazzjoni dwar il-pagatur, li għandha takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi

L-iskeda taż-żmien: Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

H. Moviment liberu ta' kapital u pagamenti

L-Artikolu 63 TFUE

L-iskeda taż-żmien: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jieħu deċiżjoni finali dwar l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

L-Artikolu 64 TFUE

L-iskeda taż-żmien: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jieħu deċiżjoni finali dwar l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

L-Artikolu 65 TFUE

L-iskeda taż-żmien: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jieħu deċiżjoni finali dwar l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

L-Artikolu 66 TFUE

L-iskeda taż-żmien: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jieħu deċiżjoni finali dwar l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

L-Artikolu 75 TFUE

L-iskeda taż-żmien: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jieħu deċiżjoni finali dwar l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

L-Artikolu 215 TFUE

L-iskeda taż-żmien: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jieħu deċiżjoni finali dwar l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

L-Anness I mad-Direttiva 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988 għall-applikazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat

L-iskeda taż-żmien: ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat tal-Kummerċ għandu jieħu deċiżjoni finali dwar l-iskeda taż-żmien għall-implimentazzjoni għall-Anness I mad-Direttiva 88/361/KEE tal-24 ta' Ġunju 1988.

Appendiċi XVII-3

REGOLI APPLIKABBLI GĦAS-SERVIZZI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI

Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti tal-UE li ġejjin għandhom ikunu applikabbli skont id-dispożizzjonijiet dwar l-adattamenti orizzontali stipulati fl-Appendiċi XVII-1, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Fejn meħtieġ, minn hawn 'il quddiem qed ikunu stabbiliti adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

Dispożizzjonijiet applikabbli li għandhom jiġu adottati:

Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009

- definizzjoni tal-prodott rilevanti u tas-swieq tas-servizzi fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, li huma suxxettibbli għal regolazzjoni *ex ante* u analiżi ta' dawk is-swieq bil-għan li jiġi determinat jekk għandhomx setgħa sinifikanti fis-suq (SMP).
- tisħiħ tal-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tar-regolatur nazzjonali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (l-Artikolu 3(2))
- twaqqif ta' proċeduri ta' konsultazzjoni pubblika għall-miżuri regolatorji l-ġodda
- twaqqif ta' mekkaniżmi effettivi għal appell kontra d-deċiżjonijiet tar-regolatur Nazzjonali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) kif emendata bid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009

- implimentazzjoni ta' regolament dwar il-previżjoni tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali, u restrizzjoni tal-ħtieġa għal liċenzi individwali għal każijiet speċifiċi u ġustifikati kif xieraq.

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta Marzu 2002 dwar l-aċċess għal, u l-interkonnessjoni ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva tal-Aċċess) kif emendata mid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009.

Fuq bażi tal-analiżi tas-suq imwettqa skont id-direttiva qafas, ir-regolatur nazzjonali fil-qafas tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, għandu jimponi fuq l-operaturi li jinstab li jkollhom saħħa sinifikanti fis-suq (SMP) fis-swieq rilevanti, obbligi regolatorji xierqa fir-rigward ta':

- l-aċċess għal, u l-użu ta', faċilitajiet speċifiċi tan-netwerk
- kontrolli tal-prezzijiet fir-rigward tal-miżati għall-aċċess u l-interkonnessjoni, inklużi l-obbligi tal-orjentazzjoni tal-ispejjeż
- trasparenza, nuqqas ta' diskriminazzjoni u separazzjoni kontabilistika

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009

- implimentazzjoni ta' regolament dwar l-Obbligi tas-Servizzi Universali (OSU), inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmi għall-ispejjeż u l-finanzjament
- aċċertazzjoni li l-interessi u d-drittijiet tal-utenti jiġu rispettati, partikolarment bl-introduzzjoni tal-portabbiltà tan-numri u n-numru uniku 112 għal Sejħiet ta' Emerġenza fl-Ewropa

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea.

- adotazzjoni ta' politika u regolament li jiżguraw id-disponibbiltà armonizzata u l-użu effiċjenti tal-ispettru

L-iskeda taż-żmien: il-miżuri li jirriżultaw mill-operat ta' din id-deċiżjoni għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE tas-16 ta' Settembru 2002 dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi

- monitoraġġ ta' kompetizzjoni ġusta fis-swieq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, partikolarment fir-rigward ta' prezzijiet orjentati lejn l-ispejjeż għas-servizzi

Id-Direttiva 98/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kundizzjonali.

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku)

Id-Direttiva tkopri s-servizzi kollha tas-soċjetà tal-informazzjoni, kemm bejn negozju u ieħor negozju u kemm bejn negozju u konsumatur, jiġifieri kwalunkwe servizz li normalment jingħata għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, permezz ta' mezzi elettroniċi u fuq talba individwali ta' reċipjent tas-servizz.

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-frem elettroniċi

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

*Appendiċi XVII-4***REGOLI APPLIKABBLI GĦAS-SERVIZZI POSTALI U TAL-KURRIER**

Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti tal-UE li ġejjin għandhom ikunu applikabbli skont id-dispożizzjonijiet dwar l-adattamenti orizzontali stipulati fl-Appendiċi XVII-1, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Fejn meħtieġ, minn hawn 'il quddiem qed ikunu stabbiliti adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

Dispożizzjonijiet applikabbli li għandhom jiġu adottati:

Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2002/39/KE EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-ftuħ ulterjuri għal kompetizzjoni tas-servizzi postali Komunitarji

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2008/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali Komunitarji

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Appendiċi XVII-5

REGOLI APPLIKABBLI GĦAT-TRASPORT INTERNAZZJONALI MARITTIMU

Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti tal-UE li ġejjin għandhom ikunu applikabbli skont id-dispożizzjonijiet dwar l-adattamenti orizzontali stipulati fl-Appendiċi XVII-1, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Fejn meħtieġ, minn hawn 'il quddiem qed ikunu stabbiliti adattamenti speċifiċi għal kull att individwali.

Dispożizzjonijiet applikabbli li għandhom jiġu adottati:

Sigurtà marittima – L-istat tal-bandiera / soċjetajiet ta' klassifika

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Deċiżjonijiet ta' applikazzjoni

Lista ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Stat tal-Port

Id-Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 fir-rigward ta' bastimenti li jużaw il-portijiet tal-Komunità u li jbaħħru fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, ta' standards internazzjonali għas-sigurtà tal-bastimenti, il-prevenzjoni ta' tniġġis u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol abbord (kontroll portwali tal-Istat)

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Monitoraġġ tat-traffiku

Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

(a) Regoli tekniċi u operattivi

— Vapuri tal-passiġġieri.

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE tas-17 ta' Marzu 1998 dwar ir-regoli u n-normi ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE tad-29 ta' April 1999 dwar sistema ta' sħarriġ obbligatorju għall-operazzjoni bla perikolu ta' laneċ ro-ro regolari u servizzi tal-inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar ħtiġiet speċifiki ta' stabbiltà għall-bastimenti tal-passiġġieri ro-ro

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

— It-tankers taż-żejt

Ir-Regolament (KE) Nru 417/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 dwar id-dħul gradwali aċċellerat ta' ħtiġiet ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2978/94

L-iskeda taż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment it-tankers b'buq wieħed se tkun bħall-iskeda kif inhi speċifikata fil-Konvenzjoni MARPOL

— Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa

Id-Direttiva 2001/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet u l-proċeduri armonizzati għat-tagħbija u l-ħatt b'sigurtà ta' bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

— Ekwipaġġ

Id-Direttiva 2001/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar il-livell minimu ta' taħriġ tal-baħħara

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

(b) Ambjent

Id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti tal-organotin fuq il-bastimenti

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Kundizzjonijiet tekniċi

Id-Direttiva 2002/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 dwar il-formalitajiet tar-rappurtar għall-bastimenti li jkunu waslu u/jew li jkunu qed jitilqu minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Il-kundizzjonijiet soċjali

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992, dwar ħtiġijiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FST) – Anness: Ftehim Ewropew dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-baħħara, minbarra l-Klawżola 16

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, bl-eċċezzjoni tal-Klawżola 16 li għandha tiġi implimentata fi żmien seba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 1999/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar l-infurzar ta' dispożizzjonijiet fir-rigward tas-siġhat tax-xogħol tal-baħħara abbord bastimenti li jidħlu fil-portijiet tal-Komunità.

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Is-sigurtà marittima

Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (minbarra dawk marbutin mal-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni) għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-faċilitajiet tal-portijiet

L-iskeda taż-żmien: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (minbarra dawk marbutin mal-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni) għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Appendiċi XVII-6

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-MONITORAĠĠ**1. Dispożizzjonijiet relatati mal-iskambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni**

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Anness XVII, partikolarment l-Artikoli 2, 3, 4 u 5 tiegħu, il-Partijiet u l-awtoritajiet u l-korpi rilevanti tagħhom għandhom jiskambjaw l-informazzjoni l-informazzjoni kollha rilevanti għall-approssimazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Il-Partijiet se jiżguraw kooperazzjoni amministrattiva sħiħa.

Il-Partijiet se jaqblu dwar proċeduri għall-iskambju tal-informazzjoni, inkluża lista tal-awtoritajiet rilevanti b'punt ta' kuntatt għal kull biċċa leġiżlazzjoni koperta mill-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5. Kull Parti hija awtorizzata li tistabbilixxi kuntatti diretti mal-awtoritajiet u l-korpi kollha tal-Parti l-oħra, inklużi fil-lista imsemmija fuq.

Id-dokumenti ppreżentati lill-UE għandhom dejjem jinkludu verżjoni bl-Ingliż. L-UE dejjem tikkomunika bl-Ingliż, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor.

2. Pjan direzzjonali

Fi żmien perjodu ta' sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, l-Ukraina għandha tippreżenta pjan ta' direzzjoni dettaljat għal kull settur għall-promulgazzjoni u l-implimentazzjoni tal-atti kollha speċifiċi għas-setturi msemmijin fl-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5 (minn hawn 'il quddiem, l-"atti legali tal-UE"), li jenfasizza l-bidliet leġiżlattivi u istituzzjonali possibbli meħtieġa, il-perjodi ta' żmien intermedji u stima tal-ħtiġijiet ta' kapaċità amministrattiva. Il-pjanijiet direzzjonali huma indikattivi u jistgħu jiġu aġġustati.

3. Rappurtar u Valutazzjoni

Ladarba l-Ukraina tkun tal-fehma li att legali partikolari tal-UE jkun ġie implimentat kif suppost, hija għandha tinforma lill-UE b'dan. L-Ukraina għandha tibgħat lis-servizz kompetenti tal-Kummissjoni l-att intern b'tabella ta' paragun ("tabella ta' traspożizzjoni") li turi fid-dettall il-korrispondenza ma' kull artikolu tal-att legali tal-UE kif ukoll, jekk ikun applikabbli, lista ta' atti legali Ukreni li għandhom jiġu emendati jew imħassrin sabiex jiġi implimentat kompletament l-att legali tal-UE.

L-UE se tivvaluta l-approssimazzjoni tal-Ukraina lejn l-att legali tal-UE abbażi tat-tabelli ta' traspożizzjoni msemmijin qabel, il-lista ta' atti Ukreni li għandhom jiġu emendati jew imħassrin u informazzjoni rilevanti oħra mogħtija skont l-Artikolu 1 ta' dan l-Appendiċi. Il-valutazzjoni formali se tkun ibbażata esklużivament fuq tqabbil bejn l-atti legali finali u l-att legali speċifiku tal-UE.

Is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni joħorġu valutazzjoni tal-att fi żmien 12-il ġimgħa wara li jintbagħat uffiċjalment. Dan il-perjodu jista' jiġi mtawwal b'ġustifikazzjoni xierqa. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 4(3) u 5(3) tal-Anness XVII dwar l-Approssimazzjoni Regolatorja, jekk il-valutazzjoni prevista fil-paragrafi preċedenti tikkonkludi li l-Ukraina ma għamlitx approssimazzjoni xierqa lejn att legali tal-UE partikolari, l-UE għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet bil-miktub dwar il-miżuri xierqa biex tiġi żgurata konsistenza sħiħa mal-att legali tal-UE. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu diskussi fil-Kumitat tal-Kummerċ, jekk issir talba biex isir dan.

Il-proċess għall-valutazzjoni formali tal-approssimazzjoni lejn l-att legali tal-UE huwa bla ħsara għall-valutazzjoni tal-promulgazzjoni u l-infurzar effettivi tal-att legali tal-UE għall-finijiet tal-Artikoli 4(3) u 5(3) tal-Anness XVII.

4. Il-valutazzjoni tal-progress fil-promulgazzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tal-atti legali tal-UE.

L-Ukraina għandha tiżgura li l-awtoritajiet u l-korpi fil-ġurisdizzjoni tagħha, li huma responsabbli mill-applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata skont l-Artikoli 114, 124, 133 u 139 tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) u l-Kapitolu 7 (Pagament Attwali u Moviment tal-Kapital) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim u l-Anness XVII flimkien mal-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5 japplikaw u jinfurzwaw kontinwament u b'mod xieraq il-leġiżlazzjoni kollha li għaliha l-valutazzjoni formali tal-UE tal-isforzi ta' approssimazzjoni tal-Ukraina kienet pożittiva, kif ukoll il-leġiżlazzjoni futura tal-UE kollha skont l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Anness XVII.

L-Ukraina għandha tirrapporta regolarment u tal-inqas darbtejn f'sena dwar il-progress fl-implimentazzjoni ġenerali f'settur partikolari u fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-pjan direzzjonali previst fl-Artikolu 2 ta' dan l-Appendiċi. Iż-żewġ Partijiet għandhom jaqblu dwar il-format u l-kontenut preċiżi tar-rapporti

Ir-rapporti dwar il-progress għandhom, f'konformità mal-Artikolu 1 ta' dan l-Appendiċi, jintbagħtu lis-servizz kompetenti tal-Kummissjoni u jistgħu jiġu diskussi f'kumitati jew korpi speċjali mwaqqfin skont il-qafas istituzzjonali skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

L-Ukraina għandha ttipprovi evidenza adegwata dwar il-promulgazzjoni u l-infurzar effettivi tal-atti legali tal-UE. Għal dan il-għan, l-Ukraina għandha tesebixxi biżżejjed kapacià amministrattiva biex tinforza il-leġiżlazzjoni nazzjonali adottata skont l-Artikoli 114, 124, 133 u 139 tal-Kapitolu 6 (Stabbiliment, Kummerċ fis-Servizzi u Kummerċ Elettroniku) u l-Kapitolu 7 (Pagamenti Attwali u Moviment tal-Kapital) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim u tal-Anness XVII flimkien mal-Appendiċijiet minn XVII-2 sa XVII-5 u ttipprovi rekord sodisfaċenti ta' sorveljanza u investigazzjoni speċifiċi għas-setturi, prosekuzzjonijiet, u trattament amministrattiv u ġudizzjarju tan-nuqqas ta' konformità.

Mingħajr ħsara għall-Artikoli 4(3) u 5(3) tal-Anness XVII dwar l-approssimazzjoni regolatorja, l-UE tista' tivvaluta l-progress b'missjonijiet fuq il-post, imwettqin f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet Ukreni kompetenti u tista' tirrikorri, fejn ikun xieraq, għall-assistenza ta' partijiet terzi f'livell nazzjonali jew internazzjonali, kif ukoll għal organizzazzjonijiet privati.

ANNEX XVIII TAL-KAPITOLU 6

POSTIJJET TA' INFORMAZZJONI

Għandu jiġi inkluż fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, ara l-Artikolu 107(1) ta' dan il-Ftehim.

ANNEX XIX TAL-KAPITOLU 6

LISTA INDIKATTIVA TAL-UE TA' SWIEQ RILEVANTI TA' PRODOTTI U SERVIZZI LI GĦANDHA TIĠI ANALIZZATA SKONT L-ARTIKOLU 116 TA' DAN IL-FTEHIM**Il-livell tal-bejgħ fil-livell tal-konsum**

Aċċess għan-netwerk pubbliku tat-telefown f'post fiss għall-klijenti residenzjali u mhux residenzjali.

Il-livell tal-bejgħ bl-ingrossa

1. Oriġini tas-sejħa fuq in-netwerk pubbliku tat-telefown provdut f'post fiss.

Għall-finijiet ta' din il-lista, l-orijini tas-sejħa tinkludi t-trasferiment tas-sejħa, iddelineat b'tali mod li tkun konsistenti, f'kuntast nazzjonali, mal-konfini delineati għas-suq tat-tranżitu tas-sejħa u tat-terminazzjoni tas-sejħiet fuq in-netwerk pubbliku tat-telefown provdut f'post fiss.

2. It-terminazzjoni tas-sejħa fuq netwerks pubbliċi tat-telefown individwali provduti f'post fiss.

Għall-finijiet ta' din il-lista, it-terminazzjoni tas-sejħa tinkludi t-trasferiment tas-sejħa ddelineat b'tali mod li tkun konsistenti, f'kuntast nazzjonali, mal-konfini delineati għas-suq tal-orijini tas-sejħa u s-suq tat-tranżitu tas-sejħiet fuq in-netwerk pubbliku tat-telefown provdut f'post fiss.

3. Aċċess għall-infrastruttura tan-netwerk (fiżiku) bl-ingrossa (inkluż aċċess maqsum jew kompletament diżaggregat) f'post fiss.

4. Aċċess għall-broadband bl-ingrossa.

Dan is-suq huwa magħmul minn aċċess għan-netwerk mhux fiżiku jew virtwali inkluż aċċess għas-sekwenza ta' bit ("bit-stream") f'post fiss. Dan is-suq jinsab 'l isfel fil-katina tal-provvista mill-aċċess fiżiku kopert minn suq Nru 3 elenkat hawn fuq, billi l-aċċess għall-broadband bl-ingrossa jista' jiġi stabbilit permezz tal-użu ta' dan l-input flimkien ma' elementi oħra.

5. Il-bejgħ bl-ingrossa ta' segmenti terminali ta' linji mikrija, irrispettivament mit-teknoloġija użata biex tipprovdi kapaxità mikrija jew dedikata.

6. It-terminazzjoni ta' sejħa bil-vuċi fuq netwerks individwali mobbli.

ANNEX XX TAL-KAPITOLU 6

LISTA INDIKATTIVA TAL-UKRAINA TA' SWIEQ RILEVANTI LI GĦANDHA TIĠI ANALIZZATA SKONT L-ARTIKOLU 116 TA' DAN IL-FTEHIM**Il-livell tal-bejgħ fil-livell tal-konsum**

1. Aċċess għan-netwerk pubbliku tat-telefown f'post fiss għall-klijenti residenzjali.
2. Aċċess għan-netwerk pubbliku tat-telefown f'post fiss għall-klijenti mhux residenzjali.
3. Servizzi tat-telefown nazzjonali u/jew lokali disponibbli għall-pubbliku u pprovduti f'post fiss għall-klijenti residenzjali.
4. Servizzi tat-telefown internazzjonali disponibbli għall-pubbliku u pprovduti f'post fiss għall-klijenti residenzjali.
5. Servizzi tat-telefown nazzjonali u/jew lokali disponibbli għall-pubbliku u pprovduti f'post fiss għall-klijenti mhux residenzjali.
6. Servizzi tat-telefown internazzjonali disponibbli għall-pubbliku u pprovduti f'post fiss għall-klijenti mhux residenzjali.
7. Is-sett minimu ta' linji mikrijin (li jinkludi t-tipi speċifikati ta' linji mikrijin sa u inkluż 2 Mb/sec).

Il-livell tal-bejgħ bl-ingrossa

8. Oriġini tas-sejħa fuq in-netwerk pubbliku tat-telefown provdut f'post fiss.
9. It-terminazzjoni tas-sejħa fuq netwerks pubbliċi tat-telefown individwali provduti f'post fiss.
10. Servizzi ta' tranżitu f'netwerk fiss pubbliku tat-telefown.
11. Aċċess diżaggregat bl-ingrossa (inkluż l-aċċes kondiviż) għal loops metalliċi u sub-loops biex jingħataw servizzi tal-broadband u tal-vuċi.
12. Aċċess għall-broadband bl-ingrossa.
13. Segmenti terminali bl-ingrossa ta' linji mikrijin.
14. Segmenti trunk bl-ingrossa ta' linji mikrijin.
15. Aċċess u oriġini tas-sejħa fuq netwerks mobbli pubbliċi tat-telefown.
16. It-terminazzjoni ta' sejħa bil-vuċi fuq netwerks individwali mobbli.
17. Is-suq nazzjonali tal-bejgħ bl-ingrossa għal roaming internazzjonali fuq netwerk pubbliku mobbli.

ANNEX XXI TAL-KAPITOLU 8

AKKWIST PUBBLIKU

ANNEX XXI-A TAL-KAPITOLU 8 ⁽¹⁾

SKEDA TA' ŻMIEN INDIKATTIVA GĦAR-RIFORMA ISTITUZZJONALI, L-APPROSSIMAZZJONI TAL-LIĠIJET U L-AĊĊESS GĦAS-SUQ

Fażi		Skeda ta' żmien indikattiva	Aċċess għas-suq mogħti lill-UE mill-Ukraina	Aċċess għas-suq mogħti lill-Ukraina mill-UE	
1	Implimentazzjoni tal-Artikolu 151 Implimentazzjoni tar-Riforma Istituzzjonali stabbilita fl-Artikolu 150.2 Ftehim tal-Istrateġija tar-Riforma stabbilita fl-Artikolu 152	Sitt shur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim	Provvisti għall-awtoritajiet tal-gvern ċentrali	Provvisti għall-awtoritajiet tal-gvern ċentrali	
2	Approssimazzjoni u implimentazzjoni tal-elementi bażiċi tad-Direttiva 2004/18/KE u tad-Direttiva 89/665/KEE	Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim	Provvisti għall-istat, l-awtoritajiet u l-korpi reġjonali u lokali rregolati mil-liġi pubblika	Provvisti għall-istat, l-awtoritajiet u l-korpi reġjonali u lokali rregolati mil-liġi pubblika	Annessi XXI-B u XXI-C
3	Approssimazzjoni u implimentazzjoni tal-elementi bażiċi tad-Direttiva 2004/17/KE u tad-Direttiva 92/13/KEE	Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim	Provvisti għall-entitajiet kontraenti kollha fis-settur tal-utilitajiet	Provvisti għall-entitajiet kontraenti kollha	Annessi XXI-D u XXI-E
4	Approssimazzjoni u implimentazzjoni ta' elementi oħrajn tad-Direttiva 2004/18/KE	Sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim	Kuntratti ta' servizzi u ta' xogħlijiet pubbliċi u konċessjonijiet għall-awtoritajiet kontraenti kollha	Kuntratti ta' servizzi u ta' xogħlijiet pubbliċi u konċessjonijiet għall-awtoritajiet kontraenti kollha	Annessi XXI-F, XXI-G u XXI-H
5	Approssimazzjoni u implimentazzjoni ta' elementi oħrajn tad-Direttiva 2004/17/KE	Tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim	Kuntratti ta' servizzi u ta' xogħlijiet pubbliċi għall-entitajiet kontraenti kollha fis-settur tal-utilitajiet	Kuntratti ta' servizzi u ta' xogħlijiet pubbliċi għall-entitajiet kontraenti kollha fis-settur tal-utilitajiet	Annessi XXI-I u XXI-J

⁽¹⁾ Skont il-Kapitolu dwar l-Akkwist Pubbliku tal-Ftehim dan l-Anness huwa bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE, 89/665/KEE, 92/13/KEE u 2007/66/KE li jkopru l-għoti tal-kuntratti u l-proċeduri ta' revizzjoni ġewwa l-Unjoni Ewropea. Dan jista' jkajjem mistoqsijiet prattiċi fl-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-tali Direttivi matul l-approssimazzjoni tal-liġijiet. Ftali każijiet l-approssimazzjoni tal-liġijiet għandha titwettag *mutatis mutandis*, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina kif stipulat f'dan il-Ftehim. L-Ukraina għandha tagħżel l-istrumenti legali xierqa biex jiġu trasposti l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-Kapitolu skont l-ordni kostituzzjonali tiegħu stess.

ANNEX XXI-B TAL-KAPITOLU 8

ELEMENTI BAŻIĊI TAD-DIRETTIVA 2004/18/KE

(FAŻI 2)

TITOLU I

Definizzjonijiet u prinċipji ġenerali

Artikolu 1 Definizzjonijiet (punti: 1, 2, 8, 9 ⁽¹⁾, 11a, b u d, 12, 13, 14, 15)

Artikolu 2 Prinċipji għall-għoti ta' kuntratti

Artikolu 3 Għoti ta' drittijiet speċjali jew esklussivi: klawżola tan-nondiskriminazzjoni

TITOLU II

Regoli dwar kuntratti pubbliċi

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 4 Operaturi ekonomiċi

Artikolu 6 Kunfidenzjalità

KAPITOLU II

Kamp ta' applikazzjoni

Taqsim 1

Livelli limiti

Artikolu 8 Kuntratti ssusidjati b'aktar minn 50 % minn awtoritajiet kontraenti ⁽²⁾

Artikolu 9 Metodi biex jiġi kkalkolat il-valur stmat tal-kuntratti pubbliċi, il-ftehimiet qafas u s-sistemi dinamiċi ta' xiri.

Taqsim 2

Sitwazzjonijiet speċifiċi

Artikolu 10 Akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża ⁽³⁾

Taqsim 3

Kuntratti esklużi

Artikolu 12 Kuntratti fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tal-posta (biss meta r-regoli bażiċi tad-Direttiva 2004/17/KE jkunu ġew trasposti)

Artikolu 13 Esklużjonijiet speċifiċi fil-qasam tat-telekomunikazzjoni

Artikolu 14 Kuntratti sigrieti u kuntratti li jeħtieġu miżuri speċjali ta' sigurtà

⁽¹⁾ Huwa nnutat li l-"korpi rregolati mil-liġi pubblika" huma korpi li jissodisfaw it-tliet kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2004/18/KE

⁽²⁾ Huwa nnutat li l-Artikolu 9(8)(b)(ii) tad-Direttiva 2004/18/KE ma jobbligax lil Parti biex tuża l-kuntratti mingħajr tul ta' żmien fiss. Il-leġiżlatur nazzjonali jiddetermina jekk u fejn jistgħu jintużaw tali kuntratti.

⁽³⁾ Dan il-Ftehim ikopri biss l-akkwist pubbliku relatat mad-difiża kif stabbilit fl-Anness V tad-Direttiva 2004/18/KE. Il-Partijiet jistgħu jneħħu xi oġġetti min din il-lista fi kwalunkwe mument permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ.

Artikolu 15 Kuntratti mogħtija skont ir-regoli internazzjonali

Artikolu 18 Kuntratti ta' servizz mogħtija fuq il-bażi ta' dritt esklussiv

Taqsim a 4

Arranġament speċjali

Artikolu 19 Kuntratti riżervati

KAPITOLU III

Arranġamenti għal kuntratti ta' servizz pubbliku

Artikolu 20 Kuntratti ta' servizz elenkati fl-Anness II A

Artikolu 21 Kuntratti ta' servizz elenkati fl-Anness II B

Artikolu 22 Kuntratti mħallta li jinkludu servizzi elenkati fl-Anness II A u servizzi elenkati fl-Anness II B

KAPITOLU IV

Regoli speċifiċi li jirregolaw l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti ta' kuntratt

Artikolu 23 Speċifikazzjonijiet tekniċi

Artikolu 24 Varjanti

Artikolu 25 Sottokuntrattar

Artikolu 26 Kundizzjonijiet għat-twettiq tal-kuntratti

Artikolu 27 Obbligi relatati mat-taxxa, il-protezzjoni tal-ambjent, id-dispożizzjonijiet għal protezzjoni tal-impjeg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol

KAPITOLU V

Proċeduri

Artikolu 28 Użu ta' proċeduri miftuħa, ristretti u negozjati u ta' djalogu kompetittiv

Artikolu 30 Każijiet li jiġġustifikaw l-użu ta' proċedura negozjata b'pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt

Artikolu 31 Każijiet li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura negozjata mingħajr publikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt

KAPITOLU VI

Regoli dwar ir-reklamar u t-trasparenza

Taqsim a 1

Pubblikazzjoni ta' avviżi

Artikolu 35 Avviżi: paragrafu 1 *mutatis mutandis* ⁽¹⁾; paragrafu 2 ⁽²⁾; paragrafu 4, l-ewwel, it-tielet u r-raba' subparagrafu

Artikolu 36 Forma u mod kif jiġu ppubblikati l-avviżi paragrafu 1; paragrafu 7.

⁽¹⁾ It-tliet subparagrafi wara l-inċiż c) ma għandhomx għalfejn jiġu trasposti.

⁽²⁾ Ir-referenza għad-"djalogi kompetittivi", il-"ftehimiet qafas" u s-"sistemi dinamiċi ta' xiri" fl-Artikolu 35(2), (3) u (4) għandha tiġi implimentata bħala parti mill-Fażi 4.

Taqsima 2

Limiti ta' żmien

Artikolu 38 Limiti ta' żmien biex jaslu t-talbiet għall-parteċipazzjoni u biex jaslu l-offerti

Artikolu 39 Proċeduri miftuħa: Speċifikazzjonijiet, dokumenti u informazzjoni addizzjonali

Taqsima 3

Kontenut tal-informazzjoni u mezzi ta' trasmissjoni

Artikolu 40 Stedinet għas-sottomissjoni ta' offerta, parteċipazzjoni fid-djalogu jew negozjar

Artikolu 41 ⁽¹⁾ Informazzjoni għall-kandidati u l-offerenti

Taqsima 4

Komunikazzjoni

Artikolu 42 Regoli applikabbli għall-komunikazzjoni

KAPITOLU VII

Twettiq tal-proċedura

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 44 Verifika tal-adegwatezza u l-għażla tal-parteċipanti u għoti tal-kuntratti

Taqsima 2

Kriterji għall-għażla kwalitattiva

Artikolu 45 ⁽²⁾ Sitwazzjoni personali tal-kandidat jew tal-offerent

Artikolu 46 ⁽³⁾ Adegwatezza għall-eżerċizzju tal-attività professjonali

Artikolu 47 Qagħda ekonomika u finanzjarja

Artikolu 48 Kapaċità teknika u/jew professjonali

Artikolu 49 Standards tal-garanzija tal-kwalità

Artikolu 50 Standards tal-ġestjoni ambjentali

Artikolu 51 Dokumentazzjoni u informazzjoni addizzjonali

Taqsima 3

Għoti tal-kuntratt

Artikolu 53 Kriterji għall-għoti tal-kuntratti

Artikolu 55 Offerti anormalment baxxi

⁽¹⁾ Ir-referenza għall-“ftehimiet qafas” u s-“sistemi dinamiċi ta' xiri” fl-Artikolu 41 għandha tiġi implimentata bħala parti mill-Fażi 4.

⁽²⁾ L-Ukraina ma għandiex tkun obbligata li tissieħeb mal-ebda waħda mill-Konvenzjonijiet imsemmijin f'dan l-Artikolu. Minflok, fejn meħtieġ, għandha tittrasponi d-definizzjonijiet li jinsabu f'dawn il-Konvenzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha.

⁽³⁾ Fit-traspożizzjoni tal-Artikolu 46 tad-Direttiva 2004/18/KE, l-Ukraina għandha tinkludi lista ta' reġistri professjonali jew kummerċjali li jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Annessi IX-A, IX-B u IX-C ta' dik id-Direttiva.

ANNESI

- Anness I Lista tal-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1(2)(b)
- Anness II Servizzi msemmija fl-Artikolu 1(2)(d)
- Anness II A
- Anness II B
- Anness V Lista ta' prodotti msemmijin fl-Artikolu 7 rigward il-kuntratti mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti fil-qasam tad-difiża
- Anness VI Definizzjoni ta' ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi
- Anness VII Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi
- Anness VII A Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi dwar il-kuntratti pubbliċi
- Anness X Rekwiżiti relatati mat-tagħmir għall-aċċettazzjoni elettronika tal-offerti, it-talbiet għall-parteċipazzjoni u l-pjanijiet u l-proġetti fil-kompetizzjonijiet tad-disinn.
-

ANNEX XXI-C TAL-KAPITOLU 8

ELEMENTI BAŻIĊI TAD-DIRETTIVA 89/665/KEE ⁽¹⁾ TAL-21 TA' DIĊEMBRU 1989 DWAR IL-KOORDINAZZJONI TAL-LIĠIJET, IR-REGOLAMENTI U D-DISPOŻIZZJONIJET AMMINISTRATTIVI RIGWARD L-APPLIKAZZJONI TAL-PROĊEDURI TA' REVIŻJONI GĦALL-GĦOTI TA' KUNTRATTI TA' PROVVISTA PUBBLIKA U XOGĦLIJET PUBBLIĊI (AKTAR 'IL QUDDIEM IMSEJĦA D-"DIRETTIVA 89/665/KEE") KIF EMENDATA BID-DIRETTIVA 2007/66/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-11 TA' DIĊEMBRU 2007 LI TEMENDA D-DIRETTIVI TAL-KUNSILL 89/665/KEE U 92/13/KEE FIR-RIGWARD TAT-TITJIB FL-EFFETTIVITÀ TA' PROĊEDURI TA' REVIŻJONI DWAR L-GĦOTI TA' KUNTRATTI PUBBLIĊI

(AKTAR 'IL QUDDIEM IMSEJĦA D-"DIRETTIVA 2007/66/KE")

(FAŻI 2)

- Artikolu 1 Kamp ta' applikazzjoni u disponibbiltà tal-proċeduri ta' revizzjoni
- Artikolu 2 Rekwiżiti għall-proċeduri ta' revizzjoni
- Artikolu 2a Perjodu sospensiv
- Artikolu 2b Derogi mill-perjodu sospensiv
- Paragrafu (b)
- Artikolu 2c Limiti ta' żmien għall-applikazzjoni ta' revizzjoni
- Artikolu 2d Nuqqas ta' effettività ⁽²⁾
- Paragrafu 1(b)
- Paragrafi 2 u 3
- Artikolu 2e Ksur ta' din id-Direttiva u penali alternattivi
- Artikolu 2f Limiti ta' żmien

⁽¹⁾ Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, huwa ċċarat li l-għan tal-approssimazzjoni tal-liġijiet għad-Direttiva 89/665/KEE jikkonsisti fl-iżgurar tad-disponibbiltà ta' proċeduri xierqa ta' rimedju għall-kuntratti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Għalhekk, ir-referenzi fid-Direttiva 89/665/KEE għall-"kuntratti msemmija fid-Direttiva 2004/18/KE" jew għall-"kuntratti li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE" għandhom jinftehemu bħala referenzi għall-kuntratti koperti b'dan il-Ftehim, u r-referenzi għall-"ksur tal-liġi Komunitarja" għandhom jinftehemu li jfissru ksur ta' dan il-Ftehim. Meta d-Direttiva 89/665/KEE tirreferi għall-pubblikazzjoni ta' avviż dwar offerta jew avviż dwar għotja ta' kuntratt f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, tali referenza, fil-każ tal-Ukraina, għandha tfisser il-pubblikazzjoni fil-midja xierqa tal-Ukraina. Huwa wkoll miftiehem li l-Ukraina tista' tuża l-flessibbiltajiet kollha stipulati fid-Direttiva 89/665/KEE.

⁽²⁾ Fir-rigward tas-sejba li kuntratt għandu jitqies bħala mhux effettiv skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 89/665/KEE, huwa nnutat li, b'konformità mal-Artikolu 2(2) tal-istess Direttiva, l-Ukraina tista' tagħti setgħat lil korpi separati responsabbli għal aspetti differenti tal-proċedura, inkluża lill-fergħa gudiżzarja. Madankollu, sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tal-effettività, il-korpi responsabbli għandhom ikunu jistgħu jieħdu tali deċiżjonijiet bil-ħeffa, pereżempju permezz ta' proċedura aċċellerata.

ANNEX XXI-D TAL-KAPITOLU 8

ELEMENTI BAŻIĊI TAD-DIRETTIVA 2004/17/KE

(FAŻI 3)

TITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratti u l-kompetizzjonijiet tad-disinn

KAPITOLU I

Termini bażiċi

Artikolu 1 Definizzjonijiet: punti 2, 7, 9, 11, 12, 13

KAPITOLU II

Definizzjonijiet tal-attivitajiet u l-entitajiet koperti

Taqsima 1

Entitajiet

Artikolu 2 Entitajiet kontraenti ⁽¹⁾

Taqsima 2

Attivitajiet

Artikolu 3 Gass, sħana u elettriku

Artikolu 4 Ilma

Artikolu 5 Servizzi tat-trasport ⁽²⁾

Artikolu 6 Servizzi postali ⁽³⁾

Artikolu 7 Esplorazzjoni għal, jew estrazzjoni ta', żejt, gass, faħam jew fjuwils solidi oħra, kif ukoll portijiet u ajruporti

Artikolu 9 Kuntratti li jkopru bosta attivitajiet ⁽⁴⁾

KAPITOLU III

Prinċipji ġenerali

Artikolu 10 Prinċipji għall-ġhoti ta' kuntratti

⁽¹⁾ Huwa nnutat li l-"korpi rregolati mil-liġi pubblika" huma korpi li jissodisfaw it-tliet kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2004/17/KE. Fir-rigward tal-"imprezi pubbliċi", il-preżunzjoni legali fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2004/17/KE sservi biex tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u tibqa' bla ħsara għal-liġi kummerċjali tal-Istati Membri tal-UE, jew tal-Ukraina. Għall-finijiet tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2004/17/KE, "id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi" huma atti legali adottati minn awtoritajiet tal-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali u l-amministrazzjonijiet tagħhom, fil-kompetenza tagħhom.

⁽²⁾ Skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2004/17/KE, dik id-Direttiva ma tapplikax għall-entitajiet li jipprovdu servizzi tat-trasport bix-xarabank lill-pubbliku fejn entitajiet oħrajn ikunu liberi li jipprovdu dawn is-servizzi, f'żona ġeografika ġenerali jew partikolari, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk tal-entitajiet kontraenti.

⁽³⁾ Ir-referenzi għad-Direttiva 97/67/KE fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/17/KE jservu biex jiċċaraw li din tal-aħħar mhux se tapplika għall-attivitajiet li huma marbuta mal-provvista ta' servizzi postali wara l-liberalizzazzjoni tagħhom (jiġifieri l-ftuħ għall-kompetizzjoni sħiħa). L-istess għandu japplika għall-Ukraina, jekk u meta l-Ukraina tiddeċiedi li tilliberalizza s-suq għas-servizzi postali. Barra minn hekk huwa wkoll innutat li l-amministrazzjoni Postali tal-Ukraina attwalment ma toffrix is-servizzi kollha elenkati fl-Artikolu 6(2)(c) tad-Direttiva 2004/17/KE, iżda li, jekk tali servizzi jiġu offruti aktar tard, dawn ikunu koperti b'dan il-Kapitolu.

⁽⁴⁾ Għall-applikazzjoni attwali tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/17/KE, huma pprovduti gwida u assistenza permezz tan-Nota ta' Spjega "Utilities Directive – Contracts involving more than one activity" ("Id-Direttiva tal-Utilitajiet - Kuntratti li jinvolvu aktar minn attività waħda", li ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea. Meta tadotta l-leġislazzjoni speċifika biex timplimenta l-Artikolu 9, l-Ukraina se tqis il-gwida pprovduta f'dak id-dokument.

TITOLU II

Regoli applikabbli għall-kuntratti

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 11 Operaturi ekonomiċi

Artikolu 13 Kunfidenzjalità

KAPITOLU II

Dispożizzjonijiet dwar il-livelli limiti u l-esklużjoni

Taqsima 1

Livelli limiti

Artikolu 16 Livelli limiti ta' kuntratti

Artikolu 17 Metodi ta' kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratti, ftehimiet qafas u sistemi dinamiċi

Taqsima 2

Kuntratti u konċessjonijiet u kuntratti soġġetti għal arranġamenti speċjali

Sottotaqsima 2

Esklużjonijiet applikabbli għall-entitajiet kontraenti kollha u għat-tipi kollha ta' kuntratti

Artikolu 19 Kuntratti mogħtija għall-finijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew kiri lill-partijiet terzi ⁽¹⁾

Artikolu 20 Kuntratti mogħtija għall-għanijiet oħra għajr is-segwiment ta' attività koperta jew għas-segwiment ta' din l-attività f'pajjiż terz: paragrafu 1

l-Italja	Sliwovitz del Friuli-Venezia Giulia	Слівовіц дель Фріулі-Венеція Джулія
l-Italja	Sliwovitz del Trentino-Alto Adige	Слівовіц дель Трентіно- Альто Адідже

Stat Membru tal-UE	L-isem li għandu jġi protett	Traskrizzjoni fil-karattri Ukraini
l-Italja	Distillato di mele trentino / Distillato di mele del Trentino	Дістїллато ді меле трентїно / Дістїллато ді меле дель Трентїно
l-Italja	Williams trentino / Williams del Trentino	Вільямс трентїно / Вільямс дель Трентїно
l-Italja	Sliwovitz trentino / Sliwovitz del Trentino	Слівовїц трентїно / Слівовїц дель Трентїно
l-Italja	Aprikot trentino / Aprikot del Trentino	Апрїкот трентїно / Апрїкот дель Трентїно
l-Italja	Kirsch Friulano / Kirschwasser Friulano	Кїрш Фріулано / Кїршвассер Фріулано
l-Italja	Kirsch Trentino / Kirschwasser Trentino	Кїрш Трентїно / Кїршвассер Трентїно
l-Italja	Kirsch Veneto / Kirschwasser Veneto	Кїрш Венето / Кїршвассер Венето
l-Italja	Südtiroler Enzian / Genziana dell'Alto Adige	Зюдтіролер Енціан / Дженціана дель Альто Адїдже
l-Italja	Genziana trentina / Genziana del Trentino	Дженціана трентїна / Дженціана дель Трентїно
l-Italja	Mirto di Sardegna	Мїрто ді Сарденья
l-Italja	Liquore di limone di Sorrento	Лїкворе ді лимоне ді Сорренто
l-Italja	Liquore di limone della Costa d'Amalfi	Лїкворе ді лимоне дельла Коста д'Амальфі
l-Italja	Genepì del Piemonte	Дженепї дель П'ємонт
l-Italja	Genepì della Valle d'Aosta	Дженепї дельла Валле д'Аоста
l-Italja	Nocino di Modena	Ночїно ді Модена
l-Italja	Südtiroler Obstler / Obstler dell'Alto Adige	Зюдтіролер Обстлер / Обстлер дель Альто Адїдже
il-Latvja	Latvijas Dzidrais	Латвіяс Дзїдраїс
il-Latvja	Rīgas Degvīns	Рїгас Дегвінс
il-Latvja	Allažu Ķimelis	Аллажу Кїмелїс
il-Litwanja	Samanė	Самане

Stat Membru tal-UE	L-isem li għandu jiġi protett	Traskrizzjoni fil-karattri Ukraini
il-Litwanja	Oriġinali Lietuviška degtinė / Original Lithuanian vodka	Оригінали Ліетувішка дектіне / ОріджінеЛ Літуаніян водка
il-Litwanja	Vilniaus Džinas / Vilnius Gin	Вільняус Джінас / Вільнюс Джін
il-Litwanja	Trejos devynerios	Трейос девінерьос
il-Litwanja	Čepkelių	Чепкелю
il-Litwanja	Trauktinė	Трауктіне
il-Litwanja	Trauktinė Palanga	Трауктіне Паланга
il-Litwanja	Trauktinė Dainava	Трауктіне Дайнава
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de seigle de marque nationale luxembourgeoise	О-дъ-ві дъо сегль дъо марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de marċ de marque nationale luxembourgeoise	О-де-ві де мар де марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de pommes de marque nationale luxembourgeoise	О-де-ві де помм де марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de poires de marque nationale luxembourgeoise	О-де-ві де пуар де марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de kirsch de marque nationale luxembourgeoise	О-де-ві де кірш де марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de quetsch de marque nationale luxembourgeoise	О-де-ві де куеч де марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de mirabelle de marque nationale luxembourgeoise	О-де-ві де мірабель де марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Eau-de-vie de prunelles de marque nationale luxembourgeoise	О-де-ві де прюнель де марк насіональ люксембуржуаз
il-Lussemburgu	Cassis de Beaufort	Кассіс де Бофор
il-Polonja	Polska Wódka / Polish Vodka	Польска Вудка / Поліш водка
il-Polonja	Vodka bi ħxejjex aromatiċi mit-Tramuntana tal-Pjanura Podlasie aromatizzata b'estratt ta' ħaxix tal-biżonti / Wódka ziołowa z Niziny Północnopodlaskiej aromatyzowana ekstraktem z trawy żubrowej	Вудка жьолова з Ніжіни Пулнощноподляскей, ароматизована екстрактем з трави жубровей
il-Polonja	Polish Cherry	Поліш Чері

Stat Membru tal-UE	L-isem li għandu jġi protett	Traskrizzjoni fil-karattri Ukraini
il-Portugall	Rum da Madeira	Рум да Мадейра
il-Portugall	Aguardente de Vinho Douro	Агуарденти д Виню Дору
il-Portugall	Aguardente de Vinho Ribatejo	Агуарденти д Виню Рібатежу
il-Portugall	Aguardente de Vinho Alentejo	Агуарденти д Виню Алентежу
il-Portugall	Aguardente de Vinho da Região dos Vinhos Verdes	Агуарденти д Виню да режіоу душ вінюш вердеш
il-Portugall	Aguardente de Vinho da Região dos Vinhos Verdes de Alvarinho	Агуарденти д Виню да режіоу душ вінюш вердеш ди Алваринью
il-Portugall	Aguardente de Vinho Lourinhã	Агуарденти д Виню Лоуринья
il-Portugall	Aguardente Bagaceira Bairrada	Агуарденти Багасейра Байррада
il-Portugall	Aguardente Bagaceira Alentejo	Агуарденти Багасейра Алентежу
il-Portugall	Aguardente Bagaceira da Região dos Vinhos Verdes	Агуарденти Багасейра да режіоу душ вінюш вердеш
il-Portugall	Aguardente Bagaceira da Região dos Vinhos Verdes de Alvarinho	Агуарденти Багасейра да режіоу душ вінюш вердеш ди Алваринью
il-Portugall	Medronho do Algarve	Медронью ду Алгарви
il-Portugall	Medronho do Buçaco	Медронью ду Бусаку
il-Portugall	Aguardente de pêra da Lousã	Агуарденте ди пера да Лоуза
il-Portugall	Évora anisada	Евора Анізада
il-Portugall	Ginjinha portuguesa	Жінжинья Португеза
il-Portugall	Licor de Singeverga	Лікор ди Сінжеверга
il-Portugall	Anis português	Аніш португеш
il-Portugall	Poncha da Madeira	Понша да Мадейра
ir-Rumanija	Vinars Târnave	Вінарс Тирнаве
ir-Rumanija	Vinars Vaslui	Вінарс Васлуй
ir-Rumanija	Vinars Murfatlar	Вінарс Мурфатлар
ir-Rumanija	Vinars Vrancea	Вінарс Вранча

Stat Membru tal-UE	L-isem li għandu jġi protett	Traskrizzjoni fil-karattri Ukraini
ir-Rumanija	Vinars Segarcea	Вінарс Сегарча
ir-Rumanija	Pălincă	Палінка
ir-Rumanija	Țuică Zetea de Medieșu Aurit	Цуйка Зетя де Медіешу Ауріт
ir-Rumanija	Țuică de Valea Milcovului	Цуйка де Валя Мілковулуй
ir-Rumanija	Țuică de Buzău	Цуйка де Бузеу
ir-Rumanija	Țuică de Argeș	Цуйка де Арджеш
ir-Rumanija	Țuică de Zalău	Цуйка де Залеу
ir-Rumanija	Țuică Ardelenească de Bistrița	Цуйка Арделеняске де Бістріца
ir-Rumanija	Horincă de Maramureș	Хорінка де Марамуреш
ir-Rumanija	Horincă de Cămârzana	Хорінка де Камірзана
ir-Rumanija	Horincă de Seini	Хорінка де Сеїні
ir-Rumanija	Horincă de Chioar	Хорінка де Кіоар
ir-Rumanija	Horincă de Lăpuș	Хорінка де Ляпуш
ir-Rumanija	Turț de Oaș	Турц де Оаш
ir-Rumanija	Turț de Maramureș	Турц де Марамуреш
is-Slovakkja	Karpatské brandy špeciál	Карпатске бренді шпещіал
is-Slovakkja	Bošácka Slivovica	Бошацка Слівовіця
is-Slovakkja	Laugarício Vodka	Лаугаріціо Водка
is-Slovakkja	Spišská Borovička	Спішска Боровічка
is-Slovakkja	Slovenská Borovička Juniperus	Словенска боровічка Юніперус
is-Slovakkja	Slovenská Borovička	Словенска боровічка
is-Slovakkja	Inovecká Borovička	Іновецка Боровічка
is-Slovakkja	Liptovská Borovička	Ліптовска Боровічка
is-Slovakkja	Demänovka bylinná horká	Деменовка билінна горка

Stat Membru tal-UE	L-isem li għandu jġi protett	Traskrizzjoni fil-karattri Ukraini
is-Slovakkja	Demänovka Bylinný Likér	Деменовка билінни лікер
is-Slovenja	Brinjevec	Бріневец
is-Slovenja	Dolenjski sadjevec	Доленські садевец
is-Slovenja	Janeževc	Янежевец
is-Slovenja	Slovenska travarica	Словенска траварица
is-Slovenja	Pelinkovec	Пелінковец
is-Slovenja	Orehovec	Ореховец
is-Slovenja	Domači rum	Домачі рум
Spanja	Ron de Málaga	Рон де Маляга
Spanja	Ron de Granada	Рон де Гранада
Spanja	Whisky español	Уіскі Еспаньоль
Spanja	Brandy de Jerez	Бранді де Херес
Spanja	Brandy del Penedés	Бранді дель Пенедес
Spanja	Orujo de Galicia	Орухо де Галісія
Spanja	Aguardiente de sidra de Asturias	Агуардъенте де сідра де Астурияс
Spanja	Gin de Mahón	Хін де Маон
Spanja	Anis español	Аніс Еспаньоль
Spanja	Anís Paloma Monforte del Cid	Аніс Пальома Монфорте дель Сід
Spanja	Hierbas de Mallorca	Єрбас де Майорка
Spanja	Hierbas Ibicencas	Єрбас Ібісенкас
Spanja	Cazalla	Касая
Spanja	Chinchón	Чінчон
Spanja	Ojén	Охен
Spanja	Rute	Руте
Spanja	Palo de Mallorca	Пальо де Майорка

Stat Membru tal-UE	L-isem li għandu jġi protett	Traskrizzjoni fil-karattri Ukraini
Spanja	Ratafia catalana	Ратафія Каталяна
Spanja	Cantueso Alicantino	Кантуесо Алікантино
Spanja	Licor café de Galicia	Лікор кафе де Галісія
Spanja	Licor de hierbas de Galicia	Лікор де ербас де Галісія
Spanja	Pacharán navarro	Пачаран наварро
Spanja	Pacharán	Пачаран
Spanja	Aguardiente de hierbas de Galicia	Агуардъенте де ербас де Галісія
Spanja	Aperitivo Café de Alcoy	Аперітиво кафе де Алькой
Spanja	Herbero de la Sierra de Mariola	Ерберо дея Сієрра де Маріоля
Spanja	Ronmiel	Ронмієль
Spanja	Ronmiel de Canarias	Ронмієль де Канаріяс
l-Isvezja	Svensk Vodka / Swedish Vodka	свенск водка / сүідіш водка
l-Isvezja	Svensk Aquavit / Svensk Akvavit / Swedish Aquavit	свенск акуавіт / свенск аквавіт / сүідіш акуавіт
l-Isvezja	Svensk Punsch / Swedish Punch	свенск пунш / сүідіш панш
ir-Renju Unit	Plymouth Gin	Плімут джін
ir-Renju Unit (l-Iskozja)	Scotch Whisky	Скотч үіскі

Dikjarazzjoni Komuni dwar id-dritt li jintużaw ċerti ismijiet

L-Ukraina tirriserva d-dritt li matul il-kummerċ, tuża ċerti ismijiet li jew huma l-isem ta' żoni ġeografika fit-territorju tagħha, bħal pereżempju:

- Шарин,
- Добрушине,
- Тарнава,
- Карпатські (карпатський),
- Троян,
- Бистриця,
- Марамуреш,
- Боровичі,

- Орiховещь,
- Самбiр
- Брестiв
- Переяславське
- Вiднiв
- Вербиця
- Драгово
- Карлiвка
- Лозниця
- Люблинець
- Мельники
- Загора
- Нове село
- Русiв
- Слов'янськ
- Сливине
- Чорноморський район
- Болярка
- Чехи
- Мельнич
- Мельниця
- Коса
- Коси
- Македони
- Кропи
- Аркадiя
- Iонине
- Коропи
- Маркопiль
- Мартини
- Шампанiя,
- Пила
- Бурдей

- Кодак
- Мелені
- Корна
- Брем
- Лядова
- Романів
- Вільне
- Шарин
- Ірпінь
- Рені
- Славута
- Красногірка
- Іжаківка
- Тиха
- Земляне
- Таврія
- Созань
- Баба-Даг
- Біла Криниця
- Долинська
- Приморськ
- Приморське
- Приморський
- Дунайсько
- Стреків (стреківський)
- Карпати
- Карпати Вербовець (вербовецький)
- Карпати Тарнавка (тарнавський)
- Карпати Долинне, Долинка
- Карпати Ступаківка (ступаківський)
- Карпати Загора (загорський)
- Житані (житанський)

- Врубівський
- Теково (теківський)
- Радошинка
- Філянівка (філянівський)
- Гонтівка (гонтівський)
- Вінниця (вінницький)
- Велика Тур'я
- Мала Тур'я
- Нове Місто
- Черняхів
- Михайлівка (михайлівський)
- Молдовка (молдовський)
- Галичина (Галичина)

jew ismijiet komuni fil-lingwa Ukraina:

Med; *eng. honey* (diminuttiv: Medok)

Kawa; *eng. Coffee*

B'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-Sottosezzjoni 3 (Indikazzjonijiet Ġeografiċi) tal-Kapitolu 9 (Proprjetà Intellettuali) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim, u b'mod partikolari b'konformità mal-Artikolu 204 (Il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi) tiegħu.

Dikjarazzjoni Komuni dwar il-Karop

L-Ukraina tista' tibqa' tuża l-isem "Karop" fit-territorju tagħha stess għal inbid imsaħħaħ Ukrain, magħmul skont l-ispeċifikazzjonijiet ewlenin imsemmija hawn taħt:

- magħmul minn għeneb u most lokali,
- fermentazzjoni mwaqqfa permezz ta' alkoħol etiliku,
- kontenut alkoħoliku tal-prodott finali 15 - 17 % vol.alc.,
- kontenut ta' zokkor fil-prodott finali 140 - 200 g/l.

ANNEX XXIII TAL-KAPITOLU 10

GLOSSARJU TA' TERMINI

Il-glossarju li ġej huwa maħsub biex jagħti t-tifsira ta' ċerti termini użati fil-Kapitolu 10 dwar (Kompetizzjoni) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim. Dan il-glossarju ma jorbotx legalment u jibqa' bla ħsara għad-dispożizzjonijiet inklużi f'dan il-Kapitolu.

- (a) Żoni fejn l-istandard tal-ġhixien huwa baxx b'mod abnormali jew fejn hemm sottoimpjeg serju: Dawn huma żoni fejn il-qagħda ekonomika hija estremament mhux favorevoli b'rabta mal-Unjoni Ewropea kollha. Din il-kundizzjoni hija ssodisfata jekk reġjun jew entità amministrattiva ġeografika sottonazzjonali, b'popolazzjoni medja ta' madwar 800 000 sa 3 000 000 abitanti, għandha prodott domestiku gross (PDG) *per capita*, imkejjel permezz tal-istandards tal-poter tal-akkwist (PPS), ta' inqas minn 75 % tal-medja tal-Unjoni.
- (b) Taqlib serju: It-taqlib inkwistjoni għandu jaffettwa l-ekonomija kollha tal-Parti kkonċernata, jew wieħed mill-Istati Membri tagħha. It-taqlib huwa meqjus li mhuwiex serju għall-għanijiet ta' din it-taqsimha jekk huwa limitat għal wieħed mir-reġjuni tal-Partijiet jew partijiet mit-territorji tagħhom.
- (c) Servizz ta' interess ekonomiku ġenerali ("SGEI"): Dan ifisser li l-attivitajiet ekonomiċi li l-awtoritajiet pubbliċi jidentifikaw bħala ta' importanza partikolari għaċ-ċittadini u li ma jiġux provduti (jew jiġu provduti taħt kundizzjonijiet differenti) jekk ma jkunx hemm intervent pubbliku. L-attività trid turi karatteristiċi speċjali kif imqabbla mal-interess ekonomiku ġenerali ta' attivitajiet ekonomiċi oħra.
- (d) Intrapriżi pubbliċi: Kwalunkwe intrapriża li fuqha l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw influenza dominanti diretta jew indiretta bis-saħħa tal-pussess li għandhom tagħha, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jiggwidawha.
- (e) Drittijiet esklussivi: Dawn huma drittijiet mogħtija minn Stat Membru lil intrapriża waħda b'kull strument leġiżlattiv, regolatorju jew amministrattiv, u li jirrizervalha d-dritt li tipprovdi servizz jew twestaq attività f'żona ġeografika partikolari.
- (f) Drittijiet speċjali: Dawn huma drittijiet li huma mogħtija minn Stat Membru lil għadd limitat ta' intrapriżi li, f'żona ġeografika partikolari, jew inkella skont kriterji oġġettivi, kriterji proporzjonati u nondiskriminatorji,
- jillimitaw għal tnejn jew aktar l-għadd ta' intrapriżi bħal dawn awtorizzati biex jipprovdu servizz jew iwettqu attività, jew
 - jaħtru bosta intrapriżi kompetituri bħala li jkun awtorizzati biex jipprovdu servizz jew iwettqu attività, jew
 - jagħtu lil kull intrapriża jew intrapriżi, kwalunkwe vantaġġ legali jew regolatorju li jaffettwa sostanzjalment l-abbiltà ta' kwalunkwe intrapriża oħra biex tipprovdi l-istess servizz jew biex topera l-istess attività fl-istess żona ġeografika taħt kundizzjonijiet sostanzjalment ekwivalenti.
- (g) Proġett importanti fl-interess komuni Ewropew jew fl-interess komuni tal-Partijiet: Proġett huwa importanti u fl-interess komuni Ewropew jew fl-interess komuni tal-Partijiet jekk
- (i) l-għajnuna tirrigwardja proġett li huwa definit b'mod ċar dwar it-termini tal-implimentazzjoni inkluż il-parteċipanti tiegħu, kif ukoll l-oġġettivi tiegħu;
 - (ii) il-proġett għandu jkun fl-interess komuni Ewropew fis-sens li l-vantaġġ miksub mill-oġġettiv tal-proġett ma għandux ikun limitat għal Stat Membru wieħed jew Stati Membri li jimplementah, iżda għandu jkun estiż għall-UE kollha
- jew,
- għandu jkun fl-interess komuni tal-Partijiet, fis-sens li l-vantaġġ miksub mill-oġġettiv tal-proġett għandu jestendi għaż-żewġ Partijiet;

- (iii) il-proġett għandu jkun ta' importanza kbira fir-rigward tal-karattru u l-volum tiegħu: għandu jkun proġett rilevanti fir-rigward tal-oġettivi tiegħu u proġett ta' daqs sostanzjali.
- (h) Monopolju tal-Istat ta' karattru kummerċjali: Il-monopolji tal-Istat ta' karattru kummerċjali huma monopolji li permezz tagħhom l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali jew korpi pubbliċi ta' kwalunkwe tip ta' Parti huma f'qagħda, fil-liġi jew fil-fatt, biex jissorveljaw, jiddeterminaw jew jinfluwenzaw b'mod apprezzabbli, sew direttament jew indirettament, importazzjonijiet jew esportazzjonijiet bejn il-Partijiet. Id-dispożizzjonijiet f'dan il-Ftehim dwar il-monopolji tal-Istat ta' karattru kummerċjali japplikaw bl-istess mod għal monopolji delegati mill-Partijiet.
-

ANNEX XXIV TAL-KAPITOLU 14

REGOLI TA' PROCĊEDURA GĦAL SOLUZZJONI TAT-TILWIM

DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

1. Fil-Kapitolu 14 (Soluzzjoni tat-Tilwin) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim u skont dawn ir-regoli:

“konsulent” ifisser persuna miżmuma minn Parti biex tagħti pariri jew tgħin lil dik il-Parti b'rabta mal-proċedimenti tal-bord tal-arbitraġġ;

“bord tal-arbitraġġ” ifisser bord imwaqqaf skont l-Artikolu 307 ta' dan il-Ftehim;

“arbitru” jfisser membru ta' bord tal-arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 307 ta' dan il-Ftehim;

“assistent” ifisser persuna li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza lill-arbitru;

“Parti kwerelanti” jfisser kwalunkwe Parti li titlob it-twaqqif ta' bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 306 ta' dan il-Ftehim;

“Parti li sar l-ilment fil-konfront tagħha” jfisser li l-Parti li hija allegat li aġixxiet b'mod inkonsistenti ma' dan il-Ftehim;

“rappreżentant ta' Parti” jfisser impjegat jew kwalunkwe persuna maħtura minn dipartiment jew aġenzija tal-gvern jew kwalunkwe entità pubblika oħra ta' Parti, li tirrappreżenta l-Parti għall-għanijiet ta' tilwim skont dan il-Ftehim;

“jum” ifisser jum kalendarju.

2. Il-Parti konvenuta għandha tkun inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, b'mod partikolari l-organizzazzjoni tas-smigħ, sakemm ma jkunx hemm qbil mod ieħor. Madankollu, iż-żewġ partijiet għandhom jaqsmu l-ispejjeż li jirriżultaw minn kwistjonijiet organizzattivi, inklużi l-ispejjeż tal-arbitri.

NOTIFIKI

3. Il-Partijiet u l-bord ta' arbitraġġ għandhom jibagħtu kull talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew kull dokument ieħor b'kunsinna b'irċevuta, posta reġistrata, courier, faks, telex, telegramma jew kwalunkwe mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdi evidenza li dawn ikunu ntbagħtu.
4. Parti għandha tipprovdi kopja ta' kull waħda mis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha lill-Parti l-oħra u lil kull wieħed mill-arbitri. Għandha tiġi pprovduta wkoll kopja tad-dokument f'format elettroniku.
5. In-notifiki kollha, inklużi t-talbiet għal konsultazzjoni, għandhom ikunu indirizzati lill-Ministeru tal-Affarijiet Barrani tal-Ukraina u lid-Direttorat-Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea, rispettivament.
6. Żbalji żgħar ta' natura klerikali li jsiru fi kwalunkwe talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokument ieħor relatat mal-proċeduri tal-bord tal-arbitraġġ jistgħu jitranġaw permezz tal-kunsinna ta' dokument għdid li jindika l-bidliet b'mod ċar.
7. Jekk l-aħħar jum li fi h trid issir il-kunsinna tad-dokument jaħbat f'jum ta' vaganza legali tal-Ukraina jew tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, id-dokument jista' jitwassal fl-ewwel jum ta' xogħol li jmiss.

IL-BIDU TAL-ARBITRAĠĠ

8. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, huma għandhom jiltaqgħu mal-bord tal-arbitraġġ fi żmien sebat ijiem mit-twaqqif tiegħu sabiex jiddeterminaw dawk il-kwistjonijiet li l-Partijiet jew il-bord tal-arbitraġġ iqisu xierqa, inklużi r-rimunerazzjoni u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-arbitri, li jkunu skont l-istandards tad-WTO.

SOTTOMISSJONIJIET INIZJALI

9. Il-Parti li tressaq l-ilment għandha tippreżenta s-sottomissjoni inizjali tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ. Il-Parti li sar l-ilment dwarha għandha tippreżenta l-kontrosottomissjoni tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-preżentazzjoni tas-sottomissjoni inizjali bil-miktub.

IL-ĦIDMA TAL-BORDJIET TAL-ARBITRAĠĠ

10. Il-president tal-bord tal-arbitraġġ għandu jippresjedi fil-laqgħat kollha tiegħu. Bord tal-arbitraġġ jista' jiddelega l-awtorità lill-president biex jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali.
11. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim u bla ħsara għall-paragrafu 24, il-bord tal-arbitraġġ jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mezz, inkluż bit-telefown, trażmissjonijiet bil-faks jew kollegamenti bil-kompjuter.
12. L-arbitri biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ, iżda l-bord tal-arbitraġġ jista' jippermetti lill-assistenti tiegħu biex ikunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu.
13. L-abbozzar ta' kwalunkwe deċiżjoni għandu jibqa' r-responsabbiltà esklussiva tal-bord tal-arbitraġġ u ma tistax tiġi delegata.
14. Meta tqum xi kwistjoni proċedurali li mhix koperta mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u l-annessi tiegħu, il-bord tal-arbitraġġ jista' jadotta kwalunkwe proċedura xierqa sakemm il-proċedura tiżgura trattament ugwali bejn il-Partijiet u hija kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u l-Annessi tiegħu.
15. Meta l-bord tal-arbitraġġ iqis li hemm il-ħtieġa li jimmodifika xi limitu taż-żmien applikabbli fil-proċedimenti jew li jagħmel kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor, huwa għandu jinforma bil-miktub lill-Partijiet bir-raġunijiet għall-bidla jew l-aġġustament u bil-perjodu jew aġġustament meħtieġ. L-iskadenzi tal-Artikolu 310(2) ta' dan il-Ftehim ma għandhomx jinbidlu mingħajr il-ftehim tal-Partijiet.

SOSTITUZZJONI

16. Jekk arbitru ma jkunx jista' jipparteċipa fil-proċediment, jirtira ruħu, jew ikollu jinbidel, għandu jintgħażel sostitut f'konformità mal-Artikolu 307(3) u (4) ta' dan il-Ftehim.
17. Meta Parti tqis li xi arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta u għaldaqstant għandu jiġi sostitwit, din il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum minn meta tkun saret taf biċ-ċirkustanzi tal-vjolazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta min-naħa tal-arbitru.
18. a) Meta Parti tqis li arbitru għajr il-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu fuq hekk, jinbidel l-arbitru billi jagħżlu sostitut skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 307(3) u (4) ta' dan il-Ftehim.
- b) Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jinbidel arbitru, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-president tal-bord tal-arbitraġġ, u d-deċiżjoni tiegħu tkun waħda finali.
- c) Jekk, skont talba bħal din, il-president isib li xi arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, dan jew din għandu/għandha jagħżel/tagħżel arbitru ġdid bix-xorti minn fost il-ġabra ta' individwi msemmija fl-Artikolu 323(1) ta' dan il-Ftehim li tagħha kien Membru l-arbitru oriġinali. Jekk l-arbitru oriġinali kien intgħażel mill-Partijiet skont l-Artikolu 307(2) ta' dan il-Ftehim, is-sostitut għandu jintgħażel bix-xorti minn fost il-ġabra ta' individwi li jkunu ġew proposti mill-Parti li tressaq l-ilment u mill-Parti li fil-konfront tagħha jsir l-ilment skont l-Artikolu 323(1) ta' dan il-Ftehim. L-għażla tal-arbitru l-ġdid għandha ssir fil-preżenza tal-Partijiet u fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn dakinhar li titressaq it-talba lill-president tal-bord tal-arbitraġġ.

19. a) Meta Parti tqis li l-president tal-bord tal-arbitraġġ ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu dwar dan, jibdli l-president billi jagħżlu sostitut billi jseguw l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 307(3) u (4) ta' dan il-Ftehim.
- b) Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-ħtieġa li jibdli l-president, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tingħadda lil xi wieħed mill-membri li jkun għad fadal fost il-ġabra ta' individwi magħżula sabiex jagħmluha ta' presidenti skont l-Artikolu 323(1) ta' dan il-Ftehim. Isimha jew ismu jrid jittella' bil-polza, fil-preżenza tal-Partijiet, mill-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew mid-delegat tal-president. Id-deċiżjoni ta' din il-persuna dwar il-ħtieġa li jinbidel il-president tkun finali.
- c) Jekk din il-persuna tiddeċiedi li l-president oriġinali ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Kodiċi ta' Kondotta, hija jew huwa għandu jagħżel president ġdid bix-xorti minn fost il-bqija tal-ġabra ta' individwi fil-lista msemmija fl-Artikolu 323(1) ta' dan il-Ftehim li jistgħu jaġixxu ta' presidenti. Din l-għażla tal-president il-ġdid għandha ssir fil-preżenza tal-Partijiet u fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn dakinhar li titressaq it-talba msemmija f'dan il-paragrafu.
20. Il-proċedimenti tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jiġu sospiżi matul il-perjodu ta' żmien li jittieħed sabiex jitwettqu l-proċeduri previsti fil-paragrafi 16, 17, 18 u 19.

SMIGĦ

21. Il-president għandu jirranġa d-data u l-ħin għas-smigħ f'konsultazzjoni mal-Partijiet u l-membri l-oħra tal-bord tal-arbitraġġ, u jikkonferma dan bil-miktub lill-Partijiet. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament ukoll mill-Parti inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti meta s-smigħ ikun miftuħ għall-pubbliku. Sakemm ma jkunx hemm Parti li ma taqbilx, il-bord tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi li ma jlaqqax smigħ.
22. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-smigħ għandu jsir fi Brussell jekk il-Parti li tressaq l-ilment tkun l-Ukraina u fi Kyiv jekk il-Parti li tressaq l-ilment tkun l-Unjoni Ewropea.
23. Il-Bord tal-Arbitraġġ jista' jitlob li jkun hemm aktar minn smigħ wieħed jekk il-Partijiet jaqblu dwar dan.
24. L-arbitri kollha għandhom ikunu preżenti matul is-smigh kollu.
25. Il-persuni li ġejjin jistgħu jattendu għas-smigħ, irrispettivament minn jekk is-smigħ huwiex magħluq għall-pubbliku jew le:
- (a) ir-rappreżentanti tal-Partijiet;
 - (b) il-konsulenti tal-Partijiet;
 - (c) il-persunal amministrattiv, l-interpreti, it-tradutturi u l-korrispondenti tal-qorti; u
 - (d) l-assistenti tal-arbitri.
- Ir-rappreżentanti u l-konsulenti tal-Partijiet biss jistgħu jindirizzaw lill-bord tal-arbitraġġ.
26. Mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol qabel id-data tas-smigħ, kull Parti għandha tipprovdi lill-bord tal-arbitraġġ lista tal-ismijiet ta' dawk il-persuni li jkunu sejrin jitekellmu matul is-smigħ fisem dik il-Parti u ta' rappreżentanti jew konsulenti oħra li jkunu se jattendu s-smigħ.
27. Is-smigħ tal-bordijiet tal-arbitraġġ għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux li s-smigħ għandu jkun parzjalment jew kompletament magħluq għall-pubbliku. Madankollu, il-bord tal-arbitraġġ għandu jiltaqa' f'seduta magħluqa meta s-sottomissjoni u l-argumenti ta' xi Parti jkun fihom tagħrif kunfidenzjali.

28. Il-Bord tal-Arbitraġġ għandu jmessxi s-smigħ b'dan il-mod, filwaqt li jiżgura li l-Parti li qed tressaq l-ilment u l-Parti li qed isir l-ilment kontriha jingħataw l-istess ħin:

L-Argument

- (a) l-argument tal-Parti li tressaq l-ilment
- (b) l-argument tal-Parti li sar l-ilment dwarha

Il-Kontroargument

- (a) l-argument tal-Parti li tressaq l-ilment
- (b) il-kontrorisposta tal-Parti li sar l-ilment dwarha

29. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jindirizza direttament mistoqsijiet liż-żewġ Partijiet fi kwalunkwe ħin matul is-smigħ.
30. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel arranġamenti, mill-aktar fis possibbli, għat-tlestija u l-kunsinna lill-Partijiet tat-traskrizzjoni ta' kull smigħ.
31. Kull Parti tista' tagħti sottomissjoni supplimentari bil-miktub rigward kwalunkwe kwistjoni li tkun qamet matul is-smigħ fi żmien 10 ijiem mid-data tas-smigħ.

MISTOQSJIET BIL-MIKTUB

32. Il-bord tal-arbitraġġ jista' fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti jindirizza mistoqsijiet bil-miktub lil wieħed mill-Partijiet jew lit-tnejn li huma. Kull wieħed mill-Partijiet għandhom jirċievu kopja tal-mistoqsijiet kollha magħmula mill-bord tal-arbitraġġ.
33. Il-Parti għandha ttipprovi kopja tat-tweġiba tagħha bil-miktub għall-mistoqsijiet li l-bord tal-arbitraġġ ikun għamel lill-Parti l-oħra. Kull Parti għandha tingħata l-opportunità li tagħti l-kummenti tagħha bil-miktub għat-tweġibiet mogħtija mill-Parti l-oħra fi żmien ħamest ijiem mill-wasla tagħhom.

KUNFIDENZJALITÀ

34. Il-Partijiet u l-konsulenti tagħhom għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-smigħ tal-bord tal-arbitraġġ meta s-smigħ isir f'sessjonijiet fil-magħluq, b'konformità mal-paragrafu 27. Kull Parti u l-konsulenti tagħha għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali t-tagħrif imressaq mill-Parti l-oħra lill-bord tal-arbitraġġ u li dik il-Parti tkun indikat bħala kunfidenzjali. Meta Parti tressaq verżjoni kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ, hija għandha wkoll, fuq talba tal-Parti l-oħra, ttipprovi sommarju mhux kunfidenzjali tat-tagħrif li jinsab fis-sottomissjonijiet tagħha li jkun jista' jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data tat-talba jew tas-sottomissjoni, skont liema minnhom tiġi l-aħħar. Xejn f'dawn ir-regoli ma jżomm lil xi Parti milli tiżvela lill-pubbliku stqarrijiet dwar il-pożizzjonijiet tagħha nfisha sakemm dawn ma jinkludux tagħrif kunfidenzjali.

KUNTATTI EX PARTE

35. Il-bord tal-arbitraġġ ma għandux jikkuntattja jew jiltaqa' ma' Parti fl-assenza tal-Parti l-oħra.
36. Il-membri tal-bord tal-arbitraġġ ma jistgħu jiddiskutu l-ebda aspett tas-suġġett tal-proċedimenti ma' Parti waħda jew maż-żewġ Partijiet fl-assenza tal-arbitri l-oħra.

SOTTOMISSJONIJET AMICUS CURIAE

37. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor fi żmien tlett ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ, il-bord tal-arbitraġġ jista' jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub mingħajr ma jkun talab għalihom, minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi interessati stabbiliti fit-territorji tal-Partijiet, sakemm ikunu saru fi żmien 30 jum mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ, u li jkunu konċiżi, inkluż kwalunkwe anness, u li jkunu direttament rilevanti għall-kwistjonijiet fattwali u legali li jkun qiegħed jikkunsidra l-bord tal-arbitraġġ. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi li jimponi limitu fuq il-paġni għal sottomissjonijiet bħal dawn.

38. Is-sottomissjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel is-sottomissjoni, sew fiżika kif ukoll ġuridika, inkluż il-post ta' stabbiliment tagħha, in-natura tal-attivitajiet tagħha u s-sorsi tal-finanzjament tagħha, u tispeċifika n-natura tal-interess li dik l-istess persuna għandha fil-proċediment tal-arbitraġġ.
39. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-bord tal-arbitraġġ għandu jelenka s-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva li jkunu konformi mar-regoli msemmija hawn fuq. Il-bord tal-arbitraġġ ma għandux ikun obbligat jindirizza fid-deċiżjoni tiegħu l-argumenti fattwali jew legali li saru f'dawn is-sottomissjonijiet. Kull sottomissjoni li jikseb il-bord tal-arbitraġġ skont din ir-regola għandha tiġi sottomessa lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom.

KAŻIJET URĠENTI

40. F'każijiet urġenti msemmija fl-Artikolu 310(2) ta' dan il-Ftehim, il-bord tal-arbitraġġ għandu jaġġusta l-limiti ta' żmien imsemmija f'dawn ir-regoli kif xieraq.

TRADUZZJONI U INTERPRETAZZJONI

41. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 305 ta' dan il-Ftehim, u mhux aktar tard mil-laqgħa msemmija fil-paragrafu 8(b) ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-Partijiet għandhom jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jilħqu qbil fuq lingwa ta' ħidma komuni għall-proċedimenti quddiem il-bord tal-arbitraġġ.
42. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq lingwa ta' ħidma komuni, kull Parti għandha tagħmel arranġamenti minnufih u ġġarrab l-ispejjeż tat-traduzzjoni tas-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fil-lingwa magħżula mill-Parti l-oħra u l-Parti konvenuta għandha tagħmel arranġamenti għall-interpretazzjoni ta' sottomissjonijiet orali fil-lingwi magħżula mill-Partijiet.
43. Id-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jiġu nnotifikati bil-lingwa jew lingwi magħżula mill-Partijiet.
44. L-ispejjeż li jirriżultaw mit-traduzzjoni ta' deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-Partijiet.
45. Kwalunkwe Parti tista' ttipprovi kummenti dwar kwalunkwe verżjoni tradotta ta' dokument li tkun saret skont dawn ir-regoli.

KALKOLU TAL-LIMITI TA' ŻMIEN

46. Meta, minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafu 7 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, xi Parti tirċievi dokument f'data differenti mid-data li l-Parti l-oħra tkun irċeviet l-istess dokument, kwalunkwe perjodu ta' żmien li huwa kkalkulat abbażi tad-data tal-wasla ta' dak id-dokument għandu jkun ikkalkulat mill-aħħar data tal-wasla ta' dak id-dokument.

PROĊEDURI OĦRA

47. Dawn ir-Regoli ta' Proċedura huma applikabbli wkoll għall-proċeduri stabbiliti skont l-Artikolu 312(2), l-Artikolu 313(2), l-Artikolu 315(3) u l-Artikolu 316(2) ta' dan il-Ftehim. Madankollu, il-limiti ta' żmien stabbiliti f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għandhom jiġu aġġustati skont il-limiti ta' żmien speċjali stipulati għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-bord tal-arbitraġġ f'dawk il-proċeduri l-oħra.

ANNEX XXV TAL-KAPITOLU 15

KODIĊI ta' KONDOTTA GĦALL-MEMBRI TAL-BORDIJET TAL-ARBITRAĠĠ U L-MEDJATURI**Definizzjonijiet**

1. F'dan il-Kodiċi ta' Kondotta:

- (a) "arbitru" jfisser membru ta' bord tal-arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 307 ta' dan il-Ftehim;
- (b) "medjatur" ifisser persuna li tmexxi proċedura ta' medjazzjoni skont il-Kapitolu 15 (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni) tat-Titolu IV;
- (c) "kandidat" ifisser individwu li ismu jkun fuq il-lista tal-arbitri msemmija fl-Artikolu 323 ta' dan il-Ftehim u li jkun ikkunsidrat għall-għażla bħala membru tal-bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 307 ta' dan il-Ftehim;
- (d) "assistent" ifisser persuna li, skont it-termini tal-ħatra ta' arbitru jew medjatur, twettaq riċerka jew tipprovdi assistenza lill-arbitru jew lill-medjatur;
- (e) "proċediment", sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, ifisser proċediment tal-bord tal-arbitraġġ skont dan il-Ftehim;
- (f) "persunal", fir-rigward ta' arbitru jew medjatur, ifisser dawk il-persuni li jaqgħu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-arbitru jew medjatur, ħlief l-assistenti.

Responsabbiltajiet lejn il-proċess

2. Kull kandidat u arbitru jew medjatur għandu jevita kondotta mhux xierqa u l-impresjoni ta' kondotta mhux xierqa, għandu jkun indipendenti u imparzjali, għandu jevita kunflitti ta' interess diretti jew indiretti u għandu josserva standards għoljin ta' kondotta sabiex l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu tas-soluzzjoni għat-tilwim ikun ippreservat. Dawk li kienu kandidati qabel, l-arbitri jew il-medjaturi għandhom ikunu konformi mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 15, 16, 17 u 18 ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta.

Obbligi dwar id-divulgazzjoni

- 3. Qabel ma tkun ikkonfermata l-għażla ta' kandidat bħala arbitru jew medjatur skont dan il-Ftehim, huwa għandu jiddikjara kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx li taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu, jew li jista' joħloq raġonevolment dehra ta' kondotta mhux xierqa jew preġudizzju fil-proċedura. Għal dan il-għan, kandidat għandu jagħmel l-isforzi raġonevoli kollha sabiex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjoni u kwistjoni ta' dan it-tip.
- 4. Il-kandidat, l-arbitru jew il-medjatur għandu jikkomunika affarijiet relatati mal-vjolazzjoni attwali jew potenzjal ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta lill-Kumitat tal-Kummerċ biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.
- 5. Wara li jintgħażel, l-arbitru jew il-medjatur għandu jkompli jagħmel kull sforz raġonevoli biex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta u għandu jiżvelahom. L-obbligu ta' divulgazzjoni huwa dmir kontinwu li jitlob li arbitru jew medjatur għandu jiżvela kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni bħal dawn li jistgħu jiffaċċaw matul kwalunkwe stadju tal-proċediment. Il-membri għandu jiżvela interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet bħal dawn billi jinforma lill-Kumitat għall-Kummerċ, bil-miktub, biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.

Dmirijiet tal-Arbitri jew Medjaturi

- 6. Meta jinħatar l-arbitru jew il-medjatur, dan għandu jwettaq id-dmirijiet tiegħu jew tagħha b'mod sħiħ u bla dewmien matul il-proċediment, u b'mod ġust u kawt.
- 7. Arbitru jew medjatur għandu jikkunsidra biss dawk il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu waqt il-proċediment u li jitqiesu meħtieġa biex tittieħed deċizzjoni u dan id-dmir ma għandux jiġi delegat lil ebda persuna oħra.

8. Il-membri jew l-arbitri għandu jwettaq il-passi kollha xierqa biex jiżgura li l-assistent u l-persunal tiegħu jkunu konxji tal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 16, 17 u 18 ta' dan il-Kodiċi ta' Kondotta u jikkonformaw magħhom.
9. Bla ħsara għall-Artikolu 330 ta' dan il-Ftehim, l-arbitri jew medjaturi ma għandhomx jagħmlu kuntatti *ex parte* dwar il-proċediment.

Indipendenza u imparzjalità tal-arbitri jew il-medjaturi

10. L-arbitri jew il-medjaturi għandu jkun indipendenti u imparzjali u jevita li joħloq impressjoni ta' kondotta mhux xierqa jew preġudizzju u ma għandux ikun influwenzat minn interess personali, pressjoni esterna, konsiderazzjonijiet politiċi, fama pubblika, u lealtà lejn xi Parti jew biża' mill-kritika.
11. L-arbitri jew il-membri ma għandux jidħol, direttament jew indirettament, għal obbligi jew jaċċetta kwalunkwe benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod jindaħal, jew jidher li jindaħal, fil-prestazzjoni xierqa ta' dmirijietu.
12. L-arbitri jew il-medjaturi ma għandux jinqeda bil-pożizzjoni tiegħu jew tagħha fuq il-bord tal-arbitraġġ biex jaġevola xi interess personali jew privat u għandu jevita azzjonijiet li jistgħu jagħtu l-impressjoni li oħrajn jinsabu f'pożizzjoni speċjali biex jinfluwenzaw jew jinfluwenzawha.
13. L-arbitri jew il-medjaturi jista' ma jippermettix relazzjonijiet jew responsabilitajiet finanzjarji, tan-negozju, professjonali, familjari jew soċjali jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu jew tagħha.
14. L-arbitri jew il-medjaturi għandu jevita milli jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju, li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu jew li jista' raġonevolment joħloq impressjoni ta' kondotta mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

Obbligi ta' arbitri jew medjaturi preċedenti

15. L-arbitri jew medjaturi preċedenti kollha għandhom jevitaw azzjonijiet li jistgħu joħolqu l-impressjoni li kienu ppreġudikati fit-tweqqif ta' dmirijiethom jew li bbenefikaw minn kwalunkwe deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ jew minn opinjoni konsultattiva.

Kunfidenzjalità

16. L-ebda arbitri jew medjaturi jew arbitri preċedenti jew medjaturi preċedenti ma għandu fl-ebda mument jiżvela jew juża tagħrif mhux pubbliku li jikkonċerna proċediment jew akkwistat waqt proċediment ħliet għall-finijiet ta' dak il-proċediment u ma għandu, fl-ebda każ, jiżvela jew juża l-ebda tagħrif bħal dan biex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal oħrajn jew biex jaffettwa ħażin l-interessi ta' oħrajn.
17. Arbitri ma għandux jiżvela deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ jew partijiet minnha qabel ma tiġi ppubblikata b'konformità ma' dan il-Ftehim.
18. L-arbitri jew arbitri preċedenti ma għandu fl-ebda mument jiżvela d-deliberazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ, jew il-fehma ta' kwalunkwe arbitri.

ANNESI TAT-TITOLU V: KOPERAZZJONI EKONOMIKA U SETTORJALI

ANNES XXVI TAL-KAPITOLU 1

IL-KOOPERAZZJONI FL-ENERĠIJA, INKLUŻI KWISTJONIJIET NUKLEARI

1. L-EU u l-Ukrajna b'dan qed jstabilixxu 'Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija' bl-objettiv li jtfasslu miżuri prattiċi intenzjonati għall-prevenzjoni u għal reazzjoni rapida fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' theddida li tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza. Huwa jipprevedi evalwazzjoni bikrija tar-riskji u l-problemi potenzjali marbuta mal-provvista u d-domanda ta' gass naturali, żejt jew enerġija elettrika, u l-prevenzjoni u r-reazzjoni rapida fil-każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' theddida li tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza.
2. Għall-iskopijiet ta' dan l-Anness, sitwazzjoni ta' emerġenza hija sitwazzjoni li tikkawża sfrattar sinifikanti / interruzzjoni fiżika tal-provvista tal-gass naturali, taż-żejt jew tal-enerġija elettrika bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea.
3. Għall-iskop ta' dan l-Anness il-Koordinaturi huma l-Ministru tal-Enerġija tal-Ukrajna u l-Membri tal-Kummissjoni Ewropea inkarigati mill-Enerġija.
4. Iż-żewġ Partijiet għandhom jagħmlu b'mod konġunt evalwazzjoni bikrija tar-riskji u l-problemi potenzjali marbuta mal-provvista u d-domanda tal-materjali u l-prodotti tal-enerġija, b'mod partikolari fil-qafas tal-Memorandum ta' Ftehim dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna tal-1 ta' Diċembru 2005 u l-Koordinaturi għandhom jinżammu mgħarrfa b'mod regolari.
5. F'każ li xi waħda mill-Partijiet ta' dan il-Ftehim issir konxja minn sitwazzjoni ta' emerġenza jew ta' sitwazzjoni li fl-opinjoni tagħha tista' twassal għal sitwazzjoni ta' emerġenza, dik il-Parti għandha tinforma lill-Parti l-oħra bla dewmien.
6. Taħt iċ-ċirkostanzi mfissra fil-paragrafu 5 ta' dan l-Anness, il-Koordinaturi għandhom jinnotifikaw lil xulxin, mill-aktar fis possibbli, bin-neċessità li jiġi inizjalat il-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija. In-notifika għandha tindika, fost affarijiet oħra, persuni maħtura li jkunu awtorizzati mill-Koordinaturi biex iżommu kuntatt permanenti ma' xulxin.
7. Hekk kif issir in-notifika skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Anness, kull Parti għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra bl-evalwazzjoni tagħha stess. Din l-evalwazzjoni tkun tinkludi stima tal-perjodu ta' żmien li jkun meħtieġ biex it-theddida ta' sitwazzjoni ta' emerġenza jew is-sitwazzjoni ta' emerġenza tkun tista' tiġi eliminata. Iż-żewġ Partijiet għandhom jirraġixxu bla telf ta' żmien għall-evalwazzjoni pprovduta mill-Parti l-oġra u jikkomplimentawha b'informazzjoni addizzjonali disponibbli.
8. Jekk Parti waħda ma tkunx tista' tevalwa b'mod xieraq jew taċċetta l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni li tkun saret mill-Parti l-oħra, jew l-istima tal-perjodu ta' żmien li fih tkun tista' tiġi eliminata theddida ta' sitwazzjoni ta' emerġenza jew sitwazzjoni ta' emerġenza, il-Koordinatur korrispondenti jista' jitlob konsultazzjonijiet, li għandhom jibdeu mhux aktar tard minn 3 ijiem mill-mument li ssir in-notifika stipulata fil-paragrafu 6 ta' dan l-Anness. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom isiru permezz ta' Grupp ta' Esperti li jikkonsisti minn rappreżentanti awtorizzati mill-Koordinaturi. Il-konsultazzjonijiet ikollhom l-għan li:
 - ifasslu evalwazzjoni komuni tas-sitwazzjoni u tal-avvenimenti ulterjuri li possibbilment jistgħu jseħħu;
 - ifasslu rakkomandazzjonijiet għall-eliminazzjoni tat-theddid ta' sitwazzjoni ta' emerġenza jew biex tiġi eliminata sitwazzjoni ta' emerġenza;
 - ifasslu rakkomandazzjonijiet dwar pjan ta' azzjoni konġunta tal-Partijiet sabiex jiġi mminimizzat l-impatt ta' sitwazzjoni ta' emerġenza u, jekk ikun possibbli, biex tingħeleb is-sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluż il-possibbiltà li jiġi stabbili Grupp Speċjali ta' Sorveljanza.
9. Il-konsultazzjonijiet, l-evalwazzjonijiet komuni u r-rakkomandazzjonijiet proposti għandhom jiġu bbażati fuq il-prinċipji tat-trasparenza, tan-nondiskriminazzjoni u tal-proporzjonalità.
10. Il-Koordinaturi, fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, jaħdmu biex jeliminaw it-theddida ta' sitwazzjoni ta' emerġenza, jew biex jegħlbu s-sitwazzjoni ta' emerġenza billi jieħdu b'kunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet li jkunu tfasslu bħala riżultat tal-konsultazzjonijiet.

11. Il-Grupp ta' Esperti msemmi fil-paragrafu 8 jagħti rendikont lill-Koordinaturi dwar l-attivitàjiet tiegħu, mill-aktar fis possibbli wara l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe pjan ta' azzjoni miftiehem.
12. F'każ li tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza, il-Koordinaturi jkunu jistgħu jistabbilixxu Grupp Speċjali ta' Sorveljanza biex jiflu ċ-ċirkostanzi li jkunu għaddejjja, u l-mod kif ikunu qed jiżviluppaw l-avvenimenti, u biex jirreġistrawhom b'mod oġġettiv. Il-Grupp jikkonsisti minn:
 - rappreżentanti taż-żewġ Partijiet;
 - rappreżentanti ta' kumpaniji tal-enerġija tal-Partijiet;
 - rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali tal-enerġija, proposti u reċiprokament aċċettati mill-Partijiet;
 - esperti indipendenti proposti u reċiprokament approvati mill-Partijiet.
13. Il-Grupp Speċjali ta' Sorveljanza għandu jibda' l-ħidma tiegħu mingħajr dewmien u għandu jopera, kif ikun meħtieġ, sakemm is-sitwazzjoni ta' emerġenza tkun ġiet solvuta. Deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tal-ħidma tal-Grupp Speċjali ta' Sorveljanza tittieħed b'mod konġunt mill-Koordinaturi.
14. Mill-mument li jiġu skoperti ċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 5, u sakemm titlesta l-proċedura għall-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu tat-Twissija Bikrija, kif ukoll sakemm tiġi eliminata t-theddia ta' sitwazzjoni ta' emerġenza jew ir-riżoluzzjoni tas-sitwazzjoni ta' emerġenza, il-Partijiet jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jimminimizzaw il-konsegwenzi negattivi għall-Parti l-oħra. Iż-żewġ Partijiet jikkooperaw bil-għan li tinstab soluzzjoni immedjata fi spirtu ta' trasparenza. Il-Partijiet joqogħdu lura milli jwettqu azzjonijiet mhux relatati mas-sitwazzjoni ta' emerġenza li tkun għaddejjja li jistgħu joħlqu jew jisserjaw il-konsegwenzi negattivi għall-forniment ta' gass naturali, żejt jew enerġija elettrika bejn l-Ukrajna u l-Unjoni Ewropea.
15. Kull Parti ġġorr, indipendentement l-ispejjeż relatati mal-azzjonijiet fil-qafas ta' dan l-Anness.
16. Il-Partijiet għandhom iżommu għalihom biss l-informazzjoni kollha li tiġi skambjata bejniethom li tkun ikklassifikata bħala ta' natura kunfidenzjali. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiproteġu l-informazzjoni kunfidenzjali abbażi tal-atti legali u normattivi rilevanti tal-Ukrajna, jew tal-Unjoni Ewropea u/jew l-Istati Membri tagħha, kif ikun applikabbli, kif ukoll skont il-ftehimiet u konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli.
17. Il-Partijiet jistgħu jistiednu, bi qbil reċiproku, rappreżentanti ta' partijiet terzi biex jieħdu sehem fil-konsultazzjonijiet jew fil-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafi 8 u 12.
18. Il-Partijiet jistgħu jilhq u qbil biex jadattaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness bil-ħsieb li jistabbilixxu mekkaniżmu ta' twissija bikrija bejniethom u partijiet oħra.
19. Ksur ta' dan il-mekkaniżmu ma jistax jitqies bħala bażi għal proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' dispużiti taħt dan il-Ftehim. Barra minn dan, fi proċeduri bħal dawn ta' riżoluzzjoni ta' dispużiti, Parti ma tistax tibbaża fuq, jew tintroduċi bħala evidenza:
 - pożizzjonijiet meħuda jew proposti magħmula mill-Parti l-oħra matul il-proċedura; jew
 - il-fatt li l-Parti l-oħra tkun indikat ir-rieda tagħha li taċċetta soluzzjoni għas-sitwazzjoni ta' emerġenza suġġetta għal dan il-mekkaniżmu;

ANNEX XXVII TAL-KAPITOLU 1

IL-KOOPERAZZJONI FL-ENERĠIJA, INKLUŻI KWISTJONIJET NUKLEARI

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

L-Elettriku

Id-Direttiva 2003/54/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku.

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati sal-1.1.2012 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija.

Ir-Regolament (KE) 1228/2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks għall-bdil bejn il-fruntieri fl-elettriku, kif emendat mid-Deżjoni tal-Kummissjoni 2006/770/KE

Skeda: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati sal-1.1.2012 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija.

Id-Direttiva 2005/89/KE dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku u tal-investment fl-infras-truttura

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati sal-1.1.2012 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija.

Il-Gass

Id-Direttiva 2003/55/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-gass

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati sal-1.1.2012 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija.

Ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trasmissjoni tal-gass naturali

Skeda: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati sal-1.1.2012 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/67/KE li għandha x'taqsam mal-miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati sal-1.1.2012 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija.

Iż-Żejt

Id-Direttiva 2006/67/KE li timponi obbligu fuq l-Istati Membri li jżommu ħażniet minimi ta' prodotti taż-żejt mhux maħdum u/jew prodotti petroliferi

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu riflessi fil-leġiżlazzjoni Ukrajna fi żmien tliet (3) snin u jiġu implimentati fi żmien 11 snin wara li dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ.

Il-prospettar u l-esplorazzjoni tal-idrokarburi

Id-Direttiva 94/22/KE dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bil-kunsiderazzjoni tal-Artikoli (12 u 13) tad-dispożizzjonijiet dwar l-enerġija relatati mal-kummerċ koperti mill-Kapitolu 11 (Enerġija relatata mal-Kummerċ) tat-Titolu IV (Kummerċ u affarijiet relatati mal-Kummerċ).

Effiċjenza fl-użu tal-enerġija

Id-Direttiva 2004/8/KE fuq il-promozzjoni tal-koġenerazzjoni

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2002/91/KE dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu riflessi fil-leġiżlazzjoni Ukrajna fi żmien tliet (3) snin u jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin wara li dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ.

Id-Direttiva 2006/32/KE dwar effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija u dwar servizzi tal-enerġija

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu riflessi fil-leġiżlazzjoni Ukrajna fi żmien ħames (5) snin u jiġu implimentati fi żmien tmien (8) snin wara li dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ.

Id-Direttiva 2005/32/KE dwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija

Direttivi Implimentattivi/Regolamenti:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 278/2009 rigward ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku f'kundizzjoni ta' mingħajr tagħbija u l-medja tal-effiċjenzi tal-istat attiv ta' provvisti tal-elettriku esterni;
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2009 dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-bozoz fluworexxenti mingħajr ballast integrata, għall-bozoz b'discharge ta' intensità għolja, u għall-ballasts u l-lampi li kapaċi jħaddmu bozoz ta' dan it-tip;
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodizzinn għal bozoz tad-dar li ma jittfughux id-dawl f'direzzjoni waħda
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 107/2009 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodizzinn għal bozoz tad-dar li ma jittfughux id-dawl f'direzzjoni waħda
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 dwar ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-konsum tal-elettriku ta' tagħmir tal-elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju f'modalità standby u f'modalità mitfija;
- Id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kaldaruni tal-misħun ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidi jew gassużi;
- Id-Direttiva 96/57/KE fuq ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija għall-friġġijiet, friżers elettriċi domestiċi u kombinazzjonijiet tagħhom
- Id-Direttiva 2000/55/KE dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija ta' alimentaturi għal dawl fluorexxenti.

Skeda: Id-dispożizzjonijiet fid-Direttiva ta' qafas kif ukoll fil-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti eżistenti ("direttivi jew regolamenti mnissla") għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Direttivi/regolamenti mnissla ġodda jiġu implimentati f'konformità mal-iskedi stabbiliti f'dawn id-direttivi/regolamenti wara bidliet għal dan l-Anness, f'konformità mad-dispożizzjonijiet istituzzjonali tat-Titolu VII ta' dan il-Ftehim kif innotifikat lin-naħa Ukrajna.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE dwar l-indikazzjoni permezz ta' ittikkettjar u l-informazzjoni standard tal-prodott dwar il-konsum tal-enerġija u riżorsi oħra skont l-apparat tad-dar

Direttivi Implimentattivi/Regolamenti:

- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/66/KE fir-rigward tal-ittikkettjar tal-enerġija ta' refriferaturi, freezers elettriċi domestiċi u l-kombinazzjonijiet tagħhom;
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/40/KE rigward l-ittekkjar li jindika l-konsum tal-enerġija tal-fran tal-elettriku domestiċi
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/31/KE rigward l-ittikkettjar li jindika l-konsum ta' enerġija tal-kondizzjonaturi tal-arja domestiċi

- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/11/KE fir-rigward tat-tikketti għall-enerġija ta' lampi tad-dar;
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 97/17/KE rigward it-tikketti li jindikaw il-konsum ta' enerġija tal-makni tad-dar tal-ħasil tal-platti, emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/9/KE rigward it-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija tal-magni tal-dar tal-ħasil tal-platti;
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 96/60/KE rigward it-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija ta' magni tad-dar għall-ħasil u għat-tnixxif tal-ħwejjeġ f'daqqa
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/13/KE rigward l-indikazzjoni tal-konsum ta' enerġija tal-magni tad-dar tal-elettriku għat-tnixxif tal-ħwejjeġ
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni 95/12/KE rigward l-ittikkettjar li jindika l-konsum tal-enerġija ta' magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ.

Skeda: Id-dispożizzjonijiet fid-Direttiva ta' qafas kif ukoll fil-miżuri ta' implimentazzjoni relevanti eżistenti ("direttivi jew regolamenti mnissla") għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Direttivi/regolamenti mnissla ġodda jiġu implimentati f'konformità mal-iskedi stabbiliti f'dawn id-direttivi/regolamenti wara bidliet għal dan l-Anness, f'konformità mad-dispożizzjonijiet istituzzjonali tat-Titolu VII ta' dan il-Ftehim kif innotifikat lin-naħa Ukrajna.

In-Nukleari

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit;

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/122/Euratom dwar il-kontroll ta' sorsi radjoattivi siġillati ta' attività għolja

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

—

ANNEX XXVIII TAL-KAPITOLU 4

TASSAZZJONI

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

Tassazzjoni indiretta

Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, ħlief għall-artikoli 5-8, 20, 33, 40-42, 79, 100-101, 123-130, 140-142, 145, 146 (1B), 147, 155, 164-166, 170-171, 175, 203, 205, 209, 210, 212, 219, 238-240, 245, 254, 258, 274-280, 293-294, 370-395, 396-400, 402-410, 411-413 (dispożizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri tal-UE); l-artikoli 281-294, 295-305, 306-325, 326-332, 333-343, 348-349, 358-369 (dwar sistemi speċjali tat-taxxa), għandhom ikunu implimentati fi żmien ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2007/74/KE tal- 20 ta' Diċembru 2007 dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud u d-dazju tas-sisa fuq oġġetti importati minn persuni li jkunu qed jivvjaġġaw minn pajjiżi terzi

— taqsima 3 dwar limiti ta' kwantità

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/96 tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati b'mod progressiv, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet tal-Ukrajna fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali u tal-effiċjenza tal-enerġija, hekk kif dawn jistgħu jinħolqu b'mod partikolari bħala riżultat tas-sitwazzjoni wara n-negozjati internazzjonali tal-2012 dwar it-tibdil fil-klima.

Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE

— Artikolu 1

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (kodifikazzjoni)

Skeda: Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim ħlief għall-Art 7.2, Art. 8, 9, 10, 11, 12 Art. 14.1, 14.2, 14.4, Art 18 u l-Art 19, li għalihom l-iskeda ta' implimentazzjoni trid tiġi stabbilita mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Malli jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna tad-direttivi segwenti:

It-Tlethax-il Direttiva tal-Kunsill 86/560/KEE tas-17 ta' Novembru 1986 fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taxxi ta' ċaqliq ta' flus - Arranġamenti għar-rifond tat-taxxa fuq il-valur miżjud lil persuni taxxabbli li ma humiex stabbiliti fit-territorju tal-Komunità

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku fejn tidħol il-kategorija tal-prodott intermedju kif definit fid-direttiva

L-Art. 7.2, l-Art. 8, 9, 10, 11, 12, l-Art. 14.1, 14.2, 14.4, l-Art 18 u l-Art 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/64/UE tal-21 ta' Ġunju 2011 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (kodifikazzjoni)

ANNESS XXIX TAL-KAPITOLU 5

STATISTIKA

L-acquis fl-istatistika kif imsemmi fl-Artikolu 355 tal-Kapitolu 5 (Statistika), Titolu V (Koperazzjoni Ekonomika u Settorjali) huwa stabbilit fil-Kompendju ta' Rekwiżiti ta' Statistika aġġornat kull sena, li huwa meqjus mill-Partijiet bħala anness ma' dan il-Ftehim.

L-aħħar verżjoni disponibbli tal-Kompendju ta' Rekwiżiti ta' Statistika huwa disponibbli fil-websajt tal-Uffiċċju Ewropew tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat) f'format elettroniku

<http://epp.eurostat.ec.europa.eu>

ANNEX XXX TAL-KAPITOLU 6

L-AMBJENT

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

Il-governanza ambjentali u l-integrazzjoni tal-ambjent f'oqsma oħra ta' politika

Id-Direttiva 2011/92/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni)

Għall-proġett li jaqgħu taħt it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tal-Enerġija d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati sal-01/01/2013 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna f'dan it-Trattat. Għal proġetti oħra japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabiliment ta' rekwiżiti li l-proġett tal-Anness I ikunu suġġetti għal evalwazzjoni dwar l-impatt fuq l-ambjent u għal proċedura biex jiġi deċiż liema proġetti tal-Anness I jkunu jirrekjedu EIA (l-art. 4)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— id-determinazzjoni tal-iskop tal-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-iżviluppatur (l-art. 5)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabiliment ta' proċedura ta' konsultazzjoni ma' awtoritajiet ambjentali u proċedura ta' konsultazzjoni pubblika (l-art. 6)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabiliment ta' arranġamenti ma' pajjiżi ġirien għal skambju ta' informazzjoni u konsultazzjoni (l-art. 7)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabiliment ta' miżuri biex il-pubbliku jkunu jista' jiġi nnotifikat bir-riżultati ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-kunsens għall-iżvilupp (l-art. 9)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjani u programmi fuq l-ambjent

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

— l-istabiliment ta' proċedura għal deċiżjoni dwar liema pjani jew programmi jkunu jirrekjedu valutazzjoni ambjentali strateġika u ta' rekwiżiti li l-pjani u l-programmi li għalihom il-valutazzjoni ambjentali strateġika tkun obligatorja jkunu suġġetti għal evalwazzjoni bħal din (l-art. 3)

— l-istabbiliment ta' proċedura ta' konsultazzjoni ma' awtoritajiet ambjentali u proċedura ta' konsultazzjoni pubblika (l-art. 6)

— l-istabbiliment ta' arranġamenti ma' pajjiżi ġirien għal skambju ta' informazzjoni u konsultazzjoni (l-art. 7)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/4/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva 90/313/KEE.

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

— l-istabbiliment ta' arranġamenti prattiċi skont liema l-informazzjonijiet ambjentali ssir disponibbli lill-pubbliku u l-eċċezzjonijiet applikabbli (l-art. 3 u 4)

— l-awtoritajiet pubbliċi jaraw li l-pubbliku jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-informazzjoni ambjentali (l-art. 3.1)

— l-istabbiliment ta' proċeduri biex jiġu rivisti deċiżjonijiet li jittieħdu li ma tingħatax informazzjoni ambjentali jew li tingħata biss informazzjoni parzjali (l-art. 6)

— l-istabbiliment ta' sistema għat-tixrid ta' informazzjoni ambjentali lill-pubblu (l-art. 7)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/35/KE li ttiprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KEE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex il-pubbliku jingħata informazzjoni (l-art. 2.2a u 2.2d)

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' konsultazzjoni pubblika (l-art. 2.2b u 2.3)

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex kummenti u opinjonijiet mill-pubbliku jittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet (l-art. 2.2c)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Il-kwalità tal-arja

Id-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' livelli massimi u minimi ta' valutazzjoni (l-art. 5), ta' valuri immirati u valuri ta' limitu (l-art. 13,14,16.2,17.1) u tal-mira għat-tnaqqis tal-espożizzjoni għall-PM 2.5 (l-art. 15.1)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fil-każ tad-dijossidu tas-sulfat, tad-dijossidu tan-nitroġenu u tal-ossodi tan-nitroġenu, taċ-ċomb, tal-benżin, tal-monossidu tal-karbonju, tal-ożonu, tal-PM 10 u tal-PM 2.5 fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim abbażi ta' sitwazzjoni eżistenti fl-Ukrajna. Mad-dħul fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna ta' dawn id-direttivi sabiex tkun għal kollox konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

— l-istabbiliment u l-klasifikazzjoni ta' żoni u ta' agglomerazzjonijiet (l-art. 4 u 5)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' sistema għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali f'relazzjoni ma' sustanzi li jniġġżu l-arja (l-art. 5, 6 u 9)

— l-istabbiliment ta' pjani tal-kwalità tal-arja għal żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-livelli tas-sustanzi li jniġġżu jkunu jaqsbu l-valur ta' limitu/il-valur immirat (l-art. 23)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fil-każ tad-dijossidu tas-sulfat, tad-dijossidu tan-nitroġenu u tal-ossodi tan-nitroġenu, taċ-ċomb, tal-benżin, tal-monossidu tal-karbonju, tal-ożonu, tal-PM 10 u tal-PM 2.5 fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim abbażi ta' sitwazzjoni eżistenti fl-Ukrajna. Mad-dħul fis-seħħ dan il-ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna ta' dawn id-direttivi sabiex tkun għal kollox konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

— l-istabbiliment ta' pjani ta' azzjoni għal perjodu qasir fil-każ ta' żoni u agglomerazzjonijiet fejn ikun hemm riskju li l-limiti ta' allert jinqabżu (l-art. 24)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

— l-istabbiliment ta' sistema biex il-pubbliku jingħata informazzjoni (l-art. 26)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 2004/107/KE dwar l-arseniku, il-kadmju, il-merkurju, in-nikil u l-idrokarboni aromatiċi poliċikliċi fl-arja ambjentali

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

— l-istabbiliment ta' livelli ta' stima superjuri u inferjuri (l-art 4.6) u ta' valuri ta' mira (l-art. 3)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fil-każ tal-arseniku, tan-nikil, tal-kadmju u tal-benzo(a)pirin fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim abbażi tas-sitwazzjoni eżistenti fl-Ukrajna. Mad-dħul fis-seħħ dan il-ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna ta' dawn id-direttivi sabiex tkun għal kollox konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

— l-istabbiliment u l-klasifikazzjoni ta' żoni u ta' agglomerazzjonijiet (l-art. 3 u 4.6)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

— l-istabbiliment ta' sistema għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-arja ambjentali f'relazzjoni ma' sustanzi li jniġġżu l-arja (l-art. 4)

— it-teħid ta' miżuri sabiex tinżamm/tittejeb il-kwalità tal-arja għar-rigward tas-sustanzi li jniġġżu relevanti (l-art. 3)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim abbażi tas-sitwazzjoni eżistenti fl-Ukrajna. Mad-dħul fis-seħħ dan il-ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna ta' dawn id-direttivi sabiex tkun għal kollox konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva.

Id-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE kif emendata bid-Direttivi 2000/71/KE, 2003/17/KE u 2009/30/KE u r-Regolament (KE) 1882/2003

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- it-twertiq ta' valutazzjoni tal-konsum nazzjonali tal-karburanti
- l-istabbiliment ta' sistema għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-karburanti (l-art. 8)
- il-projbizzjoni tal-bejgħ ta' petrol biċ-ċomb (l-art. 3.1)
- jitħalla l-bejgħ ta' petrol bla ċomb, ta' karburant tad-diżil u ta' żjut tal-gass intenzjonati għal makkinarju mobbli mhux għall-użu fuq it-triq u għal tratturi użati fl-agrikultura u fil-forestrija sakemm dawn ikunu jirrispettaw ir-rekwiżiti rilevanti (l-art. 3 u 4)
- l-istabbiliment ta' sistema regolatorja biex jiġu koperti ċirkostanzi eċċezzjonali u ta' sistema ta' ġbir ta' dejta dwar il-kwalità nazzjonali tal-karburanti (l-art. 7 u 8)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 1999/32/KE dwar it-tnaqqis tal-kontenut tal-kubri f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KE kif emendata bir-Regolament (KE) 1882/2003 u d-Direttiva 2005/33/KE

Fil-każ ta' karburanti użati għall-iskopijiet li jaqgħu taħt it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati sal-01/01/2012 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna f'dan it-Trattat. Fil-każ ta' karburanti użati għal skopijiet oħra għandhom jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' sistema effettiva ta' teħid ta' kampjuni u ta' metodi analitiċi xierqa ta' analiżi (l-art. 6)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- il-projbizzjoni kontra l-użu ta' żjut karburanti tqal u ta' żejt tal-gass b'kontenut ta' sulfat li jkun akbar mil-limiti massimi stabbiliti (l-art. 3.1 u 4.1)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-applikazzjoni ta' valuri ta' limitu għall-kontenut ta' sulfat ta' karburanti marittimi (l-art 4a u 4b)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 94/63/KE dwar il-kontroll ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili li jirriżultaw mill-ħażna tal-petrol u d-distribuzzjoni tiegħu minn terminals għall-istazzjonijiet ta' servizz kif emendata mir-Regolament (KE) 1882/2003

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-identifikazzjoni tat-terminals kollha ta' ħażna u ta' għoti tal-petrol (l-art. 2)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' miżuri tekniċi biex jitnaqqas it-telf ta' petrol minn stallazzjonijiet ta' ħażna f'terminals u fi stazzjonijiet ta' servizz u matul it-tgħabija/il-ħatt ta' kontejners mobbli fit-terminal (l-art. 3, 4 u 6 u l-Anness III)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (9) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- ikun obligatorju li l-irfid għat-tagħbija ta' tankers tat-triq u l-kontejners mobbli jkunu jirrispettaw ir-rekwiżiti kollha (l-art. 4 u 5)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien disa' (9) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2004/42/KE dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' komposizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mil-ġdid ta' vetturi u li jemenda d-Direttiva 1999/13/KE

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- l-istabbiliment ta' valuri ta' limitu ta' kontenut ta' VOC għaż-żebgħat u għal-lostri (l-art. 3 u l-Anness II)
- l-istabbiliment ta' rekwiżiti biex jiġi żgurat l-ittikettar ta' prodotti li jitqiegħdu fis-suq u t-tqiegħid fis-suq ta' prodotti konformi mar-rekwiżiti rilevanti (l-art. 3 u 4)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

L-immaniġġar tal-iskart u tar-riżorsi

Id-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- il-preparazzjoni ta' pjanijiet għall-immaniġġar tal-iskart konformi mal-ġerarkija tal-iskart ta' ħames passi u ta' programmi għall-prevenzjoni tal-iskart (il-Kapitolu V tad-Direttiva 2008/98/KE)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-irkupru sħiħ tal-kosti f'konformità mal-prinċipju li jħallas min iniggeż u l-prinċipju ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (l-art. 14)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' sistema ta' permessi għal stabbilimenti/impriżi li jwettqu operazzjonijiet biex jiddisponu minn skart jew li jirkuprawh, b'obbligi speċifiċi għall-ġestjoni ta' skart perikoluż (il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2008/98/KE)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' reġistru ta' stabbilimenti u impriżi ta' għbir u trasport tal-iskart (il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2008/98/KE)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma kif emendat bir-Regolament (KE) 1882/2003

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- il-klassifikazzjoni ta' siti ta' terraferma (l-art. 4)
- il-preparazzjoni ta' strateġija nazzjonali biex jitnaqqas l-ammont ta' skart muniċipali biodegradabbli li jintrema fit-terraferma (l-art. 5)
- l-istabbiliment ta' sistema ta' applikazzjoni u ta' permessi u ta' proċeduri ta' aċċettazzjoni tal-iskart (l-art. 5-7, 11, 12 u 14)
- l-istabbiliment ta' proċeduri ta' kontroll u ta' monitoraġġ fil-fażi operattiva ta' terraferma u ta' proċeduri ta' għeluq u ta' kura ta' wara għal terraferma li jkunu se jingħalqu (l-art. 12 u 13)
- l-istabbiliment ta' pjani ta' kundizzjonament għal terraferma eżistenti (l-art. 14)
- l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kkostjar (l-art. 10)
- jiġi żgurat li l-iskart rilevanti jkun soġġett għat-trattament qabel jintrema fit-terraferma (l-art. 6)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Għal kwalunkwe stallazzjoni li tkun bdiet topera wara l-iffirmar ta' dan il-ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim.

Id-Direttiva 2006/21/KE dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- l-istabbiliment ta' sistema li tiżgura li l-opeeraturi jfasslu pjanijiet ta' mmaniġġar tal-iskart (l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-iskart; il-karatterizzazzjoni tal-iskart) (l-art. 4 u 9)
- l-istabbiliment ta' sistema ta' permessi, ta' garanziji finanzjarji u ta' sistema ta' spezzjoni (l-art. 7, 14 u 17)
- l-istabbiliment ta' proċeduri għall-immaniġġar u l-monitoraġġ tal-ispazji mħaffra (l-art. 10)
- l-istavviliment ta' proċeduri ta' għeluq u ta' wara l-għeluq għal faċilitajiet tal-iskart (l-art. 12)
- it-tfassil ta' inventarju ta' faċilitajiet tal-iskart magħluqa (l-art. 20)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Il-Kwalità tal-Ilma u l-immaniġġar tar-riżorsi tal-ilma, inkluż l-ambjent marittimu

Id-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma kif emendata mid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE u d-Direttiva 2009/31/KE

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' definizzjoni leġiżlattiva tal-unità taż-żonar idrografiku tat-territorju tal-pajjiż

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni nazzjonali xierqa (Regolament dwar il-Direttorat tal-Baċir) b'mod li "id-Direttorat tal-baċir" isir responsabbli għall-funzjonijiet stipulati fl-Art. 3 tad-Direttiva 2000/60/KE

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-identifikazzjoni ta' distretti ta' baċin tax-xmara u l-istabbiliment ta' arranġamenti amministrattivi għal xmajjar, għadajjar u ilmijiet kostali internazzjonali (l-art. 3)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- analiżi tal-karatteristiċi ta' distretti tal-baċin tax-xmara (l-art. 5)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' programmi għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma (l-art. 8)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- il-preparazzjoni ta' pjanijiet ta' mmaniġġar tal-baċin tax-xmara, konsultazzjonijiet mal-publiku u l-pubblikazzjoni ta' dawn il-pjanijiet (l-art. 13 u 14)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2007/60/KE dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġar tar-riskji tal-għargħar

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- issir valutazzjoni preliminari dwar l-għargħar (l-art. 4 u 5)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- il-preparazzjoni ta' mapep ta' periklu tal-għargħar u mapep ta' riskju ta' għargħar (l-art. 6)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

- l-istabbiliment ta' pjanijiet għall-immaniġġar tar-riskju ta' għargħar (l-art. 7)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien (8) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2008/56/KE li tistabbilixxi qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-iżvilupp ta' strateġija marina f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE (l-art. 5 u 6)

— evalwazzjoni inizjali ta' ilmijiet marini, id-determinazzjoni ta' status ambjentali tajjeb u l-istabbiliment ta' miri u indikaturi ambjentali (l-art. 5 u 8 - 10)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' programm ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni kontinwa u għal aġġornar regolari tal-miri (l-art. 5 u 11)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— il-preparazzjoni ta' programm ta' miżuri biex jinkiseb status ambjentali tajjeb (l-art. 5 u 13)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 91/271/KEE dwar it-trattament tal-ilma urban mormi kif emendata bid-Direttiva 98/15/KE u r-Regolament (KE) 1882/2003 u r-Regolament (KE) Nru 1137/2008

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— il-valutazzjoni tal-qagħda fejn jidħol il-ġbir u t-trattament tal-ilma urban mormi

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-identifikazzjoni ta' żoni u agglomerazzjonijiet sensitivi (l-art. 5 u l-Anness II)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— il-preparazzjoni ta' programm tekniku u ta' investiment għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tat-trattament tal-ilma urban mormi (l-art. 17)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tmien (8) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 98/83/KEE dwar il-kwalità tal-ilma maħsuub għall-konsum mill-bniedem kif emendat bir-Regolament (KE) 1882/2003 u r-Regolament (KE) 596/2009

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

— l-istabbiliment ta' standards għall-ilma tax-xorb (l-art. 4 u 5)

— l-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ (l-art. 6 u 7)

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmu biex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni (l-art. 13)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 91/676/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġiż ikkawżat minn nitrati minn sorsi agrikoli kif emendat mir-Regolament (KE) 1882/2003

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-identifikazzjoni ta' żoni vulnerabbli tan-nitrati (l-art. 3)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' azzjoni għal żoni vulnerabbli tan-nitrati (l-art. 5)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' programmi għall-monitoraġġ (l-art. 6)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Il-Ħarsien tan-Natura

Id-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— il-valutazzjoni ta' speċi ta' għasafar li jkunu jirrekjedu miżuri speċjali ta' konservazzjoni u ta' speċi migratorji regolari

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-identifikazzjoni u l-ħatra ta' żoni speċjali ta' protezzjoni għal speċi ta' għasafar (l-art. 4.1)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' miżuri speċjali ta' konservazzjoni għall-protezzjoni ta' speċi migratorji regolari (l-art. 4.2)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati sal-01/01/2015 kif indikat fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija.

— l-istabbiliment ta' sistema ġenerali ta' ħarsien għall-ispeċi kollha ta' għasafar selvaġġi li minnhom l-ispeċi kkaċċjati huma sottogrupp speċjali u l-projbizzjoni ta' ċerti modi ta' qtil/qbid (l-art. 5, 6,7,8,9.1 u 9.2)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 92/43/KE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa emendata bid-Direttiva 97/62/KE, 2006/105/KE u r-Regolament (KE) 1882/2003

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— il-preparazzjoni ta' inventarju ta' siti, il-ħatra ta' dawn is-siti u l-istabbiliment ta' prioritajiet għall-ġestjoni ta' tagħhom (inkuż it-tlestija tal-inventarju ta' siti Emerald potenzjali u l-istabbiliment ta' miżuri ta' ħarsien u ta' mmaniġġar għal dawn is-siti) (l-art. 4)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' miżuri meħtieġa għall-konservazzjoni ta' siti bħal dawn (l-art. 6)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' sistema biex jiġi mmonitorjat l-istat ta' konservazzjoni tal-abitati u l-ispeċi (l-art. 11)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' sistema stretta ta' protezzjoni tal-ispeċi għal speċi elenkati fl-Anness IV kif ikun rilevanti għall-Ukrajna (l-art. 12)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-promozzjoni tal-edukazzjoni u tal-informazzjoni ġenerali lill-pubbliku (l-art. 22)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

It-tniġġiż industrijali u l-perikli industrijali

id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġiż) (kodifikazzjoni)

— l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-identifikazzjoni ta' stallazzjonijiet li jkunu jinħtieġu permiss (l-Anness I)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

— l-implimentazzjoni tal-BAT billi jittieħdu fkunsiderazzjoni l-konklużjonijiet tal-BREFs (l-art. 14(3-6) u 15(2-4))

Skeda: malli jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal stallazzjonijiet eżistenti.

— l-istabbiliment ta' sistema integrata ta' permessi (l-art. 6 – 9 u 13)

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-monitoraġġ tal-konformità (art. 8, 14 (1d) u 23(1))

— l-istabbiliment ta' valuri limiti tal-emissjonijiet għal impjanti tal-kombustjoni (l-art. 30 l-Anness V)

— il-preparazzjoni ta' programmi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet totali annwali minn impjanti eżistenti (fakoltattiv għall-istabbiliment ta' valuri limiti tal-emissjonijiet għal impjanti eżistenti) (l-art. 32)

Skeda: bħala prijorità immedjata, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal stallazzjonijiet ġodda. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu wkoll jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna ta' dawn id-dispożizzjonijiet għal stallazzjonijiet eżistenti. L-iskeda għandha ssir bla ħsara għal skandenzi stabbiliti fil-Protokoll dwar l-Adeżjoni tal-Ukrajna fit-Trattat tal-Enerġija għal impjanti tal-kombustjoni li jaqgħu taħt l-ambitu tal-Komunità tal-Komunità tal-Enerġija. Stallazzjonijiet eżistenti huma stallazzjonijiet li jingħataw permess fi żmien ħames (5) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, sakemm impjanti bħal dawn ikunu qed joperaw mhux aktar tard minn sitt (6) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Id-Direttiva 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi kif emendata bid-Direttiva 2003/105/KE u r-Regolament (KE) 1882/2003

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- l-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettivi ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet relevanti
- l-istabbiliment ta' sistemi għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar stallazzjonijiet relevanti u għall-irrapportar dwar aċċidenti maġġuri (l-art. 13 u 14)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

It-tibdil fil-klima u l-ħarsien tas-saff tal-ożonu

Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE kif emendata mid-Direttiva 2004/101/KE

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- l-istabbiliment ta' sistema għall-identifikazzjoni ta' stallazzjonijiet relevanti u għall-identifikazzjoni ta' gassijiet serra (l-Annessi I u III)
- l-iżvilupp ta' pjan nazzjonali ta' allokkazzjoni biex jiġu distribwiti l-konċessjonijiet bejn l-istallazzjonijiet (l-art. 9)
- l-istabbiliment ta' sistema għall-ħruġ ta' permessi għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-ħruġ ta' konċessjonijiet li jkunu jistgħu jitpartu lokalment fost l-istallazzjonijiet fl-Ukrajna (l-art. 4 u 11 – 13)
- l-istabbiliment ta' sistemi ta' monitoraġġ, rappurta, verifika u infurzar u ta' proċeduri ta' konsultazzjoni pubblika (l-art. 9, 14 – 17, 19 u 21)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Ir-Regolament (KE) 842/2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- l-istabbiliment/l-adozzjoni ta' rekwiżiti nazzjonali ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni għal persunal u kumpaniji relevanti (l-art. 5)
- l-istabbiliment ta' sistemi ta' rappurta għall-akkwist ta' dejta dwar l-emissjoni mis-setturi relevanti (l-art. 6)
- l-istabbiliment ta' sistema ta' infurzar (l-art. 13)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Ir-Regolament (KE) 2037/2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu kif emendat bir-Regolamenti (KE) 2038/2000, (KE) 2039/2000, (KE) 1804/2003, (KE) 2077/2004, (KE) 29/2006, (KE) 1366/2006, (KE) 1784/2006, (KE) 1791/2006 u (KE) 2007/899 u d-Deċiżjonijiet 2003/160/KE, 2004/232/KE u 2007/54/KE

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- l-istabbiliment ta' projbizzjonijiet kontra sustanzi kkontrollati inkluż li jintemm l-użu ta' idrokloroflorokarburi verġni sal-2010 u tal-idrokloroflorokarburi sal-2020 (l-art. 4 u 5)
- jiġi stabbiliti limiti kwantitattivi għall-użu tal-bromid tal-metil għall-applikazzjonijiet ta' kwarantina jew ta' qabel it-tagħbija fil-livell tal-użu medju fis-snin 1996, 1997 u 1998 (l-art. 4)
- jiġi eliminat gradwalment it-tqiegħid fis-suq tal-idroflworokarburi verġni sal-2015 (l-art. 4)
- jiġi stabbiliti obbligi għall-irkupru, ir-riċiklar, ir-reklamazzjoni u l-qerda ta' sustanzi kkontrollati użati (l-Art. 16)
- jiġu stabbiliti proċeduri għall-monitiraġġ u l-ispezzjoni ta' tnixxija ta' sustanzi kkontrollati (l-art. 17)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

L-organiżmi ġenetikament modifikati

Acquis tal-UE relvanti li jirrigwardja l-organiżmi ġenetikament modifikati (GMOs) huwa wkoll koperti fil-Kapitolu 4 (Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji) tat-Titolu IV (Kummerċ u Materji relatati mal-Kummerċ)

Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Diretiv atal-Kunsill 90/220/KEE kif emendata bid-Deċiżjonijiet 2002/623/KE u 2002/811/KE, ir-Regolamenti (KE) 1829/2003 u (KE) 1830/2003 u d-Direttiva 2008/27/KE

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- l-eliminazzjoni gradwali ta' indikaturi ta' reżistenza antibijotika fil-GMOs imqiegħda fis-suq skont il-Parti C u fFMOs awtorizzati skont il-Parti B (l-art. 4.2)
- tiġi stabbilita sistema effettiva ta' spezzjoni u ta' kontroll sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u b'mod partikolari fejn jidħlu GMOs mhux awtorizzati (l-art. 4(5))
- jiġu stabbiliti proċeduri ta' notifika minn qabel għal rilaxxi skont il-parti B (l-art. 6) u għal rilaxxi skont il-Parti C (l-art. 13)
- jiġu stabbiliti proċeduri ta' evalwazzjoni tar-riskju għal rilaxxi skont il-Parti B (l-art. 6/11) u l-Parti C (l-art. 13-24)
- jiġi stabbilit regjistru pubbliku ta' postijiet ta' rilaxx skont il-Parti B (l-art. 31.3(a))
- jiġi stabbilit regjistru ta' postijiet fejn jitkabbru GMOs skont il-Parti C (l-art. 31.3(b))
- jiġu stabbiliti proċeduri għall-konsultazzjoni tal-pubbliku u, fejn ikun xieraq, ta' gruppi (l-art. 9)
- tiġi stabbilita proċedura li tirrekjedi lin-notifikaturi jibgħatu r-riżultati tar-rilaxx lill-awtorità jew awtoritajiet kompetenti (l-art. 10)
- jiġi żgurata li prodotti li jitqiegħdu fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti rigward ittikettjar u imballaġġ (l-art. 21)
- tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (l-art. 25)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Regolament (KE) Nru 1946/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-movimenti transkonfinali ta' organiżmi modifikati ġenetikament

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- jiġu stabbiliti proċeduri għal GMOs maħsuba għar-rilaxx intenzjonat fl-ambjent (l-art. 4 – 8)
- jiġu stabbiliti proċeduri għal GMOs maħsuba għall-użu dirett bħala ikel jew għalf, jew għall-ipproċessar (l-art. 9 u 10) u għal GMOs maħsuba għal użu kontenut (l-art. 11)
- jiġu stabbiliti proċeduri għall-identifikazzjoni u dokumentazzjoni akkumpanjanti (l-art. 12) u għan-notifika tat-tranżitu ta' GMOs (l-art. 13)
- tiġi stabbilita sistema biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità (l-art. 16)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-użu konfinat ta' mikro-organiżmi modifikati ġenetikament

- l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ħatra ta' awtorita/awtoritajiet kompetenti
- il-klassifikazzjoni tal-GMMs u jiġi żgurat li l-utenti jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju (l-art. 4)
- l-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali u l-miżuri xierqa ta' konteniment u miżuri protettivi oħra mfissra fl-Anness IV (l-art. 5)
- jiġu stabbiliti proċeduri ta' notifika (l-art. 6-9)
- jiġu stabbiliti kriterji għal pjanijiet ta' emerġenza (l-art. 13-15)
- tiġi stabbilita sistema biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità (l-art. 18)

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ANNEX XXXI TAL-KAPITOLU 6

L-AMBJENT

L-implimentazzjoni mill-Ukrajna tal-protokoll ta' Kyoto, inklużi l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-użu sħiħ tal-mekkaniżmi ta' Kyoto

L-iżvilupp ta' pjan ta' azjoni għat-tul (jiġifieri għal wara l-2012) biex tittaffa l-bidla fil-klima u ssir adattazzjoni għaliha

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tul biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra

ANNEX XXXII TAL-KAPITOLU 7

TRASPORT

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

(1) **Trasport fuq it-triq**

Kundizzjonijiet tekniċi

Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-installazzjoni u l-użu ta' tagħmir għal-limitazzjoni tal-veloċità għal xi kategoriji ta' vetturi bil-mutur fil-Komunità

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati għall-vetturi kollha li jintużaw fit-trasport internazzjonali ta' prodotti fi żmien sena (1) u għall-vetturi kollha użati fit-trasport internazzjonali ta' passiġġieri fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u għall-vetturi kollha, li jkunu ġew irreġistrati l-ewwel darba wara l-1 ta' Jannar 2008, użati fit-trasport nazzjonali fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali

Rakkomandazzjoni dwar il-prinċipji applikabbli għal riżoluzzjoni barra l-qorti (98/257/KE) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-prinċipji applikabbli għall-entitajiet responsabbli għar-riżoluzzjoni tad-disputi barra l-qorti

Skeda: ma hemm l-ebda hteġa ta' inizjattiva leġiżlattiva.

Rakkomandazzjoni dwar ir-riżoluzzjoni konsenswali barra l-qorti (2001/310/KE) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' April 2001 dwar il-prinċipji għal entitajiet ta' barra l-qorti involuti fir-riżoluzzjoni konsenswali ta' disputi tal-konsumaturi

Skeda: ma hemm l-ebda hteġa ta' inizjattiva leġiżlattiva.

Infurzar

Id-Direttiva 98/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar l-inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi (regolament)

Ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ("ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi")

Skeda: id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ANNEX XL TAL-KAPITOLU 21

IL-KOOPERAZZJONI DWAR OPPORTUNITAJIET TA' IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI U OPPORTUNITAJIET INDAQS

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

Il-liġi tax-xogħol

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż minn UKIIE, ĊEIP u KETU – Anness: Ftehim ta' Qafas dwar xogħol part-time,

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/383/KEE tal-25 ta' Ġunju 1991 li tissupplementa l-miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fix-xogħol tal-ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' mpjieg b'dewmien fiss jew ta' mpjieg temporanju

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' telf kollettiv ta' impjieg

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea – Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ir-rappreżentazzjoni tal-impjegati

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ħidma kontra d-diskriminazzjoni u dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UNICE, CEEP u ta' ETUC

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (l-ewwel direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Postijiet tax-xogħol li diġà jkunu qed joperaw qabel id-data finali li fiha din id-Direttiva tkun se tiġi implimentata għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi rigward is-saħħa u s-sigurtà stipulati fl-Anness II mhux aktar tard minn sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Tagħmir tax-xogħol diġà pprovdut lill-ħaddiema fl-impriża u/jew fl-istabbliment sad-data finali li fiha din id-Direttiva tkun se tiġi implimentata għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stipulati fl-Anness mhux aktar tard minn seba' (7) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2001/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa għall-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16 (1) tad-Direttiva (89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/91/KEE tat-3 ta' November 1992 li tikkonċerna l-ħtiġiet minimi għat-titjib tal-ħarsien tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema fl-industriji tal-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir (il-ħdax id-Direttiva individwali fil-qofol tat-tifsir ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-postijiet tax-xogħol li diġà jkunu qed joperaw qabel id-data li fiha din id-Direttiva tkun se tiġi implimentata għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurtà stipulati fl-Anness mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn ħames (5) snin wara dik id-data.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/104/KEE tat-3 ta' Diċembru 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi biex tittejjeb is-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa ta' ħaddiema ta' l-industriji għall-estrazzjoni tal-minerali kemm fuq, kif ukoll taħt l-art (it-tnax-il Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-postijiet tax-xogħol li diġà jkunu qed joperaw qabel id-data li fiha din id-Direttiva tkun se tiġi implimentata għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' saħħa u sigurtà stipulati fl-Anness mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn disa' (9) snin wara dik id-data.

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa li għandhom jiġu implimentati fpostijiet ta' kostruzzjoni temporanji jew mobbli (it-tmien Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 83/477/KEE tad-19 ta' Settembru 1983 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-esposizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/1107/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 91/382/KEE tal-25 ta' Ġunju 1991 li temenda d-Direttiva 83/477/KEE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra r-riskji konnessi mal-esposizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 80/1107/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/477/KEE dwar il-protezzjoni ta' ħaddiema minn riskji relatati ma' l-esposizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-29 ta' April 2004 dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol, (is-sitt direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) – Kodifikazzjonin tad-Direttiva 90/394/KEE

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għal sustanzi bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, (is-seba' direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) - Kodifikazzjoni tad-Direttiva 90/679/KEE

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/270/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għax-xogħol b'tagħmir li għandu display screen (il-ħames Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/58/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar il-ħtiġijiet minimi għall-provvista ta' sinjali tas-sigurtà u/jew tas-saħħa fuq ix-xogħol (id-disa' Direttiva individwali fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien seba' (7) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' l-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/92/KE tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-ħtiġiet minimi għat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema potenzjalment fir-riskju mill-atmosfera splussivi (il-ħmistax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/44/KE tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jinħolqu mill-aġenti fiżiċi (il-vibrazzjoni) (is-sittax-il Direttiva individwali fit-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (is-sbatax-il Direttiva individwali skond it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2004/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġijiet minimi għas-saħħa u s-sigurtà fir-rigward tal-espożizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jiġu minn aġenti fiżiċi (kampj elettro-manjetiċi) (it-18-il Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2006/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, dwar il-ħtiġijiet minimi ta' saħħa u ta' sigurtà li jirrigwardaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għar-riskji li jirriżultaw mill-aġenti fiżiċi (radjazzjoni ottika artifiċjali) (id-19-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 93/103/KE tat-23 ta' Novembru 1993 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għax-xogħol abbord il-bastimenti tas-sajd (it-tlettax-il Direttiva individwali li taqa' taħt it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/29/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 dwar ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għal trattament mediku mtejjeb abbord bastimenti

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kunsill 90/269/KEE tad-29 ta' Mejju 1990 dwar il-ħtiġijiet minimi tas-saħħa u tas-sigurtà għat-tqandil manwali tat-tagħbija fejn hemm riskju partikolarment ta' korriment tad-dahar għall-ħaddiema (ir-raba' Direttiva individwali fit-tifsira ta' Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/322/KEE tad-29 ta' Mejju 1991 dwar l-istabbiliment ta' valuri ta' limiti indikattivi permess tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 80/1107/KEE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esposizzjoni għal aġenti kimiċi, fiżiċi u bijoloġiċi fuq ix-xogħol

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/39/KEE li tistabbilixxi l-ewwel lista ta' valuri ta' limiti ta' esposizzjoni fuq ix-xogħol biex timplimenta d-Direttiva 98/24/KE dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' aġenti kimiċi fuq ix-xogħol

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/15/KE li tistabbilixxi t-tieni lista ta' valuri ta' limitu indikattivi ta' esposizzjoni waqt ix-xogħol fl-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u li temenda d-Direttivi 91/322/KEE u 2000/39/KE

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien għaxar (10) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Malli jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddefinixxi l-iskeda għall-implimentazzjoni mill-Ukrajna tad-direttivi segwenti:

- Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol;
 - Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (tfassil mill-ġdid)
-

ANNEX XLI TAL-KAPITOLU 22

SAĦĦA PUBBLIKA

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

It-Tabakk

Id-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva 2003/33/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tas- 26 ta' Mejju 2003 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-reklmar u l-patrunaġġ tal-prodotti tat-tabakk

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2002 dwar il-prevenzjoni tat-tipjip u dwar inizjattivi biex jitjieb il-kontroll tat-tabakk

Skeda: ma hemm l-ebda ħtieġa ta' inizjattiva leġiżlattiva

Il-Mard li jittieħed

Id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 dwar l-istabbiliment ta' network għas-sorveljanza epidemoloġika u kontroll ta' mard li jinxtered fil-Komunità.

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati hekk kif jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/96/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar mard li jittieħed li għandu jiġi kopert b'mod progressiv fin-network tal-Komunità taħt id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati hekk kif jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/253/KE tad-19 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi d-definizzjonijiet ta' każ għar-rappurtaġġ ta' mard li jinxtered fin-network tal-Komunità permezz tad-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill.

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati hekk kif jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

Id-Demm

Id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-għbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KE

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/33/KE tat-22 ta' Marzu 2004 li timplimenta d-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill rigward ċerti ħtiġiet tekniċi tad-demm u tal-komponenti tad-demm

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/62/KE tat- 30 ta' Settembru 2005 li timplimenta d-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill dwar standards u speċifikazzjonijiet Komunitarji fir-rigward ta' sistema ta' kwalità għall-istabbilimenti tad-demm

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/61/KE tat-30 ta' Settembru 2005 li timplimenta d-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet meħtieġa għat-traċċabilità u n-notifika ta' reazzjonijiet u avvenimenti li huma serjament avversi

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien tliet (3) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Tessuti, ċelloli u organi

Id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sigurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priżervazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/17/KE tat-8 ta' Frar 2006 li timplimenta d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/23/KE rigward ċerti rekwiżiti tekniċi għad-donazzjoni, għall-ksib u għall-ittestjar tat-tessuti u taċ-ċelluli umani

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/86/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kondizzjonijiet tar-rintraċċabbiltà, notifikazzjoni dwar rejazzjonijiet u avvenimenti ta' ħsara serja u ċerti kondizzjonijiet tekniċi għall-ikkowdjar, l-ipproċessar, il-preżervazzjoni, il-ħażna u d-distribuzzjoni ta' tessuti u ċelluli umani

Skeda: id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Is-Saħħa mentali – Dipendenza fuq id-drogi

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/488/KE tat-18 ta' Ġunju 2003 dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa assoċjati mad-dipendenza fuq id-drogi

Skeda: ma hemm l-ebda hteġa ta' inizjattiva leġiżlattiva.

L-Alkoħol

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2001/458/KE tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar ix-xorb tal-alkoħol miż-żgħażaġh, b'mod partikolari mit-tfal u l-adoloxxenti

Skeda: ma hemm l-ebda hteġa ta' inizjattiva leġiżlattiva.

Il-kanċer

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/878/KE tat-2 ta' Diċembru 2003 dwar l-iskrinjar għall-kanċer

Skeda: ma hemm l-ebda hteġa ta' inizjattiva leġiżlattiva.

Il-prevenzjoni tal-korrimenti u l-promozzjoni tas-sikurezza

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2007 dwar il-prevenzjoni tal-korriment u l-promozzjoni tas-sikurezza

Skeda: ma hemm l-ebda hteġa ta' inizjattiva leġiżlattiva.

ANNEX XLII TAL-KAPITOLU 23

EDUKAZZJONI, TAĦRIĠ U ŻGĦAŻAGĦ

- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar iktar kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità tal-edukazzjoni ogħla (2006/143/KE)
 - Ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-qafas Ewropew tal-kwalifiki għall-edukazzjoni u t-taħriġ tul il-ħajja kollha (2008/C 111/01)
-

ANNESI TAT-TITOLU VI:IL-KOOPERAZZONI FINANZJARJA, B'DISPOŻIZZJONIJET KONTRA L-FRODI

ANNEX XLIII TAT-TITOLU VI

IL-KOOPERAZZONI FINANZJARJA, B'DISPOŻIZZJONIJET KONTRA L-FRODI

Dispożizzjonijiet kontra l-frodi u ta' kontroll

Definizzjonijiet

Għall-finijiet tat-*Titolu VI* (*Kooperazzjoni Finanzjarja, b'Dispożizzjonijiet kontra l-Frodi*) ta' dan il-Ftehim, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin.

"Irregolarità" għandha tfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-UE, dan il-Ftehim jew ftehimiet u kuntratti li jsegwu minnu, li jirriżulta minn att jew nuqqas ta' operatur ekonomiku, li għandu, jew li jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-budget ġenerali tal-UE jew il-budgets mmexxija minnhom, jew billi jnaqqas jew jitlef id-dħul li jakkumula minn riżorsi tagħhom stess miġbura direttament jew għan-nom tal-UE, jew permezz ta' nefqa mhux ġustifikata.

"Frodi" għandha tfisser kull att intenzjonat jew ommissjoni marbut ma':

- (a) l-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompleti, li jkollhom bħala effett l-appropriazzjoni jew iż-żamma bla dritt ta' fondi mill-budget ġenerali tal-UE jew mill-budgets amministrati minn, jew f'isem, l-UE;
- (b) in-nuqqas li tinkixef informazzjoni bi ksur ta' xi obbligu speċifiku, bl-istess effett;
- (c) l-użu ħażin ta' fondi bħal dawn għal finijiet għajr dawk li għalihom ġew oriġinarjament mogħtija;

"Korruzzjoni attiva" tfisser l-azzjoni maħsuba ta' kwalunkwe persuna li twiegħed, jew tagħti, direttament jew permezz ta' intermedjarju, kwalunkwe vantaġġ lil uffiċjali għalih innifsu jew għal parti terza li jaġixxi jew jonqos milli jaġixxi skont id-dmirijiet tiegħu jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bi ksur tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu b'mod li jagħmel ħsara jew li jkun probabbli li jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE.

"Korruzzjoni passiva" tfisser l-azzjoni maħsuba ta' uffiċjal li, direttament jew permezz ta' intermedjarju, jitlob jew jirċievi vantaġġi ta' kwalunkwe tip, għalih innifsu jew għal parti terza, li jaċċetta wegħda ta' vantaġġ bħal dak, li jaġixxi jew jonqos milli jaġixxi skont id-dmirijiet tiegħu jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bi ksur tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu b'mod li jagħmel ħsara jew li jkun probabbli li jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE.

"Kunflitt ta' interess" jitqies li jkun jeżisti f'kull sitwazzjoni li tkun tista' titfa' dubju fuq l-abbiltà tal-persunal li jaġixxi b'manjera imparzjali u oġġettiva għal raġunijiet li jinvolvu l-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità politika jew nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess kondiviż ieħor ma' offerent, applikant jew benefiċjarju, jew li jista' raġjonevolment jidher li jkun hekk minn parti terza esterna.

"Imħallas b'mod mhux misthoq" tfisser ħlas li jsir bi ksur tar-regoli dwar il-fondi tal-UE.

L-"Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi" huwa d-dipartiment speċjalizzat tal-Kummissjoni Ewropea għal kontra l-frodi. L-Uffiċċju jgawdi indipendenza operattiva u huwa responsabbli li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi maħsuba biex jiġu miġġielda l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa ħażin l-interessi finanzjarji tal-UE, kif stipulat fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 1999 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 li jikkonċerna investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifika u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettaqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra.

"Aġenzija tal-gvern li tiffinanzja" tfisser l-awtorità eżekuttiva relevanti tal-Ukrajna, li tirċievi riżorsi finanzjarji mill-UE bil-għan li timplimenta l-assistenza finanzjarja tal-UE.

*Artikolu 1***L-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni ulterjuri fil-livell operattiv**

1. Bil-għan li dan l-Anness ikun implimentat kif xieraq, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna u tal-UE għandhom fuq bażi regolari jiskambjaw informazzjoni u, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, imexxu konsultazzjonijiet.
2. L-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi jista' jilħaq qbil mal-kontropartijiet tiegħu fl-Ukrajna dwar kooperazzjoni ulterjuri fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi inkluż permezz ta' arranġamenti operattivi mal-awtoritajiet tal-Ukrajna fejn jidħlu investigazzjonijiet speċifiċi.
3. Meta tiġi kkomunikata dejta personali għandu japplika l-Artikolu 10 tal-Anness XLIII ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 2***Il-prevenzjoni ta' irregolaritajiet, frodi u korruzzjoni**

1. L-awtoritajiet tal-Ukrajna u tal-UE għandhom jivverdikaw b'mod regolari li l-operazzjonijiet ifffinanzjati b'fondi tal-UE jkunu ġew implimentati kif jixraq. Għandhom jieħdu kull miżura xierqa biex jipprevnu u jirrimedjaw irregolaritajiet u frodi.
2. L-awtoritajiet tal-Ukrajna u tal-UE għandhom jieħdu kull miżura xierqa biex jipprevnu u jirrimedjaw kull prassi ta' korruzzjoni attiva jew passiva u jeskludu kull kunflitt ta' interess fi kwalunkwe stadju tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratti jew għotjiet jew fl-implimentazzjoni tal-kuntratti relatati.
3. L-awtoritajiet tal-Ukrajna għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe miżura preventiva li tkun ittiegħet. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet Ukraini dwar l-iżvilupp tal-miżuri preventivi tagħha, kif ikun xieraq.
4. Fil-każ tal-implimentazzjoni ta' strumenti ta' assistenza finanzjarja permezz ta' ġestjoni deċentralizzata u ġestjoni ċentralizzata indiretta, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tikseb evidenza skont l-Artikolu 56 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002.

Għanda tkun intitolata wkoll li tikseb evidenza li l-proċeduri dwar xiri pubbliku u għotjiet jissodisaw il-prinċipji ta' trasparenza, trattament indaqs u mhux diskriminatorju, jipprevnu kull kunflitt ta' interess, joffru garanziji ekwivalenti għal standards aċċettati internazzjonalment u jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja soda.

Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna għandhom jagħtu lill-Kummissjoni fi żmien raġjonevoli kull informazzjoni marbuta mal-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE li titlob u għandhom jinfurmawha mingħajr dewmien b'kull bidla sostanzjali fil-proċeduri jew sistemi tagħhom.

5. Meta jintroduċu jew jimplementaw miżuri preventivi ġodda, l-awtoritajiet tal-Ukrajna jistgħu jibbenifikaw mill-kompetenza esperta tal-Kummissjoni.

*Artikolu 3***L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni**

Il-Partijiet għandhom jiżguraw li ssir investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' każijiet suspettati, jew każijiet attwali, ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe irregolarità oħra, inkluż il-kunflitt ta' interess, wara kontrolli nazzjonali jew tal-UE. Fejn ikun xieraq, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi jistgħu jasistu lill-awtoritajiet kompetenti Ukraini f'dan il-kompitu.

*Artikolu 4***Il-komunikazzjoni ta' irregolaritajiet**

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni mingħajr telf ta' żmien kull informazzjoni li jsiru jafu biha dwar każijiet suspettati, jew każijiet attwali, ta' frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe irregolarità oħra, inkluż kunflitt ta' interess, fraġta mal-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE. F'każ ta' suspett ta' frodi u korruzzjoni, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi għandu wkoll ikun infurmat.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna għandhom jirrapportaw ukoll kull miżura meħuda fraġta mal-fatti kkomunikati skont dan l-artikolu. F'każ li ma jkun hemm l-ebda każijiet sospettati jew attwali ta' frodi, korruzzjoni, jew kwalunkwe irregolarità oħra x'jiġu rrapportati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni wara t-tmien ta' kull sena kalendarja.

3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, kif ikun xieraq, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna bl-informazzjoni relevant dwar ix-xejriet u l-modus operandi fejn jidħlu l-frodi u l-korruzzjoni.

4. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jiddefinixxi lill-Kummissjoni l-modalitajiet għat-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna.

Artikolu 5

Awditjar

1. Il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandhom jeżaminaw jekk in-nefqa kollha relatata mal-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE tkunx irriżultat b'manjera legali u regolari u jekk il-ġestjoni finanzjarja kinitx soda.

L-awditjar għandu jsir abbażi kemm tal-impenji meħuda kif ukoll tal-ħlasijiet li jkunu saru. Għandhom ikunu bbażati fuq id-dokumenti u, jekk ikun hemm bżonn, jitwettqu fil-bini u l-uffiċċji ta' kwalunkwe entità li tiġġestixxi jew tieħu parti fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE. L-awditjar jista' jsir qabel għeluq il-kontijiet għas-sena finanzjarja in kwistjoni u għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-ħlas tal-bilanċ

L-ispetturi tal-Kummissjoni jew kwalunkwe persuna maħtura mill-Kummissjoni jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jistgħu iwettqu kontrolli ta' dokumenti jew fuq il-post u awditjar fl-uffiċċji ta' kwalunkwe entità li tiġġestixxi jew tieħu sehem fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE u tas-sottokuntratturi fl-Ukrajna.

2. Il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandu jkollhom aċċess xieraq għal siti, xogħlijiet u dokumenti u għal kull informazzjoni meħtieġa bil-għan li jsir dan l-awditjar, inkluż ukoll f'forma elettronika. Dan id-dritt ta' aċċess għandu jkun ikkomunikat lill-istituzzjonijiet pubbliċi tal-Ukrajna u għandu jkun iddikjarat b'mod espliċitu fil-kuntratti konklużi għall-implimentazzjoni tal-istrumenti msemmija f'dan il-Ftehim.

3. Il-kontrolli u l-awditjar deskritti hawn fuq huma applikabbli għall-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li jkunu rċevew direttament jew indirettament fondi mill-UE. Fit-tweġġ tal-kompiti tagħhom, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-entitajiet tal-awditjar tal-Ukrajna għandhom jikkooperaw fi spirtu ta' fiduċja filwaqt li jżommu l-indipendenza tagħhom.

Artikolu 6

Kontrolli fuq il-post

1. Fi ħdan il-qafas ta' dan il-Ftehim, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi għandu jiġi awtorizzat li jwettaq kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post sabiex jiproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra fit-territorju tal-Ukrajna, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996.

Fit-tweġġ ta' dawn il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post l-uffiċjali tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni r-regoli tal-leġiżlazzjoni tal-Ukrajna kif ikun xieraq.

2. Il-kontrolli u l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom jitħejjew u jitmexxew mill-Uffiċċju Ewropea Kontra l-Frodi f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti ta' kontra l-frodi tal-Ukrajna.

L-awtoritajiet tal-Ukrajna għandhom jiġu nnotifikati bil-mira, l-iskop u l-bażi legali tal-kontrolli u l-ispezzjonijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovdu l-għajjnuna kollha rekwiżita. Għal dan il-għan, l-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukrajna, jistgħu jipparteċipaw f'kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

3. Jekk l-awtoritajiet ikkonċernati tal-Ukrajna jesprimu l-interess tagħhom, ikunu jistgħu jagħmlu kontroll u spezzjonijiet fuq il-post b'mod konġunt mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi.

4. Jekk il-benefiċjarji ta' fondi tal-UE jesprimu reżistenza kontra xi kontroll jew spezzjoni fuq il-post, l-awtoritajiet tal-Ukrajna, b'konformità mar-regoli nazzjonali, għandhom jagħtu l-assistenza meħtieġa lill-ispetturi tal-Kummissjoni biex ikun jistgħu jaqdu dmirijietom ta' kontroll u spezzjoni fuq il-post.

*Artikolu 7***Miżuri u sanzjonijiet amministrattivi**

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi kriminali tal-Ukrajna, il-Kummissjoni tista' timponi miżuri u penali amministrattivi f'konformità mar-Regolamenti (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 u (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 u mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 8***Irkupru**

1. L-awtoritajiet tal-Ukrajna għandhom jieħdu kull miżura xierqa biex jirkupraw għall-aġenzija governattiva tal-iffinanzjar, fondi tal-UE li jkunu mħallsa bla mistħoqq.

Meta l-awtoritajiet tal-Ukrajna jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE, il-Kummissjoni hija intitolata li tirkupra fondi tal-UE li jkunu mħallsa bla mistħoqq, b'mod partikolari permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji. Il-Kummissjoni se tieħu f'kunsiderazzjoni l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-Ukrajna biex ma tħalliex li jintilfu l-fondi tal-UE kkonċernati.

Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-Ukrajna dwar il-materja, qabel tieħu xi deċiżjoni dwar irkupru. Disputi dwar l-irkupru jiġu diskussi fil-Kunsill tal-Assoċjazzjoni.

2. Meta l-Kummissjoni timplimenta fondi tal-UE direttament jew indirettament billi tafda kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil partijiet terzi, deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-kapitolu dwar il-kooperazzjoni finanzjarja ta' dan il-Ftehim, li jimponu obbligu finanzjarju fuq persuni bl-eċċezzjoni ta' Stati, għandhom ikunu infurzabbli fl-Ukrajna skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) L-infurzar għandu jkun regolat bir-regoli tal-proċedura ċivili li jkunu qed iseħħu fl-Ukrajna. Id-digriet ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni għandu jkun anness magħha, mingħajr il-ħtieġa ta' xi formalità oħra, ħlief il-verifika tal-awtentiċità tad-deċiżjoni, mill-awtorità nazzjonali li l-Gvern tal-Ukrajna jaħtar għal dan il-għan u li jgħarraf biha lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(b) Wara t-tweqqif ta' dawn il-formalitajiet fuq it-talba tal-parti kkonċernata, din tal-aħħar tista' tipproċedi bl-infurzar skont il-liġi tal-Ukrajna, billi tressaq il-kwestjoni direttament quddiem l-awtorità kompetenti.

(c) L-infurzar jista' jiġi sospiża biss b'deċiżjoni tal-Qorti. Madanakollu, il-qrati tal-Ukrajna kkonċernati għandu jkollhom ġurisdizzjoni fuq ilmenti dwar tweqqif irregolari ta' infurzar.

3. L-ordni ta' infurzar għandha tinħareġ, mingħajr l-ebda kontroll ulterjuri ħlief għall-verifika tal-awtentiċità tal-att, mill-awtoritajiet maħtura mill-gvern tal-Ukrajna. L-infurzar għandu jseħħ f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-Ukrajna. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-infurzar għandha tkun soġġetta għal kontroll mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

4. Sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE skont klawżola ta' arbitraġġ f'kuntratt fi ħdan l-ambitu ta' dan l-Anness għandhom ikunu infurzabbli bl-istess kundizzjonijiet.

*Artikolu 9***Kunfidenzjalità**

L-informazzjoni kkomunikata jew akkwistata fi kwalunkwe għamla taħt dan l-Anness għandha tkun koperta bis-segretzza professjonali u protetta bl-istess mod ta' kif informazzjoni simili hija protetta bil-liġi tal-Ukrajna u bid-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-UE. Tali informazzjoni ma tistax tiġi kkomunikata għajr lil persuni fl-istituzzjonijiet tal-UE, fl-Istati Membri jew fl-Ukrajna, li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu jafu biha, l-anqas ma tista' tintuża għal għanijiet oħra ħlief dawk biex ikun żgurat il-ħarsien effettiv tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

*Artikolu 10***Protezzjoni tad-data**

1. Il-komunikazzjoni ta' dejta personali għandha sseħħ biss jekk tali komunikazzjoni tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina jew tal-UE skont il-każ. Meta jkunu qed jikkomunikaw, jipproċessaw jew jittrattaw dejta personali f'xi każ partikolari, f'konformità mal-Artikolu 15, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina għandhom iżommu mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Ukraina, u l-Awtoritajiet tal-UE għandhom iżommu mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u dwar il-movement liberu ta' dak id-data.

2. B'mod partikolari għandhom japplikaw għal tali komunikazzjoni l-istandards tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali, iffirmata fit-28 ta' Jannar 1981 (ETS Nru 108) u tal-Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali, għar-rigward tal-Awtoritajiet Superviżorji u Flussu tad-Dejta bejn il-fruntier, iffirmata fit-8 ta' Novembru 2001 (ETS Nru 181).

3. Barra minn hekk, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) kemm l-awtorità li tikkomunika kif ukoll l-awtorità li tirċeviha għandhom jieħdu kull pass raġonevoli biex jiżguraw kif xieraq il-korrezzjoni, it-tħassir jew l-imblukkar tad-dejta personali fejn l-ipproċessar tagħha ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari għaliex dik id-dejta ma tkunx xierqa, adegwata, preċiża jew għaliex tkun eċċessiva fir-rigward tal-fini tal-ipproċessar. Dan jinkludi n-notifika ta' kwalunkwe rettifika, tħassir jew imblukkar għall-Parti l-oħra;
- (b) fuq talba, l-awtorità li tirċievi għandha tinforma lill-awtorità li tikkomunika dwar l-użu tad-dejta kkomunikata u r-riżultati miksuba minnha;
- (c) id-dejta personali tista' tkun komunikata biss lill-awtoritajiet kompetenti. Komunikazzjoni ulterjuri lil entitajiet oħrajn teħtieġ kunsens minn qabel tal-awtorità li tikkomunika kompetenti;
- (d) l-awtorità li tikkomunika u l-awtorità li tirċievi huma obbligati li jirreġistraw bil-miktub il-komunikazzjoni u l-wasla ta' dejta personali.

ANNEX XLIV TAT-TITOLU VI

IL-KOOPERAZZONI FINANZJARJA, B'DISPOŻIZZJONIJIET KONTRA L-FRODI

L-Ukrajna tassumi l-impenn li gradwalment tqarreb il-leġiżlazzjoni tagħha għal-leġiżlazzjoni li ġejja tal-UE fi żmien perjodi stipulati:

- Il-Konvenzjoni tal-UE tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;
- Artikolu 1 Dispożizzjonijiet ġenerali, tifsir;
- Artikolu 2 (1) billi jittieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġi żgurat li l-imġieba msemmija fl-Artikolu 1, u l-fatt li wieħed jipparteċipa fi, jistiga, jew jipprova jwettaq l-imġieba msemmija fl-Artikoli 1 (1), tkun punibbli permezz ta' penali kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi;
- Artikolu 3 – Responsabbiltà kriminali tal-kapijiet ta' negozji.

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Il-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej:

- Artikolu 1(1)(c) u Artikolu 1(2) - Tifsiriet rilevanti
- Artikolu 2 – Korruzzjoni passiva
- Artikolu 3 – Korruzzjoni attiva
- Artikolu 5 (1) billi jittieħdu l-miżuri neċessarji biex jiġi żgurat li l-imġieba msemmija fl-Artikolu 2 u 3, u l-fatt li wieħed jipparteċipa fi, u jistiga, l-imġieba msemmija, tkun punibbli permezz ta' penali kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- Artikolu 7 safejn dan jirreferi għall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

It-Tieni Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej

- Artikolu 1 - Tifsir
- Artikolu 2 – Ħasil tal-flus
- Artikolu 3 – Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi
- Artikolu 4 – Sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi
- Artikolu 12 safejn dan jirreferi għall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni

Skeda: dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu implimentati fi żmien ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

PROTOKOLL 1**dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva****WERREJ**

TITOLU I	DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI
Artikolu 1	Definizzjonijiet
TITOLU II	ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW"
Artikolu 2	Ir-rekwiżiti ġenerali
Artikolu 3	Akkumulazzjoni fl-Unjoni Ewropea
Artikolu 4	Akkumulazzjoni fl-Ukraina
Artikolu 5	Prodotti miksuba għal kollox
Artikolu 6	Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed
Artikolu 7	Mhux maħduma jew ipproċessati biżżejjed
Artikolu 8	L-unità ta' kwalifika
Artikolu 9	L-aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod
Artikolu 10	Sets
Artikolu 11	Elemanti newtrali
TITOLU III	REKWIŻITI TERRITORJALI
Artikolu 12	Prinċipju ta' territorjalità
Artikolu 13	Trasport dirett
Artikolu 14	Wirjiet
TITOLU IV	TEĦID LURA JEW EŻENZJONI
Artikolu 15	Projbizzjoni ta' rifużjoni ta' dazji doganali jew eżenzjoni minnhom
TITOLU V	PROVA TA' ORIĠINI
Artikolu 16	Ir-rekwiżiti ġenerali
Artikolu 17	Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1
Artikolu 18	Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament
Artikolu 19	Ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 idduplikat
Artikolu 20	Ħruġ ta' ċertifikati ta' moviment EUR.1 fuq il-bażi tal-prova ta' oriġini maħruġa jew magħmula preċedentament
Artikolu 21	Firda fil-kontabbiltà
Artikolu 22	Kondizzjonijiet għall-kumpilazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-fattura

- Artikolu 23 Esportatur Approvat
- Artikolu 24 Validità tal-prova ta' oriġini
- Artikolu 25 Preżentazzjoni tal-provi ta' oriġini
- Artikolu 26 Importazzjoni gradwali
- Artikolu 27 Eżenzjoni mill-provi ta' oriġini
- Artikolu 28 Dokumenti ta' sostenn
- Artikolu 29 Preżervazzjoni tal-Prova ta' Oriġini u tad-Dokumenti ta' Sostenn
- Artikolu 30 Id-diskrepanzi u l-iżbalji formali
- Artikolu 31 Ammonti mfissra feuro
- TITOLU VI ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA
- Artikolu 32 Għajnuna reċiproka
- Artikolu 33 Verifika tal-Provi tal-Oriġini
- Artikolu 34 Riżoluzzjoni tat-tilwim
- Artikolu 35 Penalijiet
- Artikolu 36 Iż-żoni ħielsa
- TITOLU VII CEUTA U MELILLA
- Artikolu 37 Applikazzjoni tal-Protokoll
- Artikolu 38 Kundizzjonijiet Speċjali
- TITOLU VIII DISPOŻIZZJONIJIET FINALI
- Artikolu 39 Emendi fil-Protokoll

LISTA TA' ANNESSI

- Anness I: Noti introdutturji għal-lista fl-Anness II
- Anness II: Lista tax-xogħol jew l-ipproċessar meħtieġa li jsiru fuq materjali mhux oriġinanti sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb l-istatus ta' oriġini
- Anness III: EŻEMPJI TA' ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT EUR.1 U APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT EUR.1
- Anness IV: It-test tad-dikjarazzjoni tal-fattura

Dikjarazzjonijiet Konġunti

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Prinċipalità ta' Andorra

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-reviżjoni tar-regoli tal-oriġini li jinsabu f'dan il-Protokoll

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

- (a) "manifattura" tfisser kull xorta ta' xogħol jew ipproċessar inklużi l-assemblaġġ jew ħidmiet speċifiċi;
- (b) "materjal" tfisser kull ingredjent, materjal mhux maħdum, komponent jew parti, eċċ., użat fil-fabbrikazzjoni tal-prodott;
- (c) (ċ) "prodott" tfisser il-prodott li jkun fabbrikat, anke jekk ikun maħsub għal użu aktar tard fxi operazzjoni ta' fabbrikazzjoni oħra;
- (d) "merkanziji" tfisser kemm materjali u prodotti;
- (e) "valur doganali" tfisser il-valur kif determinat skont il-Ftehim tal-1994 dwar l-implementazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim tad-WTO dwar il-Valutazzjoni Doganali);
- (f) "prezz mill-fabbrika" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott kif joħroġ mill-fabbrika lill-manifattur fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina li l-aħħar ħidma jew ipproċessar saru fl-intrapriża tiegħu, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, b'kull taxxa interna li tiġi, jew li tista' tiġi, imħallsa lura meta l-prodott li jinkiseb jiġi esportat mnaqqsa minnu;
- (g) "valur ta' materjali" tfisser il-valur doganali meta jiġu importati l-materjali mhux oriġinanti li jintużaw, jew, jekk dan mhuwiex magħruf u ma jistax jiġi vverifikat, il-prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina;
- (h) "il-valur tal-materjali li joriġinaw" tfisser il-valur doganali ta' tali materjali kif definit fis-subparagrafu (g) applikat *mutatis mutandis*;
- (i) "valur miżjud" hija l-prezz mill-fabbrika bl-esklużjoni bil-valur doganali ta' kull wieħed mill-materjali inkorporati li joriġina fil-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan il-Protokoll jew, meta l-valur doganali mhuwiex magħruf jew ma jistax jiġi vverifikat, l-ewwel prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina;
- (j) "kapitoli" u "intestaturi" ifissru l-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi b'erba' ċifri) użati fin-nomenklatura li tiffirma d-Deskrizzjoni Armonizzata ta' Komodità u Sistema ta' Kodiċi, imsemmija f'dan il-Protokoll bħala "is-Sistema Armonizzata" jew "SA";
- (k) "klassifikat" tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt xi intestatura partikolari;
- (l) "kunsinna" tfisser il-prodotti li jkunu ġew mibgħuta jew simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn destinatariju wieħed jew koperti b'dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ispedizzjoni tagħhom mingħand l-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura waħda;
- (m) "territorji" tinkludi l-ibħra territorjali.

TITOLU II

ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW"*Artikolu 2***Ir-reqwiżiti ġenerali**

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea:

- (a) il-prodotti miksuba għal kollox fl-Unjoni Ewropea skont it-tifsira tal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll;
- (b) prodotti miksuba fl-Unjoni Ewropea li jinkorporaw materjali li ma ġewx miksuba għal kollox hemmhekk, iżda li dawn il-materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fl-Unjoni Ewropea fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll.

2. Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw fl-Ukraina:

- (a) prodotti miksuba għal kollox fl-Ukraina fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll;
- (b) prodotti miksuba fl-Ukraina li jinkorporaw materjali li ma ġewx miksuba għal kollox hemmhekk, iżda li dawn il-materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fl-Ukraina fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 3***Akkumulazzjoni fl-Unjoni Ewropea**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(1) ta' dan il-Protokoll, il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jekk tali prodotti jinkisbu hemm, jinkorporaw materjali li joriġinaw fl-Ukraina skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-orijini annessi mal-Ftehim, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fl-Unjoni Ewropea jkun aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll. Mhuwiex se jkun meħtieġ li daww il-materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed.

*Artikolu 4***Akkumulazzjoni fl-Ukraina**

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(2) ta' dan il-Protokoll, il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Ukraina jekk tali prodotti jinkisbu hemm, jinkorporaw materjali li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea skont id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar ir-regoli tal-orijini annessi mal-Ftehim, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fl-Ukraina jkun aktar mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll. Mhuwiex se jkun meħtieġ li dawn il-materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed.

*Artikolu 5***Prodotti miksuba għal kollox**

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala miksuba għal kollox mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ukraina:

- (a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija tagħhom jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;
- (b) prodotti tal-ħxejjex maħsuda hemmhekk;
- (c) annimali ħajjin imwiġda u mrobbija hemmhekk;

- (d) prodotti minn animali ħajjin imrobbija hemmhekk;
- (e) prodotti akkwistati mill-kaċċa jew mis-sajd imwettqa hemmhekk;
- (f) prodotti tas-sajd mill-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħar "il barra mill-ibħra territorjali tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina mill-bastimenti tagħhom;
- (g) prodotti magħmula fuq il-bastimenti tagħhom li jipproċessaw il-ħut esklużivament mill-prodotti msemmija f'(f);
- (h) oġġetti użati miġbura hemmhekk tajbin biss għall-irkupru ta' materji prima, inklużi tajers użati adattati biss biex jitfellihom mill-ġdid il-wiċċ ta' barra jew għal użu bħala skart;
- (i) skart u bċejeċ li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' manifattura mwettqa hemmhekk;
- (j) prodotti estratti mill-ħamrija jew mis-saff ta' taħt il-ħamrija marittima lil hinn mill-ibħra territorjali tagħhom, sakemm ikollhom id-drittijiet esklużivi li jaħdmu dik il-ħamrija jew is-saff ta' taħt dik il-ħamrija;
- (k) merkanziji prodotti hemmhekk esklużivament minn prodotti speċifikati fis-sottoparagrafi (a) sa (j) ta' dan l-Artikolu.

2. It-termini "il-bastimenti tagħhom" u "il-bastimenti tagħhom li jipproċessaw il-ħut" fil-paragrafu 1(f) u (g) ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għall-bastimenti u għall-bastimenti li jipproċessaw il-ħut:

- (a) li huma rreġistrati jew elenkati fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina;
- (b) li jbaħħru bil-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina;
- (c) li huma l-proprjetà sal-limitu ta' mill-anqas 50 fil-mija minn ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina, jew minn kumpanija li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'wieħed minn dawk l-Istati, li l-manijer jew manijers tagħha, il-President tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord tas-Superviżjoni tagħha u l-maġġoranza tal-membri ta' tali bordijiet ikunu ċittadini ta' Stati Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina, u li minnhom, barra minn dan, fil-każ ta' soċjetajiet kummerċjali jew kumpaniji b'responsabbiltà limitata, mill-anqas nofs il-kapital ikun proprjetà ta' dawk l-Istati jew ta' korpi pubbliċi jew ta' ċittadini tal-Istati msemmija;
- (d) li l-kaptan u l-uffiċjali tagħhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina;

u

- (e) li għandhom mill-anqas 75 fil-mija tal-ekwipaġġ li huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina;

Artikolu 6

Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

1. Għall-għanijiet tal-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll, il-prodotti li ma jkunux kompletament miksuba huma meqjusa li jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed meta jilhqgħu l-kondizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II ta' dan il-Protokoll.

Il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq jindikaw, għall-prodotti kollha koperti bil-Ftehim, il-ħidma jew l-ipproċessar li għandhom jitwettqu fuq materjali mhux oriġinanti li jintużaw fil-manifattura u japplikaw biss fir-rigward ta' materjali bħal dawn. Għaldaqstant, huwa xieraq li jekk prodott li jkun kiseb status ta' oriġini billi jkun issodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-prodott li fih jiġi inkorporat ma japplikawx għalih, u ma għandhomx jitqiesu l-materjali mhux oriġinanti li setgħu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

2. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1, materjali mhux oriġinanti li, skont il-kondizzjonijiet stipulati fil-lista, ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott, jistgħu jintużaw xorta waħda sakemm:

- (a) il-valur totali tagħhom ma jkunx jeċċedi l-10 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott;
- (b) l-ebda wieħed mill-perċentwali mogħtija fil-lista għall-valur massimu ta' materjali mhux oriġinanti ma jinqabeż bl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu m'għandux japplika għall-prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 7

Mhux maħduma jew ipproċessati biżżejjed

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dawn l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu li ma ġewx maħduma jew ipproċessati biżżejjed biex jingħata l-istatus ta' prodott li joriġinaw, kemm jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll kif ukoll jekk le:

- (a) operazzjonijiet ta' preżervazzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;
- (b) tqassim u assemblaġġ ta' pakketti;
- (c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebġa jew kisi ieħor;
- (d) mogħdija jew pressa tat-tessuti;
- (e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebġa u lostru;
- (f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar parzjali jew totali, illustrar u gglejżjar ta' ċereali u rossi;
- (g) operazzjonijiet sabiex jingħata l-kulur liz-zokkor jew sabiex jiġu f'furmati ċangaturi taz-zokkor; tħin parzjali jew totali ta' zokkor kristallizat;
- (h) tqaxxir, tneħħija tal-għadma jew fsiq ta' frott, ġewż u ħaxix;
- (i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;
- (j) tgħarbil, skrinjar, issortjar, klassifikazzjoni, tqabbil; (inkluż l-immuntar f'settijiet ta' oġġetti);
- (k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, fjasketti, boroż, kontenituri, kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħra kollha ta' ppakkjar;
- (l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali oħra simili ta' distinzjoni fuq il-prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;
- (m) taħlit sempliċi tal-prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le, inkluż it-taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe materjal;
- (n) immuntar sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jikkostitwixxu oġġett sħiħ jew iż-żarmar ta' prodott f'partijiet;
- (o) tagħqid ta' żewġ operati jew aktar speċifikati f'sottoparagrafi (a) sa (n);
- (p) tbiċċir ta' animali.

2. L-operazzjonijiet kollha li jitwettqu fuq prodott speċifikat fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina għandhom jitqiesu flimkien meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħal mhux biżżejjed skont it-tifsira tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

L-unità ta' kwalifika

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandha tkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

Minn dan joħroġ li:

- (a) meta prodott magħmul minn grupp jew numru ta' oġġetti jkun ikklassifikat skont it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, dan jifforma unità ta' kwalifikazzjoni kollu kemm hu;
 - (b) meta kunsinna tkun magħmula minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.
2. Meta, skont ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-imballaġġ ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, għandu jkun inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-orijini.

Artikolu 9

L-aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod

L-aċċessorji, partijiet ta' rikambju u għodod mibgħuta ma' biċċa tagħmir, makkinarju, apparat jew vettura, li jkunu parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tiegħu jew li ma tkunx inħarġitilhom fattura separata, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mat-tagħmir, il-makkinarju, l-apparat jew il-vettura kkonċernata.

Artikolu 10

Sets

Is-sets, kif inhuma definiti fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala prodotti tal-orijini meta l-prodotti komponenti kollha jkunu tal-orijini. Madankollu, meta sett ikun kompost minn prodotti li jorijinaw u oħrajn mhux orijinanti, is-sett sħiħ għandu jitqies bħala orijinanti, sakemm il-valur tal-prodotti mhux orijinanti ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika tas-sett.

Artikolu 11

Elementi newtrali

Sabiex ikun iddeterminat jekk prodott ikunx ta' orijini, ma għandux ikun meħtieġ li tkun determinata l-orijini ta' dawn li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

- (a) l-enerġija u l-karburant;
- (b) impjant u tagħmir;
- (c) makkinarju u għodda;
- (d) merkanziji li ma jidħlux u li mhumiex intenzjonati li jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 12

Prinċipju ta' territorjalità

1. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan il-Protokoll u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet sabiex jinkiseb status ta' oriġini li jinsabu fit-Titolu II għandhom ikunu sodisfatti mingħajr interruzzjoni fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina.

2. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan il-Protokoll, meta merkanziji oriġinanti li huma esportati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ukraina lejn pajjiż ieħor jirritornaw, għandhom jitqiesu bħala mhux oriġinanti, sakemm ma jkunx jista' jintwera, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(a) il-merkanziji li jerġgħu lura jkunu l-istess bħal daww esportati;

u

(b) ma saritlhom l-ebda operazzjoni aktar minn dak meħtieġ sabiex ikunu ppriservati waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt l-esportazzjoni.

3. L-akkwist ta' status ta' oriġini skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Titolu II ta' dan il-Protokoll ma għandux ikun effettwat minn xogħol jew ipproċessar li jsir barra mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ukraina fuq materjali esportati mill-Unjoni Ewropea jew mill-Ukraina u, sussegwentement, importat hemm mill-ġdid, sakemm:

(a) il-materjali msemmija jkunu miksuba għal kollox fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina jew għaddew minn xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll qabel ma ġew esportati;

u

(b) jista' jintwera b'mod li jissodisfa lill-awtoritajiet doganali li:

(i) il-merkanziji impurtati mill-ġdid ikunu nkisbu billi sar xogħol jew ipproċessar fuq il-materjali esportati;

u

(ii) il-valur miżjud totali akkwistat barra mill-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jkunx jaqbeż l-10 fil-mija tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott finali li għalih qiegħed jintalab status ta' oriġini.

4. Għall-għanijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet għall-akkwist ta' status ta' oriġini stipulat fit-Titolu II ta' dan il-Protokoll ma għandhomx japplikaw għal xogħol jew ipproċessar li jkun sar barra mill-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina. Iżda, fejn, fil-lista fl-Anness II ta' dan il-Protokoll, tiġi applikata regola li tistabbilixxi valur massimu għall-materjali kollha mhux oriġinanti inkorporati fid-determinazzjoni tal-istatus ta' oriġini tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali mhux oriġinanti inkorporati fit-territorju tal-parti kkonċernata, meħuda flimkien mal-valur miżjud totali miksub barra mill-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, m'għandux ikun aktar mill-perċentwali msemmija.

5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, il-"valur miżjud totali" għandu jfisser l-ispejjeż kollha li jinqalgħu barra mill-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina, inkluż il-valur tal-materjali inkorporati hemm.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għal prodotti li ma jkunux jissodisfaw il-kundizzjonijiet elenkati fil-lista fl-Anness II ta' dan il-Protokoll jew li jkunu jistgħu jitqiesu bħala maħdumin jew ipproċessati biżżejjed fil-każ biss li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 6(2) ta' dan il-Protokoll.

7. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-Kapitoli minn 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

8. Kull xogħol jew ipproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u li jsir barra mill-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina għandu jsir taħt l-arranġament dwar l-ipproċessar estern, jew arranġamenti simili.

Artikolu 13

It-trasport dirett

1. It-trattament preferenzjali previst taħt il-Ftehim japplika biss għal prodotti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll, li huma trasportati direttament bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina. Madankollu, prodotti li jiffurmaw konsenja waħda jistgħu jkunu trasportati minn territorji oħrajn u, jekk ikun il-każ, ikunu trasbordati jew maħżuna temporanjament f'tali territorji, sakemm jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż fejn isir it-tranżitu jew il-ħażna u ma jsirux operazzjonijiet fuqhom għajr ħatt, tagħbija jew kwalunkwe operazzjoni maħsuba sabiex jibqgħu f'kundizzjoni tajba.

Prodotti li joriġinaw jistgħu jiġu trasportati permezz ta' pajp li jgħaddi minn territorju li mhuwiex dak tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina.

2. Evidenza li l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ikunu ġew issodisfati tista' tkun fornita lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni bil-produzzjoni ta':

(a) dokument uniku tat-trasport li jkopri l-passaġġ mill-pajjiż tal-esportazzjoni u li jgħaddi mill-pajjiż tat-tranżitu; jew

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tranżitu:

(i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;

(ii) li jiddikjara d-dati tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid tal-prodotti u, meta applikabbli, l-ismijiet tal-vapuri jew tal-mezzi l-oħrajn tat-trasport użati;

u

(iii) li jiċċertifika l-kondizzjonijiet li taħtom il-prodotti kienu baqgħu fil-pajjiż tat-tranżitu; jew

(c) fin-nuqqas ta' dawn, kull dokument ieħor ta' prova.

Artikolu 14

Wirjiet

1. Prodotti li joriġinaw, mibgħuta għall-wirja f'pajjiż li mhuwiex pajjiż fl-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina u mibjugħa wara l-esebizzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina għandhom jibbenefikaw meta ssir l-importazzjoni mid-dispożizzjonijiet tal-Ftehim sakemm jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(a) esportatur ikun ikkonsenja dawn il-prodotti mill-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina lejn il-pajjiż fejn tinżamm il-wirja u jkun urihom hemm;

(b) dak l-esportatur biegħ il-prodotti, jew iddispona minnhom b'xi mod ieħor, lil persuna fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina;

(c) il-prodotti jkunu ntbagħtu matul il-wirja jew eżatt wara fl-istat li fih dawn ikunu ntbagħtu għall-wirja;

u

(d) il-prodotti ma jkunux intużaw, minn dakinhar li ntbagħtu għall-wirja, għal xi skop għajr dak ta' esibizzjoni fil-wirja.

2. Prova ta' orġini għandha tinħareġ jew issir skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V ta' dan il-Protokoll u ppreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni kif isir is-soltu. Din għandha tindika l-isem u l-indirizz tal-wirja. Fejn ikun meħtieġ, tista' tinħtieġ evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li taħthom ġew eżibiti l-prodotti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tal-artiġġjanat, fiera jew esibizzjoni jew wirja pubblika simili li ma tkunx organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet ta' negozju bl-għan ta' bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt kontroll doganali.

TITOLU IV

RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 15

Projbizzjoni ta' rifużjoni ta' dazji doganali jew eżenzjoni minnhom

1. Materjali mhux oriġinanti użati fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni jew fl-Ukraina li għalihom tinħareġ jew tingħata prova ta' orġini skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V ta' dan il-Protokoll ma għandhomx ikunu eliġibbli fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina għal rifużjoni ta' dazji doganali ta' kull tip jew eżenzjoni minnhom.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kull arranġament għar-rifużjoni, nuqqas ta' ħlas jew ħelsien, parzjalment jew kompletament, tad-dazji jew imposti doganali b'effett ekwivalenti, applikabbli fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina għal materjali użati fil-manifattura, meta tali rifużjoni, nuqqas ta' ħlas jew ħelsien mid-dazji doganali japplika, espressament jew effettivament, meta l-prodotti li jkunu nkisbu mill-materjali msemmija jiġu esportati u mhux meta jinżammu għall-użu fid-dar hemmhekk.

3. L-esportatur ta' prodotti koperti bi prova ta' orġini għandu jkun lest li jippreżenta f'kull waqt, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li jagħtu prova li ma nkisbet l-ebda rifużjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali mhux oriġinanti użati fil-manifattura tal-prodotti kkonċernati u li d-dazji jew l-imposti doganali kollha b'effett ekwivalenti applikabbli għal tali materjali fil-fatt tħallsu.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-ippakkjar fis-sens tal-Artikolu 8(2) ta' dan il-Protokoll, aċċessorji, spare parts u għodod fis-sens tal-Artikolu 9 u l-prodotti f'sett fis-sens tal-Artikolu 10 ta' dan il-Protokoll meta dawn it-tipi ta' oġġetti ma jkunux oriġinanti.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss fir-rigward ta' materjali li huma tat-tip li għalihom japplika il-Ftehim.

TITOLU V

PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 16

Ir-reqwiżiti ġenerali

1. Prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea għandhom, fil-mument tal-importazzjoni tagħhom fl-Ukraina u prodotti li joriġinaw fl-Ukraina għandhom, fil-mument tal-importazzjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea jgawdu mill-Ftehim mal-preżentazzjoni ta' jew:

(a) ċertifikat ta' moviment EUR.1, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness III ta' dan il-Protokoll; jew

(b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 22(1) ta' dan il-Protokoll, dikjarazzjoni, iktar 'il quddiem imsejħa "id-dikjarazzjoni tal-fattura", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota ta' kunsinna jew kull dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati; it-test tad-dikjarazzjoni tal-fattura jidher fl-Anness IV ta' dan il-Protokoll.

2. Minkejja l-paragrafu 1, prodotti li joriġinaw fi ħdan it-tifsira ta' dan il-Protokoll għandhom, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 27, jibbenefikaw mill-Ftehim mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi ppreżentat kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija hawn fuq.

Artikolu 17

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1

1. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni wara li ssir applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà tal-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew kemm iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 kif ukoll il-formola ta' applikazzjoni, li jidhru kampjuni tagħhom fl-Annessi III. Dawn il-formoli għandhom jimtlew f'waħda mil-lingwi li jkunu ntużaw f'dan il-Ftehim u skont id-disposizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Jekk jinkitbu bl-idejn, għandhom jimtlew bil-linka b'karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riżervata għal dan il-għan mingħajr ma jitħallew linji vojta. Meta l-kaxxa ma tkunx mimlija għalkollox, għandu jkun hemm sinjal orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni u l-ispace vojta għandu jkun ingassat.

3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jkun ippreparat sabiex jissottometti, f'kull ħin, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni fejn jinħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li jagħtu prova tal-istatus ta' oriġini tal-prodotti kkonċernati kif ukoll it-tweġġiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

4. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Ukraina jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

5. L-awtoritajiet doganali li joriġinaw iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jivverifikaw l-istatus ta' oriġini tal-prodotti u li r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll ġew sodisfatti. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kull xhieda u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontroll ta' l-esportatur jew kull stħarriġ ieħor meqjus xieraq. Għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, huma għandhom jivverifikaw jekk l-ispace riservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkunx tlesta f'tali manjiera li teskludi kull possibiltà ta' żidiet frawdolenti.

6. Id-data tal-ħruġ ta' iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandha tiġi indikata fil-Kaxxa 11 ta' iċ-ċertifikat.

7. L-awtoritajiet doganali għandhom joriġinaw u jgħaddu għad-dispożizzjoni tal-esportatur ċertifikat ta' moviment EUR.1 hekk kif l-esportazzjoni attwali tkun twettqet jew tkun għet żgurata.

Artikolu 18

Ċertifikat ta' moviment EUR.1 maħruġ retrospettivament

1. Minkejja l-Artikolu 17(7) ta' dan il-Protokoll, ċertifikat ta' moviment EUR.1 jista' b'mod eċċezzjonali jinħareġ wara l-esportazzjoni tal-prodotti għal liema jirreferi jekk:

(a) ma kienx inħareġ fil-mument tal-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involuntarji jew ċirkostanzi speċjali;

jew

(b) jintwera għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet doganali li kien ġie maħruġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 iżda li ma kienx ġie aċċettat mal-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data tal-esportazzjoni tal-prodotti koperti miċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u għandu jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħroġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 b'mod retrospettiv biss wara li jkunu vverifikaw li t-tagħrif mogħti fl-applikazzjoni tal-esportatur ikun jaqbel mal-fajl korrispondenti.

4. Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jiġu ċertifikati bil-frażi li ġeja bl-Ingliż:

"ISSUED RETROSPECTIVELY"

5. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

Artikolu 19

Ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 idduplikat

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika mal-awtoritajiet doganali li jkunu ħarġuh għal kopja magħmula fuq il-bażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi ċertifikata bil-kelma li ġeja bl-Ingliż:

"DUPLICATE"

3. L-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 idduplikat.

4. Iċ-ċertifikat idduplikat, li għandu jkollu d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali ta' moviment EUR.1, għandu jibda japplika minn dik id-data.

Artikolu 20

Ħruġ ta' ċertifikati ta' moviment EUR 1 fuq il-bażi tal-prova ta' oriġini maħruġa jew magħmula preċedentament

Meta prodottii oriġinanti jitpoġġew taħt il-kontroll ta' uffiċċju doganali fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina, għandu jkun possibbli li l-prova oriġinali ta' oriġini tiġi sostitwita b'ċertifikat wieħed jew aktar ta' moviment EUR.1 bl-għan li dawn il-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbagħtu x'imkien ieħor fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina. Iċ-ċertifikat/ċertifikati sostitut/sostituti ta' moviment EUR.1 għandu/għandhom jinħareġ/jinħarġu mill-uffiċċju doganali li taħtu tqiegħdu l-kontroll tal-prodotti.

Artikolu 21

Segregazzjoni kontabilistika

1. Meta jinqalgħu spejjeż jew diffikultajiet materjali apprezabbli ta' stokks separati ta' materjali oriġinanti u mhux oriġinanti li huma identiċi u jistgħu jieħdu post xulxin, l-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq talba bil-milkub mingħand dawk ikkonċernati, jawtorizzaw l-użu tal-metodu hekk-imsejjaħ "segregazzjoni kontabilistika" fl-immaniġġar ta' dawn l-istokks.

2. Il-metodu għandu jkun jiżgura li, għal perjodu ta' referenza speċifiku, l-għadd ta' prodotti miksuba li jistgħu jitqiesu bħala "oriġinanti" jkun l-istess bħal dak l-għadd li kien jinkiseb kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni bħal din taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa.

4. Dan il-metodu huwa rreġistrat u applikat fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbli fil-pajjiż fejn il-prodott għe mmanifatturat.
5. Il-benefiċjarju ta' din il-faċilità jista' joħroġ provi ta' oriġini jew japplika għalihom, skont il-każ, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw. Fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali, il-benefiċjarju għandu jipprovdi stqarrija ta' kif għew immaniġġati l-kwantitajiet.
6. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu li sar mill-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha f'kull waqt meta l-benefiċjarju jagħmel użu li mhux xieraq mill-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe mod possibbli jew jonqos milli jissodisfa kwalunkwe kondizzjoni oħra stipulata f'dan il-Protokoll.

Artikolu 22

Kondizzjonijiet għall-kumpilazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-fattura

1. Tista' ssir dikjarazzjoni tal-fattura kif imsemmija fl-Artikolu 16(1)(b) ta' dan il-Protokoll:
 - (a) minn esportatur approvat skond it-tifsira tal-Artikolu 23 ta' dan il-Protokoll;

jew
 - (b) minn kull esportatur għal kull konsenja li tikkonsisti f'pakkett jew pakketti li jikkontjenu prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 6,000.
2. Dikjarazzjoni tal-fattura tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
3. L-esportatur li jagħmel id-dikjarazzjoni tal-fattura għandu jkun ppreparat li jissottometti f'kull ħin, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni, id-dokumenti xierqa li jagħtu prova tal-istatus ta' oriġini tal-prodotti kkonċernati kif ukoll it-tweġiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
4. Dikjarazzjoni tal-fattura għanda ssir mill-esportatur bl-ittajppar, bl-istampar jew b'timbru fuq il-fattura, in-nota tal-konsenja jew xi dokument kummerċjali ieħor, id-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Annes IV ta' dan il-Protokoll, billi jintużaw il-verżjonijiet lingwistiċi elenkati f'dak l-Anness u skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Jekk id-dikjarazzjoni tinkiteb bl-idejn, għandha tinkiteb bil-linka b'karattri stampati.
5. Id-dikjarazzjonijiet tal-fattura għandu jkollhom il-firma oriġinali magħmula bil-miktub mill-esportatur. Madankollu, esportatur approvat skont it-tifsira tal-Artikolu 23 ta' dan il-Protokoll m'għandux jiġi meħtieġ li jiffirma dikjarazzjonijiet bħala dawn sakemm jagħti lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni impenn bil-miktub li jaċċetta responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni tal-fattura li tidentifika bħallikieku tali dikjarazzjoni kienet għet iffirmata bil-kitba bl-idejn minnu stess.
6. Tista' tinħareġ dikjarazzjoni tal-fattura mill-esportatur meta l-prodotti li tkopri jiġu esportati jew wara l-esportazzjoni sakemm tiġi ppreżentata fil-pajjiż tal-importazzjoni mhux aktar minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li hija tkopri.

Artikolu 23

Esportatur Approvat

1. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni jistgħu jawtorizzaw kull esportatur, minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-"esportatur approvat", li jagħmel konsenji spissi ta' prodotti taħt dan il-Ftehim sabiex jagħmel dikjarazzjonijiet tal-fatturi irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jkun irid din it-tip ta' awtorizzazzjoni għandu joffri, għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha meħtieġa sabiex dawn jivverifikaw l-istatus ta' oriġini tal-prodotti kif ukoll jivverifikaw it-tweġiq tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat suġġett għal kwalunkwe kondizzjoni li huma jqisu xierqa.
3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru tal-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura.
4. L-awtoritajiet doganali għandhom jimmonitorjaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.
5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe waqt. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jkunx għadu joffri l-garanzija msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 2 jew meta jkun b'xi mod ieħor jagħmel użu ħażin mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 24

Validità tal-prova ta' oriġini

1. Il-prova ta' oriġini għandha tkun valida għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż tal-esportazzjoni, u għandha tkun ippreżentata matul il-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni.
2. Il-provi ta' oriġini li huma ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur wara d-data finali għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu aċċettati għall-iskop li jiġi applikat trattament preferenzjali, fejn in-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun dovut għal ċirkostanzi eċċezzjonali.
3. F'każijiet oħrajn ta' preżentazzjoni li saret tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jistgħu jaċċettaw il-prova ta' oriġini meta l-oġġetti jkunu ġew ippreżentati lilhom qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 25

Preżentazzjoni tal-provi ta' oriġini

Għandhom jiġu ppreżentati provi ta' oriġini lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni skont il-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu wkoll jitolbu traduzzjoni tal-prova ta' oriġini u jistgħu wkoll jitolbu li d-dikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata minn stqarrija mingħand l-importatur li fiha jiddikjara li l-prodotti jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implementazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 26

Importazzjoni gradwali

Meta, fuq it-talba tal-importatur u bil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni, jiġu importati gradwalment prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, għandha tkun ippreżentata prova waħda ta' oriġini għal prodotti bħal dawn lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel konsenja.

Artikolu 27

Eżenzjonijiet mill-provi ta' oriġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti zġhar minn persuni privati lil persuni privati jew li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom ikunu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr ma jirrikjedu l-preżentazzjoni ta' prova formali ta' oriġini, sakemm dawn il-prodotti ma jkunux importati f'għamla ta' kummerċ u jkunu ddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar l-eżattezza ta' din it-tip ta' dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti li jintbagħtu bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni doganali CN22/CN23 jew fuq karta meħmuża ma' dak id-dokument.
2. Importazzjonijiet li ma jkunux regolari u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tad-destinatari jew tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom ma għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet bi skop kummerċjali jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma hemm ebda skop kummerċjali.

3. Aktar minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m'għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-EUR 1,200 fil-każ ta' prodotti li jiffurmuw parti mill-baġalji personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 28

Dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 17(3) u 22(3) ta' dan il-Protokoll użati bil-għan li jagħtu prova li l-prodotti koperti biċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-fattura jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll jistgħu jikkonsistu *inter alia* f'dan li ġej:

- (a) evidenza diretta tal-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jikseb il-merkanziji kkonċernati, li jinsabu, pereżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;
- (b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus ta' oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi domestika;
- (c) dokumenti li jagħtu prova tax-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina, maħruġa jew magħmula fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina, fejn dawn id-dokumenti jintużaw skont il-liġi domestika;
- (d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet tal-fattura li jagħtu prova tal-istatus ta' oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina skont dan il-Protokoll.
- (e) evidenza xierqa dwar il-ħidma jew l-ipproċessar li twettqu barra mill-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12 ta' dan il-Protokoll, li taġti prova li r-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu ġew sodisfatti.

Artikolu 29

Preżervazzjoni tal-Prova ta' Oriġini u tad-dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(3) ta' dan il-Protokoll.
2. L-esportatur li jimla dikjarazzjoni tal-fattura għandu jżomm kopja ta' din id-dikjarazzjoni tal-fattura kif ukoll tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 22(3) ta' dan il-Protokoll għal mill-anqas tliet snin.
3. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur li joħroġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin il-formula ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2) ta' dan il-Protokoll.
4. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet tal-fattura ppreżentati lilhom.

Artikolu 30

Id-diskrepanzi u l-iżbalji formali

1. Is-sejba ta' diskrepanzi żgħar bejn l-istqarrijiet magħmula fil-prova ta' oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali biex jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti, ma għandhiex *ipso facto* tannulla l-prova ta' oriġini jekk ikun stabbilit kif xieraq li dan id-dokument fil-fatt jikkorrispondi għall-prodotti sottomessi.

2. Żbalji formali ovgji bħalma huma żbalji tat-tajping fi prova ta' oriġini ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi rifjutat jekk dawn l-iżbalji ma jkunux tali li joħlqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

Artikolu 31

Ammonti mfissra feuro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 27(3) ta' dan il-Protokoll f'każijiet fejn toħroġ fattura għall-prodotti f'xi munita li mhix euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina li huma ekwivalenti għall-ammonti espressi feuro għandhom ikunu f'fissati, darba fis-sena, minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Konsenja tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(1)(b) jew l-Artikolu 27(3) ta' dan il-Protokoll b'referenza għall-munita li fiha tkun inħarġet il-fattura, skont l-ammont iffissat mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali, f'dik il-munita għandhom ikunu l-ekwivalenti għall-ammonti espressi feuro mill-ewwel jum ta' xogħol f'Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti rilevanti.

4. Pajjiż jista' jnaqqas jew iżid l-ammont li jirriżulta mill-iskambju għall-munita nazzjonali ta' ammont espress feuro, biex jagħti ċifra għad-dritt. L-ammont mogħti għad-dritt ma jstax ikun differenti b'aktar minn 5 % mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. Pajjiż jista' jżomm mhux mibdul l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali għal ammont espress feuro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament ta' darba fis-sena previst fil-paragrafu 3, il-kambju ta' dak l-ammont, qabel ma ngħata għad-dritt, jirriżulta f'żieda ta' anqas minn 15 % fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti fil-munita nazzjonali jista' jinżamm mhux mibdul jekk il-konverżjoni tirriżulta fi tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti mfissra feuro għandhom jiġu riveduti mis-Sottokumitat fuq talba tal-Unjoni Ewropea jew l-Ukraina. Meta jwettaq din ir-reviżjoni, is-Sottokumitat għandu jqis is-siwi li l-effetti ta' dawn il-limiti jiġu ppreżervati f'termini reali. Għal dan il-għan, jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi feuro.

TITOLU VI

ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 32

Għajnuna reċiproka

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Ukraina għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, b'kampjuni ta' impressjonijiet tat-timbri użati fl-uffiċċji doganali tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1, flimkien mal-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli li jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati u dikjarazzjonijiet tal-fattura.

2. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa ta' dan il-Protokoll, l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina għandhom jgħinu lil xulxin, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-kontroll tal-awtentiċità taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fattura u tal-eżattezza tat-tagħrif mogħti f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 33

Verifika tal-Provi ta' Oriġini

1. Verifiki sussegwenti tal-provi ta' oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni ikollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità ta' dawn it-tipi ta' dokumenti, l-istatus ta' oriġini tal-prodotti kkonċernati jew it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. Għall-għanijiet tal-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandhom jibagħtu lura ċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u tal-fattura, jekk din tkun ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni tal-fattura, jew ta' kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni filwaqt li jagħtu, meta xieraq, ir-raġunijiet għall-inkjesta. Kull dokument u tagħrif miksub li jissuġġerixxu li t-tagħrif mogħti fil-prova ta' oriġini huwa żbaljat għandu jintbagħat biex isostni t-talba għal verifika.
3. Il-verifika titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kull prova u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kull sħarriġ ieħor meqjus xieraq.
4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni jiddeċiedu li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati waqt li jkunu jistennew ir-riżultati tal-verifika, dawn joffru li jirrilaxxaw il-prodotti lill-importatur soġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li huma jidhrilhom meħtieġa.
5. L-awtoritajiet doganali li jitolbu għall-verifika jiġu informati bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jiġiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina u jekk dawn il-prodotti jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.
6. Jekk fil-każijiet ta' dubbju raġonevoli ma jkunx hemm tweġiba fi żmien għaxar xhur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk it-tweġiba ma jkunx fiha tagħrif suffiċjenti sabiex tiġi ddeterminata l-awtentiċità tad-dokument fil-kwistjoni jew sabiex tiġi ddeterminata l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jressqu t-talba għandhom, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiċħdu d-dritt għall-preferenzi.

Artikolu 34

Riżoluzzjoni tat-tilwim

Meta jinqala' tilwim li ma jistax jissolva f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri ta' verifika tal-Artikolu 33 ta' dan il-Protokoll bejn l-awtoritajiet doganali li qegħdin jitolbu verifika u l-awtoritajiet doganali li huma responsabbli li jwettqu din il-verifika jew meta titqajjem mistoqsija fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, dawn il-każijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat Kummerċjali.

Fil-każijiet kollha s-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tal-importazzjoni għandha tkun skont il-leġislazzjoni tal-pajjiż imsemmi.

Artikolu 35

Penalijiet

Il-penalijiet għandhom jiġu imposti fuq kull persuna li tfassal, jew tikkaġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 36

Iż-żoni ħielsa

1. L-Unjoni Ewropea u l-Ukraina għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-prodotti negozjati taħt il-kappa ta' prova ta' oriġini li, waqt it-trasport, jużaw żona ħielsa fit-territorju tagħhom, ma jkunux sostitwiti minn merkanziji oħra u ma' jsirx maniġġar tagħhom ħlief operazzjonijiet normali maħsuba biex jevitaw id-deterjorazzjoni tal-prodotti.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea jew fl-Ukraina jiġu importati f'żona ħielsa taħt il-kappa ta' prova ta' oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 ġdid fuq it-talba tal-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li għaddew minnu huwa skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

TITOLU VII
CEUTA U MELILLA

Artikolu 37

Applikazzjoni tal-Protokoll

1. It-terminu "Unjoni Ewropea" użata fl-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll ma tkoprix Ceuta u Melilla.
2. Prodotti li joriġinaw fl-Ukraina, meta jkunu importati f'Ceuta jew Melilla, għandhom jibbenefikaw mill-istess sistema doganali bħal dik applikata fuq prodotti li joriġinaw fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Atti ta' Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej. L-Ukraina għandha tapplika fuq il-prodotti importati taħt dan il-Ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla l-istess sistema doganali bħal dik applikata fuq prodotti importati minn, u li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea.
3. Għall-għan tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li jikkonċerna prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan il-Protokoll għandu japplika *mutatis mutandis* suġġett għall-kondizzjonijiet speċjali stabbiliti fl-Artikolu 38 ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 38

Kundizzjonijiet Speċjali

1. Sakemm kienu ttrasportati direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dan il-Protokoll, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:

(1) prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla:

- (a) prodotti miksuba kompletament minn Ceuta u Melilla;
- (b) prodotti miksuba minn Ceuta u Melilla li, fil-manifattura tagħhom, jintużaw prodotti oħrajn minbarra dawk imsemmijin f'(a), sakemm:
 - (i) dawn l-imsejħa prodotti jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll;
jew
 - (ii) dawk il-prodotti li joriġinaw fl-Ukraina jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll.

(2) prodotti li joriġinaw fl-Ukraina:

- (a) prodotti miksuba kompletament mill-Ukraina;
- (b) prodotti miksuba fl-Ukraina u li fil-manifattura tagħhom intużaw prodotti għajr dawk imsemmija f'(a), sakemm:
 - (i) dawn l-imsejħa prodotti jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll;
jew
 - (ii) dawk il-prodotti joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fl-Unjoni Ewropea, sakemm ikunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 ta' dan il-Protokoll.

2. Ceuta u Melilla jitqiesu bħala territorju wieħed.
3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom inizzju "Ukraina" u "Ceuta u Melilla" fil-Kaxxa 2 ta' ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-fattura. Barra minn dan, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan għandu jiġi indikat fil-Kaxxa nru 4 ta' ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet tal-fattura.
4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f'Ceuta u f'Melilla.

TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJET FINALI*Artikolu 39***Emendi fil-Protokoll**

1. Is-Sottokomitat Doganali jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.
 2. Is-Sottokomitat Doganali jista' jiddeċiedi wkoll, wara l-adeżjoni tal-Ukraina mal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji, li jissostitwixxi r-regoli ta' oriġini stipulati f'dan il-Protokoll ma' dawn annessi mal-Konvenzjoni.
-

ANNEX I

NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNEX II

Nota 1:

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-prodotti kollha jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed fis-sens tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll.

Nota 2:

- 2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tal-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni ta' merkanziji użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-kapitolu. Għal kull annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni hemm regola speċifikata fil-kolonna 3 jew 4. Fejn, f'xi każijiet, l-annotazzjoni fl-ewwel kolonna hija ppreċeduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritt fil-kolonna 2.
- 2.2. Meta diversi numri ta' intestatura jkunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata numru ta' Kapitlu u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt l-intestaturi tal-Kapitlu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.
- 2.3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti taħt intestatura, kull inċiż ikun fih deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta bir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4.
- 2.4. Meta, għal annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni tiġi speċifikata regola kemm f'kolonna 3 u kemm f'kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika r-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik stabbilita fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola tal-orġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3:

- 3.1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 ta' dan il-Protokoll, li jirrigwardaw prodotti li jkunu kisbu status ta' oriġini li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw, irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb ġewwa l-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew ġewwa fabbrica oħra f'parti kontraenti.

Eżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li għaliha r-regola tiddikjara li l-valur tal-materjali mhux oriġinanti li jistgħu jkunu inkorporati ma jistax jaqbeż l-40 % tal-prezz mill-fabbrika, hija magħmula minn "liga tal-azzar oħra, iffurmata bejn wieħed u ieħor fil-forġa" taħt l-intestatura ex 7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fl-Unjoni Ewropea minn ingott mhux oriġinanti, tkun diġà kisbet status ta' oriġini permezz tar-regola għall-intestatura ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol tal-forġa, b'hekk, jista' jitqies bħala oriġinanti fil-kalkolu tal-valur tal-magna, mingħajr ma jingħata każ jekk kinitx prodotta fl-istess fabbrica jew f'xi fabbrica oħra fl-Unjoni Ewropea. Il-valur tal-ingott mhux oriġinanti għalhekk ma jitqiesx meta jiġi kkalkolat il-valur tal-materjali mhux oriġinanti li jintużaw.

- 3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' ħidma jew ipproċessar meħtieġ u t-twertiq ta' aktar ħidma jew ipproċessar jagħti wkoll stat ta' oriġini; min-naħa l-oħra, it-twertiq ta' anqas ħidma jew ipproċessar ma jistax jagħti stat ta' oriġini. B'hekk, jekk regola tistipula li materjal mhux oriġinanti jista' jintuża meta jintlaħaq ċertu stadju tal-manifattura, l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar bikri huwa permess waqt li l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar tard mhux permess.
- 3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", allura materjali ta' kwalunkwe intestatura(i) (anke materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħala l-prodott) jistgħu jintużaw, soġġetti, madankollu, għal xi limitazzjonijiet speċifiċi li jista' jkun hemm fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra tal-intestatura" jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra tal-istess intestatura tal-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura(i), ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

- 3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi mmanifatturat minn materjal wieħed jew aktar, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma tirrikjedix li jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għat-tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tistipula li jistgħu jintużaw fibri naturali u li materjali kimiċi, fost affarijiet oħra, jistgħu jintużaw ukoll. Dan ma jfissirx li t-tnejn iridu jintużaw; jista' jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

- 3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott irid ikun manifatturat minn materjal partikolari, il-kondizzjoni naturalment ma żżommokx milli tuża materjali oħra li minħabba n-natura tagħhom stess ma jistgħux jissodisfaw ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola dwar ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċereali jew derivattivi tagħhom, ma żżommokx li tuża mluħa minerali, sustanzi kimiċi u addittivi oħra li mhumiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu immanifatturati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu magħmula minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett tal-ilbies tal-ex Kapitolu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ħjut mibruma li ma joriġinawx għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux, normalment, isiru mill-ħjut mibruma. F'każijiet bħal dawn, il-materjali tal-bidu normalment ikunu fl-istadju ta' qabel il-ħajt - jiġifieri l-istadju tal-fibri.

- 3.6. Meta f'regola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għall-valur massimu tal-materjali mhux tal-orijini li jistgħu jintużaw, allura dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali kollha użati mhux oriġinanti qatt ma jista' jaqbeż l-oġġla wieħed mill-perċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li għalihom japplikaw.

Nota 4:

- 4.1. Il-kliem "fibri naturali" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huma limitati għall-istadju ta' qabel ma jinbarmu l-fibri, jinkludu l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jinkludu fibri naturali li ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor iżda mhux mibruma.
- 4.2. Il-kliem "fibri naturali" jinkludu xagħar iż-żiemel tal-intestatura 0503, ħarir tal-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf u suf tal-annimali fin jew oħxon tal-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203 u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.
- 4.3. Il-kliem "polpa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom issiru il-karta" huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, li mhumiex klassifikati fil-Kapitolu 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiffabbrikaw fibri jew ħjut artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.
- 4.4. Il-kliem "fibri bażiċi magħmula mill-bniedem" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal filament tow sintetiku jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, tal-intestatura 5501 sa 5507.

Nota 5:

- 5.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 m'għandhomx jiġu applikati għal xi materjali tat-tessuti bażiċi użati fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas mill-piż totali tal-materjali bażiċi tat-tessuti kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)
- 5.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tkun applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu nħadmu minn żewġ materjali ta' tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali bażiċi tat-tessut:

- ħarir,
- suf
- xagħar rozz tal-annimali,
- xagħar fin tal-annimali,
- xagħar iż-żiemel,
- qoton,
- materjal li minnu ssir il-karta u karta,
- kittien,
- qanneb veru,
- ġuta jew fibri tessili tat-tilju oħra,
- sisa u fibri oħrajn tat-tessuti tal-ġenus Agave,
- ġewż tal-indi, abaka, ramie u fibri tal-insiġ tal-ħaxix oħrajn,
- filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,
- filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- filamenti li jgħaddi minnhom l-elettriku,
- fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem,
- fibri prinċipali sintetiċi tal-polyester magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polyamide magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polyacrylonitrile magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polyamide magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polytetrafluoroethylene magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poly(phenylene sulphide) magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poly(vinyl chloride) magħmula mill-bniedem,
- il-fibri prinċipali sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem,

- il-fibri prinċipali sintetiċi tal-visk magħmula mill-bniedem,
- il-fibri oħra artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijeter, sew jekk mibruma u anki jekk le,
- ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijester, sew jekk mibruma u anki jekk le,
- prodotti tat-titlu 5605 (ħjut metallizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' filament tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ saffi ta' filament tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkolorita.
- il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605.

Eżempju:

Ħajt tal-intestatura 5205, magħmul minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-intestatura 5506, huwa ħajt imħallat. Għalhekk, fibri bażiċi sintetiċi li ma joriġinawx u ma jissodisfawx ir-regoli dwar l-oriġini (li jirrikjedu l-manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessut) jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10 % tal-piż totali tal-ħjut mibruma.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, ħjut mibruma sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regoli oriġinarji (li jirrikjedu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti), jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jirrikjedu manifattura minn fibri naturali li ma jkunux imqardxa, mimxuta jew ippreparati għall-brim b'xi mod ieħor), jew taħlita tat-tnejn, jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10 % tal-piż totali tat-tessut.

Eżempju:

Tessut minsuġ bil-pil, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk it-tessut tal-qoton innifsu jkun tessut imħallat magħmul minn ħjut mibruma kklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut mibruma tal-qoton użati jkunu taħlita huma stess.

Eżempju:

Kieku t-tessut minsuġ bil-pil ikkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut sintetiku tal-intestatura 5407, allura, ovvjament, il-ħjut mibruma użati jkunu żewġ materjali bażiċi tat-tessut separati u t-tessut minsuġ bil-pil ikun, għalhekk, prodott imħallat.

- 5.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijeter, sew jekk mibruma u anki jekk le", din it-tolleranza hija 20 % fir-rigward ta' dawn il-ħjut.
- 5.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi rqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita" din it-tolleranza hija ta' 30 % fir-rigward ta' din l-istrixxa.

Nota 6:

- 6.1. Fejn, fil-lista, issir riferenza għal din in-Nota, materjali tat-tessut (bl-eċċezzjoni ta' kisi u kisi minn ġewwa), li ma jissodisfawx ir-regola dikjarata fil-lista f'kolonna 3 għall-prodott maħdum konċernat jistgħu jintużaw, basta iżda li huma klassifikati f'intestatura oħra għajr tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott.

- 6.2. Bla ħsara għan-Nota 6.3, materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti tat-tessut, kemm jekk ikun fihom tessuti u kemm jekk le.

Eżempju:

Jekk regola fil-lista tipprovi li, għal oġġett tat-tessut partikolari (bħal qalziet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jwaqqfx l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħalma huma buttuni, minħabba li l-buttuni mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jwaqqafx l-użu ta' wahhala li jżżerzqu (żippijiet) għalkemm wahhala li jżżerzqu (żippijiet) ikunu normalment jinkludu tessuti.

- 6.3. Fejn tapplika regola dwar perċentwali, il-valur tal-materjal li mhuwiex ikklassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjal li ma joriġinax li jkun inkorporat.

Nota 7:

- 7.1. Għall-għanijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403. il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni ġo vakwu;
- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;
- (c) (ċ) cracking;
- (d) riformar;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi magħżula;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċtu sulfuriku (spirtu tal-melħ) ikkonċentrat, anidridu tal-oleum jew tal-kubrit; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attiv, faħam tal-kannol jew boksajt attiv;
- (g) il-polimerizzazzjoni;
- (h) l-alkilazzjoni;
- (i) isomerizzazzjoni.

- 7.2. Għall-iskopijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni ġo vakwu;
- (b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;
- (c) cracking;
- (d) riformar;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi magħżula;
- (f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar bl-aċtu sulfuriku (spirtu tal-melħ) ikkonċentrat, anidridu tal-oleum jew tal-kubrit; in-newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur jew purifikazzjoni bi trab naturali attiv, trab attiv, faħam tal-kannol jew boksajt attiv;
- (g) il-polimerizzazzjoni;
- (h) l-alkilazzjoni;

- (i) isomerizzazzjoni.
- (j) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tal-intestatura ex 2710 biss, l-eliminazzjoni tal-kubrit bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut tal-kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);
- (k) fir-rigward tal-prodotti tal-intestatura 2710 biss, it-tneħħija tal-pitrolji bi proċess ieħor għajr il-filtrazzjoni;
- (l) fir-rigward taż-żjut ħoxnin tal-intestatura ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu, taħt pressjoni ta' aktar minn 20 bar u temperatura ta' aktar minn 250 °C, bl-użu ta' katalist, għajr biex issir id-desulfurizzazzjoni, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti tal-intestatura ex 2710 (eż. it-tlestija bl-ilma – hydrofinishing – jew it-tneħħija tal-kulur) sabiex, speċjalment, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbiltà, m'għandhomx, madankollu, jitqiesu bħala proċess speċifiku;
- (m) fir-rigward ta' żjut karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, sakemm anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, f'300 °C, permezz tal-metodu ASTM D 86;
- (n) fir-rigward ta' żjut ħoxnin għajr iż-żjut tal-gass u ż-żjut karburanti tat-titlu ex 2710 biss, trattament permezz ta' rilaxx ta' karga elettrika ta' frekwenza għolja;
- (o) fir-rigward ta' prodotti mhux irrafinati (minbarra l-ġeli tal-petroljum, l-ożoċerit, ix-xama' tal-linjite jew ix-xama' tal-pit, xama' bajda li fiha mill-piż anqas minn 0.75 % ta' żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, it-tneħħija taż-żejt permezz tal-kristallizzazzjoni frazzjonali.

7.3. Għall-finijiet tat-titli ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi bħal tindif, tferriegħ, tneħħija tal-melħ, separazzjoni tal-ilma, filtrazzjoni, kulur, immarkar, determinazzjoni tal-kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kull kombinazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jagħtux l-istatus tal-orijini.

ANNEX II

LISTA TAX-XOGĦOL JEW TAL-IPPROĊESSAR MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ IL-MATERJALI MHUX ORIĠINANTI SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT JISTA' JIKSEB L-ISTATUS ORIĠINARJU

Il-prodotti msemmijin fil-lista jistgħu ma jkunux kollha koperti bil-Ftehim. Huwa, għalhekk, meħtieġ li jkunu kkonsultati l-partijiet l-oħra tal-Ftehim.

Intestatura SA Nru	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, magħmul fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti l-istatus ta' oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 1 u 2 jinkisbu għalkollox	
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jinkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; natural honey; prodotti ġejjin mill-annimali tajbin għall-ikel, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; ġhajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 4 jinkisbu għalkollox	
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħra fermentati jew aċidużi, sew jekk ikkonċentrati u sew jekk le jew biz-zokkor miżjud jew sustanza ta' ħlewwa jew imħawrin jew bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw miżjud	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox; — kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (ġhajr tal-pine-apple, tal-lajm jew tat-tronġa) tal-intestatura Nru 2009 li jintuża jrid ikun diġà ta' oriġini; — l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex Kapitolu 5	Prodotti li ġejjin mill-annimali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; ġhajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 5 jinkisbu għalkollox	
ex 0502	Lanzit u xagħar tal-qżieqeż, tal-ħnieżer jew taċ-ċingjali	Tindif, diżinfettar, issortjar u ddrittjar ta' lanzit u xagħar	

(1)	(2)	(3)	jew	(4)
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u affarijiet simili; fjuri maqtugħin u weraq orna-mentali	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba għal kolloxx; — il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott		
Kapitolu 7	Ħxejjex u ċerti għeruq u tuberi li jittieklu	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 7 jinkisbu għalkolloxx		
Kapitolu 8	Frott u ġewż li jittieklu; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettiegħ	Manifattura fejn: — il-frott u l-ġewż kollu li ntuża jinkiseb sħiħ, u — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jkunux jaqbżu it-30 % tal-valur tal-prezz tal-prodott ex-works.		
ex Kapitolu 9	Kafé, té, maté u ħwawar; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 9 jinkisbu għalkolloxx		
0901	Kafè, kemm jekk inkaljat jew bil-kaffeina mneħħija jew le; qxur u fosdqiet tal-kafe; sostituti tal-kafè li fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura		
0902	Té, imħawwar u sew jekk le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura		
ex 0910	Taħlitiet ta' ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura		
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 10 jinkisbu għalkolloxx		
ex Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tat-tħin; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura li fiha ċ-ċereali kollha, il-ħxejjex, l-għeruq u t-tuberi li jittieklu tat-titlu 0714 jew il-frott użat jinkisbu għalkolloxx		
ex 1106	Dqiq, pasta u trab tal-ħxejjex leguminużi mqaxxin u mnixxin tat-titlu 0713	Tnixxif u tħin ta' ħxejjex leguminużi tat-titlu 0708		

(1)	(2)	(3)	jew (4)
Kapitolu 12	<p>Żrieragħ u frott żejtnin; grani, żerriegħa u frott varji; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef</p>	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitlu 12 jinkisbu għalkollox	
1301	Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleoreżini (pereżempju, balzmi)	Manifattura fejn il-valur tal-materjal kollu użat tat-titlu 1301 ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
1302	Meraq jew estratti tal-ħxejjex; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġnijiet u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali:		
	- Muċilaġnijiet u sustanzi li jħaxxnu, modifikati, derivati minn prodotti veġetali	Manifattura minn muċilaġnijiet u sustanzi li jħaxxnu mhux modifikati	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 14	Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali mhux speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitlu 14 jinkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut tal-annimali jew veġetali u l-prodotti mill-qsim taġghom; xaħmijiet tal-ikel ippreparati; xamgħat tal-annimali jew tal-ħxejjex; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	
1501	Grass tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u grass tat-tjur, barra minn dak tat-titlu 0209 jew 1503:		
	- Xaħmijiet mill-għadam jew l-iskart	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, ħlief dawk tat-titlu 0203, 0206 jew 0207 jew l-għadam tat-titlu 0506	
	- Oħrajn	Manifattura mill-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel tal-majjali tat-titli 0203 jew 0206 jew tal-laħam jew il-ġewwieni li jittiekel tat-tjur tat-titlu 0207	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
1502	<p>Grass ta' annimali tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk ta' titlu 1503</p> <p>- Xaħmijiet mill-għadam jew l-iskart</p> <p>- Oħrajn</p>	<p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, ħlief dawk tat-titlu 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew l-għadam tat-titlu 0506</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitlu 2 jinkisbu għalkollox</p>	
1504	<p>Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew ta' mammali marini, sew jekk raffinati u sew jekk le, imma mhux modifikati kimikament:</p> <p>- Frazzjonijiet solidi</p> <p>- Oħrajn</p>	<p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe titlu, inklużi materjali oħrajn tat-titlu 1504</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 2 u 3 jinkisbu għalkollox</p>	
ex 1505	Lanolina raffinata	Manifattura minn xaħam tas-suf mhux raffinat tat-titlu 1505	
1506	<p>Xaħmijiet u żjut oħrajn ta' annimali, u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament</p> <p>- Frazzjonijiet solidi</p> <p>- Oħrajn</p>	<p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra tat-titlu 1506</p> <p>Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitlu 2 jinkisbu għalkollox</p>	
1507 sa 1515	<p>Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:</p> <p>- Żejt tas-sojja, tal-lewż mitħun, tal-palm, tal-kopra, tal-għadam tal-palm, tal-babassu, tat-tung u tal-oitiċica, xema' tar-rihana u xema' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt tal-jojoba u żjut għal użijiet tekniċi u industrijali minnbarra l-manifattura ta' prodotti tal-ikel għall-konsum mill-bniedem</p>	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
1516	<p>– Frazzjonijiet solidi, għajr għal dik taż-żejt tal-ġoġoba</p> <p>– Oħrajn</p> <p>Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew għalkollox idroġenati, intersterifikati, riersterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar</p>	<p>Manifattura minn materjali oħra tal-intestaturi 1507 sa 1515</p> <p>Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jinkisbu għalkollox</p> <p>Manifattura fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox; — l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu għalkollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw 	
1517	<p>taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-kapitlu; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitlu, minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tat-titlu 1516</p>	<p>Manifattura fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 u 4 li jintużaw jinkisbu sħaħ, u — l-materjali veġetali kollha użati jinkisbu għalkollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw 	
Kapitolu 16	<p>Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn</p>	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> — minn annimali tal-Kapitolu 1, u/jew — li fiha l-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jkunu kompletament miksuba 	
ex Kapitolu 17	<p>Zokkor u heġu magħmul miz-zokkor; għajr:</p>	<p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott</p>	
ex 1701	<p>Zokkor tal-kannamieli u tal-pitravi u sukrożju kimikament pur, f'forma solida, li fih sustanzi tat-togħma jew kulur miżjuda</p>	<p>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz ex works tal-prodott</p>	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
1702	<p>Other sugars, including chemically pure lactose, maltose, glucose and fructose, in solid form; ġuleppijiet taz-zokkor li ma jkunx fihom materja sabiex jagħti toġhma jew kulur miżġuda; ġhasel artiċjali, sew jekk imħallat ma' ġhasel naturali u sew jekk le; karamella:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Maltożju u fruttożju kimika-ment puri - Zokkor ieħor fil-forma solida, li fih sustanzi sabiex jagħtu t-toġhma u l-kulur miżġuda - Oħrajn 	<p>Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe titlu, inklużi materjali oħrajn tat-titlu 1702</p> <p>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz ex works tal-prodott</p> <p>Manifattura li fiha l-materjali kollha użati jridu jkunu diġà oriġinarji</p>	
ex 1703	<p>Ġhasel iswed miksub mill-estrazzjoni jew ir-raffinar ta' zokkor li jkun fih sustanzi ta' toġhma jew kulur miżġuda</p>	<p>Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz ex works tal-prodott</p>	
1704	<p>Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda) mingħajr kawkaw:</p>	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works. 	
Kapitolu 18	<p>Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw</p>	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works. 	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
1901	<p>Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn 40 % tal-piż kawkaw kalkulata fuq bażi għalkollox mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti tat-titli 0401 sa 0404, ma fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 5 %, tal-piż, kawkaw ikkalkulat għalkollox mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Estratt ta' xgħir/qamħ/barli (malt) - Oħrajn 	<p>Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitlu 10</p> <p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works. 	
1902	<p>Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, mqarrun, taljarini (noodles), lażanji, njokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le:</p> <ul style="list-style-type: none"> - Li fihom 20 % jew anqas bil-piż ta' laħam, ġewwieni tal-laħam, ħut, krustaċji jew molluski - Li fihom aktar minn 20 % bil-piż ta' laħam, ġewwieni tal-laħam, ħut, krustaċji jew molluski 	<p>Manifattura fejn iċ-ċereali u d-derivattivi (ħliet għall-qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) jinkisbu għalkollox</p> <p>Manifattura fejn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — iċ-ċereali kollha u d-derivattivi tagħhom (minbarra qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) użati jkunu totalment miksuba, u — l-materjali kollha tal-Kapitolu 2 u 3 li jintużaw jinkisbu kollha 	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
1903	Tapioca u sostituti tagħha ippreparati mill-lamtu fil-forma ta' flejks, granuli, perli, mgħarbla, jew f'forom simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, minbarra l-lamtu tal-patata tat-titlu 1108	
1904	Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (ħlief qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' hbuw jew f'forma ta' qxur jew qmuħ oħrajn maħdumin (ħlief dqiq, groats u pasta), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura: <ul style="list-style-type: none"> — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tal-intestatura 1806, — li fiha iċ-ċereali kollha u d-dqiq (għajr għall-qamħ durum u l-qamħirrun Zea indurata, u d-derivattivi tagħhom), użati huma miksuba bis-sħiħ, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works. 	
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu, ħlief dawk tal-Kapitlu 11	
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, ġewż jew partijiet oħra ta' pjanti; għajr:	Manifattura li fiha l-frott, il-ġewż jew il-ħxejjex kollha li jintużaw jinkisbu sħaħ	
ex 2001	Jams, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel li fihom 5 % jew aktar tal-piż ta' lamtu, ippreparati jew ippreżervati bil-hall jew bl-aċtu aċetiku	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	
ex 2004 u ex 2005	Patata forma ta' dqiq, pasta jew qxur, ippreparata jew ippreżervata b'sustanzi oħra għajr il-hall jew l-aċidu aċetiku	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	
2006	Ħxejjex, frott, lewż, qxur tal-frott u partijiet oħra ta' pjanti, ippreżervati biz-zokkor (imsafija, glacé jew kristallizzati)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz ex works tal-prodott	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
2007	Ġammijiet, ġèli tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-ġewż u pejsts tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom zokkor jew materjal ieħor li jagħmel ħelu miżjud inkella le	<p>Manifattura:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works. 	
ex 2008	<ul style="list-style-type: none"> - Ġewż, li ma fihx zokkor miżjud jew spirti - Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq iċ-ċereali; qlub tal-palm; qamħirrum (qamħ) - Oħra għajr għal frott u ġewż imsajrin b'mod ieħor barra fuq il-fwar jew mgħollijin fl-ilma, mingħajr zokkor miżjud, iffriżati 	<p>Manifattura fejn il-valur tal-lewż u ż-żejt taż-żerriegħa oriġinati tal-intestaturi Nru 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati jaqbeż 60 % tal-prezz ex fabbrica tal-prodott</p> <p>Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott</p> <p>jew</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works. 	
2009	Meraq tal-frott (inkluż il-most tal-għenba) u meraq mill-ħxejjex, mhux iffermentat u mingħajr spirtu miżjud, sew jekk fihom zokkor miżjud jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa u sew jekk le	<p>jew</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works. 	
ex Kapitolu 21	Preparati tal-ikel varji; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
2101	Estratti, essenzi u koncentradi, ta' kafè, tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, tè jew matè; ċikwejra nkaljata u sostituti tal-kafè oħrajn inkaljati, u estratti, essenzi u koncentradi tagħhom	jew — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — Li fiha ċ-ċikorja kollha użati hija kompletament miksuba	
2103	Zlazi u preparazzjonijiet għalihom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta; dqiġ u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata: – Zlazi u preparazzjonijiet għalihom; kondimenti mħalltin u ħwawar imħalltin – Dqiġ u tħin oħxon tal-mustarda u mustarda ppreparata	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, hliief dik tal-prodott. Madankollu, jista' jintuża dqiġ jew tħin oħxon tal-mustarda jew mustarda ppreparata Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
ex 2104	Sopop u brodi u preparazzjonijiet tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titlu għajr ħxejjex ippreparati jew ippreżervati tat-titli 2002 sa 2005	
2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura: — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works.	
ex Kapitolu 22	Xarbiet, spirti u hall; għajr:	jew — il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott; — fejn l-għeneb kollu jew kwalunkwe materjal derivat mill-għeneb użat għandu jkun miksub għal kollox	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, biz-zokkor jew materjal ieħor li jaġhmel ħelu jew imħawrin, u xorb ieħor li mhux alkoħoliku, minbarra meraq tal-frott jew tal-ħxejjex tat-titlu 2009:	jew — minn materjali ta' kull intestatura minbarra dik tal-prodott, — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30 % tal-prezz tal-prodott ex-works, u — li fiha l-meraq tal-frott kollu użat (minbarra dak tal-ananas, tal-lajm jew tat-tronġa) jkun joriġina	
2207	Alkoħol etiliku mhux denaturat ta' saħħa alkoħolika skond il-volum ta' 80 % jew għola; alkoħol etiliku u spirti oħrajn, żnaturati, ta' kull saħħa	jew — minn materjali ta' kwalunkwe titlu, minbarra t-titlu 2207 jew 2208, u — li fiha l-għeneb kollu jew materjali derivattivi mill-għeneb li jintużaw jinkisbu sħaħ jew, jekk il-materjali l-oħra kollha li jintużaw huma diġà ta' oriġini, l-gharak jista' jintuża sa limitu ta' 5 % skont il-volum	
2208	Alkoħol etiliku mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirti, likuri u xorb ieħor bl-ispiriti	jew — minn materjali ta' kwalunkwe titlu, minbarra t-titlu 2207 jew 2208, u — li fiha l-għeneb kollu jew materjali derivattivi mill-għeneb li jintużaw jinkisbu sħaħ jew, jekk il-materjali l-oħra kollha li jintużaw huma diġà ta' oriġini, l-gharak jista' jintuża sa limitu ta' 5 % skont il-volum	
ex Kapitolu 23	Fdalijiet u skart mill-industrija tal-ikel; għalf għall-annimali ppreparat; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	
ex 2301	Thin mill-baleni; dqiqijiet, tħin u pritkuni tal-ħut jew tal-krustaċċi, molluski jew invertebrati akwatiċi oħra, li ma jistgħux jittiekle mill-bnedmin	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 2 u 3 jinkisbu għalkollox	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
ex 2303	Fdal mill-manifattura ta' lamtu mill-qamħirrum (ħlief likuri konċentratu mit-tixrib), b'kontenut ta' proteina kalkulat fuq il-prodott xott, b'aktar minn 40 % bil-piż	Manifattura fejn il-qamħirrun kollu użat irid ikun miksub għal kollox	
ex 2306	Għalf tal-bhejjem (oilcake) u fdal oħrajn solidi li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, li fihom aktar minn 3 % ta' żejt taż-żebbuġa	Manifattura li fiha ż-żebbuġ kollu li jintuża jinkiseb sħiħ	
2309	Preparazzjonijiet ta' tip użati għall-għalf tal-annimali	Manifattura fejn: <ul style="list-style-type: none"> — iċ-ċereali kollha, iz-zokkor jew l-għasel iswed, il-laħam jew il-ħalib li jintużaw huma ta' oriġini, u — il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati jkunu kompletament miksuba 	
ex Kapitolu 24	Tabakk u sostituti manifatturati ta' tabakk; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 24 jinkisbu għalkollox	
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigarretti, ta' tabakk jew ta' sostituti ta' tabakk	Manifattura fejn tal-inqas 70 % bħala piż tat-tabakk użat mhux manifatturat jew tal-iskart tat-tabakk tat-titlu 2401 ikun tal-oriġini	
ex 2403	Tabakk tat-tipjip	Manifattura fejn tal-inqas 70 % bħala piż tat-tabakk użat mhux manifatturat jew tal-iskart tat-tabakk tat-titlu 2401 ikun tal-oriġini	
ex Kapitolu 25	Melħ; kubrit; prodotti ta' trab u ġebel; materjali tal-kisi, ġir u siment; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	
ex 2504	Grafita naturali kristallina, b'kontenut ta' karbonju arrikkit, purifikat u mitħun	Arrikkiment tal-kontenut tal-karbonju, purifikazzjoni u tħin tal-grafita kristallina mhux raffinata	
ex 2515	Irħam, sempliċement maqtugħ, permezz ta' ssegar jew b'xi mod ieħor, fi blokki jew ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża kwadra), ta' ħxuna li ma taqbiżx il-25 cm	Qtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, ta' rħam (anki jekk diġà maqtugħ) ta' ħxuna ta' aktar minn 25 cm	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
ex 2516	Granit, porfirju, bażalt, ġebbla ramlja u ġebel ieħor monumentali jew tal-bini, sempliċement maqtugħ, isserrat jew b'xi mod ieħor, fi blokki jew ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluża forma kwadra), ta' ħxuna li ma tkunx aktar minn 25 ċm	Qtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, tal-ġebel (anki jekk diġà maqtugħ) bi ħxuna ta' aktar minn 25 ċm	
ex 2518	Dolomit ridott f'ġir (calcined)	Riduzzjoni ta' dolomit mhux maħdum f'ġir	
ex 2519	Karbonat tal-manjeżju naturali mfarrak (magnesite), f'kontenituri issiġillati ermetikament, u ossidu tal-menjesju, sew jekk pur jew le, li mhux manjesja mdewba bis-sħana jew majesja dead-burned (magħquda bis-sħana)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, karbonat tal-manjeżju naturali (magnesite) jista' jintuża	
ex 2520	Ġibsijiet preparati speċifikament għad-dentistrija	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex 2524	Fibri naturali tal-asbestos	Manifattura minn konċentrat tal-asbestos	
ex 2525	Trab tal-majka	Trab tal-majka mitħun jew skart tal-majka	
ex 2530	Pigmenti naturali, kalċinat jew trab	Riduzzjoni fi trab jew tħin tal-kuluri tal-art	
Kapitolu 26	Metalli, f'dalijiet u rmied	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	
ex Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti mid-distillazzjoni tagħhom; sustanzi li fihom il-qatran; xemgħat minerali; ġhajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dak tal-prodott	
ex 2707	Żjut fejn il-piż tal-kostitwenti aromatiċi huwa ogħla minn dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, jiġifieri żjut huma simili għaż-żjut minerali miksuba bid-distillazzjoni tal-qatran f'temperatura għolja, li minnhom aktar minn 65 % bħala volum jiddistilla f'temperatura li tlaħħaq sal-250 °C (inklużi taħlitiet ta' spirtu tal-petroleum u benzol), użati bħala karburanti għall-enerġija jew għas-sħana	Operazzjonijiet ta' rfinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ⁽¹⁾ jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha li użati jkunu kklassifikati f'intestatura li mhux dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
ex 2709	Żejt mhux raffinat miksub minn minerali tal-bitum	Distillazzjoni distruttiva ta' materjali bituminużi	
2710	Żjut tal-petroljum u żjur miksuba minn materjali bituminużi, minbarra żejt mhux irfinat; preparati mhux speċifikati jew inklużi band'oħra, li fihom 70 % bħala piż jew aktar ta' żjut mhux raffinati tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn materjal bituminuż, b'dawn iż-żjut li jkunu l-kostitwenti bażiċi ta' dawn il-preparati; żjut użati Operazzjonijiet ta' raffinar u/jew proċess jew proċessi speċifiċi jew Operazzjonijiet oħra li fihom il-materjali kollha użati huma kklassifikati taħt intestatura għajr minn dik tal-prodott. Madankollu, jistgħu jintużaw materjali tal-istess intestatura bħall-prodott sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-prodott ex-works.	Operazzjonijiet ta' rfinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ⁽²⁾ jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha li użati jkunu kklassifikati f'intestatura li mhux dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
2711	xama' tal-paraffin, xama' tal-paraffin mikrokristallina, xama' nofsha raffinata b'kontenut ta' żejt għoli (slack wax), ozokerit, ix-xama' tal-lignite, ix-xama' tal-pit, xemgħat oħra minerali u prodotti simili miksuba permezz ta' sinteżi jew permezz ta' proċessi oħrajn kemm jekk ikkuluriti jew le.	Operazzjonijiet ta' rfinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ⁽²⁾ jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha li użati jkunu kklassifikati f'intestatura li mhux dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	
2712	Vażelina; xama' tal-pitrolju, xama' tal-petroljum mikrokristallin, xama' mhux magħquda, ozokerit, xama' tal-lignite, xama' tal-pit, xemgħat minerali oħrajn, u prodotti simili miksuba b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikunu imlewna jew le	Operazzjonijiet ta' rfinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ⁽²⁾ jew Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha li użati jkunu kklassifikati f'intestatura li mhux dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott	

(1)	(2)	(3)	jew (4)
2713	Kokk tal-petroljum, bitumen tal-petroljum u fdalijiet oħrajn ta' żjut tal-petroljum oils jew ta' żjut miksuba minn materjali bituminużi	<p>Operazzjonijiet ta' rfinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ⁽¹⁾</p> <p>jew</p> <p>Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha li użati jkunu kklassifikati f'intestatura li mhux dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott</p>	
2714	Qatran u asfalt, naturali; bituminużi jew shale taż-żejt u ramel tal-qatran; asfaltiti u blat asfaltiku	<p>Operazzjonijiet ta' rfinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ⁽¹⁾</p> <p>jew</p> <p>Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha li użati jkunu kklassifikati f'intestatura li mhux dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott</p>	
2715	Taħlitiet bituminużi ibbażati fuq asfalt naturali, fuq qatran naturali, fuq qatran ta' żejt minerali (petroleum), fuq żift minerali jew qatran (tar pitch) minerali (pereżempju, gomom/siment bituminużi, "cut-backs")	<p>Operazzjonijiet ta' rfinar u/jew proċess speċifiku wieħed jew aktar ⁽¹⁾</p> <p>jew</p> <p>Operazzjonijiet oħra fejn il-materjali kollha li użati jkunu kklassifikati f'intestatura li mhux dik tal-prodott. Iżda, il-materjali mill-istess intestatura tal-prodott jistgħu jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott</p>	
ex Kapitolu 28	Kimiċi inorganiċi; komposti organiċi jew inorganiċi ta' metalli prezzjużi, ta' metalli rari, ta' elementi radjoattivi jew ta' isotopi; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, jistgħu jintużaw materjali tal-istess titlu bħall-prodott sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-20 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.	Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx il-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott

(1)	(2)	(3)	jew (4)
ex 2805	"Mischmetall"	Manifattura bi trattament elettrolitiku jew termali fejn il-valur tal-materjali kollha li jintużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex 2811	Triossidu tal-kubrit	Manifattura mid-diossidu tal-kubrit	Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx l-40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
ex 2833	Sulfat tal-aluminju	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
(3) In-Nota 3 għal Kapitolu 32 tgħid li dawn il-preparazzjonijiet huma tat-tip użat biex jingħata l-kulur kwalunkwe materjal jew użati bħala ingredjenti fil-manifattura ta' preparazzjonijiet ta' sustanzi li jagħtu l-kulur, sakemm ma jkunux kklassifikati taħt titlu oħra fil-Kapitolu 32.

(4) "Grupp" huwa meqjus bħala kwalunkwe parti tal-intestatura sseparat mill-bqija b'semikowlin.

(5) Fil-każ tal-prodotti magħmula minn materjal ikklassifikat kemm fit-titli 3901 sa 3906, minn naħa waħda, kif ukoll fit-titli 3907 sa 3911, min-naħa oħra, din ir-restrizzjoni tapplika biss għal dak il-grupp ta' materjal li jippredomina fil-prodott fir-rigward ta' piż.

(6) Il-fuljetti li ġejjin huma għandhom jitqiesu bħala trasparenti ħafna: fuljetti rqaq, li l-optical dimming tagħhom, imkejjel skont l-ASTM-D 1003-16 minn Gardner Hazemeter (i.e. Hazefactor), huwa inqas minn 2 %.

(7) Għall-kondizzjonijiet speċjali marbuta ma' prodotti magħmula minn taħlita ta' materjali tat-tessuti, ara n-Nota ta' Introduzzjoni 5.

(8) L-użu ta' dan il-materjal huwa ristrett għall-manifattura ta' drappijiet minsuġa tat-tip użati fil-makkinarju għall-manifattura tal-karta.

(9) Ara n-Nota Introducttorja 6

(10) Għal oġġetti minsuġa jew "crocheted" mhux elastiċi jew tal-gomma, ġejjien mil-ħjut jew l-assemblaġġ ta' partijiet ta' tessut minsuġ jew "crocheted" (maqtuġha jew minsuġa direttamnet għad-daqs), ara n-Nota Introducttorja 6

(11) SEMII – Semiconductor Equipment and Materials Institute Incorporated (Istitut Inkorporat għat-Tagħmir u l-Materjal Semikunduttur

(12) Din ir-regola għandha tapplika sal- 31.12.2005.

ANNEX III

KAMPJUNI TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' ĊAQLIQ TAL-MERKANZIJA EUR.1 U L-APPLIKAZZJONI GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' ĊAQLIQ TAL-MERKANZIJA EUR.1**Istruzzjonijiet dwar l-istampar**

1. Kull formola għandha tkun tad-daqs 210×297 mm; hija permessa tolleranza sa 5 mm inqas jew sa 8 mm aktar fit-tul. Il-karta użata għandha tkun bajda, ippreparata għall-kitba, li ma jkunx fiha polpa mekkanika u li tiżen mhux anqas minn 25 g/m^2 . Ikollha sfond b'disinn guilloche aħdar stampat li, permezz tiegħu, kull falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi tkun tista' tiġi identifikata.
2. L-awtoritajiet kompetenti tal-partijiet kontraenti jistgħu jirriżervaw id-dritt li jistampaw huma stess il-formoli jew li jibagħtuhom għall-istampar għand stampaturi approvati. Fit-tieni każ, kull formola għandha tinkludi referenza għal din l-approvazzjoni. Kull formola għandha jkollha l-isem u l-indirizz tal-istampatur jew xi marka li permezz tagħha l-istampatur jista' jkun identifikat. Ikollha wkoll in-numru tas-serje, stampat jew le, li permezz tiegħu jista' jiġi identifikat.

ĊERTIFIKAT TAL-MOVIMENT

1. Esportatur (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż)	EUR.1 Nru A 000.000		
3. Destinatarju (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż) (Mhux obbligatorju)	Ara n-noti fuq wara tal-paġna qabel ma timla din il-formola.		
	2. Ċertifikat użat għal kummerċ preferenzjali bejn u (daħħal il-pajjiżi xierqa, il-gruppi ta' pajjiżi jew it-territorji)		
6. Dettalji tat-trasport (Mhux obbligatorji)	4. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorji li fihom il-prodotti huma kkonsidrati li joriġinaw	5. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorju ta' destinazzjoni	7. Rimarki
8. Numru tal-oġġett; Marki u numri; In-numru u t-tip ta' pakketti ⁽¹⁾ ; Deskrizzjoni tal-oġġetti	9. Massa grossa (kg) jew kejl ieħor (litri, m ³ , eċċ.)	10. Fatturi (Mhux obbligatorji)	

⁽¹⁾ Jekk il-prodotti mhumiex ippakkjati, indika n-numru tal-oġġetti jew iddikjara "bil-kwantità" kif inhu xieraq

<p>11. KONFERMA TAD-DWANA</p> <p><i>Dikjarazzjoni ċertifikata</i></p> <p>Dokument tal-esportazzjoni ⁽¹⁾</p> <p>Formola Nru</p> <p>Ta'</p> <p>Uffiċċju doganali</p> <p>Pajjiż jew territorju tal-ħruġ Timbru</p> <p>.....</p> <p>.....</p> <p>Post u data</p> <p>.....</p> <p>.....</p> <p>(Firma)</p>	<p>12. DIKJARAZZJONI TAL-ESPORTATUR</p> <p>Jiena, hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-prodotti hawn fuq deskritti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.</p> <p>Post u data</p> <p>.....</p> <p>(Firma)</p>
<p>13. TALBA GĦAL VERIFIKA, biex</p>	<p>14. RIŻULTAT TAL-VERIFIKA</p> <p>Il-verifika li twettqet turi li dan iċ-ċertifikat (*)</p> <p><input type="checkbox"/> nħareġ mill-uffiċċju tad-dwana indikat u li l-informazzjoni li tinsab fih hija eżatta.</p> <p><input type="checkbox"/> ma jissodisfax ir-rekwiżiti fir-rigward tal-awtentiċità u l-eżattezza (ara r-rimarki mehmuża).</p>
<p>Talba għal verifika tal-awtentiċità u l-eżattezza ta' dan iċ-ċertifikat</p> <p>.....</p> <p>(Il-post u d-data)</p> <p>Timbru</p> <p>.....</p> <p>(Firma)</p>	<p>.....</p> <p>(Il-post u d-data)</p> <p>Timbru</p> <p>.....</p> <p>(Firma)</p> <p>.....</p> <p>(*) Daħħal X fil-kaxxa li tapplika.</p>

⁽¹⁾ Imla biss fejn huwa meħtieġ skont ir-regolamenti tal-pajjiż jew tat-territorju esportatur.

NOTI

1. Iċ-ċertifikat ma jistax ikollu kliem imħassar jew kliem miktuba fuq xulxin. Kull tibdil għandu jsir billi jiġu ngassati d-dettalji żbaljati u jiġu miżjuda l-korrezzjonijiet meħtieġa. Kull tibdil bħal dan għandu jkollu l-inizjali tal-persuna li mliet iċ-ċertifikat u l-approvazzjoni tal-awtoritajiet tad-Dwana tal-pajjiż jew territorju li minnu jinħareġ.
2. ma jrid jitħalla l-ebda spazju bejn l-oġġetti mniżżla fiċ-ċertifikat u quddiem kull oġġett irid jtnizzel in-numru tal-oġġett. Għandha tinġibed linja mimduda minnufih taħt l-aħħar oġġett. Kull vojta mhux użata għandu jiġi ngassat b'mod li ma jkunx possibbli jsir aktar tiżjid.
3. Il-prodotti jridu jkunu deskritti skont il-prassi kummerċjali u bid-dettalji kollha meħtieġa ħalli jkunu jistgħu jiġu identifikati.

APPLIKAZZJONI GĦAL ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT

<p>1. Esportatur (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż)</p>	<p>EUR.1 Nru A 000.000</p>		
<p>3. Destinatarju (Isem, indirizz sħiħ, pajjiż) (Mhux obbligatorju)</p>	<p>Ara n-noti fuq wara tal-paġna qabel ma timla din il-formola.</p>		
<p>6. Dettalji tat-trasport (Mhux obbligatorji)</p>	<p>2. Applikazzjoni għal ċertifikat li se jintuża għal kummerċ preferenzjali bejn</p> <p>.....</p> <p style="text-align: center;">u</p> <p>.....</p> <p>(Niżżel il-pajjiżi, il-gruppi ta' pajjiżi jew it-territorji adatti)</p>		
<p>8. Numru tal-oġġetti; Marki u numri; In-numru u t-tip ta' pakketti ⁽¹⁾ Deskrizzjoni tal-prodotti</p>	<p>4. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew territorji li fihom il-prodotti huma kkonsiderati li joriġinaw</p>	<p>5. Il-pajjiż, il-grupp ta' pajjiżi jew it-territorju ta' destinazzjoni</p>	<p>7. Rimarki</p>
	<p>9. Massa grossa (kg) jew kejl ieħor (litri, m³, eċċ.)</p>	<p>10. Fatturi (Mhux obbligatorji)</p>	

⁽¹⁾ Jekk il-merkanzija ma tkunx ippakkjata, indika n-numru ta' oġġetti jew niżżel "bil-kwantità" kif jixraq.

DIKJARAZZJONI TAL-ESPORTATUR

Jiena, hawn taħt iffirmat, esportatur tal-prodotti deskritti hawn wara,

NIDDIKJARA li l-oġġetti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħruġ taċ-ċertifikat meħmuż;

NISPEĊIFIKA kif ġej iċ-ċirkostanzi li jippermettu li din il-merkanzija tirrispetta l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq:

.....
.....
.....
.....

NISSOTTOMETTI id-dokument ta' sostenn li ġejjin ⁽¹⁾:

.....
.....
.....
.....

NINTRABAT li nippreżenta, fuq talba tal-awtoritajiet xierqa, kull evidenza ta' sostenn li dawn l-awtoritajiet jistgħu jitolbu biex jinħareġ iċ-ċertifikat meħmuż, u nintrabat, jekk ikun meħtieġ, li nagħti l-aċċess għal kull ispezzjoni tal-kontijiet tiegħi u għal kull verifika tal-proċess tal-manifattura tal-oġġetti ta' hawn fuq, magħmula mill-imsemmija awtoritajiet;

TALBA il-ħruġ taċ-ċertifikat meħmuż għal dawn il-prodotti.

.....
(Il-post u d-data)

.....
(Firma)

⁽¹⁾ Pereżempju: id-dokumenti tal-importazzjoni, iċ-ċertifikati tal-moviment, il-fatturi, id-dikjarazzjoni tal-manifattur, eċċ., b'riferenza għall-prodotti użati fil-manifattura jew għall-prodotti li jergħu jkunu esportati fl-istess stat

ANNEX IV

IT-TEST TAD-DIKJARAZZJONI TAL-FATTURA

Id-dikjarazzjoni tal-fattura, li t-test tagħha huwa mogħti hawn taħt, trid issir skont in-noti ta' qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

Verżjoni bl-Ispanjol

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera n° ... ⁽¹⁾) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni biċ-Ċek

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení ... ⁽¹⁾) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bid-Daniż

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. ... ⁽¹⁾), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bil-Ġermaniż

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. ... ⁽¹⁾) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anderes angegeben, präferenzbegünstigte ... ⁽²⁾ Ursprungswaren sind.

Il-verżjoni bl-Estonjan

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti kinnitus nr. ... ⁽¹⁾) deklareerib, et need tooted on ... ⁽²⁾ sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Il-verżjoni bil-Grieg

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ' αριθ. ... ⁽¹⁾) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμιακής καταγωγής ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bl-Ingliż

The exporter of the products covered by this document (customs authorization No ... ⁽¹⁾) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ... ⁽²⁾ preferential origin.

Il-verżjoni bil-Franċiż

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° ... ⁽¹⁾) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bit-Taljan

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. ... ⁽¹⁾) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bil-Latvjān

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas pilnvara Nr. ... ⁽¹⁾), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bil-Litwan

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr ... ⁽¹⁾) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra ... ⁽²⁾ preferencinės kilmės prekės.

Il-verżjoni bl-Ungeriż

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: ... ⁽¹⁾) kijelentem, hogy eltérő jelzés hiányában az áruk kedvezményes ... ⁽²⁾ származásúak.

Il-verżjoni bil-Malti

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. ... ⁽¹⁾) jiddikjara li, hliief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bl-Olandiż

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. ... ⁽¹⁾), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële ... oorsprong zijn ⁽²⁾.

Il-verżjoni bil-Pollakk

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr ... ⁽¹⁾) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają ... ⁽²⁾ preferencyjne pochodzenie.

Il-verżjoni bil-Portugiż

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira n.º. ... ⁽¹⁾), declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bis-Sloven

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št ... ⁽¹⁾) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno ... ⁽²⁾ poreklo.

Il-verżjoni bis-Slovakk

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia ... ⁽¹⁾) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bil-Finlandiż

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o ... ⁽¹⁾) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita ⁽²⁾.

Il-verżjoni bl-Isvediż

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. ... ⁽¹⁾) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ... ursprung ⁽²⁾.

Il-verżjoni bil-Bulgaru

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № ... ⁽¹⁾) декларира, че освен където е отбелязано друго, тези продукти са с ... преференциален произход ⁽²⁾.

Il-verżjoni bir-Rumen

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. ... ⁽¹⁾) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială ... ⁽²⁾.

Il-verżjoni bil-Kroat

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br. ... ⁽¹⁾) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi ... ⁽²⁾ preferencijalnog podrijetla

Il-verżjoni bl-Ukrain

Експортер продукції, на яку поширюється цей документ (митний дозвіл № ... ⁽¹⁾), заявляє, що за винятком випадків, де це явно зазначено, ці товари є товарами преференційного походження ... ⁽²⁾

..... ⁽³⁾

(Місце та дата)

..... ⁽⁴⁾

(Підпис експортера, додатково прізвище та ім'я особи, яка підписала декларацію, має бути зазначено розбірливо)

- ⁽¹⁾ Якщо оформлення декларації здійснюється уповноваженим експортером, номер митного уповноваження повинен бути зазначений у цьому місці. Якщо оформлення декларації здійснюється не уповноваженим експортером, слова в дужках залишаються без заповнення або залишається вільне місце.
- ⁽²⁾ Зазначається походження продуктів. Якщо декларація стосується усіх продуктів або їх частини походженням з Сеути та Мелільї, то експортер повинен чітко зазначити це в документах, відповідно до яких здійснюється оформлення декларації, за допомогою символу "СМ".
- ⁽³⁾ Ці свідчення можуть не зазначатись, якщо інформація міститься безпосередньо в документі.
- ⁽⁴⁾ У випадку, коли не вимагається підпис експортера, звільнення від підпису також передбачає й звільнення від зазначення прізвища та ім'я підписуючої особи

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Prinċipalit  ta' Andorra

1. Il-prodotti li joriġinaw mill-Prinċipalit  ta' Andorra li jaqgħu taħt il-Kapitoli 25 sa 97 tas-Sistema Armonizzata għandhom ikunu aċċettati mill-Ukraina bħala li joriġinaw mill-Unjoni skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim.
 2. Il-Protokoll 1 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-iskop li jiġi definit l-istatus tal-prodotti hawn fuq imsemmija bħala prodotti li joriġinaw.
-

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino

1. Prodotti li joriġinaw mir-Repubblika ta' San Marino għandhom jiġu aċċettati mill-Ukraina kif joriġinaw mill-Unjoni skont it-tifsira ta' dan il-Ftehim
 2. Il-Protokoll 1 japplika *mutatis mutandis* għall-finijiet biex jiġi definit l-istatus ta' oriġini tal-prodotti msemmija aktar 'il fuq.
-

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-reviżjoni tar-regoli tal-oriġini li jinsabu fil-Protokoll 1

1. Il-partijiet jaqblu li jirrevedu r-regoli tal-oriġini li jinsabu f'dan il-Protokoll u li jiddiskutu l-emendi neċessarji fuq talba ta' Parti minnhom u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim. F'dawn id-diskussjonijiet il-Partijiet għandhom iqisu l-iżvilupp tat-teknoloġiji, il-proċessi ta' produzzjoni u l-fatturi l-oħra kollha, inklużi riformi kurrenti ta' regoli tal-oriġini li jistgħu jiġġustifikaw it-tibdil fir-regoli.
 2. L-Anness II ta' dan il-Protokoll se jiġi adattat skont it-tibdil minn żmien għal żmien fis-Sistema Armonizzata.
-

PROTOKOLL II**dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali***Artikolu 1***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

- (a) "leġiżlazzjoni doganali" għandha tfisser kull disposizzjoni legali jew regolatorja li tapplika fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti u li tirregola l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-transitu ta' merkanzija u t-tqegħid tagħha taħt kull sistema jew proċedura doganali, inklużi miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll;
- (b) "awtorità applikanti" għandha tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun intgħażlet minn Parti għal dan il-għan u li tagħmel talba għall-assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll;
- (c) "awtorità li ssirilha t-talba" għandha tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li tkun intgħażlet minn Parti għal dan il-għan u li tirċievi talba għall-assistenza fuq il-bażi ta' dan il-Protokoll;
- (d) "dejta personali" għandha tfisser kull informazzjoni li għandha x'taqsam ma' individwu identifikat jew identifikabbli;
- (e) "ksur fil-leġiżlazzjoni doganali" għandha tfisser kull vjolazzjoni jew attentat ta' vjolazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali.

*Artikolu 2***Kamp ta' applikazzjoni**

1. Fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin bil-mod u bil-kundizzjonijiet preskritti f'dan il-Protokoll, biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, b'mod partikolari billi jipprevjenu; jinveſtigaw u jiġġieldu l-ksur ta' dik il-leġiżlazzjoni.
2. L-għajnuna fi kwistjonijiet doganali, kif previst f'dan il-Protokoll, għandha tapplika għal kwalunkwe awtorità amministrattiva tal-Partijiet li tkun kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Hija m'għandhiex tippreġudika r-regoli li jirregolaw l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali. Lanqas m'għandha tkopri informazzjoni miksuba taħt setgħat eżerċitati fuq it-talba ta' awtorità ġudizzjarja, ħlief fejn il-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni hija awtorizzata minn dik l-awtorità.
3. L-assistenza biex jiġu rkuprati dazji, taxxi jew multi mhijiex koperta minn dan il-Protokoll.

*Artikolu 3***Assistenza fuq talba**

1. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità interpellata għandha tipprovdiha bl-informazzjoni rilevanti kollha li tippermettilha tiżgura li l-leġiżlazzjoni doganali hi applikata korrettament, inkluża informazzjoni dwar attivitajiet aċċertati jew programmati li huma jew jistgħu jkunu ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.
2. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tinfurmaha:
 - (a) jekk il-merkanzija esportata mit-territorju ta' waħda mill-Partijiet ġietx impurtata b'mod korrett fit-territorju tal-Parti l-oħra, billi tispeċifika, fejn ikun xieraq, il-proċedura doganali li ġiet applikata għall-merkanzija;
 - (b) jekk il-merkanzija impurtata fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet ġietx esportata b'mod korrett mit-territorju tal-Parti l-oħra, billi tispeċifika, fejn ikun xieraq, il-proċedura doganali li ġiet applikata għall-merkanzija.

3. Fuq talba mill-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet legali tagħha, tiegħu l-passi neċessarji sabiex tassigura s-sorveljanza speċjali ta':

- (a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li huma, jew kienu, involuti f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;
- (b) postijiet fejn ħażniet ta' merkanzija kienu jew setgħu kienu miġbura b'tali mod illi jkun hemm raġunijiet raġonevoli li jwasslu sabiex wieħed jemmen li dik il-merkanzija kienet maħsuba biex tintuża bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;
- (c) merkanzija li tkun jew li tista' tiġi trasportata b'tali mod li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li din tkun intenzjonata sabiex tintuża f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;
- (d) mezzi ta' trasport li jkunu jew li jistgħu jintużaw b'mod li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li jkunu intenzjonati sabiex jintużaw bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

Artikolu 4

Assistenza spontanja

Il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin fuq l-inizjattiva tagħhom stess u skont id-dispożizzjonijiet legali tagħhom, jekk jikkunsidraw li dan huwa neċessarju għall-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni doganali, partikolarment billi jipprovdu informazzjoni miksuba dwar:

- attivitajiet li jkunu jew li jidhru li huma operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra;
- mezzi jew metodi ġodda li jintużaw fil-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;
- merkanzija magħrufa li hija soġġetta għall-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;
- persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li huma, jew kienu, involuti f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;
- mezzi ta' trasport li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li kienu jintużaw, qed jintużaw, jew jistgħu jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

Artikolu 5

Kunsinna, Notifika

Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha, b'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli għal tal-aħħar, tiegħu l-miżuri neċessarji kollha biex:

- tikkunsinna kull dokument; jew
- tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni,

li joriġinaw mill-awtorità applikanti u li jaqgħu fil-kamp tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, lil kull persuna indirizzata li tirrisjedi jew li hija stabbilita fit-territorju tal-awtorità li tirċievi t-talba.

It-talbiet għall-kunsinna ta' dokumenti jew notifika ta' deċiżjonijiet għandhom isiru bil-miktub f'lingwa uffiċjali tal-awtorità li tirċievi t-talba jew f'lingwa aċċettabbli għal dik l-awtorità.

Artikolu 6

Forma u sustanza tat-talbiet għal assistenza

1. It-talbiet skont dan il-Protokoll għandhom isiru bil-miktub. Huma għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa biex ikun hemm konformità mat-talba. Meta jkun meħtieġ minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jistgħu jiġu aċċettati talbiet orali, iżda dawn iridu jiġu kkonfermati immedjatament bil-miktub.
2. Talbiet skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-awtorità applikanti;
 - (b) il-miżura mitluba;
 - (c) l-għan u r-raġuni għat-talba;
 - (d) id-dispożizzjonijiet legali jew regolamentari u elementi legali oħra involuti;
 - (e) indikazzjonijiet kemm jista' jkun eżatti u komprensivi dwar il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu l-mira tal-investigazzjonijiet;
 - (f) sommarju tal-fatti rilevanti u tal-istħarriġ li diġà jkun twettaq.
3. It-talbiet għandhom jitressqu f'isjen uffiċjali tal-awtorità li ssirilha t-talba jew f'isjen aċċettabbli għal dik l-awtorità. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika għal kull dokument li jakkumpanja t-talba skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.
4. Jekk it-talba ma tkunx konformi mar-rekwiżiti formali t'hawn fuq, tista' tintalab il-korrezzjoni jew it-tkomplija tagħha; fil-frattemp jistgħu jkunu ordnati miżuri kawtelatorji.

Artikolu 7

Eżekuzzjoni ta' talbiet

1. Sabiex tikkonforma mat-talba għall-għajnuna, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha fuq talba tal-awtorità applikanti tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u tar-riżorsi disponibbli, billi tippovdi informazzjoni li diġà jkollha, billi twettaq stħarriġiet amministrattivi xierqa li jikkonċernaw l-operazzjonijiet li jikkostitwixxu, jew li skont fil-fehma tal-awtorità applikanti jikkostitwixxu, ksur tal-leġiżlazzjoni doganali jew billi tagħmel arranġamenti biex dawn jitwettqu.

L-awtorità li ssirilha t-talba jew l-awtorità kompetenti l-oħra li jkollha rikors għaliha għandha twettaq stħarriġiet amministrattivi bħallikieku qiegħda taġixxi minn jeddha jew fuq talba ta' xi awtorità oħra ta' dik l-istess Parti.

L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkomunika r-riżultati ta' dawn l-istħarriġiet amministrattivi lill-awtorità applikanti.

2. Jekk l-awtorità li ssirilha t-talba mhijiex l-awtorità xierqa biex tikkonforma ma' talba għall-għajnuna, għandha tgħaddi t-talba lill-awtorità kompetenti, u tfitx il-kooperazzjoni ta' dik l-awtorità. F'każ bħal dan, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll se jkunu applikabbli għal dik l-awtorità *mutatis mutandis*. L-awtorità applikanti għandha tkun avżata f'dan ir-rigward.
3. It-talbiet għall-għajnuna għandhom jitwettqu skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Parti li ssirilha t-talba.
4. Bi ftehim bejn l-awtorità applikanti u l-awtorità li ssirilha t-talba u soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati minn din tal-aħħar, l-uffiċjali maħtura mill-awtorità applikanti jistgħu jkunu preżenti għall-istħarriġiet amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 u jkollhom aċċess għall-istess bini u għall-istess dokumenti bħall-awtorità li ssirilha t-talba biex jiksbu informazzjoni relatata mal-attivitàjiet li huma jew jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li l-awtorità applikanti teħtieġ għall-iskopijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 8***Forma li fiha l-informazzjoni għandha tkun ikkomunikata**

1. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkomunika r-riżultati tal-istħarriġ lill-awtorità applikanti bil-miktub flimkien mad-dokumenti rilevanti, ma' kopji ċċertifikati jew ma' elementi oħra.
2. Din l-informazzjoni tista' tkun f'forma kompjużerizzata, sakemm ma jiġix mitlub mod ieħor mill-awtorità applikanti.
3. F'każijiet fejn il-kopji ċċertifikati ma jkunux suffiċjenti, id-dokumenti oriġinali għandhom jiġu trasmessi biss jekk jintalbu. Dawn l-oriġinali għandhom jintbagħtu lura mal-ewwel opportunità.

*Artikolu 9***Eċċezzjonijiet għall-obbligu ta' għoti ta' assistenza**

1. L-għajnuna tista' tiġi rrifjutata jew tista' tkun suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet jew rekwiżiti, f'każijiet fejn Parti tkun tal-opinjoni li l-għajnuna taħt dan il-Protokoll:
 - (a) x'aktarx li tippreġudika s-sovranità tal-Ukraina jew dik ta' Stat Membru tal-Unjoni li jkun intalab biex jipprovdi għajnuna skont dan il-Protokoll; jew
 - (b) x'aktarx li tippreġudika l-politika pubblika, is-sigurtà jew interessi essenzjali oħra, b'mod partikulari fil-każijiet imsem-mija taħt l-Artikolu 10(2) ta' dan il-Protokoll; jew
 - (c) tikser is-sigrieti industrijali, kummerċjali jew professjonali mħarsa mil-liġi.
2. L-assistenza tista' tiġi posposta mill-awtorità li ssirilha t-talba minħabba li tinterferixxi ma' investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċedura li tkun għaddejja. F'każ bħal dan, l-awtorità interpellata għandha tikkonsulta mal-awtorità applikanti biex tistabbilixxi jekk l-assistenza tistax tingħata soġġetta għall-modalitajiet jew il-kondizzjonijiet li l-awtorità interpellata tista' teżiġi.
3. Fejn l-awtorità applikanti tfttex assistenza li hija stess ma tkunx tista' ttiprovdi jekk tintalab tagħmel dan, hija għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt fit-talba tagħha. Hija mbagħad l-awtorità li tirċievi t-talba li għandha tiddeċiedi kif għandha tirispondi għal talba bħal din.
4. Għall-każijiet imsem-mija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, id-deċiżjoni tal-awtorità li ssirilha t-talba u r-raġunijiet għal din id-deċiżjoni għalhekk iridu jiġu kkomunikati lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

*Artikolu 10***L-iskambju ta' informazzjoni u l-kunfidenzjalità**

1. Kull informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe forma skont dan il-Protokoll għandha tkun ta' natura kunfidenzjali jew ristretta, skont ir-regoli applikabbli f'kull waħda mill-Partijiet. Din għandha tkun koperta bl-obbligu tas-sigriet uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża fuq informazzjoni simili taħt il-liġijiet rilevanti tal-Parti li rċevietha u d-dispożizzjonijiet korrispondenti applikabbli għall-awtoritajiet tal-Parti tal-UE.
2. Jista' jkun hemm skambju ta' dejta personali biss meta l-Parti li tista' tirċievihom timpenja ruħha li tagħti lit-tali dejta livell adegwat ta' protezzjoni b'konformità mal-istandards u l-istrumenti legali msem-mija fl-Artikolu 15 tat-Titolu III Ġustizzja, Libertà u Sigurtà ta' dan il-Ftehim.
3. Fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi istitwiti fir-rigward tal-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali, l-użu ta' informazzjoni miksuba skont dan il-Protokoll jitqies li jkun għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Għalhekk il-Partijiet jistgħu, fir-rekords tagħhom ta' xhieda, frapporti u f'testimonjanzi u fi proċedimenti u akkużi miġjubin quddiem il-qrati, jużaw bħala xhieda informazzjoni miksuba u dokumenti kkonsultati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. L-awtorità kompetenti li tkun tat dik l-informazzjoni jew tat aċċess għal dawk id-dokumenti għandha tkun innotifikata dwar użu bħal dan.

4. L-informazzjoni miksuba għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Fejn waħda mill-Partijiet tkun tixtieq tuża informazzjoni bħal din għal finijiet oħra, hija għandha tikseb il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtorità li tkun tat l-informazzjoni. Użu bħal dan għandu mbagħad ikun soġġett għal kull restrizzjoni stabbilita minn dik l-awtorità.

Artikolu 11

Esperti u xhieda

Uffiċjal ta' awtorità li jirċievi talba jista' jiġi awtorizzat sabiex jidher, fil-limitazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala perit jew xhud fi proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi fir-rigward ta' kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll u sabiex jipproduċi dawk l-oġġetti, dokumenti jew kopji ċertifikati ta' għom li jistgħu jkunu meħtieġa għall-proċedimenti. It-talba għad-dehra għandha turi speċifikament quddiem liema awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva għandu jidher l-uffiċjal, dwar liema kwistjonijiet u bis-saħħa ta' liema titolu jew kwalifika għandu jkun interrogat l-uffiċjal.

Artikolu 12

Spejjeż ta' assistenza

Il-Partijiet għandhom jirrinunzjaw għal kull talba kontra xulxin għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba skont dan il-Protokoll, ħlief, skont il-każ, għal spejjeż għal esperti u xhieda, u dawk għal interpreti u tradutturi li ma jkunux impjegati fis-servizz pubbliku.

Artikolu 13

Implimentazzjoni

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tkun fdata, minn naħa waħda, lill-awtorità doganali ċentrali tal-Ukraina u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif ikun xieraq. Huma għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri prattiċi kollha u l-arranġamenti meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu, filwaqt li jqisu r-regoli fis-seħħ b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta. Huma jistgħu jirrakkomandaw emendi, li huma jikkunsidraw li għandhom jsiru lil dan il-Protokoll, lill-korpi kompetenti.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu skambju u jaġġornaw il-listi tal-awtoritajiet rispettivi awtorizzati minnhom għall-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

3. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin infurmati dwar ir-regoli dettaljati tal-implimentazzjoni li jiġu adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 14

Ftehimiet Oħra

1. Meta jitqiesu l-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom:

- ma jaffettwawx l-obbligi tal-Partijiet skont kwalunkwe ftehim jew konvenzjoni internazzjonali oħra, inklużi l-Ftehimiet bilaterali dwar l-għajnuna reċiproka li jkunu ġew jew li jistgħu jiġu konklużi bejn Stati Membri individwali u l-Ukraina;
- jitqiesu komplementari għall-Ftehimiet dwar għajnuna reċiproka li jkunu ġew jew li jistgħu jiġu konklużi bejn Stati Membri individwali u l-Ukraina;
- ma jipprekludux għajnuna reċiproka estensiva li tista' tingħata taħt dawn il-Ftehimiet; u m'għandhomx
- jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' kwalunkwe informazzjoni miksuba taħt dan il-Protokoll li tista' tkun ta' interess għall-Unjoni Ewropea.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kull Ftehim bilaterali dwar għajnuna reċiprokali li għet jew li tista' tiġi konkluża bejn l-Istati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea u l-Ukraina safejn id-dispożizzjonijiet ta' dan tal-aħħar ikunu inkompatibbli ma' dawk ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 15

Konsultazzjonijiet

Fir-rigward tal-mistoqsijiet relatati mal-applikabbiltà ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex isolvu l-kwistjoni fil-qafas tas-Sottokomitat Doganali stabbilit taħt l-Artikolu 83 tal-Kapitolu 5 (Dwana u Faċilitazzjoni tal-Kummerċ) tat-Titolu IV ta' dan il-Ftehim.

PROTOKOLL III**dwar ftehim qafas bejn l-unjoni ewropea u l-ukraina dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeipazzjoni tal-ukraina fi programmi tal-unjoni**

IL-PARTIJIET B'DAN JIFTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Ukraina għandha titħalla tipparteċipa fil-programmi kollha attwali u futuri tal-Unjoni li jkunu miftuħa għall-parteeipazzjoni tal-Ukraina f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti li jadottaw dawn il-programmi.

Artikolu 2

L-Ukraina għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit ġenerali tal-Unjoni li jikkorrispondi għall-programmi speċifiċi li fihom tipparteċipa l-Ukraina.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti tal-Ukraina għandhom jitħallew jieħdu sehem, bħala osservaturi u għall-punti li jikkonċernaw lill-Ukraina, fil-komitati tal-ġestjoni responsabbli għas-sorveljanza tal-programmi li l-Ukraina tikkontribwixxi finanzjarjament għalihom.

Artikolu 4

Il-proġetti u inizjattivi mressqa minn parteċipanti mill-Ukraina għandhom, kemm jista' jkun, ikunu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet, regoli u proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-programmi kkonċernati kif huma applikati għall-Istati Membri.

Artikolu 5

It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteeipazzjoni tal-Ukraina f'kull programm partikulari, b'mod partikulari l-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli u l-proċeduri tar-rapportar u tal-evalwazzjoni, iridu jiġu ddeterminati f'Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti permezz tal-programmi kkonċernati.

Jekk l-Ukraina tapplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex tipparteċipa fi programm partikulari tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprevedi l-assistenza esterna tal-Unjoni lill-Ukraina għandha tiġi adottata fil-futur, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu mill-Ukraina tal-assistenza esterna tal-Unjoni għandhom jiġu ddeterminati minn ftehim dwar l-iffinanzjar, u b'mod partikulari jirrispettaw l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006.

Artikolu 6

F'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, kull Memorandum ta' Qbil li ġie konkluż skont l-Artikolu 5 se jistipula li l-kontrolli finanzjarji jew l-awditjar jew *verifiki oħra, inklużi investigazzjonijiet amministrattivi*, se jitwettqu minn, jew skont l-awtorità tal-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi.

Għandhom isiru dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontrolli u l-awditjar finanzjarju, il-miżuri amministrattivi, il-penali u l-irkupru li jippermetti lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi u lill-Qorti tal-Awdituri li jingħataw setgħat li jkunu ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew il-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

Artikolu 7

Dan il-Protokoll għandu japplika għall-perjodu li għalih huwa fis-seħħ il-Ftehim.

Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Protokoll b'notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra. Dan il-Protokoll għandu jintemm sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika.

It-tmiem tal-Protokoll li jiġi wara denunzja minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma għandu jkollu l-ebda influwenza fuq l-ispezzjonijiet u l-kontrolli li għandhom jitwettqu f'konformita mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5 u 6 fejn xieraq.

Artikolu 8

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u wara kull tliet snin sussegwenti, iż-żewġ Partijiet jistgħu jirrevedu l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll abbażi tal-parteċipazzjoni attwali tal-Ukraina fi programmi tal-Unjoni.

Dikjarazzjoni konġunta

L-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmija l-“UE”) tfakkar l-obbligi ta' dawk l-Istati li stabbilixxew Unjoni Doganali mal-UE biex jallinjaw ir-reġim tal-kummerċ tagħhom ma' dak tal-UE, u għal uħud minnhom, biex jikkonkludu ftehimiet preferenzjali ma' pajjiżi li għandhom ftehimiet preferenzjali mal-UE.

F'dan il-kuntest, il-Partijiet jinnutaw li l-Ukraina għandha tibda negozjati ma' dawk l-istati li

(a) stabbilixxew Unjoni Doganali mal-UE, u

(b) li l-prodotti tagħhom ma jibbenefikawx mill-konċessjonijiet tariffarji taħt dan il-Ftehim,

bil-għan li jiġi konkluż ftehim bilaterali li jstabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles b'konformità mal-Artikolu XXIV tal-GATT (biex b'hekk ikun b'mod sostanzjali kopert il-kummerċ kollu). L-Ukraina għandha tibda negozjati malajr kemm jista' jkun bil-għan li jkollha l-ftehim imsemmi hawn fuq li jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ATT FINALI

tas-Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra, rigward il-ftehim ta' assoċjazzjoni

Fil-21 ta' Marzu 2014 fi Brussell, sar Summit bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra.

Ir-Rappreżentanti ta':

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

L-UKRAINA,

min-naħa l-oħra,

li pparteċipaw fis-Summit (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "il-firmatarji"),

iffirmaw it-test tad-dispożizzjonijiet politiċi li ġejjin tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mehmuż bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "il-Ftehim"):

1. Preambolu
2. Artikolu 1
3. Titoli I, II u VII

Il-Firmatarji jikkonfermaw l-impenn tagħhom biex jipproċedu bl-iffirmar u l-konklużjoni tat-Titoli III, IV, V u VI tal-Ftehim li, flimkien mal-kumplement tal-Ftehim, jikkostitwixxi strument uniku. Għal dak il-fini, il-Firmatarji ser jikkonsultaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi bil-ħsieb li tiġi stabbilita d-data adatta biex issir Laqgħa tal-Firmatarji jew kwalunkwe azzjoni adatta oħra għal dak l-effett.

Il-Firmatarji jaqblu li l-paragrafu 4 tal-Artikolu 486 dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim huwa applikabbli għall-partijiet korrispondenti tal-Ftehim skont dan l-Att Finali.

Magħmul fi Brussell fil-21 ta' Marzu 2014.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.


За Република България



Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel

Andrus Ansip

Thar cheann Na hÉireann
For Ireland

Eva Kenny

Για την Ελληνική Δημοκρατία

Αντώνης Κ. Σαμαράς

Por el Reino de España

Maria Dolores

Pour la République française

Hollande

A. P. France


Za Republiku Hrvatsku

A handwritten signature in black ink, consisting of a large, stylized initial 'H' followed by a long horizontal stroke.

Per la Repubblica italiana

A handwritten signature in black ink, featuring a large, stylized initial 'M' followed by a long horizontal stroke.


Για την Κυπριακή Δημοκρατία

A handwritten signature in black ink, consisting of a large, stylized initial 'K' followed by a long horizontal stroke.


Latvijas Republikas vārdā –

A handwritten signature in black ink, consisting of a large, stylized initial 'L' followed by a long horizontal stroke.

Lietuvos Respublikos vardu

A handwritten signature in black ink, consisting of a large, stylized initial 'L' followed by a long horizontal stroke.


Pour le Grand-Duché de Luxembourg




Magyarország részéről



Għar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейския съюз
 Por la Unión Europea
 Za Evropskou unii
 For Den Europæiske Union
 Für die Europäische Union
 Euroopa Liidu nimel
 Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
 For the European Union
 Pour l'Union européenne
 Za Europsku uniju
 Per l'Unione europea
 Eiropas Savienības vārdā –
 Europos Sąjungos vardu
 Az Európai Unió részéről
 Għall-Unjoni Ewropea
 Voor de Europese Unie
 W imieniu Unii Europejskiej
 Pela União Europeia
 Pentru Uniunea Europeană
 Za Európsku úniu
 Za Evropsko unijo
 Euroopan unionin puolesta
 För Europeiska unionen



За Україну